— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0234/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhux ippublikata fil-ĠU.

---

**P6_TC1-COD(2006)0187**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar programm Komunitarju ta' tikettar ta' l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir ta' l-uffiċċju**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru …/2007.)*

**P6_TA(2007)0304**

## Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' Kondotta għal— Konferenzi ta' Linji (tħassir tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 954/79) ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva ta' l-10 ta' Lulju 2007 tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrevoka r-Regolament (KEE) Nru 954/79 dwar ir-ratifika minn Stati Membri ta', jew l-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Kodiċi ta' Kondotta għal-Konferenzi ta' Linji (Konferenzi Marittimi) (COM(2006)0869 — C6-0059/2007 — 2006/0308(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0869) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0059/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0258/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk għandha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni;

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

---

**P6_TA(2007)0305**

## Attivitajiet tas-sajd fl-Antartiku *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tar-Riżorsi Marittimi Ħajjin ta' l-Antartiku u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (COM(2006)0867 — C6-0054/2007 — 2007/0001(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0867) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0054/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0213/2007),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*ARTIKOLU 1, PUNT 2A (ġdid)*
*Artikolu 5 a (ġdid)(Regolament (KE) Nru 601/2004)*

***2a. Jiddaħħal l-Artikolu l-ġdid 5a kif ġej:***

***Artikolu 5a***

***Notifiki ta' intenzjoni ta' parteċipazzjoni f'attività tas-sajd għall-frott tal-baħar***

***Il-Partijiet Kontraenti kollha li għandhom l-intenzjoni li jistadu għall-frott tal-baħar fiż-żona tal-Konvenzjoni għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR dwar l-intenzjoni tagħhom mhux inqas minn er ba' xhur qabel il-laqgħa annwali regolari tac-CCAMLR immedjatament qabel l-istaġun li fih ikollhom il-ħsieb li jistadu.***

Emenda 2

*ARTIKOLU 1, PUNT 2B (ġdid)*
*Artikolu 6, paragrafu 3 (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

***2b. L-Artikolu 6(3) jiġi ssostitwit b'dan li ġej:***

***3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jinnotifika lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn erba' xhur qabel il-laqgħa annwali tas-CCAMLR, dwar il-ħsieb ta' bastiment Komunitarju tas-sajd li jiżviluppa attività tas-sajd ġdida fiż-żona tal-Konvenzjoni.***

***Din in-notifika għandha tkun akkumpanjata mit-tagħrif kollu li ji sta' jipprovdi l-Istat Membru dwar l-aspetti li ġejjin:***

***(a) in-natura ta' tas-sajd propost, inklużi l-ispeċi li hemm il-ħsieb li jinqabdu, il-metodi tas-sajd, ir-reġjun propost u l-livell minimu ta' qabdiet meħtieġa biex l-attività tas-sajd tkun vijabbli;***

***(b) informazzjoni bijoloġika miġbura permezz ta' kampanji komprensivi ta' riċerka u evalwazzjoni dwar id-distribuzzjoni, l-abbundanza, il-popolazzjoni u tagħrif dwar l-identità ta' l-istokk;***

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***(c)*** ***dejta dwar l-ispeċijiet dipendenti jew assoċjati u dwar il-probabilità li dawn l-ispeċijiet ikunu affettwati b'xi mod mis-sajd propost;*** |
| | ***(d)*** ***tagħrif minn attivitajiet oħra tas-sajd fir-reġjun jew minn attivitajiet tas-sajd simili f'reġjuni oħra, li ti sta' tgħin fl-evalwazzjoni tar-rendiment potenzjali;*** |
| | ***(e)*** ***jekk ikunu se jintużaw xbieki tat-tkaxkir tal-qiegħ fis-sajd propost, tagħrif dwar l-impatti magħrufa u dawk mistennija ta' dawn ix-xbieki fuq l-ekosistemi marittimi vulnerabbli, inklużi l-flora u l-fawna bentonika u l-komunitajiet bentoniċi.*** |

Emenda 3

*ARTIKOLU 1, PUNT 4*

*Artikolu 7 b, punt a) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| | |
|---|---|
| (a) Individwi Dissostichus spp. għandhom jiġu ttikkettati u rilaxxati bir-rata ta' individwu għal kull tunnellata tal-piż ħaj tal-qabda ta' matul l-istaġun kollu f'konformità mal-Protokoll tat-Tikkettar tas-CCAMLR. Il-bastimenti għandhom jieqfu mit-tikkettar biss wara li jkunu ttikkettaw 500 individwu, jew iħallu s-sajda wara li jkunu ttikkettaw ***individwu wieħed għal kull tunnellata ta' piż ħaj maqbud***; | (a) Individwi Dissostichus spp. għandhom jiġu ttikkettati u rilaxxati bir-rata ta' individwu għal kull tunnellata tal-piż ħaj tal-qabda ta' matul l-istaġun kollu f'konformità mal-Protokoll tat-Tikkettar tas-CCAMLR. Il-bastimenti għandhom jieqfu mit-tikkettar biss wara li jkunu ttikkettaw 500 individwu, jew iħallu s-sajda wara li jkunu ttikkettaw ***lid-Dissostichus spp bir-rata speċifikata***; |

Emenda 4

*ARTIKOLU 1, PUNT 4*

*Artikolu 7 b, punt b) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| | |
|---|---|
| (b) il-programm għandu jkun immirat għal individwi ta' kull daqs sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit ta' tikkettar ta' individwu għal kull tunnellata tal-piż ħaj tal-qabda. L-individwi kollha mitluqa għandhom jiġu tikkettati darbtejn u r-rilaxxi għandhom jkopru żona ġeografika l-akbar possibbli; | (b) il-programm għandu jkun immirat għal individwi ta' kull daqs sabiex jintlaħaq ir-rekwiżit ta' tikkettar ta' individwu għal kull tunnellata tal-piż ħaj tal-qabda. L-individwi kollha mitluqa għandhom jiġu tikkettati darbtejn u r-rilaxxi għandhom jkopru żona ġeografika l-akbar possibbli; ***f'reġjuni fejn jeżistu ż-żewġ speċijiet tad-Dissostichus, ir-rata ta' l-ittikkettar, sa fejn hu possibbli, għandha tkun proporzjonali għall-ispeċijiet u d-daqs tad-Dissostichus spp. preżenti fil-qabdiet.*** |

Emenda 5

*ARTIKOLU 1, PUNT 4*

*Artikolu 7 b, punt c) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| | |
|---|---|
| (c) it-tikketti kollha għandhom ikunu stampati b'mod ċar b'numru tas-serje uniku u l-indirizz tas-sors sabiex l-oriġini tat-tikketti tkun ti sta' tiġi ttraċċata mill-ġdid fil-każ li l-individwu ttikkettat jerġa' jinqabad; | (c) it-tikketti kollha għandhom ikunu stampati b'mod ċar b'numru tas-serje uniku u l-indirizz tas-sors sabiex l-oriġini tat-tikketti tkun ti sta' tiġi ttraċċata mill-ġdid fil-każ li l-individwu ttikkettat jerġa' jinqabad; ***mill-1 ta' Settembru 2007 it-tikketti kollha għall-użu fl-attività tas-sajd spjegattiva għandhom ikunu pprovduti mis-Segretarjat tas-CCAMLR;*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 6

*ARTIKOLU 1, PUNT 4*

*Artikolu 7 b, punt e) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| (e) kull individwu tikkettat maqbud mill-ġdid għandhom jittiħdulu d-dettalji bijoloġiċi (it-tul, il-piż, is-sess, l-istadju gonadali), ***possibbilment jittiħidlu ritratt elettroniku***, jiġu rkuprati l-otoliti u titneħħielu t-tikketta; | (e) kull individwu tikkettat maqbud mill-ġdid għandhom jittiħdulu d-dettalji bijoloġiċi (it-tul, il-piż, is-sess, l-istadju gonadali), ***jittieħed ritratt bid-data tal-ħuta***, jiġu rkuprati l-otoliti u titneħħielu t-tikketta; |

Emenda 7

*ARTIKOLU 1, PUNT 4*

*Artikolu 7 b, punt g a (ġdid) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***ga) l-eżemplari ta' Dissostichus spp. li jiġu mmarkati u rilaxxati ma jingħaddux għal skopijiet ta' limiti tal-qabdiet.*** |

Emenda 8

*Artikolu 1, Punt 12 a (ġdid)*

*Artikolu 26 a (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***12a. Jiddaħħal l-Artikolu l-ġdid 26a kif ġej:***<br><br>***Artikolu 26a***<br>***Notifika ta' kemmil ta' bastimenti***<br><br>***1. Jekk il-kaptan tal-bastiment tas-sajd li għandu liċenzja ikemmel il-bastiment tas-sajd fiz-zona tal-Konvenzjoni, għandu jiġbor, jekk huwa relevanti, l-informazzjoni kollha possibbli dwar il-bastiment imkemmel, inklużi:***<br><br>***a) l-isem u d-deskrizzjoni tal-bastiment;***<br><br>***b) is-sinjal ta' sejħa tal-bastiment;***<br><br>***c) in-numru ta' reġistrazzjoni u n-numru Lloyds/IMO tal-bastiment;***<br><br>***d) l-Istat tal-bandiera tal-bastiment;***<br><br>***e) ritratti tal-bastiment bħala appoġġ għall-informazzjoni;***<br><br>***f) kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti dwar l-attivitajiet osservati tal-bastiment imkemmel.***<br><br>***2. Il-kaptan għandu jgħaddi r-rapport bl-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu lill-Istat tal-bandiera tiegħu mill-aktar fis possibbli. L-istat tal-bandiera għandu jgħaddi r-rapport imsemmi lis-Segretarjat tas-CCAMLR meta l-bastiment imkemmel ikun għamel attivitajiet ta' sajd illegali, mhux dikjarat jew mhux regolamentat (IUUF) b'konformità mar-regoli tas-CCAMLR.'*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 9

*Artikolu 1, Punt 14*

*Artikolu 30.1, ittra d) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| (d) il-bastimenti li jidhru fil-lista tal-bastimenti IUU ***li jidħlu volontarjament fil-portijiet tagħhom ikunu spezzjonati fil-port skond l-Artikolu 27;*** | d) ***jiċħdu l-aċċess għall-port*** lill-bastimenti li jidhru fil-lista ta' l-IUU, ***ħlief għal skopijiet ta' osservar tal-liġi jew għal raġunijiet ta' forza maġġuri, jew sabiex tingħata għajnuna lil dawk il-bastimenti jew lill-persuni ta' fuqhom li jkunu jinsabu f'periklu jew f'diffikultajiet. Il-bastimenti li jitħallew jidħlu f'port għandhom jiġu spezzjonati skond l-Artikolu 27;*** |
| | ***da) meta jingħata aċċess għall-port lil dan it-tip ta' bastimenti:*** |
| | ***— għandhom jiġu eżaminati, fejn ikun relevanti, id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni l-oħra kollha, inklużi d-dokumenti tal-qabda ta' Dissostichus spp., sabiex tiġi vrifikata z-zona ta' fejn ikunu saru l-qabdiet; f'każ li ma jkunx ji sta' jiġi verifikat l-oriġini tagħhom b'mod adegwat, il-qabda għandha tiġi miżmuma u m'għandux jiġi permess li tittella' l-art jew li titpoġġa fuq bastiment ieħor, u,*** |
| | ***— meta dan ikun possibbli, jekk jinsab li l-qabda ttieħdet kontra l-miżuri ta' konservazzjoni tas-CCAMLR, il-qabda tiġi kkonfiskata.*** |
| | ***Kull għajnuna lil dawn il-bastimenti, inkluż l-għoti ta' karburant mhux urġenti, il-forniment mill-ġdid u t-tiswijiet għandhom ikunu projbiti.*** |

Emenda 10

*Artikolu 1, Punt 15*

*Artikolu 30.2, ittri a) u b) (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| (a) b'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) 2847/93, *għall*-bastimenti tas-sajd tal-Komunità, *għall*-bastimenti ta' appoġġ, *għall*-bastimenti omm u *għall*-bastimenti tal-merkanzija, *sabiex* jipparteċipaw ***f'xi*** trasbord jew f'operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma', jappoġġaw jew ifornu mill-ġdid bastimenti li jidhru fil-lista tal-bastimenti IUU; | (a) b'deroga mill-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) 2847/93, *il*-bastimenti tas-sajd tal-Komunità, *il*-bastimenti ta' appoġġ, ***il-bastimenti li jagħtu l-fjuwil***, *il*-bastimenti omm u *l*-bastimenti tal-merkanzija, *ma jistgħux* jipparteċipaw ***bl-ebda mod*** fi trasbord jew f'operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma', jappoġġaw jew ifornu mill-ġdid bastimenti li jidhru fil-lista tal-bastimenti IUU; |
| (b) għal bastimenti li jidhru fil-lista tal-bastimenti IUU li jidħlu volontarjament fil-portijiet, li jħottu jew li jwettqu trasbord hemmhekk; | |

Emenda 11

*Artikolu 1, Punt 15 a (ġdid)*

*Artikolu 31 (Regolament (KE) Nru 601/2004)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***15a. L-Artikolu 31 jiġi sostitwit bit-test li ġej:*** |
| | ***Artikolu 31*** |
| | ***Sistema biex tippromwovi l-konformità taċ-ċittadini tal-Partijiet Kontraenti mal-miżuri ta' konservazzjoni tas-CCAMLR*** |
| | ***1. Bla preġudizzju għall-primat tar-responsabilità ta' l-Istat tal-Bandiera, il-Partijiet Kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri adegwati, b'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli tagħhom, biex:*** |
| | ***a) jivverifikaw jew xi persuna fiżika jew ġuridika suġġett għall-ġurisdizzjoni tagħhom tkun qed tipparteċipan fl-attivitajiet ta' IUUF deskritti fl-Artikolu 28;*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
| --- | --- |
| | *b) jirrispondu għal kwalunkwe attività verifikata li jirreferi għaliha l-punt a); u* |
| | *c) jikkoperaw bil-għan li japplikaw il-miżuri u l-azzjoni imsemmija fil-punt a). Għal dan il-għan, l-entitajiet relevanti tal-Partijiet Kontraenti għandhom jikkoperaw fl-applikazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni tac-CCAMLR u jieħdu ħsieb li jkun hemm koperazzjoni mill-industriji tas-sajd fil-ġurisdizzjoni tagħhom.* |
| | *2. Biex jassistu l-implimentazzjoni ta' din il-miżura ta' konservazzjoni, l-Istati Membri, b'antiċipazzjoni xierqa, għandhom iressqu lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Partijiet Kontraenti u lill-Partijiet mhux Kontraenti li jikkoperaw mas-CCAMLR, bl-iskop li tiġi implimentata s-Sistema ta' Dokumentazzjoni tal-Qabdiet tad-Dissostichus spp., rapport dwar l-azzjonijiet u l-miżuri meħuda skond il-paragrafu 1, b'kopja lill-Kummissjoni.'* |

**P6_TA(2007)0306**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjoni tal-Europol tas-26 ta' Lulju 1995*

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, stabbilita skond l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar it-twaqqif ta' Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni tal-Europol) (COM(2007)0215 — C6-0169/2007 — 2007/0076(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0215) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0169/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0260/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TA(2007)0307**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, stabbilita mill-Kunsill skond l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materja Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2007)0213 — C6-0158/2007 — 2007/0080(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0213) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0158/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0261/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

---

**P6_TA(2007)0308**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998 dwar l-iskwalifiki tas-sewqan *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan (COM(2007)0214 — C6-0155/2007 — 2007/0075(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0214) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0155/2007),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0269/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

---

**P6_TA(2007)0309**

## L-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1997, stabbilita skond l-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (COM(2007)0218 — C6-0156/2007 — 2007/0072(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0218) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, skond liema Artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0156/2007),

— wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0272/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

---

**P6_TA(2007)0310**

# Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar Corrigenda (Artikolu 204a ġdid tar-Regoli ta' Proċedura)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar id-dħul ta' Artikolu ġdid 204a dwar "Corrigenda" fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament (2005/2041(REG))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tiegħu bid-data ta' l-10 ta' Marzu 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0229/2007),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura kif jidher hawn taħt;

2. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-emenda se tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għal skopijiet ta' informazzjoni.

| TEST PREŻENTI | EMENDI |
|---|---|

Emenda 1

*Regola 204a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***Regola 204a*** |
| | ***Corrigenda*** |
| | ***1. Meta jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament, il-President għandu, meta jkun xieraq, jirreferi abbozz ta' corrigendum lill-kumitat responsabbli.*** |
| | ***2. Meta jiġi identifikat żball f'test adottat mill-Parlament u miftiehem ma' istituzzjonijiet oħra, il-President għandu jfittex il-qbil ta' dawk l-istituzzjonijiet dwar il-korrezzjonijiet meħtieġa qabel ma jipproċedi skond il-paragrafu 1.*** |
| | ***3. Il-kumitat responsabbli għandu jeżamina l-abbozz ta' corrigendum u jressqu quddiem il-Parlament jekk ikun sodisfatt li sar żball li jista' jiġi kkoreġut bil-mod kif ġie propost.*** |
| | ***4. Il-corrigendum għandu jitħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Dan għandu jitqies bħala approvat ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara t-tħabbir tiegħu, ma ssirx talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru biex jitressaq għall-votazzjoni. Jekk il-corrigendum ma jiġix approvat, għandu jiġi rriferut lura lill-kumitat responsabbli li jista' jew jipproponi corrigendum immodifikat jew jagħlaq il-proċedura.*** |
| | ***5. Il-corrigenda approvati għandhom jiġu ppubblikati bl-istess mod li għandu jiġi ppubblikat it-test li jirreferu għalih. L-Artikoli 66(3), 67 u 68 għandhom japplikaw mutatis mutandis.*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

**P6_TA(2007)0311**

## L-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament (Emenda ta' l-Artikolu 201)

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar emenda ta' l-Artikolu 201 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura (2006/2192(REG))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal emenda tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu (B6-0166/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 201 u 202 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0230/2007),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura kif jidher hawn taħt;

2. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-emenda se tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għal skopijiet ta' informazzjoni.

| TEST PREŻENTI | EMENDI |
|---|---|
| Emenda 1<br>*Artikolu 201, paragrafu 1* | |
| 1. Jekk iqum xi dubju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-President ji sta', ***mingħajr ħsara għal kull deċiżjoni preċedenti li ji sta' jkun hemm f'dan il-qasam,*** jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli għall-eżami. | 1. Jekk iqum xi dubju dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-President ji sta' jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli għall-eżami. |
| ***Fejn titqajjem kwistjoni ta' proċedura korretta skond l-Artikolu 166, il-President ji sta' wkoll jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat responsabbli.*** | ***Min ikun jippresiedi kumitat ji sta' jagħmel dan meta jqum xi dubju bħal dan waqt li jkun għaddej ix-xogħol tal-kumitat u jkollu x'jaqsam miegħu.*** |

**P6_TA(2007)0312**

## Konsultazzjoni dwar l-immunità u l-privileġġi ta' Alessandra Mussolini

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-konsultazzjoni dwar l-immunità u l-privileġġi ta' Alessandra Mussolini (2006/2301(IMM))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Anna Maria Pagliari, l-imħallef inkwirenti, għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar jekk l-immunità parlamentari tapplikax għal dikjarazzjonijiet li għamlet Alessandra Mussolini dwar Giuseppe Pisanu, li minħabba fihom dan ta' l-aħħar fetaħ kawża ċivili kontriha quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Ruma bl-għan li jikseb id-danni għall-malafama (proċedura Nru R.G. 54191/05), ta' l-24 ta' Lulju 2006, kif imħabbar fis-seduta plenarja fis-16 ta' Novembru 2006,

— wara li sema' lil Alessandra Mussolini skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' l-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Taljana,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tal-Liġi Taljana Nru 140 ta' l-20 ta' Ġunju 2003,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(1) u 7(13) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0251/2007),

1. Iqis li l-immunità parlamentari skond it-tifsira ta' l-Artikoli 9 u 10 tal-Protokoll tat-8 t'April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej u, sa fejn japplika, l-Artikolu 68 tal-Kostituzzjoni Taljana, tkopri bis-sħiħ id-dikjarazzjonijiet li għamlet Alessandra Mussolini u għalhekk jiddeċiedi li jiddefendi l-immunità u l-privileġġi tagħha;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu, immedjatament lill-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika Taljana.

([1]) Il-Każ 101/63 *Wagner* vs *Fohrmann u Krier* (1964) ECR 195 u l-Każ 149/85 *Wybot* vs *Faure u oħrajn* (1986) ECR 2391.

---

**P6_TA(2007)0313**

## Ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Ashley Mote

### Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar it-talba għall-ħarsien ta' l-immunità u l-privileġġi ta' Ashley Mote (2007/2122(IMM))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Ashley Mote għall-ħarsien ta' l-immunità tiegħu fir-rigward tal-proċedimenti legali pendenti quddiem il-Qorti tar-Renju Unit, fl-4 ta' Mejju 2007, imħabbra fis-seduta plenarja ta' l-10 ta' Mejju 2007,

— wara li sema' lil Ashley Mote skond l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta'April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, ta' l-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0250/2007),

([1]) Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] ECR 195, u Kawża 149/85 *Wybot v Faure u Oħrajn* [1986] ECR 2391.

A. billi l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet jipprovdi li "Waqt is-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu jgawdu: (a) fit-territorju ta' l-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom…",

B. billi l-proċeduri kriminali fil-kwistjoni nġiebu kontra Ashley Mole fit-territorju tar-Renju Unit,

C. billi l-Membri tal-Parlament tar-Renju Unit ma jgawdux l-immunità fil-każ ta' prosekuzzjoni kriminali,

D. billi, għalhekk, Ashley Mote m'għandu l-ebda immunità x'jiddefendi,

E. billi ċ-ċirkostanzi ma jikkostitwixxux xi restrizzjoni ta' natura amministrattiva jew ta' natura oħra imposta fuq il-moviment ħieles tal-Membru biex jivvjaġġa lejn u mill-post fejn jiltaqa' l-Parlament,

1. Jiddeċiedi li ma jħarisx l-immunità u l-privileġġi ta' Ashley Mote;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli, immedjatament lill-awtoritajiet rilevanti tar-Renju Unit.

---

**P6_TA(2007)0314**

## Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 4/2007

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar l-abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 4/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, Taqsima III — Kummissjoni (10966/2007 — C6-0195/2007 — 2007/2072(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272 tat-Trattat KE u l-Artikolu 177 tat-Trattat Euratom,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 38 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, kif ġie adottat b'mod finali fl-14 ta' Diċembru 2006 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-immaniġġjar finanzjarju sod ([3]),

— wara li kkunsidra l-Abbozz Preliminari ta' Baġit ta' Emenda Nru 3/2007 ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007, li l-Kummissjoni ppreżentat fit-13 ta' April 2007 (SEC(2007)0476),

— wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Baġit ta' Emenda Nru 4/2007, li l-Kunsill stabbilixxa fit-18 ta' Ġunju 2007 (10966/2007 — C6-0195/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 u l-Anness IV tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0268/2007),

---

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament emendat bir-regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 77, 16.3.2007.
([3]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

A. billi huma meħtieġa aġġustamenti sabiex l-istruttura baġitarja u l-allokazzjonijiet neċessarja għall-iffinanzjar ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni jkunu jistgħu jitqiesu u jiġu implimentati fil-baġit ta' l-Unjoni Ewropea għall-2007;

B. billi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda jipprovdi wkoll għal modifiki għall-istruttura tal-baġit bħala riżultat ta' l-estensjoni tal-mandat ta' l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, kif ukoll għall-modifika tal-pjanijiet ta' twaqqif ta' tliet aġenziji oħra: Eurojust, l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u Frontex,

C. billi l-iskop ta' l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 4/2007 huwa li dawn ir-riżorsi baġitarji jiddaħħlu fil-baġit ta' l-2007,

1. Jinnota l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 4/2007;

2. Ifakkar li l-approprjazzjonijiet għall-Aġenziji Eżekuttivi huma mħallsa mill-baġit operattiv tal-programm ikkonċernat;

3. Japprova bla emendi l-Abbozz ta' baġit ta' emenda Nru 4/2007;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2007)0315**

## Rapport speċjali Nru 9/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-infiq tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar ir-Rapport speċjali Nru 9/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea dwar l-infiq tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (2007/2077(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea Nru 9/2006 dwar l-infiq tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni, tal-Parlament u tal-Kunsill, flimkien mat-tweġibiet ta' l-Istituzzjonijiet [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 248(4), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 276(3) u l-Artikolu 280(5) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A6-0215/2007),

***Rispett għall-multilingwiżmu***

1. Iqis il-multilingwiżmu bħala fattur ewlieni fl-UE, li jenfasizza d-diversità kulturali u lingwistika u jiżgura t-trattament ugwali taċ-ċittadini ta' l-Unjoni; iqis li l-multilingwiżmu jiggarantixxi d-dritt taċ-ċittadini li jikkomunikaw ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tagħha, b'hekk jippermettilhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' kontroll demokratiku; jinnota li, fl-istess waqt, is-servizzi lingwistiċi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE jgħinu biex dawk l-istituzzjonijiet jibqgħu miftuħa u trasparenti għaċ-ċittadini ta' l-Ewropa;

2. Huwa tal-fehma li l-kunċett ta' "multilingwiżmu kontrollat b'mod sħiħ", stipulat fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-multilingwiżmu [2], jirrappreżenta l-uniku mezz biex l-ispejjeż jinżammu fi ħdan limiti baġitarji aċċettabbli, waqt li tinżamm l-ugwaljanza fost il-Membri u ċ-ċittadini;

3. Jiddispjaċih li dejjem iktar dokumenti u komunikazzjonijiet, speċjalment l-emendi ta' kompromess fil-ħin tal-votazzjoni tagħhom fil-kumitat jew, pereżempju, l-annessi tar-rapporti, huma ppreżentati f'lingwa waħda biss;

---

(1) ĠU C 284, 21.11.2006, p.1.
(2) Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu, adottat mill-Bureau fl-4 ta' Settembru 2006.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

***Spiża tat-traduzzjonijiet***

4. Jenfasizza li l-ispiża totali tas-servizzi lingwistiċi kollha ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, it-traduzzjoni u l-interpretazzjoni f'daqqa, jirrappreżentaw biss 1 % tal-baġit totali ta' l-UE;

5. Jinnota li fl-2005, il-volum ta' traduzzjonijiet kien ta' 1, 324, 000 paġna fil-Kummissjoni (1,450 traduttur), 1, 080, 000 paġna fil-Parlament (550 traduttur) u 475,000 paġna fil-Kunsill (660 traduttur);

6. Huwa sorpriż li l-istituzzjonijiet għadhom sa issa ma kkalkulawx la l-ispiża totali tat-traduzzjoni [1] u lanqas l-ispiża għal kull paġna; barra minn hekk jinnota li l-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea (ECA) kkalkulat l-ispiża totali tat-traduzzjoni fl-2003 għal EUR 414.2 miljun (2005: EUR 511 miljun), EUR 218.8 miljun għall-Kummissjoni (2005: EUR 257 miljun), EUR 99 miljun għall-Parlament (2005: EUR 128 miljun), EUR 100,4 miljun għall-Kunsill (2005: EUR 126 million); għall-istess sena, l-ispiża medja għal kull paġna kienet ta' EUR 166.37 (2005: EUR 196.3): EUR 150,2 għall-Kummissjoni (2005: EUR 194), EUR 149.7 miljun għall-Parlament (2005: EUR 119), EUR 251.8 miljun għall-Kunsill (2005: EUR 276);

7. Jilqa' f'dan il-kuntest, il-fatt li l-amministrazzjoni tiegħu rnexxielha tnaqqas l-ispejjeż ta' traduzzjoni bil-paġna minkejja t-tkabbir;

8. Huwa mħasseb dwar l-osservazzjoni ta' l-ECA li l-produttività tas-servizz ta' traduzzjoni tal-Kunsill hija baxxa;

9. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jieħdu l-miżuri xierqa biex itejbu aktar il-produttività tas-servizzi ta' traduzzjoni ta' l-UE;

10. Jinnota li l-prezzijiet li huwa ħallas lit-tradutturi freelance kienu ta' medja ta' 12 % ogħla mill-prezzijiet imħallsa mill-Kummissjoni; jinnota l-ispjegazzjoni mogħtija mill-amministrazzjoni tiegħu, li tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-firxa ta' lingwi tat-tradutturi freelance tal-Parlament hija wiesgħa aktar, li dawk it-tradutturi jridu jirrispettaw skadenzi iqsar u l-istandards ta' kwalità għolja ħafna;

11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill qablu li jillimitaw iż-żieda fil-volum tat-traduzzjoni wara t-tkabbir ta' l-UE fl-2004 għal 10 Stati Membri ġodda, b'hekk jikkontrollaw iż-żieda ta' l-ispejjeż; jinnota li l-Parlament introduċa l-kunċett ta' "multilingwiżmu kontrollat b'mod sħiħ", b'hekk jippermettilu li jżomm il-livell ta' servizz waqt li jikkontrolla l-ispejjeż;

12. Jistieden lit-tliet istituzzjonijiet biex jistabbilixxu parametri ċari u li jitqabblu bil-ħsieb li jaċċertaw kemm l-ispiża totali tat-traduzzjoni u l-prezz għal kull paġna; jenfasizza li ċ-ċifri miksuba m'għandhomx jiġu użati biss għal skopijiet baġitarji, iżda wkoll biex l-utenti jiġu sensibilizzati dwar l-ispiża;

13. Jaqbel mal-prinċipju [2] li rapporti verbatim ta' proċedimenti fil-plenarja għandhom ikunu ppubblikati bħala dokument multilingwa li fih l-istqarrijiet tal-kelliema jidhru biss fil-lingwa oriġinali, fuq il-qbil li verżjonijiet iffilmjati tad-dibattiti, flimkien ma' interpretazzjoni diretta fil-lingwi uffiċjali kollha jkunu disponibbli b'xejn għall-pubbliku ġenerali fuq talba minn pjattaforma teknika xierqa, filwaqt li huwa ovvju li t-test oriġinali biss huwa validu, billi, ġuridikament, l-interpretazzjoni mhijiex traduzzjoni orali; huwa ta' l-opinjoni li l-Membri għandhom ikunu intitolati biex ikollhom partijiet minn dibattiti tradotti fil-lingwi tagħhom wara talba u fi żmien qasir; huwa ta' l-opinjoni wkoll li jrid ikun hemm dispożizzjoni biex jinżamm arkivju diġitali u ideali għal tiftix; jitlob lis-Segretarju Ġenerali biex ifassal proposta formali li timplimenta din id-deċiżjoni fil-prinċipju, li għandha tinkludi klawsoli kontra l-abbuż u tidentifika, jekk ikun indikat, tibdiliet potenzjali għar-Regoli ta' Proċedura (eż. Artikolu 173) u għal regoli interni oħrajn meħtieġa biex jistabbilixxu fil-prattika l-approċċ maħsub ġdid;

---

[1] Skond il-Qorti, tali ċifri jinkludu l-infieq fir-rigward tat-tradutturi, segretarji, uffiċjali, impjegati tas-servizz, planning, infieq fuq l-immobbli, informatika u infieq marbut mal-ġestjoni tar-riżorsi umani (pereżempju, għat-taħriġ).

[2] Spjegat fil-minuti tal-laqgħa tal-Bureau tas-16 ta' Jannar 2006 (PE 368.524/BUR/Corr).

*Kwalità ta' traduzzjonijiet*

14. Jilqa' l-fatt li l-kwalità u r-rispett għall-iskadenzi ta' traduzzjonijiet fil-lingwi UE-15 (il-lingwi uffiċjali tal-15 il-Stat Membru qabel it-tkabbir ta' l-2004 u l-2007), skond sondaġġ ta' sodisfazzjon tal-klijent imwettaq mill-ECA, huma b'mod ġenerali meqjusa bħala sodisfaċenti, minkejja li xi problemi jippersistu fir-rigward ta' terminoloġija teknika u legali;

15. Huwa madankollu mħasseb dwar il-kwalità aktar baxxa b'mod konsiderevoli tat-traduzzjonijiet UE-10 (it-traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali ta' l-10 Stati Membri li aderew fl-2004) f'xi istituzzjonijiet fl-2004, ikkawżata b'mod prinċipali minħabba nuqqas ta' tradutturi kwalifikati; jinnota li — fl-istess waqt — il-Kummissjoni indirizzat il-problema u li l-istituzzjonijiet kollha, bl-għajnuna ta' l-Istati Membri, wettqu progress fir-reklutaġġ ta' tradutturi kwalifikati;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex torganizza reviżjoni kritika tal-falliment ta' l-EPSO biex tirrekluta l-istaff meħtieġ mill-pajjiżi UE-10;

17. B'mod ġenerali huwa ta' l-opinjoni li l-istituzzjonijiet iridu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxu standard ta' kwalità għolja ta' traduzzjonijiet; għalhekk jistieden lill-amministrazzjoni tiegħu, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu rendikont tal-miżuri adottati għall-monitoraġġ u t-titjib fil-kwalità tat-traduzzjonijiet fil-ħin sal-proċedura ta' kwittanza ta' l-2006;

18. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jużaw għodod biex ikejlu s-sodisfazzjon ta' l-utent; minbarra dan, jitlob li jsiru kontrolli għall-għarrieda tal-kwalità u sondaġġi ta' sodisfazzjon tal-klijent u dawn għandhom jitwettqu fuq bażi regolari;

***Proċeduri għal immaniġġjar ta' talbiet ta' traduzzjoni***

19. Jinnota li l-ECA ikkritikat proċeduri ambigwi biex jintalbu traduzzjonijiet, u linjigwida mhux ċari wkoll fir-rigward ta' liema dokumenti jridu jkunu tradotti jew le;

20. F'dan il-kuntest, jilqa' d-disponibbiltà tal-Kummissjoni biex tindirizza l-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni u ta' l-iscreening tat-talbiet ta' traduzzjoni fl-2006; jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-fatt li fl-2003, il-Kunsill stabbilixxa lista ta' dokumenti essenzjali, u b'hekk illimita t-traduzzjoni ta' testi oħra;

21. Jirrakkomanda li jsir użu akbar ta' dokumenti li huma limitati fit-tul u tas-sommarji miktuba;

22. Iħeġġeġ lill-kumitati u lid-delegazzjonijiet parlamentari — kull meta possibbli — biex ma jipprovdux testi ħlief fil-lingwi tal-membri tal-kumitati u ta' delegazzjoni u tas-sostituti tagħhom; iqis li l-verżjonijiet addizzjonali tal-lingwa għandhom jingħataw biss fuq talba;

23. Jenfasizza l-importanza ta' kumitati, ta' delegazzjonijiet u ta' gruppi politiċi fit-tfassil ta' previżjonijiet kull xahar [1]; jinnota li, min-naħa l-oħra, l-utenti għandhom ikunu infurmati bl-ispejjeż ġenerati mit-talbiet tagħhom għal traduzzjoni;

***Effiċjenza tal-proċess ta' traduzzjoni***

24. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jiżviluppaw indikaturi ta' prestazzjoni kwalitattivi u kwantitattivi bil-ħsieb li jiffaċilitaw il-monitoraġġ ta' proċessi ta' traduzzjoni għal skopijiet ta' mmaniġġjar;

25. Jiddispjaċih li s-servizz ta' traduzzjoni tiegħu għadu ma jużax b'mod sistematiku l-għodod ta' traduzzjoni; għalhekk, jistieden lill-maniġment tiegħu biex jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-użu sistematiku ta' għodod bħal dawn, b'mod partikulari sistemi ta' memorji ta' traduzzjoni (i.e. Euramis), li fihom il-potenzjal ta' l-użu mill-ġdid — u b'hekk ta' gwadanni kwalitattivi — huwa għoli;

(1) L-Artikolu 12(2) tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu.

26. Jistieden lill-Parlament, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jużaw b'mod effettiv u effiċjenti r-riżorsi interni u esterni, bħal databases, traduzzjonijiet assistiti bil-kompjuter, it-teleworking u l-outsourcing;

27. Jilqa' t-titjib ta' koperazzjoni interistituzzjonali bejn is-servizzi ta' traduzzjoni ta' l-istituzzjonijiet differenti u b'mod partikulari l-ħolqien ta' database ta' terminoloġija komuni, l-iżvilupp ta' memorji ta' traduzzjoni komuni u l-qsim ta' riżorsi permezz tal-proġett ta' bilanċjar ta' l-ammont ta' xogħol;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea.

---

**P6_TA(2007)0316**

## Imminimizzar ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni

**Riżoluzzjoni ta' l-10 ta' Lulju 2007 tal-Parlament Ewropew dwar l-imminimizzar ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni (2005/2140(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar Regolamemti Aħjar għat-Tkabbir u l-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea (COM(2005)0097) u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar metodoloġija komuni ta' l-UE għal analiżi ta' spejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni (COM(2005)0518),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma ta' l-Istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "Anness mal-komunikazzjoni dwar metodoloġija komuni ta' l-UE għal analiżi ta' spejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni: Ġabra ta' metodoloġija komuni proposta ta' l-UE u Rapport dwar Fażi Pilota (April-Settembru 2005)" (SEC(2005)1329),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa "Wasal iż-żmien biex nirrankaw — is-sħubija ġdida għat-tkabbir u l-impjiegi" (COM(2006)0030),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-20 ta' April 2004 dwar analiżi ta' impatt tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u l-proċeduri ta' konsultazzjoni [1],

— wara li kkunsidra r-Rapport mill-Kummissjoni — "Tfassil Aħjar tal-Liġijiet 2004" (COM(2005)0098),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Kompetittività tat-13 ta' Marzu 2006 dwar il-politika għat-tkabbir u l-impjieg għall-SMEsabbażi tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ul lill-Kumitat tar-Reġjuni ntitolata: "L-Implimentazzjoni tal-Program Komunitarju ta' Lisbona — Politika Moderna għat-tkabbir u l-impjieg għall-SMEs" (COM(2005)0551),

---

[1] ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 146.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni ntitolata "Reviżjoni Strateġika ta' Regolamenti Aħjar fl-Unjoni Ewropea" (COM(2006)0689),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni ntitolat "Kejl ta' spejjeż amministrattivi u tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi fl-Unjoni Ewropea" (COM(2006)0691),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Programm ta' Azzjoni għal Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea (COM(2007)0023),

— wara li kkunsidra l-Proġett Pilota "Minimizzar tal-Piżijiet Amministrattivi" (Baġit ta' l-UE 2007, Artikolu 26 01 08),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0275/2007),

A. Billi l-kwistjoni ta' l-imminimizzar ta' spejjeż amministrattivi imposti mil-leġiżlazzjoni hija waħda mill-aspetti l-aktar importanti tal-mira ġenerali ta' regolamentazzjoni aħjar,

B. Billi huwa importanti li tintlaħaq koperazzjoni flessibbli u koerenti bejn kumitati fil-Parlament dwar suġġetti li jista' jkollhom impatt sinifikattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea,

C. Billi l-missjoni tal-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju tiegħu hija li ċ-ċittadini ta' l-UE jkunu żgurati li l-fondi ta' l-UE jinġabru u jintefqu b'mod effettiv u xieraq, u li huma jkunu allokati b'mod korrett għall-ħidmiet li l-UE ġiet mitluba biex twettaq; billi biex jinkiseb dan il-għan il-Komunità tfittex biex tiżviluppa sistema ta' responsabilità pubblika ta' l-UE moderna, effettiva u effiċjenti li tista' tiżgura implimentazzjoni soda tal-baġit, tmexxija aħjar u responsabilità ċara,

D. Billi l-ispejjeż regolatorji, li għalihom l-obbligi amministrattivi huma element wieħed biss, iridu jkunu analizzati f'kuntest wiesa' li jinkludi spejjeż u benefiċċji ta' regolamenti ekonomiċi, soċjali u ambjentali, u li tali reviżjoni regolari u analiżi integrata għandhom jitqiesu minn kulħadd bħala komponenti ewlenin ta' regolamenti aħjar,

E. Billi l-ispejjeż ta' konformità huma l-ispejjeż kollha ta' konformità mar-regolamenti, bl-eċċezzjoni ta' nefqa finanzjarja diretta u konsegwenzi fuq perjodu ta' żmien fit-tul u jistgħu, fil-kuntest tal-Mudell ta' Nefqa Standard, jinqasmu fi spejjeż ta' konformità u spejjeż amministrattivi sustantivi,

F. Billi l-ispejjeż amministrattivi huma definiti bħala l-ispejjeż imġarba minn intrapriżi, mis-settur volontarju, mill-awtoritajiet pubbliċi u miċ-ċittadini fl-ilqugħ ta' obbligi legali biex jipprovdu informazzjoni dwar l-azzjonijiet jew prodotti tagħhom, kemm lil awtoritajiet pubbliċi jew lil entitajiet privati,

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

G. Billi l-Qorti ta' l-Awdituri Ewropea b'mod ripetut sostniet li, fuq il-bażi tar-riżultati tal-verifika tagħha, hija ta' l-opinjoni li waħda mill-kawżi prinċipali għal irregolaritajiet hija r-regoli u regolament ta' bażi, li ma jippermettux għal immaniġġjar ta' riskju xieraq u jfixklu b'mod qawwi l-infiq legali u regolari tal-fondi ta' l-UE,

H. Billi l-Programm ta' Azzjoni propost għal Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UEjista' jnaqqas il-piżijiet amministrattivi b'25 % sa' l-2012, u jkopri l-leġiżlazzjoni tal-Komunità kif ukoll piżijiet regolatorji nazzjonali, li jistgħu jwasslu għal żieda fil-livell ta' GDP ta' l-UE b'madwar 1.4 % jew EUR150 biljun fuq perjodu ta' żmien medju [1],

I. Billi l-Kunsill Ewropew tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007 iddeċieda li fir-Rebbiegħa 2008, fuq il-bażi ta' reviżjoni mill-Kummissjoni, li huwa se jikkunsidra jekk hix meħtieġa aktar azzjoni, li se jitqiesu alternattivi differenti, inkluż dik grupp ta' esperti indipendenti li jipprovdi konsultazzjoni lill-istituzzjonijiet dwar il-ħidma tagħhom lejn regolamentazzjoni aħjar,

J. Billi l-Kunsill Ewropew tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007 appoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi, bħala proġett pilota, kumitat ta' esperti indipendenti biex jassisti l-Kummissjoni u l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' Programm ta' Azzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Piż Amministrattiv msemmi hawn fuq,

K. Billi t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi huwa miżura importanti għal spinta fl-ekonomija Ewropea, b'mod speċjali permezz ta' l-impatt tiegħu fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs),

L. Billi l-leġiżlazzjoni hija l-pedament ta' soċjetajiet li jiffunzjonaw b'mod xieraq, b' kont meħud tal-kunsiderazzjoni soċjali, ekonomiċi u ambjentali u b' evalwazzjoni ugwali tal-valur tagħhom,

1. Jilqa' l-ftehim interisituzzjonali dwar leġiżlazzjoni aħjar [2] u jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlament sabiex iwettquha;

2. Ifakkar li l-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità anness mat-Trattat KE jipprovdi li l-Kummissjoni għandha "tikkunsidra b'mod xieraq il-ħtieġa għal kwalunkwe piż, kemm finanzjarju kemm amministrattiv, li huwa r-responsabilità tal-Komunità, tal-gvernijiet nazzjonali, ta' l-awtoritajiet lokali, ta' l-operaturi ekonomiċi u taċ-ċittadini biex ikun minimizzat u proporzjonat ma' l-objettiv li jrid jinkiseb";

3. Jaqbel li l-ambjent regolatorju fejn joperaw in-negozji huwa fattur li jiddetermina l-kompetittività, it-tkabbir sostenibbli u l-prestazzjoni fl-impjegar tagħhom, u li l-iżgurar li l-ambjent regolatorju eżistenti u futur ikun trasparenti, ċar, effettiv u ġeneralment ta' kwalità għolja għandu jkun objettiv importanti tal-politika ta' l-UE;

4. Jenfasizza l-importanza li jkunu applikati bis-sħiħ il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja;

5. Iħoss li l-konsultazzjoni kostanti tal-partijiet interess hija komponent importanti waqt l-eżaminar tal-proposti leġiżlattivi; juri li l-konsultazzjoni għandha tinvolvi l-gruppi kollha kkonċernati, b'iffukar partikolari fuq dawk li jġorru l-akbar piżijiet konsegwenza tal-leġiżlazzjoni, u li l-għażla ta' gruppi kkonsultati għandha tkun trasparenti u bbilanċjata; jenfasizza wkoll li l-proċedura ta' konsultazzjoni għandha tirrispetta bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward l-irwol ta' l-imsieħba soċjali kif previst fl-Artikolu 138, kif ukoll il-prinċipji stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "lejn kultura msaħħa tal-konsultazzjoni u djalogu — priniċipji ġenerali u standards minimi għall-konsultazzjoni ta' partijiet interessati mill-Kummissjoni" COM(2002)0704 li jeħtieġu lill-Kummissjoni li tiżgura li l-partijiet kollha li għandhom sehem ikollhom l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom;

(1) Arjan M. Lejour, George M.M. Gelauff, "Five Lisbon Highlights: L-impatti ekonomiċi biex jintlaħqu dawn il-miri", Dokument CPB Nru 104, CPB, L-Aja, 2006.

(2) ĠU C 321, 31.12.2003, p.1.

6. Jenfasizza wkoll li protagonisti iżgħar għandhom ikunu kkonsultati b'mod attiv għax f'sens sempliċi huma m'humiex kapaċi jikkompetu ma' korporazzjonijiet multinazzjonali u korporazzjonijiet kbar jew organizzazzjonijiet li għandhom ir-riżorsi biex jimpjegaw "lobbyists" u konsulenti b'nefqa konsiderevoli biex iressqu l-ilmenti tagħhom;

7. Huwa ta' l-opinjoni li huwa importanti, bit-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi għal negozji u ċittadini, li l-Kummissjoni tikkonsulta gruppi ta' mira ex-post biex tiddetermina sa liema punt piżijiet amministrattivi tnaqqsu b'mod effettiv;

8. F'dan ir-rigward jenfasizza l-ħtieġa li l-portals attwali ta' l-internet ikunu aċċessibbli għal kull ċittadin, kumpanija jew NGO Ewropej fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, biex jiżguraw aċċessibilità u influwenza massima;

9. Jilqa' l-enfasi mpoġġi fuq il-konsultazzjoni bikrija tal-partijiet interessati, inklużi l-imsieħba soċjali, l-SMEs, il-leġiżlaturi, il-korpi ta' l-infurzar tal-liġi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jenfasizza l-irwol tad-djalogu soċjali bħala għodda utli, li tikkontribwixxi għal tmexxija Ewropea aħjar billi jiżgura bilanċ aħjar ta' l-interessi permezz ta' l-involviment tal-partijiet kollha fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-proċess ta' implimentazzjoni; jenfasizza li l-'partijiet kollha' jrid jinkludi dawk li jaħdmu ġo SMEs, kif stipulat fil-Karta ta' l-SME u kif miftiehem fil-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u ta'l-24 ta' Marzu 2000; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu inizjattivi biex testendi u ttejjeb id-djalogu soċjali fuq il-livell Ewropew u, fuq il-bażi tar-riżultat, tkompli ttejjeb l-istandards soċjali mingħajr ma titraskura l-ħtieġa li jinżammu l-impiegi;

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirraporta dwar l-inizjattivi attwali tagħha biex tiggarantixxi l-konsultazzjoni diretta tal-partijiet li għandhom sehem; iħoss li huwa importanti wkoll li l-Kummissjoni twettaq analiżi ex-post li tipprovdi evidenza tar-riżultati miksuba;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, meta tipproponi leġiżlazzjoni ġdida, tipprovdi indikazzjoni dwar x'inhuma l-ispejjeż ta' l-implimentar u ta' l-immonitorjar tal-leġiżlazzjoni proposta; jargumenta li l-Kummissjoni għandha tieħu bħala bażi n-nefqa kkawżata mill-leġiżlazzjoni speċifika;

12. Jenfasizza li l-effett tas-simplifikazzjoni u l-aġġornar ta' leġiżlazzjoni eżistenti m'għandux ikun id-deregolamentazzjoni, it-tidgħjif tal-leġiżlazzjoni jew iż-żarmar ta' standards soċjali bażiċi; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-leġiżlazzjoni tkompli twassal titjib fl-istandards soċjali filwaqt li fl-istess ħin ma tkunx ta' ħsara għall-kompetittività tan-negozji; jirrikonoxxi li mezz importanti sabiex jittejbu l-istandards soċjali huwa t-tnaqqis ta' l-impjegar, billi titrawwem klima regolatorja li tippromwovi l-intrapriża u l-ħolqien ta' impiegi;

13. Jikkunsidra li huwa importanti ħafna li ssir oppożizzjoni lil kwalunkwe pperfezzjonar jew żieda mhux meħtieġa tal-leġiżlazzjoni magħmula mill-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra dan meta toħroġ regolamenti u direttivi; iħoss b'mod qawwi li l-Kummissjoni għandha tindika b'mod ċar b'mod ċar x'inhuma r-rekwiżiti minimi ta' regolamenti u direttivi;

14. Jistenna li l-Istati Membri meta jżdu il-livell ta' kejl ta' rekwiżiti u kontroll li jaqbeż ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni komunitarja, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw u jindikaw dan fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew fil-miżuri implimentattivi; Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkontrolla l-Istati Membri fir-rigward ta' piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa ġejjin minn miżuri implimentattivi u leġiżlazzjoni nazzjonali;

15. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fi ħdan il-qafas tal-fethim interistituzzjonali dwar ir-regolamentazzjoni aħjar msemmi hawn fuq, tadotta leġiżlazzjoni mmirata u kkunsidrata sew b'konsegwenzi li jistgħu jitbassru li għandhom jikkontribwixxu lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli billi tipprovudi inċentivi xierqa għall-intrapriżi u l-kumpaniji, tnaqqas l-ispejjeż u l-proċeduri superfluwi, tneħħi l-barrieri għall-addattabilità u l-innovazzjoni u b'mod ġenerali tipprovdi ċertezza legali;

16. Iħeġġeġ biex il-Kummissjoni, meta tipproponi leġiżlazzjoni ġdida, tindika l-piż amministrattiv li din timponi fuq is-setturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali varji meta mqabbla ma' setturi ekwivalenti barra l-UE; jipproponi li dan jingħata attenzjoni speċjali fi ħdan l-ittestjar propost ġdid dwar il-kompetittività, li huwa parti integrali mill-analiżijiet ta' l-impatt;

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta lill-Parlament il-'proġett dwar l-ittestjar tal-kompetittività' li bħalissa qed jiġi elaborat, sabiex tippermetti skambju ta' opinjonijiet qabel dan jidħol fis-seħħ;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament jikkoperaw u jieħdu impenn dwar strateġija komuni u komprensiva sabiex jippromwovu regolamentazzjoni aħjar bil-għan li tissaħħaħ is-Shubija għat-Tkabbir u l-Impjegi, prinċipalment permezz ta' l-eżami ta' oqfsa differenti ta' leġiżlazzjoni nazzjonali u ta' l-inkorporazzjoni ta' l-aħjar prattiki pruvati u identifikati; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrispetta l-prattiki u l-istrateġiji nazzjonali differenti adottati mill-Istati Membri, kemm jekk jimplimentaw id-direttivi Ewropej fl-oqsma ta' l-impjegi u l-protezzjoni soċjali permezz ta' ftehim kollettiv u kemm jekk permezz ta' regolamentazzjoni u liġi;

19. Jenfasizza l-importanza ta' regolamentazzjoni aħjar u ta' l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, fl-Istati Membri kollha, u jistieden sabiex il-proċeduri ta' ksur ikunu rapidi biex jiżguraw kundizzjonijiet ugwali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex itejbu l-mekkaniżmi għall-identifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li trid tiġi ssimplifikata;

20. Jappoġġja l-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fl-UE, li għan tiegħu huwa li jkejjel in-nefqa amministrattiva għal kumpaniji fl-Ewropa u biex inaqqas piżijiet amministrattivi b'25 % sa l-2012;

21. Jinnota li l-istrateġija għal tnaqqis ta' 25 % tirreferi għal piżijiet amministrattivi għal kumpaniji, b'mod speċjali l-piżijiet mhux meħtieġa u ma tistax, kif il-Kummissjoni nnifisha tistipula, titqies bħala tneħħija ta' regolamenti;

22. Jagħti appoġġ sħiħ lill-inizjattiva tal-Kummissjoni iżda, fl-istess waqt, se jibqa' attent li l-miri ta' leġiżlazzjoni ma jkunux affettwati minn dak l-approċċ;

23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' proċeduri ta' rittmu mgħaġġel biex inaqqsu b'mod effettiv piżijiet amministrattivi b'25 % sa l-2012; jenfasizza li l-Parlament u l-Kunsill għandhom ikunu ta' appoġġ sħiħ biex il-proċess ta' simplifikazzjoni jaħdem;

24. Għalhekk jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għal "azzjonijiet ta' rittmu mgħaġġel" rigward miżuri tal-Kummissjoni, proposti kollettivi u proposti solitarji; Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel aktar użu mill-esperjenza miksuba minn Stati Membri li diġà wettqu kejl ta' linja bażi, biex jistabbilixxu aktar "azzjonijiet ta' rittmu mgħaġġel";

25. Jinnota l-identifikazzjoni ta' 13-il qasam ta' prijorità fil-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, bbażati fuq l-irraġunar li 80 % tal-piż amministrattiv totali se jinstab f'dawk l-oqsma; Jenfasizza li din l-analiżi hija bbażata fuq esperjenzi u kejl nazzjonali ([1]); jaqbel mal-Kummissjoni li dan l-approċċ huwa prammatiku, iżda jħoss li għandu jitqies bħala l-ewwel fażi;

([1]) "Proġett pilota dwar Piżijiet Amministrattivi", WIFO-CEPS, Ottubru 2006.

26. Għalhekk japoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex testendi l-Programm ta' Azzjoni għal oqsma oħrajn li fil-preżent m'humiex inklużi; jistenna li l-Kummissjoni tinkludi l-identifikazzjoni ta' kull tnaqqis tal-piżijiet eliġibbli li jista' jsir fl-istrateġija tagħha ta' outsourcing tal-kejl attwali lill-konsulenti esterni;

27. Huwa ta' l-opinjoni li l-introduzzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità għal tnaqqis tal-piż amminstrattiv, susseggwentement ifisser li l-Kummissjoni għandha talloka biżżejjed riżorsi u approprjazzjonijiet; għalhekk, jappoġġja l-fatt li l-Kummissjoni, għal dan il-għan, għamlet disponibbli madwar EUR 19.6 miljun eskluża l-VAT; jistieden lill-Kummissjoni biex tirraporta lil Kumitat għall-Baġit dwar mil-liema linji tal-baġit qed jittieħdu l-approprjazzjonijiet, sa liema punt dan jaffettwa politiki oħrajn, kif u meta se jintefqu u liema huma l-bażijiet legali li jiġġustifikaw dan l-infiq;

28. Jenfasizza li, jekk il-Kummissjoni tħoss li mhix kapaċi talloka biżżejjed riżorsi u approprjazzjonijiet fi ħdan il-qafas amministrattiv attwali, hija għandha tidentifika u tikkomunika soluzzjonijiet possibbli biex jintegħlbu dawn il-problemi għall-awtorità tal-baġit;

29. Jinnota li t-tnaqqis ta' 25 % għandu jirrifletti tnaqqis nett tal-piżijiet; għalhekk, jenfasizza l-ħtieġa li l-piżijiet amministrattivi jkunu inklużi li jsegwu regolamenti ġodda mill-2008, kif ukoll fl-analiżi finali fl-2012; jenfasizza li tnaqqis ta' 25 % fi ħdan 13-il qasam ta' prijorità jista' jitqies biss bħala mira grossa ta' tnaqqis; jinnota li l-approċċ attwali, għalhekk, ma jistax jiżgura tnaqqis attwali ta' 25 % għall-kumpaniji;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika u tippreżenta lill-Kumitati relevanti tal-Parlament, b'tabella tal-progress b'miri preċiżi li jridu jintlaħqu u perjodu taż-żmien stabbilit għall-implimentazzjoni ta' miżuri, identifikati bħala meħtieġa biex tinkiseb mira ta' tnaqqis ta' 25 % sa l-2012 u biex tirrapporta kull sena dwar il-progress tagħha lill-kumitati kompetenti tal-Parlament;

31. Jenfasizza li l-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni għandhom jimpenjaw infushom b'mod sħiħ u jassumu responsabilità politika rigward it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi; huwa konvint li, mingħajr pussess fil-livell politiku, l-UE ma tkunx tista' tibdel b'suċċess il-kultura tagħha ta' tfassil tal-liġijiet;

32. Għandu l-intenzjoni li japplika b'mod sħiħ proċeduri ta' l-analiżi ta' l-impatt biex jiddeterminaw l-effett ta' emendi għal proposti, u jistieden lill-Kunsill biex jagħmel l-istess; jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi l-assistenza u l-ħila meħtieġa;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, waqt l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-analiżi ta' impatt, tiżgura li studju ta' l-attività ekonomika jtejjeb il-kwalità ta' l-analiżi ta'l-impatt reali; jinsisti li huwa imperattiv li l-analiżi ta' impatt isiru b'mod dettaljat, trasparenti u bbilanċjat, billi jingħata piż uguali lill-aspetti soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

34. Jenfasizza li l-pussess fil-livell politiku jeħtieġ ukoll li jkun akkumpanjat bi prattika mtejjba fil-livelli ta' mmaniġġjar u ta' implimentazzjoni; għalhekk jenfasizza li kull Direttorat Ġenerali (DG) irid ikun mgħarraf bil-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa fl-oqsma ta' politika tiegħu permezz ta' kejl ta' linja ta' bażi tal-bidu u jipproponi wkoll sistema, eżempju, bħall-kapaċitajiet ta' verifika interni f'kull DG fil-Kummissjoni, li jistgħu jipprovdu konsultazzjoni u jgħinu lid-Diretturi Ġenerali biex isaħħu u jimplimentaw il-politiki ta' tnaqqis u miri individwali għal kull DG;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirraporta dwar l-istruttura organizzattiva interna tagħha tal-politika ta' tnaqqis tal-piżijiet; Jitlob biex din l-istruttura organizzattiva titqabbel ma' l-istrutturi organizzattivi ta' Stati Membri differenti, li diġà għandhom politika ta' tnaqqis ta' piż amministrattiv fis-seħħ;

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex, sa l-2008, tevalwa l-valur miżjud tal-Bord ta' l-Analiżi ta' l-Impatt (IAB) fil-proċeduri ta' l-analiżi ta' l-impatt; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta b'mod speċifiku dwar l-impatt ta' l-IAB meta mqabbel ma' l-impatt ta' bordijiet konsultattivi indipendenti fi Stati Membri differenti u biex tanalizza l-valur miżjud massimu possibbli ta' skrutinju indipendenti b'mod reali fil-livell Ewropew;

37. Jipproponi li l-approprjazzjonijiet riservati fil-linja 26 01 08 fil-Baġit ta' l-UE għal proġett pilota li jimminimizza l-piżijiet amministrattivi, jintużaw biex jitwaqqaf bord ta' esperti indipendenti, li jinkludi rappreżentanti minn gruppi ta' partijiet interessati, li jimmonitorja b'mod sħiħ l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni: 'It-tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UE'; Jinnota li dan ifisser ukoll li l-kumitat ta' esperti indipendenti jista' jiffoka fuq il-proċeduri, kejl u proposti leġiżlattivi ta' impatt kollha 'l barra mit-13-il qasam ta' prijorità;

38. Jenfasizza li l-ħatra u l-ħidma ta' dan il-bord indipendenti ta' esperti għandu jkun kompletament trasparenti u li l-membri tal-bord għandhom ikunu meħtieġa li jagħmlu dikjarazzjoni ta' interess;

39. Huwa sodisfatt bl-appoġġ li diġà ngħata lil dan l-approċċ mill-Kunsill u mill-Kummissjoni kif stipulat fil-paragrafu 25 tal-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u tad-9 ta' Marzu 2007; jenfasizza li dan huwa wkoll skond ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija min-Nationaler Normenkonntrollrat (il-Ġermanja), Better Regulation Commission (Renju Unit) u l-Bord Konsultattiv dwar il-Piż Amministrattiv Olandiż (l-Olanda) fid-dokument ta' pożizzjoni tagħhom dwar il-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni [1];

40. Jipproponi wkoll li l-bord indipendenti ta' esperti hawn fuq imsemmi, barra milli jikkontrolla b'mod sħiħ l-implimentazzjoni tal-programm ta' Azzjoni Ewropew, janalizza wkoll is-sejbiet u r-riżultat tal-konsulti ta' l-Internet u ta' dawk fuq il-livell lokali kif; jipproponi li dan il-bord jingħata aċċess għall-analiżi ta' l-impatt ta' proposti ta' tnaqqis qabel l-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni;

41. Jitlob lill-Kummissjoni biex taħtar rappreżentant ta' ħsieb indipendenti biex jippresiedi bord indipendenti ta' esperti hawn fuq imsemmi u biex taħdem biex dan il-bord ikun qed jopera b'mod sħiħ f'Settembru 2007; jitlob ukoll li l-membri l-oħrajn tal-bord jirrappreżentaw lill-partijiet esterni li għandhom sehem fil-proċess leġiżlattiv, u jinkludi esperti u akkademiċi indipendenti fil-qasam ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv;

42. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippermetti wkoll lill-bord indipendenti biex jikkumenta wkoll dwar il-passi li diġà ttieħdu fl-2006 u fl-2007għat-twaqqif tal-politika ta' tnaqqis ta' piż amministrattiv;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

[1] Dokument ta' pożizzjoni dwar il-Programm ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-Unjoni Ewropea, 1 ta' Marzu 2007.

**P6_TA(2007)0317**

## Il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("RUMA II") ***III

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("RUMA II") (PE-CONS 3619/2007 — C6-0142/2007 — 2003/0168(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3619/2007 — C6-0142/2007),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2003)0427) [2],

[1] ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 371.
[2] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2006)0083) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari ([2]) dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ([3]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni komuni (COM(2007)0126) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 65 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A6-0257/2007),

1. Japprova t-test konġunt u jiġbed l-attenzjoni għall-istqarrijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat tal-KE;

3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.
([2]) *Testi Adottati*, 18.1.2007, P6_TA(2007)0006.
([3]) ĠU C 289 E, 28.11.2006, p. 68.

**P6_TA(2007)0318**

## Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2007-2013) ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2007-2013) (16369/2/2006 — C6-0100/2007 — 2005/0042A(COD))**

**Proċedura ta' Kodeċiżjoni: t-tieni qari**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (16369/2/2006 — C6-0100/2007),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ([1]) dwar il-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2005)0115) ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2006)0234) ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 372.
([2]) Għadha mhix ippublikata fil-ĠU.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0184/2007),

— having regard to the trilateral declaration of Parliament, the Council and the Commission and the Commission declaration, both annexed hereto,

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC2-COD(2005)0042A**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adazzjoni ta' Deċiżjoni Nru …/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE.)*

---

*DIKJARAZZJONI TRILATERALI*

Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill u l-Kummissjoni:

— jaqblu fil-fehma li t-tieni Programm ta' azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-Saħħa (2008-2013) irid jingħata mezzi finanzjarji li jippermettu bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tiegħu;

— jirtiraw l-Artikolu 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja sana ([1]) filwaqt li ddikjaraw li l-awtorità baġitarja u l-Kummissjoni jintrabtu li ma jiskorrux b'aktar minn 5 % mill-baġit sakemm ma jinqalgħux ċirkustanzi ġodda, oġġettivi u li jifirxu fit-tul ta' żmien li għalihom jingħataw raġunijiet speċifiċi. Kull żieda li tirriżulta minn varjazzjoni tali trid tibqa' fi ħdan il-limitu massimu ta' l-intestatura kkonċernata;

— jassiguraw ir-rieda tagħhom li jivvalutaw f'mod korrett il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-Programm tas-Saħħa fil-proċedura baġitarja annwali.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

1. Fl-24 ta' Mejju 2006, il-Kummissjoni għamlet proposta emendata għat-tieni Programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa (2007–2013) ([2]). Fl-Artikolu 7, l-ammont ta' referenza tal-programm kien propost li jkun ta' EUR 365,6 miljun għal perijodu li jibda mill-2007 u li jispiċċa fl-2013.

2. Minħabba dewmien fil-proċedura leġiżlattiva, fit-23 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni infurmat lill-Awtorità tal-Baġit li l-bidu tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika ser ikollu jkun pospost għas-sena baġitarja 2008 ([3]). Bħala konsegwenza, il-pakkett tal-programm ġdid ta' Saħħa Pubblika 2008 -2013 irid ikun aġġustat għal livell ta' EUR 321.5 miljun.

3. L-ammont ta' EUR 44,1 miljun ser jintuża fis-sena baġitarja 2007 għall-programm kurrenti ta' Saħħa Pubblika ([4]) sabiex tkun żgurata kontinwità massima ta' l-azzjonijiet dwar is-saħħa pubblika. Għalhekk, il-pakkett kollu għall-azzjonijiet għas-saħħa pubblika iffinanzjati mill-programmi għal perijodu 2007–2013 ilaħħaq EUR 365,6 miljun.

---

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006.
([2]) COM(2006)0234.
([3]) COM(2007)0150.
([4]) Deċiżjoni Nru 1786/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li tadotta programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-Saħħa Pubblika (2003–2008) (ĠU L 271, 9.10.2002, p. 1).

**P6_TA(2007)0319**

# Il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju (5665/1/2007 — C6-0114/2007 — 2006/0018(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (5665/1/2007 — C6-0114/2007),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2006)0069) [2]

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0218/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni komuni;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skond l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju-Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni ta' l-att fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) *Testi Adottati*,, 14.11.2006, P6_TA(2006)0483.
(2) Ghadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

**P6_TA(2007)0320**

## Proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi għall-addittivi ta' l-ikel ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi għall-addittivi, l-enżimi u l-ħwawar ta' l-ikel (COM(2006)0423 — C6-0258/2006 — 2006/0143(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0423),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0258/2006),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi leġali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0153/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2006)0143**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru .../2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi għall-addittivi, l-enżimi u l-ħwawar ta' l-ikel**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖ ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

*Filwaqt li* jaġixxu skond il-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-moviment liberu ta' l-oġġetti ta' l-ikel sikuri u *mhux perikolużi* għas-saħħa jikkostitwixxi aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għas-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini, kif ukoll għall-interessi ekonomiċi u soċjali tagħhom.

---

(1) ĠU C *168, 20.7.2007, p. 34.*
(2) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007.*

(2) ‖***Hemm ħtieġa li jkun*** assigurat livell għoli ta' ħarsien tal-ħajja u tas-saħħa tal-bniedem ***u ta' l-ambjent*** *f*l-eżekuzzjoni tal-politika Komunitarja.

(3) *Sabiex* tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem, l-użu ta' addittivi, ta' enżimi u ta' ħwawar fl-ikel tal-bniedem għandu jiġi soġġett għal evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi qabel ma dawn jitqiegħdu fis-suq *tal*-Komunità.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru XXX/*2007* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …. [dwar l-addittivi ta' l-ikel] ([1]), ir-Regolament (KE) Nru YYY/*2007* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …. [dwar l-enżimi ta' l-ikel] ([1]) u r-Regolament (KE) Nru ZZZ/*2007* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …. [dwar il-ħwawar ta' l-ikel u ċerti ingredjenti ta' l-ikel li għandhom kwalitajiet ta' ħwawar] ([2]) jistabbilixxu l-kriterji u l-esiġenzi ▌ relattivi għall-evalwazzjoni u l-awtorizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi.

(5) Huwa *maħsub* b'mod partikolari li l-addittivi ta' l-ikel, l-enżimi ta' l-ikel u l-ħwawar ta' l-ikel, sakemm dawn ta' l-aħħar ma jkunux soġġetti għal evalwazzjoni tas-sikurezza skond ir-Regolament (KE) Nru ZZZ/*2007*, ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq u jiġu utilizzati fl-ikel tal-bniedem, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti għal kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel, jekk dawn ma jkunux inklużi *f*'lista tal-Komunità ta' *sustanzi awtorizzati.*

***(6) It-trasparenza fil-produzzjoni u t-trattament ta' l-ikel huma assolutament kruċjali biex tinkiseb il-kredibilità mal-konsumaturi.***

*(7)* F'dan il-*kuntest*, jidher *xieraq* li tiġi stabbilita proċedura Komunitarja uniformi ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni għal dawn it-tliet kategoriji ta' sustanzi, li tkun effikaċi, limitata fiż-żmien u trasparenti sabiex tikkontribwixxi għall-moviment liberu tagħhom fis-suq tal-Komunità.

*(8)* Din il-proċedura uniformi trid tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta' l-amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza ġuridika u trid tiġi implimentata skond dawn il-prinċipji.

***(9) Il-kriterji għal awtorizzazzjoni stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru XXX/2007, (KE) Nru YYY/2007 u (KE) Nru ZZZ/2007 għandhom wkoll jiġu sodisfatti għall-awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament.***

*(10)* Għalhekk, dan ir-Regolament ser jikkompleta l-qafas *regolatorju* ta' l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi billi jistabbilixxi l-istadji differenti tal-proċedura, taż-żminijiet relattivi għalihom, tar-rwol tal-partijiet kollha implikati u tal-prinċipji applikabbli. Madankollu, għal ċerti aspetti tal-proċedura, huwa neċessarju li jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ta' kull leġiżlazzjoni ta' *l-ikel settorjali.*

*(11)* Skond il-qafas ta' l-evalwazzjoni tar-riskji fil-qasam tas-sikurezza ta' l-oġġetti ta' l-ikel iffissat mir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([2]), it-tqegħid fis-suq tas-sustanzi m'għandux jiġi awtorizzat ħlief wara evalwazzjoni xjentifika ***indipendenti***, fl-għola livell possibbli, tar-riskji li dawn jippreżentaw għas-saħħa tal-bniedem. Din l-evalwazzjoni, li trid titwettaq taħt ir-responsabbiltà ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità"), trid tiġi segwita minn deċiżjoni dwar il-ġestjoni tar-riskji li tittieħed mill-Kummissjoni, fil-qafas ta' proċedura *regolatorja* li tassigura kooperazzjoni stretta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

*(12)* Huwa rrikonoxxut li l-evalwazzjoni xjentifika tar-riskji ma tistax ▌ tipprovdi waħedha l-informazzjoni kollha li fuqha trid tiġi bbażata deċiżjoni ta' ġestjoni tar-riskji, u li fatturi oħra leġittimi u pertinenti għall-kwistjoni li qed tiġi eżaminata ***għandhom*** jiġu kkunsidrati.

---

([1]) ĠU L ….

([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat *l-aħħar* bir-Regolament *tal-Kummissjoni* (KE) Nru *575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p. 3).*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

*(13)* Sabiex dawk l-operaturi ta' negozju fis-setturi kkonċernati u l-pubbliku jinżammu infurmati bl-awtorizzazzjonijiet fis-seħħ, ***hemm bżonn*** li s-sustanzi awtorizzati jidhru fuq lista tal-Komunità stabbilita, miżmuma u ppubblikata mill-Kummissjoni.

*(14)* L-iffunzjonar *f'network* bejn l-Awtorità u l-entitajiet ta' l-Istati Membri li jaħdmu fl-oqsma li jaqgħu taħt il-missjoni ta' l-Awtorità huwa wieħed mill-prinċipji bażiċi ta' l-iffunzjonar ta' din ta' l-aħħar. Għalhekk, *meta tkun qed tħejji* l-parir tagħha, l-Awtorità ti sta' tirrikorri għan-*network* li huwa disponibbli għaliha permezz ta' l-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament *tal-Kummissjoni* (KE) Nru 2230/2004 tat-23 ta' Diċembru 2004 ‖ li *jindika t-termini* ta' *l*-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 *f'dak li għandu x'jaqsam max-xibka ta' organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma li jiddependu mill-missjoni ta' l-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel* [1].

*(15)* Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni uniformi tas-sustanzi trid tissodisfa l-esiġenzi ta' trasparenza u ta' l-informazzjoni tal-pubbliku filwaqt li tiggarantixxi d-dritt għall-kunfidenzjalità ta' ċerta informazzjoni għal min jagħmel it-talba, ***f'każijiet debitament ġustifikati u għal raġunijiet iddikjarati.***

*(16)* Skond l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [2] japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Awtorità.

*(17)* L-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxu l-proċeduri ta' l-adozzjoni ta' miżuri ta' urġenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini Komunitarji jew impurtati minn pajjiż terz. Dawn jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri bħal dawn *fejn hemm possibilità li* l-oġġetti ta' l-ikel ‖jikkostitwixxu riskju *serju* għas-saħħa tal-bniedem, *għas*-saħħa ta' l-annimali jew għall-ambjent u li dan ir-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri kkonċernati.

*(18)* Fl-interess ta' l-*effiċjenza* u s-simplifikazzjoni leġiżlattiva, ‖fi żmien medju *għandu jkun hemm eżami,* ***inkluż b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati,*** *tal-possibiltà* li *l-kamp* ta' l-applikazzjoni tal-proċedura uniformi *ikun estiż* għal *leġiżlazzjoni oħra eżistenti* fil-qasam ta' l-ikel.

*(19)* Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux *jintlaħqu* b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri minħabba d-differenzi li jeżistu bejn il-leġiżlazzjonijiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali, u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità ti sta' tieħu miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà taħt l-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità hekk kif iddikjarat fl-imsemmi Artikolu, dan ir-Regolament ma *jmurx lil hinn minn* dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

*(20)* ‖ *Il*-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament *għandhom jiġu stabbiliti* skond id-Deċiżjoni *tal-Kunsill* 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li *tistabbilixxi* l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [3]. ***Il-Kummissjoni għandha, kif xieraq, tikkonsulta lill-partijiet interessati waqt it-tħejjija ta' miżuri li għandhom jitressqu quddiem il-Kumitat imsemmi f'dik id-Deċiżjoni.***

***(21) B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taġġorna u timmodifika l-lista Komunitarja ta' addittivi, enzimi u ħwawar ta' l-ikel li se tkun stabbilita skond dan ir-Regolament. Peress li dawk huma miżuri ta' ambitu ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh b'elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE,***

---

(1) ĠU L 379, 24.12.2004, p. 64.
(2) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
(3) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## IL-Prinċipji Ġenerali

### Artikolu 1

### L-għan u l-qasam ta' l-applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi proċedura ta' evalwazzjoni u ta' awtorizzazzjoni uniformi (minn issa 'l quddiem il-"proċedura uniformi") ta' l-addittivi ta' l-ikel, ta' l-enżimi ta' l-ikel, tal-ħwawar ta' l-ikel u ta' sorsi ta' ħwawar ta' l-ikel utilizzati jew maħsuba biex jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel (minn issa 'l quddiem is-"sustanzi"), li tikkontribwixxi ***għall-ħarsien aħjar tal-konsumatur u tas-saħħa pubblika u*** għall-moviment liberu ***ta' l-ikel*** fil-Komunità.

***Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal prodotti awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel*** (1)***.***

2. Il-proċedura uniformi tiddetermina l-modalitajiet proċedurali għall-aġġornament tal-listi tas-sustanzi li t-tqegħid tagħhom fis-suq hija awtorizzata mill-Komunità taħt ir-Regolamenti (KE) Nru XXX/*2007*, (KE) Nru YYY/*2007* u (KE) Nru ZZZ/*2007* (minn issa 'l quddiem il-"*leġiżlazzjoni* settorjali ta' l-ikel").

3. Il-kriterji li taħthom jistgħu jiġu inklużi s-sustanzi fil-lista Komunitarja stipulata fl-Artikolu 2, il-kontenut tar-Regolament maħsub fl-Artikolu 7 u, jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tranżitorji li jkunu għaddejjin jiġu ddeterminati minn kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel.

### Artikolu 2

### Il-lista Komunitarja tas-sustanzi

1. Fil-qafas ta' kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel, is-sustanzi li hu awtorizzat it-tqegħid tagħhom fis-suq fil-Komunità *għandhom* jidhru fuq lista li l-kontenut tagħha huwa ddeterminat mil-leġiżlazzjoni msemmija (minn issa 'l qudiem il-"lista Komunitarja"). Il-lista Komunitarja *għandha tkun* aġġornata mill-Kummissjoni ***skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3)***. *Din għandha tkun ippubblikata* fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

***Sustanzi inklużi fil-lista Komunitarja jistgħu jintużaw mill-operaturi kollha tan-negozju ta' l-ikel suġġett għall-kundizzjonijiet applikabbli għalihom, sakemm l-użu tagħhom m'huwiex ristrett skond l-Artikolu 12(7).***

2. L-aġġornament tal-lista Komunitarja, *ifisser*:

a) iż-żieda ta' sustanza fuq il-lista Komunitarja;

b) it-tneħħija ta' sustanza mil-lista Komunitarja;

c) iż-żieda jew il-modifika tal-kundizzjonijiet, speċifikazzjonijiet jew restrizzjonijiet li huma marbuta mal-preżenza ta' sustanza fuq il-lista Komunitarja.

(1) ***ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

## Kapitolu II

## Il-Proċedura uniformi

### Artikolu 3

### L-istadji prinċipali tal-proċedura uniformi

1. Il-proċedura uniformi li twassal għall-aġġornament tal-lista Komunitarja ti sta' tinbeda kemm fuq inizjattiva tal-Kummissjoni u kemm fuq *applikazzjoni*. Din *l-applikazzjoni* ti sta' tiġi introdotta minn Stat Membru jew minn persuna interessata, fejn din il-persuna tkun ti sta' tirrappreżenta diversi persuni interessati (minn issa 'l quddiem, "*l-applikant*"), *skond* il-kundizzjonijiet stipulati *permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija* fl-Artikolu 9, paragrafu 1 punt (a).

2. Il-Kummissjoni *għandha tfittex* minn qabel l-opinjoni ta' l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem, "l-Awtorità"), skond l-Artikolu 5.

Madankollu, għall-aġġornamenti maħsuba fl-Artikolu 2, paragrafu 2, punti (b) u (c), il-Kummissjoni ma *għandhiex tfittex* il-parir ta' l-Awtorità ħlief jekk dawn l-aġġornamenti huma suxxettibli li jkollhom effett fuq is-saħħa *tal-bniedem*.

3. Il-proċedura uniformi tintlaħaq permezz ta' l-adozzjoni ta' Regolament mill-Kummissjoni li jwassal għall-aġġornament, skond l-Artikolu 7.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-Kummissjoni ti sta' ttemm il-proċedura uniformi u tirrifjuta li tipproċedi għall-aġġornament maħsub, f'kull stadju tal-proċedura, jekk din tqis li aġġornament bħal dak mhux ġustifikat. Hija tibqa' tikkunsidra, jekk ikun il-każ, l-opinjoni ta' l-Awtorità, kull dispożizzjoni pertinenti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u fatturi oħra leġittimi utli għall-kwistjoni eżaminata.

F'dan il-każ, ▌ il-Kummissjoni ***għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, u għandha*** tinforma direttament *lill-applikant*, filwaqt li fl-ittra tagħha tindika r-raġunijiet li għalihom hi taħseb li aġġornament m'huwiex ġustifikat.

### Artikolu 4

### Il-bidu tal-proċedura

1. Meta *tirċievi l-applikazzjoni* li l-għan tagħha huwa l-aġġornament tal-lista Komunitarja, il-Kummissjoni *għandha*:

a) tagħti dikjarazzjoni bil-miktub li *l-applikazzjoni* intlaqgħet, indirizzata lil min qed jagħmel it-talba fi żmien erbatax-il jum tax-xogħol wara li tirċeviha;

b) ▌ tikkomunika *l-applikazzjoni* lill-Awtorità u ‖ *titlobha* ‖ opinjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħti aċċess *għall-applikazzjoni* ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Istati Membri ***u lill-partijiet interessati***.

2. Meta tibda l-proċedura fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni *għandha* tinforma b'dan lill-Istati Membri ***u tippubblika l-fatt*** u, jekk ikun il-każ, ‖ *titlob* ‖opinjoni *ta'* ‖ l-Awtorità.

### Artikolu 5

### L-opinjoni ta' l-Awtorità

1. L-Awtorità *għandha* tagħti l-opinjoni tagħha fi żmien ***disa' xhur*** wara li tkun intlaqgħet *applikazzjoni* valida.

2. L-Awtorità *għandha* tgħaddi l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u ▌ ‖ *lill-applikant*. ***L-opinjoni għandha tkun ukoll ippubblikata, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12.***

Artikolu 6

Informazzjoni komplementari li tikkonċerna l-evalwazzjoni tar-riskji

1. ***Meta*** l-Awtorità titlob informazzjoni komplementari mingħand min qed jagħmel it-talba, iż-żmien maħsub fl-Artikolu 5, paragrafu 1, ji sta' jiġi estiż. Wara konsultazzjoni ma' *l-applikant*, l-Awtorità tiffissa żmien li fih din l-informazzjoni ti sta' tingħata u tinforma lill-Kummissjoni biż-żmien supplementari neċessarju. Jekk il-Kummissjoni ma toġġezzjonax fi żmien tmint ijiem tax-xogħol wara l-għoti ta' l-informazzjoni mill-Awtorità, iż-żmien maħsub fl-Artikolu 5, paragrafu 1 jiżdied awtomatikament biż-żmien supplementari.

2. Jekk l-informazzjoni komplementari ma tiġix mogħtija fiż-żmien supplementari maħsub fil-paragrafu 1, l-Awtorità tiffinalizza l-opinjoni tagħha fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li jkollha f'idejha.

3. Meta *l-applikant* jissottometti informazzjoni komplementari fuq inizjattiva tiegħu stess, dan jgħaddi din l-informazzjoni lill-Awtorità u lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-Awtorità tagħti l-opinjoni tagħha fiż-żmien inizjali***, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċjali biex il-perjodu ikun estiż.***

4. L-Awtorità għandha tagħti aċċess għall-informazzjoni komplementari lill-Istati Membri.

Artikolu 7

L-aġġornament tal-lista Komunitarja

Fi żmien ***sitt xhur*** wara l-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni *għandha* tippreżenta lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14, paragrafu 1, abbozz ta' Regolament li jaġġorna l-lista Komunitarja, filwaqt li *jitqiesu* l-opinjoni ta' l-Awtorità, id-dispożizzjonijiet kollha *rilevanti* tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u fatturi oħra leġittimi utli għall-kwistjoni eżaminata.

***Il-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-abbozz ta' Regolament tagħha u tispjega l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom ir-Regolament ikun ibbażat.***

Meta l-abbozz tar-Regolament m'huwiex konformi għall-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni *għandha tispjega* ***r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.***

Ir-Regolament *għandu* jiġi adottat skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-***Artikolu 14(3)***.

Artikolu 8

Informazzjoni addizzjonali rigward il-ġestjoni tar-riskji

1. Meta l-Kummissjoni titlob informazzjoni addizzjonali *mill-applikant* dwar l-aspetti rigward il-ġestjoni tar-riskji, din tiffissa, f'konsultazzjoni ma' *l-applikant,* żmien li fih ti sta' tingħata din l-informazzjoni. F'dan il-każ, ***il-Kummissjoni tista' testendi*** ż-żmien maħsub fl-Artikolu 7 ***u għandha tinforma lill-Istati Membri bl-estensjoni***.

2. Jekk l-informazzjoni addizzjonali ma tiġix mogħtija fiż-żmien supplementari maħsub fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni taġixxi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li diġà ngħatat.

## Kapitolu III

## Id-Dispożizzjonijiet mixxelanji

### Artikolu 9

### Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Skond il-proċedura *regolatorja msemmija* fl-Artikolu *14(2),* fi żmien massimu ta' erbgħa u għoxrin xahar wara l-adozzjoni ta' kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel, il-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu adottati, f'dak li jikkonċerna partikolarment:

a) il-kontenut, il-mod ta' kif tiġi stabbilita u ppreżentata *l-applikazzjoni* maħsuba fl-Artikolu 4(1);

b) il-modalitajiet għall-kontroll tal-validità tat-talba;

c) in-natura ta' l-informazzjoni li trid tidher fl-opinjoni ta' l-Awtorità maħsuba fl-Artikolu 5.

2. Sabiex jiġu adottati *l-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija* fil-punt a) tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni *għandha* tikkonsulta lill-Awtorità li tippreżentalha, fi żmien sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, proposta dwar l-informazzjoni neċessarja għall-evalwazzjoni tar-riskji tas-sustanzi kkonċernati.

### Artikolu 10

### L-estensjoni *tal-limiti ta'* żmien

*Il-perijodi msemmija* fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7 jistgħu jiġu estiżi mill-Kummissjoni, fuq l-inizjattiva tagħha jew, jekk ikun il-każ, fuq it-talba ta' l-Awtorità, jekk il-karatteristiċi tal-fajl *jiġġustifikaw* dan, mingħajr preġudizzju għall-*Artikolu 6(1), u għall-Artikolu 8(1).* F'dan il-każ ▌ il-Kummissjoni *għandha* tinforma lil min qed jagħmel it-talba ***u lill-Istati Membri*** b'din l-estensjoni, kif ukoll bir-raġunijiet li jiġġustifikawha.

### Artikolu 11

### It-trasparenza

L-Awtorità tassigura t-trasparenza ta' l-attivitajiet tagħha skond l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002. B'mod partikolari, hija tagħmel pubbliċi l-opinjonijiet tagħha mingħajr dewmien. Barra minn dan, hija tagħmel pubbliċi t-talbiet għal opinjoni kif ukoll l-estensjoni *tal-perijodi msemmija* fl-Artikolu 6, paragrafu 1.

### Artikolu 12

### Il-kunfidenzjalità

1. ▌ L-informazzjoni kkomunikata min-naħa ta' *l-applikant,* ti sta' tiġi trattata bħala kunfidenzjali ***biss fejn i****t-tixrid tagħha ji sta' jkun ta' detriment għall-pożizzjoni kompetittiva tiegħu.

Fl-ebda każ ***ma tista' qatt tkun*** meqjusa bħala kunfidenzjali l-informazzjoni li ġejja:

a) l-isem u l-indirizz ta' *l-applikant* u l-isem tas-sustanza;

b) deskrizzjoni ċara tas-sustanza u l-kundizzjonijiet ta' l-użu tagħha fl-oġġetti ta' l-ikel jew fuq oġġetti ta' l-ikel speċifiċi jew il-kategoriji ta' l-oġġetti ta' l-ikel;

c) l-informazzjoni li hija ta' interess għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi;

d) jekk ikun il-każ, il-metodu jew metodi ta' l-analiżi.

2. Għall-applikazzjoni ta' l-ewwel paragrafu, *l-applikant* għandu jindika liema parti mill-informazzjoni kkomunikata jixtieq li tkun trattata bħala kunfidenzjali. F'każijiet bħal dawn, trid tingħata ġustifikazzjoni li ti sta' tiġi verifikata.

3. Il-Kummissjoni tiddetermina x'inhi l-informazzjoni li ti sta' tibqa' kunfidenzjali u tinforma b'dan *lill-applikant* ***u lill-Istati Membri.***

4. Wara li jkun ġie mgħarraf bil-pożizzjoni tal-Kummissjoni, *l-applikant* għandu żmien ta' tliet ġimgħat biex jirtira *l-applikazzjoni* tiegħu biex jippreserva l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni kkomunikata. Il-kunfidenzjalità tinżamm sakemm *jiskadi* dan iż-żmien.

5. Il-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji biex jassiguraw il-kunfidenzjalità mitluba fuq l-informazzjoni li huma jirċievu taħt dan ir-Regolament, ħlief għal dik li trid issir pubblika jekk iċ-ċirkustanzi jirrikjedu dan, sabiex iħarsu s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent.

6. Jekk *l-applikant* jirtira jew ikun irtira *l-applikazzjoni* tiegħu, l-Awtorità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jirrispettaw in-natura kunfidenzjali ta' l-informazzjoni kummerċjali u industrijali, inkluż fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp, inkluż l-informazzjoni li n-natura tagħha tkun soġġetta għal diverġenza fl-opinjoni bejn il-Kummissjoni u *l-applikant*.

***7. Id-data xjentifika u informazzjoni oħra pprovduta mill-applikant ma tistax tkun użata għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għall-perijodu ta' ħames snin mid-data ta' l-awtorizzazzjoni, sakemm l-applikant sussegwenti ma jkunx ftiehem ma' l-applikant preċedenti li tali data u informazzjoni jistgħu jintużaw, u l-ispejjeż jinqasmu skond dan, fejn:***

***a) id-data xjentifika u informazzjoni oħra kienu koperti mis-sjieda ta' l-applikant preċedenti fiż-żmien li saret it-talba preċedenti; u***

***b) l-applikant preċedenti kellu drittijiet esklusivi ta' referenza għad-data koperta mis-sjieda fiż-żmien li saret it-talba preċedenti; u***

***c) is-sustanza ma setatx tkun awtorizzata mingħajr is-sottomissjoni ta' data koperta mis-sjieda mill-applikant preċedenti.***

*8.* *L-implimentazzjoni* tal-paragrafi 1 sa 6 ma tippreġudikax iċ-ċirkulazzjoni ta' l-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Awtorità.

Artikolu 13

‖ Urġenzi

F'każ ‖ ta' urġenza li tikkonċerna sustanza li tidher fuq il-lista Komunitarja, partikolament fuq opinjoni ta' l-Awtorità, jiġu stabbiliti miżuri skond il-proċeduri *msemmija* fl-Artikoli 53 u 54 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Artikolu 14

Il-Kumitat

1. Il-Kummisjoni hija assistita mill-Kumitat Permanenti *dwar il-*Katina *ta' l-Ikel* u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bl-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

2. Fil-każ fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, *filwaqt li jitqiesu* d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

Il-perjodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE huwa ffissat għal tliet xhur.

3. ***Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***

Artikolu 15

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri

Sa mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom iressqu lill-Kummissjoni u lill-Awtorità, *fir-rigward* ta' kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel, l-isem u l-indirizz, kif ukoll punt ta' kuntatt, ta' l-awtorità nazzjonali kompetenti għall-iskopijiet tal-proċedura uniformi.

**Kapitolu IV**

**Id-Dispożizzjoni finali**

Artikolu 16

‖ Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata ‖ wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan japplika, għal kull leġiżlazzjoni settorjali ta' l-ikel, għad-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri *msemmija* fl-Artikolu 9(1).

L-Artikolu 9 jibda japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

---

**P6_TA(2007)0321**

## L-addittivi ta' l-ikel ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta ' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-addittivi ta' l-ikel (COM(2006)0428 — C6-0260/2006 — 2006/0145(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0428) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0260/2006),

([1]) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi leġali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0154/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2006)0145**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dwar l-addittivi ta' l-ikel**

(Test b'relevanza għaz-ZEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖ ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

*Filwaqt* li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Il-moviment liberu ta' ikel mhux perikoluż u sustanzjuż huwa aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-saħħa u għall-benesseri taċ-ċittadini, u għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.

(2) Livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem għandu jiġi żgurat biex titwettaq il-politika tal-Komunità.

(3) Dan ir-Regolament jieħu post id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet preċedenti li jikkonċernaw l-addittivi ta' l-ikel permessi għall-użu fl-ikel, bil-ħsieb li jkunu żgurati l-funzjonament effettiv tas-suq intern u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem ***u ta' l-ambjent,*** *kif ukoll* għall-interessi tal-konsumaturi***, inklużi dawk il-konsumaturi li ma jittollerawx ċerti sustanzi,*** permezz ta' proċeduri komprensivi u semplifikati.

(4) Dan ir-Regolament jarmonizza l-użu, *fl-ikel*, ta' l-addittivi ta' l-ikel, fil-Komunità. Dan jinkludi l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel f'ikel li huwa kopert bid-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-oġġetti ta' l-ikel għal użu ta' nutriment partikolari [3] u l-użu ta' ċerti kuluri ta' l-ikel għall-immarkar tas-saħħa tal-laħam u għat-tiżjin u għall-istampar tal-bajd. Dan jarmonizza wkoll l-użu ta' addittivi ta' l-ikel fl-addittivi ta' l-ikel u fl-enzimi ta' l-ikel, biex b'hekk ikunu żgurati s-sigurtà u l-kwalità tagħhom u jiġu ffaċilitati l-ħażna u l-użu tagħhom. L-aħħar kategorija qabel ma kinitx regolata fuq livell Komunitarju.

---

(1) *ĠU C 168, 20.7.2007, p. 34.*
(2) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007.*
(3) ĠU L 186, 30.6.1989, *p. 27.* Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, ‖31.10.2003, p. 1).

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

(5) L-addittivi ta' l-ikel huma sustanzi li normalment ma jkunux ikkonsmati bħala ikel fihom infushom iżda jiġu miżjuda ma' l-ikel apposta għal raġuni teknoloġika, bħall-preservazzjoni ta' l-ikel. Madankollu, sustanzi m'għandhomx jitqiesu bħala addittivi ta' l-ikel meta jintużaw biex jagħtu aroma u/jew togħma. Barra minn hekk, sustanzi meqjusa bħala ikel li jistgħu jintużaw għal funzjoni teknoloġika, bħall-klorur tas-sodju jew iż-żagħfran għall-kulur u l-enzimi ta' l-ikel, ukoll m'għandhomx jaqgħu *fil-kamp ta' applikazzjoni* ta' dan ir-Regolament. Fl-aħħarnett, fejn jikkonċerna l-enzimi ta' l-ikel, dawn huma koperti bir-Regolament *(KE) Nru…./2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…*[dwar l-enzimi ta' l-ikel] ([1]), li jeskludi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Is-sustanzi li ma jiġux ikkonsmati bħala ikel fihom infushom iżda jintużaw apposta fl-ipproċessar ta' l-ikel, li jibqgħu biss bħala residwi fl-ikel finali u li ma jkollhomx effett teknoloġiku fil-prodott finali (għajnuniet għall-ipproċessar), m'għandhomx ikunu koperti b'dan ir-Regolament.

(7) L-addittivi ta' l-ikel għandhom jiġu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-addittivi ta' l-ikel iridu jkunu mingħajr periklu meta jintużaw, irid ikun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, l-użu tagħhom ma jridx jiżgwida lill-konsumatur, u l-użu tagħhom irid ikun ta' benefiċċju għall-konsumatur. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur jiġi żgwidat jinkludu, iżda mhux limitati għal, kwistjonijiet relatati mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, man-naturalezza ta' prodott jew tal-proċess tal-produzzjoni, mal-kwalità nutrittiva tiegħu u mal-kontenut tiegħu ta' frott u ħaxix.***

(8) L-addittivi ta' l-ikel jridu dejjem jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet approvati. L-ispeċifikazzjoni għandha tinkludi informazzjoni biex ikun identifikat b'mod adegwat l-addittiv ta' l-ikel, inkluża l-oriġini, u li jkunu deskritti l-kriterji aċċettabbli tal-purità. L-ispeċifikazzjonijiet żviluppati qabel għall-addittivi ta' l-ikel fid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/31/KE tal-5 ta' Lulju 1995 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel ([2]), fid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/45/KE tas-26 ta' Lulju 1995 li tistabbillixxi l-kriterji speċifiċi tal-purità li jikkonċernaw il-kuluri li jintużaw fl-oġġetti ta' l-ikel ([3]) u fid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/77/KE tat-2 ta' Diċembru 1996 li tispeċifika l-kriterji tal-purità rigward l-addittivi ta' l-ikel apparti mill-kuluri u s-sustanzi li jagħtu ħlewwa, ([4]) għandhom jinżammu sakemm l-addittivi korrispondenti jiġu inklużi fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Meta jsir dan, l-ispeċifikazzjonijiet li huma relatati ma' addittivi bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti f'Regolament. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jirrelataw direttament ma' l-addittivi li jiġu inklużi fil-listi Komunitarji fl-Annessi għal dan ir-Regolament. Madankollu, meta jitqiesu l-karattru u s-sustanza komplessi ta' speċifikazzjonijiet bħal dawn għal skop ta' ċarezza, m'għandhomx jiġu integrati bħala tali f'dawk il-listi Komunitarji, iżda għandhom jiġu stabbiliti f'Regolament jew f'Regolamenti separati.

(9) Uħud mill-addittivi ta' l-ikel huma permessi għal użi speċifiċi għal ċerta prattika u ċerti proċessi enoloġiċi. L-użu ta' addittivi ta' l-ikel bħal dawn għandu jikkonforma ma' dan ir-Regolament u mad-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti.

(10) Biex tkun żgurata l-uniformità, il-valutazzjoni tar-riskju u l-approvazzjoni ta' l-addittivi ta' l-ikel għandhom isiru skond ***il-prinċipju ta' prekawzjoni u skond*** il-proċedura li ġiet stabbilita fir-Regolament (KE) Nru *…./2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… [*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel*]* ([1]).

(11) Skond ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ([5]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel *(minn hawn 'l quddiem* "l-Awtorità"), għandha tkun ikkonsultata dwar kwistjonijiet li huwa probabbli li jaffettwaw is-saħħa pubblika.

---

([1]) ĠU L ….

([2]) ĠU L 178, ‖28.7.1995, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva *2006/128*/KE (ĠU L *346. 9.12.2006, p. 6)*.

([3]) ĠU L 226, ‖22.9.1995, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva *2006/33*/KE (ĠU L *82, 21.3.2006, p. 10)*.

([4]) ĠU L 339, ‖30.12.1996, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva *2006/129*/KE (ĠU L *346, 9.12.2006, p. 15)*.

([5]) ĠU L 31, ‖1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat *l-aħħar* bir-Regolament *tal-Kummissjoni* (KE) *Nru 575/2006* (ĠU L *100, 8.4.2006, p. 3)*.

(12) Addittiv ta' l-ikel li jaqa' *fil-kamp ta' applikazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]) għandu jkun awtorizzat taħt dak ir-Regolament ***kif ukoll*** taħt dan ir-Regolament.

(13) Addittiv ta' l-ikel li diġà kien approvat taħt dan ir-Regolament li jitħejja b'metodi ta' produzzjoni jew b'materjali tal-bidu li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk li huma inklużi fl-evalwazzjoni tar-riskju ta' l-Awtorità, jew li huma differenti minn dawk koperti mill-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti, għandu jiġu sottomess għall-evalwazzjoni mill-Awtorità għal evalwazzjoni b'enfażi fuq l-ispeċifikazzjonijiet. Metodi ta' produzzjoni jew materjali tal-bidu li huma differenti b'mod sinifikanti jistgħu jfissru bidla fil-metodu tal-produzzjoni, mill-estrazzjoni minn pjanta sal-produzzjoni bil-fermentazzjoni billi jintuża mikroorganiżmu jew modifikazzjoni ġenetika tal-mikroorganiżmu oriġinali.

(14) L-addittivi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u jridu jkunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl tal-kondizzjonijiet ta' l-użu li jinbidlu u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida. ***Għandhom jiġu adottati programmi speċjali ta' evalwazzjoni sabiex jiġu eżaminati mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet maħruġa.***

(15) L-Istati Membri li żammew il-projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti addittivi f'ċerta ikel speċifiku li jitqies bħala tradizzjonali u li jiġi prodott fit-territorju tagħhom għandhom jingħataw il-permess li jkomplu japplikaw dawk il-projbizzjonijiet. Madankollu, dwar prodotti bħall-“Feta” jew bħas-“Salame cacciatore”, ir-Regolament preżenti huwa mingħajr preġudizzju għal regoli aktar restrittivi li huma marbuta ma' l-użu ta' ċerti denominazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill *(KE)* Nru *510/2006* ta' l-*20 ta' Marzu 2006* dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel ([2]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli prodotti ta' l-ikel garantiti bħala speċjalitajiet tradizzjonali ([3]).

(16) L-addittivi ta' l-ikel jibqgħu soġġetti għall-obbligi ġenerali ta' l-ittikkettar kif provdut fid-Direttiva 2000/13/KE *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 20 Marzu 2000 fuq l-approsimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel* ([4]) u, skond kif ikun il-każ, fir-Regolamenti (KE) Nri 1829/2003 u 1830/2003 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti ta' l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE* ([5]). Barra minn hekk, f'dan ir-Regolament *għandhom ikunu* inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali lill-manifattur jew lill-konsumatur finali.

(17) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([6]).

***(18) B'mod partikulari, il-Kummissjoni għandha jkollha s-setgħa li taġġorna u temenda l-lista Komunitarja ta' addittivi ta' l-ikel li għandha tkun stabbilita skond dan ir-Regolament. Peress li dawk huma miżuri ta' applikazzjoni ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw jew iħassru l-elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew biex jissupplimentawh biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.***

*(19)* Biex tkun żviluppata u aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-addittivi ta' l-ikel b'mod proporzjonat u effettiv, huwa neċessarju li tinġabar id-data, tinqasam l-informazzjoni u jkun koordinat ix-xogħol bejn l-Istati Membri. Għal dak l-iskop, ji sta' jkun utli li jsiru studji li jindirizzaw kwistjonijiet speċifiċi biex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Ikun xieraq li bħala parti mill-proċedura baġitarja tagħha l-Komunità tkun ti sta' tiffinanzja studji bħal dawn. Il-finanzjament ta' miżuri bħal dawn huwa kopert mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-*verifika* tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali ([7]) u għalhekk il-bażi legali għall-finanzjament tal-miżuri ta' hawn fuq se tkun ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

([1]) ĠU L 268, ‖18.10.2003, p. 1. *Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).*
([2]) *ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).*
([3]) *ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.*
([4]) *ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/142/KE (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 110).*
([5]) *ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.*
([6]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*
([7]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. *Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006.*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

*(20)* L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli uffiċjali biex jinfurzaw il-konformità ma' dan ir-Regolament skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*(21)* Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jkunu stabbiliti r-regoli Komunitarji dwar l-addittivi ta' l-ikel, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-unità tas-suq u minħabba l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, ji sta' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità ti sta' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

*(22)* Wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, *megħjuna* mill-Kumitat Permanenti *dwar il-*Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, għandha tirrevedi l-awtorizzazzjonijiet eżistenti kollha ***fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.*** L-addittivi ta' l-ikel kollha li jkunu se jkomplu jiġu awtorizzati fil-Komunità għandhom jiġu trasferiti għal-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għal dan ir-Regolament. L-Anness III għal dan ir-Regolament għandu jkun ikkompletat bl-addittivi ta' l-ikel l-oħra li jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel u fl-enzimi ta' l-ikel flimkien mal-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom skond ir-Regolament (KE) Nru …*/2007[*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel*]*. Biex ikun hemm perjodu tranżitorju xieraq, id-dispożizzjonijiet fl-Anness III, għajr għad-dispożizzjonijiet dwar il-ġarriera għall-addittivi ta' l-ikel, m'għandhomx japplikaw sa [l-1.1.2011].

*(23)* Mingħajr preġudizzju għar-riżultat ta' dik ir-reviżjoni, fi żmien sena wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm ta' evalwazzjoni għall-Awtorità biex tkun ivvalutata mill-ġdid is-sigurtà ta' l-addittivi ta' l-ikel li kienu approvati diġà fil-Komunità. Dak il-programm għandu jiddefinixxi l-ħtiġiet u l-ordni tal-prijoritajiet li *abbażi* tagħhom ser ikunu eżaminati l-addittivi ta' l-ikel approvati.

*(24)* Dan ir-Regolament jirrevoka u jieħu post l-atti li ġejjin: id-Direttiva tal-Kunsill 62/2645/KEE dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri dwar materja koloranti awtorizzata għall-użu ta' affarijiet ta' l-ikel maħsuba għal konsum mill-bniedem [1], ‖ id-Direttiva tal-Kunsill 78/663/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tistabbilixxi l-kriterji speċifiċi ta' purità għall-emulsjonanti, stabilizzaturi, aġenti li jħaxxnu u ta' *gelling* għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel [2], id-Direttiva tal-Kunsill 78/664/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tistabbilixxi kriterji speċifiċi dwar il-purità għall-antiossidanti li jistgħu jintużaw fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [3], l-Ewwel Direttiva tal-Kummissjoni 81/712/KEE tat-28 ta' Lulju 1981 li tistabbilixxi metodi fil-Komunità ta' analiżi biex jiġi verifikat li ċerti additivi użati fl-ikel jissodisfaw kriterji ta' purità [4], id-Direttiva tal-Kunsill 89/107/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-addittivi ma' l-ikel awtorizzati għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [5], id-Direttiva 94/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel [6], id-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 1994 dwar il-kuluri għall-użu fl-ikel [7], id-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi ta' l-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa [8] *kif ukoll* id-Deċiżjoni *Nru* 292/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 1996 dwar iż-żamma tal-liġijiet nazzjonali li jipprojbixxu l-użu ta' ċerti addittivi fil-produzzjoni ta' ċerti oġġetti ta' l-ikel speċifiċi [9] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/247/KE tas-27 ta' Marzu 2002 li tissospendi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni tal-ħelu tal-*jelly* li jkun fih l-additiv E 425 konjac [10]. Madankollu, huwa xieraq li ċerti dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti jibqgħu fis-seħħ matul perjodu tranżitorju biex iħallu żmien għat-tħejjija tal-listi Komunitarji fl-Annessi għar-Regolament preżenti,

[1] ĠU ‖ 115, ‖ 11.11.1962 p. 2645/62. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 95/45/KE (ĠU L 226, ‖22.9.1995, p. 1).
[2] ĠU L 223, 14.8.1978, p. 7. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 92/4/*KEE* (ĠU L 55, ‖29.2.1992, p. 96).
[3] ĠU L 223, ‖ 14.8.1978, p. 30. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/77/KE.
[4] ĠU L 257, ‖10.9.1981. p 1.
[5] ĠU L 40, ‖11.2.1989, p. 27. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 ‖ .
[6] ĠU L 237, ‖ 10.9.1994, p. 3. Id-Direttiva kif emendata ‖ *bid-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10).*
[7] ĠU L 237, ‖10.9.1994, p. 13. Id-Direttiva kif emendata *l-aħħar* bir-Regolament (KE) *Nru* 1882/2003.
[8] ĠU L 61, ‖ 18.3.1995, p. 3. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar *bid-Direttiva 2006/52/KE.*
[9] ĠU L 48, ‖ 19.2.1997, p. 13.
[10] ĠU L 84, ‖ 28.3.2002, p. 69.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Suġġett, *kamp ta' applikazzjoni* u ‖ definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar l-addittivi ta' l-ikel li jintużaw fl-ikel sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u ta' protezzjoni ***ambjentali u tal-***konsumatur.

Għal dawn l-iskopijiet, dan ir-Regolament jipprovdi għal:

a) il-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel approvati;

b) il-kondizzjonijiet ta' l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel f'ikel, ***inkluż f'***addittivi ta' l-ikel u ▌enzimi ta' l-ikel ***kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru*** …/2008 ***[dwar enżimi ta' l-ikel] u inklużi sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru …/2008 [dwar sustanzi għat-togħma ta' l-ikel u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi kwalitajiet li jagħtu t-togħma];***

c) ir-regoli dwar l-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali.

### Artikolu 2

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-addittivi ta' l-ikel.

2. Dan ir-Regolament m'għandu japplikax għas-sustanzi li ġejjin sakemm ma jintużawx bħala addittivi ta' l-ikel:

a) għajnuniet għall-ipproċessar;

b) sustanzi li jintużaw għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-prodotti tal-pjanti skond ir-regoli Komunitarji li jirrelataw mas-saħħa tal-pjanti***, ħlief għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jintużaw bħala aġenti ta' konservazzjoni wara l-ħsad***;

c) sustanzi miżjuda ma' l-ikel bħala nutrijenti;

d) sustanzi li jintużaw għat-trattament ta' l-ilma għall-konsum mill-bniedem li jaqgħu *fil-kamp ta' applikazzjoni* tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE [1]***;***

***e) il-kulturi ta' mikrobi użati fil-produzzjoni ta' l-ikel li minnhom jistgħu jiġu prodotti addittivi ta' l-ikel iżda li mhumiex speċifikament użati sabiex jipproduċuhom.***

3. Dan ir-Regolament m'għandux *japplika* għall-enzimi ta' l-ikel li jaqgħu *fil-kamp ta' applikazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru …*/2007* [dwar l-enzimi ta' l-ikel].

4. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola Komunitarja speċifika li tikkonċerna l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel:

a) f'ikel speċifiku;

b) għal skopijiet oħra għajr dawk li huma koperti b'dan ir-Regolament.

5. Fejn ikun meħtieġ, skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-Artikolu ***28(3)***, ji sta' jiġi deċiż jekk sustanza *taqax fil-kamp ta' applikazzjoni* ta' dan ir-Regolament *jew le*.

***6. L-ebda addittiv ta' l-ikel u/jew ikel li jkun fih dan l-addittiv ma jista' jitqiegħed fis-suq u/jew fiċ-ċirkulazzjoni jekk l-użu ta' dan l-addittiv ta' l-ikel ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.***

[1] ĠU L 330, ‖ 5.12.1998, p. 32. *Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

Artikolu 3

Id-definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġew stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nri 178/2002 u 1829/2003 għandhom japplikaw.

2. Id-definizzjonijiet li ġejjin ukoll għandhom japplikaw:

a) "addittiv ta' l-ikel" għandha tfisser kwalunkwe sustanza li normalment ma tkunx ikkonsmata bħala ikel fiha nfisha u li normalment ma tintużax bħala ingredjent karatteristiku ta' l-ikel, kemm jekk ikollha valur nutrittiv u kemm jekk le, li ż-żjieda maħsuba tagħha ma' l-ikel għal għan teknoloġiku fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar, fit-trasport jew fil-ħażna ta' ikel bħal dan tirriżulta, jew wieħed raġonevolment jistenna li ti sta' tirriżulta, li huwa jew il-prodotti sekondarji tiegħu jsiru direttament jew indirettament komponent ta' ikel bħal dan;

▌dawn li ġejjin ma jitqiesux bħala addittivi ta' l-ikel:

i) ▌monosaccharides, disaccharides jew oligosaccharides***, u ikel li fih dawn jinsabu,*** użati għall-proprjetajiet li jagħtu l-ħlewwa tagħhom;

ii) l-ikel, kemm jekk niexef jew f'forma kkonċentrata, li jinkudi sustanzi li jagħtu t-togħma inkorporati waqt il-manifattura ta' ikel kompost, minħabba l-proprjetajiet aromatiċi, bnini jew nutrittivi flimkien ma' l-effett sekondarju li jagħti l-kulur ***u effett teknoloġiku addizzjonali***;

iii) is-sustanzi li jintużaw biex jgħattu jew jiksu materjali, li ma jifformawx parti mill-ikel u mhumiex maħsuba biex ikunu kkonsmati ma' dak l-ikel;

iv) il-prodotti li għandhom il-pektin u li huma derivati mill-ilbieba tat-tuffieħ niexef jew mill-qoxra tal-frott taċ-ċitru, jew minn taħlita tat-tnejn, permezz ta' l-azzjoni ta' aċidu dilwit segwit min-newtralizzazzjoni parzjali bil-melħ tas-sodju jew potassju ('pektin likwida');

v) il-bażijiet taċ-chewing gum;

vi) id-destrina bajda jew safra, il-lamtu nkaljat jew destrinat, il-lamtu modifikat bl-aċidu jew bi trattament alkalin, il-lamtu bbliċjat, il-lamtu fiżikament modifikat u l-lamtu trattat b'enzimi amilolitiċi;

vii) il-klorur ta' l-ammonja;

viii) il-plasma tad-demm, ***il-proteini tad-demm,*** il-ġelatina li tittiekel, il-proteini idrolisati u l-melħ tagħhom, *il-proteina tal-ħalib u l-glutina*;

ix) l-aċidi amminiċi u l-melħ tagħhom għajr għall-aċidu glutamiku, għall-gliċina, għas-*cysteine* u għaċ-ċistin u l-melħ tagħhom li m'għandhom l-ebda funzjoni teknoloġika;

x) il-kaseinati u l-kaseina;

xi) l-inulina;

b) "għajnuna għall-ipproċessar" tfisser kwalunkwe sustanza li:

i) ma tiġix ikkonsmata bħala ikel waħidha;

ii) tintuża intenzjonalment fl-ipproċessar ta' materjali, ta' ikel jew ta' l-ingredjenti tagħhom li mhumiex ipproċessati, biex jiġi sodisfatt ċertu skop teknoloġiku matul it-trattament jew l-ipproċessar; u

iii) ti sta' tirriżulta fil-preżenza mhux maħsuba, iżda li teknikament ma tistax tkun evitata fil-prodott finali, ta' residwi tas-sustanza jew tad-derivati tagħha, sakemm ma jippreżentawx kwalunkwe riskju għas-saħħa u ma jkollhom l-ebda effett teknoloġiku fuq il-prodott finali;

c) "klassi funzjonali" għandha tfisser waħda mill-kategoriji stabbiliti fl-Anness I li hija bbażata fuq il-funzjoni teknoloġika li jeżerċita addittiv ta' l-ikel fl-oġġett ta' l-ikel;

d) "ikel mhux ipproċessat" għandha tfisser ikel li ma jkunx għadda minn kwalunkwe trattament li jirriżulta f'bidla sostanzjali fl-istat oriġinali ta' l-ikel, għal liema skop, dawn li ġejjin b'mod partikolari ma jitqisux bħala li jirriżultaw f'bidla sostanzjali: il-qsim, il-ferqien, il-qtugħ, it-tneħħija ta' l-għadam, l-ikkapuljar, it-tqaxxir tal-ġilda, il-qtugħ tat-truf, it-tqaxxir tal-frott u l-ħxejjex bil-qoxra, it-tifrik, il-qtugħ, it-tindif, it-tirqim, id-*deep-freezing*, l-iffriżar, it-tkessiħ, it-tħin, it-tneħħija tal-ħliefa, l-ippakkjar jew il-ħruġ mill-pakketti;

e) "ikel bla zokkor miżjud" għandha tfisser ikel mingħajr dawn li ġejjin:

   i) kwalunkwe *monosaccharides* ***jew*** *disaccharides* ▌ *miżjuda*; jew

   ii) ikel li fih monosaccharides ***jew*** disaccharides ▌ li jintuża għall-proprjetajiet ta' ħlewwa tiegħu;

f) "ikel b'enerġija mnaqqsa" għandha tfisser ikel b'valur ta' enerġija mnaqqas b'mill-inqas 30 % meta mqabbel ma' l-ikel oriġinali jew ma' prodotti simili;

g) "sustanzi li jagħtu ħlewwa ta' fuq il-mejda" għandha tfisser preparazzjonijiet ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa permessi, li ji sta' jkollhom addittivi ta' l-ikel oħra u/jew ingredjenti ta' l-ikel oħra u li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali bħala sostituti għaz-***zokkriet***;

***h) ikel b'zokkor imnaqqas' għandu jfisser prodott ta' l-ikel li t-tnaqqis totali tal-kontenut tiegħu ta' monosaccharides u disaccharides huwa talanqas 30 % meta mqabbel ma' prodott simili***;

***i) "quantum satis" għandha tfisser li l-ebda livell massimu m'huwa speċifikat. Madankollu, l-addittivi għandhom jintużaw skond il-prattika tajba tal-manifattura, f'dożi li ma jkunux ogħla milli jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan maħsub u sakemm il-konsumatur ma jkunx żgwidat.***

## Kapitolu II

## Il-Listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel approvati

### Artikolu 4

### Il-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. L-addittivi ta' l-ikel li huma inklużi fil-lista Komunitarja fl-Anness II biss jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq bħala tali u jintużaw fl-ikel, inklużi l-oġġetti ta' l-ikel għal użi nutrizzjonali partikolari li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 89/398/KEE.

2. L-addittivi ta' l-ikel li huma inklużi fil-lista Komunitarja fl-Anness III biss jistgħu jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel u fl-enzimi ta' l-ikel.

3. L-elenkar ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-Anness II għandu jsir fuq il-bażi tal-kategoriji ta' l-ikel li magħhom jistgħu jiġu miżjuda.

4. L-elenkar ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-Anness III għandu jsir fuq il-bażi ta' l-addittivi ta' l-ikel jew ta' l-enzimi ta' l-ikel jew tal-kategoriji tagħhom li magħhom jistgħu jiġu miżjuda.

5. L-addittivi ta' l-ikel għandhom ikunu dejjem konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet kif jissemma taħt l-Artikolu 12.

### Artikolu 5

### Il-kondizzjonijiet ġenerali għall-inklużjoni u għall-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel fil-listi Komunitarji

1. Addittiv ta' l-ikel ji sta' jkun inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III biss jekk jilħaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, ma joħloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost;

b) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli***, f'sens ta' benefiċċji għall-konsumatur,*** li ma tistax tintlaħaq b'mezzi oħra li huma ekonomikament u teknoloġikament prattikabbli;

c) l-użu tiegħu ma jiżgwidax lill-konsumatur***;***

***d) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli, ma jkunx jippreżenta xi effetti ħżiena fuq l-ambjent matul kwalunkwe parti miċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

2. Biex jiġi inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III, addittiv ta' l-ikel irid ikollu vantaġġi u benefiċċji għall-konsumatur, u għalhekk jaqdi wieħed mill-iskopijiet li ġejjin jew aktar:

a) jippreserva l-kwalità nutrizzjonali ta' l-ikel;

b) jipprovdi l-ingredjenti jew il-kostitwenti meħtieġa għall-ikel li jkun manifatturat għal gruppi ta' konsumaturi bi bżonnijiet ta' dieta speċjali;

c) ikabbar il-kwalità jew l-istabbiltà taż-żamma ta' ikel jew itejjeb il-karatteristiċi organolettiċi tiegħu, sakemm in-natura, is-sustanza jew il-kwalità ta' l-ikel ma tinbidilx b'tali mod li tiżgwida lill-konsumatur; ***diżgwid lill-konsumatur tinkludi wkoll kwistjonijiet dwar il-freskezza u l-kwalità ta' l-ingredjenti użati, in-naturalezza tal-prodott u l-kontenut tiegħu ta' frott u ħaxix***;

d) jgħin fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar, fit-trasport jew fil-ħażna ta' l-ikel, sakemm l-addittiv ta' l-ikel ma jintużax biex jaħbi l-effetti ta' l-użu ta' materjali mhux ipproċessati li jkunu difettużi jew ta' kwalunkwe prattika jew teknika mhux mixtieqa, inkluża prattika jew teknika mhux iġjenika, matul kwalunkwe attività bħal din.

3. Bħala deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 2, addittiv ta' l-ikel li jnaqqas il-kwalità nutrizzjonali ta' ikel ji sta' jiġi inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II sakemm:

a) l-ikel ma jikkostitwixxix komponent sinifikanti ta' dieta normali; jew

b) l-addittiv ta' l-ikel huwa meħtieġ għall-produzzjoni ta' l-ikel għal gruppi ta' konsumaturi bi bżonnijiet ta' dieta speċjali.

***4. Ħlief għall-għarfien u għall-informazzjoni, li huma xieraq li jibqgħu kunfidenzjali, l-approvazzjoni ta' addittiv ta' l-ikel għandha tirreferi b'mod espliċitu u trasparenti għall-kunsiderazzjoni mogħtija lill-kriterji stipulati fil-paragrafi 1 sa 3, u għandha tispjega l-bażi tad-deċiżjoni finali.***

Artikolu 6

Il-kondizzjonijiet speċifiċi għas-sustanzi li jagħtu ħlewwa

Addittiv ta' l-ikel ji sta' jkun inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II għall-klassi funzjonali ta' sustanza li tagħti ħlewwa biss jekk, barra milli jintuża għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), jaqdi wkoll wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin:

a) jissostitwixxi z-zokkor għall-produzzjoni ta' ikel b'enerġija mnaqqsa, ta' ikel mhux karjoġeniku***, ikel b'zokkor imnaqqas*** jew ta' ikel bla zokkor miżjud;

▌

*(b)* jipproduċi ikel maħsub għal użi nutrizzjonali partikolari kif iddefinit fl-Artikolu 1 (2)(a) tad-Direttiva 89/398/KEE.

Artikolu 7

Il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-kuluri

Addittiv ta' l-ikel ji sta' jkun inkluż fil-lista Komunitarja fl-Anness II għall-klassi funzjonali ta' kulur biss jekk, barra milli jintuża għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2), jaqdi wkoll wieħed mill-iskopijiet li ġejjin:

a) jerġa' jagħti d-dehra oriġinali ta' l-ikel li l-kulur tiegħu ġie affettwat bl-ipproċessar, bil-ħażna, bl-ippakkjar u bid-distribuzzjoni, li fejn setgħet tgħarrqet l-aċċettabilità viżwali;

b) jagħmel l-ikel aktar attraenti għall-għajn;

c) jagħti l-kulur lill-ikel li kieku jkun bla kulur.

***Madankollu, m'għandu jkun hemm l-ebda riskju li l-addittiv jiżgwida lill-konsumaturi biex jemmnu li l-ikel ikun fih ingredjenti oħrajn minbarra dawk li fil-fatt ikunu hemm.***

Artikolu 8

Il-klassijiet funzjonali ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. L-addittivi ta' l-ikel jistgħu jiġu assenjati lil waħda mill-klassijiet funzjonali fl-Anness I fuq il-bażi tal-funzjoni teknoloġika prinċipali ta' l-addittiv ta' l-ikel.

L-allokazzjoni ta' addittiv ta' l-ikel fi klassi funzjonali m'għandhiex tipprekludih milli jintuża għal diversi funzjonijiet.

2. Fejn ikun meħtieġ, bħala riżultat tal-progress xjentifiku jew ta' l-iżvilupp teknoloġiku, jistgħu jiġu miżjuda klassijiet funzjonali addizzjonali għall-Anness I skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 28(2).

Artikolu 9

Il-kontenut tal-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. Skond il-proċedura li ġiet stabbilita fir-Regolament (KE) Nru…/*2008 [li jistabbilixxi proċedura komuni ta' awtorizzazzjoni għall-additivi ta'l-ikel, enżimi ta'l-ikel u/jew sustanzi għat-togħma ta' l-ikel*], addittiv ta' l-ikel li jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7, jista'jiġi inkluż fi:

a) il-lista Komunitarja fl-Anness II għar-Regolament preżenti; u/jew

b) il-lista Komunitarja fl-Anness III għar-Regolament preżenti.

2. L-inklużjoni ta' addittiv ta' l-ikel fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għandha tispeċifika:

a) l-isem ta' l-addittiv ta' l-ikel***, il-grupp ta' l-addittiv*** u l-kodiċi E ▌ jekk ikun ġie assenjat wieħed;

b) l-ikel ***u/jew l-addittivi ta' l-ikel u/jew l-enżimi ta' l-ikel u/jew is-sustanzi għat-togħma ta' l-ikel*** li ***magħhom*** ji sta' jiġi miżjud l-addittiv ta' l-ikel;

c) il-kondizzjonijiet li fihom ji sta' jintuża l-addittiv ta' l-ikel;

d) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni dwar il-bejgħ ta' l-addittiv ta' l-ikel direttament lill-konsumaturi jew le***;***

***e) l-addittivi ta' l-ikel l-oħrajn li ma jistgħux jintużaw flimkien ma' l-addittiv ta' l-ikel.***

3. Il-listi Komunitarji fl-Annessi II u III għandhom jiġu emendati skond il-proċedura li tissemma fir-Regolament (KE) Nru …/*2007* [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel].

Artikolu 10

Il-livelli ta' l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. Meta jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet ta' l-użu li jissemmew fl-Artikolu 9(2)(c):

a) il-livell ta' l-użu għandu jiġi ffissat fl-iktar livell baxx meħtieġ biex jinkiseb l-effett mixtieq;

b) il-livell għandu jqis:

i) kwalunkwe konsum aċċettabbli ta' kuljum, jew valutazzjoni ekwivalenti, li ġiet stabbilita għall-addittiv ta' l-ikel u l-konsum probabbli ta' kuljum tiegħu mis-sorsi kollha;

ii) fejn l-addittiv ta' l-ikel se jintuża fl-ikel li jittiekel minn gruppi speċjali ta' konsumaturi, il-konsum possibbli ta' kuljum ta' l-addittiv ta' l-ikel mill-konsumaturi f'dawk il-gruppi.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

***2. Jekk l-użu tan-nanoteknoloġija jkun awtorizzat, għandhom jiġu stabbiliti valuri ta' limitu separati għal dak il-għan skond il-paragrafu 1(a).***

3. Fejn ikun xieraq, m'għandu jiġi ffissat l-ebda livell massimu għal addittiv ta' l-ikel (quantum satis). F'dak il-każ, l-addittiv ta' l-ikel għandu jintuża skond ***id-definizzjoni stipulata fl-Artikolu 3(2)(i).***

4. Il-livelli massimi ta' l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel ***inkluż, jekk xieraq, f'forma dilwita,*** stabbiliti fl-Anness II japplikaw għall-ikel li huwa lest biex jittiekel**,** li jitħejja skond l-istruzzjonijiet għall-użu, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

5. Il-livelli massimi għall-kuluri stabbiliti fl-Anness II japplikaw għall-kwantitajiet ta' kostitwenti koloranti li hemm fil-preparazzjoni tas-sustanza koloranti, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Artikolu 11

L-addittivi ta' l-ikel li jaqgħu *fil-kamp ta' applikazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003

Addittiv ta' l-ikel ***magħmul minn, bi, jew permezz ta' organiżmi ġenetikament modifikati (GMOs) jew*** li jaqa' *fil-kamp ta' applikazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ***u li mhuwiex diġà inkluż fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III ta' dan ir-Regolament*** ji sta' jiġi inkluż ***f'dawk*** *il*-listi ***b'konformità ma'*** *dan ir*-Regolament ‖ biss ***jekk ikun kopert b'awtorizzazzjoni*** *skond l-Artikolu 7 tar*-Regolament (KE) Nru 1829/2003. ***Għandu jkollu tikketta ċara bil-kliem "magħmul bil-GMOs" jew "magħmul mill-GMOs" ħdejn ismu jew ħdejn in-Numru-E tiegħu.***

Artikolu 12

L-ispecifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel li jirrelataw, b'mod partikolari, ma' l-oriġini, il-kriterji tal-purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra, għandhom jiġu adottati meta l-addittiv ta' l-ikel ikun inkluż għall-ewwel darba fil-listi Komunitarji fl-Annessi II u III, skond il-proċedura li tissemma fir-Regolament *(KE) Nru …/2008 [*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel].

**Kapitolu III**

**L-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-ikel**

Artikolu 13

L-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel fl-ikel mhux ipproċessat

L-addittivi ta' l-ikel m'għandhomx jintużaw fl-ikel li mhux ipproċessat, ħlief fejn użu bħal dan ikun provdut speċifikament fl-Anness II.

Artikolu 14

L-uzu ta' kuluri u ta' sustanzi li jagħtu ħlewwa fl-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar

Kif jissemma fid-Direttiva 89/398/KEE, il-kuluri u s-sustanzi li jagħtu ħlewwa m'għandhomx jintużaw f'ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar, inkluż ikel tad-dieta għat-trabi u għat-tfal żgħar għal skopijiet mediċi speċjali, ħlief fejn ikun provdut speċifikament fl-Anness II għar-Regolament preżenti.

Artikolu 15

L-uzu ta' kuluri għall-immarkar

Il-kuluri ta' l-ikel li huma elenkati fl-Anness II għar-Regolament preżenti biss jistgħu jintużaw għall-iskop ta' mmarkar tas-saħħa kif provdut fid-Direttiva tal-Kunsill 91/497/KEE *tad-29 ta' Lulju 1991 li temenda u tik-konsolida d-Direttiva 64/433/KEE dwar problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju f'laħam frisk sabiex tiġi estiża għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk* [1] u għal immarkar ieħor meħtieġa fuq il-prodotti tal-laħam, għall-kuluri li jingħataw bħala tiżjin tal-qxur tal-bajd, u għall-istampar tal-qxur tal-bajd kif provdut fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru *557/2007 tat-23 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1028/2006 dwar standards għall-kummerċja-lizzazzjoni tal-bajd* [2].

Artikolu 16

Il-principju tat-trasferiment

1. Il-preżenza ta' addittiv ta' l-ikel għandha tkun permezz:

a) f'ikel kompost għajr minn kif jissemma fl-Anness II, fejn l-addittiv ta' l-ikel ikun permess f'wieħed mill-ingredjenti ta' l-ikel kompost;

b) f'ikel li *ġie miżjud* miegħu ***addittiv ta' l-ikel, enżima ta' l-ikel jew*** sustanza li tagħti togħma, fejn l-addittiv ta' l-ikel:

   i) huwa permess ***fl-addittiv ta' l-ikel, fl-enżima ta' l-ikel jew*** fis-sustanza li tagħti t-togħma skond dan ir-Regolament;

   ii) ġie trasferit fl-ikel permezz ***ta' l-addittiv ta' l-ikel, ta' l-enżima ta' l-ikel jew*** tas-sustanza li tagħti t-togħma;

   iii) m'għandu l-ebda funzjoni teknoloġika fl-ikel finali;

c) f'ikel li se jintuża biss fil-preparazzjoni ta' ikel kompost u sakemm l-ikel kompost ikun konformi ma' dan ir-Regolament.

2. Il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għanxu japplikax għall-formulae tat-trabi, għal formulae tal-prose-gwiment, għal ikel proċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u għal ikel għat-trabi u għal ikel tad-dieta għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar kif jissemma fid-Direttiva 89/398/KEE, ħlief fejn ikun provdut speċifikament.

3. Fejn addittiv ta' l-ikel f'sustanza li tagħti t-togħma, f'addittiv ta' l-ikel jew f'enzima ta' l-ikel jiġi miżjud ma' l-ikel u għandu funzjoni teknoloġika f'dak l-ikel, allura għandu jitqies bħala addittiv ta' l-ikel ta' dak l-ikel u mhux bħala addittiv ta' l-ikel tas-sustanza li tagħti t-togħma, ta' l-addittiv ta' l-ikel jew ta' l-enzima ta' l-ikel miżjuda.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-preżenza ta' sustanza qawwija li tagħti ħlewwa għandha tkun permessa f'ikel kompost bla zokkor miżjud, f'ikel kompost b'enerġija mnaqqsa, f'ikel kompost tad-dieta maħsub għal dieti b'ammont baxx ta' kaloriji, u f'ikel kompost li għandu perjodu twil qabel l-iska-denza, sakemm dik is-sustanza qawwija li tagħti ħlewwa tiġi permessa f'wieħed mill-ingredjenti ta' l-ikel kompost.

Artikolu 17

Deċiżjonijiet ta' interpretazzjoni

Fejn ikun meħtieġ, skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-Artikolu ***28(3)***, ji sta' jiġi deċiż jekk:

a) ikel partikolari jappartjenix lil kategorija ta' ikel li tissemma fl-Anness II ‖; jew

b) jintużax addittiv ta' l-ikel li huwa elenkat fl-Annessi II u III u li huwa permess fi "*quantum satis*" skond il-kriterji ta' l-Artikolu 10*(3)* ‖.

Artikolu 18

L-ikel tradizzjonali

L-Istati Membri li huma elenkati fl-Anness IV jistgħu jkomplu jipprojbixxu l-użu ta' ċerti kategoriji ta' addittivi ta' l-ikel f'ikel tradizzjonali li jiġi prodott fit-territorju tagħhom, kif elenkat f'dak l-Anness.

---

[1] ĠU L 268. ‖24.9.1991, p. 69. *Direttiva kif emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).*

[2] *ĠU L 132, 24.5.2007, p. 5.*

## Kapitolu IV

## L-ittikkettar

### TAQSIMA 1

L-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

### Artikolu 19

L-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

L-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba biex jinbiegħu lill-konsumatur finali, kemm jekk jinbiegħu wieħed wieħed u kemm jekk imħalltin flimkien u/jew ma' ingredjenti kif iddefinit fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2000/13/KE, jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom jew il-kontenituri tagħhom għandhom fuqhom l-informazzjoni provduta fl-Artikoli 20 sa 23 ta' dan ir-Regolament, li trid tkun tidher faċilment, li ti sta' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx.

### Artikolu 20

Ir-rekwiziti ta' l-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. Fejn l-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jinbiegħu wieħed wieħed jew imħalltin ma' xulxin, l-ippakkjar jew il-kontenituri tagħhom għandu jkollhom fuqhom l-informazzjoni li ġejja fejn għandu x'jaqsam kull addittiv ta' l-ikel:

a) l-isem u/jew il-kodiċi E tiegħu stabbiliti f'dan ir-Regolament; jew

b) fin-nuqqas ta' isem u/jew ta' kodiċi E, kif jissemma fil-punt (a), deskrizzjoni ta' l-addittiv ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwih minn prodotti oħra li wieħed ji sta' jfixkilhom miegħu.

2. Fejn l-addittivi ta' l-ikel jinbiegħu mħalltin ma' xulxin, għandha tingħata l-informazzjoni provduta fil-paragrafu 1 fejn għandu x'jaqsam kull addittiv ta' l-ikel, f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tiegħu skond il-piż tat-total.

### Artikolu 21

Ir-rekwiżiti ta' l-informazzjoni fejn sustanzi, materjali jew ingredjenti ta' l-ikel oħra jkunu inkorporati fl-addittivi ta' l-ikel

Fejn sustanzi, materjali jew ingredjenti ta' l-ikel għajr għall-addittivi ta' l-ikel ikunu inkorporati f'addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali biex jiffaċilitaw il-ħażna, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwizzjoni jew it-taħlil tagħhom, l-ippakkjar, il-kontenituri jew id-dokumenti mehmuża ta' l-addittivi ta' l-ikel għandu jkollu fuqhom l-informazzjoni provduta fl-Artikolu 20 kif ukoll indikazzjoni ta' kull komponent, f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tiegħu skond il-piż tat-total.

### Artikolu 22

Ir-rekwiżiti ta' l-informazzjoni fejn l-addittivi ta' l-ikel jiġu mħallta ma' ingredjenti oħra ta' l-ikel

Fejn l-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jiġu mħallta ma' ingredjenti ta' l-ikel oħra, l-ippakkjar jew il-kontenituri ta' l-addittivi ta' l-ikel għandu jkollu fuqu lista tal-komponenti kollha f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħhom skond il-piż tat-total.

### Artikolu 23

Ir-rekwiżiti ġenerali ta' l-informazzjoni għall-addittivi ta' l-ikel

1. L-ippakkjar jew il-kontenituri ta' l-addittivi ta' l-ikel li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali għandu jkollu fuqu l-informazzjoni li ġejja:

a) id-dikjarazzjoni jew "għall-użu fl-ikel' jew id-dikjarazzjoni" użu ristrett fl-ikel' jew referenza aktar speċifika dwar l-użu maħsub tagħhom fl-ikel;

b) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali tal-ħażna u ta' l-użu;

c) l-istruzzjonijiet għall-użu, jekk l-ommissjoni tagħhom għandha tipprekludi l-użu xieraq ta' l-addittiv ta' l-ikel;

d) marka li tidentifika l-grupp jew il-lott;

e) l-isem jew l-isem u l-indirizz kummerċjali tal-manifattur, ta' minn jippakkja jew tal-bejjiegħ;

f) fejn komponent ta' l-addittiv ta' l-ikel ikun soġġett għal limitu fuq il-kwantità fl-ikel, indikazzjoni tal-persentaġġ ta' dak il-komponent ta' l-addittiv ta' l-ikel jew informazzjoni biżżejjed dwar il-kompożizzjoni ta' l-addittiv ta' l-ikel biex ix-xerrej ikun ji sta' jiżgura l-konformità mal-limitu fuq il-kwantità fl-ikel; fejn l-istess limitu fuq il-kwantità japplika għal grupp ta' komponenti li jintużaw wieħed wieħed jew f'taħlita, il-persentaġġ kombinat ji sta' jingħata bħala figura waħda; il-limitu fuq il-kwantità għandu jkun espress jew numerikament jew skond il-prinċipju *quantum satis*;

g) il-kwantità netta;

h) fejn ikun rilevanti, l-informazzjoni dwar l-addittiv ta' l-ikel jew sustanzi oħra li jissemmew fl-Artikoli 20, 21 u 22 tar-Regolament preżenti u li huma elenkati fl-Anness IIIa għad-Direttiva 2000/13/KE, fejn jikkonċerna l-indikazzjoni ta' l-ingredjenti li huma preżenti fl-oġġetti ta' l-ikel***;***

***i) id-data sa liema il-prodott jibqa' tajjeb.***

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni meħtieġa fil-punti (c) sa (f) u l-***punti*** (h) ***u (i)*** ta' dak il-paragrafu ti sta' tidher biss fuq id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-kunsinna li għandhom jiġu provduti ma' jew qabel il-kunsinna, sakemm l-indikazzjoni "maħsub għall-manifattura ta' l-ikel u mhux għall-bejgħ bl-imnut" tidher fuq parti li tidher faċilment tal-pakkett jew tal-kontenitur tal-prodott konċernat.

***3. B'deroga mir-rekwiżiti ta' tikkettar u ta' informazzjoni ta' l-Artikoli 19 sa 22, u tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għal kunsinni kbar l-informazzjoni kollha ti sta' tidher fuq id-dokumenti li jkunu mal-kunsinna li jridu jingħataw mal-kunsinna jew qabilha.***

## TAQSIMA 2

## L-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

### Artikolu 24

### L-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-addittivi ta' l-ikel li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom fih l-informazzjoni li ġejja, li trid tkun tidher faċilment, ti sta' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx:

a) l-isem li taħtu jinbiegħ l-addittiv ta' l-ikel; dak l-isem għandu jkun magħmul mill-isem stabbilit minn kwalunkwe dispożizzjoni Komunitarja li tapplika għall-addittiv ta' l-ikel konċernat u għall-kodiċi E tiegħu;

b) l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikoli 20, 21 u 22 u l-punti (a) sa (e), (g) u (h) ta' l-Artikolu 23(1).

2. Id-deskrizzjoni tal-bejgħ ta' sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda għandha tinkludi t-terminu "sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda bbażata fuq…", fejn jintuża l-isem(ismijiet) tas-sustanza(i) li tagħti (jagħtu) ħlewwa użata(i) fil-kompożizzjoni tagħha.

3. L-ittikkettar ta' sustanza li tagħti ħlewwa ta' fuq il-mejda li fiha l-polioli u/jew l-aspartame u/jew il-melħ ta' l-aspartame-acesulfame għandu jkollu fuqu t-twissijiet li ġejjin:

a) polioli: "konsum żejjed ji sta' jwassal għal effetti lassattivi";

b) aspartame/melħ ta' l-aspartame-acesulfame: "fih sors ta' fenilalanin".

***4. L-ittikkettar ta' l-addittivi ta' l-ikel li fih kuluranti ażojċi (azo-dyes) għandu jkun fih it-twissija "kuluranti ażojċi jistgħu jikkawżaw effetti allerġeniċi".***

TAQSIMA 3

Rekwiżiti oħrajn ta' l-ittikkettar

Artikolu 25

Rekwiżiti oħrajn ta' l-ittikkettar

1. L-Artikoli 19 sa 24 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi aktar dettaljati jew aktar estensivi dwar il-piżijiet u l-qisien jew li japplikaw għall-preżentazzjoni, għall-klassifikazzjoni, għall-ippakkjar u għall-ittikkettar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi, jew li japplikaw għat-trasport ta' sustanzi bħal dawn.

2. L-informazzjoni provduta fl-Artikoli 19 sa 24 għandha tkun f'lingwa li tiftiehem faċilment mix-xerrejja.

Skond it-Trattat, l-Istat Membru fejn il-prodott jiġi *kummerċjalizzat* ji sta', fit-territorju tiegħu stess, jistipula li din l-informazzjoni tiġi pprovduta b'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità, li għandha tiġi ddeterminata minn dak l-Istat Membru. L-ewwel u t-tieni *sub*paragrafi ta' dan il-paragrafu m'għandhomx jipprekludu li informazzjoni bhal din tiġi indikata f'diversi lingwi.

## Kapitolu V

## Id-dispożizzjonijiet proċedurali u l-implimentazzjoni

Artikolu 26

L-obbligu ta' l-informazzjoni

1. Produttur jew utent ta' addittiv ta' l-ikel għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li ti sta' taffettwa l-valutazzjoni tas-sigurtà ta' l-addittiv ta' l-ikel.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, produttur jew utent ta' addittiv ta' l-ikel għandu jinformaha dwar l-użu effettiv ta' l-addittiv ta' l-ikel.

Artikolu 27

Il-*monitoraġġ* tal-konsum ta' l-addittiv ta' l-ikel

1. L-Istati Membri għandhom iżommu sistemi biex jimmonitorjaw il-konsum u l-użu ta' l-addittivi ta' l-ikel ***b'approċċ ibbażat fuq ir-riskju*** u għandhom jirrapportaw is-sejbiet tagħhom kull sena lill-Kummissjoni u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn "il quddiem ‖'l-Awtorità").

2. Skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija fl-*Artikolu ***28(3)***, wara li l-Awtorità tkun ġiet ikkonsultata, tista' tiġi adottata metodoloġija komuni biex tinġabar informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-konsum fid-dieta ta' l-addittivi ta' l-ikel fil-Komunità.

Artikolu 28

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali (‖ minn hawn 'il quddiem *imsejjaħ* "il-Kumitat").

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, *b'kunsiderazzjoni tad*-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun iffissat għal tliet xhur.

***3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***

‖

Artikolu 29

Il-finanzjament Komunitarju tal-politika armonizzata

Il-bażi legali għall-finanzjament tal-miżuri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament hija l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

## Kapitolu VI

## Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Artikolu 30

It-twaqqif tal-listi Komunitarji ta' l-addittivi ta' l-ikel

1. L-addittivi ta' l-ikel li kienu permessi biex jintużaw fl-ikel *skond* id-Direttivi 94/35/KE, 94/36/KE u 95/2/KE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandhom jiġu inklużi fl-Anness II għar-Regolament preżenti, wara reviżjoni tal-konformità tagħhom ma' l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament preżenti skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-***Artikolu 28(3)***. Din ir-reviżjoni *m'għandhiex* tinkludi *evalwazzjoni* tar-riskju ġdida li titwettaq mill-Awtorità. Ir-reviżjoni għandha titlesta sa […].

2. L-addittivi ta' l-ikel li huma awtorizzati biex jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel bħala ġarriera permessi fl-Anness V għad-Direttiva 95/2/KE u l-kondizzjonijiet ta' l-użu tagħhom għandhom ikunu inklużi fil-Parti 1 ta' l-Anness III għal dan ir-Regolament, wara reviżjoni tal-konformità tagħhom ma' l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-***Artikolu 28(3)***. Din ir-reviżjoni *m'għandhiex* tinkludi *evalwazzjoni* tar-riskju ġdida li titwettaq mill-Awtorità. Ir-reviżjoni għandha titlesta sa […].

3. Skond ir-Regolament *(KE) Nru …/2008[*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel*]*, għandhom ikunu adottati l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-addittivi ta' l-ikel li huma koperti taħt il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, fil-waqt li dawk l-addittivi ta' l-ikel jiġu inklużi fl-Annessi skond dawk il-paragrafi.

4. Ti sta' tiġi adottata kwalunkwe miżura tranżitorja xierqa skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-Artikolu ***28(3)***.

Artikolu 31

L-evalwazzjoni mill-ġdid ta' l-addittivi ta' l-ikel approvati

1. L-addittivi ta' l-ikel li kienu ***fis-suq fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iżda li ma ġewx riveduti u li ngħataw opinjoni pożittiva mill-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel jew mill-Awtorità*** għandhom ikunu soġġetti għal *evalwazzjoni* ta' riskju ġdida li titwettaq mill-Awtorità. ***Dawn l-addittivi għandhom jitħallew fis-suq sakemm l-Awtorità twettaq l-evalwazzjoni ta' riskju ġdida.***

***2. L-evalwazzjoni tar-riskju ta' l-Awtorità għandha tifforma parti mir-reviżjoni li għandha ssir mill-Kummissjoni, megħjuna mill-Kumitat, ta' l-addittivi kollha ta' l-ikel li ġew approvati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Din ir-reviżjoni għandha ssir fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament, u fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tal-konsum u ta' l-immaniġġjar tar-riskju.***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

***L-addittivi kollha ta' l-ikel li se jkomplu jiġu awtorizzati fil-Komunità għandhom jiġu trasferiti għal-listi Komunitarji fl-Annessi II u III. L-Anness III għandu jitkompla permezz ta' l-addittivi l-oħra ta' l-ikel li jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel u enżimi u l-kundizzjonijiet ta' l-użu tagħhom b'konformità mar-Regolament (KE) Nru …/2007 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enżimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu togħma lill-ikel]. Biex ikun hemm perjodu tranżitorju xieraq, id-dispożizzjonijiet fl-Anness III, għajr għad-dispożizzjonijiet dwar il-ġarriera għall-addittivi ta' l-ikel, m'għandhomx japplikaw sa [l-1.1.2011].***

***Ir-reviżjoni għandha ssir fuq il-bażi ta' programm ta' evalwazzjoni li għandu jiġi adottat, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità,*** *sa* … ([1]), skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-**Artikolu 28(3)**. Il-programm ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

***3. Wara li l-programm ta' evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ikun twettaq, u wara li tkun saret konsultazzjoni ma' l-Awtorità, għandu jiġi adottat programm ġdid ta' evalwazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet li jsiru skond dan ir-Regolament. Dan il-programm ġdid ta' evalwazzjoni għandu jkun adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 28(3) u għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.***

***4. Addittivi ta' l-ikel u użi li m'għadhomx attwali għandhom jitneħħew mill-Annessi meta tiġi riveduta l-awtorizzazzjoni.***

Artikolu 32

Ir-revoki

1. L-atti li ġejjin qed jiġu revokati:

(a) Id-Direttiva 62/2645/KEE;

‖

*(b)* Id-Direttiva 78/663/KEE;

*(c)* Id-Direttiva 78/664/KEE;

*(d)* Id-Direttiva 81/712/KEE;

*(e)* Id-Direttiva 89/107/KEE;

*(f)* Id-Direttiva 94/35/KE;

*(g)* Id-Direttiva 94/36/KE;

*(h)* Id-Direttiva 95/2/KE;

*(i)* Id-Deċiżjoni Nru 292/97/KE;

*(j)* Id-Deċiżjoni 2002/247/KE.

2. Ir-referenzi għall-atti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Id-dispożizzjonijiet tranżitorji

Bħala deroga mill-Artikolu 32, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom ikomplu japplikaw sa […]:

a) l-Artikolu 2 (1), (2) u (4) tad-Direttiva 94/35/KE u l-Anness għaliha;

b) l-Artikolu 2(1) sa (6), (8), (9) u (10) tad-Direttiva 94/36/KE u l-Annessi I sa V għaliha;

c) l-Artikoli 2 u 4 tad-Direttiva 95/2/KE u l-Annessi I sa VI għaliha.

([1]) *Sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Minkejja l-punt (c), l-awtorizzazzjonijiet għall-Invertase E 1103 u għal-Lysozyme E 1105, li ġew stabbiliti fid-Direttiva 95/2/KE, ġew revokati b'seħħ mid-data ta' l-applikazzjoni tal-lista Komunitarja dwar l-enzimi ta' l-ikel, skond l-Artikolu 18 tar-Regolament *Nru …/2007* [dwar l-enzimi ta' l-ikel].

Artikolu 34

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika minn … ([1]).

Madankollu, l-Artikolu 4(2) għandu japplika għall-Partijiet 2 u 3 ta' l-Anness III mill-[1 ta' Jannar 2011]

***Ikel li m'huwiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament iżda li kien magħmul skond il-liġi Komunitarja ji sta' jibqa' jiġi promoss kummerċjalment sakemm ma jintemm il-perjodu ta' l-iskadenza tiegħu.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

([1]) *ĠU: Sena wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

*L-ANNESS I*

IL-KLASSIJIET FUNZJONALI TA' L-ADDITTIVI TA' L-IKEL F'L-IKEL U TA' L-ADDITTIVI TA' L-IKEL FL-ADDITTIVI TA' L-IKEL U FL-ENZIMI TA' L-IKEL

1. "sustanzi li jagħtu ħlewwa" huma sustanzi (sustanzi li jagħtu ħlewwa bil-kwantità u sustanzi qawwija li jagħtu ħlewwa) li jintużaw biex jagħtu togħma ħelwa lill-ikel jew f'sustanzi li jagħtu ħlewwa ta' fuq il-mejda;

2. "kuluri" huma sustanzi li jżidu jew jerġgħu jagħtu l-kulur fl-ikel, u jinkludu kostitwenti naturali ta' l-ikel u sorsi naturali li normalment ma jkunux ikkonsmati bħala ikel u li normalment ma jintużawx bħala ingredjenti karatteristiċi ta' l-ikel. Il-preparazzjonijiet li jinkisbu mill-ikel u minn materjali ta' sorsi naturali oħra li jinkisbu mill-estrazzjoni fiżika u/jew kimika li tirriżulta f'estrazzjoni selettiva tal-pigmenti b'mod relattiv għal mal-kostitwenti nutrittivi jew aromatiċi, huma kuluri fit-tifsira ta' dan ir-Regolament;

3. "preservattivi" huma sustanzi li jtawlu l-perjodu ta' qabel l-iskadenza ta' l-ikel billi jipproteġuh kontra d-deterjorazzjoni kkawżata mill-mikroorganiżmi;

4. "antiossidanti" huma sustanzi li jtawlu l-perjodu ta' qabel l-iskadenza ta' l-ikel billi jipproteġuh mid-deterjorazzjoni kkawżata mill-ossidazzjoni, bħal snuħija tax-xaħam u tibdiliet fil-kulur;

5. "ġarriera", huma sustanzi li jintużaw biex idewbu, jiddilwaw, iferrxu jew inkella jimmodifikaw fiżikament b'xi mod ieħor addittiv ta' l-ikel jew sustanza li tagħti togħma, *enżima* ta' l-ikel, ***nutrijent u/jew sustanza oħra miżjuda għal raġunijiet nutrittivi jew fiżjoloġiċi ma' prodott ta' l-ikel (jew ma' ikel u/jew ma' suppliment ta' l-ikel)*** mingħajr ma jbiddlu l-funzjoni tiegħu (u mingħajr ma jeżerċitaw l-ebda effett teknoloġiku huma nfushom) biex jiffaċilitaw l-immaniġġjar, l-applikazzjoni jew l-użu tiegħu;

6. "aċidi" huma sustanzi li jżidu l-aċidità ta' oġġett ta' l-ikel u/jew jagħtuh togħma qarsa;

7. "regolaturi ta' l-aċidità" huma sustanzi li jbiddlu jew jikkontrollaw l-aċidità jew l-alkalinità ta' oġġett ta' l-ikel;

8. "aġenti ta' kontra t-tgħaqid" huma sustanzi li jnaqqsu t-tendenza tal-partiċelli individwali ta' oġġett ta' l-ikel milli jeħlu ma' xulxin;

9. "aġenti għal kontra r-ragħwa" huma sustanzi li jipprevjenu jew inaqqsu r-ragħwa;

10. "aġenti li jagħtu l-massa" huma sustanzi li jikkontribwixxu għall-volum ta' oġġett ta' l-ikel mingħajr ma jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-valur ta' l-enerġija disponibbli tiegħu;

11. "emulsjonanti" huma sustanzi li jagħmluha possibbli li tkun ifformata jew li tinżamm taħlita omoġenja ta' żewġ fażijiet jew iktar li ma jitħalltux bħaż-żejt u l-ilma f'oġġett ta' l-ikel;

12. "melħ emulsifikat" huma sustanzi li jaqilbu l-proteini fil-ġobon f'forma mxerrda, u b'hekk ikun hemm distribuzzjoni omoġenja ta' xaħam u komponenti oħra;

13. "aġenti li jissodaw" huma sustanzi li jagħmlu jew iżommu t-tessuti tal-frott jew tal-ħaxix sod jew iqar-meċ, jew jinteraġixxu ma' aġenti li jgħaqqdu biex jipproduċu jew isaħħu ġel;

14. "sustanzi li jtejbu t-togħma" huma sustanzi li jtejbu t-togħma u/jew ir-riħa eżistenti ta' oġġett ta' l-ikel;

15. "aġenti li jagħmlu r-ragħwa" huma sustanzi li jagħmluha possibbli li jkun ifformat tixrid omoġenju ta' fażi gassuża f'oġġett ta' l-ikel likwidu jew solidu;

16. "aġenti li jgħaqqdu" huma sustanzi li jagħtu lill-oġġett ta' l-ikel konsistenza bil-formazzjoni ta' ġel;

17. "aġenti għall-igglejżjar" (inkluż lubrikanti) huma sustanzi li, meta jkunu applikati fuq is-superfiċje ta' barra ta' oġġett ta' l-ikel, jagħtu dehra tleqq jew jipprovdu kisja ta' protezzjoni;

18. "humectants" huma sustanzi li ma jħallux l-ikel jinxef billi jopponu l-effett ta' atmosfera li għandha grad baxx ta' umdità, jew jippromwovu t-taħlil ta' trab f'mezz milwiem;

19. "lamti modifikati" huma sustanzi li jinkisbu permezz ta' trattament kimiku wieħed jew iktar ta' lamti li jittieklu, li setgħu għaddew minn trattament fiżiku jew enzimatiku, u li ji sta' jkun imraqqa jew ibbliċjati b'aċidu jew b'alkali;

20. "gassijiet ta' l-ippakkjar" huma gassijiet għajr l-arja, li jiġu introdotti f'kontenitur qabel, matul jew wara t-tqegħid ta' oġġett ta' l-ikel f'dak il-kontenitur;

21. "propellanti" huma gassijiet għajr l-arja li jixħtu 'il barra oġġett ta' l-ikel minn kontenitur;

22. "aġenti li jgħollu" huma sustanzi jew taħlit ta' sustanzi li jilliberaw gass u b'hekk iżidu l-volum ta' għaġina jew ta' taħlita ta' dqiq, bajd eċċ.;

23. "sekwestranti" huma sustanzi li jifformaw komplessi kimiċi b'jonji metalliċi;

24. "stabilizzaturi" huma sustanzi li jagħmluha possibbli li jinżamm l-istat fiżiku-kimiku ta' oġġett ta' l-ikel; l-istabbilizzaturi jinkludu sustanzi li jippermettu li jinżamm tixrid omoġenju ta' żewġ sustanzi jew aktar li ma jitħalltux f'oġġett ta' l-ikel, sustanzi li jistabbilizzaw, iżommu jew jintensifikaw kulur eżistenti ta' oġġett ta' l-ikel, u sustanzi li jżidu l-kapaċità ta' taqħqid ta' l-ikel, inkluża l-formazzjoni ta' rabtiet bejn il-proteini li jippermettu t-tagħqid ta' biċċiet ta' l-ikel f'ikel rikostitwit.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

25. "sustanzi li jħaxxnu" huma sustanzi li jkabbru l-viskożità ta' oġġett ta' l-ikel;

26. "sustanzi li jittrattaw id-dqiq" huma sustanzi, għajr għall-emulsjonanti, li jiġu miżjuda mad-dqiq jew ma' l-għaġina sabiex itejbu l-kwalità tal-ħami tiegħu.

---

*L-ANNESS II*

Il-lista Komunitarja ta' l-addittivi ta' l-ikel approvati biex jintużaw fl-ikel, u l-kondizzjonijiet ta' l-użu

---

*L-ANNESS III*

Il-lista Komunitarja ta' l-addittivi ta' l-ikel approvati biex jintużaw fl-addittivi ta' l-ikel***;*** fl-enzimi ta' l-ikel ***u fis-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel***, u l-kondizzjonijiet ta' l-użu

Parti 1 Il-ġarriera fl-addittivi ta' l-ikel***, fl-enzimi ta' l-ikel u fis-sustanzi li jagħtu togħma lill-ikel***

Parti 2 L-addittivi għajr għall-ġarriera fl-addittivi ta' l-ikel***, fl-enzimi ta' l-ikel u fis-sustanzi li jagħtu togħma lill-ikel***

***Parti 3 Addittivi f'sustanzi li jagħtu togħma***

***Parti 4 Ġarriera fin-nutrijenti***

---

*L-ANNESS IV*

L-IKEL TRADIZZJONALI LI GĦALIH ĊERTI STATI MEMBRI JISTGĦU JKOMPLU JIPPROJBIXXU L-UŻU TA' ĊERTI KATEGORIJI TA' ADDITTIVI TA' L-IKEL

| L-Istat Membru | L-ikel | Il-kategoriji ta' l-addittivi li jistgħu jkomplu jiġu pprojbiti b'mod uffiċjali |
|---|---|---|
| Il-Ġermanja | Il-birra tradizzjonali Ġermaniża ("Bier nach deutschem Reinheitsgebot gebraut") | Kollha għajr il-gassijiet propellanti |
| Franza | Il-ħobż tradizzjonali Franċiż | Kollha |
| Franza | It-tartuf tradizzjonali Franċiż ippreservat | Kollha |
| Franza | Il-bebbux tradizzjonali Franċiż ippreservat | Kollha |
| Franza | Il-priservijiet tradizzjonali Franċiżi tal-wiżż u tal-papri ("confit") | Kollha |
| L-Awstrija | Il-"Bergkäse" tradizzjonali Awstrijak | Kollha ħlief il-preservattivi |
| Il-Finlandja | Il-"Mämmi" tradizzjonali Finlandiż | Kollha ħlief il-preservattivi |
| L-Iżvezja<br>Il-Finlandja | Il-ġuleppijiet tal-frott tradizzjonali Svediżi u Finlandiżi | Il-kuluri |
| Id-Danimarka | Il-"Kødboller" tradizzjonali Daniż | Il-preservattivi u l-kuluri |
| Id-Danimarka | Il-"Leverpostej" tradizzjonali Daniż | Il-preservattivi (għajr l-aċidu żorbiku) u l-kuluri |
| Spanja | Il-"Lomo embuchado" tradizzjonali Spanjol | Kollha ħlief il-preservattivi u l-antiossidanti |
| L-Italja | Il-"Mortadella" tradizzjonali Taljana | Kollha ħlief il-preservattivi, l-antiossidanti, l-aġenti li jaġġustaw il-pH, is-sustanzi li jtejbu t-togħma, l-istabilizzaturi u l-gass ta' l-ippakkjar |
| L-Italja | Il-"Cotechino e zampone" tradizzjonali Taljan | Kollha ħlief il-preservattivi, l-antiossidanti, l-aġenti li jaġġustaw il-pH, is-sustanzi li jtejbu t-togħma, l-istabilizzaturi u l-gass ta' l-ippakkjar |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

**P6_TA(2007)0322**

## L-enzimi ta' l-ikel ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-enzimi ta' l-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE (COM(2006)0425 — C6-0257/2006 — 2006/0144(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0425) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 37 u 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0257/2006),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi leġali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0177/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha ma' test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikat fil-ĠU.

**P6_TC1-COD(2006)0144**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2008* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-enzimi ta' l-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, *ir-Regolament (KE) Nru 258/97*, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, u -Direttiva *tal-Kunsill* 2001/112/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li *kkunsidraw it-Trattat* li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-***Artikolu 95*** tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ‖ ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

*Filwaqt* li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

([1]) *ĠU C 168, 20.7.2007, p.34.*
([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2007.*

Billi:

(1) Il-moviment liberu ta' ikel mhux perikoluż u sustanzjuż huwa aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-saħħa u għall-benesseri taċ-ċittadini, u għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.

(2) Livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem għandu jiġi żgurat biex titwettaq il-politika tal-Komunità.

(3) L-enzimi, għajr għal dawk li jintużaw bħala addittivi ta' l-ikel, bħalissa mhumiex irregolati jew huma rregolati bħala għajnuniet għall-ipproċessar taħt il-leġiżlazzjoni ta' l-Istati Membri. Id-differenzi bejn il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali dwar l-*evalwazzjoni* u l-awtorizzazzjoni ta' l-enzimi ta' l-ikel ▌ *ifixklu* l-moviment *ħieles* tagħhom, waqt li jinħolqu *kundizzjonijiet* għal kompetizzjoni *inugwali* u inġusta. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu adottati regoli Komunitarji li jarmonizzaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel.

(4) Dan ir-Regolament għandu jkopri biss l-enzimi li jiġu miżjuda ma' l-ikel biex iwettqu funzjoni teknoloġika fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar, fit-trasport jew fil-ħażna ta' ikel bħal dan, inklużi l-enzimi li jintużaw bħala għajnuniet għall-ipproċessar ("enzimi ta' l-ikel"). L-ambitu ta' dan ir-Regolament, għalhekk, m'għandux jestendi għal enzimi li ma jiġux miżjuda ma' l-ikel biex iwettqu funzjoni teknoloġika iżda li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem, bħall-enzimi bi skopijiet *nutrittivi* ***jew diġestivi***. Il-*kulturi* tal-mikrobi li tradizzjonalment jintużaw fil-produzzjoni ta' ikel bħall-ġobon u l-inbid, u li ji sta' jkun fihom l-enzimi iżda li ma jintużawx speċifikament biex jipproduċuhom, m'għandhomx jitqiesu bħala enzimi ta' l-ikel.

(5) L-enzimi ta' l-ikel li jintużaw esklużivament fil-produzzjoni ta' l-addittivi ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament *(KE) Nru… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…[*dwar l-addittivi ta' l-ikel*]* [1], tas-sustanzi li jagħtu t-togħma li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament *(KE) Nru… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …[dwar is-sustanzi li jagħtu t-togħma u dwar ċerti ingredjenti ta'l-ikel li jistgħu jagħtu t-togħma għall-użu fil-u fuq l-ikel]* [1] u ‖ikel ġdid li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti ta' l-ikel il-ġdid [2] għandhom ikunu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament, peress li s-sigurtà ta' dan l-ikel diġà ġiet ivvalutata u rregolata. Madankollu, meta dawn l-enzimi ta' l-ikel jintużaw bħala tali ta' l-ikel, ikunu minn dan ir-Regolament. *Ir-Regolament (KE) Nru 258/97 għandu għalhekk jiġi emendat.*

(6) L-enzimi ta' l-ikel għandhom ikunu approvati u użati biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-enzimi ta' l-ikel *iridu* jkunu *mingħajr* periklu meta jintużaw, *irid* ikun hemm ħtieġa teknoloġika għall-użu tagħhom, ▌ l-użu tagħhom *ma jridx* jiżgwida lill-konsumatur, ***u l-użu tagħhom irid ikun ta' benefiċċju għall-konsumatur. Diżgwid lill-konsumatur jinkludi, iżda m'huwiex limitat għal kwistjonijiet dwar in-natura, il-freskezza u l-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew il-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

(7) Uħud mill-enzimi ta' l-ikel jiġu permessi għal użi speċifiċi, bħal fil-meraq tal-frott u f'ċerti prodotti simili u f'ċerti lattoproteini maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal ċerta prattika u ċerti proċessi enoloġiċi li ġew awtorizzati. Dawk l-enzimi ta' l-ikel għandhom jintużaw skond dan ir-Regolament u skond id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ġew stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti. Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE ta' l-20 ta' Diċembru 2001 li tirrigwarda l-meraq tal-frott u ċerti prodotti simili maħsuba għall-konsum uman [3], id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE tal-25 ta' Lulju 1983 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem [4] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, [5] għalhekk għandhom jiġu emendati skond dan.

(1) *ĠU L ….*
(2) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
(3) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 58.
(4) ĠU L 237, 26.8.1983, p. 25. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).
(5) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru *1791/2006* (ĠU L *363, 20.12.2006*, p. 1).

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

(8) L-enzimi ta' l-ikel li l-użu tagħhom huwa permess fil-Komunità għandhom jidħru f'lista Komunitarja li għandha tiddeskrivi l-enzimi b'mod ċar, tispeċifika kwalunkwe kondizzjoni li tirregola l-użu tagħhom u tkun supplimentata bl-ispeċifikazzjonijiet, b'mod partikolari dwar l-oriġini tagħhom u dwar il-kriterji ta' purità. Fejn l-enzima ta' l-ikel ‖ ***tiġi manifatturata bi jew minn*** organiżmu modifikat ġenetikament ("GMO") fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u t-tikkettar *ta'* organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta prodotti *ta'* l-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE [1], l-identifikatur uniku assenjat lill-GMO taħt dak ir-Regolament għandu wkoll jiġi inkluż fl-ispeċifikazzjonijiet.

(9) *Bil-għan li jkun* hemm armonizzazzjoni, *l-evalwazzjoni* tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel u l-inklużjoni tagħhom fil-lista Komunitarja għandhom isiru skond ***il-prinċipju ta' prekawzjoni u*** skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru […] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […] *[*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel*]* [2].

(10) *Skond* ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [3], l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-ikel ("l-Awtorità") għandha tkun ikkonsultata dwar kwistjonijiet li hemm probabbiltà li se jaffettwaw is-saħħa pubblika.

(11) Enzima ta' l-ikel ***ġejja minn organiżmu*** li taqa' *fil-kamp ta' applikazzjoni* tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [4] għandha tiġi awtorizzata skond dak ir-Regolament, qabel ***jew fl-istess ħin ma' l-awtorizzazzjoni*** taħt dan ir-Regolament.

(12) Enzima ta' l-ikel li diġà hija inkluża fil-lista Komunitarja taħt dan ir-Regolament u ppreparata b'metodi ta' produzzjoni jew minn materjali tal-bidu li huma differenti b'mod sinifikanti minn dawk koperti mill-valutazzjoni tar-riskju ta' l-Awtorità, jew li huma differenti minn dawk koperti mill-awtorizzazzjoni u mill-ispeċifikazzjonijiet taħt dan ir-Regolament, għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità biex issirilha evalwazzjoni, b'enfażi fuq l-ispeċifikazzjonijiet. Metodi ta' produzzjoni jew materjali tal-bidu li huma differenti b'mod sinifikanti ti sta' tfisser bidla fil-metodu ta' produzzjoni, mill-estrazzjoni mill-pjanti sal-produzzjoni bil-fermentazzjoni billi jintuża mikroorganiżmu jew b'modifikazzjoni ġenetika tal-mikroorganiżmu oriġinali.

(13) Minħabba li ħafna enzimi ta' l-ikel diġà qegħdin fuq is-suq Komunitarju, għandu jsir provvediment sabiex ikun żgurat li l-bidla għal lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel ssir mingħajr problemi u ma tfixkilx is-suq eżistenti ta' l-enzimi ta' l-ikel. Għandu jitħalla żmien biżżejjed għall-applikanti sabiex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn il-prodotti. Għalhekk, għandu jitħalla perjodu inizjali ta' sentejn wara d-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri implimentattivi li ġew stabbiliti skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru […] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel], biex l-applikanti jingħataw żmien biżżejjed biex jissottomettu l-informazzjoni dwar l-enzimi eżistenti li jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja li għandha tkun ikkompilata taħt dan ir-Regolament. Għandu jkun possibbli wkoll li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' enzimi ġodda. L-Awtorità għandha tevalwa mingħajr dewmien l-applikazzjonijiet kollha għall-enzimi ta' l-ikel li matul dak il-perjodu ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom.

(14) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet ġusti u ugwali għall-applikanti kollha, il-lista Komunitarja għandha tkun ikkompilata f'darba. Dik il-lista għandha tiġi stabbilita wara li tkun ġiet sottomessa l-*evalwazzjoni* tar-riskju ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn tkun ġiet sottomessa biżżejjed informazzjoni dwarhom. ***Madankollu, l-opinjonijiet ta' l-Awtorità għandhom ikunu ppubblikati hekk kif titlesta l-evalwazzjoni xjentifika.***

---

(1) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

(2) ĠU L ….

(3) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. *Ir-Regolament kif emendat l-aħħar* mir-Regolament *tal-Kummissjoni* (KE) Nru 575/2006 (ĠU L *100, 8.4.2006, p. 3).*

(4) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. *Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).*

(15) Huwa mistenni li matul il-perjodu inizjali ta' sentejn jiġu sottomessi numru sinifikanti ta' applikazzjonijiet. Għalhekk, ji sta' jkun hemm bżonn ta' perjodu twil qabel ma titlesta l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u qabel ma tkun ikkompilata l-lista Komunitarja. Biex ikun żgurat aċċess ugwali għas-suq għall-enzimi ta' l-ikel il-ġodda wara l-perjodu inizjali ta' sentejn, għandu jingħata perjodu tranżitorju li matulu l-enzimi ta' l-ikel u l-ikel li juża l-enzimi ta' l-ikel jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq u jintużaw sakemm tkun ikkompilata l-lista Komunitarja, skond ir-regoli nazzjonali eżistenti fl-Istati Membri.

(16) L-enzimi ta' l-ikel Invertase E 1103 u Lysozyme E 1105, li ġew awtorizzati bħala addittivi ta' l-ikel taħt id-Direttiva 95/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 1995 dwar l-addittivi ta' l-ikel għajr kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa [1], u l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu tagħhom, għandhom jiġu trasferiti mid-Direttiva 95/2/KE għal-lista Komunitarja meta tiġi kkompilata minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament ║ (KE) Nru 1493/1999 jawtorizza l-użu ta' l-ureża, tal-beta-glucanase u tal-lysozyme fl-inbid, bla ħsara għall-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi Komunitarju tal-prattika u tal-proċessi enoloġiċi [2]. Dawk is-sustanzi huma enzimi ta' l-ikel u għandhom jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, meta tiġi kkompilata l-lista Komunitarja, għandhom jiġu miżjuda magħha biex jintużaw fl-inbid skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u r-Regolament (KE) Nru 1622/2000.

(17) L-enzimi ta' l-ikel jibqgħu soġġetti għall-obbligi ġenerali ta' l-ittikkettar li huma provduti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fir-Regolament (KE) Nru 1830/2003, skond kif ikun japplika. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' l-ittikkettar għall-enzimi ta' l-ikel mibjugħa bħala tali lill-manifattur jew lill-konsumatur għandhom jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(18) L-enzimi ta' l-ikel huma koperti bid-definizzjoni ta' l-ikel fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u għalhekk, meta jintużaw ta' l-ikel, huwa meħtieġ li jkunu indikati bħala ingredjenti fl-ittikkettar ta' l-ikel skond id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approsimazzjoni ta' liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel [3]. L-enzimi ta' l-ikel għandhom jiġu indikati permezz tal-funzjoni teknoloġika tagħhom ta' l-ikel, segwita mill-isem speċifiku ta' l-enzima ta' l-ikel. Madankollu, għandu jsir provvediment għal deroga mid-dispożizzjonijiet dwar l-ittikkettar f'każijiet fejn l-enzima ma twettaq l-ebda funzjoni teknoloġika fil-prodott finali, iżda hija preżenti fl-oġġett ta' l-ikel biss bħala riżultat ta' trasferiment minn wieħed mill-ingredjenti jew aktar ta' l-oġġett ta' l-ikel jew fejn tintuża bħala għajnuna għall-ipproċessar. Id-Direttiva 2000/13/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(19) L-enzimi ta' l-ikel għandhom jinżammu taħt osservazzjoni kontinwa u għandhom ikunu evalwati mill-ġdid kulmeta jkun meħtieġ fid-dawl ta' kondizzjonijiet li jinbidlu li jirregolaw l-użu tagħhom u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida. ***Madankollu għandha ssir evalwazzjoni xjentifika ġdida u klassifikazzjoni mill-anqas kull 10 snin***.

(20) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ***adottati*** skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprevedi l-proċeduri għall-*eżerċitar* tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-poteri konferiti fuq il-Kummissjoni [4].

***(21) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tiddetermina jekk enzima ta' l-ikel tagħgħax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u li tadotta miżuri tranżizzjonali dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' enzimi ta' l-ikel. Billi dwak il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u huma maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissuplimentaw dan ir-Regolament b'elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.***

---

(1) ĠU L 61, 18.3.1995, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar *mid-Direttiva 2006/52/KE (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10).*
(2) ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru *556/2007* (ĠU L *132, 24.5.2007,* p. 3).
(3) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva *tal-Kummissjoni 2006/142/KE (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 110).*
(4) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

*(22)* Biex tiġi żviluppata u aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-enzimi ta' l-ikel b'mod proporzjonat u effettiv, huwa neċessarju li tinġabar id-data, ikun hemm qsim ta' l-informazzjoni u jkun koordinat ix-xogħol bejn l-Istati Membri. Għal dak l-iskop, ji sta' jkun utli li jsiru studji sabiex ikunu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi ħalli jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni. Huwa xieraq li bħala parti mill-proċedura baġitarja tagħha l-Komunità ti sta' tiffinanzja studji bħal dawn. L-iffinanzjar ta' tali miżuri huwa kopert mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali li saru għall-aċċertament u l-verifika tal-konformità mal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, dwar saħħet l-annimali u regoli dwar il-benesseri ta' l-annimali [1] u konegwentament il-bażi legali għall-iffinanzjar tal-miżuri li jissemmew hawn fuq għandhom ikunu r-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*(23)* L-Istati Membri għandhom iwettqu l-kontrolli uffiċjali biex jinfurzaw il-konformità ma' dan ir-Regolament skond ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*(24)* Minħabba li l-għan ta' l-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri li jkunu stabbiliti r-regoli Komunitarji dwar l-enzimi ta' l-ikel, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-unità tas-suq u l-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur *rikjest,* ji sta' jinkiseb aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità ti sta' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex *jinkiseb dak il-għan,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Is-suġġett, l-ambitu u d-definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dwar l-enzimi ta' l-ikel li jintużaw ta' l-ikel, inklużi tali enzimi li jintużaw bħala għajnuniet għall-ipproċessar, biex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u ta' protezzjoni għall-konsumatur.

Għal dawn l-iskopijiet, dan ir-Regolament jipprovdi għal:

a) lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel approvati;

b) il-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel ta' l-ikel;

c) ir-regoli dwar l-ittikkettar ta' l-enzimi ta' l-ikel li jinbigħu bħala tali.

### Artikolu 2

### L-ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-enzimi ta' l-ikel.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplikax għall-enzimi ta' l-ikel li jintużaw esklużivament fil-produzzjoni ta':

a) addittivi ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru …[dwar l-addittivi ta' l-ikel];

b) sustanzi li jagħtu t-togħma li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru …[dwar is-sustanzi li jagħtu t-togħma];

c) ikel ġdid li jaqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 258/97;

***d) għajnuniet diġestivi.***

[1] ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. *Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1791/2006.*

3. Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe regola Komunitarja speċifika li tikkonċerna l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel:

a) f'ikel speċifiku;

b) għal skopijiet li mhumiex dawk koperti minn dan ir-Regolament.

4. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

***a)*** *il*-kulturi *ta'* mikrobi *użati* ▌fil-produzzjoni ta' l-ikel u li *jistgħu*, ***jipproduċu b'mod mhux intenzjonat,*** *enzimi imma* li *mhumiex* speċifikament *użati sabiex* jipproduċuhom***;***

***b) l-enzimi maħsuba għall-konsum dirett milll-bniedem, bħall-enzimi għal skopijiet nutrittivi jew l-enzimi wżati bħala għajnuniet diġestivi.***

5. Fejn ikun meħtieġ, skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-*Artikolu 12(2)*, ji sta' jiġi deċiż jekk sustanza taqax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew le.

Artikolu 3

Id-definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġew stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, fir-Regolament 1829/2003 u fir-Regolament (KE) Nru […] [ir-Regolament dwar l-addittivi ta' l-ikel] għandhom japplikaw.

***Id-definizzjonijiet*** li *ġejjin* għandhom *japplikaw ukoll:*

***1) "enzima" tfisser kwalunkwe proteina li tkun ġejja mill-ħaxix, minn annimal jew minn mikrobi li jkunu kapaċi jikkatalizzaw reazzjoni bijokimika, mingħajr ma tbiddel l-istruttura tagħha fil-proċess; għall-għan ta' dan ir-Regolament, din id-definizzjoni għandha tinkludi wkoll "proenzimi", jiġifieri komposti li huma prekursuri inattivi jew kważi inattivi ta' l-enzimi u jistgħu jkunu konvertiti f'enzimi attivi jekk ikunu suġġetti għal bidla katalitika speċifika;***

***2)*** "enzima ta' l-ikel" tfisser prodott miksub bl-estrazzjoni mill-pjanti, ▌mill-annimali, ***mill-mikroorganiżmi jew minn prodotti tagħhom***, jew bi proċess ta' fermentazzjoni billi jintużaw il-mikroorganiżmi:

   a) li jkun fihom enzima waħda jew aktar li kapaċi li tikkatalizza reazzjoni bijokimika speċifika; u

   b) miżjuda ma' l-ikel li jwettqu funzjoni teknoloġika fil-manifattura, fl-ipproċessar, fil-preparazzjoni, fit-trattament, fl-ippakkjar, fit-trasport jew fil-ħażna ta' l-ikel;

***3) "preparazzjoni ta' enzima ta' l-ikel" tfisser formulazzjoni li tikkonsisti minn enzima ta' l-ikel waħda jew aktar, fejn sustanzi bħall-addittivi ta' l-ikel u/jew ingredjenti oħra ta' l-ikel huma inkorporati sabiex jiffaċilitaw il-ħażna, il-bejgħ, l-istandardizzazzjoni, id-dilwizzjoni jew li jinħallu;***

***4) "manifatturati minn GMO" tfisser ġejjin mill-użu ta' GMO bħala l-aħħar organiżmu ħaj fil-proċess ta' produzzjoni, imma li ma fihomx jew li ma jikkonsistux minn GMO u lanqas manifatturat b'GMOs;***

***5) "quantum satis" tfisser[1] li mhux speċifikat livell massimu. Madankollu, l-addittivi għandhom jintużaw skond prattika tajba tal-manifattura, f'dożi li ma jkunux ogħla milli jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan maħsub u sakemm il-konsumatur ma jkunx żgwidat.***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

**Kapitolu II**

**Il-lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel approvati**

Artikolu 4

Il-lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel

Skond l-ispeċifikazzjonijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-użu provduti fl-Artikolu 6(2), l-enzimi ta' l-ikel li huma inklużi fil-lista Komunitarja biss jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq bħala tali u jintużaw ta' l-ikel.

***L-ebda persuna m'għandha tpoġġi fis-suq enzima ta' l-ikel jew kwalunkwe ikel li fih tali enzima ta' l-ikel jekk l-użu ta' l-enzima ta' l-ikel ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament.***

Artikolu 5

Il-kondizzjonijiet ġenerali għall-inklużjoni u għall-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel fil-lista Komunitarja

Enzima ta' l-ikel ti sta' tiġi inkluża fil-lista Komunitarja biss jekk tilħaq il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) fuq il-bażi ta' l-evidenza xjentifika disponibbli ***u tal-prinċipju ta' prekawzjoni***, ma joħloqx inkwiet għas-sigurtà tas-saħħa tal-konsumatur fuq il-livell ta' l-użu propost;

b) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli;

c) l-użu tagħha ma jiżgwidax lill-konsumatur; ***il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, fost oħrajn, kwistjonijiet marbuta man-natura ta' l-ingredjenti użati, il-freskezza u l-kwalità tagħhom, ma kemm hu naturali l-prodott jew kemm hu naturali l-proċess tal-produzzjoni, il-kwalità nutrittiva tal-prodott jew il-kontenut ta' frott u ħaxix;***

***d) l-użu tagħha għandu benefiċċju ċar għall-konsumatur.***

Artikolu 6

Il-kontenut tal-lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel

1. Skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru […][li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel], enzima ta' l-ikel li tkun konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ti sta' tiġi inkluża fil-lista Komunitarja.

2. L-annotazzjoni ta' enzima ta' l-ikel fil-lista Komunitarja għandha tispeċifika:

a) ***id-definizzjoni*** ta' l-enzima ta' l-ikel***, inklużi l-isem komuni jew irrakkomandat tagħha, l-isem sistematiku tagħha jew sinonimi tiegħu, jekk hu possibbli skond in-nomenklatura ta' l-Għaqda Internazzjonali tal-Bijokimika u l-Bijoloġija Molekulari u, fil-każ ta' enzimi kumplessi, magħżulin fuq il-bażi ta' l-attività ta' l-enzima li tiddetermina l-funzjoni ta' l-enzima;***

b) l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-enzima ta' l-ikel, li jinkludu l-oriġini tagħha, il-kriterji ta' purità u kwalunkwe informazzjoni meħtieġa oħra; fejn l-enzima ta' l-ikel ***tinkiseb minn organiżmu li jaqa'*** fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, fl-ispeċifikazzjonijiet għandha tiġi inkluża referenza għall-identifikatur uniku li jkun attribwit għall-organiżmu modifikat ġenetikament skond dak ir-Regolament;

c) ▌l-ikel li miegħu ti sta' tiġi miżjuda l-enzima ta' l-ikel;

d) ▌il-kondizzjonijiet li fihom ti sta' tintuża l-enzima ta' l-ikel;

e) jekk ikun xieraq, jekk hemmx kwalunkwe restrizzjoni fuq il-bejgħ ta' l-enzima ta' l-ikel direttament lill-konsumatur jew le;

f) ▌ rekwiżiti speċifiċi fejn għandu x'jaqsam l-ittikkettar ta' l-ikel li fih intużaw l-enzimi ta' l-ikel sabiex ikun żgurat li l-konsumatur finali jkun informat dwar il-kondizzjoni fiżika ta' l-ikel jew dwar it-trattament speċifiku li jkun għadda minnu.

3. Il-lista Komunitarja għandha tiġi emendata skond il-proċedura li tissemma fir-Regolament (KE) Nru […] *[li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel].*

Artikolu 7

***Enzimi ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003***

Enzima ta' l-ikel li taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ***u li m'hijiex diġà inkluża fil-lista Komunitarja*** tista' tkun inkluża ***f'dik il-***lista ***f'konformità ma' dan ir-Regolament*** biss ***jekk ikunu koperti minn awtorizzazzjoni*** skond ***ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003***.

## Kapitolu III

## L-ittikkettar

Taqsima 1

L-ittikkettar ta' l-enzimi ta' l-ikel *u preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel* li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Artikolu 8

L-ittikkettar ta' l-enzimi ta' l-ikel *u l-preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel* li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

***1.*** L-enzimi ta' l-ikel ***u l-preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel*** li *m'humiex* maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur *aħħari*, kemm jekk jinbiegħu waħda waħda jew imħalltin ma' xulxin ▌, jistgħu jitqiegħdu *fis-*suq biss fejn l-ippakkjar jew il-konteinituri *jkollhom* fuqhom l-informazzjoni *li għaliha jaħseb* ***dan l-Artikolu,*** li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u *ma tkunx ti sta' titħassar.*

***2. Il-pakketti jew il-konteinituri għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:***

***a) l-isem li ġie stabbilit f'dan ir-Regolament u d-deskrizzjoni skond in-nomenklatura ta' l-Unjoni Internazzjonali tal-Bijokimika u l-Bijoloġija Molekolari; u***

***b) deskrizzjoni ta' enzima ta' l-ikel li hija preċiża biżżejjed biex tiddistingwiha minn prodotti oħra li wieħed jista' jitfixkilhom magħha.***

***Fejn l-enzimi ta' l-ikel jew il-preparazzjonijiet ta' enzima ta' l-ikel jinbiegħu mħalltin ma' xulxin, għandha tingħata l-informazzjoni provduta fil-punt (a) jew (b) fir-rigward ta' kull enzima ta' l-ikel, f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħha skond il-piż tat-total;***

***c) il-kwantità netta;***

***d) id-data ta' skadenza li warajha ma jkunx loku li jsir użu ta' l-enzima ta' l-ikel;***

***e) id-dikjarazzjoni jew "għall-użu fl-ikel" jew "użu ristrett fl-ikel" jew referenza aktar speċifika għall-użu maħsub tagħha fl-ikel;***

***f) jekk ikun meħtieġ, il-kundizzjonijiet speċjali tat-trasport, tal-ħażna u ta' l-użu.***

It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007

3. *Barra minn hekk, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja, jew fuq il-pakkett jew fuq il-kontenitur, jew fid-dokumenti relatati mal-prodott li għandhom jingħataw mal-kunsinna jew qabel ma l-kunsinna tasal, bil-kundizzjoni li l-indikazzjoni "intenzjonat għall-manifattur ta' l-ikel u mhux għall-bejgħ bl-imnut" tkun tidher fuq il-pakkett jew fuq il-kontenitur tal-prodott ikkonċernat:*

*a) l-isem jew l-isem u l-indirizz tan-negozju tal-manifattur jew ta' min jippakkja, jew tal-bejjiegħ stabbilit fil-Komunità;*

*b) marka li tidentifika l-grupp jew il-lott;*

*c) l-istruzzjonijiet għall-użu, jekk l-ommissjoni ta' dawn tippreklludi l-użu xieraq ta' l-enzima ta' l-ikel;*

*d) fejn applikabbli, informazzjoni suffiċjenti dwar il-kompożizzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel jew tal-preparazzjoni ta' l-enzima ta' l-ikel sabiex tippermetti lill-utent jikkonforma ruħu mal-limitazzjonijiet kwantitattivi fl-ikel: il-limitu fuq il-kwantità għandu jkun espress jew numerikament jew skond il-prinċipju quantum satis; meta jiġu miżjuda l-enzimi ma' l-ikel, dan għandu jsir biss f'doża li hija strettament neċessarja sabiex jinkiseb il-għan li għalihom qed jintużaw. Dan għandu jimminimizza l-kwantità ta' l-enzimi inġestiti u jippermetti protezzjoni aħjar tal-gruppi sensittivi tal-popolazzjoni;*

*e) informazzjoni suffiċjenti sabiex tippermetti lill-utent jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2000/13/KE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati ma' l-ittikkettar ta' l-allerġen;*

*f) l-effetti sekondarji ta' l-użu tagħhom fi kwantitajiet eċċessivi.*

4. *Dan l-Artikolu għandu jkun bla ħsara għal liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijet amministrattivi iktar dettaljati jew iktar estensivi, rigward l-użin u l-kejl jew li japplikaw għall-preżentazzjoni, il-klassifikazzjoni, l-ippakkjar u l-ittikkettar ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi jew li japplikaw għat-trasport ta' tali sustanzi.*

5. *L-informazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu għandha tingħata b'lingwa li tinftiehem faċilment mix-xerrejja. Fit-territorju tiegħu stess, l-Istat Membru li fih il-prodott ikun promoss kummerċjalment ji sta' jistabbilixxi, skond ir-regoli tat-Trattat, li din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli, fuq talba, b'waħda jew iktar mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità, li trid tiġi deċiża minn dak l-Istat Membru. Din m'għandhiex tippreklludi tali informazzjoni milli tkun indikata f'diversi lingwi.*

▌

▌

*Artikolu 9*

Ir-rekwiżiti ta' l-informazzjoni fejn l-enzimi ta' l-ikel *jew il-preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel* jiġu mħallta ma' ingredjenti ta' l-ikel oħra

Fejn l-enzimi ta' l-ikel ***jew il-preparazzjonijiet ta' enzima ta' l-ikel*** li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jiġu mħallta ma' ingredjenti ta' l-ikel oħra, l-ippakkjar jew il-kontenituri *tal-**prodott li jirriżulta mit-taħlita*** għandu jkollu fuqu lista tal-komponenti kollha f'ordni mill-kbir saż-żgħir tal-persentaġġ tagħhom skond il-piż tat-total.

▌

TAQSIMA 2

L-ittikkettar ta' l-enzimi ta' l-ikel *u preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel* maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

*Artikolu 10*

L-ittikkettar ta' enzimi ta' l-ikel *u il-preparazzjonijiet ta' l-enzimi ta' l-ikel* maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, l-enzimi ta' l-ikel ***jew ikel li fih enzimi ta' l-ikel*** li huma maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fuq is-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom ikun fih l-informazzjoni li ġejja, li trid tkun tidher sew, tinqara b'mod ċar u ma tithassarx:

a) l-isem li bih tinbiegħ l-enzima ta' l-ikel ***jew kemm dak l-isem u l-funzjoni teknoloġika fl-ikel;*** l-isem għandu jkun magħmul mill-isem stabbilit minn kwalunkwe dispożizzjoni Komunitarja li tapplika għall-enzima ta' l-ikel konċernata;

b) l-informazzjoni meħtieġa skond l-*Artikoli 9*;

***c) fejn applikabbli, indikazzjoni li l-prodotti fih organiżmi modifikati ġenetikament jew sustanzi magħmula minnhom.***

***Barra minn hekk, informazzjoni dwar l-enzimi kollha użati fil-proċess ta' produzzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-konsumaturi, jekk mhux fuq it-tikketta, għall-inqas permezz ta' mezzi ta' informazzjoni oħrajn, bi prijorità mogħtija lil dawk fil-mument tal-bejgħ. Barra minn hekk, għandha ssir dispożizzjoni għall-aċċess ta' l-informazzjoni mill-konsumaturi mid-dar, pereżempju mill-internet jew permezz ta' hot-lines telefoniċi.***

▌

**Kapitolu IV**

**Id-dispożizzjonijiet proċedurali u l-implimentazzjoni**

*Artikolu 11*

L-obbligu ta' l-informazzjoni

1. Produttur jew utent ta' enzima ta' l-ikel għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li ti sta' taffettwa l-valutazzjoni tas-sigurtà ta' l-enzima ta' l-ikel.

2. Fuq it-talba tal-Kummissjoni, produttur jew utent ta' enzima ta' l-ikel għandu jinformaha dwar l-użu effettiv ta' l-enzima ta' l-ikel.

*Artikolu 12*

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ( ‖ "il-Kumitat").

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw ***l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu** 7* tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▌

*Artikolu 13*

Il-finanzjament tal-Komunità tal-politika armonizzata

Il-bażi legali ta' l-iffinanzjar tal-miżuri li jirriżultaw minn dan ir-Regolament huwa l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004

## Kapitolu V

## Id-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

*Artikolu 14*

It-twaqqif tal-lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel

1. Il-lista Komunitarja ta' l-enzimi ta' l-ikel għandha tkun ikkompilata fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet li jkunu saru skond il-paragrafu 2.

2. Il-partijiet interessati jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għall-inklużjoni ta' enzima ta' l-ikel fil-lista Komunitarja.

Il-perjodu li fih iridu jiġu sottomessi applikazzjonijiet bħal dawn għandu jkun ta' 24 xahar wara d-data ta' l-applikazzjoni tal-miżuri implimentattivi li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru […] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel].

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Reġistru ta' l-enzimi ta' l-ikel kollha li se jitqiesu għall-inklużjoni fil-lista Komunitarja, li dwarhom tkun ġiet sottomessa applikazzjoni, skond il-paragrafu 2 *ta' dan l-Artikolu*, li tikkonforma mal-kriterji ta' validità li għandhom jiġu stabbiliti skond skond l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru […] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni *għall-additivi ta'l-ikel, enzimi ta'l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu togħma lill-ikel*] ("ir-Reġistru"). Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti l-applikazzjonijiet lill-Awtorità għall-opinjoni tagħha.

4. Il-lista Komunitarja għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni skond il-proċedura li ġiet stabbilita fir-Regolament (KE) Nru […][li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu t-togħma lill-ikel], ladarba l-Awtorità tkun ħarġet opinjoni dwar kull enzima ta' l-ikel li hija inkluża fir-Reġistru.

Madankollu, bħala deroga minn dik il-proċedura:

a) l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru […] [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni *għall-additivi ta'l-ikel, enzimi ta'l-ikel u għas-sustanzi li jagħtu togħma lill-ikel*] m'għandux japplika għall-adozzjoni mill-Awtorità ta' l-opinjoni tagħha;

***b) l-Awtorità se titħalla tiddeċiedi dwar proċedura ta' awtorizzazzjoni mgħaġġla għal enzimi ta' l-ikel li attwalment huma fis-suq jekk l-Awtorità tkun sodisfatta li ġew evalwati fir-rigward tas-sikurezza tagħhom b'mod xieraq fuq livell nazzjonali jew Komunitarju fl-UE sabiex enzimi bħal dawn ikunu jistgħu jiġu trasposti għal-lista Komunitarja ta' enzimi ta' l-ikel;***

*(c)* il-Kummissjoni għandha tadotta l-lista Komunitarja għall-ewwel darba wara li l-Awtorità tkun tat l-opinjoni tagħha dwar l-enzimi ta' l-ikel kollha li huma elenkati fir-Reġistru.

5. Jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe miżura tranżitorja li tkun xierqa għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu ti sta' tiġi adottata skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-*Artikolu 12(2).*

*Artikolu 15*

Il-mizuri tranżitorji għal ċerti enzimi ta' l-ikel li hum diġà koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja

Minkejja l-Artikoli 6 u *14* tar-Regolament preżenti, meta tkun ikkompilata, il-lista Komunitarja għandha tinkludi l-enzimi ta' l-ikel li ġejjin:

(a) L-Invertase E 1103 u l-Lysozyme E 1105, waqt li jkunu ddikjarati l-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu tagħhom, kif inhu speċifikat fl-Anness I u l-Parti C ta' l-Anness III għad-Direttiva 95/2/KE;

(b) L-ureża, il-beta-glucanase u l-lysozyme, għall-użu fl-inbid skond ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 u r-regoli implimentattivi għal dak ir-Regolament.

*Artikolu 16*

L-emendi għad-Direttiva 83/417/KEE

Fid-Direttiva 83/417/KEE, fit-Taqsima III(d) ta' l-Anness I, l-inċiżi għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"— tames li jilħaq ir-rekwiżiti tar- ‖ Regolament *(KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…[dwar l-enzimi ta' l-ikel]*(*),

— enzimi oħra li jgħaqqdu l-ħalib li jilħqu r-rekwiżiti tar- ‖ Regolament *(KE) Nru …/…* [dwar l-enzimi ta' l-ikel].

(*) ĠU L …"

***Artikolu 17***

***Emenda għar-Regolament (KE) Nru 258/97***

***Fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, se jiżdied dan il-punt (d):***

***"d) l-enzimi ta' l-ikel li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'… [dwar l-enzimi ta' l-ikel]([1]).***

***([1]) ĠU L …"***

*Artikolu 18*

L-emenda għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999

Fl-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jkun miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-enzimi u l-preparazzjonijiet enzimatiċi li jintużaw fil-prattika u fil-proċessi enoloġiċi awtorizzati li huma elenkati fl-Anness IV, għandhom jilħqu r-rekwiżiti tar- ‖ Regolament *KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…*[dwar l-enzimi ta' l-ikel]*.

*(*) ĠU L …"*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

*Artikolu 19*

L-emendi għad-Direttiva 2000/13/KE

B'dan qed tiġi emendata d-Direttiva 2000/13/KE kif ġej:

1. L-Artikolu 6(4) għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) "Ingredjent" għandha tfisser kwalunkwe sustanza, inklużi l-addittivi u l-enzimi, li tintuża fil-manifattura jew fil-preparazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel u li tkun għadha preżenti fil-prodott finali, anki jekk f'għamla mibdula."

(b) Fil-punt (c)(ii), il-kelma introduttiva "addittivi" għandha tiġi sostitwita b'addittivi u enzimi;

2. Fl-Artikolu 6(6), għandu jiġi miżjud l-inċiż li ġej:

"— ‖enzimi ***preżenti fil-prodott ta' l-ikel*** iridu jiġu indikati permezz ta' l-isem ta' waħda mill-kategoriji ta' ‖ingredjenti *mniżżla* fl-Anness II, segwiti mill-isem speċifiku tagħhom ***u indikazzjoni ta' jekk għadhomx attivi jew le fil-prodott finali; fir-rigward ta' enzimi prodotti minn GMOs għandu jkun hemm indikazzjoni li tgħid "prodotti minn GMOs" fuq it-tikketta,***"

*Artikolu 20*

L-emendi għad-Direttiva 2001/112/KE

Fid-Direttiva 2001/112/KE, ir-ra ba', il-ħames u s-sitt inċiżi fit-Taqsima II (2) ta' l-Anness I għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"— Enzimi pectolytic li jilħqu r-rekwiżiti* *tar-Regolament KE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar l-enzimi ta' l-ikel]*

— Enzimi proteolytic li jiħqu r-rekwiżiti *tar-Regolament KE) Nru …/…*

— Enzimi amylolytic li jiħqu r-rekwiżiti *tar-Regolament KE) Nru …/…*

(*) *ĠU L …*"

*Artikolu 21*

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 4 għandu japplika mid-data ta' l-applikazzjoni tal-lista Komunitarja. Sa dik id-data, fl-Istati Membri għandhom ikomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali fis-seħħ li jikkonċernaw it-tqegħid fuq is-suq u l-użu ta' l-enzimi ta' l-ikel u ta' l-ikel li jiġi prodott b'enzimi ta' l-ikel.

L-Artikoli 8 sa *10* għandhom japplikaw minn … ([1]).

([1]) *12-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

***Enzimi ta' l-ikel, preparazzjonijiet ta' enzimi ta' l-ikel u ikel li fih enzimi ta' l-ikel li ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 8 u 9 u tpoġġew fis-suq jew ġew ittekkettati qabel ...*** (1) ***jistgħu jkunu kummerċjalizzati sad-data ta' l-iskadenza tagħhom.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| | |
|---|---|
| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
| *Il-President* | *Il-President* |

(1) ***12-il xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

**P6_TA(2007)0323**

## Ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel b'karatteristiċi ta' taħwir għall-użu fl-ikel ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel b'karatteristiċi ta' taħwir għall-użu fl-ikel u li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89, Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, Regolament (KE) Nru 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE (COM(2006)0427 — C6-0259/2006 — 2006/0147(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0427) (1),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 37 u 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0259/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0185/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TC1-COD(2006)0147**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel b'karatteristiċi ta' taħwir għall-użu fl-ikel u li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89, Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, Regolament (KE) Nru 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 37 u 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-*Kummissjoni* ‖ ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (1),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat (2),

Billi:

(1) Fid-dawl ta' l-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, jeħtieġ li d-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom (3) tiġi aġġornata. Fl-interessi tal-ċarezza u ta' l-effiċjenza d-Direttiva 88/388/KEE għandha tiġi sostitwita *b'dan ir*-Regolament.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/389/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 dwar l-istabbiliment, mill-Kummissjoni, ta' inventarju tal-materjali u s-sustanzi mis-sors użati fil-preparazzjoni ta' taħwir (4) tipprevedi l-istabbiliment ta' dak l-inventarju fi żmien 24 xahar mill-adozzjoni tagħha. Dik id-Deċiżjoni issa għadda żmienha u għandha tiġi rrevokata.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/71/KEE tas-16 ta' Jannar 1991 li tikkompleta d-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-taħwir għall-użu fl-oġġetti ta' l-ikel u mal-materjali mis-sors għall-produzzjoni tagħhom (5) tistabbilixxi r-regoli dwar l-ittikkettar tal-ħwawar. Dawn ir-regoli qed jiġu ssostitwiti *b'dan ir*-Regolament ‖u *dik id*-Direttiva issa għandha tiġi rrevokata.

(4) Il-moviment liberu ta' ikel sikur u sustanzjuż huwa aspett essenzjali tas-suq intern u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-saħħa u għall-benesseri taċ-ċittadini, u għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom.

(1) *ĠU C 168, 20.7.2007, p.34.*
(2) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007.*
(3) ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
(4) ĠU L 184, 15.7.1988, p. 67.
(5) ĠU L 42, 15.2.1991, p. 25.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

(5) Sabiex tkun imħarsa s-saħħa tal-bniedem, l-ambitu ta' dan ir-Regolament għandu jkopri l-ħwawar, il-materjali mis-sors għall-ħwawar u l-ikel li fih il-ħwawar. Għandu jkopri wkoll ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-għan prinċipali li tiżdied il-benna u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-preżenza fl-ikel ta' ċerti sustanzi mhux mixtieqa li jseħħu b'mod naturali ("ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir"), il-materjal mis-sors tagħhom u l-ikel li jinstabu fih.

(6) Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir jistgħu jintużaw biss jekk jissodisfaw il-kriterji li ġew stabbiliti f'dan ir-Regolament. Iridu jkunu mingħajr periklu meta jiġu użati, u għalhekk ċerti ħwawar għandha ssirilhom evalwazzjoni tar-riskju qabel ma jistgħu jkunu permessi fl-ikel. ***Fejn ikun possibbli, għandha tingħata attenzjoni dwar jekk jistax ikun hemm xi konsegwenzi negattivi għal gruppi vulnerabbli, inkluż l-iżvilupp ta' preferenzi fit-togħma fit-tfal.*** *Dawn m'għandhomx* jiż-gwidaw lill-konsumatur, u għalhekk il-preżenza tagħhom fl-ikel għandha dejjem tkun indikata permezz ta' tikkettar xieraq. ***Il-każijiet fejn il-konsumatur huwa żgwidat jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, kwistjonijiet relatati ma' kemm hu frisk il-prodott, mal-kwalità ta' l-ingredjenti użati, ma' kemm hu naturali l-prodott jew il-proċess tal-produzzjoni jew mal-kwalità nutrittiva tal-prodott.***

(7) Sa mill-1999, il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, u sussegwentement l-Awtorità Ewropea dwar is-Sikurezza fl-Ikel, esprima opinjonijiet dwar numru ta' sustanzi li jseħħu b'mod naturali f'materjali mis-sors għall-ħwawar u għall-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir [1] li, skond il-Kumitat ta' l-Esperti tas-Sustanzi ta' Taħwir tal-Kunsill ta' l-Ewropa, iqajmu tħassib tossikoloġiku. Sustanzi li għalihom kien ikkonfermat it-tħassib tossikoloġiku mill-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel għandhom jitqiesu bħala sustanzi mhux mixtieqa li bħala tali m'għandhomx jiġu miżjuda ma' l-ikel.

(8) Minħabba li jseħħu b'mod naturali fil-pjanti, is-sustanzi mhux mixtieqa jistgħu jkunu preżenti fi preparazzjonijiet ta' taħwir u f'ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir. Tradizzjonalment, il-pjanti jintużaw bħala ikel jew bħala ingredjenti ta' l-ikel. Għandhom jiġu stabbiliti livelli massimi xierqa għall-preżenza ta' dawn is-sustanzi mhux mixtieqa fl-ikel li l-iktar li jikkontribwixxi għall-konsum mill-bniedem ta' dawn is-sustanzi, fejn jitqiesu kemm il-ħtieġa li tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem kif ukoll il-preżenza inevitabbli tagħhom fl-ikel tradizzjonali.

(9) Għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet fuq livell Komunitarju biex ikun ipprojbit jew ristrett l-użu ta' ċerti materjali tal-pjanti jew ta' l-annimali li jqajmu tħassib għas-saħħa tal-bniedem fil-produzzjoni tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir u fl-applikazzjoni tagħhom fil-produzzjoni ta' l-ikel.

(10) Għandhom isiru valutazzjonijiet tar-riskju mill-Awtorità Europea dwar is-Sikurezza fl-Ikel, ║minn hawn 'il quddiem ║ "l-Awtorità", li ġiet stabbilita permezz tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [2].

(11) Biex tkun żgurata l-armonizzazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-approvazzjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li jeħtieġ li ssirilhom evalwazzjoni, għandhom jitwettqu skond ***il-prinċipju ta' prekawzjoni u*** *l-*proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru…*/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'…* [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel].

(12) Is-sustanzi ta' taħwir huma sustanzi li huma ddefiniti kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir. Għaddej programm ta' evalwazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir skond ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ottubru 1996 li jistabbilixxi proċedura Komunitarja għas-sustanzi tat-taħwir użati jew maħsuba għall-użu fi jew fuq l-oġġetti ta' l-ikel [3]. Skond dak ir-Regolament għandha tiġi adottata lista ta' sustanzi ta' taħwir fi żmien ħames snin mill-adozzjoni ta' dak il-programm. Għandha tiġi ffissata skadenza ġdida għall-adozzjoni ta' dik il-lista. Il-lista se tiġi proposta ħalli tkun inkluża fil-lista li tissemma fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru…*/2007 [li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enzimi ta' l-ikel u l-ħwawar ta' l-ikel].*

---

(1) http://europa.eu.int/comm/food/food/chemicalsafety/flavouring/scientificadvice_en.htm.

(2) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament *tal-Kummissjoni* (KE) Nru *575/2006* (ĠU L *100, 8.4.2006, p. 3).*

(3) ĠU L 299, 23.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

(13) Il-preparazzjonijiet ta' taħwir huma ħwawar li mhumiex sustanzi ddefiniti kimikament li jinkisbu minn materjali li ġejjin mill-veġetali, mill-annimali u mill-minerali, permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa, jew fl-istat naturali tal-materjal jew wara li jkun ġie pproċessat għall-konsum mill-bniedem. Il-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-ikel mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-preparazzjonijiet ta' taħwir li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

(14) Ir-Regolament (KE) Nru. 178/2002 jiddefinixxi l-ikel bħala kwalunkwe sustanza, jew prodott, kemm jekk ipproċessat, ipproċessat b'mod parzjali jew mhux ipproċessat, li huwa maħsub, jew raġonevolment mistenni li jkun, għall-inġestjoni mill-bniedem jew le. Il-materjali ġejjin mill-veġetali, mill-annimali jew li għandhom oriġini mikrobijoloġika, li s'issa hemm evidenza sinifikanti li jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, għal dan l-iskop jitqiesu bħala materjali ta' l-ikel, anki jekk uħud minn dawn il-materjali mis-sors, bħalma huma *rose wood*, il-laqx mill-injam tal-ballut u l-weraq tal-frawli, jistgħu ma jkunux intużaw għall-ikel bħala tali. M'hemmx għalfejn jiġu evalwati.

(15) Bl-istess mod, il-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew prodotti mill-ikel f'kondizzjonijiet awtorizzati mhemmx għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew prodotti minn materjal li mhux ikel jew li ġew prodotti f'kondizzjonijiet li ma ġewx awtorizzati għandha tiġi evalwata qabel l-approvazzjoni.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru *2065/2003* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003 dwar taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel ([1]), jistabbilixxi proċedura għall-valutazzjoni tas-sikurezza u l-approvazzjoni tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u għandu l-għan li jistabbilixxi lista ta' kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk li l-użu tagħhom huwa awtorizzat bl-esklużjoni ta' l-oħrajn kollha.

(17) Il-prekursuri tal-benna jagħtu l-benna lill-ikel permezz ta' reazzjonijiet kimiċi li jseħħu waqt l-ipproċessar ta' l-ikel. Il-prekursuri tal-benna li ġew prodotti mill-ikel mhemmx bżonn għalfejn jgħaddu minn proċedura ta' evalwazzjoni jew approvazzjoni għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel sakemm ma jkunx hemm dubju dwar is-sikurezza tagħhom. Madankollu, is-sikurezza tal-prekursuri tal-benna li jiġu prodotti minn materjal li mhux ikel għandha tiġi vvalutata qabel l-approvazzjoni.

(18) Ħwawar oħrajn li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet tal-ħwawar li ssemmew qabel jistgħu jintużaw fl-ikel u fuq l-ikel wara li jkunu għaddew minn proċedura ta' evalwazzjoni u approvazzjoni.

(19) Il-materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali, li n-natura tiegħu hija mikrobijoloġika jew minerali li mhux ikel ji sta' jiġi awtorizzat biss għall-produzzjoni tal-ħwawar wara li s-sikurezza tiegħu ġiet evalwata b'mod xjentifiku. Ji sta' jkun hemm il-ħtieġa li jkun awtorizzat l-użu ta' ċerti partijiet biss tal-materjal jew li jiġu ffissati kondizzjonijiet għall-użu.

(20) Ħwawar jew materjal mis-sors li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (KE) *Nru* 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([2]) għandhom ikunu awtorizzati skond dak ir-Regolament, ***kif ukoll*** *skond* dan ir-Regolament.

(21) Is-sustanzi ta' taħwir jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir għandhom jiġu ttikkettati bħala "naturali" jekk jikkonformaw ma' ċerti kriterji li jiżguraw li l-konsumaturi ma jiġux żgwidati.

(22) Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-informazzjoni għandhom jiżguraw li l-konsumaturi ma jkunux iggwidati ħażin dwar il-materjal mis-sors użat għall-produzzjoni tal-ħwawar naturali. ▌

***(23) Ħwawar ta' l-ikel għandhom jibqgħu suġġetti għall-obbligi ġenerali ta' tikkettar kif stipulati fid-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel ([3]) u, meta adatt, fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003. Barra minn hekk, f'dan ir-Regolament għandhom ikunu inklużi d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-tikkettar ta' ħwawar mibjugħa bħala tali lill-manifattur jew lill-konsumatur finali.***

([1]) ĠU L 309, 26.11.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1. *Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 99).*

([3]) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-*Kummissjoni* 2006/142/KE (ĠU L 368, *23.12.2006, p. 110).*

*(24)* Il-konsumaturi għandhom ikunu informati jekk it-togħma ta' affumikat ta' ikel partikolari hiex minħabba ż-żieda ta' ħwawar bl-affumikazzjoni. Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/13/KE ‖, l-isem li bih jinbiegħ il-prodott m'għandux joħloq konfużjoni lill-konsumatur dwar jekk il-prodott huwiex affumikat b'mod konvenzjonali b'affumikazzjoni friska jew jekk huwiex ittrattat bil-ħwawar bl-affumikazzjoni. *Dik* id-Direttiva jeħtieġ li tiġi adattata għad-definizzjonijiet tal-ħwawar, tal-ħwawar bl-affumikazzjoni u tat-terminu "naturali" għad-deskrizzjoni tal-ħwawar li ġew stabbiliti *f'dan ir*-Regolament ‖.

*(25)* Għall-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir minħabba s-saħħa tal-bniedem, l-informazzjoni dwar il-konsum u l-użu tas-sustanzi ta' taħwir hija kruċjali. L-ammonti ta' sustanzi ta' taħwir miżjuda ma' l-ikel għandhom għalhekk jiġu kkontrollati fuq bażi regolari.

*(26)* Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (1).

*(27)* *B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex, inter alia, tadatta* Annessi II sa V ‖ għall-progress xjentifiku u tekniku *u biex tistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-konsum u l-użu ta' taħwir. Billi dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jħassru x'uħud minn dawk l-elementi jew billi jissupplimentaw dan ir-Regolament b'elementi ġodda mhux essenzjali, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE..*

*(28)* Sabiex tkun żviluppata u aġġornata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-ħwawar b'mod proporzjonat u effettiv, huwa meħtieġ li tinġabar id-*data*, ikun hemm qsim ta' l-informazzjoni u tiġi kkoordinata l-ħidma bejn l-Istati Membri. Għal dak l-iskop, ji sta' jkun utli li jitwettqu studji biex ikunu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi bl-għan li jkun iffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Huwa xieraq li l-Komunità tiffinanzja studji bħal dawn bħala parti mill-proċedura baġitarja tagħha. Il-finanzjament ta' tali miżuri huwa kopert bir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali eżegwiti biex jiżguraw il-verifika tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali (2) u għalhekk il-bażi legali għall-finanzjament tal-miżuri ta' hawn fuq se tkun ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

*(29)* Sakemm titwaqqaf il-lista Komunitarja, għandu jsir provvediment għall-evalwazzjoni u għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir li mhumiex koperti mill-programm ta' evalwazzjoni previst fir-Regolament (KE) Nru. 2232/96. Għalhekk għandu jiġi stabbilit reġim tranżitorju. Taħt dak ir-reġim, għandhom jiġu evalwati u approvati sustanzi ta' taħwir bħal dawn skond il-proċedura stabbilita fir-Regolament (KE) Nru…*/2007* [*li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi ta' l-ikel, l-enzimi ta' l-ikel u l-ħwawar ta' l-ikel*]. Madankollu m'għandhomx japplikaw il-perjodi taż-żmien previsti f'dak ir-Regolament biex l-Awtorità tadotta l-opinjoni tagħha u biex il-Kummissjoni tissottometti abbozz ta' Regolament li jaġġorna l-lista Komunitarja mal-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, għaliex għandha tingħata prijorità lill-programm ta' evalwazzjoni li jkun għaddej.

*(30)* Billi l-għan ta' l-azzjoni li trid tittieħed, jiġifieri li jiġu stabbiliti regoli Komunitarji dwar l-użu ta' ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-unità tas-suq u l-livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur, jistgħu jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità ti sta' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ġie stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif ġie stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *jinkiseb dak l-għan.*

(1) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. ***Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).***

(2) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. *Regolament kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).*

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

*(31)* Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1576/89 tad-29 ta' Mejju 1989 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xorb spirituż [1] u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 1601/91 ta' l-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u *cocktails* aromatizzati magħmula mill-prodotti ta' l-inbid [2] jeħtieġ li jiġu adattati għal ċerti definizzjonijiet ġodda li ġew stabbiliti *f'dan ir*-Regolament ‖.

*(32)* Ir-Regolamenti (KEE) Nru. 1576/89, (KEE) Nru 1601/91 u (KE) Nru 2232/96 u d-Direttiva 2000/13/KE għandhom jiġu emendati skond dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Is-suġġett, l-ambitu u d-definizzjonijiet

### Artikolu 1

### Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel biex jiġi żgurat ***livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u ħarsien tal-konsumatur u*** l-funzjonament effettiv tas-suq intern ▌.

Għal dawk l-għanijiet, dan ir-Regolament jipprevedi:

a) lista Komunitarja ta' ħwawar u materjali mis-sors li ġew approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel, li ġiet stabbilita fl-Anness I (il-lista Komunitarja);

b) il-kondizzjonijiet ta' l-użu tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir fl-ikel u fuq l-ikel;

c) ir-regoli dwar l-ittikkettar tal-ħwawar.

### Artikolu 2

### L-ambitu

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

a) il-ħwawar li jintużaw jew li huma maħsuba għall-użu fl-ikel jew fuq l-ikel, ***bla ħsara għal dispożizzjonijiet iktar speċifiċi stipulati fir***-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

b) l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

c) l-ikel li fih ħwawar ***u/jew*** ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir;

d) il-materjali mis-sors għal ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

2. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal:

a) sustanzi li għandhom esklużivament togħma ħelwa, qarsa jew mielħa;

b) ikel nej jew mhux kompost ***bħal, iżda mhux esklussivament, ħxejjex aromatiċi u ħwawar friski, imnixxfin jew friżati jew infużjonijiet tat-tè/ħxejjex fihom infushom***.

3. Fejn ikun meħtieġ, ji sta' jiġi deċiż skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-***Artikolu 18(3)*** jekk sustanza jew taħlita ta' sustanzi, materjal jew tip ta' ikel partikolari jaqax fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jew le.

(1) ĠU L 160, 12.6.1989, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar *bit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005*.
(2) ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar *bit-Trattat ta' l-Adeżjoni ta' l-2005*.

Artkolu 3

Id-definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġew stabbiliti fir-Regolamenti (KE) *Nru* 178/2002 u *(KE) Nru* 1829/2003.

2. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

a) "ħwawar" għandha tfisser prodotti:

i) li mhumiex maħsuba biex jiġu kkonsmati bħala tali, li jiġu miżjuda ma' l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew togħma;

ii) li huma magħmulin jew li jikkonsistu mill-kategoriji li ġejjin: sustanzi ta' taħwir, preparazzjonijiet ta' taħwir, ħwawar li għaddew minn proċess termali, ħwawar bl-affumikazzjoni, prekursuri tal-benna jew ħwawar oħra jew taħlitiet tagħhom;

***iii) li ji sta' jkun fihom ikel inklużi addittivi ta' l-ikel kif permessi mir-Regolament (KE) Nru…/2007 [dwar l-addittivi ta' l-ikel];***

b) "sustanza ta' taħwir" għandha tfisser sustanza ddefinita kimikament bi proprjetajiet ta' taħwir ***li tinkiseb permezz ta' proċessi naturali xierqa jew sinteżi kimika***;

c) "sustanza ta' taħwir naturali" għandha tfisser sustanza ta' taħwir li tinkiseb permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa minn materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika jew fl-istat nej jew wara li ġie ppro ċessat għall-konsum mill-bniedem permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II;

d) "preparazzjoni ta' taħwir" għandha tfisser prodott, għajr għal sustanza ta' taħwir, li nkiseb minn:

i) ikel permezz ta' proċessi fiżiċi, enzimatiaċi jew mikrobijoloġiċi xierqa jew fl-istat nej tal-materjal jew wara li ġie ppro ċessat għall-konsum mill-bniedem permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II u/jew mill-proċessi fiżiċi xierqa;

u/jew

ii) materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika, li mhux ikel, li nkiseb permezz ta' wieħed jew iktar mill-proċessi ta' preparazzjoni ta' l-ikel tradizzjonali li ġew elenkati fl-Anness II u/jew mill-proċessi fiżiċi, enzimatiċi jew mikrobijoloġiċi xierqa;

e) "ħwawar li għaddew minn proċess termali" għandha tfisser prodott li nkiseb wara trattament bis-sħana minn taħlita ta' ingredjenti li mhux bilfors għandhom proprjetajiet ta' taħwir huma stess, li minnhom għall-inqas wieħed fih in-nitroġenu (amminiku) u ieħor huwa zokkor li jnaqqas aġent ossidanti mhux qawwi *(reducing sugar)*; l-ingredjenti għall-produzzjoni tal-ħwawar li għaddew minn proċess termali jistgħu jkunu:

i) ikel;

u/jew

ii) materjal mis-sors li mhux ikel;

f) "ħwawar bl-affumikazzjoni" għandha tfisser prodott li jinkiseb permezz tal-frazzjonament u tal-purifikazzjoni ta' affumikazzjoni kondensata li tagħti kondensati primarji ta' l-affumikazzjoni u frazzjonijiet primarji tad-duħħan tat-tabakk u/jew ħwawar bl-affumikazzjoni derivat kif ġie ddefinit fil-punti (1), (2) u (4) ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru. 2065/2003;

g) "prekursur tal-benna" għandha tfisser prodott, li mhux bilfors ikollu proprjetajiet ta' taħwir huwa stess, li jiġi miżjud b'mod intenzjonali ma' l-ikel għall-iskop waħdieni li tiġi prodotta benna billi jitkissru jew ikun hemm reazzjoni ma' komponenti oħrajn waqt l-ipproċessar ta' l-ikel; ji sta' jinkiseb minn:

i) ikel;

u/jew

ii) materjal mis-sors li mhux ikel;

h) "ħwawar ***li m'humiex speċifikati x'imkien ieħor***" għandha tfisser ħwawar li ġew miżjuda jew kienu maħsuba biex jiġu miżjuda ma' l-ikel sabiex jagħtu riħa u/jew togħma u li ma jaqgħux taħt id-definizzjonijiet (b) sa (g);

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

i) "ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir" għandha tfisser ingredjent ta' l-ikel għajr għall-ħwawar li jistgħu jiġu miżjuda ma' l-ikel bl-iskop prinċipali li tiżdied il-benna jew tiġi mmodifikata l-benna ta' l-ikel ***u l-użu ta' dan l-ingredjent jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-preżenza ta' sustanzi f'ikel kompost kif speċifikat fil-Parti B ta' l-Anness III***;

j) "materjal mis-sors" għandha tfisser materjal li ġej mill-veġetali, mill-annimali jew li għandu oriġini mikrobijoloġika jew minerali li minnu jiġu prodotti ħwawar jew ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir; ji sta' jkun:

i) ikel;

jew

ii) materjal mis-sors li mhux ikel;

***k) "prodott bl-OGM" tfisser derivat bl-użu ta' OGM bħala l-aħħar organiżmu ħaj fil-proċess ta' produzzjoni, imma li ma jkunx fih jew magħmul minn OGM u lanqas prodott minn OGM;***

*(l)* "proċess fiżiku xieraq" għandha tfisser proċess fiżiku li ma jimmodifikax b'mod intenzjonali n-natura kimika tal-komponenti tal-ħwawar***, bla ħsara għall-elenkar ta' proċessi ta' preparazzjoni ta' ikel tradizzjonali fl-Anness II, f'liema proċessi*** l-użu ta' ossiġnu ***ta' enerġija ogħla (singlet oxygen)***, ożonu, katilizzaturi inorganiċi, ▌reaġenti organometalliċi u/jew radjazzjoni UV ***m'huwiex inkluż***.

3. Għall-iskop tad-definizzjonijiet li ġew elenkati fil-paragrafu 2 (e), (g) u (j), il-materjali mis-sors li sa dak iż-żmien hemm evidenza sinifikanti li ntużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar, jitqiesu bħala ikel.

▌

## Kapitolu II

## Il-kondizzjonijiet għall-użu tal-ħwawar, ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir u tal-materjali mis-sors

### Artikolu 4

### Il-kondizzjonijiet ġenerali għall-użu tal-ħwawar jew ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

Il-ħwawar jew l-ingredjenti ta' l-ikel bi propjetajiet ta' taħwir li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel:

a) ibbażat fuq l-evidenza xjentifika disponibbli ***u fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni***, mhumiex ta' periklu għas-saħħa tal-konsumatur;

b) l-użu tagħhom ma jiżgwidax lill-konsumatur***;***

***c) l-użu tagħhom għandu vantaġġi u benefiċċji għall-konsumatur;***

***d) hemm ħtieġa teknoloġika raġonevoli.***

### Artikolu 5

### Il-preżenza ta' ċerti sustanzi

1. Is-sustanzi li ġew elenkati fil-Parti A ta' l-Anness III m'għandhomx jiġu miżjuda bħala tali ma' l-ikel.

2. ***Meta jkun hemm tħassib xjentifiku ġġustifikat li*** ċerti sustanzi, preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, f'ikel kompost ***jista' jqanqal tħassib dwar is-saħħa tal-konsumatur, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq il-bażi ta' informazzjoni pprovduta minn Stati Membri, u wara l-opinjoni ta' l-Awtorità, tistabbilixxi livelli massimi għal dawn is-sustanzi li għandhom ikunu*** *elenkati* f'parti B ta' l-Anness III. ▌

Il-livelli massimi għandhom japplikaw għall-ikel kompost kif ikun offrut lest għall-konsum jew kif ikun ippreparat skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

***3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, il-livelli massimi m'għandhomx japplikaw fejn ikel kompost ma jkollux ħwawar miżjuda u l-uniċi ingredjenti ta' l-ikel b'karatteristiċi ta' ħwawar li jkunu ġew miżjuda jkunu ħxejjex aromatiċi u ħwawar friski, mnixxfin jew friżati.***

4. Jistgħu jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 2 skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-***Artikolu 18(3).***

Artikolu 6

L-użu ta' ċerti materjali mis-sors

1. Il-materjali mis-sors li huma elenkati fil-Parti A ta' l-Anness IV m'għandhomx jintużaw għall-produzzjoni ta' ħwawar u ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

2. Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-materjali mis-sors li ġew elenkati fil-Parti B ta' l-Anness IV jistgħu jintużaw biss fil-kondizzjonijiet indikati f'dak l-Anness.

Artikolu 7

Il-ħwawar li għalihom mhumiex meħtieġa evalwazzjoni u approvazzjoni

1. Il-ħwawar li ġejjin jistgħu jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel mingħajr approvazzjoni taħt dan ir-Regolament, sakemm ikunu konformi ma' l-Artikolu 4:

a) il-preparazzjonijiet ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(d)(i);

b) il-ħwawar li għaddew minn proċess termali li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(e)(i) u li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħwawar li għaddew minn proċess termali u mal-livelli massimi ta' ċerti sustanzi fil-ħwawar li għaddew minn proċess termali li ġew stabbiliti fl-Anness V;

c) il-prekursuri tal-benna li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(g)(i);

d) l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk il-Kummissjoni, Stat Membru jew l-Awtorità ‖ tesprimi dubji dwar is-sikurezza tal-ħwawar jew ta' ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li jissemma fil-paragrafu 1, l-Awtorità għandha tagħmel valutazzjoni tar-riskju ta' ħwawar jew ingredjent ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir bħal dan. Imbagħad għandhom japplikaw *mutatis mutandis* l-Artikoli 4 sa 6 tar-Regolament (KE) *Nru [li jistabilixxi proċedura komuni ta' awtorizzazzjoni għal additivi ta'l-ikel, enżimi ta' l-ikel u ħwawar ta' l-ikel].*

Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri skond l-opinjoni ta' l-Awtorità, skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-***Artikolu 18(3)***. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu stabbiliti fl-Annessi III, IV u/jew V kif jixraq.

## Kapitolu III

## Il-lista komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors li ġew approvati għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel

Artikolu 8

Il-ħwawar u l-materjali mis-sors li għalihom huma meħtieġa evalwazzjoni u approvazzjoni

*Dan il-Kapitolu* japplika:

a) għas-sustanzi ta' taħwir;

b) għall-preparazzjonijiet ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(d)(ii);

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

c) għall-ħwawar li għaddew minn proċess termali li nkisbu billi jissaħħnu l-ingredjenti li jaqgħu, b'mod parzjali jew għalkollox, taħt l-Artikolu 3(2)(e)(ii) jew li għalihom ma ntlaħqux il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħwawar li għaddew minn proċess termali u l-livelli massimi għal ċerti sustanzi mhux mixtieqa li ġew stabbiliti fl-Anness V;

d) għall-prekursuri tal-benna li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(g)(ii);

e) għal ħwawar ‖ *li mhumiex speċifikati x'imkien ieħor* li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(h);

f) għall-materjali mis-sors, li mhumiex ikel, li jissemmew fl-Artikolu 3(2)(j)(ii).

Artikolu 9

Il-lista Komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors

Mill-ħwawar u mill-materjali mis-sors li jissemmew fl-Artikolu 8, dawk biss li huma inklużi fil-lista Komunitarja jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jistgħu jintużaw fl-ikel u fuq l-ikel.

Artikolu 10

L-inklużjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors fil-lista Komunitarja

1. Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors jistgħu jiġu inklużi fil-lista Komunitarja, skond il-proċedura li ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) *Nru …/2007 [li jistabilixxi proċedura komuni ta' awtorizzazzjoni għal additivi ta'l-ikel, enżimi ta' l-ikel u ħwawar ta' l-ikel]*, biss jekk jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġew stabbiliti fl-Artikolu 4.

2. L-annotazzjoni għall-ħwawar jew għal materjal mis-sors fil-lista Komunitarja għandha tispeċifika:

a) l-identifikazzjoni tal-ħwawar jew tal-materjal mis-sors approvat;

b) fejn ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet li fihom jistgħu jiġu użati l-ħwawar.

3. Il-lista Komunitarja għandha tiġi emendata skond il-proċedura li tissemma fir-Regolament (KE) Nru. *…/2007 [*li tistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-additivi ta' l-ikel, għall-enzimi ta' l-ikel u għall-ħwawar ta' l-ikel*]*[+].

Artikolu 11

Il-ħwawar jew il-materjali mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru. 1829/2003

Il-ħwawar jew il-materjal mis-sors li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (KE) *Nru* 1829/2003 ***u li m'humiex diġà inklużi fil-lista Komunitarja fl-Anness I ta' dan ir-Regolament*** jistgħu jiġu inklużi ***f'dik il***-lista ***f'konformità ma' dan ir-Regolament*** biss ***jekk ikunu koperti minn awtorizzazzjoni*** skond ▌***ir***-Regolament (KE) *Nru* 1829/2003.

## Kapitolu IV

## L-ittikkettar

TAQSIMA 1

L-ittikkettar tal-ħwawar li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Artikolu 12

L-ittikkettar tal-ħwawar li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Il-ħwawar li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar, il-kontenituri jew id-dokumenti mehmuża tagħhom għandu fuqu l-informazzjoni prevista fl-Artikoli 13 u 14, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b'mod ċar u indelibbli.

## Artikolu 13

### Ir-rekwiżiti ġenerali ta' l-informazzjoni għall-ittikettar tal-ħwawar

1. L-ippakkjar jew il-kontenituri tal-ħwawar li mhumiex maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali għandu jkollu fuqu l-informazzjoni li ġejja:

a) id-deskrizzjoni tal-bejgħ: jew it-terminu "ħwawar" jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar;

b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-manifattur jew tal-persuna li tippakkja, jew ta' bejjiegħ ***stabbiliti fil-Komunità;***

c) id-dikjarazzjoni jew "għall-użu fl-ikel" jew id-dikjarazzjoni "użu ristrett fl-ikel" jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tiegħu fl-ikel;

d) lista fl-ordni mill-kbir għaż-żgħir tal-piż ta':

   i) il-kategoriji tal-ħwawar preżenti; u

   ii) l-ismijiet ta' kull waħda mis-sustanzi l-oħra jew ta' kull wieħed mill-materjali l-oħrajn li jinsabu fil-prodott, il-kodiċi E tagħhom, ***u, fejn ikun xieraq, l-indikazzjoni "prodott mill-GMOs";***

e) indikazzjoni tal-kwantità massima ta' kull komponent jew grupp ta' komponenti li *suġġetti* għal limitazzjoni kwantitativa fl-ikel u/jew għal informazzjoni xierqa f'termini ċari u li jinftehmu faċilment li jippermettu lix-xerrej li jikkonforma ma' dan ir-Regolament jew ma' leġiżlazzjoni Komunitarja oħra rilevanti, ***inkluż ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;***

f) jekk ikun meħtieġ, il-kondizzjonijiet speċjali għall-ħażna u għall-użu;

g) data sakemm l-inqas li jistgħu jżommu;

h) marka li tidentifika l-grupp jew il-lott;

i) il-kwantità netta.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-informazzjoni meħtieġa fil-punti (c) sa (g) ta' dak il-paragrafu ti sta' tidher biss fuq id-dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-konsenja li għandhom ikunu pprovduti ma' jew qabel il-konsenja, sakemm l-indikazzjoni "maħsuba għall-manifattura ta' ikel u mhux għall-bejgħ bl-imnut" tidher fuq parti ta' l-ippakkjar jew tal-kontenitur tal-prodott ikkonċernat li hija viżibbli faċilment.

## Artikolu 14

### Ir-rekwiżiti speċifiċi ta' l-informazzjoni għad-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-ħwawar

1. It-terminu "naturali" ji sta' jintuża biss biex ikunu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) kif previst fil-paragrafi 2 sa 6 *ta' dan l-Artikolu.*

2. It-terminu "naturali" għad-deskrizzjoni tal-ħwawar ti sta' tintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir jinkludi biss preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi naturali ta' taħwir.

3. It-terminu "sustanza(i) ta' taħwir naturali" ji sta' jintuża biss għall-ħwawar fejn il-komponent ta' taħwir fih esklużivament sustanzi naturali ta' taħwir.

4. It-terminu "naturali" ji sta' jintuża biss flimkien ma' referenza għal ikel, kategorija ta' ikel jew sors ta' taħwir ta' veġetali jew annimali, jekk mill-inqas **95 %** [w/w] tal-komponent ta' taħwir inkiseb mill-materjal mis-sors imsemmi.

Il-komponent ta' taħwir ji sta' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

Id-deskrizzjoni għandha taqra "ħwawar 'ikel jew kategorija ta' l-ikel jew sors(i) ta' l-ikel' naturali".

5. "Ħwawar 'ikel jew kategorija ta' l-ikel jew sors(i) ta' l-ikel' naturali bi ħwawar naturali oħra" ti sta' tintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir ġej b'mod parzjali mill-materjal mis-sors imsemmi u li ji sta' jingħaraf faċilment.

Il-komponent ta' taħwir jista jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

6. It-terminu "sustanza ta' taħwir naturali" ji sta' jintuża biss jekk il-komponent ta' taħwir ġej minn materjali mis-sors differenti u fejn referenza għall-materjali mis-sors m'*għandhiex* tirrifletti l-benna jew it-togħma tagħhom, ***u fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-paragrafi 4 u 5***.

Il-komponent ta' taħwir ji sta' jkun fih preparazzjonijiet ta' taħwir u/jew sustanzi ta' taħwir naturali.

TAQSIMA 2

L-ittikkettar tal-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

Artikolu 15

L-ittikkettar tal-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/13/KE, ***id-Direttiva 89/396/KEE*** [1] ***u, fejn hu xieraq, ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003,*** il-ħwawar maħsuba għall-bejgħ lill-konsumatur finali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar tagħhom fih id-dikjarazzjoni jew "għall-użu fl-ikel" jew id-dikjarazzjoni "użu ristrett fl-ikel" jew referenza iktar speċifika għall-użu maħsub tagħhom fl-ikel, li trid tkun viżibbli faċilment, tinqara b'mod ċar u indelibbli.

2. It-terminu "naturali" għandu jintuża biex jiġu deskritti l-ħwawar fid-deskrizzjoni tal-bejgħ li tissemma fl-Artikolu 13(1)(a) biss kif inhu previst fl-Artikolu 14.

## Kapitolu V

## Id-dispożizzjonijiet proċedurali u l-implimentazzjoni

Artikolu 16

Ir-rappurtaġġ mill-operaturi tal-kummerċ fl-ikel

1. ***Produttur jew utent ta' sustanza ta' taħwir għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih bi kwalunkwe informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida li jaf biha u li hija disponibbli għalih li ti sta' taffettwa l-evalwazzjoni tas-sikurezza tas-sustanzi ta' taħwir.***

***2. L-industrija ta' l-ikel li tuża ħwawar li fihom is-sustanzi tat-taħwir u l-produttur tal-ħwawar għandhom b'koperazzjoni, fuq talba tal-Kummissjoni, jinfurmawha dwar l-użu attwali tas-sustanzi ta' taħwir. L-informazzjoni mogħtija f'dan il-kuntest għandha titqies bħala data kunfidenzjali.***

3. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 skond il-proċedura *regolatorja msemmija* fl-Artikolu 18(2).

Artikolu 17

Il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi biex jimmonitorjaw il-konsum u l-użu tal-ħwawar li huma stabbiliti fil-lista Komunitarja u l-konsum tas-sustanzi li huma elenkati fl-Anness III u kull sena għandhom jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Awtorità.

[1] ***Direttiva tal-Kunsill 89/396/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1989 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjieni oġġett ta' l-ikel (ĠU L 186, 30.6.1989, p. 21). Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 92/11/KEE (ĠU L 65, 11.3.1992, p. 32).***

2. Wara li tkun ġiet ikkonsultata l-Awtorità, ***għandha*** tiġi adottata metodoloġija komuni għall-ġbir ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri dwar il-konsum u l-użu tal-ħwawar li ġew stabbilit fil-lista Komunitarja u tas-sustanzi elenkati fl-Anness III, skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-***Artikolu 18(3)***.

Artikolu 18

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali ‖.

2. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

3. ***Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***

Artikolu 19

L-emendi għall-Annessi II sa V

Għandhom jiġu adottati l-emendi għall-Annessi II sa V ‖sabiex jirriflettu l-progress xjentifiku u tekniku skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** *msemmija* fl-***Artikolu 18(3)***.

Artikolu 20

Il-finanzjament Komunitarju ta' politika armonizzata

Il-bażi legali għall-iffinanzjar ta' miżuri li jirriżultaw min dan ir-Regolament huwa l-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

## Kapitolu VI

## Id-dispożizzjnijiet tranżitorji u finali

Artikolu 21

Ir-revoki

1. Id-Direttiva 88/388/KEE, id-Deċiżjoni 88/389/KEE u d-Direttiva 91/71/KEE *għandhom ikunu mħassra.*

Ir-Regolament (KE) Nru. 2232/96 *għandu jkun imħassar* mid-data ta' l-applikazzjoni tal-lista li tissemma fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament.

2. Ir-referenzi għall-atti revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 22

L-istabbiliment tal-lista Komunitarja tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors u tar-reġim tranżitorju

1. Il-lista Komunitarja għandha tiġi stabbilita billi titqiegħed il-lista tas-sustanzi ta' taħwir li tissemma fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96 fl-Anness I għal dan ir-Regolament waqt l-adozzjoni tiegħu.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

2. Sakemm tiġi stabbilita l-lista Komunitarja, *għandha tapplika l-proċedura komuni ta' awtorizzazzjoni stipulata fir*-Regolament (KE) *Nru …/2007 [li jistabilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għal additivi ta' l-ikel, enzimi ta' l-ikel u ħwawar ta' l-ikel]* għall-evalwazzjoni u għall-approvazzjoni ta' sustanzi ta' taħwir li mhumiex koperti mill-programm ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96.

Bħala deroga minn dik il-proċedura, il-perjodi taż-żmien ta' sitt xhur u ta' disa' xhur li jissemmew fl-Artikolu 5(1) u fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) *Nru …/2007 [li jistabilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għal additivi ta' l-ikel, enzimi ta' l-ikel u ħwawar ta' l-ikel]* m'għandhomx japplikaw għal evalwazzjoni u approvazzjoni bħal dawn.

3. Ti sta' tiġi adottata kwalunkwe miżura tranżitorja xierqa skond il-proċedura ***regolatorja bi skrutinju*** li tissemma fl-***Artikolu 18(3).***

Artikolu 23

L-emenda għar-Regolament (KEE) Nru. 1576/89

1. Ir-Regolament (KEE) Nru. 1576/89 huwa emendat kif ġej: 1. L-Artikolu 1(4)(m) huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt (1)(a), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Sustanzi ta' taħwir oħrajn kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru …/2007, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]*(*), u/jew pjanti aromatiċi jew partijiet minn pjanti aromatiċi jistgħu jintużaw bħala żieda, imma l-karatteristiċi organolettiċi tal-ġnibru jridu jkunu dixxernibbli, anki jekk xi kultant ikunu mdgħajfa. ‖

(*) ĠU …"

(b) Il-Punt 2(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ix-xarba ti sta' tissejjaħ "ġinn" jekk tiġi prodotta billi alkoħol etiliku xieraq ta' oriġini agrikola jitħawwar b'mod organolettiku b'sustanzi ta' taħwir kif ġew iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru …/2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament sabiex it-togħma tkun b'mod predominanti dik ta' ġnibru."

(c) Fil-punt 2(b), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ix-xarba ti sta' tissejjaħ "ġinn distillat" jekk tiġi prodotta biss permezz tar-ridistillazzjoni b'mod organolettiku ta' alkoħol etiliku xieraq ta' oriġini agrikola ta' kwalità xierqa b'qawwa alkoħolika inizjali ta' mill-inqas 96 % vol. f'imqatar li tradizzjonalment jintużaw għall-ġinn, fil-preżenza tal-frott tal-ġnibru u ta' materjali botaniċi naturali oħrajn sakemm it-togħma tal-ġnibru tkun predominanti. It-terminu "ġinn iddistillat" ji sta' japplika wkoll għal taħlita tal-prodott ta' distillazzjoni bħal din u ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola bl-istess kompożizzjoni, purità u qawwa alkoħolika. Is-sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru …/2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* u/jew il-preparazzjonijiet ta' taħwir kif speċifikati fl-(a) jistgħu jintużaw ukoll sabiex iħawwru lill-ġinn iddistillat. Il-ġinn ta' Londra huwa tip ta' ġinn distillat."

2. Fl-Artikolu 1(4)(n)(1), it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Sustanzi ta' taħwir oħrajn kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru …/2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]*[+] u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament jistgħu jintużaw ukoll, imma jrid ikun hemm togħma predominanti ta' anisi."

3. Fl-Artikolu 1(4)(p), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Ix-xorb spiritu̇ż li b'mod predominanti għandu togħma morra li ġie prodott billi l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola tħawwar b'sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament."

4. Fl-Artikolu 1(4)(u), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Xarba spiritu̇ża li ġiet prodotta billi tħawwar l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola b'togħma ta' msiemer tal-qronfol u/jew kannella billi ntuża wieħed mill-proċessi li ġejjin: il-maċerazzjoni u/jew id-distillazzjoni, ir-ridistillazzjoni ta' l-alkoħol fil-preżenza tal-partijiet tal-pjanti li ġew speċifikati iktar 'il fuq, iż-żieda ta' sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* ta' l-imsiemer tal-qronfol jew tal-kannella jew kombinazzjoni ta' dawn il-metodi"

5. Fl-Artikolu 4(5), l-ewwel u t-tieni subparagrafi, minbarra l-listi fil-punti (a) u (b), għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Is-sustanzi ta' taħwir naturali u l-preparazzjonijiet ta' taħwir biss kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007* [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel] jistgħu jintużaw fil-preparazzjoni tax-xorb spiritu̇ż iddefinit fl-Artikolu 1 (4), ħlief fil-każ ta' dawk iddefiniti fl-Artikolu 1 (4) (m), (n) u (p).

Madankollu, is-sustanzi ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* u l-preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(d) ta' dak ir-Regolament għandhom ikunu awtorizzati fil-produzzjoni tal-likers ħlief dawk li ssemmew aktar 'l isfel:"

Artikolu 24

L-emenda għar-Regolament (KEE) Nru. 1601/91

L-Artikolu 2(1) huwa emendat kif ġej:

1. Fil-punt (a), l-ewwel subinċiż tat-tielet inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]* (*), u/jew ‖

(*) ĠU..."

2. Fil-punt (b), l-ewwel subinċiż tat-tieni inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]*, u/jew"

3. Fil-punt (c), l-ewwel subinċiż tat-tieni inċiż għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"— sustanzi ta' taħwir u/jew preparazzjonijiet ta' taħwir kif iddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007 [dwar ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]*, u/jew"

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

Artikolu 25

L-emenda għar-Regolament (KE) Nru. 2232/96

Fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru. 2232/96, l-ewwel paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandha tiġi adottata l-lista tas-sustanzi ta' taħwir li jissemmew fl-Artikolu 2(2) skond il-proċedura li tissemma fl-Artikolu 7 sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008."

Artikolu 26

L-emenda għad-Direttiva 2000/13/KE

Fid-Direttiva 2000/13/KE, l-Anness III għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-Anness III

L-GĦAŻLA TAL-ĦWAWAR FIL-LISTA TA' INGREDJENTI

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-ħwawar għandhom ikunu indikati bit-termini

— "ħwawar" jew isem jew deskrizzjoni iktar speċifiku tal-ħwawar, jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b), ***(c),*** (d), (e), ***(f),*** (g) u (h) tar-Regolament (KE) *Nru .../2007* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *ta' ... [dwar il-ħwawar u ċerti ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel]*(*);

— "ħwawar bl-affumikazzjoni"***, jew isem jew deskrizzjoni aktar speċifiċi tal-ħwawar bl-affumikazzjoni/jiet,*** jekk il-komponent ta' taħwir fih il-ħwawar kif iddefiniti fl-Artikolu 3 (2) (f) tar-Regolament KE *Nru .../2007* [dwar il-ħwawar] u jagħti benna ta' affumikat lill-ikel.

2. It-terminu "naturali" għad-deskrizzjoni tal-ħwawar għandu jintuża kif stabbilit fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) *Nru.../2007* [ ‖ dwar il-ħwawar ] ++. ‖

***3. Għall-ħwawar prodotti minn materjal tas-sors stabbilit fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel ġenetikament modifikat u għalf (**), l-indikazzjoni "prodott minn GMOs" għandha tidher fuq it-tikketta.***

***Għall-ħwawar prodotti b'organiżmu stabbilit fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, m'hemmx bżonn ta' tikketta speċifika.***

(*) ĠU L ...
(**) ***ĠU L 268, 18.10.2003, p.1. Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1981/2006 (ĠU L 368, 23.12.2006, p.99)***"

Artikolu 27

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika *minn* ... (*). Madankollu, l-***Artikolu 9 għandu japplika minn ...*** (**).

(*) *24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*
(**) ***18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-lista Komunitarja.***

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

***Ħwawar u ikel preżentat fis-suq b'mod legali qabel id-dati msemmijin hawn fuq jistgħu jkomplu jintużaw sakemm jispiċċaw il-provvisti.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ‖,

Għall-Parlament Ewropew
*Il-President*

Għall-Kunsill
*Il-President*

*ANNESS I*

IL-LISTA KOMUNITARJA TAL-ĦWAWAR U TAL-MATERJALI MIS-SORS APPROVATI GĦALL-UŻU FL-IKEL U FUQ L-IKEL

*ANNESS II*

IL-LISTA TA' PROĊESSI GĦALL-PREPARAZZJONI TA' L-IKEL TRADIZZJONI LI PERMEZZ TAGĦHOM JINKISBU SUSTANZI TA' TAĦWIR NATURALI U PREPARAZZJONIJIET TA' TAĦWIR NATURALI

| | |
|---|---|
| Qtugħ fi bċejjeċ | Kisi |
| Tisjir, ħami, qali (sa 240°Ċ) | Tkessiħ |
| Qtugħ | Distillazzjoni / rettifikazzjoni |
| Tnixxif | Emulsifikazzjoni |
| Evaporazzjoni | Estrazzjoni, inkluża l-estrazzjoni tas-solventi |
| Fermentazzjoni | Filtrazzjoni |
| Tħin | Tisħin |
| Infużjoni | Maċerazzjoni |
| Proċessi Mikrobijoloġiċi | Taħlit |
| Tqaxxir | Perkolazzjoni |
| Ghafis | Tkessiħ/Iffriżar |
| Inkaljar/Iggriljar | Tghasir |
| Tgħaddis | |

*ANNESS III*

IL-PREŻENZA TA' ĊERTI SUSTANZI

Parti A: Is-sustanzi li ma jistgħux jiġu miżjuda bħala tali ma' l-ikel

L-Aċidu agariku

Il-Kapsajkin

L-Iperiċin

Il-Beta-asarone

L-1-Allyl-4-methoxybenzene

L-Aċidu idroċijaniku

Il-Menthofuran

L-4-Allyl-1,2-dimethoxybenzene

Il-Pulegone

Il-Kassin

L-1-Allyl-3,4-methylene dioxy benzene, safrole

It-Teucrin A

It-Tujone (alfa u beta)

Parti B: Il-livelli massimi ta' ċerti sustanzi, li jkunu preżenti b'mod naturali fil-ħwawar u fl-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir, f'ċertu ikel kompost li miegħu ġew miżjuda l-ħwawar u/jew l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

| L-isem tas-sustanza | L-ikel kompost li fih il-preżenza tas-sustanza hija ristretta | Il-livell massimu [mg/kg] |
|---|---|---|
| ▌ | | |

*ANNESS IV*

## IL-LISTA TAL-MATERJALI MIS-SORS LI GĦALIHOM JAPPLIKAW IR-RESTRIZZJONIJIET DWAR L-UŻU TAGĦHOM FIL-PRODUZZJONI TAL-ĦWAWAR U TA' L-INGREDJENTI TA' L-IKEL BI PROPRJETAJIET TA' TAĦWIR

Parti A: Il-materjali mis-sors li m'għandhomx jintużaw għall-produzzjoni tal-ħwawar u ta' l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir

| Il-materjal mis-sors | |
|---|---|
| L-isem bil-Latin | L-isem komuni |
| Il-forma tetraplojda ta' Acorus calamus | Il-forma tetraplojda ta' *Calamus* |

Parti B: Il-kondizzjonijiet ta' l-użu għall-ħwawar u għall-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti minn ċerti materjali mis-sors

| Il-materjal mis-sors | | Il-kondizzjonijiet ta' l-użu |
|---|---|---|
| L-isem bil-Latin | L-isem komuni | |
| Quassia amara L. u Picrasma excelsa (Sw) | Kwassja | Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-materjal mis-sors jistgħu jintużaw biss għall-produzzjoni tax-xorb u ta' l-oġġetti tal-bejgħ tal-furnara. |

| Il-materjal mis-sors | | Il-kondizzjonijiet ta' l-użu |
|---|---|---|
| L-isem bil-Latin | L-isem komuni | |
| Laricifomes officinalis (Vill.: Fr) Kotl. et Pouz<br>Jew<br>Fomes officinales | Faqqiegħ agariku abjad | Il-ħwawar u l-ingredjenti ta' l-ikel bi proprjetajiet ta' taħwir li ġew prodotti mill-materjal mis-sors jistgħu jintużaw biss għall-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku |
| Hypericum perforatum | St Johns wort (xorta ta' fexfiex) | |
| Teucrium chamaedrys | Il-ġermandrija | |

*ANNESS V*

IL-KONDIZZJONIJIET GĦALL-PRODUZZJONI TAL-ĦWAWAR LI GĦADDEW MINN PROĊESS TERMALI U L-LIVELLI MASSIMI GĦAL ĊERTI SUSTANZI FIL-ĦWAWAR LI GĦADDEW MINN PROĊESS TERMALI

Parti A: Il-kondizzjonijiet għall-produzzjoni:

(a) It-temperatura tal-prodotti waqt l-ipproċessar m'għandhiex taqbeż l-180°C.

(b) It-tul taż-żmien ta' l-ipproċessar termali m'għandux jaqbeż il-15-il minuta f'temperatura ta' 180°C b'ħinijiet itwal li jikkorrispondu għal temperaturi iktar baxxi, jiġifieri rduppjar tal-ħin tat-tisħin għal kull tnaqqis fit-temperatura b'10°C, sa massimu ta' 12-il siegħa.

(c) Matul l-ipproċessar il-pH m'għandux jaqbeż l-valur ta' 8.0.

Parti B: Il-livelli massimi għal ċerti sustanzi

| Is-sustanza | Il-livelli massimi µg / kg |
|---|---|
| 2-amino-3,4,8-trimethylimidazo [4,5-f] quinoxaline (4,8-DiMeIQx) | 50 |
| 2-amino-1-methyl-6-phenylimidazol [4,5-b]pyridine (PhIP) | 50 |

**P6_TA(2007)0324**

## Ir-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/84/KEE dwar l-approssimazzjoni tar-rati tat-taxxa tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (COM(2006)0486 — C6-0319/2006 — 2006/0165(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0486) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0319/2006),

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 u l-Artikolu 52, paragrafu 3, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0148/2007),

1. tiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

2. tistieden lill-Kummissjoni tirtira l-proposta tagħha;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2007)0325**

## Infrastruttura Kritika Ewropea *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib tal-ħarsien tagħhom (COM(2006)0787 — C6-0053/2007 — 2006/0276(CNS))**

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0787) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0053/2007),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-1 u t-2 ta' Diċembru 2005 dwar il-prinċipji għal Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2005 tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ħarsien ta' infrastruttura kritika fil-qafas tal-ġlieda kontra t-terroriżmu ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0270/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob il-ftuħ tal-proċedura ta' konċiljazzjoni prevista fid-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-4 ta' Marzu, 1975, jekk il-Kunsill ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

([1]) Għada mhix pubblikata fil-ĠU.
([2]) ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 250.

5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*Titlu*

| | |
|---|---|
| Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa *għat*-titjib tal-ħarsien tagħhom | Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni u l-għażla ta' ***setturi ta' prijorità ta'*** l-Infrastruttura Kritika Ewropea u l-valutazzjoni tal-ħtieġa għat-titjib tal-ħarsien tagħhom |

Emenda 2

*Premessa 2*

| | |
|---|---|
| (2) Fis-17 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni adottat Green Paper dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fejn ġew identifikati l-alternattivi ta' politika biex jitwaqqaf programm kif ukoll Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (CIWIN). Ir-reazzjonijiet li ngħataw għall-Green Paper ***urew b'mod ċar il-ħtieġa li jitwaqqaf*** qafas Komunitarju għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li jiżdied il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fl-Ewropa u biex ikun hemm għajnuna biex jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet dwar l-infrastrutturi kritiċi. Ġiet *emfasizzata* l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati. | (2) Fis-17 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni adottat Green Paper dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika fejn ġew identifikati l-alternattivi ta' politika biex jitwaqqaf programm kif ukoll Netwerk ta' Informazzjoni ta' Twissija dwar l-Infrastruttura Kritika (CIWIN). Ir-reazzjonijiet li ngħataw għall-*Green Paper* ***saħqu l-valur miżjud possibbli ta'*** qafas Komunitarju għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. Ġiet rikonoxxuta l-ħtieġa li jiżdied il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fl-Ewropa u biex ikun hemm għajnuna biex jitnaqqsu l-vulnerabilitajiet dwar l-infrastrutturi kritiċi. Ġiet *enfasizzata* l-importanza tal-***prinċipji ewlenin*** tas-sussidjarjetà, ***tal-proporzjonalità u tal-kumplimentarjetà*** kif ukoll tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati |

Emenda 3

*Premessa 3*

| | |
|---|---|
| (3) F'*Diċembru* 2005, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u *ddeċieda* li għandu jkun imsejjes fuq metodu li jqis ir-riskji kollha, bil-prijorità *li jiġi affrontat* it-theddid mit-terroriżmu. B'dan il-mod, theddidiet li ġejjin mill-bniedem, dawk teknoloġiċi u diżastri naturali għandhom ikunu meqjusa fil-proċess għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, ***iżda għandha tingħata prijorità lit-theddid mit-terroriżmu***. Jekk il-livell ta' miżuri ta' ħarsien kontra *theddid* partikolari ta' livell għoli jinstab li huwa adattat f'settur ta' infrastruttura kritika, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiffokaw fuq theddid ieħor li għadhom vulnerabbli għalih. | (3) F'Diċembru 2005, il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Intern talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposta dwar Programm Ewropew għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u ddeċieda li għandu jkun imsejjes fuq metodu li jqis ir-riskji kollha, bil-prijorità li jiġi affrontat it-theddid mit-terroriżmu. B'dan il-mod, theddidiet li ġejjin mill-bniedem, dawk teknoloġiċi u diżastri naturali għandhom ikunu meqjusa fil-proċess għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, ***filwaqt li theddid maħluq mill-istruttura għandu jiġi kopert ukoll.*** It-theddid mit-terroriżmu għandu, madankollu, jingħata prijorità. |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 4

*Premessa 4*

| | |
|---|---|
| (4) Illum il-ġurnata r-responsabilità għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi taqa' l-ewwelnett fuq l-Istati Membri u l-propjetarji/operaturi ta' l-infrastrutturi kritiċi. ***Dan m'għandux jinbidel.*** | (4) Ir-responsabilità primarja ***u finali*** għall-ħarsien ta' l-infrastrutturi kritiċi taqa' l-ewwelnett fuq l-Istati Membri u l-propjetarji/operaturi ta' l-infrastrutturi kritiċi. ***Filwaqt li jitqies li s-servizzi nazzjonali jafu l-aħjar x'qed jiġri f'pajjiżhom, għandhu jittieħed approċċ minn isfel għal fuq lejn ħarsien mill-Infrastruttura Kritika Ewropea (ECI).*** |

Emenda 5

*Premessa 4 a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(4a) Il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika huwa ta' importanza vitali għas-sigurtà interna fl-Unjoni u għall-benessri taċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Fl-analiżi finali, il-qerda jew l-interruzzjoni ta' ċerti infrastrutturi jistgħu jeqirdu ħajjet in-nies, l-ambjent u l-assi ekonomiċi kif ukoll joħolqu ħsara fit-tul għall-kunfidenza pubblika fil-ħarsien u l-kura ta' l-Istat.*** |

Emenda 6

*Premessa 5*

| | |
|---|---|
| (5) Hemm ċertu numru ta' infrastrutturi kritiċi fil-Komunità, li l-*interruzzjoni* jew il-qerda tagħhom tolqot ***żewġ*** Stati Membri jew aktar jew ***Stat Membru*** għajr dak li fih tinsab l-infrastruttura kritika. Dan jista' jkollu effetti transkonfinali fuq setturi differenti, minħabba dipendenza bejn infrastrutturi konnessi. Tali infrastrutturi kritiċi Ewropej għandhom jiġu identifikati ***u magħżula*** permezz ta' proċedura komuni. ***Il-ħtieġa għal titjib*** fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi kritiċi għandha ***tiġi eżaminata fi ħdan qafas komuni.*** Skemi bilaterali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika jikkostitwixxu mezzi stabbiliti u effiċjenti ħafna biex tiġi *ttrattata* l-infrastruttura kritika transkonfinali. L-EPCIP għandu jibni fuq din il-kooperazzjoni. | (5) Hemm ċertu numru ta' infrastrutturi kritiċi fil-Komunità, li l-interruzzjoni tagħhom kieku tolqot ***tliet*** Stati Membri jew aktar jew ***mill-inqas żewġ Stati Membri oħra*** għajr dak li fih tinsab l-infrastruttura kritika. Dan jista' jkollu effetti transkonfinali fuq setturi differenti, minħabba dipendenza bejn infrastrutturi konnessi. Din l-infrastruttura kritika Ewropea għandha tiġu identifikata permezz ta' proċedura komuni. ***Fuq il-bażi ta' kriterji komuni għandha titfassal lista ta' setturi prijoritarji ta' Infrastruttura Kritika Ewropea. Għandu jiġi stabbilit qafas ta' azzjoni komuni għall-***harsien ta' ***din l-Infrastrutturi Kritika Ewropea li jqiegħdu l-Istati Membri fil-qagħda li jnaqqsu l-perikli potenzjali għall-infrastruttura kritika fuq it-territorju tagħhom billi jieħdu l-miżuri adattati.*** Skemi bilaterali għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika jikkostitwixxu mezzi stabbiliti u effiċjenti ħafna biex jitrattaw l-infrastruttura kritika transkonfinali. L-EPCIP għandu jibni fuq din il-koperazzjoni. |

Emenda 7

*Premessa 5 a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(5a) F'ċerti oqsma diġà jeżistu għadd ta' miżuri li jirregolaw l-identifikazzjoni, l-għażla u l-ħarsien ta' Infrastrutturi Kritiċi Ewropej. Kwalunkwe regolament futur li japplika fil-Komunità kollha m'għandux jirriżulta f'regolamentazzjoni doppja f'dawn l-oqsma fin-nuqqas ta' sigurtà akbar.*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 8

*Premessa 6*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (6) Peress li setturi varji għandhom esperjenza partikolari, l-għarfien espert u r-rekwiżiti relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, għandu jkun hemm l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq livell Komunitarju, li tqis il-karatteristiċi u l-mizuri eżitenti tas-setturi partikolari, inklużi dawk fuq il-livell ta' l-UE, nazzjonali jew reġjonali, kif ukoll, fejn meħtieġ, arranġamenti transkonfinali għall-għajnuna reċiproka bejn propjetarji/operaturi ta' infrastruttura kritika eżistenti. Minħabba l-involviment konsiderevoli ħafna tas-settur privat fis-sorveljanza u l-amministrazzjoni tar-riskji, pjanijiet għall-kontinwità kummerċjali u l-irkupru wara *d-diżastru*, il-metodu Komunitarju ***se jkollu bżonn iħeġġeġ*** l-involviment sħiħ tas-settur privat. Hemm bżonn ta' lista komuni tas-setturi ta' l-infrastruttura kritika biex l-implimentazzjoni tas-sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq bażi settorjali, tkun aktar faċli. | (6) Peress li setturi varji għandhom esperjenza partikolari, l-għarfien espert u r-rekwiżiti relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika, għandu jkun hemm l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika fuq livell Komunitarju, li tqis il-karatteristiċi u l-mizuri eżitenti tas-setturi partikolari, inklużi dawk fuq il-livell ta' l-UE, nazzjonali jew reġjonali, kif ukoll, fejn meħtieġ, arranġamenti transkonfinali għall-għajnuna reċiproka bejn propjetarji/operaturi ta' infrastruttura kritika eżistenti. Minħabba l-involviment konsiderevoli ħafna tas-settur privat fis-sorveljanza u l-amministrazzjoni tar-riskji, pjanijiet għall-kontinwità kummerċjali u l-irkupru wara d-diżastru, il-metodu Komunitarju ***għandu jiżgura*** l-involviment sħiħ tas-settur privat. Hemm bżonn ta' lista komuni tas-setturi ta' l-infrastruttura kritika biex l-implimentazzjoni tas-sistema għall-ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** fuq bażi settorjali, tkun aktar faċli. |

Emenda 9

*Premessa 6 a (ġdida)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***(6a) L-Infrastruttura Kritika Ewropea għandha titfassal b'tali mod li timminimizza kwalunkwe konnessjonijiet u lokalizzazzjoni f'pajjiżi terzi. Il-lokalizzazzjoni ta' elementi ta' infrastrutturi kritiċi Ewropej barra l-UE żżid ir-riskju ta' attakki terroristiċi b'effetti ulterjuri fuq l-infrastruttura kollha, l-aċċess għat-terroristi għad-dejta maħżuna barra l-UE, kif ukoll r-riskji ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, b'hekk dan iwassal biex l-infrastruttura kollha tkun aktar vulnerabbli.*** |

Emenda 10

*Premessa 7*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (7) Kull propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura kritika Ewropea għandu jwaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li jidentifika l-assi kritiċi u jistabbilixxi s-soluzzjonijiet ta' sigurtà rilevanti għall-ħarsien tagħhom. ***Il***-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jqis il-vulnerabilità, il-valutazzjonijiet tat-theddid u r-riskji, kif ukoll informazzjoni oħra rilevanti *pprovduta* mill-Istati Membri. | (7) Kull propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura kritika Ewropea għandu jwaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li jidentifika l-assi kritiċi u jistabbilixxi s-soluzzjonijiet ta' sigurtà rilevanti għall-ħarsien tagħhom. Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jqis il-vulnerabilità, il-valutazzjonijiet dwar it-theddid u r-riskji, kif ukoll informazzjoni oħra rilevanti pprovduta mill-Istati Membri. ***Dawn il-Pjanijiet tas-Sigurtà għall-Operaturi għandhom jiġu mgħoddija lill-Punti ta' Kuntatt għall-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea fl-Istati Membri. Il-konformità ma' miżuri ta' ħarsien settorjali eżistenti għandha titqies li tista' tissodisfa r-rekwiżit għat-twaqqif u l-aġġornament ta' Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.*** |

Emenda 11

*Premessa 8*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (8) Kull propjetarju/operatur ta' l-infrastrutturi kritiċi Ewropej għandu jinnomina Uffiċjal għall-*Koperazzjoni* fis-*Sigurtà* biex il-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika tkun aktar faċli. | (8) Kull propjetarju/operatur ta' l-*Infrastruttura Kritika Ewropea* għandu jinnomina Uffiċjal għall-Kooperazzjoni fis-Sigurtà biex il-koperazzjoni u l-komunikazzjoni ma' l-awtoritajiet nazzjonali għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika tkun aktar faċli. ***Il-konformità ma' miżuri ta' ħarsien settorjali eżistenti għndha titqies bħala li tista' tissodisfa r-rekwiżit li jiġi nominat Uffiċjal għall-Koperazzjoni fis-Sigurtà.*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 12

*Premessa 10*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (10) Biex it-titjib fil-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea ikun aktar faċli, għandhom jiġu żviluppati metodoloġiji *komuni* għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-***vulnerabilitajiet***, it-theddid u r-riskji ***għall***-assi infrastrutturali. | (10) Biex it-titjib fil-ħarsien ta' l-*Infrastrutturi Kritiċi Ewropej* ikun aktar faċli, għandhom jiġu żviluppati ***u implimentati*** metodoloġiji komuni għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tat-theddid u r-riskji ***għal vulnerabilitajiet strutturali li jaffettwaw*** l-assi infrastrutturali. |

Emenda 13

*Premessa 11*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (11) Huwa ***biss*** qafas komuni li jista' jipprovdi l-bażi neċessarja għall-implimentazzjoni koerenti ta' miżuri għall-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika Ewropea ***u jipprovdi definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-partijiet kollha kkonċernati***. Il-propjetarji/operaturi ta' l-infrastruttura kritika Ewropea għandhom ikunu mogħtija aċċess għall-*aħjar* prassi u *għall*-metodoloġiji dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. | (11) ***Bid-definizzjoni tar-responsabilitajiet rispettivi tal-partijiet kollha kkonċernati,*** qafas komuni jista' jipprovdi l-bażi neċessarja għall-implimentazzjoni koerenti ta' miżuri għall-ħarsien ta' l-*Infrastruttura Kritika Ewropea*. ***L-Istati Membri u*** l-propjetarji/operaturi ta' l-*Infrastruttura Kritika Ewropea* għandhom ikunu mogħtija aċċess għall-aħjar prassi u għall-metodoloġiji dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. |

Emenda 14

*Premessa 12*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (12) Il-ħarsien effettiv ta' l-infrastruttura kritika teħtieġ il-komunikazzjoini, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fuq livell nazzjonali u Komunitarju. L-aħjar mod kif dan jista' jintlaħaq huwa permezz ta' l-għażla ta' Punti ta' Kuntatt tas-*CIP* f'kull Stat Membru, *li* għandhom jikkoordinaw il-kwistjonijiet tas-CIP internament, kif ukoll ma' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni. | (12) Il-ħarsien effettiv ta' l-*Infrastruttura Kritika* ***Ewropea*** teħtieġ il-komunikazzjoini, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fuq livell nazzjonali u Komunitarju. L-aħjar mod kif dan jista' jintlaħaq huwa permezz ta' l-għażla ta' Punti ta' Kuntatt tas-***ECIP*** f'kull Stat Membru, li għandhom jikkoordinaw il-kwistjonijiet tas-***ECIP*** internament, kif ukoll ma' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni. |

Emenda 15

*Premessa 13*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| (13) Biex jiġu żviluppati attivitajiet relatati mal-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika f'oqsma li jirrikjedu ċertu livell ta' kunfidenzjalità, huwa xieraq li jiġi aċċertat li l-iskambju ta' l-informazzjoni jkun koerenti u żgurat fil-qafas tad-Direttiva. Ċertu Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika huwa tali li jekk jiġi żvelat inaqqas mill-*protezzjoni* ta' l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika. Fatti speċifiċi dwar assi ta' l-infrastruttura kritika, li jistgħu jiġu wżati għall-*pjanijiet* u azzjonijiet, bl-għan li jiġu kkawżati konsegwenzi mhux aċċetabbli għall-installazzjonijiet ta' l-infrastruttura kritika għandhom ikunu kwalifikati u l-aċċess għalihom għandu jingħata biss lil min għandu bżonn l-għarfien partikolari, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq livell ta' Stat Membru. | (13) Biex jiġu żviluppati attivitajiet relatati mal-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** f'oqsma li jirrikjedu ċertu livell ta' kunfidenzjalità, huwa xieraq li jiġi aċċertat li l-iskambju ta' l-informazzjoni jkun koerenti u żgurat fil-qafas tad-Direttiva. Ċertu Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** huwa tali li jekk jiġi żvelat inaqqas mill-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika. Fatti speċifiċi dwar assi ta' l-infrastruttura kritika, li jistgħu jiġu wżati għall-pjanijiet u azzjonijiet, bl-għan li jiġu kkawżati konsegwenzi mhux aċċetabbli għall-installazzjonijiet ta' l-infrastruttura kritika għandhom ikunu kwalifikati u l-aċċess għalihom għandu jingħata biss lil min għandu bżonn l-għarfien partikolari, kemm fuq livell Komunitarju kif ukoll fuq livell ta' Stat Membru. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 16

*Premessa 14*

| | |
|---|---|
| (14) L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-Infrastruttura Kritika għandu jsir f'atmosfera ta' fiduċja u sigurtà. L-iskambju ta' l-informazzjoni jirrikjedi relazzjoni ta' fiduċja tant li l-kumpaniji u l-organizazzjonijiet ikunu jafu li l-informazzjoni sensittiva tagħhom se tkun imħarsa b'mod xieraq. ***Biex jiġi mħeġġeġ l-iskambju ta' l-informazzjoni, għandu jkun ċar għall-industrija li l-benefiċċji li joħorġu mill-għoti ta' l-informazzjoni relatata ma' l-Infrastruttura Kritika huma akbar mill-ispejjeż għall-industrija u għas-soċjetà b'mod ġenerali. L-iskambju ta' informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika għandha għalhekk tiġi mħeġġa.*** | (14) L-iskambju ta' l-informazzjoni dwar l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** għandu jsir f'atmosfera ta' fiduċja u sigurtà. L-iskambju ta' l-informazzjoni jirrikjedi relazzjoni ta' fiduċja tant li l-kumpaniji u l-organizazzjonijiet ikunu jafu li l-informazzjoni sensittiva tagħhom ser tkun imħarsa b'mod xieraq. |

Emenda 17

*Premessa 15*

| | |
|---|---|
| (15) *Din* id-Direttiva tikkumplimenta miżuri settorjali eżistenti fuq il-livell Komunitarju u fl-Istati Membri. Fejn diġà jeżistu mekkaniżmi Komunitarji, dawn għandhom ***ikomplu jintużaw*** u *se* jikkontribwixxu għall-***implimentazzjoni ġenerali ta' din id-Direttiva***. | (15) Din id-Direttiva tikkumplimenta miżuri settorjali eżistenti fuq il-livell Komunitarju u fl-Istati Membri. Fejn diġà jeżistu mekkaniżmi ***u leġiżlazzjoni*** Komunitarja, dawn għandhom jiġu ***implimentati u applikati*** sabiex jikkontribwixxu għat-***titjib tas-sikurezza pubblika, filwaqt li jiġi evitat l-irduppjar u kontradizzjonijiet ma' din id-Direttiva u l-impożizzjoni ta' spejjeż addizzjonali mingħajr ma tiżdied is-sikurezza.*** |

Emenda 18

*Premessa 17*

| | |
|---|---|
| (17) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment it-twaqqif ta' proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej u ta' sistema komuni għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' *tadotta* miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, skond l-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalita, kif stipulat f'*dan* l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu *dawn* l-għanijiet. | (17) Peress li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment it-twaqqif ta' proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' ***setturi ta' prijorità ta'*** l-*Infrastruttura Kritika Ewropea* ta' sistema komuni għall-valutazzjoni tal-ħtieġa għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi, ma jistgħux jintlaħqu ***fil-każijiet kollha*** b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala ta' l-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, skond l-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalita, kif stipulat f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, ***iżda għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-aċċettabilità finanzjarja għall-proprjetarji jew operaturi u għall-Istati Membri.*** |

Emenda 19

*Artikolu 1*

| | |
|---|---|
| Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' Infrastrutturi Kritiċi Ewropej, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi. | Din id-Direttiva twaqqaf proċedura għall-identifikazzjoni u l-għażla ta' ***setturi ta' prijorità ta'*** l-*Infrastruttura Kritika Ewropea*, u metodu komuni għall-valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal titjib fil-ħarsien ta' dawn l-infrastrutturi. |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 20

*Artikolu 2, punt (b)*

| | |
|---|---|
| b) "Infrastruttura Kritika Ewropea" tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq ***żewġ*** Stati Membri jew aktar, jew fuq ***Stat Membru wieħed*** jekk l-infrastruttra kritika tinsab fi Stat Membru ieħor. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura; | b) "Infrastruttura Kritika Ewropea" tfisser dawk l-infrastrutturi kritiċi li l-interruzzjoni jew il-qerda tagħhom ikollhom impatt serju fuq ***tliet*** Stati Membri jew aktar, jew ***fuq mill-anqas żewġ Stati Membri*** *barra minn dak li fih tkun tinsab l-infrastruttra kritika*. Dan jinkludi l-effetti li jirriżultaw minn dipendenzi bejn is-setturi fuq tipi oħra ta' infrastruttura. |

Emenda 21

*Artikolu 2, Punt (d)*

| | |
|---|---|
| d) "vulnerabilità" tfisser karatteristika ta' element tat-tfassil, ta' l-implimentazzjoni jew ta' l-operazzjoni ta' l-infrastruttura kritika li tesponiha għall-interruzzjoni jew il-qerda minn theddida li tinkludi dipendenzi fuq tipi oħra ta' infrastruttura; | d) "vulnerabilità ***strutturali***" tfisser karatteristika ta' element tat-tfassil, ta' l-implimentazzjoni jew ta' l-operazzjoni ta' l-infrastruttura kritika li tesponiha għall-interruzzjoni jew il-qerda minn theddida li tinkludi dipendenzi fuq tipi oħra ta' infrastruttura;<br><br>*(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu u l-adozzjoni tagħha tiddetermina tibdil tekniku fit-test kollu kemm hu.)* |

Emenda 22

*Artikolu 3, Paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Il-kriterji trażversali jew settorjali li għandhom jiġu wżati għall-identifikazzjoni ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom jiġu adotttati skond ***il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3). Jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).*** | 1. Il-kriterji trażversali jew settorjali li għandhom jiġu *użati* għall-identifikazzjoni ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom ***jiġu msejsa fuq kriterji ta' ħarsien eżistenti u għandhom jiġu*** *adottati* ***u emendati*** skond ***l-Artikolu 308 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 203 tat-Trattat tal-Euratom***. |
| Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-infrastrutturi kritiċi kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [*sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*]. | Il-kriterji trażversali li japplikaw b'mod orizzontali għall-Infrastrutturi Kritiċi ***Ewropej*** kollha għandhom jiġu żviluppati b'kunsiderazzjoni għas-severità ta' l-effett ta' interruzzjoni jew qerda ta' infrastruttura partikolari. Għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard minn [sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. |
| Il-kriterji settorjali għandhom jiġu żviluppati għas-setturi l-aktar importanti b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi ta' setturi ta' infrastruttura kritika individwali li jinkludu, ***kif jixraq***, il-partijiet ikkonċernati rilevanti. Għandhom jiġu adottati għal kull settur bi prijorità sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-għażla bħala settur bi prijorità. | Il-kriterji settorjali għandhom jiġu żviluppati għas-setturi l-aktar importanti ***u jiġu msejsa fuq miżuri ta' ħarsien settorjali eżistenti*** b'kunsiderazzjoni għall-karatteristiċi ta' setturi ta' infrastruttura kritika individwali li jinkludu l-partijiet ikkonċernati rilevanti ***kollha peress li f'kull settur ikun hemm esperjenza, kompetenza u r-rekwiżiti partikolari dwar il-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika tagħhom.*** Għandhom jiġu adottati għal kull settur bi prijorità sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-għażla bħala settur bi prijorità.<br><br>***Fejn il-mekkaniżmi tal-Komunità jkunu diġà stabbiliti, dawn għandhom jibqgħu jintużaw. Id-duplikazzjonijiet ta' atti jew dispożizzjonijiet differenti, jew il-kontradizzjonijiet bejniethom, għandhom ikunu evitati akkost ta' kollox.*** |

It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 23

*Artikolu 3, Paragrafu 2*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| ***2. Is-setturi bi projorità li għandhom jintużaw għall-għanijiet ta' żvilupp ta' kriterji misjuba fil-paragrafu 1 għandhom jiġu identifikati mill-Kummissjoni fuq bażi annwali minn fost dawk elenkati fl-Anness I.*** | ***imħassar*** |
| ***L-Anness I jista' jiġi emendat skond il-proċedura msemmija fl-artikolu 11(3) sakemm din id-Direttiva ma tingħatax għan aktar wiesgħa.*** | |

Emenda 24

*Artikolu 3, Paragrafu 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| 3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-infrastrutturi kritiċi li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-infrastrutturi kritiċi barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt fuqu, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-***paragrafi 1 u 2***. | 3. Kull Stat Membru għandu jidentifika l-Infrastrutturi Kritiċi ***Ewropej possibbli*** li jinsabu fit-territorju tiegħu kif ukoll l-Infrastrutturi Kritiċi ***Ewropej possibbli*** barra mit-territorju li jista' jkollhom impatt fuqu, li jissodisfaw il-kriterji adottati skond il-***Paragrafu 1***, sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data. |
| ***Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi identifikati b'dan il-mod*** sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data. | |

Emenda 25

*Artikolu 4, Titolu*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| L-għażla ta' ***l-Infrastruttura Kritika Ewropea*** | ***L-identifikazzjoni u*** l-għażla ***tas-setturi bi prijorità*** |

Emenda 26

*Artikolu 4, Paragrafu -1 (ġdid)*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***-1. Kull Stat Membru għandu jidentifika s-setturi bi prijorità fi ħdan it-territorju tiegħu, kif ukoll dawk barra t-territorju tiegħu li jista' jkollhom effett fuqu, u li għandhom jintużaw għall-iskopijiet ta' l-iżvilupp tal-kriterji adottati skond l-Artikolu 3(1).*** |
| | ***Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-infrastrutturi kritiċi identifikati b'dan il-mod sa mhux aktar tard minn sena mid-data ta' l-adozzjoni tal-kriterji rilevanti u fuq bażi regolari wara dik id-data.*** |

Emenda 27

*Artikolu 4, Paragrafu 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| 1. Abbażi tan-notifikazzjonijiet magħmula skond ***it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3(3)*** u ta' kwalumkwe informazzjoni li għandha disponibbli, il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ta' ***l-infrastrutturi kritiċi li għandhom jiġu magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej***. | 1. Abbażi tan-notifikazzjonijiet magħmula skond ***il-Paragrafu -1*** u ta' *kwalunkwe* informazzjoni li għandha disponibbli, il-Kummissjoni għandha tipproponi lista ***tas-setturi ta' prijorità ta' l-****Infrastruttura Kritika* ***Ewropea***. |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 28

*Artikolu 4, Paragrafu 1 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***1a. L-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandhom jitfasslu b'tali mod li jimminimizzaw kwalunkwe konnessjoni ma' pajjiżi terzi kif ukoll kwalunkwe lokalizzazzjoni fihom.*** |

Emenda 29

*Artikolu 4, Paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Il-lista ta' infrastrutturi kritiċi magħżula bħala Infrastrutturi Kritiċi Ewropej għandha tiġi adottata ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3)***. | 2. Il-lista tas-***setturi ta' prijorità*** ta' l-*Infrastruttura Kritika Ewropea* għandha tiġi adottata ***u emendata mill-Kunsill***. |
| ***Il-lista tista' tiġi emendata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3).*** | |

Emenda 30

*Artikolu 4 (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 4 a*** |
| | ***Ipproċessar ta' data personali*** |
| | ***L-ipproċessar tad-data personali li jsir b'mod dirett jew permezz ta' intermedjarju u meħtieġ għall-attivitajiet ta'ħarsein ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jsir skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi rigward l-ipproċessar tad-dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dejta bħal din [1] kif ukoll tal-prinċipji applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-ipproċessar tad-data għandu jsir fl-Unjoni u kwalunkwe duplikazzjoni tad-dejta m'hijiex permessa f'pajjiżi terzi għal raġunijiet ta' sigurtà.*** |
| | ***(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.*** |

Emenda 31

*Artikolu 5, Paragrafi 1 u 2*

| | |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jesiġi li l-propjetarji/operaturi ta' kull Infrastruttura Kritika Ewropea misjuba fit-territorju tiegħu, jistabbilixxu u jaġġornaw Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li għandu jiġi reveduta kull sentejn. | 1. Kull Stat Membru għandu jesiġi li l-propjetarji/operaturi ta' kull Infrastruttura Kritika Ewropea misjuba fit-territorju tiegħu, jistabbilixxu u jaġġornaw Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi li għandu jiġi *rivedut* kull sentejn. |
| | ***Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jadottaw lista tal-miżuri protettivi eżistenti li japplikaw għas-setturi speċifiċi mniżżla fl-Anness I. Il-konformità ma' waħda jew iżjed mill-miżuri ta' protezzjoni mniżżla fil-lista għandha tissodisfa r-rekwiżit li jiġi stabbilit u aġġornat Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.*** |
| 2. Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jidentifika l-assi ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jistabbilixxi soluzzjonijiet rilevanti ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom skond l-Anness II. Jistgħu jiġu adottati rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari relatati mal-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi u dan b'kunsiderazzjoni għall-miżuri tal-Komunità, ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3)***. | 2. Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi għandu jidentifika l-assi ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea u jistabbilixxi soluzzjonijiet rilevanti ta' sigurtà għall-ħarsien tagħhom skond l-Anness II. Jistgħu jiġu adottati ***mill-Kunsill*** rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari relatati mal-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi u dan b'kunsiderazzjoni għall-miżuri tal-Komunità. |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|
| ***Filwaqt li taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11 (2), il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-osservanza ta' miżuri applikabbli għal setturi partikolari elenkati fl-Anness I tissodisfa r-rekwiżiti biex tistabbilixxi u taġġorna Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.*** | |

Emenda 32

*Artikolu 5, Paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. Il-propjetarju/operatur ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jissottometti Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi ***lill-awtorità ta' l-Istat Membru*** rilevanti fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea. | 3. Il-propjetarju/operatur ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea għandu jissottometti Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi ***lill-Punt ta' Kuntatt ta' l-ECIP*** rilevanti fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea. |
| Fejn ir-rekwiżiti speċifiċi għal settur partikolari dwar Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi jiġu adottati skond il-paragrafu 2, il-pjan tas-sigurtà għall-operaturi għandu jkun sottomess biss ***lill-awtorità ta' l-Istat Membru*** relattiv fi żmien sena mill-adozzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari. | Fejn ir-rekwiżiti speċifiċi għal settur partikolari dwar Il-Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi jiġu adottati skond il-*Paragrafu* 2, il-pjan tas-sigurtà għall-operaturi għandu jkun sottomess biss ***lill-Punt ta' Kuntatt ta' l-ECIP rilevanti*** fi żmien sena mill-adozzjoni tar-rekwiżiti speċifiċi għas-settur partikolari. |

Emenda 33

*Artikolu 5, Paragrafu 5*

| | |
|---|---|
| ***5. Il-konformità mad-Direttiva Nru 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet diġà tilħaq ir-rekwiżit li twaqqaf Pjan tas-Sigurtà għall-Operaturi.*** | ***imħassar*** |

Emenda 34

*Artikolu 6, Paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu jinnominaw Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bejn il-propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura u ***l-awtoritajiet għall-ħarsien ta' l-infrstruttura kritika rilevanti*** fl-Istat Membru. L-Uffiċjal għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà għandu jkun nominat fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea. | 1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej li jinsabu fit-territorju tiegħu jinnominaw Uffiċjal għall-Koordinazzjoni *tas*-Sigurtà bħala punt ta' kuntatt għall-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà bejn il-propjetarju/operatur ta' l-infrastruttura u ***l-Punt ta' Kuntatt ta' l-ECIP*** fl-Istat Membru. L-Uffiċjal għall-Koordinazzjoni *tas*-Sigurtà għandu jkun nominat fi żmien sena mill-għażla ta' l-infrastruttura kritika bħala Infrastruttura Kritika Ewropea. |
| | ***Il-konformità ma' waħda jew iżjed mill-miżuri ta' protezzjoni mniżżla fil-lista msemmija fl-Artikolu 5(1) għandha tissodisfa r-rekwiżit biex jiġi nominat Uffiċjal għall-Koordinazzjoni tas-Sigurtà.*** |

Emenda 35

*Artikolu 6, Paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji u t-theddid identifikati lill-Uffiċjali għall-Koordinazzjoni fis-Sigurtà ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea relattiva. | 2. Kull Stat Membru għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar ir-riskji u t-theddid identifikati lill-Uffiċjali għall-Koordinazzjoni *tas*-Sigurtà ta' l-Infrastruttura Kritika Ewropea relattiva ***permezz tal-Punt ta' Kuntatt nazzjonali ta' l-ECIP.*** |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 36

*Artikolu 7, Paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jirraporta lill-Kummissjoni fil-qosor, fuq it-tipi ta' vulnerabilitajiet, theddid u riskji li ltaqa' magħhom ***f'kull settur imsemmi fl-Anness I*** fi żmien ***18-il xahar*** mill-adozzjoni tal-lista misjuba fl-Artikolu 4(2) et seq fuq bażi regolari, kull sentejn. | 2. Kull Stat Membru għandu *jirrapporta* lill-Kummissjoni fil-qosor, fuq it-tipi ta' vulnerabilitajiet ***strutturali***, theddid u riskji li ltaqa' magħhom fl-***Infrastrutturi Kritiċi Ewropej*** fi żmien ***12-il xahar*** mill-adozzjoni tal-lista misjuba fl-Artikolu 4(2) *u minn dik id-data 'l hemm*, fuq bażi regolari, kull sentejn. |
| Qafas komuni għal dawn ir-rapporti għandu jkun żviluppat ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3)***. | Qafas komuni għal dawn ir-rapporti għandu jkun żviluppat ***mill-Kummissjoni u approvat mill-Kunsill***. |

Emenda 37

*Artikolu 7, Paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni għandha teżamina fuq bażi settorjali jekk tezistix il-ħtieġa ta' miżuri għall-ħarsien speċifiku ta' l-Infarstrutturi Kritiċi Ewropej. | 3. Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jeżaminaw*** fuq bażi settorjali jekk *teżistix* il-ħtieġa ta' miżuri għall-ħarsien speċifiku ta' l-*Infrastrutturi* Kritiċi Ewropej. ***F'dan il-kuntest għandhom jitqiesu l-prattika tajba u l-metodoloġiji eżistenti.*** |

Emenda 38

*Artikolu 7, Paragrafu 4*

| | |
|---|---|
| 4. Metodoloġiji komuni ***għall-***valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltajiet, theddid u riskji relatati ma' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej jistgħu jiġu żviluppati fuq bażi settorjali ***skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(3)***. | 4. ***Jekk jitqies li jkun meħtieġ***, metodoloġiji komuni *ta'* valutazzjonijiet tal-*vulnerabilità* ***strutturali***, theddid u riskji relatati ma' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej jistgħu jiġu żviluppati fuq bażi settorjali. ***Metodoloġiji komuni bħal dawn għandhom jieħdu konsiderazzjoni tal-metodoloġiji eżistenti.*** |

Emenda 39

*Artikolu 8*

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tappoġġja lill-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej billi tagħti aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. | Il-Kummissjoni ***u l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw*** lill-propjetarji/operaturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi Ewropej billi ***jagħtu*** aċċess għall-aħjar prassi eżistenti u għall-metodoloġiji relatati mal-ħarsien ta' l-infrastruttura kritika. |

Emenda 40

*Artikolu 10, Paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Kull persuna li għandha aċċess u tħaddem, għan-nom ta' Stat Membru, l-informazzjoni kunfidenzjali skond din id-Direttiva għandu jkollha livell ***xieraq*** ta' skrutinju mill-Istat Membru ikkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam ma' sigurtà. | 2. Kull persuna li għandha aċċess u tħaddem, għan-nom ta' Stat Membru, l-informazzjoni kunfidenzjali skond din id-Direttiva għandu jkollha ***l-aħjar*** livell ta' skrutinju mill-Istat Membru kkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà. |

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 41

*Artikolu 10, Paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika sottomessa ***lill-Istati Membri jew lill-Kummissjoni***, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-infarstrutturi kritiċi. | 3. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jiżguraw li l-Informazzjoni dwar il-Ħarsien ta' l-Infrastruttura Kritika ***Ewropea*** sottomessa ***lilhom***, ma tintużax għal għan ieħor għajr il-ħarsien ta' l-*Infrastrutturi Kritiċi* ***Ewropej, u li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-prinċipju tal-proporzjonalità mill-perspettiva materjali, kif ukoll lid-drittijiet fundamentali u lill-istituzzjonijiet li għandhom ikunu mħarsa.*** |

Emenda 42

*Artikolu 11*

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 11***<br>***Il-Kumitat***<br>***1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat magħmul minn rappreżentanti ta' kull Punt ta' Kuntatt tas-CIP.***<br>***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw b'konsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***<br>***3. Kull fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.***<br>***Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.***<br>***4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.*** | ***imħassar*** |

Emenda 43

*Artikolu 12, Paragrafu 1, Subparagrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tithares id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-***31 ta' Diċembru 2007***. Għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tithares id-Direttiva sa mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2008***. Għandhom jikkomunikaw mill-aktar fis possibbli lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. |

Emenda 44

*Anness I, Titolu*

| | |
|---|---|
| Lista tas-Setturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi | Lista tas-Setturi ta' l-Infrastrutturi Kritiċi ***possibbli*** |

Emenda 45

*Anness I, Settur III, Sottosettur 9*

| | |
|---|---|
| Il-komunikazzjoniji ***u*** n-navigazzjoni bir-radju | Il-*komunikazzjoni* bir-radju, in-navigazzjoni ***u l-identifikazzjoni permezz tal-frekwenzi tar-radju (RFID)*** |

Emenda 46

*Anness I, Settur VII, Sottosettur 19*

| | |
|---|---|
| Infrastrutturi u sistemi ta' l-ipproċessar u l-għeluq ta' pagamenti u garanziji | Infrastrutturi u sistemi ta' l-ipproċessar u l-għeluq ta' pagamenti u garanziji ***u l-forrnituri tas-servizz tagħhom*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 47

*Anness I, Settur VII, Sottosettur 19 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***19a Servizzi bankarji u ta' l-assikurazzjoni*** |

**P6_TA(2007)0326**

# Is-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku (2007/2089(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa (COM(2007)0001),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku (COM(2006)0841),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Inkjesta skond l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 dwar l-oqsma Ewropej tal-gass u ta' l-elettriku (COM(2006)0851), u d-dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni marbut magħha — ir-rapport DG Kompetizzjoni (SEC(2006)1724),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Pjan ta' Interkonnessjoni Prijoritarju (COM(2006)0846),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal — Rapport ta' Implimentazzjoni dwar il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku (SEC(2006)1709) — Dokument mehmuż mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2006)0841),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar dejta ta' l-UE dwar il-politika ta' l-enerġija (SEC(2007)0012),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Diċembru 2006 dwar strateġija Ewropea għal enerġija sostenibbli, kompetittiva u sikura — Green paper [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea [2],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi linji gwida għal netwerks ta' l-enerġija trans-Ewropej [3],

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari fit-23 ta' Mejju 2007 dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill għall-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula regoli ġenerali għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u ta' l-enerġija [4],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/89/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà fil-provvista ta' l-elettriku u ta' l-investiment fl-infrastruttura [5],

[1] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0603.
[2] ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 112.
[3] ĠU L 262, 22.9.2006, p. 1.
[4] Testi adottati, P6_TA(2007)0198.
[5] ĠU L 33, 4.2.2006, p. 22.

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1775/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks ta' trasmissjoni tal-gass naturali ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva Nru 2004/67/KE tal-Kunsill tas-26 ta' April 2004 dwar miżuri biex tissalvagwardja s-sigurtà tal-provvista ta' gass naturali ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam ta' l-elettriku ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1228/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar kondizzjonijiet għall-aċċess għan-netwerks għall-iskambju transkonfinali fl-elettriku ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tar-Regolaturi ta' l-Enerġija Ewropej għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2006 lill-membri kollha tal-Kunsill tar-Regolaturi Ewropej ta' l-Enerġija (CEER) u tal-grupp ta' Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Enerġija (ERGEG), lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Ministri u lill-Kummissjoni Ewropea, liema rapport sar skond l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/796/KE tal-11 ta' Novembru 2003 dwar it-twaqqif tal-Grupp Ewropew Regolatorju għall-Elettriku u l-Gass ([6]),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-8 u 9 ta' Marzu 2007, dwar l-approvazzjoni tal-Kunsill Ewropew ta' "Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill Ewropew (2007-2009) — Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0249/2007),

A. billi l-politika għall-enerġija l-ġdida ta' l-Unjoni Ewropea għal enerġija sostenibbli, sikura u kompetittiva trid tkun waħda ambizzjuża u mmirata lejn benefiċċji fuq żmien twil, iffukata fuq il-ġlieda kontra l-bidla fil-klima, u tillimita l-vulnerabilità esterna ta' l-UE fuq l-importazzjonijiet, u tippromwovi t-tkabbir u l-impjiegi,

B. billi irid jitwaqqaf qafas leġiżlattiv xieraq f'waqtu skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji ambizzjużi u għat-tul ta' żmien,

C. billi t-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija u l-ħolqien ta' mekkaniżmi effettivi ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri huma prerekwiżiti biex ikunu garantiti s-sigurtà tal-provvista u l-effiċjenza ekonomika,

D. billi l-liberalizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-suq huma importanti b'mod indaqs għall-iffaċilitar tal-kummerċ transkonfinali, il-kisba ta' aktar effiċjenza ekonomika u likwidità akbar fis-suq, filwaqt li għalhekk jikkompletaw is-suq intern ta' l-enerġija,

E. billi deċiżjonijiet dwar it-taħlita ta' enerġija fi Stat Membru għandhom konsegwenzi għall-Unjoni kollha kemm hi fir-rigward tal-kompetizzjoni, is-sigurtà tal-provvista u s-sostenibilità ambjentali,

F. billi l-prinċipji ta' l-inklużjoni soċjali u ta' l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd ifissru li huwa essenzjali li kull ċittadin ta' l-Unjoni jkollu aċċess għall-enerġija bi prezz li jintlaħaq,

([1]) ĠU L 289, 3.11.2005, p.1.
([2]) ĠU L 127, 29.4.2004, p. 92.
([3]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 37.
([4]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 57.
([5]) ĠU L 176, 15.7.2003, p. 1.
([6]) ĠU L 296, 14.11.2003, p. 34.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

G. billi 20 minn 27 Stat Membru għad iridu jittrasponu b'mod sħiħ id-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE fil-kliem u fl-ispirtu,

H. billi l-Komunikazzjoni fuq imsemmija tal-Kummissjoni dwar il-prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku u r-rapport tad-DĠ għall-Kompetizzjoni dwar l-inkjesta tal-qasam ta' l-enerġija jikkonkludu li r-regoli u l-miżuri ta' liberalizzazzjoni attwali wasslu għal titjib fl-effiċjenza tal-provvista ta' l-enerġija u sabiex l-konsumaturi jiffrankaw, iżda billi s-swieq għadhom ma nfetħux għal kollox u għad hemm ostakli għall-kompetizzjoni ħielsa,

I. billi l-istabbiliment mir-regolaturi nazzjonali ta' regoli armonizzati qawwija u effettivi dwar l-aċċess għan-netwerk flimkien ma' disakkoppjament effettiv huma prerekwiżiti sabiex jitħallew jidħlu fis-suq kompetituri ġodda,

J. billi f'xi Stati Membri kuntratti fuq medda twila ta' żmien jgħoddu għal proporzjon sostanzjali tas-suq, u b'hekk jipperikolaw l-iżvilupp tal-kompetizzjoni ħielsa u b'hekk il-tlestija ta' suq intern ta' l-enerġija,

K. billi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' l-UE fir-rigward tas-separazzjoni u l-oqfsa regolatorji fl-Istati Membri jvarjaw konsiderevolment u dan għandu implikazzjonijiet serji fl-iżvilupp tas-suq intern ta' l-elettriku,

L. billi l-konverġenza u s-sinkronizzazzjoni ta' l-azzjoni nazzjonali fir-rigward ta' dispożizzjonijiet ta' separazzjoni huma l-unika triq lejn it-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija,

M. billi l-qligħ tal-biċċa l-kbira ta' l-impriżi tal-gass jiġi prinċipalment mill-attivitajiet ta' kummerċ tagħhom milli mill-estrazzjoni tal-gass,

N. billi ftit Stati Membri fetħu s-swieq tal-gass tagħhom; billi prezzijiet orħos u servizz ta' kwalità tal-provvista fis-suq tal-gass huma importanti għas-sistema kollha, kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-impriżi,

O. billi t-tnaqqis tal-konġestjoni fit-trażmissjoni ta' l-elettriku jirrikjedi kemm investimenti enormi fl-espansjoni u t-titjib tan-netwerk ta' l-elettriku kif ukoll mekkaniżmi ta' l-immaniġġjar tal-konġestjoni aktar effettivi u bbażati fuq is-suq,

P. billi kwalunkwe leġiżlazzjoni ġdida proposta għandha taffronta l-problemi speċifiċi ffaċċjati mill-industriji li jużaw l-enerġija b'mod intensiv, bħall-prezzijiet għolja ta' l-enerġija b'riżultat ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fis-swieq,

Q. billi l-livelli ta' l-interkonnessjoni bejn diversi Stati Membri għad m'humiex biżżejjed, 'il bogħod mill-ftehim adottati fil-Laqgħa Għolja ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002 u, f'ħafna każijiet, diversi impedimenti politiċi u amministrattivi huma l-kawża ewlenija għad-dewmien biex jinbnew,

R. billi qabel ma tipproponi xi leġiżlazzjoni dwar il-ħolqien obbligatorju ta' faċilitajiet sabiex jinħażen il-gass f'kull Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tressaq studju dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji u evalwazzjoni bir-reqqa ta' l-impatt,

S. billi l-liberalizzazzjoni u l-integrazzjoni tas-suq għandhom importanza indaqs għall-ikkompletar tas-suq intern ta' l-enerġija,

T. billi s-sentenza finali tal-punt 33 tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza fuq imsemmija tal-Kunsill Ewropew tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007 tistqarr l-importanza kbira tas-settur li juża ħafna enerġija, u tenfasizza li jinħtieġu miżuri b'infiq effiċjenti sabiex itejbu kemm il-kompetittività kif ukoll l-impatt ambjentali ta' dan it-tip ta' industriji,

U. billi n-nuqqas ta' trasparenza ġie identifikat mill-Kummissjoni bħala ostakolu għall-promozzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern,

V. billi jinħtieġ qafas regolatorju ċar, stabbli u prevedibbli għall-investimenti għal medda twila ta' żmien li huma meħtieġa fis-settur ta' l-enerġija,

W. billi awtorità pubblika ta' l-Unjoni Ewropea ta' l-enerġija ti sta' tgħin biex tiffinanzja r-riċerka u l-iżvilupp ta' enerġiji li jiġġeddu, iżżomm tariffi bilanċjati u tiżgura aċċess indaqs għall-enerġija għaċ-ċittadini kollha,

X. billi d-dejta disponibbli turi li l-Istati Membri għamlu biss użu limitat mill-obbligi għas-servizz pubbliku maħsuba biex jindirizzaw konsumaturi vulnerabbli,

1. Itenni li l-Istrateġija ta' Liżbona ti sta' tkun suċċess biss jekk isiru sforzi oħra għall-istabbiliment ta' politika għall-enerġija komuni bbażata fuq viżjoni aktar wiesgħa ta' l-interess komuni Ewropew fil-qasam ta' l-enerġija billi jkunu rispettati l-karatteristiċi nazzjonali u billi l-Istati Membri jitħallew jaderixxu mat-taħlitiet ta' l-enerġija tagħhom sabiex is-sorsi ta' l-enerġija u l-produtturi ta' l-enerġija jkunu diversifikati kemm jista' jkun;

***Separazzjoni tat-trażmissjoni***

2. Iqis li s-separazzjoni tas-sjieda tat-trażmissjoni hija l-aktar għodda effettiva sabiex jiġu promossi l-investiment fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess ġust għan-netwerk għall-kompetituri ġodda u t-trasparenza fis-suq; jenfasizza madankollu li dan il-mudell jista' ma jindirizzax il-kwistjonijiet kollha konċernati bħall-interkonnessjonijiet jew il-punti ta' konġestjoni;

3. Jirrikonoxxi li l-applikazzjoni ta' aktar miżuri ta' separazzjoni fil-qasam tal-gass m'hijiex ħafifa; għalhekk iħeġġeġ l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet speċifiċi sabiex ikun jista' jitlesta s-suq intern tal-gass, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn is-swieq "upstream" u 'downstream';

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta analiżi li turi l-ispejjeż mistennija tas-separazzjoni tas-sjieda u ta' l-istabbiliment ta' operaturi indipendenti tas-sistema għall-Istati Membri, l-effetti mistennija fuq l-investiment fin-netwerks, kif ukoll il-benefiċċji għas-suq intern u għall-konsumaturi; jiġbed l-attenzjoni li l-analiżi għandha tindirizza l-kwistjoni ta' jekk jinħolqux problemi jew spejjeż, u jekk huwa l-każ, it-tip ta' problemi u spejjeż, jekk ma ssir ebda separazzjoni mill-istat, kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk il-konsegwenzi negattivi jkunux differenti bħal bejn sjieda statali jew privata; barra minn hekk jissuġġerixxi li l-analiżi għandha tikkunsidra x'ikunu l-vantaġġi tas-separazzjoni tas-sjieda meta mqabbla ma' l-approċċ ta' l-operatur tas-suq reġjonali indipendenti fir-rigward ta' l-ilħuq ta' objettivi;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra d-differenzi strutturali bejn is-setturi ta' l-elettriku u tal-gass ta' l-UE, inkluż il-fatt li, xi Stati Membri m'għandhomx produzzjoni naturali ta' dawn is-sorsi ta' enerġija u li, fi swieq "upstream" importanti tal-gass, ir-reċiproċità ekonomika sħiħa attwalment mhix żgurata; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta bilanċjata li tippermetti lill-kumpaniji tal-gass ta' l-UE li jużaw l-investimenti ġodda u upstream fil-'pipelines' u l-kuntratti għal medda twila taż-żmien sabiex isaħħu l-qawwa tagħhom ta' negozjar fil-konfront ta' pajjiżi terzi;

6. Jinsisti li l-ebda kumpanija ta' pajjiż terz m'għandha titħalla tixtri infrastruttura ta' l-enerġija sakemm m'hemmx reċiproċità ma' dak il-pajjiż;

***Regolaturi***

7. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta mill-Kummissjoni li tittejjeb il-koperazzjoni bejn regolaturi nazzjonali fil-livell ta' l-UE, permezz ta' entità ta' l-UE, bħala mezz għall-promozzjoni ta' approċċ aktar Ewropew għar-regolazzjoni dwar kwistjonijiet transkonfinali; iqis li aktar konverġenza u armonizzazzjoni tal-kompetenzi ta' regolaturi nazzjonali huma essenzjali biex jingħelbu differenzi tekniċi u regolatorji li jimponu ostakoli kbar għall-kummerċ u għall-interkonnessjonijiet transkonfinali; jisħaq li l-Kummissjoni għandu jkollha rwol ewlieni, filwaqt li ma ddgħajjifx l-indipendenza tar-regolaturi nazzjonali; jemmen li d-deċiżjonijiet meħuda

mir-regolaturi għandhom ikunu bbażati fuq kwistjonijiet tekniċi u ta' kummerċ imfissra b'mod speċifiku u fuq bażi infurmata filwaqt li jitqiesu, meta jkun xieraq, il-fehmiet ta' operaturi ta' sistemi ta' trażmissjoni (TSOs) u ta' partijiet interessati rilevanti oħra, u għandhom jorbtu legalment;

8. Jiġbed l-attenzjoni li r-regolaturi nazzjonali għandhom jibqgħu l-unika awtorità responsabbli għal deċiżjonijiet li jaffettwaw is-suq nazzjonali tagħhom biss; jaqbel li l-kompetenzi tagħhom jiżdiedu biex jinkludu t-tfassil ta' inventarju ta' investiment meħtieġ u l-promozzjoni attiva ta' l-implimentazzjoni tagħhom;

9. Jemmen li r-regolaturi għandhom jiżguraw li kwalunkwe kumpanija sid ta' infrastruttura ta' l-enerġija, u b'mod partikulari ta' netwerks tat-trażmissjoni jew "pipelines", timpenja ruħha li tilħaq il-miri ta' investiment definiti b'mod ċar sabiex tevita spekulazzjoni f'dan il-qasam;

10. Jemmen li r-regolaturi nazzjonali għandhom ikunu indipendenti, b'saħħithom, u jkollhom kompetenzi definiti sew sabiex ikun żgurat li l-liġi tkun implimentata għalkollox fil-prattika u tkun irrispettata minn min jieħu sehem fis-suq kif ukoll li jkun hemm l-investimenti u l-livelli ta' trasparenza meħtieġa; jemmen, barra minn hekk, li l-kompetenzi tagħhom għandhom ikunu armonizzati f'livell ta' l-UE permezz tat-twaqqif ta' regoli komuni dwar it-trasparenza, l-iżvelar u r-responsabbiltà sabiex ikun żgurat li jkunu indipendenti għal kollox mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-industrija;

11. Jemmen li r-regolaturi nazzjonali għandhom jingħataw l-irwol li jippenalizzaw operaturi li ma jirrispettawx id-deċiżjonijiet tagħhom jew operaturi ta' trażmissjoni li jonqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom ta' manutenzjoni tan-netwerk, li jiżguraw li kumpaniji ta' l-enerġija jagħtu pariri lill-utenti aħħarin dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija kif stabbilit fid-Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija ([1]) u dwar servizzi ta' enerġija u li jimponu programmi ta' l-elettriku u tar-rilaxx ta' gass; jemmen ukoll li l-koperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet regolatorji u l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni rilevanti għandha tissaħħaħ kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell ta' l-UE;

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi soluzzjoni għall-problemi ta' indipendenza/kunflitti ta' interess u trasparenza fir-rigward ta' TSOs; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti li jagħtu lok lit-TSOs li jaqdu dmirhom bħala faċilitaturi tas-suq u biex jarmonizzaw ir-regolamenti internazzjonali għat-TSOs sabiex jitjieb it-trasport transkonfinali;

13. Jilqa' l-proposta biex assoċjazzjonijiet eżistenti ta' TSOs jingħataw irwol uffiċjali b'obbligi u b'objettivi formali (is-soluzzjoni ETSO+\GTE+);

14. Jikkritika l-indħil eċċessiv ta' xi gvernijiet fid-deċiżjonijiet meħuda minn regolaturi nazzjonali billi dan idgħajjef l-irwol ta' dawn ta' l-aħħar bħala awtoritajiet indipendenti;

15. Jinnota l-iżvilupp ta' xi swieq reġjonali; jiġbed l-attenzjoni li se jinħtieġu miżuri xierqa sabiex jiġi evitat li jinħolqu "gżejjer ta' l-enerġija" akbar u jitlob li dawn l-istrutturi reġjonali ma jipperikolawx it-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija;

***Tariffi regolati***

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ineħħu gradwalment l-applikazzjoni ta' tariffi regolati ġeneralizzati — bl-eċċezzjoni ta' tariffi ta' l-aħħar tentattiv kif jingħad fid-Direttiva 2003/54/KE — filwaqt li jkun żgurat li hemm miżuri xierqa biex iħarsu lill-konsumaturi vulnerabbli, partikolarment fis-sens ta' faqar tal-fjuwil, inklużi mekkaniżmi mhux ibbażati fuq is-suq; jiddispjaċih għan-nuqqas ta' referenza għal mekkaniżmi ta' prezzijiet fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq imsemmija dwar politika ta' l-enerġija għall-Ewropa; ifakkar li intervent fuq il-prezzijiet għandu jitħalla biss, bħala l-aħħar tentattiv, meta regolaturi nazzjonali jippruvaw jikkontrollaw prezzijiet li qed jogħlew li jkunu stimulati b'mod artifiċjali sabiex tkun evitata l-ħsara lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-kompetituri ġodda, iżda wkoll li fi kwalunkwe każ il-prezzijiet għandhom ikopru l-ispejjeż reali;

([1]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 64.

17. Iqis li sussidji għal sorsi ta' l-enerġija li ma tiġġeddidx għandhom jitneħħew, biex b'hekk ikunu żgurati kundizzjonijiet indaqs, li spejjeż ambjentali esterni għandhom ikunu inklużi fil-prezz ta' l-enerġija u li strumenti bbażati fuq is-suq għandhom jintużaw biex jintlaħqu objettivi ambjentali u tal-politika ta' l-enerġija;

18. Jinnota li obbligi mmirati ta' standard għoli universali u ta' servizz pubbliku għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' l-għajnuna mill-Istat u li l-liġi tal-kompetizzjoni tapplika fir-rigward ta' diskriminazzjoni tal-prezzijiet u restrizzjonijiet fuq il-bejgħ mill-ġdid; jenfasizza li dan huwa ta' importanza kruċjali li l-impatt tat-tariffi ta' provvista regolati li baqa' fuq l-iżvilupp tal-kompetizzjoni jiġi evalwat u li jitneħħew id-distorsjonijiet tas-suq;

### *Impatt soċjali u ħarsien tal-konsumatur*

19. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjonijiet ta' l-impatt kompleti inkluża l-evalwazzjoni ta' l-effetti soċjali tal-proposti differenti tagħha u biex tappoġġja l-industriji biex jiżviluppaw mekkaniżmi għal taħriġ u tqassim mill-ġdid ta' l-impjiegi;

20. Jemmen li huwa indispensabbli li l-konsumaturi jingħataw l-enerġija għall-ħtiġijiet bażiċi tagħhom u li l-faqar ta' l-enerġija jrid jingħeleb bil-mezzi disponibbli kollha, b'mod partikulari billi jitheġġew l-iffrankar ta' l-enerġija u l-effiċjenza ta' l-enerġija; barra minn hekk, jitlob miżuri soċjali mmirati kif xieraq u trasparenti li, filwaqt li ma jostakolawx il-kompetizzjoni ġusta, huma meħtieġa biex iħarsu lill-konsumaturi vulnerabbli u żvantaġġjati;

21. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposta tagħha għal Karta tal-Konsumaturi ta' l-Enerġija sa mhux iktar tard mill-aħħar ta' l-2007;

### *Interkonnessjonijiet*

22. Jilqa' b'sodisfazzjon l-objettiv indikattiv li jinkisbu livelli ta' interkonnessjonijiet ta' 10 % fl-Istati Membri;

23. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom, anke permezz tat-tisħiħ ta' koperazzjoni bilaterali, biex ineħħu ostakoli tekniċi, amministrattivi u politiċi għat-tlestija ta' proġetti eżistenti u tal-ġejjieni, b'mod partikulari ta' l-er ba' proġetti identifikati mill-Kummissjoni bħala proġetti ta' interess Komunitarju; jitlob l-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-bini ta' linji ta' interkonnessjoni u biex jillimitaw it-tul ta' żmien tal-proċeduri; iqis, madankollu, li għandhom dejjem jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' interess ġenerali;

24. Jerġa' jafferma l-bżonn li jiżdied il-baġit allokat għal netwerks ta' l-enerġija trans-Ewropej biex, b'mod partikolari, jitneħħew l-ostakoli ambjentali;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħaffef il-ħatra ta' koordinaturi ta' l-UE għal proġetti ta' interess Komunitarju li qed ikollhom problemi bl-implimentazzjoni;

26. Jenfasizza li infrastruttura u ġenerazzjoni ta' l-enerġija deċentralizzati jistgħu jgħinu biex ikun hemm livell ogħla ta' sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u għandhom ikunu inkoraġġuti meta jiġu mfassla strateġiji ta' politika dwar l-enerġija;

### *Kuntratti fit-tul*

27. Jirrikonoxxi li kuntratti fit-tul "upstream", b'mod partikulari fil-qasam tal-gass, huma meħtieġa għal ambjent ta' investiment pożittiv u li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għas-sigurtà tal-provvista u biex ma jagħmlux ħsara lill-integrazzjoni tas-suq intern ta' l-enerġija, sakemm ma jkunux esklużi kompetituri ġodda;

28. Jemmen li applikazzjoni bbilanċjata u effettiva tal-prinċipju "użah jew itilfu" trid tkun żgurata biex kompetituri ġodda jkun jista' jkollhom aċċess għan-netwerks fejn il-kapaċità ma tkunx utilizzata;

29. Jemmen li kuntratti fit-tul bilaterali "downstream", sakemm ma jeħdux persentaġġ sinifikanti tas-suq u ma jostakolawx lill-konsumaturi milli jibdlu l-fornituri, jippermettu lil industrija li jużaw ħafna enerġija li jinnegozjaw prezzijiet ta' enerġija iktar kompetittivi u stabbli mal-fornitur li jagħżlu huma u li għalhekk għandhom ikunu permessi, sakemm ikunu sorveljati sew mill-awtoritajiet rilevanti u sakemm ma joħolqux spejjeż addizzjonali għan-netwerks, li jagħlqu s-suq għal kompetituri ġodda jew li jxekklu l-iżvilupp tas-suq;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi utent li juża ħafna enerġija u sabiex tagħti attenzjoni speċjali lill-utenti li jużaw ħafna enerġija fl-UE li qed jikkompetu fl-ekonomija globali;

31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti linji gwida ċari dwar kuntratti fit-tul u bilaterali "downstream" sabiex titnaqqas l-inċertezza fis-suq u sabiex jibda jkun hemm standardizzazzjoni tal-kuntratti;

32. Ifakkar li l-faċilitajiet għall-ġenerazzjoni, it-trasferiment, il-ħażna u d-distribuzzjoni ta' l-enerġija huma infrastrutturi kruċjali li s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom iridu jkunu mħarsa u żgurati bis-sħiħ f'kull ċirkostanza;

### *Netwerks ta' l-elettriku u tal-gass*

33. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-ħtiġijiet ta' investiment meħtieġ biex jittejjeb in-netwerks ta' l-elettriku u tal-gass biex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista fl-UE; jinsisti fuq l-istabiltà, il-koerenza u t-trasparenza tal-qafas regolatorju sabiex jinħoloq ambjent tajjeb għall-investiment u għalhekk jitlob li jkun żviluppat tali qafas regolatorju għall-benefiċċju komuni tal-konsumaturi u tan-negozji fl-UE;

34. Jiddispjaċih li għad hemm ħafna ostakoli fi Stati Membri li jikkawżaw dewmien sproporzjonat fil-ħolqien ta' infrastrutturi għall-importazzjoni ta' l-enerġija u fil-konnessjoni ta' ġenerazzjoni ġdida man-netwerk ewlieni ta' l-elettriku; għalhekk jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiżguraw li dan id-dewmien jitnaqqas għall-minimu assolut u li kull zona abitata, remota u inaċċessibbli (inklużi gżejjer u zoni muntanjużi) tkun konnessa man-netwerk ewlieni ta l-elettriku;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw żieda fil-kapaċità tan-netwerk biex tkun ti sta' tiġi inkorporata ġenerazzjoni ġdida u massiva ta' enerġija li tiġġedded fuq l-art u fil-baħar; jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-fattibilità li jinħoloq netwerk intelliġenti ta' l-UE li jisfrutta bis-sħiħ l-aħħar teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni disponibbli, wieħed li jkun jista' jakkomoda varjetà wiesgħa ta' għażliet ta' ġenerazzjoni, isaħħaħ il-pożizzjoni tal-konsumatur u li jkun kapaċi jsib u janalizza malajr fejn hemm il-ħsarat u jieħu azzjoni u jirrimedja l-effetti tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiffavurixxu l-investimenti relatat u biex jagħtu lir-regolaturi tagħhom mandat espliċitu biex jagħtu prijorità lill-kisba ta' dawn il-miri;

36. Jenfasizza l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni teknika tan-netwerks ta' l-UE;

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal pjan direzzjonali għall-ħolqien ta' netwerk wieħed ta' UE tal-elettriku u tal-gass;

38. Jilqa' b'sodisfazzjon il-progress teknoloġiku reċenti fl-inklużjoni tal-bijogass fin-netwerk tal-gass; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri konkreti biex tieħu vantaġġ minn dan il-potenzjal b'mod iktar estensiv, sabiex tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-gass, b'mod partikolari sabiex tiggarantixxi aċċess għan-netwerk tal-bijogass;

### *Ħażniet strateġiċi*

39. Jaqbel ma' l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li, fir-rigward tal-gass, meta titqies it-teknoloġija preżenti, huwa aħjar li jkun hemm diversi rotot u teknoloġiji ta' provvista, bħal impjanti ta' degassifikazzjoni u terminals ta' gass naturali likwifikat, milli jinħolqu ħażniet ta' gass enormi; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti speċifiċi biex isir użu aħjar tal-ħażniet eżistenti tal-gass mingħajr ma ttellef il-bilanċ bejn is-sigurtà tal-provvista u l-preferenza ta' kompetituri ġodda fis-suq;

40. Jenfasizza l-komplementarjetà tan-netwerk ta' l-elettriku u tan-netwerk tal-gass; f'dan il-kuntest, jirrimarka li l-ħażna hija parti integrali min-netwerk tal-gass u għandha tkun immaniġġjata fi spirtu ta' solidarjetà nazzjonali u ta' l-Unjoni; jemmen ukoll li l-ħażna ti sta' ssostni ġeneraturi "stand-by" ta' l-elettriku u b'hekk tgħin għas-sigurtà tal-provvista;

41. Jinnota li ħażniet tal-gass strateġiċi jistgħu jkunu proposti u żviluppati minn Stati Membri individwali skond il-fattibilità ekonomika u teknika tagħhom;

***It-trasparenza***

42. Jemmen li t-trasparenza hija prerekwiżit għall-iżvilupp tal-kompetizzjoni u li l-informazzjoni dejjem għandha tkun żvelata f'waqtha u b'mod li jkun ċar u aċċessibbli faċilment u fuq bażi mhux diskriminatorja;

43. Jinnota d-diffikultajiet li l-konsumaturi domestiċi jiffaċċjaw meta jgawdu s-swieq liberalizzati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti konkreti dwar kif tiżdied it-trasparenza għall-konsumaturi; biex l-informazzjoni għall-konsumatur titlesta u tkun ċara (inklużi t-tariffi diversi disponibbli, it-taħlita ta' l-enerġija tal-kumpanija u informazzjoni utli oħra bħat-tikettar, kif jingħad fid-Direttiva 2003/54/KE), u sabiex jissaħħaħ l-irwol ta' organizzazzjonijiet tal-konsumatur fis-suq intern ta' l-enerġija;

44. Jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-bżonn li jiġu introdotti regoli li jorbtu dwar it-trasparenza għas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass; jemmen li livell ta' trasparenza għoli u armonizzat jippromwovi kompetizzjoni effiċjenti u jġib kompetituri ġodda fis-suq;

45. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżgura trasparenza aħjar fis-swieq;

***Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità***

46. Huwa mħasseb dwar in-numru ta' Stati Membri li għad iridu jittrasponu d-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE u dwar dawk li naqsu milli jimplimentawhom sew; jistieden lill-Istati Membri biex jittrasponu dawn id-Direttivi u biex jimplimentawhom bis-sħiħ mingħajr dewmien;

47. Jemmen li d-Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE għandhom biżżejjed dispożizzjonijiet li, jekk ikunu applikati sew, jiżguraw xenarju kompetittiv u t-tlestija tas-suq intern ta' l-enerġija;

48. Jaqbel mal-Kummissjoni li m'hemmx proċess ta' liberalizzazzjoni alternattiv u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw traspożizzjoni effettiva u sħiħa ta' direttivi ta' liberalizzazzjoni eżistenti; aktar minn hekk japprova l-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' funzjonament tas-suq billi jiġu implimentati rimedji kemm dawk li jkunu bbażati fuq kompetizzjoni kif ukoll dawk regolatorji;

49. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippubblika r-riżultati kollha ta' l-istudju tagħha ta' evalwazzjoni ta' l-impatt u t-tweġibiet li rċeviet u biex tinfurmah b'dan qabel ma tippreżenta proposti leġiżlattivi ġodda;

50. F'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex tibda proċeduri ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li ma ttrasponewx jew ma implimentawx b'mod korrett id-Direttivi 2003/54/KE jew 2003/55/KE;

51. Iwissi dwar konċentrazzjoni tas-suq eċċessiva u jqis li din għandha tkun indirizzata l-aħjar permezz ta' iktar progress ta' l-integrazzjoni tas-swieq u ta' miżuri regolatorji billi għandu jkun hemm għażla tal-konsumatur fir-rigward tal-fornitur f'ambjent kompetittiv miftuħ; jtenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tieħu iktar passi biex tindirizza konċentrazzjonijiet fis-suq ta' l-enerġija fil-każ ta abbużi minn dominanza fis-suq;

52. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, għalkemm l-iżviluppi fil-koordinazzjoni tad-distribuzzjoni tal-kapaċità transkonfinali huma inkoraġġanti, il-livell baxx ta' trasparenza fil-kalkolu tal-kapaċità netta ta' trasferiment meħtieġa għall-irkantijiet u fid-determinazzjoni tal-kapaċità disponibbli ta' trasferiment jikkostitwixxi ostakolu serju għall-kompetizzjoni, liema ostakolu jrid jiġi ttrattat billi jkunu introdotti regolamenti iktar stretti dwar il-prattiki miftiehma li nstabu li jseħħu f'irkantijiet u billi jkun imsaħħaħ il-monitoraġġ ta' l-'anti-trust';

53. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-impatt ta' konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni, fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll ta' l-UE, filwaqt li tqis ukoll il-proċess preżenti ta' konsolidazzjoni li qed jagħti lok għal impriżi ta' l-enerġija ġodda, kbar u multinazzjonali attivi f'numru sinifikanti ta' Stati Membri u bi grad għoli ta' integrazzjoni vertikali u tal-gass-elettriku;

54. Jemmen li s-sjieda pubblika fis-swieq ta' l-elettriku u tal-gass hija waħda mill-elementi ewlenin li jwasslu għal distorsjonijiet fuq livell Ewropew u li l-istimulu għal kompetizzjoni f'dawk is-swieq jitnaqqas iktar jekk ikun hemm intrapriżi pubbliċi, għaliex f'ħafna mill-każijiet, minħabba l-istatut tal-kumpanija tagħhom, hemm livell aktar baxx ta' trasparenza u ta' informazzjoni għal investituri potenzjali u minħabba li dawn il-kumpaniji huma dipendenti fuq deċiżjonijiet politiċi meħuda mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri involuti;

55. Jistieden lill-Kummissjoni biex fl-azzjonijiet u l-proposti kollha tagħha, tqis l-importanza ta' l-irwol ta' kumpaniji ta' l-enerġija żgħar u ta' daqs medju għat-tħaddim ta' swieq ta' l-enerġija kompetittivi;

56. Jistieden lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri biex iwaqqfu l-promozzjoni ta' l-hekk imsejħa "champions" nazzjonali u biex ma jibqgħux jgħaddu leġiżlazzjoni protezzjonista li ma tippermettix l-iżvilupp ta' suq ta' l-UE ta' l-enerġija integrat tassew; jitlob li jiġu stabbiliti programmi attivi ta' rilaxx tal-gass u ta' l-elettriku u swieq ibbilanċjati iktar likwidi sabiex jiffavorixxu kompetituri ġodda fis-suq;

57. Iqis li huwa essenzjali li Skema modifikata ta' Skambju ta' Emissjonijiet fil-ġejjieni tkun integrata, bis-sħiħ, b'mod trasparenti u taħt is-superviżjoni tar-regolaturi nazzjonali, fis-suq liberalizzat ta' l-enerġija sabiex ikun evitat li toħloq tagħwiġ fil-mekkaniżmi tas-suq;

58. Itenni l-importanza li jinkiseb suq ta' l-UE ta' l-enerġija liberalizzat bis-sħiħ kemm jista' jkun malajr u jinsisti li l-Kummissjoni tippreżenta l-pakkett tagħha ta' miżuri addizzjonali għas-suq intern lejn l-aħħar ta' Settembru 2007, kif imħabbar;

*

* *

59. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

---

**P6_TA(2007)0327**

## Sajd industrijali u l-produzzjoni ta' ħut imqadded mitħun u ta' żejt tal-ħut

### Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew ta' l-10 ta' Lulju 2007 dwar sajd industrijali u l-produzzjoni ta' ħut imqadded mitħun u ta' żejt tal-ħut (2004/2262(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-projbizzjoni ta' ħut imqadded mitħun li jingħata bħala ikel lil annimali li jixtarru li ġiet imposta mill-Kummissjoni Ewropea fl-2001, miżura prekawzjonali introdotta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/766/KE ta' l-4 ta' Diċembru 2000 li tikkonċerna ċertu miżuri ta' protezzjoni b'kunsiderazzjoni għal enkefalopatiji sponġiformi trażmissibli (TSEs) u l-għalf ta' proteini ta' l-annimali [1] u aktar tard ikkonsolidati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2003 ta' l-10 ta' Lulju 2003 [2] li jemenda l-Annessi I, IV u XI tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' kif l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li ħut imqadded mitħun jingħata bħala ikel lil annimali li ma jixtarrux (Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 kif emendat),

— wara li kkunsidra l-karta ta' ħidma ta' l-2004 tad-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka tal-Parlament Ewropew bit-titolu "L-Industrija tal-Ħut Imqadded Mitħun u taż-Żejt tal-Ħut — L-Irwol Tiegħu fil-Politika Komuni tas-Sajd",

(1) ĠU L 306, 7.12.2000, p. 32.
(2) ĠU L 173, 11.7.2003, p. 6.

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli dwar il-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibli ([1]), kif emendat b'mod partikolari bir-Regolament (KE) Nru 1923/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 ([2]), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1292/2005 tal-5 ta' Awissu 2005 li temenda l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ikel ta' l-annimali ([3]) adottat mill-Kummissjoni wara l-iżvilupp ta' metodu vvalidat (ara d-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/126/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 dwar il-metodu analitiku għad-determinazzjoni tal-kostitwenti ta' l-oriġini mill-annimali għall-kontroll uffiċjali ta' l-għalf tal-bhejjem ([4]) li jippermetti s-sejba ta' laħam mammiferu u għadam mitħun fl-għalf ta' l-annimali anke meta jkun hemm ħut imqadded mitħun fl-istess għalf, u jirrikonoxxi li l-bażi biex ikun projbit li ħut imqadded mitħun jingħata bħala ikel lil annimali li jixtarru, għalhekk m'għadiex aktar valida u li din l-projbizzjoni trid titneħħa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2004 dwar l-abbozz ta' Regolament fuq imsemmi ([5]), liema riżoluzzjoni titlob għall-irtirar ta' l-abbozz, u li tieħu l-pożizzjoni li l-għoti ta' ħut imqadded mitħun bħala ikel lil annimali li jixtarru m'huwiex konsistenti mad-dazju impost fuq il-Komunità biex tħares is-saħħa taċ-ċittadini tagħha,

— wara li kkunsidra l-ogħla livelli permessibbli ta' sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali, stipulati fid-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf ta' l-annimali ([6]), emendata fl-2003 mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/57/KE tas-17 ta' Ġunju 2003 ([7]) biex tinkludi dijossini u emendata għal darb'oħra mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/100/KE tal-31 ta' Ottubru 2003 ([8]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-titjib tal-monitoraġġ ta' sajd industrijali fl-UE (COM(2004)0167) li timmira li jiġi stabbilit monitoraġġ trasparenti u effettiv ta' ħatt industrijali fil-Komunità kollha,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Mejju 2006 dwar ir-regoli ta' prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibli ([9]),

— wara li kkunsidra t-tweġibiet provduti mill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel għal mistoqsijiet preżentati mill-Parlament Ewropew fis-26 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A6-0155/2005),

A. billi hu neċessarju għall-istabilità ta' l-industrija tal-ħut imqadded mitħun u taż-żejt tal-ħut, li kwistjonijiet ta' etika, sostennibilità, tossini, metalli tqal u sustanzi li jniġġzu, li kultant jitqajmu, jiġu ttrattati b'mod koerenti,

B. billi m'hemm l-ebda evidenza xjentifika li l-użu ta' prodotti tal-ħut fl-għalf ta' l-annimali ji sta' jittrażmetti BSE jew TSEs; billi kontrolli stretti regolatorji, flimkien ma' investiment estensiv mill-industrija, żguraw is-sikurezza tal-katina ta' l-ikel minn kontaminazzjoni ta' dijossini u ta' PCBs simili għal dijossini,

C. billi minħabba metodi uffiċjali mtejba m'hemm l-ebda riskju ta' konfużjoni tal-preżenza ta' laħam mammiferu u ta' għadam mitħun ma' ħut imqadded mitħun,

D. billi l-ħut imqadded mitħun fih ħafna aċidi amino essenzjali, u ż-żejt tal-ħut u l-ħut imqadded mitħun fihom ħafna aċidi tax-xaħam li jipprovdu benefiċċji ta' saħħa u ta' ġid kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali,

---

([1]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 722/2007 (ĠU L 164, 26.6.2007, p. 7).
([2]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 205, 6.8.2005, p. 3.
([4]) ĠU L 339, 24.12.2003, p. 78.
([5]) ĠU C 174 E, 14.7.2005, p. 178.
([6]) ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/77/KE (ĠU L 271, 30.9.2006, p.53).
([7]) ĠU L 151, 19.6.2003, p. 38.
([8]) ĠU L 285, 1.11.2003, p. 33.
([9]) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 219.

**It-Tlieta, 10 ta' Lulju 2007**

E. billi, għalkemm hemm diversi opinjonijiet dwar l-effetti ta' sajd industrijali u mhux ta' min joqgħod ħafna fuq sorsi waħdiena ta' informazzjoni, ir-riżultati ta' l-istudju ta' l-2004 ta' l-ICES indikaw li l-impatt tas-sajd industrijali fuq l-ekosistemi marini hu relattivament żgħir meta mqabbel ma' l-effetti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem,

F. billi, minkejja dan, għandha titkompla r-riċerka dwar l-impatt tas-sajd industrijali fuq l-ekosistemi marini u fuq l-ambjent aktar wiesa',

G. billi l-pajjiżi u r-reġjuni kollha li jfornu lill-UE bil-ħut imqadded mitħun jappoġġjaw u jimplimentaw il-Linji Gwida Tekniċi għal Sajd Responsabbli tal-FAO,

H. billi l-karta ta' ħidma ta' l-2004 tad-DĠ għar-Riċerka tgħid li fl-ilmijiet ta' l-UE, il-biċċa l-kbira ta' l-ispeċi fil-mira, li għalihom hemm dejta disponibbli, huma meqjusa fil-limiti bijoloġiċi ta' sikurezza,

I. billi l-industrija tal-ħut imqadded mitħun u taż-żejt tal-ħut għandha importanza globali, timpjega madwar 2 222 persuna b'mod dirett u madwar 30 000 oħra b'mod indirett fl-Ewropa u aktar minn 100 000 persuna fil-Peru, l-akbar produttur u esportatur tal-ħut imqadded mitħun,

J. billi l-ħut imqadded mitħun u ż-żejt tal-ħut huma ta' importanza kruċjali bħala għalf għall-ħut imrobbi fl-irziezet fis-settur ta' l-akwakoltura li dejjem qed jikber ta' l-UE,

1. Jirrikonoxxi li bħalissa l-Kummissjoni qed tapplika l-prinċipju li twaqqaf TACs u kwoti skond ċertu kriterji xjentifiċi u tikkonsidra l-użu ta' ħut la darba jkun tniżżel l-art bħala kwistjoni ekonomika u mhux kwistjoni ta' konservazzjoni;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni fuq imsemmija tal-Kummissjoni dwar it-titjib fil-monitoraġġ tas-sajd industrijali fl-UE;

3. Jenfasizza l-importanza li titkompla r-riċerka dwar l-impatt tas-sajd industrijali u l-effetti tiegħu fuq sajd ieħor kif ukoll fuq l-ambjent tal-baħar, bl-għan li l-attivitajiet kollha tas-sajd jinżammu fuq livell sostenibbli u li jkunu ta' profit għas-sajjieda li jagħmlu użu minn tekniki li jħallu l-anqas impatt fuq l-ambjent;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid ir-riċerka xjentifika dwar l-imsell kaħlani sabiex ikollha parir u mmaniġġjar aħjar fil-futur qarib;

5. Jenfasizza l-problema ta' rimi mis-sajd tal-baħar, billi huwa stmat li hemm miljun tunellata ta' rimi fissena fis-sajd Ewropew;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studji u/jew proġetti pilota biex jinvestigaw is-sitwazzjoni ta' bħalissa rigward ir-rimi u l-possibiltà ta' l-użu tiegħu mis-settur industrijali tas-sajd sabiex, taħt l-ebda ċirkustanza, ma jwassal għal sfruttament esaġerat tar-riżorsi;

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2002/95/KE dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2006)0915 — C6-0021/2007 — 2006/0303(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0915) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0021/2007),

([1]) ĠU C… /Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6 0187/2007),

1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2006)0303**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb li tiġi adottata Direttiva 2007/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsillli li temenda d-Direttiva 2002/95/KE dwar ir-restrizzjoni ta' l-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku, fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2007/…/KE.)*

---

**P6_TA(2007)0335**

## Ir-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva Nru 2005/32/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni (COM(2006)0907 — C6-0034/2007 — 2006/0291(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0907) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0034/2007),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0222/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU C … / Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TC1-COD(2006)0291**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/.../KE li temenda d-Direttiva Nru 2005/32/KEdwar it-twaqqif ta' qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 96/57/KE u Nru 2000/55/KE, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2007/.../KE.)*

---

**P6_TA(2007)0336**

## Servizzi postali tal-Komunità ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE dwar it-tlestija kompleta tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità (COM(2006)0594 — C6-0354/2006 — 2006/0196(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0594) [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0354/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0246/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

---

**P6_TC1-COD(2006)0196**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva *2007/.../KE* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/67/KE, dwar *it-twettiq komplet* tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2), l-Artikolu 55 u l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-*Kummissjoni* ‖ ,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

(1) ĠU C 168, 20.7.2007, p. 74.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li jaġixxu *skond il*-proċedura *stabbilita* fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 1994 dwar l-iżvilupp tas-servizzi postali Komunitarji ([3]), il-Kunsill identifika bħala waħda mill-għanijiet ewlenin tal-politika postali Komunitarja, ir-rikonċiljazzjoni tal-ftuħ gradwali u kkontrollat tas-suq postali għal kompetizzjoni, b'garanzija sostenibbli tal-provvista tas-servizz universali.

(2) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz ([4]), stabbiliet qafas regolatorju għas-settur postali f'livell Komunitarju, inklużi miżuri biex jiġi garantit servizz universali u jiġu stabbiliti limiti massimi għas-servizzi postali li Stati Membri jistgħu jirriservaw għall-fornitur(i) tas-servizz universali tagħhom bl-iskop li jinżamm is-servizz universali, li għandhom jitnaqqsu b'mod gradwali u progressiv, u skeda biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar il-ftuħ ulterjuri tas-suq għall-kompetizzjoni, għall-iskopijiet tal-ħolqien tas-suq uniku fis-servizzi postali.

(3) L-Artikolu 16 tat-Trattat ‖ jenfasizza r-rwol li għandhom is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali fil-valuri komuni ta' l-*Unjoni Ewropea* kif ukoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali u territorjali. Dan *jistipula* li għandha tingħata attenzjoni biex dawn is-servizzi joperaw fuq il-bażi ta' prinċipji u kondizzjonijiet li jippermettulhom li jwettqu l-missjonijiet tagħhom.

***(4) L-irwol pożittiv tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ġie enfasizzat permezz tal-Eurobarometer Speċjali 219 ta' Ottubru 2005, li indika li s-servizzi postali huma s-servizzi l-aktar apprezzati ta' interess ekonomiku ġenerali skond l-utenti fl-UE, fejn 77 % ta' dawk li ġew intervistati irrispondew b'mod pożittiv.***

***(5) Minħabba li dawn jikkostitwixxu strument essenzjali għall-komunikazzjoni u l-iskambju ta' tagħrif, is-servizzi postali għandhom irwol importanti li jikkontribwixxi għall-objettivi ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-UE.***

*(6)* Il-miżuri f'dan il-qasam għandhom ikunu *mfassla* b'tali mod li l-kompiti li l-Artikolu 2 tat-Trattat ‖jassenja lill-Komunità, jiġifieri, li tippromwovi fil-Komunità kollha l-iżvilupp armonjuż, ibbilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi, livell għoli ta' impjieg u ta' ħarsien soċjali, it-tkabbir sostenibbli li ma jkunx inflazzjonarju, grad għoli ta' kompetittività u konverġenza fl-operazzjoni ekonomika, it-titjib tal-livell ta' l-għajxien u tal-kwalità tal-ħajja u l-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri jikkostitwixxu għanijiet li għandhom jintlaħqu.

***(7) Is-swieq postali Ewropej għaddew minn bidliet drammatiċi f'dawn l-aħħar snin, żvilupp li ngħata spinta permezz tal-progress teknoloġiku u ż-żieda fil-kompetizzjoni bħala riżultat tad–deregolamentazzjoni. Minħabba l-globalizzazzjoni, huwa essenzjali li wieħed jieħu pożizzjoni proattiva u favur l-iżvilupp sabiex iċ-ċittadini ta' l-UE ma jiġux imċaħħda mill-benefiċċji ta' bidliet bħal dawn.***

*(8)* Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-reviżjoni intermedja ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, il-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Marzu 2005 tenna l-importanza tat-tlestija s-suq intern bħala strument għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' iktar impjiegi ta' kwalità aħjar, u r-rwol importanti li għandhom is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali f'ekonomija dinamika u kompetittiva. Dawn il-konklużjonijiet jibqgħu applikabbli għas-servizzi postali, bħala strument essenzjali ta' komunikazzjoni, kummerċ, u koeżjoni soċjali u territorjali.

---

([1]) *ĠU C 197, 24.8.2007, p. 37.*
([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007.*
([3]) ĠU C 48, 16.2.1994, p. 3.
([4]) ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 ‖(ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

(9) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2006 *dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Posta* ([1]) enfasizzat l-importanza soċjali u ekonomika ta' servizzi postali effiċjenti u r-rwol importanti tagħhom fil-qafas ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, u indikat li miżuri ta' riforma adottati s'issa ġġeneraw żviluppi pożittivi sinifikanti fis-settur postali, flimkien ma' aktar kwalità, aktar effiċjenza u orjentament aħjar lejn il-ħtiġijiet tal-klijent. ***Fir-riżoluzzjoni tiegħu il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' l-iżviluppi li xi drabi huma diverġenti b'mod evidenti fl-obbligi tas-servizz universali fl-Istati Membri, biex tikkonċentra b'mod partikulari, meta tkun qed tfassal l-istudju prospettiv tagħha, fuq il-kwalità tas-servizz universali li jkun qed jiġi pprovdut u fuq il-finanzjament futur tiegħu u biex tipproponi, fil-kuntest ta' dak l-istudju, definizzjoni, kamp ta' applikazzjoni u l-iffinanzjar xieraq għas-servizz universali. Hu innota wkoll li n-networks postali għandhom dimensjonijiet territorjali u soċjali insostitwibbli li jagħmlu possibbli l-aċċess universali għas-servizzi lokali essenzjali.***

(10) Skond id-Direttiva 97/67/KE, twettaq studju prospettiv li jistma, għal kull Stat Membru, l-impatt fuq is-servizz universali tat-tlestija kompleta tas-suq postali intern fl-2009. Il-Kummissjoni għamlet ukoll reviżjoni dettaljata tas-settur postali Komunitarju, inkluż il-kummissjonar ta' studji dwar l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali u teknoloġiċi fis-settur u kkonsultat estensivament ma' partijiet interessati.

(11) ▌L-***istudju*** prospettiv ***jiddikjara li*** l-għan bażiku għas-salvagwardja tal-provvista sostenibbli ta' servizz universali li taqbel mal-kondizzjonijiet ta' kwalità definiti mill-Istati Membri skond id-Direttiva 97/67/KE jista' jkun żgurat fil-Komunità kollha sa l-2009 mingħajr il-ħtieġa ta' żoni riżervati.

(12) Bil-ftuħ gradwali u progressiv tas-swieq postali għall-kompetizzjoni, il-fornituri tas-servizz universali kellhom *żmien biżżejjed* biex iwettqu miżuri ta' modernizzazzjoni u u ristrutturar meħtieġa biex jiggarantixxu l-vijabilità tagħhom għat-tul fil-kondizzjonijiet il-ġodda tas-suq, kif ukoll ippermetta lill-Istati Membri biex jadattaw is-sistemi ta' regolamentazzjoni tagħhom għal ambjent iżjed miftuħ. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu japprofittaw mill-perjodu tat-traspożizzjoni kif ukoll miż-żmien neċessarju għall-introduzzjoni ta' kompetizzjoni effettiva, biex ikomplu, jekk ikun il-każ, bil-modernizzazzjoni u r-ristrutturar tal-fornituri tas-servizz universali.

(13) L-istudju prospettiv juri li ż-żona riżervata ma għandhiex tikkostitwixxi s-soluzzjoni ppreferuta għall-finanzjament tas-servizz universali. Din il-valutazzjoni tqis l-interess tal-Komunità u l-Istati Membri tagħha fit-tlestija tas-suq intern u l-potenzjal tagħha biex tiġġenera tkabbir ekonomiku u toħloq l-impjiegi, kif ukoll tiggarantixxi d-disponibilità ta' servizz effiċjenti ta' interess ekonomiku ġenerali għall-konsumaturi kollha. ▌

(14) Hemm għadd ta' forzi għal bidla fis-settur postali, speċjalment id-domanda u l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet tal-klijenti, it-tibdil organizzattiv, l-awtomatizzazzjoni u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, sostituzzjoni b'mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi u l-ftuħ tas-suq. ***Sabiex ilaħħqu mal-kompetizzjoni u mal-ħtiġijiet ġodda tal-konsumatur u biex jiżguraw sorsi ġodda ta' finanzjament, is-servizzi postali jistgħu jiddiversifikaw l-attivitajiet tagħhom billi jipprovdu servizzi elettroniċi ta' negozju jew servizzi tas-soċjetà ta' l-informatika.***

***(15) Il-fornituri tas-servizzi postali, inklużi l-fornituri nominati tas-servizz universali, qed jitħeġġu sabiex itejbu l-effiċjenza b'riżultat ta' sfidi kompetittivi ġodda li huma differenti mis-servizzi postali tradizzjonali (bħad-diġitalizzazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika) u dan fih innifsu jikkontribwixxi għal żieda qawwija fil-kompetittività.***

(16) ***Il-ftuħ progressiv tas-suq jista', jekk ikun ippreparat bir-reqqa,*** jgħinhom *jespandu* d-daqs globali tagħhom; ***jista'*** *jkompli jikkontribwixxi* wkoll***, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw in-newtralità kompetittiva,*** biex l-impjiegi jibqgħu sostenibbli u ta' kwalità fi ħdan il-fornituri tas-servizz universali kif ukoll se *jiffaċilita* l-ħolqien ta' impjiegi ġodda f'operaturi oħrajn, f'dawk li daħlu fis-suq għall-ewwel darba u fis-setturi ekonomiċi assoċjati. Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-kompetenzi ta' l-Istati Membri biex jirregolaw il-kundizzjonijiet ta' l-impjiegi fis-settur tas-servizzi postali ***li, madankollu, m'għandiex twassal għal kompetizzjoni inġusta. Fil-preparazzjoni tal-ftuħ tas-suq postali, għandhom jitqiesu kif xieraq il-konsiderazzjonijiet soċjali, b'mod partikulari fir-rigward ta' persunal li preċedentement kien involut fil-forniment tas-servizzi postali.***

([1]) *ĠU C 288 E, 25.11.2006, p. 77.*

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(17)* Barra minn hekk, iż-żieda fil-kompetittività għandha tippermetti li s-settur postali jiġi integrat b'metodi alternattivi ta' komunikazzjoni u tippermetti titjib fil-kwalità tas-servizz provdut lil konsumaturi li kull ma jmur qed isiru aktar esiġenti. ***Il-ftuħ ulterjuri tas-suq ikompli jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi u, b'mod partikulari, għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, kemm bħala dawk li jibagħtu u kif ukoll bħala dawk li jirċievu l-posta, permezz ta' titjib fil-kwalità, għażla usa', tnaqqis fil-prezz li jiġi ttrasferit fuq l-utenti, servizzi innovattivi u mudelli kummerċjali. Is-suq postali ta' llum jifforma parti mis-suq ikbar għall-messaġġi, inklużi l-messaġġi elettroniċi, li għandhom jitqiesu fl-evalwazzjoni tas-suq.***

***(18) In-network postali rurali f'reġjuni, inter alia, ta' muntanji u gżejjer, għandu irwol importanti fl-integrazzjoni tan-negozji fl-ekonomija nazzjonali/globali u fiż-żamma ta' koeżjoni f'termini soċjali u ta' impjieg. Barra minn hekk, l-uffiċji postali rurali f'reġjuni ta' muntanji jew gżejjer jistgħu jipprovdu network ta' infrastruttura essenzjali għall-aċċess universali għat-teknoloġiji ġodda tat-telekomunikazzjoni.***

*(19)* L-iżviluppi fis-swieq tal-komunikazzjoni ġirien kellhom impatt varju fuq ir-reġjuni differenti tal-Komunità, u s-segmenti differenti tal-popolazzjoni u l-użu tas-servizzi postali. Il-koeżjoni territorjali u soċjali għandha tinżamm u filwaqt li jitqies li l-Istati Membri jistgħu jadattaw xi karatteristiċi speċifiċi tas-servizz għad-domanda lokali billi japplikaw il-flessibilità li toffrilhom id-Direttiva 97/67/KE, jixraq li jinżamm bis-sħiħ is-servizz universali u r-rekwiżiti ta' kwalità assoċjati miegħu stabbiliti fid-Direttiva msemmija. Jeħtieġ, biex il-ftuħ tas-swieq postali jkompli jkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi kollha, u partikolarment għall-impriżi *żgħar u ta' daqs medju,* li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jissorveljaw l-iżviluppi fis-suq. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri regolatorji xierqa, disponibbli skond id-Direttiva, biex jiggaranttixxu li l-aċċessibilità tas-servizzi postali tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet tal-konsumaturi, billi jiżguraw, jekk ikun il-każ, numru minimu ta' servizzi fl-istess punt ta' aċċess***, u, b'mod partikulari. li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fid-densità tal-punti ta' aċċess għas-servizzi postali f'reġjuni rurali u remoti. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jintroduċu u jinfurzaw pieni xierqa għal fornituri ta' servizzi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi tagħhom.***

***(20) Is-servizz universali żgurat permezz tad-Direttiva 97/67/KE, jiggarantixxi l-ġbir ta' oġġetti postali u l-kunsinna għad-dar jew is-sede ta' kull persuna fiżika jew ġuridika kull jum tax-xogħol, anki f'żoni remoti jew b'popolazzjoni mifruxa.***

***(21) It-terminu 'utenti' jinkludi konsumaturi individwali u entitajiet kummerċjali li jużaw is-servizzi universali, sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fid-Direttiva 97/67/KE.***

***(22) Il-forniment ta' servizzi postali ta' kwalità għolja jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kisba ta' l-objettiv ta' koeżjoni soċjali u territorjali. B'mod partikulari, il-kummerċ elettroniku joffri opportunitajiet ġodda għal żoni remoti jew b'popolazzjoni mifruxa biex jipparteċipaw fil-ħajja ekonomika, u servizzi postali tajbin huma prerekwiżit importanti għal dan.***

*(23)* Id-Direttiva 97/67/KE stabbiliet preferenza biex il-provvista ta' servizz universali ssir permezz ta' nomina tal-fornituri tas-servizz universali. L-iżvilupp ta' aktar kompetizzjoni u għażla tfisser li l-Istati Membri għandhom ikollhom aktar flessibilità fil-possibilità li jagħżlu l-mekkaniżmi li jqisu l-iktar effiċjenti u xierqa biex jiggarantixxu d-disponibilità tas-servizz universali, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ta' oġġettività, trasparenza, non-diskriminazzjoni, proporzjonalità u xkiel minimu għas-suq meħtieġa biex jiżguraw il-provvista libera tas-servizzi postali fis-suq intern. L-Istati Membri jistgħu japplikaw waħda jew bosta mill-għażliet li ġejjin: provvista tas-servizz universali mill-forzi tas-suq, nomina ta' impriża jew impriżi biex joffru elementi differenti tas-servizz universali jew biex ikopru partijiet differenti tat-territorju *nazzjonali* u permezz ta' kuntratti pubbliċi. ***F'każ li Stat Membru jiddeċiedi li jinnomina impriża waħda jew aktar għall-forniment tas-servizz universali jew għall-forniment tal-komponenti varji tas-servizz universali, għandu jiġi żgurat li fornituri tas-servizz universali oħra jikkonformaw ukoll mal-kondizzjonijiet ta' kwalità tas-servizz universali.***

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

(24) Huwa importanti li *l-utenti* jinżammu totalment infurmati dwar is-servizzi universali offruti u li l-impriżi li joffru servizzi postali jkunu jafu bid-drittijiet u l-obbligi tal-fornitur(i) tas-servizz universali. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-konsumaturi jinżammu totalment infurmati bil-karatteristiċi tas-servizzi offruti u *bl*-aċċessibilità tagħhom. ***L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jaraw li informazzjoni bħal din tkun disponibbli.*** Għaldaqstant, jixraq li, b'koerenza ma' aktar flessibilità għall-Istati Membri, biex dawn jiggarantixxu l-provvista tas-servizz universali b'modi oħrajn barra min-nomina tal-fornitur(i) tas-servizz universali, lill-Istati Membri titħallielhom flessibilità biex jiddeċiedu kif din l-informazzjoni tasal għand il-pubbliku.

(25) Fid-dawl ta' l-istudji mwettqa u bil-għan li jitqanqal il-potenzjal sħiħ tas-suq intern tas-servizzi postali, jixraq li jintemm l-użu taż-żoni riżervati u d-drittijiet speċjali bħala mod kif jiġi garantit il-finanzjament tas-servizz universali. ***Fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri huwa xieraq li l-aħħar ta' l-2010 jiġi stabbilit bħala d-data aħħarija għat-tneħħija tad-drittijiet esklussivi fis-settur postali.***

(26) Il-finanzjament estern ta' l-ispejjeż residwi netti għad jista' jkun meħtieġ għal xi Stati Membri. Għalhekk, jixraq li jiġu speċifikati biċ-ċar, safejn hu neċessarju u ġustifikat adegwatament, l-alternattivi disponibbli għall-finanzjament tas-servizz universali, filwaqt li lill-Istati Membri titħallielhom l-għażla tal-mekkaniżmi finanzjarji li għandhom jintużaw. Dawn l-alternattivi jinkludu l-użu ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku***, inklużi proċeduri nnegozjati b'mod dirett,*** u, kull meta l-obbligi ta' servizz universali jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż inġust għall-impriża nnominata, kumpens pubbliku u qsim ta' l-ispejjeż bejn il-fornituri u/jew konsumaturi, f'modi trasparenti u permezz ta' kontribuzzjonijiet lejn fond ta' kumpens. L-Istati Membri jistgħu jużaw mezzi oħra ta' finanzjament permessi mid-Dritt Komunitarju, pereżempju billi jiddeċiedu li l-profitti maqlugħa minn attivitajiet oħra tal-fornituri tas-servizz universali barra mill-ambitu tas-servizzi universali għandhom imorru, totalment jew parzjalment, għall-finanzjament ta' l-ispejjeż netti tas-servizz universali, dejjem sakemm dawn ikunu kompatibbli ‖ *mad*-Direttiva 97/67/KE. ***Bla ħsara għall-obbligu ta' l-Istati Membri li josservaw ir-regoli tat-Trattat applikabbli għall-għajnuna ta' l-istat, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tagħhom rigward il-finanzjament ta' kwalunkwe spejjeż netti tas-servizz universali, li għandhom ikunu riflessi fir-rapport regolari li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.***

(27) ***L-impriżi li joffru servizzi li jistgħu ikunu sostitut għas-servizz universali għandhom ikunu mitluba jikkontribwixxu għall-finanzjament tas-servizz universali f'każijiet fejn ikun hemm dispożizzjoni għal fond ta' kumpens.*** Sabiex jiġu ddeterminati liema impriżi ***huma kkonċernati***, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk is-servizzi offruti minn dawn l-impriżi, mill-perspettiva tal-konsumatur, jistgħux jitqiesu bħala sostitut għas-servizz universali, billi jittieħed kont tal-karatteristiċi tagħhom, inkluż aspetti li jġibu magħhom valur miżjud, u l-użu li għalih huma maħsuba. Biex dawn is-servizzi jitqiesu bħala sostitut, ma għandhomx neċessarjament ikopru l-karatteristiċi kollha tas-servizz universali, pereżempju kunsinna ta' kuljum jew kopertura nazzjonali totali***, kemm-il darba jkunu jkopru ta' l-inqas waħda mill-karatteristiċi tas-servizzi pprovduti taħt is-servizz universali***, ***servizzi espress u ta' courier m'humiex meqjusa bħala servizzi li huma sostitut għas-servizz universali.*** Sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità, fid-determinazzjoni tal-kontribut, mitlub lil dawn l-impriżi, għall-ispejjeż tal-provvista tas-servizz universali fi Stat Membru, l-Istati Membri għandom jużaw kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji. ▌

(28) Il-prinċipji ta' trasparenza, non-diskriminazzjoni u proporzjonalità msemmija fid-Direttiva 97/67/KE għandhom ikomplu jiġu applikati għal kwalunkwe mekkaniżmu ta' finanzjament u kwalunkwe deċiżjoni f'dan il-qasam tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u verfikabbli. B'mod partikolari, l-ispiża netta tas-servizz universali għandha tkun ikkalkolata, taħt ir-responsabilità ta' l-awtorità nazzjonali regolatorja, bħala d-differenza bejn l-ispejjeż netti ta' impriża nominata li hija suġġetta għall-obbligi tas-servizz universali u impriża oħra li mhijiex suġġetta għall-obbligi tas-servizz universali. Fil-kalkolu għandu jitqies kull element relevanti ieħor, inkluż kwalunkwe benefiċċju tas-suq li taqla' impriża nominata biex tipprovdi servizz universali, id-dritt għal profitt raġonevoli u l-inċentivi għall-effiċjenza f'termini ta' spejjeż. ***Sabiex tiġi evitata inċertezza legali u biex jiġu żgurati l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd, il-Kummissjoni għandha tippubblika gwida dettaljata dwar kif għandha tiġi kkalkulata l-ispiża netta tas-servizz universali.***

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

(29) ***Huwa xieraq li dawk l-Istati Membri li ngħaqdu mal-proċess ta' riforma postali fi stadju aktar tard, jew l-Istati Membri b'topografija partikolarment diffiċli, speċjalment dawk b'numru kbir ta' gżejjer, tingħatalhom il-possibilità ta' perjodu tranżistorju ulterjuri ta' sentejn għat-tneħħija tad-drittijiet esklussivi u speċjali, suġġett għal notifika lill-Kummissjoni. Filwaqt li jitqies dan il-perjodu eċċezzjonali, huwa xieraq ukoll, għal perjodu ta' żmien limitat u għal numru limitat ta' servizzi, li dawk l-Istati Membri li jkunu fetħu kompletament is-swieq tagħhom ikunu jistgħu jirrifjutaw li monopolji li joperaw fi Stat Membru ieħor joperaw fit-territorju tagħhom stess.***

(30) L-Istati Membri għandhom jiħallew jużaw sistema ta' awtorizzazzjonijiet *ġenerali* u ta' liċenzji individwali kull darba li jkun neċessarju u proporzjonat għall-għan mixtieq. Madankollu, kif enfasizzat fit-tielet Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE, aktar armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet li jistgħu jiddaħħlu tidher neċessarja biex tnaqqas l-ostakli inġustifikati għall-provvista tas-servizzi fis-suq intern. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jippermettu lill-impriżi ***li jipprovdu servizzi fl-ambitu ta' servizz jew servizzi universali li huma meqjusa bħala sostituti,*** *biex* jagħżlu bejn l-obbligu li jipprovdu servizz jew jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja għall-ispejjeż ta' dan is-servizz mogħti minn impriża oħra, iżda ma għandux ikun iktar permess li jiġi impost, minn naħa, ir-rekwiżit simultanju li tikkontribwixxi f'mekkaniżmu ta' qsim ta' l-ispejjeż, u min-naħa l-oħra, l-impożizzjoni ta' obbligi ta' servizz universali jew fil-qasam tal-kwalità li huma maħsuba li jaqdu l-istess għan. Jeħtieġ ukoll li jiġi ċċarat li wħud mid-dispożizzjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet *ġenerali* u l-liċenzji ma għandhomx japplikaw għall-fornituri tas-servizz universali nominati.

(31) F'kuntest fejn bosta impriżi postali joffru servizzi fi ħdan il-qasam tas-servizz universali, jixraq li li l-Istati Membri kollha jkunu meħtieġa li jivvalutaw jekk ċerti elementi ta' l-infrastruttura postali jew ċerti servizzi ġeneralment offruti mill-fornituri tas-servizz universali għandhomx ikunu miftuħa għal operaturi oħrajn li joffru servizzi simili, sabiex tkun promossa kompetizzjoni effettiva u/jew jitħarsu l-utenti u l-konsumaturi billi l-kwalità globali tas-servizz postali tkun garantita. ***Fejn jeżistu diversi fornituri ta' servizz universali b'networks postali reġjonali, l-Istati Membri għandhom jevalwaw ukoll u, fejn meħtieġ, jiżguraw l-interoperabilità tagħhom sabiex ma jħallux li jkun hemm ostakli għat-trasport malajr ta' oġġetti postali.*** Billi l-istatus ġuridiku u s-sitwazzjoni tas-suq ta' dawn l-elementi jew servizzi jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu biss obbligati jadottaw deċiżjoni infurmata dwar il-ħtieġa, il-firxa u l-għażla ta' l-istrument regolatorju, inkluż, jekk ikun il-każ, għal dak li għandu x'jaqsam mal-qsim ta' l-ispejjeż. Din id-dispożizzjoni hija bla ħsara għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jiggarantixxu aċċess għan-network postali pubbliku f'kondizzjonijiet ta' trasparenza u non-diskriminazzjoni.

(32) Fid-dawl ta' l-importanza tas-servizzi postali għal persuni għomja u b'vista mnaqqsa, jixraq li jiġi konfermat li ***f'suq kompetittiv u liberalizzat m'għandux ikun hemm obbligu*** *fuq* ‖ *l-Istati Membri* ***ta' provvista*** ta' ▌ servizzi b'xejn ‖ għall-persuni għomja u b'vista mnaqqsa. ▌

(33) F'kuntest ta' kompetizzjoni ***qawwija***, huwa importanti ***li jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi universali jingħataw il-flessibilità meħtieġa fl-ipprezzar biex jiġi garantit il-forniment ta' servizz universali li jkun vijabbli b'mod finanzjarju. Għalhekk, huwa importanti li f'każijiet limitati biss jiġi żgurat li l-Istati Membri jimponu tariffi li jitbiegħdu*** mill-prinċipju li l-prezzijiet jirriflettu ***d-domanda*** u l-ispejjeż kummerċjali normali. Biex dan isir, jeħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu awtorizzati li jżommu tariffi uniformi għall-tariffa postali bil-biċċa, li hu s-servizz użat l-iktar ta' spiss mill-konsumaturi u l-impriżi żgħar u *ta' daqs medju*. L-Istati Membri individwali jistgħu wkoll jkomplu japplikaw tariffi uniformi għal xi oġġetti postali oħra, għal raġunjiet marbuta mal-ħarsien ta' l-interess pubbliku ġenerali, bħall-aċċess għall-kultura jew il-koeżjoni soċjali u reġjonali. ***Il-prinċipju ta' l-ipprezzar skond l-ispiża m'għandux iwaqqaf lill-operaturi responsabbli għall-forniment tas-servizz universali milli japplikaw tariffi uniformi għal servizzi li jiġu pprovduti bħala parti minn dak is-servizz universali.***

(34) ***Huwa meħtieġ li l-forniment, minn fornituri ta' servizz universali, ta' servizzi għan-negozji, għal dawk li jibagħtu kwantitajiet kbar ta' oġġetti bil-posta u għall-konsolidaturi tal-posta minn klijenti differenti, ikun suġġett għal kundizzjonijiet ta' tariffi aktar flessibbli.***

▌

*(35)* Fid-dawl tat-tranżizzjoni lejn suq totalment kompetittiv ***u sabiex ikun żgurat li cross-subsidies mis-servizzi universali għas-servizzi mhux universali ma jaffettwawx ħażin il-vantaġġ kompetittiv ta' dawn ta' l-aħħar,*** jixraq li l-Istati Membri jkomplu jkunu meħtieġa li jibqgħu jżommu l-obbligu li l-fornituri tas-servizz universali jżommu kontijiet separati u trasparenti, suġġetti għall-adattamenti meħtieġa. Dan l-obbligu għandu jipprovdi l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni u l-Kummissjoni bit-tagħrif meħtieġ għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-servizz universali u għall-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet ġusti tas-suq sakemm il-kompetizzjoni ssir effettiva. Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni armonizzata ta' dawn ir-regoli billi jkomplu jiżviluppaw kriterji ta' referenza u linji gwida f'dan il-qasam.

*(36)* F'konformità mar-regoli fis-seħħ f'oqsma oħra tas-settur tas-servizzi u bil-għan li l-konsumatur jitħares aktar, jixraq li titwessa' l-applikazzjoni tal-prinċipji minimi dwar il-proċeduri ta' lment lil hinn mill-fornituri tas-servizz universali. Bil-għan li tiżdied l-effikaċja tal-proċeduri f'dan il-qasam, jeħtieġ li d-Direttiva *97/67/KE tinkoraġġixxi* l-użu ta' proċeduri ta' soluzzjoni *bonarja* tat-tilwim, kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 rigward il-prinċipji applikabbli għall-korpi involuti fis-soluzzjoni *bonarja* tat-tilwim tal-konsumaturi [1] u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni *2001/310/KE* ta' l-4 ta' April 2001 rigward il-prinċipju għall-korpi extraġudizzjarji involuti fis-soluzzjoni konsenswali tat-tilwim tal-konsumaturi [2]. Il-ħarsien tal-konsumaturi għandu wkoll ikompli jissaħħaħ permezz ta' l-interoperabilità ta' l-operaturi minħabba l-aċċess għal ċerti elementi ta' infrastruttura u servizzi, kif ukoll ir-rekwiżit għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji u l-korpi għall-ħarsien tal-konsumatur. ***Sabiex jitħarsu l-interessi ta' l-utenti postali f'każ ta' serq jew telf ta' oġġetti postali, jew f'kaz li dawn l-oġġetti jġarrbu xi ħsara, l-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' rimborż u/jew kumpens.***

*(37)* Jixraq li d-dispożizzjoni dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni tiġi *emendata* biex tirrifletti l-emendi li saru għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [3].

***(38) Il-kumitat li jassisti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE għandu jimmonitorja l-iżvilupp tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiġi garantit is-servizz universali, u b'mod partikulari l-effetti attwali u prevedibbli ta' tali miżuri fuq il-koeżjoni soċjali u territorjali. Minħabba l-importanza partikulari li l-ftuħ tas-suq tas-servizzi postali għandu f'termini ta' koeżjoni reġjonali, dak il-kumitat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti mhux biss ta' l-Istati Membri iżda wkoll ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali ta' kull Stat Membru.***

*(39)* Ir-rwol ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji aktarx li jibqa' kruċjali, partikolarment f'dawk l-Istati Membri fejn it-tranżizzjoni lejn il-kompetizzjoni għadha mhux lesta. Skond il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji u operattivi, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji b'hekk jiżguraw l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tagħhom. Din il-ħtieġa ta' l-indipendenza hija bla ħsara għall-awtonomija istituzzjonali u l-obbligi kostituzzjonali ta' l-Istati Membri u għall-prinċipju tan-newtralità fir-rigward tar-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw is-sistema tal-proprjetà stipulata fl-Artikolu 295 tat-Trattat. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom ikunu mogħnija bir-riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward tan-numru ta' impjegati, għarfien espert, u mezzi finanzjarji, għat-twettiq *tal-kompiti* tagħhom.

*(40)* Minħabba li l-eżerċizzju tal-funzjonijiet regolatorji sikwit jinvolvi korpi nazzjonali differenti, jixraq li tiddaħħal trasparenza fl-allokazzjoni tal-kompiti u li l-korpi responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-settur, għall-applikazzjoni tal-regoli fil-qasam tal-kompetizzjoni u l-kwistjonijiet dwar il-konsumatur, jiġu obbligati jikkooperaw bejniethom bil-għan li jiggarantixxu aħjar it-tlestija effikaċi ta' xogħolhom.

*(41)* Kwalunkwe parti li hija s-suġġett ta' deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali regolatorja għandu jkollha d-dritt ta' appell lil korp li jkun indipendenti minn dik l-awtorità. Dan il-korp jista' jkun qorti. Din il-proċedura ta' appell hija mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi fi ħdan is-sistemi nazzjonali ġudizzjarji u għad-drittijiet ta' entitajiet ġuridiċi jew persuni fiżiċi skond il-*liġi* nazzjonali. Sakemm jintemmu dawn il-proċeduri, jeħtieġ li tkun żgurata l-validità temporanja tad-deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji biex tiggarantixxi s-sigurtà ġuridika u *dik* tas-suq.

---

[1] *ĠU L 115, 17.4.1998, p. 31.*
[2] *ĠU L 109, 19.4.2001, p. 56.*
[3] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(42)* L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom ▌jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom mal-korpi regolatorji ta' l-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni fit-twettiq *tal-kompiti tagħhom* skond ║id-Direttiva *97/67/KE*. Dan għandu jippromwovi l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali u jgħin biex tintlaħaq koerenza fl-applikazzjoni, fl-Istati Membri kollha, tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva, partikolarment meta l-*liġi* nazzjonali li timplimenta d-dritt Komunitarju tagħti l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji setgħat diskrezzjonali konsiderevoli għall-applikazzjoni tar-regoli kkonċernati. Din il-kooperazzjoni tista' ssir, fost oħrajn, fil-Kumitat imwaqqaf *minn din* id-Direttiva ║jew f'grupp li jlaqqa' r-regolaturi Ewropej. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu liema korpi huma l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.

*(43)* L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom il-ħtieġa li jiġbru tagħrif mill-parteċipanti fis-suq sabiex iwettqu *l-kompiti tagħhom* b'mod effikaċi. Il-talbiet għal tagħrif għandhom ikunu proporzjonati u ma għandhomx jimponu piż żejjed fuq l-impriżi. Jista' jkun hemm il-ħtieġa wkoll li dak it-tagħrif jinġabar mill-Kummissjoni, biex tippermettilha taqdi l-obbligi kollha tagħha skond id-dritt Komunitarju.

*(44)* Sabiex il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibqgħu infurmati dwar l-iżvilupp tas-suq intern għas-servizzi postali, il-Kummissjoni għandha regolarment tissottometti rapporti lil dawk l-istituzzjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/67/KE.

***(45) Il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza lill-Istati Membri dwar l-aspetti varji ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.***

***(46) Din id-Direttiva m'għandiex taffetwa il-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' l-impjiegi, inklużi l-perjodi massimi ta' ħidma u l-perjodi minimi ta' mistrieħ, il-minimu ta' vaganzi annwali mħallsa, ir-rati minimi ta' ħlas u kif ukoll is-saħħa, is-sikurezza u l-indafa fuq ix-xogħol, li l-Istati Membri japplikaw f'konformità mal-liġi Komunitarja, u l-anqas ma għandha taffetwa r-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali inkluż id-dritt li jinnegozjaw u jilħqu ftehimiet kollettivi, id-dritt ta' strike u ta' azzjoni industrijali skond il-liġi u l-prattiki nazzjonali li huma konformi mal-liġi Komunitarja, u l-anqas ma tapplika għal servizzi pprovduti minn aġenziji ta' xogħol temporanju. Jekk ikun xieraq, l-Istati Membri għandhom jirriflettu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tagħhom.***

***(47) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm punti ta' aċċess u ta' kuntatt biżżejjed u li dawn iqisu l-ħtiġijiet ta' l-utenti taz-zoni rurali u ta' dawk b'popolazzjoni mifruxa. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw in-numru minimu ta' punti ta' kuntatt u l-punti ta' aċċess li għandu jkun hemm f'dawn iz-zoni sabiex is-servizz universali jkun garantit.***

*(48)* Sabiex ikun ikkonfermat il-qafas regolatorju għas-settur, għandha titħassar id-data ta' skadenza tad-Direttiva 97/67/KE. ***Id-dispożizzjonijiet li ma ġewx emendati b'din id-Direttiva għadhom jibqgħu japplikaw. Is-servizzi li l-Istati Membri jistgħu jkomplu jirriżervaw, matul perjodu tranżitorju, huma dawk speċifikati fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 97/67/KE.***

*(49)* Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, partikolarment il-kisba ta' suq intern għas-servizzi postali, is-salvagwardja ta' livell komuni ta' servizzi universali għall-konsumaturi kollha u l-iffissar ta' prinċipji armonizzati għar-regolamentazzjoni tas-servizzi postali, ma jistgħux jintlaħqu suffiċjentement mill-Istati Membri *waħedhom* u jistgħu għalhekk, *minħabba* l-firxa u l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħħqu aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

*(50)* Id-Direttiva 97/67/KE għandha għalhekk tiġi emendata f'dan is-sens.

*(51)* Din id-Direttiva hija koerenti ma' strumenti Komunitarji attwali oħra li għandhom x'jaqsmu mas-servizzi. F'każ ta' kunflitt mad-Direttiva ma' dispożizzjoni ta' strument Komunitarju ieħor, partikolarment id-Direttiva *2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern* ([1]), id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jipprevalu u japplikaw bis-sħiħ għas-settur postali.

---

([1]) *ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.*

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(52)* Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-kompetizzjoni u dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li jinsabu fit-Trattat. Sa fejn il-mekkaniżmi ta' finanzjament ikunu jinvolvu għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-għajnuna Statali, fi kwalunkwe forma, skond it-tifsira fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat, din id-Direttiva tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri biex jirrispettaw ir-regoli fil-qasam ta' l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-Trattat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 97/67/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, it-tieni inċiż *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"— il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-provvista tas-servizzi postali,"

(2) L-Artikolu 2 *għandu jkun* emendat kif ġej:

a) il-punt 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. oġġett postali: oġġett indirizzat fil-forma finali li fiha ser jinġarr mill-fornitur tas-servizz postali. Minbarra l-oġġetti ta' korrispondenza, dawk l-oġġetti jinkludu wkoll, pereżempju, kotba, katalogi, gazzetti, perjodiċi u pakketti postali li jkun fihom merkanzija b'valur kummerċjali jew mingħajru;"

▌

***(b) Il-Punt 19, paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"***(19) rekwiżiti essenzjali: raġunijiet ġenerali mhux ekonomiċi li jistgħu jwasslu lil Stat Membru biex jimponi kundizzjonijiet fuq il-forniment tas-servizzi postali. Dawn ir-raġunijiet huma l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza, is-sigurtà tan-networks fir-rigward tat-trasport ta' prodotti perikolużi u l-ħarsien tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg u l-iskemi tas-sigurtà soċjali, stipulati bil-liġi, b'regolament jew b'dispożizzjoni amministrattiva u/jew bi ftehima kollettiva nnegozjata bejn imsieħba nazzjonali u, fejn ikun ġustifikat, il-ħarsien tad-data, il-ħarsien ta' l-ambjent u l-ippjanar reġjonali.***"

c) il-punt li ġej *għandu jiżdied*:

"20. servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa: servizzi postali li għalihom it-tariffa hija stabbilita skond it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali tal-fornituri tas-servizz universali għat-trasport ta' oġġetti postali individwali."

(3) Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(3), it-test introduttorju *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi sabiex jiżguraw li s-servizz universali huwa garantit kull jum tax-xogħol u mhux anqas minn ħamest ijiem fil-ġimgħa, ħlief f'ċirkostanzi jew kondizzjonijiet ġeografiċi meqjusa bħala eċċezzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji, u li din tinkludi bħala minimu:"

(4) L-Artikolu 4 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-provvista tas-servizz universali tkun garantita u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-passi li jkun ħa sabiex jissodisfa dan l-obbligu. Il-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 21 għandu jiġi infurmat u għandu jissorvelja l-*iżvilupp* tal-miżuri stabbiliti mill-Istati Membri biex jiżguraw il-provvista *tas*-servizz universali.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnominaw impriża waħda jew aktar bħala forrnituri tas-servizz universali għal parti jew it-totalità tat-territorju nazzjonali u għal elementi differenti tas-servizz universali. Kull meta jagħmlu hekk, għandhom jistabbilixxu skond *il-liġi Komunitarja* l-obbligi u d-drittijiet assenjati lilhom u jippubblikawhom. Partikolarment, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kondizzjonijiet li fihom jingħata s-servizz universali jissejsu fuq il-prinċipji ta' l-oġġettività, in-non-diskriminazzjoni, il-proporzjonalità u ta' xkiel minimu għas-suq, u li n-nomina bħala

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

fornituri tas-servizz universali ta' impriża tkun limitata fiż-żmien. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-identità tal-fornitur(i) tas-servizz universali li huma jinnominaw."

(5) Fl-Artikolu 5(2), "Artikoli 36 u 56" *għandu* jinbidel għal "Artikoli 30 u 46".

(6) L-Artikolu 6 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li l-konsumaturi u l-impriżi li jipprovdu servizzi postali regolarment jingħataw tagħrif dettaljat u aġġornat biżżejjed ***mill-fornitur(i) tas-servizz universali*** dwar il-karatteristiċi partikolari tas-servizzi universali offruti, b'referenza speċjali għall-kondizzjonijiet ġenerali ta' aċċess għal dawk is-servizzi kif ukoll il-prezzijiet u l-livelli ta' l-istandard ta' kwalità. Dan it-tagħrif għandu jiġi ppubblikat b'mod approprjat.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-mod kif it-tagħrif jiġi kkomunikat li għandu jkun ippubblikat skond l-ewwel subparagrafu."

(7) Fil-Kapitolu 3, it-titolu *għandu* jinbidel kif ġej:

"KAPITOLU 3

***Finanzjament garantit*** tas-servizzi universali"

(8) L-Artikolu 7 *għandu* jinbidel kif ġej:

"Artikolu 7

1. B'effett ***mill-31 ta' Diċembru 2010***, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu jew iżommu fis-seħħ id-drittijiet speċjali jew esklussivi għat-twaqqif u l-provvista tas-servizzi postali. L-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw il-provvista tas-servizz universali skond wieħed jew aktar mill-modi previsti *fil-paragrafi 3,4 u 5,* jew skond kwalunkwe mezz ieħor kompatibbli mat-Trattat ‖.

***2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-finanzjament tas-servizz universali ikun dejjem iggarantit f'suq postali kompletament illiberalizzat. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-passi li bi ħsiebu jieħu sabiex jissodisfa dan l-obbligu.***

3. L-Istati Membri jistgħu jiggarantixxu l-provvista tas-servizzi universali billi jipprovdu dawn is-servizzi skond ir-regoli applikabbli *għall*-akkwist pubbliku***, u regolamenti inkluża l-possibilità li jiġu nnegozjati u konklużi direttament kuntratti ta' servizz mal-fornituri ta' servizz.***

4. Jekk Stat Membru jqis li l-obbligi ta' servizz universali stabbiliti minn din id-Direttiva jinvolvu spejjeż netti u jirrappreżentaw piż finanzjarju inġust għall-fornitur(i) tas-servizz universali***, huwa għandu jibda' jħaddem wieħed mill-mekkaniżmi dettaljati fil-pjan nazzjonali tiegħu notifikat lill-Kunsill sa l-1 ta' Jannar 2010, u li kien jifforma parti mir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill***.

***Il-pjanijiet nazzjonali jistgħu:***

(a) *Jintroduċu mekkaniżmu biex* jikkompensa lill-impriża/i affettwata/i mill-fondi pubbliċi;

(b) *Jintroduċu mekkaniżmu biex jaqsmu* l-ispejjeż netti ta' l-obbligi ta' servizz universali bejn il-fornituri tas-servizzi u/jew il-konsumaturi.

5. Jekk l-ispejjeż netti jinqasmu skond il-*paragrafu 4(b),* l-Istati Membri jistgħu joħolqu fond ta' kumpens li jista' jiġi ffinanzjat mill-fornituri tas-servizz u/jew permezz ta' tariffi applikati lill-konsumaturi, u amministrat għal dan l-iskop minn korp indipendenti mill-benefiċjarju jew il-benefiċjarji. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet lill-fornituri tas-servizz skond l-Artikolu 9(2) suġġett għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lil dak il-fond jew li tikkonforma ma' l-obbligi tas-servizz universali. Dawk is-servizzi biss imniżżla fl-Artikolu 3 jistgħu jiġu ffinanzjati b'dan il-mod.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji tat-trasparenza, in-non-diskriminazzjoni u l-proporzjonalità jiġu rispettati fit-twaqqif tal-fond ta' kumpens u meta jiġi ffissat il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija fil-*paragrafi 4 u 5*. Id-deċiżjonijiet meħuda skond il-*paragrafi 4 u 5* għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, verifikabbli u magħrufa mill-pubbliku."

*(9) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 7 a li ġej*

"*Artikolu 7a*

***Sal-punt li huwa neċessarju biex tiġi żgurata ż-żamma ta' servizz universali, l-Istati Membri li jkunu daħlu fl-UE wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2002/39/KE (*) jew l-Istati Membri b'topografija partikularment diffiċli, speċjalment dawk b'numru kbir ta' gżejjer, jistgħu jkomplu, sal-31 ta' Diċembru 2012, jirriżervaw servizzi għal fornitur i ta' servizz universali fil-limiti u skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) Dawk is-servizzi għandhom ikunu limitati għall-ġbir, il-klassifikazzjoni, it-trasport u l-kunsinna ta' korrispondenza domestika u korrispondenza transkonfinali li tkun dieħla, kemm jekk b'kunsinna mgħaġġla u kif ukoll jekk le, fil-limiti ta' piż u kif ukoll ta' prezz li ġejjin. Il-limitu tal-piż għandu jkun 50 gramma. Il-limitu ta' piż ma għandux japplika jekk il-prezz ikun daqs, jew aktar minn, darbtejn u nofs it-tariffa pubblika għal oġġett ta' korrispondenza fl-ewwel skala ta' piż ta' l-aktar kategorija rapida.***

***Sal-punt neċessarju sabiex ikun żgurat il-provvediment tas-servizz universali, posta diretta tista' tkompli tkun riżervata fl-istess limiti tal-piż u tal-prezz.***

***Sal-punt neċessarju sabiex ikun żgurat il-provvediment tas-servizz universali, pereżempju meta ċerti setturi ta' attività postali diġà ġew liberalizzati jew minħabba l-karatteristiċi speċifiċi li huma partikulari għas-servizzi postali fi Stati Membru, posta transkonfinali ħierġa mill-pajjiż tista' tkompli tkun riżervata fl-istess limiti tal-piż u tal-prezz.***

***(b) Dawk l-Istati Membri li għandhom il-ħsieb li jużaw din il-faċilità ta' tranżizzjoni eċċezzjonali għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jagħmlu hekk sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data imsemmija fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva…[ li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tat-twettiq komplet tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità].***

***(c) L-Istati Membri li jneħħu ż-żoni riżervati tagħhom wara … u qabel il-31 ta' Diċembru 2012, jistgħu, waqt dak il-perjodu ta' tranżizzjoni, jirrifjutaw li jagħtu l-awtorizzazzjoni stipulata fl-Artikolu 9(2) għal servizzi fi ħdan iż-żona riżervata kkonċernata li tkun ġiet imneħħija, lill-operaturi postali li jkunu qed jipprovdu servizz fi ħdan l-iskop ta' servizz universali kif ukoll lill-kumpaniji kkontrollati minnhom li tkun ingħatatilhom żona riżervata fi Stat Membru ieħor…***

---

(*) ***ĠU L 176, 5.7.2002, p.21.***"

*(10) L-Artikolu 8 għandu jinbidel b'dan li ġej:*

"*Artikolu 8*

***Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 għandhom ikunu bla ħsara għad-dritt ta' l-Istati Membri li:***

***— jinkorporaw dispożizzjonijiet speċjali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom applikabbli għall-fornituri ta' servizz universali, skond kriterji oġġettivi, proporzjonati u mhux diskriminatorji, kif meħtieġ għat-tħaddim tas-servizz universali.***

***— li jorganizzaw it-tqegħid tal-kaxxi ta' l-ittri fuq awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolli postali u s-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjali jew amministrattivi skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom."***

*(11)* Fil-Kapitolu 4, it-titolu *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU 4

Kondizzjonijiet li jirregolaw il-provvista tas-servizzi postali u aċċess għan-*network*"

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(12)* L-Artikolu 9 *għandu* jinbidel kif ġej:

"Artikolu 9

1. Għal servizzi li huma barra l-*iskop* tas-servizz universali kif definit fl-Artikolu 3, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu awtorizzazzjonijiet ġenerali sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità mar-rekwiżiti essenzjali.

2. Għal servizzi li jaqgħu fl-*iskop* tas-servizz universali kif definit fl-Artikolu 3, ***u għal servizzi meqjusa bħala sostituti possibbli,*** l-Istati Membri jistgħu jintroduċu proċeduri ta' awtorizzazzjoni, inklużi liċenzji individwali, sal-limitu meħtieġ biex tiġi garantita konformità mal-rekwiżiti essenzjali u biex jiġi salvagwardat is-servizz universali.

L-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet jista':

— fejn xieraq, ikun suġġett għall-obbligi ta' servizz universali,

— jekk meħtieġ, jimponi rekwiżiti li jirrigwardaw il-kwalità, id-disponibilità u l-prestazzjoni tas-servizzi relevanti, ***wkoll fejn dawn ikunu jikkoinċidu sa ċertu punt ma' l-obbligi ta' servizz universali;***

— fejn xieraq, ikun suġġett għal obbligu li jagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmi ta' qsim imsemmija fl-Artikolu 7***, jekk il-forniment tas-servizz universali jkun jinvolvi spiża netta għall-fornitur jew il-fornituri tas-servizz universali li jinħatru skond l-Artikolu 4.***

***3. L-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-fornituri ta' servizz minbarra l-fornituri nnominati tas-servizz universali, ji sta' jkun suġġett, fejn xieraq, għall-obbligu li tingħata kontribuzzjoni finanzjarja lill-mekkaniżmu ta' qsim imsemmi fl-Artikolu 7.***

***L-Istati Membri jistgħu jippermettu lil dawn l-impriżi li jagħżlu bejn l-obbligu li jikkontribwixxu għall-mekkaniżmu ta' qsim jew li jkunu konformi ma' l-obbligi ta' servizz universali.***

Għajr għall-każ ta' impriżi li ġew nnominati bħala fornituri tas-servizz universali skond l-Artikolu 4, l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ma jistax:

— ikun limitat fin-numru,

▌

— jimponi kondizzjonijiet tekniċi u operattivi barra minn dawk meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' din id-Direttiva.

4. Il-proċeduri, l-obbligi u r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu trasparenti, aċċessibbli, mhux diskriminatorji, proporzjonati, preċiżi u mhux ambigwi, disponibbli għall-pubbliku minn qabel u bbażati fuq kriterji oġġettivi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-raġunijiet għal rifjut totali jew parzjali ta' awtorizzazzjoni jiġu kkomunikati lill-applikant u għandhom jistabbilixxu proċedura ta' appell.

***5. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi kollha jirrispettaw għal kollox il-liġijiet tagħhom tax-xogħol li għalihom huma suġġetti, jiġifieri kwalunkwe dispożizzjoni legali jew kuntrattwali li tikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, kundizzjonijiet tax-xogħol, inklużi s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u r-relazzjoni bejn l-impjegati u l-ħaddiema, liema dispożizzjonijiet l-Istati Membri japplikaw skond il-liġi nazzjonali li tirrispetta l-liġi Komunitarja. Bl-istess mod, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operatur magħżul jirrispetta għal kollox il-leġiżlazzjoni dwar sigurtà soċjali li għaliha huwa suġġett u l-ftehimiet kollettivi konklużi ma' l-imsieħba soċjali.***"

*(13)* Il-paragrafu 1 ta' l-Artikolu 10 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"1... Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li *jaġixxu* fuq proposta tal-Kummissjoni u fuq il-bażi ta' l-Artikoli 47(2), 55 u 95 tat-Trattat, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri li għalihom issir referenza fl-Artikolu 9 li jirregolaw il-provvista kummerċjali lill-publiku tas-servizzi postali.'"

*(14)* Fl-Artikolu 11, 'Artikoli 57(2), 66 u 100a' *għandu* jinbidel għal 'Artikoli 47(2), 55 u 95'.

*(15)* Għandu *jiddaħħlu* ***l-Artikoli*** 11a ***u 11b*** li *ġejjin*:

"Artikolu 11a

Kull meta jkun meħtieġ, biex jitħares l-interess tal-konsumaturi u/jew tiġi promossa kompetizzjoni effettiva, u fid-dawl tal-kondizzjonijiet nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-kondizzjonijiet ta' aċċess għal dawn l-elementi li ġejjin ta' infrastruttura jew servizzi postali jkunu trasparenti u mhux diskriminatorji: sistema ta' kodiċi postali, *database* ta' l-indirizzi, kaxxi postali, kaxxi ta' ġbir u ta' kunsinna, informazzjoni dwar il-bidla fl-indirizz, servizz ta' twassil mill-ġdid, servizz ta' ritorn lill-mittenti.

***Artikolu 11b***

***Din id-Direttiva hija bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali relevanti dwar il-protezzjoni ta' data personali u bla ħsara għad-drittijiet ta' l-Istati Membri li jadottaw miżuri biex jiżguraw, fejn xieraq, l-aċċess għan-network postali tal-fornituri ta' servizz universali jew elementi oħra ta' l-infrastuttura postali f'kundizzjonijiet ta' trasparenza u non-diskriminatorji…***"

*(16)* L-Artikolu 12 *għandu jkun sostitwit b'dan li* ġej:

"*Artikolu 12*

*L-Istati Membri għandhom jieħdu passi sabiex jiżguraw li t-tariffi għal kull servizz li jifforma parti mill-provvediment tas-servizz universali ikun konformi mal-prinċipji li ġejjin:*

— il-prezzijiet għandhom ikunu jistgħu jintlaħqu u għandhom ikunu tali li l-*utenti* kollha***, indipendentement mil-pożizzjoni ġeografika tagħhom, u, fid-dawl tal-kundizzjonijiet nazzjonali speċifiċi,*** *ikollhom* aċċess għas-servizzi provduti. ***L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-regoli u l-kriterji biex tiġi żgurata l-aċċessibilità tal-prezz fuq livell nazzjonali. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw il-bidliet kollha fil-prezz u għandhom jippubblikaw rapporti regolari.*** L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li jkun hemm il-forniment ta'*** servizz postali b'xejn ***għall-użu ta'*** persuni għomja jew b'vista mnaqqsa,

— ▌kull meta jkun meħtieġ għal raġunijiet relatati ma' l-interess pubbliku, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li tariffa uniformi tiġi applikata għat-territorju kollu tagħhom u/jew għat-territorji ta' Stat Membri oħra, *dan* ***biss*** għal servizzi pprovduti b'tariffa bil-biċċa ▌,

— *l-applikazzjoni ta' tariffa uniformi ma teskludix id-dritt tal-fornitur(i) tas-servizz universali li jikkonkludi(u) ftehim individwali dwar prezzijiet mal-konsumaturi,*

— *it-tariffi għandhom ikunu trasparenti u non-diskriminatorji,*

— *kull meta l-fornituri tas-servizz universali japplikaw tariffi speċjali, per eżempju għal servizzi għall-kumpaniji, dawk li jimpustaw bil-bulk jew konsolidaturi tal-posta minn klijenti differenti, dawn għandhom japplikaw il-prinċipji tat-trasparenza u non-diskriminazzjoni fir-rigward kemm tat-tariffi kif ukoll tal-kundizzjonijiet relatati. It-tariffi għandhom jieħdu kont ta' l-ispejjeż evitati, kif paragunat mas-servizz standard li jkopri l-firxa kompluta tal-karatteristiċi offruti għal clearance, trasport, tqassim u twassil ta' oġġetti individwali tal-posta u, flimkien mal-kundizzjonijiet relatati, għandhom japplikaw kemm bejn partijiet terzi differenti kif ukoll bejn partijiet terzi u l-fornituri tas-servizz universali li jipprovdu servizzi ekwivalenti.* Kwalunkwe tariffa minn dawn għandha wkoll tkun disponibbli għal ***kwalunkwe klijent ieħor, b'mod partikulari klijenti individwali u impriżi żgħar u ta' daqs medju,*** li jimpustaw f'kondizzjonijiet simili."

*(17)* L-Artikolu 14 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri sabiex jiżguraw li l-kontabilità tal-fornituri tas-servizz universali ssir skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Il-fornituri tas-servizz universali għandhom iżommu kontijiet separati fis-sistemi ta' kontabilità interna tagħhom biex jiddistingwu biċ-ċar ***fuq naħa*** bejn dawk is-servizzi u l-prodotti ***li huma parti mis-servizz universali u*** li jirċievu jew jagħtu kontribut lill-kumpens finanzjarju għall-ispejjeż netti tas-servizz universali***,*** u***, fuq in-naħa l-oħra,*** is-servizzi u l-prodotti li ***m'humiex.***▌ Dawn is-sistemi ta' kontabilità interna għandhom jitħaddmu fuq il-bażi ta' prinċipji ta' kontabilità ta' l-ispejjeż applikati koerentement u ġustifikati oġġettivament.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

3. Is-sistemi ta' kontabilità li għalihom jirreferi l-paragrafu 2 għandhom, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, jallokaw spejjeż bil-mod li ġej:

a) spejjeż li jistgħu jiġu direttament assenjati għal servizz jew prodott partikolari għandhom jiġu assenjati b'dan il-mod;

b) l-ispejjeż komuni, jiġifieri l-ispejjeż li ma jistgħux jiġu assenjati direttament lil servizz jew prodott partikolari, għandhom jiġu allokati kif ġej:

i) kull meta jkun possibbli, l-ispejjeż komuni għandhom jiġu allokati fuq il-bażi ta' analiżi diretta ta' l-oriġini ta' l-*ispejjeż* infushom;

ii) meta l-analiżi diretta ma tkunx possibbli, il-kategoriji ta' l-ispejjeż komuni għandhom jiġu allokati fuq il-bażi ta' rbit dirett ma' kategorija oħra ta' spejjeż jew grupp ta' kategoriji ta' spejjeż li għalihom assenjazzjoni jew allokazzjoni diretta hija possibbli; l-irbit indirett għandu jkun ibbażat fuq il-bażi ta' strutturi ta' spejjeż kumparabbli;

iii) meta la l-miżuri diretti u l-anqas dawk indiretti ta' allokazzjoni ta' l-ispejjeż ma jinstabu, il-kategorija ta' l-ispejjeż għandha tiġi allokata fuq il-bażi ta' allokatur ġenerali kkalkolat bl-użu tal-proporzjon ta' l-ispejjeż kollha direttament jew indirettament assenjati jew allokati, minn naħa waħda, lil kull wieħed mis-servizzi universali u, min-naħa l-oħra, lis-servizzi l-oħra;

***iv) spejjeż komuni li huma neċessarji għall-provvista kemm ta' servizzi universali kif ukoll ta' servizzi mhux universali, m'għandhomx ikunu kompletament allokati għal servizzi universali; l-istess kriterji ta' spejjeż iridu jkunu applikati kemm għal servizzi universali kif ukoll għal servizzi mhux universali.***

4. Sistemi oħra ta' kontabilità ta' l-ispejjeż jistgħu jiġu applikati biss jekk ikunu kompatibbli mal-paragrafu 2 u jkunu ġew approvati mill-awtorità nazzjonali regolatorja. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa minn qabel bl-applikazzjoni tagħhom.

5. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandhom jiżguraw li l-konformità ma' waħda mis-sistemi ta' kontabilità ta' l-ispejjeż deskritti fil-paragrafi 3 jew 4 tiġi verifikata minn korp kompetenti li jkun indipendenti mill-fornitur tas-servizz universali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dikjarazzjoni dwar il-konformità tiġi ppubblikata perjodikament.

6. L-awtorità nazzjonali regolatorja għandha żżomm disponibbli, sa livell adegwat ta' dettall, tagħrif dwar is-sistemi ta' kontabilità ta' l-ispejjeż applikati minn fornitur tas-servizz universali, u għandha tibgħat dak it-tagħrif lill-Kummissjoni fuq talba.

7. Fuq talba, it-tagħrif dettaljat tal-kontabilità li jirriżulta minn dawn is-sistemi għandu jsir disponibbli b'mod kunfidenzjali lill-awtorità nazzjonali regolatorja u lill-Kummissjoni, ***skond l-Artikolu 22a.***

8. Meta Stat Membru ma jkunx waqqaf mekkaniżmu ta' finanzjament għall-provvista tas-servizz universali, kif permess mill-Artikolu 7, u meta l-awtorità nazzjonali regolatorja tkun sodisfatta li ebda wieħed mill-fornituri nominati tas-servizz universali f'dak l-Istat Membru ma jkun irċieva assistenza mill-Istat, moħbija jew xort'oħra, u li l-kompetizzjoni fis-suq hija totalment effettiva, l-awtorità nazzjonali regolatorja tista' tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. ***Madankollu, dan l-Artikolu għandu japplika għall-fornituri attwalment responsabbli mis-servizz universali sakemm l-ebda fornitur ieħor tas-servizz universali ma jkun ġie nnominat.*** L-awtorità nazzjonali regolatorja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni bħal dik."

*(18)* L-Artikolu 19 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 19

*1. L-Istati* Membri għandhom jassiguraw li proċeduri trasparenti, sempliċi u mhux għaljin isiru disponibbli *mill-impriżi* ***kollha*** li jipprovdu servizzi postali biex jiġu ttrattati lmenti ta' utenti, partikolarment f'każijiet li jinvolvu telf, serq, ħsara jew non-konformità ma' standards ta' kwalità ta' servizz (inklużi proċeduri biex jiġi determinat min hu responsabbli f'każijiet fejn ikun involut iktar minn operatur wieħed).

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*2.* L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri sabiex jassiguraw li l-proċeduri msemmija fl-ewwel *paragrafu* jippermettu li t-tilwim jiġi solvut b'mod ġust u malajr bi provvediment ▌għal sistema ta' rimbors u/jew kumpens.

*3.* L-Istati Membri għandhom jinkoraġixxu l-iżvilupp ta' sistemi extraġudizzjarji indipendenti għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn l-impriżi ta' servizzi postali u l-konsumaturi.

*4.* Mingħajr preġudizzju għall-possibilitajiet l-oħra ta' appell jew mezzi għal rikors skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi, waqt li jaġixxu individwalment jew, meta dan ikun permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, flimkien ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi ta' l-utenti u/jew konsumaturi, jkunu jistgħu jressqu quddiem l-awtorità kompetenti nazzjonali każijiet fejn l-ilmenti tal-konsumatur lill-impriża li tipprovdi servizzi fl-ambitu tas-servizz universali ma jkunux ġew solvuti b'mod sodisfaċenti.

*5.* Skond l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi universali u, fejn ikun il-każ, l-impriżi li jipprovdu servizzi fl-ambitu tas-servizz universali, jippubblikaw, flimkien mar-rapport annwali dwar is-sorveljanza tal-prestazzjoni tagħhom, tagħrif dwar in-numru ta' lmenti u l-mod li bih ikunu ġew ittrattati."

*(19)* L-Artikolu 21 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 21

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan *l-Artikolu,* l-Artikoli *5a(1) u (4)* u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, *b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.*"

▌

*(20)* L-Artikolu 22 *għandu* jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 22

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità nazzjonali regolatorja waħda jew aktar għas-settur postali li tkun ġuridikament separata mill-operaturi postali u topera b'mod indipendenti minnhom. L-Istati Membri li jżommu l-proprjetà jew il-kontroll ta' impriżi li jipprovdu servizzi postali għandhom jassiguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew il-kontroll.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji li jkunu nnominaw biex iwettqu x-xogħol li jirriżulta minn din id-Direttiva. Dawn għandhom jippubblikaw ix-xogħlijiet imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali regolatorji f'forma faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari fejn dawk ix-xogħlijiet huma assenjati lill-aktar minn korp wieħed. L-Istati Membri għandhom jassiguraw, fejn xieraq, konsultazzjoni u kooperazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet u l-awtoritajiet nazzjonali fdati bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni u l-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur, dwar kwistjonijiet ta' interess komuni.

2. L-awtoritajiet nazzjonali regolatorji għandu jkollhom bħala xogħol partikolari li jiżguraw konformità ma' l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva, b'mod partikolari billi jistabbilixxu proċeduri ta' sorveljanza u regolamentazzjoni biex jiżguraw il-provvista tas-servizz universali. Jistgħu wkoll jiġu fdati li jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur postali.

L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mill-qrib u għandhom joffru assistenza reċiproka sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mekkaniżmi effikaċi jeżistu fil-livell nazzjonali li permezz tagħhom kull utent jew impriża li tipprovdi servizzi postali li tkun milquta minn deċiżjoni ta' l-awtorità nazzjonali regolatorja jkollha d-dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni lil korp ta' l-appell li jkun indipendenti mill-partijiet involuti. Sakemm jinqata' dak l-appell, id-deċiżjoni ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali għandha tibqa' valida sakemm il-bord ta' l-appell ma jiddeċidix xort'oħra."

*(21)* Wara l-Artikolu 22, *għandu* jiddaħħal *it-titolu tal*-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU 9a

Għoti ta' tagħrif"

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(22)* *Għandu jiddaħħal* l-Artikolu 22a li ġej:

"Artikolu 22a

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-fornituri tas-servizzi postali*** jagħtu t-tagħrif kollu ***lill-awtorità regolatorja nazzjonali***, inkluż dak finanzjarju u tagħrif dwar il-provvista tas-servizz universali ‖ sabiex l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, jew ma' deċiżjonijiet meħuda skond din.

▌

2. L-impriżi ***kollha*** għandhom jipprovdu dak it-tagħrif malajr fuq talba u ***b'mod kunfidenzjali, fejn meħtieġ***, fil-limiti ta' żmien u fil-livell ta' dettall rikjest mill-awtorità nazzjonali regolatorja. It-tagħrif mitlub mill-awtorità *regolatorja nazzjonali* għandu jkun proporzjonat *mat-twettiq* ta' xogħolha ***u m'għandux jintuża għal skopijiet barra dawk li għalihom ikun intalab.*** L-awtorità nazzjonali regolatorja għandha tagħti raġunijiet li jiġġustifikaw it-talba għal dak it-tagħrif…"

*(23)* L-Artikolu 23 *għandu* jinbidel kif ġej:

"Artikolu 23

Kull ***erba'*** snin, fl-ewwel okkażjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża l-informazzjoni xierqa dwar żviluppi fis-settur, partikolarment li jikkonċernaw aspetti ekonomiċi, soċjali, xejriet ta' l-impjiegi u teknoloġiċi, kif ukoll dwar il-kwalità tas-servizz. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat fejn xieraq bi proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***Għandu jiġi ppreżentat rapport separat dwar ix-xejriet ġenerali ta' l-impjiegi u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol applikati mill-operaturi kollha f'kull Stat Membru sa mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tal-ftuħ tas-suq għall-kompetizzjoni. Ir-rapport għandu jagħti rendikont ukoll tal-miżuri adottati permezz ta' leġiżlazzjoni jew ta' negozjati bejn l-imsieħba soċjali. Jekk ir-rapport juri tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, huwa għandu, jekk ikun xieraq, jagħmel ukoll proposti.***"

***(24) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 23a li ġej:***

"***Artikolu 23a***

***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluża gwida dwar il-kalkolu ta' kwalunkwe spiża netta qabel l-1 ta' Jannar 2009. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjani ta' finanzjament tagħhom lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), u jistgħu jippreżentaw studji.***"

*(25)* L-Artikolu 26 *għandu* jitħassar.

*(26)* L-Artikolu 27 *għandu* jitħassar.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex tkun imħarsa din id-Direttiva ***sal-31 ta' Diċembru 2009*** mill-aktar tard. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li huma jadottaw fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

*Magħmul fi* ‖ ,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

**P6_TA(2007)0337**

## Regoli komuni għal servizzi tat-trasport bl-ajru ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) (COM(2006)0396 — C6-0248/2006 — 2006/0130(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006) 0396) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0248/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0178/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva relatata mal-kundizzjonijiet soċjali u tax-xogħol fis-settur ta' l-avjazzjoni ta' l-Ewropa u, sadattant, sad-dħul fis-seħħ ta' tali leġiżlazzjoni, jitlob lill-kumpaniji ta' l-ajru biex josservaw ir-regoli dwar l-impjegar fejn ikunu konċernati l-ħaddiema tagħhom

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TC1-COD(2006)0130**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament *(KE) Nru …/2007* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tat-trasport bl-ajru fil-Komunità *(tfassil mill-ġdid)***

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mingħand il-Kummissjoni ‖ ,

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni [2],

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [3],

Billi:

(1) Għandu jsir għadd ta' bidliet sostanzjali għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' *trasportaturi bl-ajru* [4], ir-Regolament (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità għal rotot ta' l-ajru intra-Komunitarji [5], ir-Regolament (KEE) Nru 2409/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar nollijiet u rati għal servizzi ta' l-ajru [6]. Fl-interessi taċ-ċarezza, dawn ir-Regolamenti għandu jiġu fformulati mill-ġdid u kkonsolidati f'Regolament waħdieni uniku.

(2) Bis-saħħa ta' l-adozzjoni ta' dawk it-tliet Regolamenti, it-trasport bl-ajru fil-Komunità ġie lliberalizzat. Minkejja s-suċċess tal-liberalizzazzjoni f'termini ta' tkabbir ekonomiku, kompetizzjoni u nollijiet irħas, l-applikazzjoni inkonsistenti ta' dawk ir-Regolamenti fl-Istati Membri toħloq distorsjoni tas-suq intern ta' l-avjazzjoni.

(3) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni aktar effiċjenti u konsistenti tal-leġiżlazzjoni Komunitarja għas-suq intern ta' l-avjazzjoni, hija meħtieġa sensiela ta' aġġustamenti għall-qafas ġuridiku attwali.

(4) Fl-għarfien ta' rabta potenzjali bejn is-saħħa finanzjarja ta' trasportatur bl-ajru u s-sikurezza, għandu jiġi stabbilit monitoraġġ aktar strett tal-qagħda finanzjarja tat-trasportaturi *bl-ajru*.

(5) Minħabba l-importanza dejjem akbar ta' trasportaturi *bl-ajru* b'bażijiet operattivi f'bosta Stati Membri u l-ħtieġa li tiġi żgurata s-superviżjoni effiċjenti ta' dawk it-trasportaturi *bl-ajru*, l-istess Stat Membru għandu jkun responsabbli għas-superviżjoni *ta' attivitajiet imwttqa skond iċ*-ĊOA (Ċertifikat *ta' Operat*ur ta' l-Ajru) u tal-liċenzja *għall-operat*.

(6) Sabiex ikun żgurat monitoraġġ konsistenti tal-konformità mar-rekwiżiti tal-liċenzji *ta' operat* ta' kull trasportatur bl-ajru Komunitarju, l-awtoritajiet tal-liċenzjar għandhom iwettqu verifiki regolari tal-qagħda finanzjarja tat-trasportaturi *bl-ajru*. Għalhekk, ta' l-aħħar għandhom jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tagħhom, l-aktar fl-ewwel sentejn ta' l-eżistenza tagħhom minħabba li dawn huma partikolarment kritiċi għas-sopravivenza fis-suq ta' trasportatur bl-ajru. ***Biex ikun evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' regoli differenti fil-livell nazzjonali, huwa meħtieġ li tkun żgurata t-trasparenza u li s-sitwazzjoni finanzjarja tat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità tkun suġġetta għall-kontroll konġunt tal-Kummissjoni u l-Istati Membri.***

(7) Sabiex jitnaqqsu r-riskji għall-passiġġiera, it-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità li jonqsu milli jwettqu r-rekwiżiti għaż-żamma ta' liċenzja *ta' operat* valida m'għandhomx jitħallew ikomplu joperaw. F'dawn il-każi, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tirrevoka jew tissospendi l-liċenzja *ta' operat*. F'każi meta l-awtorità tal-liċenzji kompetenti tonqos milli tagħmel dawn, il-Kummissjoni għandh jkollha l-permess tirrevoka jew tissospendi l-liċenzja *ta' operat* sabiex tiżgura l-applikazjzoni omoġenea tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

(8) Dabiex jiġi evitat rikors eċċessiv għal ftehimiet ta' kiri ta' ajruplani rreġistrati f'pajjiżi terzi, speċjlament bl-ekwipaġġ *(wet-lease)*, dawn il-possibbilitajiet għandhom biss jiġu permessi f'ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal fil-każ ta' nuqqas ta' ajruplani xierqa fuq is-suq Komunitarju, għandhom ikunu strettament limitati fiż-żmien u għandhom iwettqu l-istandards ta' sikurezza ekwivalenti għar-regoli ta' sikurezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja ‖.

***(9) Fir-rigward ta' impjegati ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità li topera servizzi ta' l-ajru minn bażi operattiva barra mit-territorju ta' l-Istat Membru fejn dik il-kumpanija ta' l-ajru tal-Komunità għandha l-post prinċipali tal-kummerċ tagħha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni soċjali Komunitarja u nazzjonali.***

[1] ĠU C 175, 27.7.2007, p. 85.
[2] ĠU C,, p.
[3] *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11.7.2007.*
[4] ĠU L 240, 24.8.1992, p. 1.
[5] ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8. *Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).*
[6] ĠU L 240, 24.8.1992, p. 15.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*(10)* Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim sikur u koerenti tas-suq intern ta' l-avjazzjoni, huwa mixtieq li l-Komunità tkun responsabbli għan-negozjati dwar drittijiet tat-traffiku intra-Komunitarji ma' pajjiżi terzi. Dan kieku jevita inkonsistenzi possibbli bejn is-suq intern u n-negozjati individwali ma' l-Istati Membri.

*(11)* Sabiex jiġi komplut is-suq intern ta' l-avjazzjoni ‖ r-restrizzjonijiet eżistenti li huma applikati bejn l-Istati membri, bħar-restrizzjonijiet dwar il-qsim tal-kodiċi fuq rotot lejn pajjiżi terzi jew dwar l-iffissar tal-prezzijiet fuq rotot lejn pajjiżi terzi b'waqfa intermedja fi Stat Membru ieħor … għandhom jitneħħew.

*(12)* Il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu imposti l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubblikugħandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar u mhux ambigwu, filwaqt li l-proċeduri assoċjati tat-tfigħ ta' l-offerti għandhom jippermettu li numru suffiċjenti ta' kompetituri jkunu jistgħu jieħdu sehem ‖. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tikseb kemm jista' jkun informazzjoni li tkun teħtieġ sabiex tkun tista' tistħarreġ il-ġustifikazzjonijiet ekonomiċi għall-obbligi tas-servizz pubbliku għal każi individwali.

*(13)* Ir-regoli fis-seħħ fir-rigward tad-distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti li jaqdu l-istess belt jew konurbazzjoni għandhom jiġu ċċarati u ssimplifikati.

*(14)* Jixraq li wieħed jiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà jirreaġixxu għal problemi għall-għarrieda li jirriżultaw minn ċirkostanzi li ma jistgħux jitbassru u li ma jistgħux jiġu evitati, u li jagħmulha diffiċli ħafna, teknikament jew prattikament, li jitwettqu s-servizzi ta' l-ajru.

*(15)* Il-passiġġieri għandhom ikollhom aċċess għall-istess tariffi għall-istess titjiriet irrispettivament mill-post ta' residenza tagħhom fi ħdan il-Komunità jew in-nazzjonalità tagħhom u irrispettivament mill-post ta' l-istabbiliment ta' l-aġent ta' l-ivjaġġar fi ħdan il-Komunità.

*(16)* Il-passiġġieri għandhom ikunu jistgħu iqabblu b'mod effettiv it-tariffi bejn linja ta' l-ajru u oħra. Għalhekk, it-tariffi ppubblikati għandhom jindikaw il-prezz finali li għandu jitħallas mill-passiġġier, inklussiv ta' kull taxxa, imposta u ħlas ieħor.

*(17)* Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

*(18)* Billi l-applikazzjoni aktar omoġenea tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fir-rigward tas-suq intern ta' l-avjazzjoni ma tistax tinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri minħabba l-karattru internazzjonali tat-trasport bl-ajru, u għalhekk tista' tinkiseb aħjar f'livell ta' Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif preskritt f'Artikolu 5 tat-Trattat. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

*(19)* Huwa għalhekk neċessarju li jiġu rrevokati r-Regolamenti (KEE) Nru 2407/92, 2408/92 u 2409/92,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet Ġenerali

### Artikolu 1

### Suġġett

1. Dan ir-Regolament jirregola l-liċenzjar tat-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità, id-dritt tat-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità li joperaw servizzi ta' l-ajru fi ħdan il-Komunità, u l-ipprezzar tas-servizzi ta' l-ajru ***mhaddma*** fi ħdan il-Komunità. ***Id-dispożizzjonijiet dwar tagħrif u nuqqas ta' diskriminazzjoni fl-ipprezzar għandhom japplikaw għal titjiriet li jitilqu minn ajruport li qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru u għal titjiriet li jitwettqu minn trasportaturi bl-ajru tal-Komunità li jitilqu minn ajruport li qiegħed f'pajjiż terz lejn ajruport li qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru, ħlief jekk it-trasportaturi bl-ajru ma jkunux suġġetti għall-istess obbligi f'dak il-pajjiż terz.***

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. *Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).*

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

2. L-applikazzjoni tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hu mifhum li hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit għar-rigward tal-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju li fih jinstab l-ajruport.

3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà għandha tkun sospiża sakemm l-arranġamenti fid-dikjarazzjoni konġunta magħmula mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit fit-2 ta' Diċembru 1987 jkunu daħlu fis-seħħ. Il-Gvernijiet ta' Spanja u r-Renju Unit għandhom jinfurmaw lill-Kunsill b'dik id-data.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1) "liċenzja *ta' operat*" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità tal-liċenzji kompetenti lil kull impriża, li jippermettilha li ġġorr bl-ajru passiġġieri, ittri u/jew merkanzija, kif dikjarat fil-liċenza ta' ħidma, għal remunerazzjoni u/jew kiri;

2) "*awtorità tal-liċenzji kompetenti*" tfisser awtorità ‖ intitolata li tagħti, tirrifjuta, tirrevoka jew tissospendi liċenzja ta' l-operat skond il-Kapitolu II;

3) "*impriża*" tfisser kull persuna naturali jew legali, kemm jekk topera għall-profitt jew le, jew kull korp uffiċjali kemm jekk ikollu l-personalità legali tiegħu jew le;

4) "*servizz bl-ajru*" tfisser titjira jew serje ta' titjiriet li jġorru l-passiġġieri, tagħbija u/jew il-posta bi ħlas u/jew b'kiri;

5) "*titjira*" tfisser tluq minn ajruport speċifikat lejn ajruport speċifiku tad-destinazzjoni;

6) "*ajruport*" tfisser kwalunkwe żona fi Stat Membru li tkun miftuħa għal operazzjonijiet kummerċjali tat-trasport bl-ajru;

7) "*ċertifikat ta' operatur bl-ajru (ĊOA)*" tfisser ċertifikat mogħti lil impriża li tafferma li l-operatur in kwistjoni għandu l-abbiltà professjonali u organizzattiva biex jiżgura l-operazzjoni mingħajr periklu ta' ajruplan għall-attivitajiet ta' avjazzjoni speċifikati fiċ-ċertifikat, kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Komunitarja;

8) '*kontroll effettiv*' tfisser relazzjoni kostitwita permezz ta' jeddijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, jew separatament jew konġuntament u li b' konsiderazzjonijiet ta' fatt jew liġi involuta, jagħtu l-possibiltà li direttament jew indirettament tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq kull impriża, b'mod partikolari permezz ta':

   a) id-dritt li jintuża kull ass jew parti minnu ta' kull impriża;

   b) jeddijiet jew kuntratti li jagħtu influwenza deċiżiva fuq il-komposizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-korpi ta' kull impriża jew mod ieħor jinfluwenzaw b'mod deċiżiv fuq it-tħaddim ta' l-operat kummerċjali ta' l-impriża;

9) "*trasportatur bl-ajru*" tfisser kull impriża ta' trasport bl-ajru li jkollha liċenza *ta' operat* valida;

10) "*trasportatur bl-ajru tal-Komunità*" tfisser trasportatur bl-ajru li jkollu liċenza valida biex jopera maħruġa minn awtorità tal-liċenzji kompetenti bi qbil mal-Kapitolu II;

11) "*pjan ta' negozju*" tfisser kull deskrizzjoni dettaljata ta' l-attivitajiet kummerċjali maħsuba *tat-trasportatur bl-ajru* għall-perjodu in kwistjoni, b'mod partikolari għar-rigward ta' l-iżvilupp tas-suq mistenni u investimenti li għandhom isiru, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi ta' dawn l-attivitajiet;

12) '*servizz ta' l-ajru intra-Komunitarju*' tfisser servizz ta' l-ajru mħaddem fi ħdan il-Komunità;

13) "*tranżitu*" tfisser id-dritt tat-tajran fuq it-territorju tal-Komunità jew ta' pajjiż terz mingħajr inżul u l-inżul għal skopijiet li mhumiex ta' traffiku;

14) '*dritt tat-traffiku*' tfisser id-dritt li li jopera servizz ta' l-ajru bejn żewġ ajruporti tal-Komunità;

▌

*15)* "bejgħ ta' postijiet biss" tfisser il-bejgħ ta' postijiet, mingħajr xi servizz sħiħ ieħor, bħal ma hi l-akkomodazzjoni, direttament lill-pubbliku mit-trasportatur jew mill-aġent awtorizzat tiegħu jew lil *charterer*;

*16)* "*servizz skedat bl-ajru*" tfisser serje ta' titjiriet li kull waħda minnhom tippossjedi dawn il-karatteristiċi segwenti kollha:

a) tkun magħmula minn ajruplan għat-trasport tal-passiġġieri, tal-merkanzija u/jew tal-posta bi ħlas, b'tali manjiera li f'kull titjira l-postijiet ikunu disponibbli għal bejgħ individwalment lill-membri tal-pubbliku (kemm direttament mit-trasportatur jew mill-aġenti awtorizzati tiegħu);

b) din tkun operata biex isservi traffiku bejn l-istess żewġ jew aktar ajruporti, jew:

— skond skeda pubblikata; jew

— b'titjiriet li tant ikunu regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu serje sistematika li tista' tingħaraf.

*17)* "Volum" tfisser in-numru ta' postijiet offruti lill-pubbliku in ġenerali fuq servizz bl-ajru skedat matul perjodu partikolari;

*18)* "*nollijiet ta' l-ajru*" tfisser il-prezzijiet espressi f'ecu jew f'muniti lokali li għandhom jitħallsu minn passiġġieri lil trasportaturi *bl-ajru* jew l-aġenti tagħhhom għat-trasport *ta' dawk il-passiġġieri* u ∥tal-bagali tagħhom fuq servizzi bl-ajru u *kwalunkwe* kondizzjonijiet li *taħthom* japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti *lil aġenziji u ta' servizzi awżiljari oħra* ▌;

*19)* "rati ta' l-ajru" tfisser il-prezzijiet espressi f' euro jew f'muniti lokali li għandhom jitħallsu għat-trasport ta' merkanzija u l-kondizzjonijiet li permezz tagħhhom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti *lil aġenziji u ta' servizzi awżiljari oħra* ▌;

*20)* "*Stat(i) Membru(i) kkonċernat(i)*" tfisser l-Istat(i) Membru(i) bejn jew li fih(om) ikun operat is-servizz bl-ajru;

*21)* "*Stat(i) Membru(i) involut(i)*" tfisser l-Istat(i) Membru(i) kkonċernati u l-Istat(i) Membru(i) meta t-trasportatur(i) *bl-ajru* li jopera(w) is-servizz bl-ajru jkun(u) liċenzjat(i);

*22)* "*Konurbazzjoni*" tfisser żona urbana magħmula minn għadd ta' bliet li, minħabba l-popolazzjoni li kibret u l-espansjoni, ingħaqdu fiżikament sabiex jifformaw żona kontinwa mibnija;

*23)* "*kont ta' l-immaniġġjar*" tfisser kull dikjarazzjoni dettaljata ta' dħul u nfiq ta' trasportatur *bl-ajru* għall-perjodu inkwistjoni inkluż kull rendikont dettaljat bejn attivitajiet li jkunu relatati ma' trasport bl-ajru u attivitajiet oħra kif ukoll bejn elementi ta' flus u mhux ta' flus;

***24)* *"ftehima dry-lease" tfisser ftehima bejn trasportaturi bl-ajru skond liema ftehima inġenju ta' l-ajru jitħaddem skond l-AOC ta' min jikri;***

***25)* *"ftehima wet-lease" tfisser ftehima bejn trasportaturi bl-ajru skond liema ftehima inġenju ta' l-ajru jitħaddem skond l-AOC ta' min jagħti l-kirja;***

***(26)* *"Post prinċipali tax-xogħol" tfisser il-post ta' l-uffiċċju ewlieni u, fejn ikun applikabbli, l-uffiċċju reġistrat ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità fi Stat Membru li fih, lejh jew minnu dak it-trasportatur bl-ajru Komunitarju jwettaq parti sinifikanti tas-servizzi operattivi tiegħu.***

## Kapitolu II

## Liċenzja *ta' operat*

### Artikolu 3

### Liċenzja *ta' operat*

1. L-ebda impriża ***stabbilita fil-Komunità*** m'għandha titħalla li ġġorr bl-ajru passiġġieri, ittri u/jew merkanzija għal remunerazzjoni u/jew kiri fi ħdan il-Komunità sakemm hi ma tingħatax il-liċenzja *ta' operat* xierqa.

Kull impriża li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandha tkun intitolata li tirċievi kull liċenzja *ta' operat*.

2. L-awtorità tal-liċenzji kompetenti m'għandhiex tagħti liċenzji *ta' operat* fejn ir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu ma jkunux osservati.

3. It-tagħbija bl-ajru ta' passiġġieri, ittri u/jew merkanzija, li ssir minn ajruplani mhux power driven u/jew ajruplani ultra-light power driven, kif ukoll titjiriet lokali li ma jinkludux tagħbija bejn ajruporti differenti, mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra applikabbli tal-liġi Komunitarja, nazzjonali jew internazzjonali, il-kategorji li ġejjin ta' servizzi ta' l-ajru mhumiex soġġetti għar-rekwiżit li jkollhom liċenzja *ta' operat* valida:

a) servizzi ta' l-ajru mwettqa minn ajruplani mhux *power driven* u jew ajruplani *ultralight power driven,* u

b) titjiriet lokali li ma jinvolvux ġarr ***passiġġieri, posta u/jew merkanzija*** bejn ajruporti differenti.

Artikolu 4

Il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja *ta' operat*

Impriża m'għandha tingħata liċenzja ta' tħaddim minn awtorità tal-liċenzji kompetenti kemm-il darba:

a) ***il-post prinċipali tax-xogħol*** tagħha ***jinsab*** fil-Komunità u ***topera*** *l-akbar parti* ta***s-servizzi ta' l-ajru*** tagħha fil-Komunità ***jew minn jew lejn il-Komunità?***;

b) ikollha ĊOA validu;

c) meta *ssir l-applikazzjoni għal-liċenzja* għand l-awtorità ta' Stat Membru, ***il-post prinċipali tax-xogħol tagħha jkun jinsab*** f'dak l-Istat Membru ▌;

***d) ikollha inġenju ta' l-ajru wieħed jew aktar disponibbli permezz ta' sjieda jew ftehima "dry lease";***

e) ix-xogħol prinċipali tagħha jkun ***li tħaddem servizzi ta' l-ajru b'mod*** iżolat jew konġuntivament ma' kull ħidma kummerċjali oħra ta' ajruplan jew it-tiswija u manutenzjoni ta' ajruplan;

(f) Istruttura tal-kumpanija tippermetti l-awtorità tal-liċenzji kompetentili timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu;

g) l-Istati Membri u/jew ċittadini ta' l-Istati Membri li jipposjedu aktar minn 50 fil-mija ta' l-impriża u effettivament jikkontrollawha, sew direttament jew indirettament permezz ta' impriza intermedja jew aktar, *ħlief jekk stipulat mod ieħor fi ftehima* ma' pajjiż terz li *fiha l-Komunità* hija parti;

h) tilħaq il-kundizzjonijiet finanzjarji speċifikati fl-Artikolu 5;

i) tikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' l-assigurazzjoni speċifikati fl-Artikolu11;

***j) tipprovdi evidenza li hija għandha biżżejjed kopertura ta' assikurazzjoni biex tkun tista' tħallas lura l-ammonti mħallsa u biex tkopri l-ispejjeż ta' ripatrijazzjoni tal-passiġġieri fil-każ li hija ma tkunx tista' topera titjiriet ibbukkjati minabba falliment jew revoka tal-liċenzja tagħha ta' tħaddim.***

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet finanzjarji għall-għoti ta' liċenzja *ta' operat*

1. L-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tivvaluta mill-qrib jekk impriża li qiegħda tapplika għall-ewwel darba għal-liċenzja *ta' operat* tistax turi li:

a) hija tista' tonora f'kull ħin l-obbligi tagħha attwali jew mistennija, stabbiliti taħt assunzjonijiet realistiċi, għal kull perjodu ta' 36 xahar mill-bidu tal-ħidmiet;

b) din tista' tkopri l-ispejjeż tagħha kemm dawk fissi u dawk operattivi li jirriżultaw minn operazzjonijiet b' mod konformi mal-pjan ta' negozju tagħha u stabbiliti taht assunzjonijiet realistiċi, għal kull perjodu ta' tliet xhur mill-bidu tal-ħidmiet, mingħajr ma jittieħed rendikont ta' kull dħul mill-ħidmiet tagħha; *u*

***c) il-kapital nett tagħha ikun mhux inqas minn EUR 100 000.***

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, kull applikant għandu jissottometti pjan ta' dħul u nefqa għal, mill-inqas, l-ewwel tliet snin ta' operazzjoni. Il-pjan ta' dħul u nefqa għandu wkoll jagħti dettalji dwar ir-rabtiet fianaznjarji ta' l-applikant ma' kull attività kummerċjali oħra li l-applikant ikun jagħmel jew direttament jew permezz ta' impriżi relatati. L-applikant għandu wkoll jipprovdi kull informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari *d-data msemmija fil-punt 1* ta' l-Anness I. ***Kull applikant għandu jistabbilixxi dispożizzjonijiet biex jevita jew inaqqas il-konsegwenzi soċjali negattivi ta' insolvenza.***

3. Il-Paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal *trasportaturi bl-ajru* li jeżerċitaw esklussivament ħidmiet b'ajruplani ta' anqas minn 10 tunellati MTOW (il-piż massimu mat-tlugħ) u/jew anqas minn 20 *post*. Dawn *it-trasportaturi bl-ajru* għandhom f'kull ħin ikunu kapaċi li juru li l-kapital nett tagħhom ikun mill-inqas EUR 100 000 jew li jagħtu, meta mitluba *mill*-awtorità ***kompetenti*** tal-*liċenzji*, l-informazzjoni rilevanti għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 9(2).

Stat Membru jista', minkejja dan, ‖japplika *l-paragrafi 1 u 2* għal *trasportaturi bl-ajru* liċenzatji minnu li joperaw servizzi skedati jew li *l-fatturat* tagħhom *jisboq* EUR 3 miljun kull sena.

Artikolu 6

Iċ-ċertifikat ta' *operatur* ta' l-ajru

1. L-għoti u l-validità f'kull ħin ta' kull liċenzja *ta' operat* għandha tiddependi mill-pussess ta' ĊOA validu li jispeċifika l-attivitajiet koperti mill-liċenzja *ta' operat* u li taderixxi mal-kriterji stabbiliti skond il-liġi Komunitarji rilevanti.

2. Kull modifika *fl-AOC* ta' trasportatur *bl-ajru* Komunitarju għandha tkun riflessa***, fejn xieraq,*** fil-liċenzja *ta' operat tiegħu.*

***3. Fejn l-AOC jingħata minn awtorita? nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom ikunu responsabbli għall-għoti, għar-rifjut, għar-revoka jew għas-sospensjoni ta' l-AOC u tal-liċenzja ta' tħaddim ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità.***

Artikolu 7

Prova ta' reputazzjoni tajba

1. Meta, għall-iskopijiet li joħroġu kull liċenza *ta' operat*, tkun meħtieġa xhieda li l-persuni li kontinwament jew effettivament jimmaniġġaw il-ħidmiet tal-impriża jkunu ta' reputazzjoni tajba jew li ma jkunux ġew dikjarati falluti, jew għall-għan tas-sospensjoni jew tar-revoka tal-liċenzja *ta' operat* fil-każ ta' aġir mhux xieraq professjonali serju jew kull offiża kriminali, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha taċċetta bħala kull xhieda xierqa għar-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri t-turija ta' dokumenti maħruġa minn awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru fejn il-persuna għandu/ha r-residenza permanenti tiegħu /turi li dawk il-ħtiġiet ikunu milħuqa.

2. Meta l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li fih il-persuna għandu/ha r-residenza permanenti tiegħu ma joħroġx id-dokumenti li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1, dawn id-dokumenti għandhom ikunu sostitwiti b'kull dikjarazzjoni ġuramentata — jew, fi Stati Membri fejn ma jkunx hemm dispożizzjoni għal dikjarazzjoni ġuramentata, permezz ta' dikjarazzjoni solenni — magħmula mill-persuna interessata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jew, meta xieraq, kull nutar jew korp professjonali kwalifikat ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li fih il-persuna għandu/ha r-residenza permanenti tiegħu; din l-awtorità jew nutar jew korp professjonali kkwalifikat għandhom johorġu ċertifikat li jattesta l-awtentiċità tad-dikjarazzjoni fuq ġurament jew dikjarazzjoni solenni.

3. L-awtorità tal-liċenzji kompetenti tista' teħtieġ li d-dokumenti u ċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ikunu preżentati sa mhux aktar minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

Artikolu 8

Il-validità ta' liċenzja *ta' operat*

1. Kull liċenzja *ta' operat* hi valida kemm-il darba t-*trasportatur bl-ajru* tal-Komunità jikkonforma marrekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Kull *trasportatur bl-ajru tal-Komunità* għandu f'kull ħin ikun kapaċi li juri lill-awtorità tal-liċenzji kompetenti illi dan jissodisfa l-ħtiġiet kollha ta' dan il-Kapitolu.

2. L-*awtorità kompetenti tal-liċenzji* għandha tissorvelja mill-qrib il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-*Kapitolu*. Għandha f'kull każ tirrevedi l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ***fil-każijiet li ġejjin:***

***a)*** sentejn wara li liċenzja *ta' operat* tkun ingħatat, ***jew***

***b)*** meta jkun hemm suspett ta' problema potenzjali, jew

***c)*** fuq talba tal-Kummissjoni.

Fil-każ li l-awtorità tal-liċenzji kompetenti tissuspetta li problemi finanzjarji ma' trasportatur bl-ajru tal-Komunità jistgħu jeffettwaw is-sikurezza ta' l-operazzjonijiet tagħha, għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità *responsabbli għall-ħruġ taċ-ĊOA*.

3. Il-liċenzja *ta' operat* għandha titressaq mill-ġdid għall-approvazzjoni meta trasportatur bl-ajru tal-Komunità:

a) ma jkunx beda jopera għal sitt xhur wara l-għoti ta' liċenzja *ta' operat*, jew

b) ma jibqax jopera għal aktar minn ***sitt*** xhur.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

4. *Kull sena finanzjarja kull trasportatur bl-ajru* tal-Komunità għandu jipprovdi ▌lill-awtorità kompetenti li toħroġ *il-liċenzji* il-kontijiet verifikati li jirreferu għas-sena finanzjarja preċedenti fi żmien sitt xhur wara d-data ta' l-għeluq tal-kontijiet. Waqt l-ewwel sentejn *ta' operat* ta' trasportatur *bl-ajru* Komunitarju, id-*data* msemmija fil-punt 3 ta' l-Anness I għandha tiġi aġġornata u magħmula disponibbli lill-awtorità tal-liċenzji kompetenti fuq bażi ta' kull sitt xhur.

L-awtorità tal-liċenzji kompetenti tista' f'kull ħin tivvaluta r-rendiment finanzjarju ta' trasportatur *bl-ajru* Komunitarju li lilu tkun ingħatat liċenzja *ta' operat* billi titlob għall-informazzjoni rilevanti u, b'mod partikolari, id-data msemmija fil-punt 3 ta' l-Annnes 1.

5. Kull *trasportatur bl-ajru tal-Komunità* għandu javża lill-awtorità li toħroġ il-liċenzja:

a) bil-quddiem tal-pjanijiet *għal* ***tħaddim ta' servizzi skedati jew servizzi mhux skedati ġodda lejn kontinent jew reġjun dinji li qabel ma kienx jiġi moqdi, bidliet fit-tip jew fin-numru ta' inġenji ta' l-ajru użati jew*** *bidla* sostanzjali fl-iskala ta' l-attivitajiet tiegħu;

b) bil-quddiem kull għaqda jew akkwist maħsuba, u

c) fi żmien erbatax-il jum b'kull bdil *fil-proprjetà ta' ishma li jkunu jirrappreżentaw* 10 % jew aktar ta' l-ishma kollha *trasportatur bl-ajru* tal-Komunità jew *tal-kumpannija parent jew tal-kumpannija holding aħħarija* tiegħu.

6. Jekk l-awtorità kompetenti li toħroġ il-liċenzja tikkunsidra t-tibdiliet avżati taħt il-paragrafu 5 li għandhom piż sinifikanti fuq il-finanzi tat-*trasportatur bl-ajru tal-Komunità*, hija għandha teħtieġ il-preżentazzjoni ta' pjan ta' dħul u ħruġ rivedut li jkun fih it-tibdiliet in kwistjoni u li jkopri, mill-inqas, kull perjodu ta' 12-il xahar mid-data tal-implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll il-fatti magħrufa *(data)* li għaliha saret referenza fil-parti 2 tal-Anness I, flimkien ma' l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skond il-paragrafu 4.

L-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni kemm jista' jkun malajr possibbli, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-informazzjoni kollha xierqa tkun mogħtija, meta wieħed jikkunsidra kull xhieda disponibbli.

7. Fir-rigward ta' *trasportaturi bl-ajru tal*-Komunità liċenzjati minnha, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tiddeċiedi jekk il-liċenzja *ta' operat* għandhiex tiġi *ppreżentata* mill-ġdid għall-approvazzjoni f'każ ta' bidla f'wieħed jew f'ħafna elementi li jaffettwaw is-sitwazzjoni legali *tat-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità* u, b'mod partikolari, fil-każ ta' *mergers* jew *takeovers*.

8. Il-*paragrafi* 4, 5 u 6 ma japplikawx għal *trasportaturi bl-ajru* li jeżerċitaw esklussivament ħidmiet b'ajruplani ta' anqas minn 10 tunellati MTOW (il-piż massimu mat-tlugħ) u/jew *b'*anqas minn 20 *post*. Dawn *it-trasportaturi bl-ajru* għandhom f'kull ħin ikunu kapaċi li juru li l-kapital nett tagħhom ikun mill-inqas EUR 100 000 jew li jagħtu, meta mitluba *mill*-awtorità ***kompetenti*** tal-*liċenzji*, l-informazzjoni rilevanti għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 9(2).

Kull Stat Membru jista' minkejja dan kollu japplika l-paragrafi 4, 5 u 6 għal *trasportaturi bl-ajru* liċenzatji minnu li joperaw servizzi skedati jew li *l-fatturat* tagħhom *jisboq* EUR 3 miljun kull sena.

## Artikolu 9

## Sospensjoni u revoka ta' liċenzja *ta' operat*

1. L-*awtorità kompetenti tal-liċenzji* għandha tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja *ta' operat* jekk ***ikun hemm raġunijiet raġonevoli għal suspett*** li *t-trasportatur bl-ajru* tal-Komunità ***ma jistax*** jonora l-obbligi tiegħu attwali jew potenzjali għal perjodu ta' 12-il xahar.

L-*awtorità kompetenti tal-liċenzji* tista' tagħti liċenzja temporanja li ma taqbiżx 12-il xahar, sakemm issir organizzazzjoni finanzjarja mill-ġdid *tat-trasportatur bl-ajru Komunitarju*, kemm-il darba ***m'hemmx riskju għas-sikurezza?,*** din il-liċenzja *temporanja tirrifletti* kull bidla *fl-AOC* u jkun hemm prospett realistiku ta' bini *finanzjarju mill-ġdid* f'dak il-perjodu ta' żmien.

2. Kull meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari li jeżistu problemi finanzjarji jew meta proċeduri ta' falliment jew proċeduri bħal dawn ikunu nbdew kontra trasportatur *bl-ajru* ***tal-Komunità*** liċenzjat minnha, *l-awtorità kompetenti tal-liċenzji* għandha mingħajr dewmien tagħmel *evalwazzjoni* fil-fond tal-qagħda finanzjarja u fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet tirrevedi l-*istejtus* tal-liċenzja *ta' operat* f'konformità ma' l-artikolu *f'perjodu* ta' żmien ta' tliet xhur.

L-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar il-proċedura ta' valutazzjoni u s-sejbiet tagħha, kif ukoll dwar id-deċiżjoni li tieħu fir-rigward ta' l-istatus tal-liċenzja *ta' operat*.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

3. Meta l-kontijiet ivverifikati fl-Artikolu 8(4) ma jkunux ġew ikkomunikati fi żmien sitt xhur wara d-data ta' l-għeluq tal-kont tas-sena finanzjarja ta' qabel, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha titlob lit-trasportatur *bl-ajru* tal-Komunità tikkomunika dawn il-kontijiet verifikati mingħajr dewmien.

Jekk il-kontijiet ivverifikati ma jiġux ikkomunikati fi żmien xahar, il-liċenzja ta' l-operat għandha tiġi rrevokata jew sospiża.

L-*awtorità kompetenti tal-liċenzji* għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar in-nuqqas tat-trasportatur *bl-ajru* ***tal-Komunità*** li jikkomunika l-kontijiet ivverifikati tiegħu fi żmien il-limitu ta' sitt xhur u l-azzjonijiet sussegwenti li *tieħu*.

4. Fil-każ li ċ-ĊOA ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità jiġi sospiż jew irtitrat, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha minnufih tissospendi jew tirrveoka l-liċenzja *ta' operat* tat-trasportatur bl-ajru.

## Artikolu 10

### Deċiżjonijiet dwar liċenzji *ta' operat*

1. L-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni kemm jista' jkun malajr possibbli, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-informazzjoni kollha xierqa tkun mogħtija, meta wieħed jikkunsidra kull xhieda disponibbli. Din id-deċiżjoni se tkun ikkomunikata lill-applikant. Rifjut għandu jindika r-raġunijiet għal dan.

2. Proċeduri għall-għoti, is-sospensjoni u r-revoka ta' *liċenzji ta' operat* għandhom isiru pubbliċi mill-awtoritajiet tal-liċenzji kompetenti li għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni.

3. Lista ta' deċiżjonijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-liċenzji biex jagħtu, jissospendu jew jirrevokaw liċenzja *ta' operat* għandhom jiġu pubblikati kull sena fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

## Artikolu 11

### Rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni

*Trasportatur bl-ajru* għandu jkun assigurat biex ikopri lijabilità f'każ ta' inċident, b'mod partikolari għarrigward ta' passiġġieri, bagalji, merkanzija, ittri u terzi persuni. Fejn applikabbli, il-kopertura ta' l-assigurazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti minimi previsti fir-Regolament (EC) No 785/2004 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru u l-operaturi ta' l-ajruplani* [1].

## Artikolu 12

### Reġistrazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13(2), *l-ajruplani użati* minn kull *trasportatur bl-ajru* tal-Komunità *għandhom ikunu rreġistrati* ▌*fil*-Komunità. ***L-Istat Membru li l-awtorita? tal-liċenzji kompetenti tiegħu tkun responsabbli għall-għoti tal-liċenzja ta' operat tat-trasportatur bl-ajru tal-Komunità jista' jitlob li tali inġenji ta' l-ajru jkunu rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tiegħu.***

2. Konformi mal-paragrafu 1, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti għandha, bla ħsara għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli,, jaċċetta fuq ir-reġistru nazzjonali tiegħu, mingħajr ebda ħlas diskriminatorju u mingħajr dewmien, ajruplan li jkun proprjetà ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra u trasferimenti minn reġistri ta' ajruplani ta' Stati Membri oħra. L-ebda dritt m'għandu jkun applikat għal trasferiment ta' ajruplan b'żieda mad-dritt normali ta' reġistrazzjoni.

## Artikolu 13

### Kiri

1. ▌Impriża li titlob l-għoti ta' liċenzja *ta' operat* għandha jkollha ajruplan jew aktar għad-dispożizzjoni tagħha permezz tas-sjieda jew ftehim tal-kiri mingħajr ekwipaġġ *(dry lease)*

Trasportatur *bl*-ajru Komunitarju għandu jkollu ajruplan jew aktar għad-dispożizzjoni tagħha permezz *ta'* sjieda jew permezz ta' *ftehima dry lease*.

Trasportatur *bl*-ajru *tal-Komunità* jista' jkollu ajruplan jew aktar għad-dispożizzjoni tagħha permezz ta' ftehima *wet lease*.

[1] ĠU L 138, 30.4.2004, p. 1.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

2. Fil-każ ta' ftehim ***wet lease*** għal żmien qasir biex jintlaħqu ħtiġiet temporanji ta' *trasportatur bl-ajru* tal-Komunità jew mod ieħor f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtorità tal-liċenzji kompetenti tista' jagħti konċessjonijiet għall-ħtiġiet tar-reġistrazzjoni prevista fl-Artikolu 12(1) ***kemm-il darba:***

***a) it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità jkun jista' jiġġustifika kirja ta' dan it-tip fuq il-bażi ta' bżonn eċċezzjonali, f'liema każ tista' tingħata deroga għal perjodu ta' mhux aktar minn seba' xhur, li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, tista' tiġġedded darba biss għal tieni perjodu ta' mhux aktar minn seba' xhur; jew***

***b) it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità juri li hemm bżonn tal-kirja biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet staġjonali għal kapaċità, li ma jistgħux jiġu ssodisfati b'mod raġonevoli permezz tal-kiri ta' ajruplani rreġistrati skond l-Artikolu 12(1), f'liema każ id-deroga tista' tingħata għal perjodu ta' mhux aktar minn seba' xhur, li jista' jiġġedded; jew***

***c) it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità juri li jkun hemm bżonn tal-kirja biex jintgħelbu diffikultajiet operattivi mhux imbassra, bħal problemi tekniċi, u ma jkunx raġonevoli li jinkrew ajruplani rreġistrati skond l-Artikolu 12(1), f'liema każ id-deroga għandha tkun għal żmien limitat li jkun strettament meħtieġ biex jintgħelbu d-diffikultajiet.***

▌Derogi bħal dawn għandhom ikunu soġġetti għall-eżistenza ta' *ftehim validu li jipprovdi għar*-reċiproċità fir-rigward tal-kiri bl-ekwipaġġ bejn l-Istat Membru kkonċernat jew il-Komunità u l-pajjiż terz tar-reġistrazzjoni ta' *l-ajruplan* mikri.

3. Għall-iskopijiet li jiġi żgurat standards ta' sigurtà u lijabilità, kull *trasportatur bl-ajru tal-Komunità* li juża ajruplan ta' impriża oħra jew li jipprovdih lill-impriża oħra, bi jew mingħajr ekwipaġġ, għandu jikseb approvazzjoni bil-quddiem għall-ħidma mill-awtorità tal-liċenzji kompetenti. Il-kondizzjonijiet ta' l-approvazzjoni għandhom ikunu parti mill-ftehim ta' kiri bejn il-partijiet.

4. L-*awtorità kompetenti tal-liċenzji* m'għandhiex *tapprova ftehimiet wet-lease* ***jew ftehimiet dry-lease*** *fir-rigward ta' trasportatur bl-ajru* li *tkun tatu* liċenzja *ta' operat* kemm-il darba l-awtorità tkun iddeterminat u ddikjarat bil-miktub *lit-trasportatur bl-ajru partikolari* li *l-istandards* ***kollha*** ta' *sikurezza* ekwivalenti għal dawk imposti fil-liġi Komunitarja rilevanti jkunu osservati.

### Artikolu 14

### Eżaminazzjoni mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni, li taġixxi fuq it-talba skond il-proċedura msemmija *fl-Artikolu 28(2)* fuq talba ta' Stat Membru, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, għandha teżamina l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu u tieħu deċiżjoni biex jekk meħtieġ tissospendi jew tirrevoka liċenzja *ta' operat.*

2. Sabiex twettaq id-doveri tagħha permezz ta' dan l-Artikolu il-Kummissjoni tista' takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-awtoritajiet tal-liċenzji kompetenti jew direttament mit-trasportatur(i) *bl-ajru tal-Komunità* kkonċernati f' limitu ta' żmien iffissat mill-Kummissjoni.

### *Artikolu 15*

### *Drittijiet għad-difiża*

***L-awtorita? kompetenti tal-liċenzji u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li, meta jkunu qed jadottaw deċiżjoni biex jissospendu jew jirrevokaw il-liċenzja ta' operat ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità, it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità kkonċernat jingħata l-opportunita? li jinstema', filwaqt li titqies il-ħtieġa, f'ċerti każi, ta' proċedura ta' urġenza.***

### *Artikolu 16*

### *Leġiżlazzjoni soċjali*

***Fir-rigward ta' l-impjegati ta' trasportatur bl-ajru tal-Komunità li jopera servizzi ta' l-ajru minn bażi operattiva barra mit-territorju ta' l-Istat Membru fejn dak it-trasportatur bl-ajru tal-Komunità għandu l-post prinċipali tax-xogħol tiegħu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni soċjali Komunitarja u nazzjonali.***

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

## Kapitolu III

## Aċċess għar-rotot

*Artikolu 17*

Għoti ta' servizzi intra-Komunitarji

1. It-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità għandhom ikunu intitolati jeżerċitaw jeddijiet ta' traffiku fuq rotot ġewwa l-Komunita.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jissoġġettaw l-eżerċizzju tal-jeddijiet ta' traffiku minn trasportatur *bl-ajru* Komunitarju għal permess jew awtorizzazzjoni. Jekk Stat Membru għandu raġunijiet biex jiddubita l-validità tal-liċenzja *ta' operat* maħruġa lil trasportaur *bl-ajru* Komunitarju, għandha tqajjem il-kwistjoni ma' l-awtorità tal-liċenzji kompetenti. L-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu li trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità jipprovdu dokumenti jew informazzjoni li ma pprovdewx diġà lill-awtorità tal-liċenzji kompetenti.

3. Fl-operazzjoni ta' servizzi bl-ajru intra-Komunitarji, it-trasportatur *bl-ajru* tal-Komunità għandu jitħalla jikkombina s-servizzi bl-ajru u jidħol għal ftehimiet ta' qsim tal-kodiċi bla ħsara għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità applikabbli għall-impriżi.

4. Kull restrizzjoni fuq il-libertà tat-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità għall-għoti ta' servizzi ta' l-ajru intra-Komunitarji li joħorġu minn ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri hija b'hekk sospiża.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri, u *soġġetti* għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Komunità applikabbli għall-impriżi ***u għad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi***, it-trasportaturi *bl-ajru* Komunitarji għandhom ikunu *permessi* mill-Istati Membri kkonċernati jikkombinaw servizzi ta' l-ajru u jidħlu għal ftehimiet ta' qsim tal-kodiċi ***ma' kwalunkwe trasportatur bl-ajru*** fuq servizzi ta' l-ajru lejn, minn jew *li jgħaddu minn kwalunkwe* ajruport fuq it-*territorju* tagħhom *minn jew* lejn *kwalunkwe* punt f'pajjiżi *terzi*.

6. Bla ħsara għal jeddijiet eżistenti mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u minkejja r-Regolament (EC) Nr. 847/2004 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-29 ta' April 2004 dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimijiet dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi* (1), it-trasportaturi *bl-ajru* li mhumiex Komunitarji m'għandhomx ikunu permessi mill-Istati Membri kkonċernati jikkombinaw servizzi ta' l-ajru u jidħlu għal ftehimiet ta' qsim tal-kodiċi fir-rigward ta' rotot li qegħdin għal kollox fil-Komunità sakemm ma jkollhomx permess jagħmlu dan bi ftehim konkluż mill-Komunità ma' pajjiż terz.

7. Bla ħsara għal jeddijiet eżistenti mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u minkejja r-Regolament (EC) Nr. 847/2004, it-trasportaturi *bl-ajru* li mhumiex Komunitarji m'għandhomx ikunu permessi jittranżitaw it-territorju tal-Komunità ħlief jekk il-pajjiż terz ikkonċernat huwa parti għall-Ftehim Internazzjonali tat-Tranżitu tas-Servizzi ta' l-Ajru ffirmat f'Chicago fis-7 ta'Diċembru 1944 jew ikella kkonkluda ftehim għal dak il-għan mal-Komunità.

*Artikolu 18*

Prinċipji ġenerali għall-obbligi tas-servizz pubbliku

1. ‖*Stat* Membru, wara konsultazzjonijiet mal-Istati Membri l-oħra kkonċernati u wara li jkun informa lill-Kummissjoni***, lill-ajruporti kkonċernati*** u *lit*-trasportaturi *bl-ajru* li joperaw fuq ir-rotta, jista' jimponi *obbligu* ta' servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi bl-ajru skedati lejn ajruport fit-territorju tiegħu, meta dik ir-rotta tkun kunsidrata vitali għall-iżvilupp ekonomiku ***u soċjali*** tar-reġjun li ▌ l-ajruport ***jaqdi.*** Dik l-obligazzjoni tista' biss tiġi imposta sal-limitu meħtieġ biex ikun assigurat li fuq dik ir-rotta l-għoti minimu tas-servizzi bl-ajru skedati jkunu jissodisfaw *l-istandards* stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, prezz jew *kapaċità minima,* liema *standards it-trasportaturi bl-ajru ma jassumux kieku jkunu qiegħdin jikkonsidraw biss l-interess kummerċjali tagħhom.*

In-normi fissi imposti fuq ir-rotta soġġetti għal dik l-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u li mhuwiex diskriminatorju.

2. Fil-każi meta forom oħra ta' trasport ma jistgħux jassiguraw servizz mhux interrott b'mill-inqas żewġ frekwenzi kuljum, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jinkludu fil-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku l-ħtieġa li kull trasportatur *bl-ajru* li jkun beħsiebu jopera r-rotta jagħti garanzija li jopera r-rotta għal ċertu perjodu, li għandu jkun speċifikat, skond il-kondizzjonijiet l-oħra ta' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku.

(1) ĠU L 157, 30.4.2004, p. 7.

3. Meta l-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku tkun ġiet imposta bi qbil mal-paragrafi 1 u 2, it-trasportaturi *bl-ajru* jkunu jistgħu mbagħad joffru bejgħ għall-postijiet biss biss jekk is-servizz bl-ajru f'dak il-każ jilħaq il-ħtiġiet kollha ta' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku. Konsegwentement dak is-servizz ta' l-ajru għandu jkun meqjus bħala servizz bl-ajru skedat.

4. Jekk l-ebda trasportatur *bl-ajru* ma jkun beda jew ikun sejjer jibda servizz bl-ajru skedat fuq rotta skond l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku li jkun impost fuq dik ir-rotta, l-Istat Membru jista' jillimita l-aċċess għas-servizzi ta' l-ajru skedati fuq dik ir-rotta għal trasportatur *bl-ajru* wieħed biss, għal perjodu li jlaħħaq sa erba' snin, li wara dan għandu jkun hemm reviżjoni tas-sitwazzjoni.

Dan il-perjodu jista' jkun sa ħames snin jekk l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku tkun imposta fuq rotta lejn ajruport li jaqdi reġjun ultraperiferiku, kif definit fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

5. Il-jedd li jiġu operati dawk is-servizzi msemmija fil-paragrafu 4 għandu jkun offrut permezz ta' offerta pubblika skond *l-Artikolu 19* jew għal rotta singola jew, f'każi fejn dan ikun indispensabbli għal raġunijiet operattivi, għal grupp ta' dawk ir-rotot lejn kull trasportatur *bl-ajru* tal-Komunità li jkun intitolat li jopera dawk is-servizzi ta' l-ajru.

6. Meta Stat Membru jkun jixtieq jimponi *obbligu ta'* servizz pubbliku, għandu jikkomunika t-test komplut ta' l-impożizzjoni mbassra ta' l-*obbligu ta'* servizz pubbliku lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri kkonċernati***, lill-ajruporti kkonċernati*** u lit-trasportaturi *bl-ajru* li joperaw ir-rotta *partikulari.*

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dan it-tagħrif fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea:

a) li jidentifika ż-żewġ ajruporti konnessi mir-rotta kkonċernata,

b) isemmi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' *l-obbligi ta' servizz* pubbliku, u

c) jindika l-indirizz komplut fejn it-test u kull informazzjoni relevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta ma' *l-obbligi ta' servizz* pubbliku għandha tkun disponibbli mingħajr dewmien u bla ħlas mill-Istat Membru kkonċernat.

7. Il-ħtieġa u l-adekwatezza ta' *obbligu maħsub ta' servizz* pubbliku għandha tkun evalwata mill-Istati Membri meta wieħed jikkunsidra:

a) il-proporzjonalità bejn *l-obbligu maħsub* u l-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun ikkonċernat;

b) il-possibbiltà, li jkun hemm aċċess għal modi oħra tat-trasport u l-volum ta' dawk il-modi li jilħqu l-ħtiġiet tat-trasport li jkun qed jiġi kkunsidrat; partikolarment meta servizzi tal-ferrovija eżistenti jservu r-rotta mbassra b'ħin ta' l-ivvjaġġar ta' inqas minn tliet sigħat;

c) it-tariffi ta' l-ajru u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu kkwotati lill-utenti;

d) l-effett konġunt tat-trasportaturi *bl-ajru* kollha li joperaw jew li huma maħsuba li joperaw fuq ir-rotta.

8. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' obbligazzjoni tas-servizz pubbliku m'għandhiex tkun aktar kmieni mid-data tal-pubblikazzjoni tat-tagħrif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6.

9. Obbligazzjoni tas-servizz pubbliku għandha titqies li skadiet jekk l-ebda servizz ta' l-ajru skedat ma jkun tħaddem tul perjodu ta' aktar minn tnax-il xahar fir-rotta soġġetta għal obbligazzjoni bħal din.

10. Fil-każ ta' interruzzjoni għall-għarrieda tas-servizz mit-trasportatur *bl-ajru* magħżul skond *l-Artikolu 19*, l-Istat Membru kkonċernat jista', f'każ ta' emerġenza, jagħżel bi ftehim reċiproku trasportatur *bl-ajru* differenti biex jopera l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku għal perjodu sa xitt xhur, li ma jistax jiġġedded, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) kull kumpens imħallas mill-Istat Membru għandu jsir *skond* l-*Artikolu 19(8)*;

b) l-għażla għandha ssir minn fost it-trasportaturi ta' l-jaru tal-Komunità konformi mal-prinċipji tat-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni u l-Istat(i) Membru(i) għandhom ikunu infurmati mingħajr dewmien dwar il-proċedura ta' emerġenza u r-raġunijiet għaliha. Fuq talba ta' Stat Membru jew, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista', fi qbil mal-proċedura msemmija fl-*Artikolu 28(2)*, tissospendi din il-proċedura jekk tqis li din ma tkunx tissodisfax il-ħtiġiet ta' dan il-paragrafu 1 jew tkun mod ieħor kuntrarja għal leġiżlazzjoni tal-Komunità.

*Artikolu 19*

Proċeduri ta' offerta pubblika għall-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku

1. L-offerta pubblika meħtieġa fl-*Artikolu 18(5)* għandha titmexxa skond il-proċedura stipulata fil-paragrafi 2 sa 11.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jikkomunika t-test sħiħ tas-sejħa għall-offerti lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika is-sejħa għall-offert b'avviż ta' tagħrif fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*‖ L-iskadenza għal tfigħ l-offerti m'għandhiex tkun aktar kmieni minn xahrejn wara jum il-pubblikazzjoni ta' avviż ta' tagħrif bħal dan. Fil-każ li l-offerta tikkonċerna rotta li l-aċċess għaliha ġie diġà limitat għal trasportatur wieħed skond l-*Artikolu 18(4)*, is-sejħa għall-offert se tkun ippubblikata mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-konċessjoni ġdida *sabiex tippermetti li* tiġi vvalutata l-ħtieġa kontinwata ta' l-aċċess ristrett.

4. L-avviż ta' tagħrif għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) Stat(i) Membru(i) kkonċernat(i);

(b) Rotta kkonċernata;

c) il-perjodu ta' validità tal-kuntratt;

d) l-indirizz komplut fejn it-test u kull informazzjoni relevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta ma' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku għandha tkun disponibbli mingħajr dewmien u bla ħlas mill-Istat Membru kkonċernat;

(e) Id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni tal-proposti.

5. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw mingħar dewmien u bla ħlas kull tagħrif u dokumenti rilevanti mitluba mill-parti interessata fl-offerta pubblika.

6. Is-sejħa għall-offerti u l-kuntratt sussgewenti għandu jkopri, inter alia, il-punti li ġejjin:

*a)* in-normi meħtieġa mill-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku;

*b)* ir-regoli dwar l-emendi u t-terminazzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari biex jieħu in konsiderazzjoni tibdiliet li ma kinux imbassra;

*c)* il-perjodu ta' validità tal-kuntratt;

*d)* is-sanzjonijiet fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt;

*e)* parametri oġġettivi u trasparenti li fuq il-bażi tagħhom għandu jinħadem il-kumpens, jekk hemm, għar-rilaxx ta' l-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku.

7. L-għażla fost is-sottomissjonijiet għandha ssir kemm jista' jkun malajr meta wieħed jikkonsidra l-adekwatezza tas-servizz, inklużi l-prezzijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu ikunu kwotati lejn l-utenti, u l-ispiża tal-kumpens meħtieġ mill-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i), jekk ikun hemm.

8. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jikkumpensaw trasportatur *bl*-ajru, li jkun magħżul bi qbil mal-paragrafu 7, li jissodisfa *l-istandards meħtieġa minn obbligu ta'* servizz pubbliku *impost* skond l-*Artikolu 18*. Dak il-kumpens ma jistax jaqbeż l-ammont meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż netti mġarrba fir-rilaxx ta' kull obbligazzjoni tas-servizz pubbliku, filwaqt li jitqies id-dħul marbut miegħu li jinżamm mit-trasportatur *bl-ajru* u qliegħ raġonevoli.

9. Il-Kummissjoni għandha tkun ikunu infurmata mingħajr dewmien dwar ir-riżultati ta' l-offerta pubblika u dwar l-għażla permezz ta' avviż mill-Istat Membru li jinkludi l-informazzjoni li ġejja.

a) numri, ismijiet u informazzjoni korporattiva ta' min qed jitfa' l-offert;

b) elementi operattivi fl-offerti;

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

c) kumpens mitlub fl-offerti;

d) isem min ingħażel.

10. Fuq talba ta' Stat Membru jew inizjattiva tiegħub stess, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati membri jikkomunikaw, fi żmien xahar, kull dokumenti rilevanti marbut ma' l-għażla ta' trasportatur *bl-ajru* għat-tħaddim ta' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku. Fil-każ li d-dokumenti mitluba ma jkunux ikkomunikati qabel id-data ta' l-għeluq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi s-sejħa għall-offerti skond il-proċedura msemmija fl-*Artikolu 28(2)*.

*Artikolu 20*

Eżaminazzjoni ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex jassiguraw li kull deċiżjoni meħuda *taħt l-Artikoli 18 u 19* tkun tista' tiġi riveduta b'mod effettiv u, b'mod partikolari, malajr kemm jista jkun possibbli għal raġunijiet li dawk id-deċiżjonijiet ikunu kisru liġi tal-Komunità jew tar-regoli nazzjonali li jimplimentaw dik il-liġi.

B'mod partikolari, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati membri jikkomunikaw, fi żmien xahrejn:

a) dokument li jiġġustifika l-ħieġa ta' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku u l-konformità tagħha mal-kriterji msemmija fl-*Artikolu 18,*

b) analiżi ta' l-ekonomija tar-reġjun,

c) analiżi tal-proporzjonalità bejn l-obbligazzjoni mbassra u l-ħtiġijiet ta' l-iżvilupp ekonomiku;

d) analiżi tas-servizz ta' l-ajru eżeistenti, jekk *ikun* hemm, u ta' modi oħra ta' trasport disponibbli li jistgħu jitqiesu bħala sostituti għall-impożizzjoni *maħsuba ta' obbligu ta' servizz pubbliku*;

2. Fuq talba ta' Stat Membru li jikkonsidra li l-iżvilupp ta' rotta qiegħed ikun ristrett b'mod mhux xieraq permezz tal-kondizzjonijiet ta' l-*Artikoli 18* u *19*, jew fuq l-inizzjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tagħmel investigazzjoni u fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-talba u skond il-proċedura msemmija fl-*Artikolu 28(2)* għandha tieħu deċiżjoni fuq il-bażi tal-fatturi kollha relevanti dwar jekk l-*Artikoli 18* u *19* għandhomx jibqgħu japplikaw għar-rigward tar-rotta f'dak il-każ.

Sakemm tittieħed dik id-deċiżjoni, l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi dwar miżuri interim inkluża s-sospensjoni, sħiħa jew parzjali, ta' l-obbligazzjoni tas-servizz pubbliku.

*Artikolu 21*

Distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti u l-eżerċitar ta' drittijiet tat-traffiku

1. L-eżerċitar ta' drittijiet tat-traffiku għandu jkun suġġett għal regoli ippubblikati ta' l-operazzjoni tal-Komunità, nazzjonali, reġjonali jew lokali, li jirreferu għas-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-allokazzjoni ta' slotts.

2. Stat Membru, wara konsultazzjoni mat-trasportaturi *bl-ajru* ***u l-ajruporti*** kkonċernati, jista' jirregola mingħajr diskriminazzjoni *bejn* destinazzjonijiet fil-Komunità jew għal raġunijet ta' nazzjonalità jew ta' l-identità tat-trasportaturi *bl-ajru*, id-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru bejn ajruporti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) l-ajruporti jaqdu l-istess belt jew ***jaqdu*** konurbazzjoni ***li kollha kemm huma jkunu fiha***;

b) l-ajruporti jkunu moqdija minn infrastruttura tat-trasport xierqa ***li tagħmilha possibbli li wieħed jasal l-ajruport, billi juża t-trasport pubbliku, fi żmien siegħa***; *u*

c) l-ajruporti ***jkunu maqgħuda ma' xulxin*** u ***mal***-belt jew konurbazzjoni li jkunu qed jaqdu jkunu maqgħuda ma' xulxin b'servizzi tat-trasport pubbliku li jkunu frekwenti, affidabbli u effiċjenti.

Kull deċiżjoni biex tirregola d-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru bejn l-ajruporti għandha tirrispetta l-prinċipji tal-propozrjonalità u tat-trasparenza, u għandha tissejjs fuq kriteji oġġettivi.

3. Bla ħsara għar-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku eżeistenti qabel l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istat membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-ħsieb tiegħu li jirregoa d-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru jew li jbiddel regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku eżistenti.

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 u, fi żmien xahar minn meta tirċievi din it-talba, u wara li tikkonsulta l-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-*Artikolu 28(2),* tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jistax ikompli japplika l-miżuri.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u l-miżuri m'għandhomx jiġu applikati qabel il-pubblikazzjoni ta' l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

*Artikolu 22*

Miżuri ta' emerġenza

1. Stat Membru jista' jirrifjuta, jillimita jew jimponi kundizzjonijiet fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku biex jitratta ma' problemi li jinqalgħu għall-għarrieda ta' tul qasir li jirriżultaw minn ċirkostanzi li ma jistgħux jitbassru u li ma jistgħux jiġu evitati. Azzjoni bħal din għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tat-trasparenza u għandha tissejjes fuq kriterji oġġettivi u non-diskriminatorji.

Jekk il-problemi li jkunu ħtieġu dik l-azzjoni jkomplu jeżistu għal aktar minn 14-il jum l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan u jista', bil-ftehim tal-Kummissjoni, jtawwal l-azzjoni għal aktar perjodi sa 14-il jum.

2. Fuq talba ta' l-Istat(i) Membru(i) involut(i) jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' tissospendi din l-azzjoni jekk din ma tkunx tissodisfax il-ħtiġiet tal-paragrafi 1 jew tkun mod ieħor kuntrarja għal liġi tal-Komunità.

## Kapitolu IV

## Dispożizzjonijiet dwar l-Ipprezzar

*Artikolu 23*

L-Ipprezzar

Mingħajr preġudizzju għall-***Artikolu 25***, dan il-Kapitolu ma japplikax għal:

a) għal nolijiet u rati ta' l-ajru mitluba minn trasportaturi *bl-ajru* apparti minn trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità;

b) għal nolijiet u rati ta' l-ajru stabbiliti permezz ta' l-obbligazzjoni ta' servizz pubbliku, b'konformità mal-Kapitolu III.

*Artikolu 24*

Il-Libertà ta' l-Ipprezzar

1. Mingħajr preġudizzju għall-*Artikoli 18(1) u 25,* trasportaturi bl-ajru tal-Komunità għandhom jistabbilixxu nollijiet ta' l-ajru u rati għal servizzi Komunitarji b'mod ħieles.

2. Minkejja d-dipsożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri, l-Istati Membri ma jistgħux jiddiskriminaw fuq bażi ta' nazzjonalità jew identità ta' trasportatur *bl-ajru* f'li jħallu lit-trasportaturi *bl-ajru* tal-Komunità jistipulaw nollijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru bejn it-territorju tagħhom u pajjiż terz. Kull restrizzjoni li baqa' fuq l-ipprezzar, inkluż fir-rigward ta' rotot lejn pajjiżi terzi, li toħroġ minn ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Membri hija b'hekk sospiża.

▌

*Artikolu 25*

Informazzjoni u non-diskriminazzjoni

***1. Dan l-Artikolu għandu japplika għal titjiriet li jitilqu minn ajruport li qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru u għal titjiriet imwettqa minn trasportatur bl-ajru tal-Komunità li jitlaq minn ajruport li qiegħed f'pajjiż terz lejn ajruport li qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru, ħlief jekk it-trasportaturi bl-ajru ma jkunux suġġetti għall-istess obbligi f'dak il-pajjiż terz.***

*2.* Trasportaturi bl-ajru li joperaw ġewwa l-Komunità għandhom jipprovdu lill-pubbliku *ġenerali,* b'informazzjoni komprensiva dwar in-nollijiet u r-rati ta' l-ajru tagħhom ***skond l-Artikolu 2(18) u (19)*** u l-kundizzjonijiet mehmuża***, u dwar it-taxxi, it-tariffi, it-tariffi addizzjonali (surcharges) u l-ħlasijiet kollha applikabbli li m'humiex evitabbli li jimponu għall-benefiċċju ta' partijiet terzi***.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

***Nollijiet ta' l-ajru ppubblikati fi kwalunkwe forma, inklużi fuq l-internet, li huma indirizzati direttament jew indirettament lill-pubbliku li qed jivvjaġġa għandhom jinkludu t-taxxi, it-tariffi li m'humiex evitabbli, it-tariffi addizzjonali u l-ħlasijiet kollha applikabbli li jkunu magħrufa fil-ħin tal-pubblikazzjoni. Innollijiet ta' l-ajru m'għandhomx jinkorporaw spejjeż li fir-realtà t-trasportaturi bl-ajru ma jkunux għamlu.***

***Supplimenti tal-prezz mhux obbligatorji għandhom ikunu kkomunikati b'mod ċar, trasparenti u mhux ambigwu fil-bidu ta' kwalunkwe proċess ta' booking u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-passiġġier għandha tkun fuq bażi "opt-in". Qbil impliċitu li jiġu aċċettati tali supplimenti għandu jkun null u bla effett.***

***L-ispejjeż kollha li m'humiex parti min-noll ta' l-ajru u li m'humiex imposti mit-trasportaturi bl-ajru li joperaw fil-Komunità jridu jkunu riklamati b'mod komprensiv mill-"bejjiegħ tal-biljetti" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 (d) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji ta' l-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpannija ta' l-ajru li topera*** (1).

3. Trasportaturi bl-ajru għandhom ***jippermettu aċċess għal*** nollijiet ta' l-ajru mingħajr ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza tal-passiġġier jew il-post ta' l-istabbiliment ta' l-aġent ta' l-ivvjaġġar fi ħdan il-Komunità.

***Trasportaturi bl-ajru m'għandhomx jimponu regoli fuq il-passiġġieri u l-aġenziji ta' l-ivvjaġġar li filprattika jillimitaw l-aċċess liberu u indaqs tagħhom għal nollijiet ta' l-ajru.***

***4. Għall-implimentazzjoni ta' l-obbligi stipulati fil-paragrafi 2 u 3, it-trasportaturi bl-ajru għandhom jirriklamaw in-nollijiet u r-rati ta' l-ajru tagħhom u l-kundizzjonijiet mehmuża, u t-taxxi, it-tariffi u l-ħlasijiet kollha applikabbli li jimponu għall-benefiċċju ta' partijiet terzi, bl-użu tal-kategoriji li ġejjin:***

— ***taxxi u tariffi u dazji oħra ta' l-Istat,***

— ***tariffi, dazji, ħlasijiet u spejjeż oħra għall-benefiċċju tal-linji ta' l-ajru,***

— ***tariffi, dazji, ħlasijiet u spejjeż oħra għall-benefiċċju ta' l-operaturi ta' l-ajruport.***

***5. Il-konsumaturi għandhom jingħataw analiżi sħiħa ta' kwalunkwe taxxa, ħlas u tariffa miżjuda mal-prezz tal-biljett.***

***Artikolu 26***

***Trasparenza fit-tariffi***

***Fejn l-ispejjeż tas-sigurtà fl-ajruport jew abbord ikunu nklużi fil-prezz tal-biljett ta' l-ajru, dawk l-ispejjeż għandhom jintwerew separatament fuq il-biljett jew ikunu indikati b'mod ieħor lill-passiġġier. Taxxi u tariffi tas-sigurtà, kemm jekk imposti minn Stati Membri jew minn trasportaturi bl-ajru jew entitajiet, għandhom ikunu trasparenti u għandhom jintużaw esklussivament biex jitħallsu l-ispejjeż tas-sigurtà fl-ajruport jew abbord l-inġenju ta' l-ajru.***

***Artikolu 27***

***Pieni***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw konformita? mar-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu u għandhom jistipulaw pieni għall-ksur tagħhom. Dawk il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.***

## Kapitolu V

*Dispożizzjonijiet Finali*

*Artikolu 28*

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE ‖ , filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

‖

(1) ***ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.***

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*Artikolu 29*

Il-kooperazzjoni u d-dritt għall-kisba ta' l-informazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fl-applikazzjoni ***u fil-monitoraġġ*** ta' dan ir-Regolament.

2. Sabiex twettaq id-doveri tagħha permezz ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni tista' takkwista l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Istati Membri, li għandom jassiguraw ukoll l-għoti ta' l-informazzjoni mit-trasportaturi *bl-ajru* lliċenzjati mill-awtoritajiet tal-liċenzjar kompetenti tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom, skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, jieħdu l-passi neċessarji sabiex jassiguraw kunfidenzjalità approprjata ta' l-informazzjoni riċevuta minnhom bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 30*

*Tħsir*

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 2407/92, 2408/92 u 2409/92 huma mħassra.

Ir-referenzi għar-Regolamenti abbrogati għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella tal-korrelazzjoni *fl-Anness II*.

*Artikolu 31*

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara li jkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

*ANNESS I*

L-informazzjoni li għandha tingħata fil-kuntest ta' l-Artikoli 5 u 8

1. Informazzjoni li għandha tingħata għal min qed japplika għall-ewwel darba minn perspettiva ta' saħħa finanzjarja

1.1. Il-kontijiet ta' l-immaniġar interni l-aktar riċenti u, jekk disponibbli, kontijiet verifikati għas-sena finanzjarja ta' qabel.

1.2. Kull *balance sheet* ipproġettat, inkluż il-kont tal-profitt u tat-telf, għat-tliet snin ta' wara.

1.3. Il-bażi għall-ispiża proġettata u ċ-ċifri ta' dħul dwar dawk l-oġġetti bħal karburant, tariffi u rati, salarji, manutenzjoni, depreciation, it-tibdil fir-rata tal-kambju, l-ispejjeż ta' l-ajruport, assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

1.4. Dettalji dwar l-ispejjez tal-bidu li jkunu saru għall-perjodu mis-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni sal-bidu ta' l-operazzjonijiet u spjega ‖dwar l-iffinanzjar ta' dawn l-ispejjeż.

1.5. Dettalji ta' sorsi ta' finanzi eżistenti u proġettati.

1.6. Dettalji ta' shareholders, inkluż nazzjonalità u tip ta' sehem li għandu jinżamm, u l-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni. Jekk parti ta' grupp ta' impriżi, informazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom.

1.7. Id-dikjarazzjoni tal-fluss tal-flus ipproġettat u pjanijiet ta' likwidità għall-ewwel tliet snin ta' ħidma.

1.8. Dettalji tal-iffinanzjar tax-xiri/kiri ta' ajruplani inkluż, fil-każ ta' kiri, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

2. Informazzjoni li għandha tingħata għall-istima tas-saħħa finanzjarja kontinwa tal-persuni fil-pussess ta' liċenza eżistenti li jkunu qed jippjanaw bidla fl-istrutturi tagħhom jew fl-attivitajiet tagħhom b'kull piż sinifikanti fuq il-finanzi

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

2.1. Jekk meħtieġ, il-karta tal-bilanċ ta' l-immaniġġar intern l-aktar riċenti u kontijiet verifikati għas-sena finanzjarja ta' qabel.

2.2. Dettalji preċiżi ta' kull tibdil propost e.ż. bidla fit-tip ta' servizz, takeover jew għaqda proposta, modifiki fil-kapital ta' l-ishma, tibdil fl-azzjonisti, eċċ.

2.3. Kull karta tal-bilanċ ipproġettata, b'kont tal-profitt u tat-telf, għas-sena finanzjarja kurrenti, inkluż kull tibdila proposta fl-istruttura jew fl-attivitajiet li jkollhom kull piż sinifikanti fuq il-finanzi.

2.4. Spiża passata u proġettata u ċifri tad-dħul dwar dawk l-oġġeti bħal karburanti, tariffi u rati, salarji, manutenzjoni, deprezzament, it-tibdil fir-rati tal-kambju, l-ispejjeż ta' l-ajruport, assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

2.5. Dikjarazzjoni tal-fluss tal-flus u pjanijie ta' likwidità għas-sena ta' wara, inkluż kull tibdil propost fl-istruttura jew fl-attività li jkunu ta' piż sinifikanti fuq il-finanzi.

2.6. Dettalji tal-iffinanzjar tax-xiri/kiri ta' ajruplani inkluż, fil-każ ta' kiri, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

3. Informazzjoni li għandha tingħata għal stima tas-saħħa finanzjarja kontinwa tal-persuni fil-pussess ta' liċenza eżistenti

3.1. Kontijiet verifikati mhux aktar minn sitt xhur wara l-għeluq tal-perjodu rilevanti u, jekk meħtieġ, il-karta tal-bilanċ ta' l-immaniġġar intern l-aktar riċenti.

3.2. Kull karta tal-bilanċ ipproġetta, inkluż kont tal-profitt u tat-telf, għas-sena ta' wara.

3.3. Spiża passata u proġettata u ċifri tad-dħul dwar dawk l-oġġeti bħal karburanti, tariffi u rati, salarji, manutenzjoni, deprezzament, it-tibdil fir-rati tal-kambju, l-ispejjeż ta' l-ajruport, assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

3.4. Dikjarazzjoni tal-fluss tal-flus u pjanijiet ta' likwidità għas-sena ta' wara.

---

*ANNESS II*

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Regolament *(KEE) Nru* 2407/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1 |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 3(2) | Artikolu 3(1) it-tieni paragrafu |
| Artikolu 3(3) | Artikolu 3(1) l-ewwel paragrafu |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 4(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 4 f |
| Artikolu 4(3) | - |
| Artikolu 4(4) | Artikolu 4 f |
| Artikolu 4(5) | Artikolu 8(1) it-tieni paragrafu |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 5(1) |

| Regolament *(KEE) Nru* 2407/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 5(2) | Artikolu 5(2) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 8(5) |
| Artikolu 5(4) | Artikolu 8(6) |
| Artikolu 5(5) | Artikolu 9(1) |
| Artikolu 5(6) | Artikolu 8(4) |
| Artikolu 5(7) | Artikolu 5(3) u 8(8) |
| Artikolu 6 | Artikolu 7 |
| Artikolu 7 | Artikolu 11 |
| Artikolu 8(1) | Artikolu 13(1) |
| Artikolu 8(2) | Artikolu 12(1) |
| Artikolu 8(3) | Artikolu 13(2) |
| Artikolu 8(4) | Artikolu 12(2) |
| Artikolu 9 | Artikolu 6 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 13(3) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 13(4) |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 8(1) |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 8(3) |
| Artikolu 11(3) | Artikolu 8(7) |
| Artikolu 12 | Artikoli 9(2) — (4) |
| Artikolu 13(1) | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 13(2) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 13(3) | - |
| Artikolu 13(4) | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 14 | Artikolu 14 |
| Artikolu 15 | - |
| Artikolu 16 | - |
| Artikolu 17 | - |
| Artikolu 18(1) | *Artikolu 29(1)* |
| Artikolu 18(2) | *Artikolu 29(3)* |
| Artikolu 19 | - |
| ANNESS | ANNESS I |

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

| Regolament *(KEE) Nru* 2408/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1 |
| Artikolu 1(2) | Artikolu 1(2) |
| Artikolu 1(3) | Artikolu 1(3) |
| Artikolu 1(4) | - |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(1) | *Artikolu 17(1) u (17)(2)* |
| Artikolu 3(2) | - |
| Artikolu 3(3) | - |
| Artikolu 3(4) | - |
| Artikolu 4(1) (a) | *Artikolu 18(1)* |
| Artikolu 4(1) (b) | *Artikolu 18(6)* |
| Artikolu 4(1) (c) | *Artikolu 18(2)* |
| Artikolu 4(1) (d) | *Artikolu 19(4)* |
| - | *Artikolu 19(1)* |
| - | *Artikolu 19(2)* |
| - | *Artikolu 19(3)* |
| - | *Artikolu 19(4)* |
| - | *Artikolu 19(5)* |
| Artikolu 4(1) (e) | *Artikolu 19(6)* |
| Artikolu 4(1) (f) | *Artikolu 19(7)* |
| Artikolu 4(1) (g) | - |
| Artikolu 4(1) (h): | *Artikolu 19(8)* |
| - | *Artikolu 19(9)* |
| - | *Artikolu 19(10)* |
| Artikolu 4(1) (i) | *Artikolu 20(1)* |
| Artikolu 4(1) (j) | *Artikolu 18(3)* |
| Artikolu 4(1) k | - |
| Artikolu 4(2) | - |
| Artikolu 4(3) | *Artikolu 20(2)* |
| Artikolu 4(4) | - |
| Artikolu 5 | - |
| Artikolu 6(1) u 6(2) | - |

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

| Regolament *(KEE) Nru* 2408/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 7 | *Artikolu 17(3) — (17)(6)* |
| Artikolu 8(1) | *Artikolu 21(2)* |
| Artikolu 8(2) | *Artikolu 21(1)* |
| Artikolu 8(3) | *Artikolu 21(3)* |
| Artikolu 8(4) | - |
| Artikolu 8(5) | - |
| Artikolu 9(1) | - |
| Artikolu 9(2) | - |
| Artikolu 9(3) | - |
| Artikolu 9(4) | - |
| Artikolu 9(5) | *Artikolu 22* |
| Artikolu 9(6) | - |
| Artikolu 9(7) | - |
| Artikolu 9(8) | - |
| Artikolu 10 | - |
| Artikolu 11 | *Artikolu 28* |
| Artikolu 12(1) | *Artikolu 29(2)* |
| Artikolu 12(2) | - |
| Artikolu 13 | - |
| Artikolu 14(1) | *Artikolu 29(1)* |
| Artikolu 14(2) | *Artikolu 29(3)* |
| Artikolu 15 | - |
| Artikolu 16 | - |
| ANNESS I | - |
| ANNESS II | - |
| ANNESS III | - |
| - | ▌ |

| Regolament *(KEE) Nru* 2409/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1(1) | Artikolu 1 |
| Artikolu 1(2) | *Artikolu 23* |
| Artikolu 1(3) | ‖ |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

| Regolament *(KEE) Nru* 2409/92 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 3 | - |
| Artikolu 4 | *Artikolu 25* |
| Artikolu 5(1) | *Artikolu 24* |
| Artikolu 5(2) | - |
| Artikolu 5(3) | - |
| Artikolu 5(4) | - |
| Artikolu 6 | - |
| Artikolu 7 | - |
| Artikolu 8 | - |
| Artikolu 9 | - |
| Artikolu 10(1) | *Artikolu 29(1)* |
| Artikolu 10(2) | *Artikolu 29(3)* |
| Artikolu 11 | - |
| Artikolu 12 | - |
| - | *Artikolu 30* |
| - | *Artikolu 31* |

**P6_TA(2007)0338**

# Il-politka tas-servizzi finanzjarji (2005-2010) — White Paper

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-politika tas-servizzi finanzjarji (2005-2010) — White Paper (2006/2270(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji 2005-2010 (COM(2005)0629) (minn hawn 'il-quddiem "White Paper tal-Kummissjoni"),

— wara li kkunsidra l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tas-Servizzi Finanzjarji (FSAP) (COM(1999) 0232) adottat mill-Kummissjoni, speċjalment id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar operazzjonijiet imwettqa min-persuni fil-pussess ta' tagħrif privileġġat (insider dealing) u manipulazzjoni tas-suq (market abuse) [1], id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar swieq ta' l-istrumenti finanzjarji [2] (MiFID), id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza relatati ma' informazzjoni dwar dawk li joħorġu t-titoli (issuers) li t-titoli tagħhom qed jiġu nneġozjati f'suq irregolat [3], id-direttivi dwar ir-rekwiżiti tal-kapital (CRD) (Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 relatata mal-bidu u t-tkomplija tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni) [4] u d-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar kapital mhux adegwat ta' kumpaniji ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni) [5] u l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tħaddim tad-drittijiet tal-vot mill-azzjonisti rreġistrati ta' kumpaniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru u li l-ishma tagħhom qed jiġu nnegozjati f'suq irregolat (COM(2005)0685),

(1) ĠU L 96, 12.4.2003, p. 16.
(2) ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2006/31/KE (ĠU L 114, 27.4.2006, p.60).
(3) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.
(4) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/18/KE (ĠU L 87, 28.3.2007, p. 9).
(5) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma ta' l-istaff tal-Kummissjoni — Rapport ta' Progress 2006 dwar Suq Wieħed tas-Servizzi Finanzjarji,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar "Clearing" u "Settlement" tas-7 ta' Novembru 2006 u l-proposta tas-sistema Euro li tiżviluppa sistema ta' settlement għal tranżazzjonijiet ta' titoli f'munita tal-bank ċentrali (Titoli Target 2) (minn hawn 'il-quddiem "Kodiċi ta' Kondotta"),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE u d-Direttivi 2002/83/KE, 2004/39/KE, 2005/68/KE u 2006/48/KE fir-rigward tar-regoli ta' proċedura u l-kriterji ta' evalwazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet fl-ammont ta' ishma fis-settur finanzjarju (COM(2006)0507),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat dwar is-Servizzi Finanzjarji (FSC) dwar superviżjoni finanzjarja ta' Frar 2006 (Ir-Rapport Francq), ippubblikat fit-23 ta' Frar 2006,

— wara li kkunsidra t-Tieni Rapport Interim tal-Grupp ta' Monitoraġġ Inter-Istituzzjonali li jissorvelja l-Proċess Lamfalussy (IIMG), maħruġ fis-26 ta' Jannar 2007,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej (CESR) dwar "L-Istrumenti ta' superviżjoni għas-swieq tat-titoli ta' l-UE" (Rapport Himalaya) ippubblikat fil-25 ta' Ottubru 2004,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2007 ibbażata fuq ir-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Kriżi ta' l-Equitable Life Assurance Society [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta' Jannar 2004 dwar il-ġejjieni tal-hedge funds u d-derivattivi tagħhom [2] tat-28 ta' April 2005 dwar l-istat attwali ta' integrazzjoni tas-swieq finanzjarji ta' l-UE [3], u ta' l-4 ta' Lulju 2006 dwar il-konsolidazzjoni fl-industrija tas-servizzi finanzjarji [4],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0248/2007),

1. Jifraħ lill-Kummissjoni għall-kontribuzzjoni ta' l-FSAP lejn il-ħolqien ta' suq kapitali Ewropew li huwa fuq quddiem nett fid-dinja speċjalment minħabba l-kwalità u s-solidità tar-regolament finanzjarju tagħha; jilqa' l-prijoritajiet ekonomiċi stipulati fil-White Paper tal-Kummissjoni, primarjament biex is-suq finanzjarju Ewropew jiġi kkonsolidat, jitneħħew il-barrieri għall-moviment ħieles tal-kapital u titjieb is-superviżjoni tas-servizzi finanzjarji;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw implimentazzjoni f'waqtha u konsistenti ta' l-FSAP; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-infurzar tagħha u lill-kumitati tal-Livell 3 sabiex itejbu kontinwament il-konsistenza ta' l-applikazzjoni tagħha;

3. Huwa mħasseb li r-rata ta' traspożizzjoni tal-liġi Komunitarja mill-Istati Membri; li għandha sseħħ sa tmiem l-iskadenza stabbilita, għadha lura u titlob għal iżjed koperazzjoni bejn il-korpi ta' superviżjoni fl-Istati Membri;

4. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni għal interpretazzjoni koerenti tat-terminoloġija madwar l-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, meta tkun qed titfassal leġiżlazzjoni ġdida, biex tiżgura l-kompatibilità mat-terminoloġija eżistenti kemm fuq livell Ewropew kif ukoll fuq dak globali;

5. Jilqa' pożittivament eżami aktar fil-fond ta' l-effetti ekonomiċi tal-miżuri FSAP, fid-dawl ta' l-Istrateġija ta' Liżbona u l-bżonnijiet ta' finanzjament ta' l-ekonomija reali; isaqsi lill-Kummissjoni biex tikkummissjona dawn l-istudji flimkien mar-rapporti tal-progress annwali tagħha u tissorvelja l-implimentazzjoni u tirrakkomanda li attenzjoni partikolari tingħata lill-effetti ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri FSAP b'referenza speċjali għall-pajjiżi li relattivament jibbenefikaw mill-implimentazzjoni ta' l-FSAP u mid-daqs tal-profitti miksuba tal-pajjiżi benefiċjarji mill-konsolidazzjoni tas-suq finanzjarju;

[1] *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0264.
[2] ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 407.
[3] ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 140.
[4] *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0294.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

***Konċentrazzjoni tas-Suq***

6. Jinnota konsolidazzjoni qawwija tas-suq fis-settur superjuri tas-servizzi finanzjarji pprovdut lil kumpaniji kbar ikkwotati fil-Borża, partikolarment il-kumpaniji ta' verifika, l-aġenziji ta' "credit rating"; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' kompetizzjoni nazzjonali biex b'kawtela japplikaw ir-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunità għal dawk involuti fis-suq, ikunu attenti għal kull riskju ta' konċentrazzjoni tas-suq illegali fil-provvista ta' servizzi lil kumpaniji kkwotati fil-Borża; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm proċeduri aċċessibbli għat-tressiq ta' ilmenti u rimedji; u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-perspettiva ta' l-utenti; jenfasizza wkoll l-ħtieġa li jitneħħew il-barrieri għall-parteċipanti l-ġodda kif ukoll il-ħtieġa li titneħħa l-leġiżlazzjoni favur dawk responsabbli u favur strutturi attwali tas-suq fejn il-kompetizzjoni tkun limitata;

7. Iħeġġeġ għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta dwar il-Kriżi ta' l-Equitable Life Assurance Society (A6-0203/2007);

8. Huwa kuntent bl-approvazzjoni reċenti tar-riforma ta' l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2006/48/KE permezz tad-direttiva prospettiva dwar l-evalwazzjoni prudenzjali ta' l-akkwisti u ż-żieda ta' ishma fis-settur finanzjarju u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-azzjoni tagħha lejn it-tneħħija ta' xkiel għal merger u akkwist transkonfinali, kif identifikat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar il-konsolidazzjoni transkonfinali fis-settur finanzjarju ta' l-UE (SEC(2005)1398) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament ta' l-4 ta' Lulju 2006;

9. Jenfasizza l-bżonn fost is-CRAs għat-trasparenza tal-miżati u s-separazzjoni ta' servizzi anċillari u ta' klassifikazzjoni kif ukoll għall-kjarifikazzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni u l-mudelli ta' kummerċ; jenfasizza li s-CRAs għandhom rwol pubbliku f'pereżempju s-CRD u li għalhekk għandu jkollhom standards għoljin ta' aċċessibilità, trasparenza, kwalità u affidabilità, meħtieġa minn intrapriżi regolati bħalma huma l-banek; iħeġġeġ lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet għat-Titoli (IOSCO) u s-CESR biex ikomplu jissorveljaw mill-qrib il-konformità tas-CRAs mal-kodiċi ta' kondotta ta' l-IOSCO; jilqa' il-possibilità li fis-settur tas-CRA jitfaċċaw parteċipanti Ewropej;

10. Wara l-implimentazzjoni tal-MiFID, jantiċipa iżjed kompetizzjoni fost il-pjattaformi tal-kummerċ u intermedjarji finanzjarji, iżda wkoll iktar konsolidazzjoni tal-Boroż ta' skambju; jemmen li hemm bżonn ta' konverġenza transAtlantika qawwija tar-regoli finanzjarji tas-suq u li jinħtieġu prattiki ta' superviżjoni mingħajr ma jiddgħajjef, l-approċċ ibbażat fuq il-prinċipji u li jevita l-impożizzjoni ta' regoli extraterritorjali; jenfasizza li tmexxija tajba hija imperattiva u li l-influwenza ta' l-utenti kif ukoll id-drittijiet tal-ħaddiema impjegati f'dan is-settur ma jridux jitnaqqru minħabba li tinbidel is-sjieda;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvestiga liema miżuri huma l-aktar adattati biex tippromwovi l-lealtà ta' l-azzjonisti u tħeġġeġ il-parteċipazzjoni azzjonarja tal-ħaddiema, bil-għan li jiġu bbilanċjati l-interessi differenti tal-partijiet kkonċernati;

12. Filwaqt li jitlob li jkun hemm progress fit-tneħħija ta' ostakli oħra identifikati fir-Rapport Giovannini f'Novembru 2001 dwar l-Arranġamenti ta' "Clearing" u "Settlement" transkonfinali fl-Unjoni Ewropea, itenni b'forza l-bżonn li titjieb l-infrastruttura wara l-kummerċ kemm bil-għan li jkun hemm trasparenza fil-prezz kif ukoll il-kompetizzjoni fl-interess pubbliku ta' sigurtà ta' "clearing" u "settlement"; jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta li se jilħaq dawn l-għanijiet u li se jkun ukoll ta' appoġġ għall-Artikolu 34 tal-MiFID, li jeħtieġ li l-Boroż ta' Skambju jipprovdu lill-utenti kollha tagħhom bl-għażla li jiddeċiedu s-sistema ta' settlement li biha jridu jissetiljaw it-tranżazzjonijiet tagħhom fl-eventwalità ta' tranżazzjonijiet ta' ishma transkonfinali; intenzjonat li janalizza mill-qrib l-iżviluppi madwar il-Kodiċi ta' Kondotta kif ukoll il-proġett Titoli ta' TARGET 2 f'dan il-kuntest, b'enfasi fuq it-treġija u s-superviżjoni meħtieġa biex ikunu kkontrollati l-kunfitti ta' interess; u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iniedu, mingħajr aktar ħela ta' żmien, l-inizjattivi meħtieġa biex jitwarrbu kompletament l-ostakli taħt il-kontroll tas-settur pubbliku f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ostakli legali u fiskali identifikati fir-rapport tal-Grupp Giovannini u fl-oqsma mhux koperti mill-Kodiċi ta' Kondotta.

13. Jindika ż-żieda fl-influwenza ta' votazzjoni bi prokura ta' intermedjarji u intermedjarji finanzjarji fil-pussess ta' assi tanġibbli tal-konsumaturi permezz ta' sistemi indiretti ta' investiment. isaqsi lill-Kummissjoni biex tevalwa r-riskji potenzjali tal-kontroll tas-suq, il-manipolazzjoni tas-suq u l-kunflitti ta' interess minn dawn l-intermedjarji u biex tissorvelja mill-qrib l-effetti tad-direttiva eventwali fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot ta' l-azzjonijisti tal-kumpaniji; jinkoraġġixxi użu iktar wiesa' ta' soluzzjonijiet ta' software modern, u b'hekk ikun hemm promozzjoni tad-disintermedjazzjoni u l-aċċess dirett għas-suq mill-investituri finali;

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

14. Jirrikonoxxi l-proporzjon għoli ta' kumpaniji ta' servizz finanzjarju fl-Istati Membri ġodda li huma totalment jew parzjalment f'idejn barranin u huwa mħasseb li, mingħajr kooperazzjoni implimentata sewwa, dan jagħmilha diffiċli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza f'dawk l-Istati Membri biex iwettqu superviżjoni u kontroll effettiv u li jqisu l-interessi leġittimi u l-bżonnijiet ta' l-ekonomiji ta' l-Istati Membri;

15. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevalwa l-fatti dwar it-tħaddim ta' l-ogħla livell tas-suq ta' merger kbira u t-tranżazzjonijiet ta' akkwist u ftehimiet ta' ekwità privata u s-sottoskrizzjoni ta' akkumpanjament u l-attivitajiet ta' self; jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda tal-viġilanza tas-sorveljanti ta' każijiet ċari ta' manipulazzjoni tas-suq, "insider dealing" jew "front-running"; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex b'koperazzjoni mar-regolaturi ta' l-Istati Uniti jivverifikaw jekk sarux is-salvagwardji meħtieġa**,** bħall-kodiċi ta' kondotta intern u jekk iċ-'Chinese walls' humiex adegwati għall-kisba ta' livell xieraq ta' treġija korporattiva u trasparenza tas-suq u sabiex jiġu evitati il-kunflitti ta' interess;

16. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-indipendenza ta' analisti finanzjarji u tal-fornituri tad-data dwar is-suq finanzjarju permezz ta' struttura ta' finanzjament trasparenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjonijiet li għadhom mhux solvuti mid-Direttiva 2004/72/KE [1] u l-MiFID fir-rigward tad-distinzjoni bejn "analisti finanzjarji" u "informazzjoni oħra";

***Strumenti alternattivi ta' investiment***

17. Huwa totalment konxju miż-żieda rapida ta' mezzi ta' investiment alternattivi (hedge funds u ekwità privata) jirrikonoxxi li dawn jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq u joħolqu opportunità biex titjieb l-effiċjenza ta' l-immaniġġjar korporattiv, iżda għandu l-istess tħassib bħal ċerti banek ċentrali u superviżuri li dawn jistgħu jagħtu lok għal riskju sistematiku u għal livelli għolja ta' espożizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

18. Jistieden lill-Kummissjoni ta' l-UE biex tagħti bidu għal dibattitu dwar il-hedge funds sabiex tkun ippreparata għad-diskussjonijiet internazzjonali u Ewropej;

19. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-istudji reċenti tal-Kummissjoni dwar il-hedge funds u l-ekwità privata, iżda jiddispjaċih li s'issa dawn l-istudji ffukaw biss fuq ostakli għat-tkabbir ta' dawn il-fondi, u jistieden il-Kummissjoni biex tissorvelja kull lakuna potenzjali tal-politika; jenfasizza l-ħtieġa għal xogħol ta' settur speċifiku mir-regolaturi ta' dawn il-fondi, inklużi l-IOSCO u s-CESR u l-awtoritajiet kompetenti fi swieq fejn fondi bħal dawn huma komunement inklużi bħala parti mid-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti; jitlob għal approċċ aktar wiesgħa u aktar kritiku rigward r-riskji tal-manipulazzjoni tas-suq; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-differenzi fir-reġimi ta' l-Istati Membri għall-aċċess bl-imnut għal investimenti alternattivi, u b'mod partikulari biex tiddetermina l-kwalifiki adegwati għad-distributuri ta' prodotti bħal dawn għall-investituri bl-imnut;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-kwalità ta' supervizjoni f'lokazzjonijiet off-shore u sabiex iżżid il-koperazzjoni mas-superviżuri f'dawn il-ġurisdizzjonijiet; intenzjonat jgħaqqad il-forzi tiegħu mal-Kumitat tal-Kamra tar-Rappreżentanti tas-Servizzi Finanzjarji tal-Kungress ta' l-Istati Uniti fl-investigazzjoni dwar x'għandha tkun ir-reazzjoni għall-ħarba mhux mixtieqa ta' kapital lejn pajjiżi b'rati baxxi ta' taxxa;

21. Jilqa' b'sodisfazzjoni r-rapport tal-Forum ta' Stabilità Finanzjarja tad-19 ta' Mejju 2007 dwar l-industrija tal-hedge funds; jilqa' b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport li jimmira li jindirizza r-riskji sistematiċi potenzjali u r-riskji operattivi assoċjati ma' l-attivitajiet tal-hedge funds; jitlob għal aktar koperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fost is-superviżuri ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji fl-implimentar ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fit-tixrid ta' prassi tajba sabiex tissaħħaħ ir-reżistenza għal skossi sistematiċi; u apparti dan iħeġġeġ lill-kredituri, l-investituri u l-awtoritajiet biex jibqgħu attenti u jevalwaw r-riskji potenzjali tal-kontroparti li l-hedge funds jippreżentaw;

---

[1] *Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/72/KE tad-29 ta' April 2004 li timplementa d-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda l-prattiċi aċċettati tas-suq, id-definizzjoni ta' l-informazzjoni interna b'relazzjoni mad-derivattivi dwar il-kommoditajiet, it-tħejjija ta' listi ta' persuni nterni, in-notifika tat-transazzjonijiet ta' l-amministraturi u n-notifika ta' transazzjonijiet suspettużi (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 70).*

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

*Aċċess għal finanzjament għas-settur tal-kummerċjanti żgħar*

22. Jinnota li l-integrazzjoni transkonfinali tas-swieq finanzjarji bl-imnut ta' l-UE hija inqas żviluppata milli fil-qasam ta' l-ingrossa; jinnota li l-konsumaturi jużaw istituzzjonijiet fiżiċi iżjed milli virtwali, u għal-hekk wieħed isib struttura finanzjarja prinċiparjament b'orjentazzjoni domestika; iżda jwissi kontra t-taqlib tat-tradizzjonijiet nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur u kontra sistemi legali għall-armonizzazzjoni uniformi għal kulħadd; huwa tal-fehma li t-tradizzjonijiet nazzjonali tal-ħarsien tal-konsumatur ma jridux jiġu interpretati b'tali mod li l-kompetituri l-ġodda jkunu mfixkla fis-suq domestiku; jenfasizza l-ħtieġa għal suq intern li jaħdem tajjeb għas-servizzi finanzjarji; jinnota l-importanza ta' l-intermedjarji sabiex joħolqu kompetizzjoni fis-swieq domestiċi fl-Istati Membri; jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi pluralistiċi u miftuħa fis-suq bankarju Ewropew li jissodisfaw il-bidliet differenti u li jevolvu tal-klijenti;

23. Jippreferi approċċ iktar iffukat indirizzat lejn ostakli de facto li jaffettwaw utenti transkonfinali li m'għandhomx post fiss; iħeġġeġ l-industrija finanzjarja biex tiżviluppa prodotti finanzjarji pilota fuq livell panEwropew bħall-pensjonijiet, l-ipoteki, il-prodotti ta' assikurazzjoni u l-kreditu lill-konsumatur, u jistieden lill-Kummissjoni biex timpennja ruħha fit-tħejjija ta' qafas xieraq u fattibbli ta' regolamentazzjoni u superviżjoni, f'termini ta' dritt kuntrattwali, tassazzjoni, kreditu lill-konsumatur u ħarsien tal-konsumatur sabiex dawn il-prodotti jkunu trasportabbli u rikonoxxuti reċiprokament fl-Unjoni Ewropea, sabiex jitkattru il-kundizzjonijiet favorevoli għall-mobilità tax-xogħol transkonfinali f'suq waħdieni integrat;

24. Jindika l-bżonn li l-istess riskji, strateġiji tal-profili u n-negozji għall-prodotti finanzjarji u għal rekwiżiti ta' kapital jkunu kkontrollati bl-istess sigurtà fis-suq komuni Ewropew; jisħaq li għall-għanijiet tat-trasparenza u tal-ħarsien tal-konsumaturi, l-Istati Membri m'għandhomx jitħallew jinvolvu ruħhom f'kompetizzjoni ibbażata fuq livelli minimi ta' sorveljanza u ta' standards;

25. Jaqsam it-tħassib espress fil-punt 1.2.3 tad-Dokument ta' Sfond mehmuż mal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-qafas Ewropew għall-fondi ta' investiment (SEC(2005)0947) fir-rigward ta' l-emerġenza f'xi Stati Membri ta' fondi garantiti mingħajr ir-rekwiżiti xierqa ta' kapital adegwat, tikkunsidra li f'dan il-qasam il-protezzjoni tal-konsumatur mhijiex biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, bil-ħsieb li jitħarsu l-konsumaturi b'mod effettiv, biex timla l-lakuna regolatorja Ewropea billi tistabbilixxi rekwiżiti xierqa ta' adegwatezza kapitali għall-fondi ta' assikurazzjoni, billi jiġi rrispettat il-prinċipju li r-rekwiżiti ta' sorveljanza għandhom ikunu indaqs kemm mill-perspettiva ta' kwalità, f'dawk li huma standards tal-ġestjoni tar-riskju, u mill-perspettiva ta' kwantità, fir-rigward ta' rekwiżiti ta' kapital ("l-istess riskju, l-istess kapital");

26. Ħa nota ta' l-inkjesta settorjali fil-qasam tas-servizzi bankarji għall-pubbliku ġenerali u tas-sistemi ta' ħlas bil-ccars li turi bosta oqsma fejn jista' jsir titjib; jilqa' d-Direttiva tas-Servizzi ta' Pagament prospettiva, li hija mistennija li toħloq prekondizzjonijiet aħjar għall-kompetizzjoni f'dawn l-oqsma; iżda javża li l-ftuħ ta' sistemi imperfetti eżistenti ma għandhomx iwasslu għal sitwazzjoni li fiha livell għoli ta' konsolidazzjoni tas-suq jista' jwassal għal imperfezzjonijiet ġodda u restrizzjonijiet tal-prezz, li jagħmlu ħsara lill-istruttura ġenerali tas-sistema Ewropea ta' l-iffinanzjar ekonomiku, lill-kwalità tas-servizzi lokali, u lill-opportunitajiet għall-SMEs biex jiksbu ffinanjzar li jaqdi l-bżonnijiet tagħhom; innota l-bżonn li jinfetaħ l-aċċess għal reġistri ta' kreditu u sistemi ta' pagament u jitlob li jiġu ċċarati iżjed il-passi konkreti li jmiss li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien, anke meta tikkunsidra is-sitwazzjoni attwali tas-SWIFT, jekk l-Unjoni Ewropea tistax twaqqaf is-sistema tagħha stess ta' cards bankarji;

28. Jenfasizza li ż-żewġ elementi taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA), primarjament it-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti, se jidħlu fis-seħħ fl-2010; jinnota li t-tielet pilastru, il-qafas tal-cars, se jiġi stabbilit mill-2008 'l quddiem; jinnota li d-Direttiva tas-Servizzi ta' Pagament mistennija ġġib fornituri ġodda tas-servizz, bħal bejjiegħa, entitajiet li jagħtu l-flus u operaturi mobbli f'din il-linja tal-kummerċ; għandu jimmoniterja jekk, bħala konsegwenza il-prezz ta' miżati interbankarji u tranżazzjonijiet ta' pagament transkonfinali għall-bejgħ bl-imnut jonqosx b'mod sinifikanti;

29. Huwa mħasseb li l-għażla tal-konsumatur spiss tkun limitata għal prodotti bl-imnut tal-gruppi finanzjarji li joperaw domestikament; jisħaq fuq l-importanza li jiddistingwu ruħhom is-servizzi differenti provduti lill-klijenti u jitlob għall-iżvelar ta' l-ispejjeż tal-katina ta' valur lill-klijenti sabiex ikun hemm iżjed trasparenza u jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, biex terġa' tieħu l-inizjattiva mmirata biex tipprovdi lis-soċjetajiet ta' l-għajnuna reċiproka bi statut Ewropew, kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Mejju 2006 dwar ir-riżultat ta' l-iskrining tal-proposti leġiżlattivi pendenti quddiem il-Leġiżlatur [1];

31. Jirrikonoxxi l-isfida tal-populazzjonijiet li qed jixjieħu; jenfasizza l-importanza tal-pensjonijiet kollettivi tax-xogħol tat-tieni pilastru apparti l-iskemi ta' pensjonijiet proprji ta' l-ewwel pilastru bbażati fuq is-solidarjetà, u japprova d-d-Direttiva 2003/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' irtirar okkupazzjonali [2] bħala l-qafas regolatorju speċifiku għall-fondi tal-pensjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibilità, fi ħdan il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar, sabiex tippromwovi l-konverġenza ta' superviżjoni madwar l-Unjoni Ewropea u biex tevita t-trattament mhux ugwali tal-partijiet ikkonċernati fis-suq u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, biex din id-Direttiva tiġi ssuplimentata b'qafas ta' solvenza armonizzata għall-fondi tal-pensjonijiet b'mod konformi ma' l-approċċ ta' Solvency II, sabiex tipprovdi għal tekniki avvanzati tal-ġestjoni tar-riskju kif ukoll għal diżinċentivi għall-arbitraġġ regolatorju billi jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' superviżjoni ugwali kemm mil-lat kwalitattiv, f'termini ta' standards tal-ġestjoni tar-riskju, kif ukoll kwantitattiv, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-kapital ('l-istess riskju, l-istess kapital'), meta jitqiesu l-fatturi speċifiċi tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali; u jtenni li dan il-qafas ta' leġiżlazzjoni għandu jkun appoġġjat mill-koordinazzjoni tat-tassazzjoni, b'konċentrazjoni partikolari fuq il-bażi tat-taxxa;

32. Jinnota li hemm ħafna ċittadini ta' l-UE li huma esklużi mis-servizzi finanzjarji bażiċi; jikkonkludi li s-servizzi finanzjarji bażiċi li joperaw tajjeb għandhom jibqgħu disponibbli u bi prezz raġonevoli għal kull ċittadin ta' l-UE; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel studju dwar l-aċċessibilita' ta' servizzi bħall-kontijiet bankarji, il-magni tal-flus, il-cars li jsiru ħlasijiet bihom u s-self b'rati baxxi; u li tippromwovi l-aħjar prassi u esperjenzi żviluppati minn istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu dawn is-servizzi bażiċi;

33. Jappoġġja s-sejbiet ta' l-inkjesta settorjali fis-servizzi bankarji għall-konsumaturi individwali li l-iskambju tad-data dwar il-krediti għandu t-tendenza li jkollu effetti ekonomiċi pożittivi, billi jżid il-kompetizzjoni u jgħin lil parteċipanti ġodda fis-suq, billi jnaqqas l-asimettrija ta' l-informazzjoni bejn il-bank u l-konsumatur, billi jaħdem bħala metodu ta' dixxiplina għal min jissellef, inaqqas il-problemi ta' għażliet ħżiena u jippromwovi l-mobilità tal-konsumatur; jikkunsidra li l-għoti ta' l-aċċess għad-data pożittiva u negattiva dwar il-kreditu jista' jkollu rwol ewlieni fl-għajnuna lill-konsumaturi biex dawn jiksbu aċċesss għall-kreditu u biex tiġi miġġielda l-esklużjoni finanzjarja;

34. Jinnota l-iżvilupp ta' fornituri ta' servizzi finanzjarji speċifiċi għal gruppi ta' migranti, li jagħmlu t-trasferimenti finanzjarji tagħhom u jiżviluppaw is-sistema bankarja, inklużi servizzi finanzjarji Iżlamiċi; iwissi li r-rekwiżiti għal dawn l-operaturi ta' "niche" ġodda għandhom ikunu b'saħħithom, iżda wkoll b'tali mod li jwaqqafhom milli jisparixxu f'żona griża, fejn ma jkun possibbli l-ebda kontroll; jistieden lill-Unjoni Ewropea, speċjalment meta tinvolvi ruħa f'relazzjonijiet mal-pajjiżi li minnhom jiġu l-ħaddiema mmigranti, biex tikkopera ma' l-awtoritajiet ekonomiċi u monetarji lokali adattati;

35. Jilqa' b'sodisfazzjon l-attenzjoni li qed tiżdied għal provvista ta' mikrokrediti bħala kontribuzzjoni għal nies li jaħdmu għal rashom u għal bidu ta' negozji, eżempju, fl-attivitajiet tad-DĠ għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni u l-programm JEREMIE tal-Grupp tal-Bank Ewropew ta' Investiment; jitlob li r-regoli ta' Basel jiġu adattati għall-'portfolios' ta' mikrokreditu u li dawn jillimitaw l-ispejjeż ħafna drabi eżaġerati rigward self ta' ammont żgħir; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, li qed taħdem f'kollaborazzjoni mad-diversi Direttorati Ġenerali tagħha li huma responsabbli għal dan is-settur, biex telabora pjan ta' azzjoni għall-mikrofinanzjament, tikkordina l-miżuri ta' politika differenti u biex tagħmel l-aħjar użu mill-prattiki fl-Unjoni Ewropea u lilhinn minnha;

### *Litteriżmu finanzjarju u l-kontribut ta' l-utenti fit-tiswir tal-politika*

36. Jemmen li minbarra iktar għażla għall-konsumaturi, hemm aktar involut fil-ħolqien ta' suq finanzjarju integrat Ewropew; jenfasizza li l-litteriżmu finanzjarju għandu jiġi promoss aktar attivament mill-qed isir u li l-aċċess għal informazzjoni adattata u parir imparzjali dwar l-investimenti huwa essenzjali; iħaddan il-perspettiva li l-prinċipji bħall-iżgurar ta' l-aħjar twettiq u li jseħħu testijiet ta' adegwatezza meta servizzi ta' investiment jiġu pprovduti għandhom jiffurmaw l-bażi għal regolament tal-fornituri ta' servizz f'dan il-qasam;

37. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattivi tal-Kummissjoni sabiex tgħolli l-livell tal-kapaċità finanzjarja u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-isforzi tagħhom sabiex jinħolqu programmi u websajts speċifiċi, filwaqt li f'dan il-proċess jiġu involuti l-kumpaniji kkonċernati; iżda wkoll iħeġġiġhom sabiex jagħmluhom parti integrali mill-edukazzjoni bażika fl-iskejjel;

(1) ĠU C 297 E, 7.12.2006, p. 140.
(2) ĠU L 235, 23.9.2003, p. 10.

38. Jilqa' b'sodisfazzjon it-twaqqif tal-Grupp tal-Konsumaturi tas-Servizzi Finanzjarji u t-tentattivi sabiex ikunu involuti utenti rappreżentattivi fi gruppi esperti u f'konsultazzjonijiet; jinnota li, madankollu, il-vuċi tal-konsumaturi u ta' l-utenti finali bħall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għadha ferm lura minn dik ta' l-industrija finanzjarja; jirrakkomanda l-ħolqien ta' punt baġitarju Ewropew li jiffinanzja opinjoni esperta dwar is-suq finanzjarju f'organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u SMEs sabiex tinforma l-proċessi ta' konsultazzjoni ta' l-FSAP;

39. Jistieden lill-industrija biex tagħti l-kontribut tagħha fil-ħarsien tal-konsumatur billi tipproduċi prodotti li wieħed jista' jifhem u juża faċilment, kif ukoll informazzjoni preċiża li l-konsumatur jista' jużaha b'faċilità;

*Regolamentazzjoni aħjar*

40. Jinsab impenjat bis-sħiħ lejn l-għanijiet ta' regolamentazzjoni aħjar ibbażata fuq is-sejbiet ta' evalwazzjonijiet ta' l-impatt, magħmulin b'mod kawt, indipendenti u professjonali, u jenfasizza li dawn l-evalwazzjonijiet u d-deċiżjonijiet politiċi bbażati fuqhom m'għandhomx isiru biss fuq il-bażi ta' l-aspetti finanzjarji iżda għandhom jikkunsidraw sew ukoll aspetti ekonomiċi, soċjali, tas-soċjetà, ambjentali, kulturali u aspetti oħra ta' interess pubbliku;

41. Jinnota li wieħed mill-prijoritajiet tar-regolamentazzjoni aħjar rigward l-aspett legali huwa, primarjament biex jimplimenta, jinforza u jevalwa kontinwament il-leġiżlazzjoni eżistenti u biex japplika b'mod rigoruż l-aġenda tar-regolamentazzjoni aħjar għall-inizjattivi tal-ġejjieni;

42. Iħaddan il-perspettiva li l-konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati għandhom ikomplu jkollhom rwol ewlieni u jenfasizza li dawn il-konsultazzjonijiet għandhom iseħħu kmieni fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet sabiex l-opinjonijiet ikunu jistgħu ġenwinament jitqiesu; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tippubblika dak li jkun għaddej fil-konsultazzjonijiet tagħha sabiex tiżgura li l-proċess ikun trasparenti;

43. Jinnota li taħt il-ftehim dwar tfassil aħjar tal-leġiżlazzjoni, kwalunkwe proposta tal-Kummissjoni għandha twassal għal evalwazzjoni ta' l-impatt dwar il-kwistjonijiet importanti; jiddispjaċih li sa issa dak l-impenn għadu ma tteħidx b'mod sodisfaċenti u jenfasizza li l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt madankollu ma għandhomx iwaqqfu t-tfassil tal-leġiżlazzjoni; jafferma l-impenn tal-Parlament għal regolamentazzjoni aħjar u għat-twettiq ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt meta jsiru bidliet sostanzjali għall-proposti leġiżlattivi;

44. Jirrimarka li l-għażla ta' strument adattat, i.e. direttiva jew regolament, mhijiex newtrali; jitlob li jiġi mniedi dibattitu fuq il-bażi tax-xogħol ta' l-IIMG, dwar kriterji li jipprovdu gwida u konsistenza;

45. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftehima ta' komitoloġija reċenti u jinsab impenjat lejn l-adattament ta' l-istrumenti involuti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji; jirrakkomanda li l-istrumenti qabel Lamfalussy ikunu mmodifikati b'mod simili; jinsisti li l-Parlament għandu jippermetti li jkun hemm osservaturi fil-kumitati tat-tieni livell; jinnota l-bżonn li jitfasslu metodi tax-xogħol interistituzzjonali stabbiliti sew, permezz tal-prattika aktar milli permezz tar-regoli miktuba jew ftehimiet formali u li, f'dan ir-rigward, l-elaborazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni tat-tieni livell għall-MiFID jistgħu jservu bħala eżempju utli;

46. Jinsab impenjat li fejn ikun possibbli l-proċeduri leġiżlattivi jgħaddu "fast track", jekk fil-prattika jkunu taw prova ta' kemm jiswew; iżda jwissi li l-iskop għal ftehimiet fl-ewwel qari m'għandux itellef il-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet jew jaffettwa l-proċess demokratiku; jipproponi evalwazzjoni ta' dawn il-proċessi u l-elaborazzjoni ta' regoli ta' proċedura biex jiggarantixxu r-responsabilità kollettiva, it-trasparenza u l-kontroll demokratiku;

47. Jikkunsidra li varjetà ta' rekwiżiti rrapportar li jirduppjaw id-dispożizzjonijiet eżistenti jirriżultaw fi spejjeż bla bżonn u f'piżijiet amministrattivi eċċessivi u jista' jkollhom ukoll konsegwenzi ħżiena f'termini ta' ċertezza legali, u b'kawża t'hekk, fuq l-integrità tas-suq; jisħaq li hemm każ fejn jistgħu jinkisbu iżjed benefiċċji permezz tar-razzjonalizzazzjoni, ta' l-issimplifikar, u, fejn meħtieġ, ta' l-irrevokar ta' dispożizzjonijiet attwali li huma ineffiċjenti;

48. Jemmen li l-FSAP ikkontribwixxa biex jimtlew ħafna lakuni regolatorji fil-qasam tas-servizzi finanzjarji; huwa konvint, madankollu, li koordinazzjoni ulterjuri ma' l-infurzar tar-regola tal-kompetizzjoni jista' jkollha efett multiplikatorju fuq it-tħaddim ġenerali u l-effiċjenza tal-qafas regolatorju; jirrimarka li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiżgura ambjent ġust u kompetittiv b'konformità mal-politika tal-kompetizzjoni;

***Riskji sistemiċi***

49. Jinnota l-medda ta' żviluppi ġodda, li jippreżentaw kemm punti ta' saħħa kif ukoll possibiltà ta' tħassib inklużi tekniki innovattivi ta' tnaqqis tar-riskju, it-tkabbir sostanzjali tas-swieq tal-kreditu derivattivi, iż-żieda sistemika fl-importanza ta' gruppi kbar finanzjarji panEwropej, u r-rwol dejjem jikber ta' istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji bħal hedge funds u l-ekwità privata;

50. Jinnota li dawn il-bidliet tas-suq jolqtu wkoll in-natura, is-sors u t-trasferiment ta' riskju sistemiku, u għalhekk l-effettività ta' strumenti li jnaqqsu r-riskju eżistenti ex-ante; u għalhekk jitlob li jkun hemm identifikazzjoni u evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza tas-sorsi ta' riskji sistemiċi u tad-dinamiki bażiċi tal-kriżijiet finanzjarji f'dan il-kuntest;

51. Huwa mħasseb li l-qafas ta' superviżjoni attwalment bbażat nazzjonalment u settorjalment jista' potenzjalment ifalli li jżomm il-pass mad-dinamiċi tas-suq finanzjarju u jenfasizza li għandu jkollu riżorsi, ikun ikkordinat u legalment intitolat biex jieħu azzjonijiet adegwati u rapidi f'każijiet ta' kriżi sistematika kbira li tolqot aktar minn Stat Membru wieħed;

52. Japprezza d-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji sabiex jibda eżerċizzju ta' kriżi li jeżamina kemm hi xierqa r-reazzjoni tas-sorveljanti prudenzjali, tal-ministri tal-finanzi u l-banek ċentrali, u jinkoraġġixxi lill-grupp ta' ħidma konġunt imwaqqaf bħala riżultat, sabiex jagħmel konklużjonijiet kuraġġużi, anke fil-każ li dawn ikunu politikament sensittivi;

53. Jilqa' b'sodisfazzjoni r-rapport reċenti mill-Kummissjoni li tevalwa d-Direttiva 2002/47/KE dwar l-arranġamenti kollaterali finanzjarji (FCD) (COM(2006)0833); jinnota l-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-proċedura ta' "close-out netting" biex jitnaqqas ir-riskju tal-kreditu u tiżdied l-effiċjenza fis-swieq finanzjarji, kif ukoll allokazzjoni iżjed effiċjenti tal-kapital regolatorju, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tfassal proposta għat-titjib tal-konsistenza ta' l-*acquis* fir-rigward ta' l-istrumenti varji tal-Komunità, inkluża l-FCD, li fiha dispożizzjonijiet dwar in-'netting' u s-'set-off', possibilment billi tiżviluppa strument waħdieni li jistipula sett ta' prinċipji fundamentali komuni għal kull reġim legali nazzjonali għall-'close-out netting';

### *L-istruttura tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni*

54. Jilqa' b'sodisfazzjoni x-xogħol li sar mill-Kumitati Ewropej tar-Regolaturi (is-CESR, il-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti Bankarji (CEBS), u l-Kumitat Ewropew għas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (CEIOPS)) fil-konsultazzjoni mas-swieq, fil-pariri lill-kumitati tat-tieni livell tal-Kunsill u l-Kummissjoni, u fuq kollox fil-progress sabiex ikun hemm konverġenza tal-prattiki regolatorji u ta' sorveljanza, mingħajr, madankollu ma jmorru lilhinn mill-mandat tagħhom jew jippruvaw jieħu post il-leġiżlaturi; huwa konvint li dan l-isforz għandu jkun imħeġġeġ u li dawn il-kumitati jridu jkunu mħaddma u mgħammra b'mod adegwat għall-hidma li dahlu għaliha;

55. Iħeġġeġ lill-Kumitati tat-tielet livell (L3) sabiex itejbu l-konsistenza transsettorjali tar-regolamentazzjoni prudenzjali u r-regoli ta' sorveljanza tal-gruppi għal gruppi finanzjarji kbar li jkollhom x'jaqsmu ma' l-istess prodotti jew simili, u, wara konsultazzjoni ma' min hu konċernat u wara proċedura xierqa, jagħtu pariri lil-leġiżlaturi dwar fejn ikun meħtieġ li jirrevedu r-regoli; iħeġġiġhom ukoll biex jiżguraw li l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu ugwalment sorveljati fuq bażi funzjonali fl-Istati Membri kollha;

56. Jistieden lill-kumitati tat-tieni u t-tielet livell biex irażżnu d-diskrezzjoni nazzjonali u l-'gold-plating' f'konformità mal-leġiżlazzjoni bażika ta' l-ewwel livell, iżda biex jieħdu kont tal-pekuljaritajiet nazzjonali u partikolarment il-fatturi strutturali tas-swieq individwali; jissuġġerixxi li fil-kuntest tal-ħidma ta' l-IIMG, issir reviżjoni dwar jekk ikunx utli jekk il-kumitati tat-tielet livell ikunux jistgħu joperaw dejjem aktar fuq il-bażi tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'xi forma ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata meta l-prinċipji jkunu għadhom ma ġewx definiti; jissuġġerixxi li l-kumitati tat-tielet livell jingħataw mandat mill-Parlament u l-Kunsill biex joħroġu bi pjanijiet konkreti għall-koperazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri li hemm qbil dwarhom, possibilment bl-użu tar-riżorsi baġitarji ta' l-UE; jirrakkomanda li l-mandat u s-setgħat rispettivi tal-kumitati tat-tieni u t-tielet livell ta' Lamfalussy jiġu definiti b'mod aktar preċiż sabiex jirriflettu l-bżonn ta' progress lejn konverġenza akbar tal-prassi tagħhom u li jitħallew jieħdu, fi ħdan il-mandat ta' l-attivitajiet tagħhom, deċiżjonijiet li jorbtu *vis à vis* l-membri tagħhom, u li l-proċess ta' konsultazzjoni ma' l-industrija jkollu aktar rispons mill-intrapriżi medji u żgħar u mill-investituri;

57. Jenfasizza l-importanza ta' sistema Ewropea integrata ta' koperazzjoni nazzjonali u ta' superviżjoni settorjali, kapaċi li tiżgura superviżjoni effiċjenti kemm tal-parteċipanti finanzjarji kbar u kemm ta' l-entitajiet lokali li għandhom l-għeruq fit-tradizzjonijiet nazzjonali; jenfasizza li s-sorveljanti kollha għandhom jikkunsidrau dawn it-tradizzjonijiet fil-mod ta' kif tkun l-kondotta tagħhom ta' superviżjoni tan-negozju fuq il-post; jilqa' l-koperazzjoni dejjem tikber tal-kumitati tat-tielet livell CEBS, CESR u CEIOPS u l-fatt li issa qegħdin jippubblikaw annwalment programmi konġunti ta' ħidma;

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

58. Jinnota li sabiex ikun hemm superviżjoni effettiva tar-riskji sistemiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, is-sistema attwali ta' koperazzjoni jista' jkollha bżonn li tisaħħaħ, u jinkoraġġixxi iżjed koordinazzjoni b'mod partikulari fir-rigward ta' sorveljanza tar-riskju prudenzjali ta' entitajiet multi-ġurisdizzjonali u transsettorjali u ta' konglomerati finanzjarji; jinkoraġġixxi ftehimiet u kodiċi ta' kondotta bejn Stati Membri u banek ċentrali dwar l-iffinanzjar bankarju ta' din is-sistema ta' sorveljanza prudenzjali, rigward obbligi ta' "bail-out" u dwar istituzzjonijiet li jsellfu meta l-ebda istituzzjoni oħra ma tkun trid issellef (lender-of-the-last-resort) għal bosta każi fejn ikunu involuti bosta Stati Membri u iżjed sorveljanti; jinnota li, biex isir ġudizzju dwar jekk is-sistema preżenti tipprovdix sorveljanza vera tar-riskji sistematiċi u prudenzjali ta' l-aqwa parteċipanti fis-suq, huwa meħtieġ li l-arranġamenti L2 u L3, li huma relattivament ġodda, jingħataw iż-żmien biex isibu saqajhom u, fl-istess ħin, li jitħares lejn ix-xewqa u l-fattibilità ta' twettiq fil-livell ta' l-UE ta' sorveljanza prudenzjali fejn meħtieġ fil-ġejjieni;

59. Jifhem għalfejn l-Istati Membri jixtiequ jippermettu l-arranġamenti l-ġodda ż-żmien biex jiġu implimentati u eżaminati qabel ma jikkunsidraw xi passi ulterjuri lejn il-konverġenza; jirrimarka li, jekk ma jsirx progress f'din id-direzzjoni, tista' tikber il-pressjoni għall-kunsiderazzjoni ta' arranġament ta' superviżjoni ċentralizzata; jenfasizza, għalhekk, li f'dawn iċ-ċirkostanzi, konverġenza akbar fis-sorveljanza u l-koperazzjoni bejn is-sorveljanti li jospitaw u dawk ta' oriġini fi ħdan l-istrutturi eżistenti jsiru kwistjonijiet ta' importanza partikolari;

60. Jilqa' b'sodisfazzjon il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali li jimmiraw biex jużaw aħjar ir-riżorsi ta' sorveljanza, biex jiżviluppaw il-prattika tas-sorveljanza, u biex inaqqsu l-piż li s-sorveljanza timponi fuq is-suq; huwa pożittiv dwar il-kulleġġi ta' sorveljanti li għandhom x'jaqsmu ma' konglomerati finanzjarji multi ġurisdizzjonali u dwar il-proġett ta' netwerking operattiv li s-CEBS bdiet reċentement; jistieden lil dawn il-kulleġġi ta' sorveljanza biex jiżviluppaw kultura uniformi Ewropea ta' superviżjoni u biex jiddeterminaw eżattament fejn jinsabu l-limiti ta' koperazzjoni voluntarja bħal din meta jitfaċċaw sitwazzjonijiet vera ta' kriżi; jinnota, madankollu li dawn il-kulleġġi jonqoshom il-mandati nazzjonali sabiex jittrasferixxu l-kompetenzi, jaċċettaw deċiżjonijiet tal-maġġoranza, jew sempliċiment ipoġġu riżorsi u għarfien biżżejjed fix-xogħol tal-kulleġġ; għalhekk jirrimarka l-ħtieġa li jiġi definit il-qafas u l-mandati nazzjonali għall-koperazzjoni u jistenna lill-kulleġġi ta' sorveljanza u l-proġett ta' netwerking operattiv biex jipprovdu soluzzjonijiet prattiċi meħtieġa (memoranda ta' spjegazzjoni) għas-sorveljanza ta' gruppi transkonfinali fi ħdan qafas ta' żmien qasir;

61. Jenfasizza li l-koperazzjoni superviżorja bejn dawk li jospitaw u dawk ta' oriġini hija l-iżjed element sinifikanti fl-istabbiliment tas-suq finanzjarju uniku. jinnota b'mod partikulari, li fil-qasam tal-proċess ta' l-approvazzjoni superviżorja għall-mergers u l-akkwisti hemm ħafna xi jsir biex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' konglomerati finanzjarji li jaħdmu b'mod effiċjenti b'ekonomiji ta' skala usa'. jinsisti li x-xenarju tas-suq bankarju tal-pajjiż fejn l-entità finanzjarja miksuba tkun ibbażata trid titqies kif jixraq;

62. Jikkunsidra li allokazzjoni aktar preċiża tar-rwoli bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-kumitati tat-tielet livell (L3) hija mixtieqa; jikkunsidra wkoll li sabiex ikun hemm sorveljanza aktar b'saħħitha (speċjalment fejn hemm rabta ċara ma' kwistjonijiet ta' kompetizzjoni), huma meħtieġa livelli għolja ta' indipendenza u newtralità, li ma jistgħux jiġu kkombinati tajjeb ma' profil politiku eċċessiv; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom jinkuraġġixxu l-konverġenza tas-setgħat ta' sorveljanti nazzjonali, speċjalment fejn jidħlu penali; iqqis li konverġenza akbar fost is-sorveljanti għandha tiffaċilità l-kummerċ tal-kumpaniji li issa huma suġġetti għal aktar minn regolatur wieħed; jenfasizza li l-akbar sfida f'termini ta' koperazzjoni prattika tinsab f'idejn il-kumitati tat-tielet livell; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' programmi ta' taħriġ għas-sorveljanti tas-suq finanzjarju għal dan il-għan u jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra safejn jistgħu jiġu stabbiliti l-istandards għall-UE kollha għat-taħriġ ta' sorveljanti nazzjonali fiż-żamma u l-promozzjoni ta' kultura ta' sorveljanza Ewropea komuni;

63. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji biex iwaqqaf sottogrupp tal-Kumitat għas-Servizzi Finanzjarji dwar kwistjonijiet ta' sorveljanza fit-tul, li wasal biex jirrapporta f'Ottubru 2007; jistenna li dak il-grupp jagħmel evalwazzjoni ġusta tas-sitwazzjoni preżenti; flimkien mar-rapport finali tal-IIMG li huwa wkoll mistenni fil-Ħarifa 2007, ir-rapport tal-Parlament u r-rapport ta' segwitu mistenni mill-Kummissjoni jista' joħloq moviment għall-evalwazzjoni ta' l-isfidi li fadal għall-integrazzjoni u l-effettività tar-regolamenti finanzjarji u l-istruttura ta' sorveljanza, u jipprovdi impenn għal rakkomandazzjonijiet possibbli għal passi ulterjuri;

64. Jemmen bis-sħiħ li l-konverġenza ta' prattiki ta' superviżjoni tista' tinkoraġġixxi l-introduzzjoni ta' suq finanzjarju Ewropew bl-imnut;

65. Jistieden lill-IIMG biex jieħu perspettiva wiesgħa dwar l-isfidi u l-opportunitajiet li taffaċċja s-sistema Ewropea tas-sorveljanti u biex jikkontribwixxi għal dibattitu ulterjuri li jħares 'il quddiem fil-konklużjonijiet tiegħu;

***Impatt Globali***

66. Jemmen li aktar bilanċ min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea fil-konfront tat-tmexxija Amerikana jista' jsaħħaħ l-influwenza ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri fuq il-livell globali fir-rigward ta' l-awtorità tal-Kummissjoni għat-Titoli u l-Iskambju ta' l-Istati Uniti; huwa konvint li l-mudell ta' finanzjament u l-qafas tar-responsabilità ta' korpi li jirregolaw lilhom infushom bħall-Bord għall-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità, għandhom jiġu ċċarati; jittama li jkun possibbli wkoll li l-IMF jerġa' lura bħala awtorità monetarja globali u jipparteċipa biex jiġu evitati l-kriżijiet, jiggarantixxi l-istabilità finanzjarja, u jirranġa l-iżbilanċi globali;

67. Jemmen li s-sħubija Transatlantika għandha tiġi żviluppata u msaħħa billi tiżdied il-koordinazzjoni regolatorja; jenfasizza l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' Basel II mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti kif ukoll rikonoxximent reċiproku ta' standards ta' kontabilità ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti u jitlob għal aktar koperazzjoni demokratikament kkontrollata bejn l-UE u l-Istati Uniti fis-sorveljanza tax-xogħol tas-settur speċifiku tar-regolaturi ta' mezzi alternattivi ta' investiment bħall-hedge funds, u anki ma' l-IOSCO u l-awtoritajiet kompetenti fis-suq, fejn fondi bħal dawn huma komuni u bħala parti mid-djalogu bejn l-UE u l-Istati Uniti. jappoġġja l-inizjattiva tas-Sħubija Ekonomika Transatlantika tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill (Transatlantic Economic Partnership, TEP), li timmira biex tippromwovi l-koordinazzjoni regolatorja transatlantika u li jiġu evitat rduppjar żejjed, u possibilment anki inkonsistenzi, fir-regoli li japplikaw għall-parteċipanti fis-suq finanzjarju;

68. Jemmen li r-reazzjonijiet regolatorji komparabbli fis-swieq finanzjarji ewlenin huma adegwati fid-dawl ta' diversi sfidi u riskji globali ġodda; huwa konxju li r-regolament tal-Komunità għandu impatt fuq ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżomm djalogu intens u kooperazzjoni teknika bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex tiżgura l-effiċjenza u l-kwalità ta' l-oqsfa tas-servizzi finanzjarji globali, legali u regolatorji;

69. Jiġbed l-attenzjoni tar-rwol prinċipali ta' l-Unjoni Ewropea fix-xogħol attwali fuq il-qafas Solvency II u jistenna li dan jinfluwenza l-istruttura regolatorja globali u l-attivitajiet li jwaqqfu l-istandards ta' l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni;

70. Huwa tal-fehma li l-Unjoni għandha tieħu atitudini kostruttiva u miftuħa fil-konfront tal-qawmien ekonomiku tal-Grigal ta' l-Ażja, u b'mod partikolari l-Indja, iċ-Ċina u l-Korea t'Isfel, u żżomm milli timponi kwalunkwe miżura ta' protezzjoni fuq il-livell tal-Komunità jew fuq dak nazzjonali; jappoġġja l-inizjattivi biex jinħolqu standards globali komuni għas-servizzi finanzjarji bħal, pereżempju, il-laqgħat annwali taċ-China Round Table dwar is-Servizzi Finanzjarji u r-Regolamentazzjoni (EU-China Round Table on Financial Services and Regulation);

*

* *

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej, lill-Kumitat tas-Sorveljanti Bankarji Ewropej, u lill-Kumitat Ewropew tas-Sorveljanti ta' l-Assikurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol.

**P6_TA(2007)0339**

## L-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tiffaċċja l-isfidi tas-seklu 21 (2007/2023(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-ILO C87 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-protezzjoni tad-dritt ta' organizzazzjoni (1948), il-Konvenzjoni ta' l-ILO C98 dwar id-dritt ta' organizzazzjoni u ta' negozjar kollettiv (1949) u r-Rakkomandazzjoni ta' l-ILO R198 rigward ir-relazzjoni ta' l-impjieg (2006),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol [1],

[1] ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-Mudell Soċjali Ewropew għall-futur li ttenni l-valuri komuni Ewropej ta' l-uġwaljanza, tas-solidarjetà, tan-non-diskriminazzjoni u tar-ridistribuzzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 136 sa 145 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 15, 20 u 27 sa 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea ([2]), b'mod partikulari d-drittijiet għal protezzjoni f'każ ta' tkeċċija mhux iġġustifikata u tal-kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol,

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġejjieni tal-politika soċjali fl-Unjoni Ewropea mkabbra ta' Mejju 2004,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħdima ta' l-istaff tal-Kummissjoni bit-titolu "Programm Komunitarju ta' Liżbona: Rapport tekniku implimentattiv 2006" u l-implimentazzjoni tiegħu (SEC(2006)1379),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Aġenda Soċjali (COM(2005)0033),

— wara li kkunsidra l-programmi ta' riforma ta' Liżbona kif ippreżentati mill-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Ewropa Globali: Kompetizzjoni Dinjija" (COM(2006)0567),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u għax-Xogħol (2005-2008) (COM(2005)0141),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza ta' Marzu 2000, Marzu 2001, Marzu u Ottubru 2005 u Marzu 2006,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 rigward il-ftehim ta' qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluża mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-23 ta' Marzu 2006 dwar l-isfidi demografiċi u s-solidarjetà bejn ġenerazzjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' għoti ta' servizzi ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar l-applokazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-issekondar ta' ħaddiema ([6]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-ILO dwar il-Ħaddiema Migranti (Dispożizzjonijiet Supplimentari), 1975,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-ILO ta' l-Aġenziji Privati ta' l-Impjieġ, 1997,

— wara li kkunsidra l-aġenda tax-xogħol deċenti ta' l-ILO,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu Il-promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd: Il-kontribuzzjoni ta' l-UE fl-implimentazzjoni ta' l-aġenda tax-xogħol deċenti fid-dinja, (COM (2006)0249),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE ta' l-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ħlas indaqs għall-irġiel u n-nisa ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ([8]),

([1]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 141.
([2]) ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
([3]) ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43.
([4]) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 131.
([5]) ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
([6]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0463.
([7]) ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19.
([8]) ĠU L 39, 14.2.1976, p. 40.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u fis-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol ta' ħaddiema li jinsabu waqt tqala u ta' ħaddiema li jkunu welldu riċentement jew li jkunu qed iraddgħu (l-għaxar Direttiva individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 dwar l-istabbiliment tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew ta' proċedura fl-intrapriżi fuq skala Komunitarja u fi gruppi ta' intrapriżi fuq skala Komunitarja bl-għan li jinfurmaw u jagħtu konsultazzjoni lill-impjegati ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/73/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjiegi, għat-taħriġ vokazzjonali u għall-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 rigward il-Ftehim ta' Qafas dwar xogħol part-time konkluż mill-UNICE, mis-CEEP u mill-ETUC — Anness: Ftehim ta' Qafas dwar xogħol part-time ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0247/2007),

A. billi, fi żmien ta' globalizzazzjoni u progress teknoloġiku mgħaġġel, bidla demografika u tkabbir sinifikanti fis-settur tas-servizzi, fejn meħtieġ, it-titjib tal-liġi Ewropea tax-xogħol biex jiġi meqjus ir-rekwiżit għaż-żieda fil-flessibilita? mitluba mill-ħaddiema u minn min iħaddem, kif ukoll ix-xewqa għal aktar sigurta? għall-ħaddiema ser jiżguraw li kemm l-intrapriżi kif ukoll l-impjegati huma kapaċi jadattaw b'suċċess, biex b'hekk jissaħħu l-valuri tal-Mudell Soċjali Ewropew mill-ġdid,

B. billi t-tkabbir ekonomiku hu wieħed mill-kundizzjonijiet fundamentali għal tkabbir sostenibbli ta' l-impjiegi, u billi l-politiki soċjali, meta mfassla kif suppost, m'għandhomx jitqiesu bħala spiża, anzi jistgħu jkunu fattur pożittiv fit-tkabbir ekonomiku ta' l-Unjoni Ewropea biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-aġenda ta' Liżbona,

C. billi l-Unjoni Ewropea mhix biss żona ta' kummerċ ħieles imma wkoll komunità ta' valuri komuni u, b'konsegwenza t'hekk, il-liġi tax-xogħol għandha tirrifletti dawn il-valuri, u billi l-prinċipji bażiċi tal-liġi tax-xogħol li żviluppaw fl-Ewropa jibqgħu validi; billi l-liġi tax-xogħol tipprovdi ċertezza legali u protezzjoni għall-ħaddiema u għal min jimpjega permezz ta' leġiżlazzjoni jew ta' ftehim kollettiv, jew ta' kombinazzjoni tat-tnejn, u billi tirregola l-bilanċ ta' poter bejn il-ħaddiema u min jimpjega, u billi s-suċċess ta' kull bidla fil-liġi tax-xogħol ser tkun ikbar jekk il-ħaddiema jħossuhom aktar sikuri u billi s-sigurtà tiddependi wkoll fuq kemm huwa faċli li wieħed isib xogħol ġdid,

D. billi l-moviment ħieles tal-ħaddiema hu wieħed mill-prinċipji fundamentali ta' l-UE kif stipulat fl-Artikolu 39 tat-Trattat tal-KE u billi din il-libertà fundamentali għandha timxi id f'id ma' implimentazzjoni effiċjenti tar-regoli li jiżguraw il-prinċipju ta' ħlas indaqs għall-istess xogħol,

E. billi forom ġodda ta' kuntratti li m'humiex standard u ta' kuntratti standard flessibbli (eż. kuntratti għal part-time, kuntratti għal żmien fiss, kuntratti temporanji permezz ta' aġenziji ta' l-impjieg, kuntratti "freelance" rikorrenti u kuntratti ta' proġetti), li wħud minnhom m'humiex ta' natura sikura, illum qed isiru aktar komuni fis-suq tax-xogħol Ewropew,

---

([1]) ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12.
([3]) ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64.
([4]) ĠU L 269, 5.10.2002, p. 15.
([5]) ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9.

F. billi forom ta' relazzjonijiet kuntrattwali bħal dawn, jekk akkumpanjati bil-garanziji neċessarji għas-siġurtà ta' l-impjegat, jistgħu jikkontribwixxu sabiex jipprovdu l-adattabilità meħtieġa għan-negozji fil-kuntest internazzjonali ġdid u fl-istess ħin jikkontribwixxu għar-rispons ta' bżonnijiet speċifiċi ta' l-impjegati għal bilanċ differenti bejn il-ħajja personali u familjari, u t-taħriġ professjonali,

G. billi 60 % ta' l-impjiegi ġodda li nħolqu fl-Unjoni Ewropea sa mis-sena 2000 huma impjiegi part-time, u billi 68 % tal-ħaddiema part-time huma sodisfatti bil-ħinijiet tax-xogħol tagħhom, billi, madankollu, dan il-livell ta' sodisfazzjon huwa marbut sew mal-livell ta' protezzjoni li jingħata lill-ħaddiema part-time permezz tal-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali,

H. billi x-xogħol part-time huwa karatteristika predominanti ta' l-impjieg femminili, peress li ħafna drabi huwa strateġija ta' kompromess li n-nisa jsegwu minħabba n-nuqqas ta' faċilitajiet aċċessibili u li jistgu jintlaqu għall-kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti,

I. billi l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, sal-ġurnata tal-lum għadha ma laħqitx l-għanijiet tagħha u d-differenza tal-pagi bejn is-sessi u n-nuqqas ta' dispożizzjonijiet rigward ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja, u s-servizzi pubbliċi għall-kura tat-tfal, jibqgħu t-tħassib ewlieni għall-ħaddiema Ewropej,

J. billi l-impjieg temporanju kiber aktar malajr fl-Istati Membri fejn saru ħafna bidliet tar-regoli relevanti biex jiġi inkoraġġut l-impjieg temporanju u billi impjieg li m'huwiex standard ji sta' jkun ta' benefiċċju jekk jissodisfa ċ-ċirkustanzi ta' ħaddiema u jkun volontarju; imma billi, fil-preżent, ħafna mill-impjiegi li m'humiex standard m'humiex qed jintgħażlu u ħafna ħaddiema qed jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' xogħol fundamentali u ta' drittijiet soċjali, qed jiġi sottovalutat il-prinċipju ta' trattament indaqs,

K. K billi s-servizzi pprovduti minn aġenziji temporanji ġew esklużi mill-ambitu tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([1]),

L. billi 60 % ta' dawk li għamlu arrangamenti kuntrattwali mhux standard fl-1997 kellhom kuntratti standard fl-2003, jindika li wara sitt snin, 40 % tal-ħaddiema li m'humiex standard għad ma għandhomx stat ta' impjieg sħiħ wara sitt snin; billi dan jikkonċerna b'mod partikulari liż-żgħażagħ li dejjem aktar qed jidħlu fid-dinja tax-xogħol permezz ta' pożizzjonijiet b'kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali li huma ħafna inqas sikuri mill-medja, u li dejjem aktar qed jirriskjaw li jibqgħu maqbudin fuq l-għatba tas-suq tax-xogħol,

M. billi t-tkabbir riċenti f'kuntratti li m'humiex standard ġab miegħu differenzi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fejn għandhom x'jaqsmu s-saħħa u s-sikurezza li jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet agħar u għal rati ogħla ta' inċidenti,

N. billi, minħabba li l-inugwaljanzi jiġġeneraw spejjeż ekonomiċi diretti u indiretti u — għal kuntrarju — trattament indaqs jiġġenera vantaġġi kompetittivi, l-istabbiliment ta' trattament indaqs jikkostitwixxi kontribuzzjoni strateġika ewlenija għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku; billi, barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea ma tistax taffordja li tgħaddi mingħajr l-enerġija u l-kapaċità produttiva tan-nisa, li jagħmlu nofs il-popolazzjoni,

O. billi issa n-nisa qed jaffaċċjaw tliet rabtiet, i.e. li jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, li jġibu aktar tfal fid-dinja, u li jieħdu aktar responsabbiltajiet ta' aktar kura fil-familji tagħhom; billi kważi dejjem in-nisa huma meħtieġa jagħmlu l-kompromessi neċessarji biex jakkomodaw ix-xogħol għall-bżonnijiet tal-familja u li jġarrbu livelli għoljin ta' stress u anzjetà minħabba l-kombinazzjoni ta' l-irwoli tax-xogħol u tal-kura tal-familja,

P. billi huwa fatt li mijiet ta' eluf ta' nisa m'għandhom l-ebda għażla oħra ħlief li jaċċettaw kundizzjonijiet irregolari ta' l-impjieg, peress li huma ħaddiema domestiċi barra minn darhom jew peress li jkollhom responsabbiltajiet ta' kura għall-membri anzjani fil-familja,

Q. billi ħaddiema li għandhom kuntratti li m'humiex standard jistgħu jkunu f'riskju ogħla mill-kollegi tagħhom f'forom oħra ta' impjieg minħabba nuqqas ta' taħriġ, nuqqas ta' tagħrif dwar ir-riskji u nuqqas ta' kuxjenza dwar id-drittijiet tagħhom,

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

R. billi l-ħaddiema kollha għandhom jibbenefikaw minn sigurtà u protezzjoni adegwati ta' l-impjieg, indipendentement mill-arrangamenti kuntrattwali tagħhom,

S. billi f'numru ta' Stati Membri n-negozjar kollettiv jgħin lis-suq tax-xogħol jopera b'mod flessibbli u huwa element ewlieni tal-liġi tax-xogħol kif ukoll għodda regolatorja essenzjali; billi l-kundizzjonijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet industrijali jridu jiġu rispettati u t-tradizzjonijiet ta' relazzjonijiet industrijali u l-livell ta' sħubija fi trejdjunjin ivarja bejn l-Istati Membri; billi l-Istati Membri għandhom jippromwovu djalogu bejn l-imsieħba soċjali f'kull livell għaliex dan jista' jkun mezz ta' għajnuna effettiv biex isiru r-riformi xierqa fil-liġi tax-xogħol,

T. Billi l-azzjoni fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea trid tirrispetta l-kompetenza ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; u billi l-Kummissjoni trid tipproponi inizjattivi meta dan huwa kunsidrat neċessarju biex tappoġġja sistema ta' standards soċjali minimi applikabbli madwar l-Unjoni, fuq il-bażi ta' l-acquis Komunitarju,

U. billi sabiex jintlaħqu l-isfidi ekonomiċi attwali, l-Unjoni Ewropea trid tagħmel milli ti sta' biex tiżgura l-istabilità tas-swieq tax-xogħol ta' l-Istati membri, tagħti rispons għas-sitwazzjonijiet ta' tkeċċija fuq skala kbira ta' ħaddiema żejda f'ċertu setturi u tipprovdi liċ-ċittadini tagħha bl-livell ogħla minn qabel ta' saħħa u ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol, li huwa essenzjali għall-manteniment f'armonija tal-kundizzjonijiet ta' l-għejxien b'dinjità umana b'valuri fundamentali Ewropej,

V. billi l-livell għoli ta' qagħad fl-Ewropa huwa falliment li jitlob għal azzjonijiet li jagħmluha aktar faċli għan-nies li jidħlu fis-suq tax-xogħol, li tiżdied il-mobilità u li l-ħaddiema jiġu megħjuna jbiddlu x-xogħol mingħajr ma jissagrifikaw is-sigurtà; billi l-prijorità għandha tkun li jinħoloq ambjent li jkattar il-ħolqien ta' xogħlijiet ġodda addizzjonali ta' kwalità aħjar;

1. Jilqa' l-approċċ il-ġdid għal-liġi tax-xogħol li għandu l-għan li jkopri lill-ħaddiema kollha irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom;

2. Jilqa' id-diskussjonijiet dwar il-bżonn li itjieb il-liġi tax-xogħol sabiex jintlaħqu l-isfidi tas-seklu 21, li jfisser li l-impjegati u min iħaddem jeħtieġu bl-istess mod flessibilita? akbar u l-ħtieġa li tiġi provduta sigurta? akbar minn dik li attwalment hija assoċjata ma' forom ta' xogħol mhux standard, u sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' ħaddiema dgħajfin, sabiex jinħolqu iktar impjiegi ta' kwalità aħjar u koeżjoni soċjali ikbar u b'hekk jgħinu sabiex jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona; iqis li t-titjib tal-liġi tax-xogħol għandu jkun konsistenti mal-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'riferenza partikolari għal Titolu IV u għandu jirrispetta u jissalvagwardja l-valuri tal-mudell soċjali Ewropew u tad-drittijiet soċjali stabbiliti;

3. Jilqa' il-varjetà wiesgħa tat-tradizzjonijiet tax-xogħol, tal-kuntratti u tal-mudelli tan-negozju li jeżistu fis-swieq tax-xogħol;

4. Jitlob li jkun hemm arranġamenti kuntrattwali flessibbli u sikuri fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni moderna tax-xogħol;

5. Iqis li fost il-prijoritajiet għar-riforma tal-liġi tax-xogħol fl-Istati Membri hemm:

a) l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni bejn diversi sitwazzjonijiet ta' xogħol u qgħad;

b) l-assigurazzjoni ta' protezzjoni xierqa għall-ħaddiema f'forom ta' xogħol mhux standard;

c) il-kjarifikazzjoni tas-sitwazzjoni ta' xogħol dipendenti u l-kwistjonijiet mhux ċari bejn impjegati għal rashom u impjegati li għandhom relazzjoni tax-xogħol dipendenti;

d) it-teħid ta' azzjoni kontra xogħol mhux iddikjarat;;

6. Jenfasizza l-prijorita? soċjali u ekonomika li jkun hemm aktar nies impjegati sabiex l-ekonomija Ewropea tkun tista' tikkompeti globalment u biex twettaq il-wegħdiet tas-sigurtà soċjali; jenfasizza li l-qgħad għoli fl-Ewropa llum idgħajjef il-ġid u l-prosperita? fil-ġejjieni kif ukoll il-kompetittivita? Ewropea, u aktar importanti, joħloq segregazzjoni soċjali

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

7. Jiddispjaċih madanakollu li l-imsieħba soċjali ma kinux ikkonsultati kif stipulat fl-Artikolu 138 tat-Trattat KE, meta wieħed iqis li l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Modernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tiffaċċa l-isfidi tas-seklu 21"(COM(2006)0708) b'mod ċar għandha implikazzjonijiet importanti għall-qasam tal-politika soċjali;

8. Iqis li, jekk il-liġi tax-xogħol għandha tilħaq l-isfidi tas-seklu 21, hija għandha tiffoka l-iktar fuq is-sigurtà tax-xogħol matul il-ħajja ta' ħaddiem milli fuq il-protezzjoni ta' impjiegi partikolari, b'tali mod li jkun eħfef kemm biex wieħed jidħol u kemm biex jibqa' fis-suq tax-xogħol u sabiex persuna tibdel minn sitwazzjoni ta' qgħad għal sitwazzjoni ta' impjieg u minn impjieg għal ieħor permezz ta' l-użu ta' politiki attivi tax-xogħol li jiffukaw kemm fuq l-iżvilupp tal-kapital uman, biex titkabbar l-impjegabilita?, u kemm fuq il-ħolqien ta' klima ta' sostenn għan-negozju kif ukoll fuq it-titjib tal-kwalità ta' l-impjiegi;

9. Iqis li r-relazzjonijiet tax-xogħol li jikkaratterizzaw l-impjieg u l-attività professjonali taċ-ċittadini kienu suġġetti għal tibdiliet kbar matul l-aħħar għaxar snin u jinnota li l-kuntratt "full-time" permanenti huwa l-forma komuni tar-relazzjoni tax-xogħol u għalhekk għandu jidher bħala riferenza għall-applikazzjoni koerenti u konsistenti tal-prinċipju kontra d-diskriminazzjoni; għalhekk jemmen li l-liġi Ewropea tax-xogħol għandha ssaħħaħ tirrikonoxxi l-kuntratti tax-xogħol li huma għal żmien indefinit bħala l-forma ġenerali tax-xogħol li tipprovdi protezzjoni xierqa tas-saħħa u tax-xogħol u li tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali;

10. F'dan ir-rigward, jirrikonoxxi l-bżonn sabiex l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol ikunu flessibbli biżżejjed li jissodisfaw il-bżonnijiet kemm ta' l-impjegaturi u kemm ta' l-impjegati sabiex ix-xogħol u l-ħajja tal-familja jkunu bbilanċjati kif ukoll sabiex tkun issalvagwardjata l-kompetittività u sabiex titjieb is-sitwazzjoni tax-xogħol fl-Ewropa, mingħajr ma tkun abbandunata s-saħħa tal-ħaddiema;

11. Ma jaqbel xejn mal-qafas analitiku ppreżentat fil-Green Paper li tgħid li l-kuntratt tax-xogħol standard u mhux definit issa ma għadux applikabbli, li jżid is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u d-differenza bejn ħaddiema integrati (insiders) u ħaddiema esklużi (outsiders) u għalhekk għandu jkun meqjus bħala ostakalu għat-tkabbir tax-xogħol u għat-titjib tad-dinamiżmu ekonomiku;

12. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tax-xogħol hija effiċjenti, ġusta u b'saħħitha biss jekk tkun implimentata mill-Istati Membri kollha, applikata bl-istess mod għal parteċipanti ewlenin kollha u kkontrollata fuq bażi regolari u b'mod effiċjenti; jitlob li fi ħdan l-inizjattiva "Leġiżlazzjoni Aħjar", il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-irwol tagħha bħala Gwardjana tat-Trattat dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali u tax-xogħol;

13. Jinnota li studji riċenti ta' l-OECD u studji oħra wrew li ma hemm l-ebda evidenza għall-argument li t-tkabbir ta' l-impjiegi jkun iffaċilitat billi titnaqqas il-protezzjoni f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata u jiddgħajfu l-kuntratti standard tax-xogħol; jinnota li l-eżempju tal-pajjiżi Skandinavi b'mod ċar juri li livell għoli ta' protezzjoni f'każ ta' tkeċċija mhux ġustifikata u ta' l-standards tax-xogħol huwa kompatibbli b'mod sħiħ mat-tkabbir għoli ta' l-impjiegi;

14. Jinnota li ċerti forom ta' kuntratti mhux standard, jiddependi minn kemm huma kbar l-għeruq tagħhom fil-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-provvediment ta' tagħlim tul il-ħajja u l-opportunitajiet ta' taħriġ, jistgħu jikkontribwixxu kemm għat-titjib tal-kompetittività ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea u anke sabiex jissodisfaw il-bżonnijiet differenti tal-ħaddiema b'kunsiderazzjoni għall-istadju tal-ħajja li jkunu jinsabu fih il-ħaddiema u l-prospetti ta' xogħol tagħhom; fl-istess ħin jirrikonoxxi li forom ta' xogħol li mhumiex standard imorru id f'id ma' appoġġ għal ħaddiema li jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet ta' tranżizzjoni minn impjieg għall-ieħor, jew minn status ta' xogħol wieħed għall-ieħor; jinnota wkoll li sabiex din it-tranżizzjoni ssir iktar mgħaġġla u sostenibbli, hemm bżonn li tingħata attenzjoni lill-intervent attiv li jippermetti lill-ħaddiema li jkunu reġgħu daħlu fis-suq tax-xogħol sabiex ikunu intitolati għal xi tip ta' appoġġ finanzjarju waqt il-perjodu ta' taħriġ u kwalifikazzjoni mill-ġdid li hu assolutament neċessarju għalihom sabiex isiru impjegabbli;

15. Jenfasizza li l-Green Paper għandha tiffoka fuq il-liġi tax-xogħol innifisha;

16. Jinnota li l-Kummissjoni qed tiffoka fuq il-liġi tax-xogħol individwali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi liġi tax-xogħol kollettiva bħala wieħed mill-mezzi kif iżżid kemm il-flessibilità u kemm is-sigurtà għall-impjegati u l-impjegaturi;

17. Jemmen bi sħiħ li kwalunkwe forma ta' xogħol kemm jekk mhux xogħol standard u kemm jekk hu, għandha jkollha numru ta' drittijiet irrispettivament mill-istejtus speċifiku tax-xogħol li għandhom jinkludu: trattament indaqs, protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u dispożizzjonijiet dwar il-ħin tax-xogħol/tal-mistrieħ, dritt għall-assoċjazzjoni u r-rappreżentazzjoni, innegozjar kollettiv, azzjoni kollettiva u aċċess għat-taħriġ; fl-istess waqt jenfasizza li dawn l-oqsma għandhom jissaħħu b'mod xieraq fil-livell ta' l-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni għat-tradizzjonijiet differenti u ċ-ċirkustanzi soċjali u ekonomiċi f'kull pajjiż; jenfasizza li l-leġiżlazzjoni Ewropea ma tikkontradixxix il-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda għandha tkun ikkunsidrata bħala kumplimentarja;

18. Jinnota li parti fundamentali mil-liġi tax-xogħol f'ħafna Stati Membri u kif imħaddna fit-Trattat, hija d-dritt għal azzjoni industrijali, u li l-Kummissjoni stqarret waqt proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li ċerta forma speċifika ta' xi azzjonijiet kollettivi Nordiċi hija konformi mat-Trattat KE u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tosserva ftehimiet kollettivi bħala tip speċifiku tal-liġi tax-xogħol kif rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja;

19. Jitlob li l-ħaddiema kollha jkollhom aċċess għall-istess livell ta' protezzjoni u li ċerti gruppi ma jiġux esklużi awtomatikament mill-iktar livell wiesa' ta' protezzjoni, kif inhu ħafna drabi l-każ bħalissa għall-baħħara, l-ħaddiema fuq bastimenti u l-ħaddiema "offshore" kif ukoll għall-ħaddiema tat-trasport fit-toroq; jitlob li tiġi applikata leġiżlazzjoni effiċjenti għal kulħadd irrispettivament mill-post fejn jaħdem;

20. Jikkunsidra li piżijiet amministrattivi eċċessivi jistgħu jaqtgħu qalb impjegaturi milli jimpjegaw ħaddiema ġodda anke waqt żminijiet ta' tkabbir ekonomiku, biex b'hekk jeħżienu l-prospetti ta' xogħol u jżommu lura ħaddiema milli jidħlu fis-suq tax-xogħol. Jenfasizza li l-ħolqien ta' impjiegi huwa objettiv Ewropew ta' prijorità skond id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill ta' Liżbona fis-sena 2000;

21. Jinnota li t-tkabbir ta' l-ekonomija informali u speċjalment l-isfruttar tax-xogħol ta' ħaddiema mhux irreġistrati u jqis li l-aħjar metodi kif jiġi miġġieled dan il-fenomenu huwa billi tingħata attenzjoni lill-istrumenti u l-mekkaniżmi li jiġġieldu l-isfruttar inklużi iktar infurzar u infurzar aħjar tal-liġi tax-xogħol u l-istandards tax-xogħol, permezz ta' l-iffaċilitar tax-xogħol legali u billi tingħata attenzjoni lid-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema; jistieden lill-Istati Membri biex iressqu leġiżlazzjoni li timpedixxi l-isfruttament ta' ħaddiema dgħajfin minn gruppi kriminali u jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ħarisen tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Familji tagħhom u jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Bnedmin;

22. Jinnota bi tħassib kbir li l-Green Paper, filwaqt illi tirrikonoxxi li l-kundizzjonijiet attwali tas-suq tax-xogħol joħolqu nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi, pereżempju f'termini ta' differenzi fis-salarji bejn is-sessi u s-segregazzjoni okkupazzjonali u settorjali, tinjora totalment l-obbligi u r-responsabiltajiet taħt il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" (COM(2006)0092);

23. Jinnota, għal darb'oħra bi tħassib kbir, li l-Green Paper, minkejja li tirrikonoxxi li n-nisa jiffaċċjaw żbilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata tagħhom, tinjora l-bżonn urġenti għal azzjoni sabiex jiġu rikonċiljati l-ħajja professjonali u l-ħajja privata flimkien ma' l-isfidi demografiċi, kif inhu meħtieġ biex tkun konformi mal-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni demografiku ta' l-Ewropa (COM(2006)0571);

24. Jilqa' b'sodisfazzjon il-varjetà wiesgħa tat-tradizzjonijiet tax-xogħol, tal-forom kuntrattwali u tal-mudelli tan-negozju li jeżistu fis-swieq tax-xogħol;

25. Jitlob li jkun hemm arranġamenti kuntrattwali flessibbli u sikuri fil-kuntest ta' l-organizzazzjonijiet moderni tax-xogħol;

26. Jenfasizza li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma rikonoxxuti bħala mexxejja ewlenin għall-ħolqien u ż-żieda ta' l-impjiegi fl-Ewropa kif ukoll għall-iżvilupp soċjali u reġjonali; jemmen għalhekk li huwa vitali li jiżdied l-irwol tal-SMEs fil-ħolqien ta' impjiegi żejda billi tittejjeb il-liġi tax-xogħol;

27. Jikkunsidra li sabiex il-liġi tal-Komunità tkun applikata b'mod effettiv, hemm bżonn li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tad-djalogu soċjali attwali f'xi Stati Membri meta wieħed iqis in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tal-ħaddiema f'ċertu setturi, fejn il-parti l-kbira ta' l-attività ekonomika sseħħ mill-SMEs li jħaddmu inqas minn 10 persuni (dan in-nuqqas ta' rappreżentazzjoni jinsab l-iktar f'xi Stati l-Membri ġodda);

28. Josserva li l-istruttura tad-djalogu soċjali attwali ma tinkludix bosta mill-ħaddiema flessibbli li dwarhom kien hemm diskussjoni fil-Green Paper li, la huma persuni li jimpjegaw u lanqas impjegati, u li għandhom jiġu kkonsultati ukoll fi kwalunkwe diskussjoni bejn l-imsieħba soċjali;

29. Jadotta l-għan tal-Kunsill li jimmobilizza r-riżorsi nazzjonali u Komunitarji kollha xierqa biex ikunu żviluppati ħaddiema b'kapaċitajiet, imħarrġin u adattabbli u swieq tax-xogħol li jwieġbu għall-isfidi li joriġinaw minn impatt ikkombinat tal-globalizzazzjoni flimkien mas-soċjetajiet Ewropej li qed jixjieħu;

30. Jinnota li minħabba s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, fejn is-sigurtà tax-xogħol hi baxxa u x-xogħol hu iktar instabbli, fil-biċċa l-kbira tal-kuntratti li mhumiex standard, ftit hemm aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, għall-pensjonijiet professjonali u għall-iżvilupp professjonali provdut u ġeneralment jinvestu inqas fil-kapital uman; jenfasizza li dan iżid l-insigurtà ekonomika u joħloq oppożizzjoni għat-tibdil u l-globalizzazzjoni b'mod ġenerali;

31. Jinnota li f'ħafna Stati Membri, minħabba li ma teżistix sistema ta' sigurtà soċjali adegwata, huwa impossibbli li wieħed ikollu penzjoni fit-tieni pilastru li twassal għal pressjoni żejda fuq il-pensjoni tax-xjuħija fl-ewwel pilastru;

32. Jemmen li kombinazzjoni tal-motivazzjon individwali, l-appoġġ ta' l-impjegaturi, l-aċċessibilità u d-disponibilità huma l-elementi l-aktar importanti fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-proċess ta' tagħlim ta' tul il-ħajja u jappella għall-iżvilupp tas-settur ta' l-edukazzjoni u l-iskejjel biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u l-aspettattivi individwali tal-ħaddiema u ta' min iħaddem; jenfasizza l-bżonn għal rabta xierqa bejn il-karrieri professjonali u s-sillabi ta' l-iskola;

33. Jinnota l-bżonn urġenti li jitjieb il-livell ta' l-edukazzjoni tal-popolazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali sabiex jinvestu fit-tagħlim tul il-ħajja u jiżviluppaw il-kapital uman bħala l-iktar mezzi effettivi sabiex tingħeleb il-problema tal-qgħad għal żmien twil li dwarha huwa fl-interess ġenerali li jkun hemm konnessjoni bejn l-iżvilupp ta' ħiliet u l-akkwist ta' kwalifiki, kif jenfasizzaw flimkien l-imsieħba soċjali Ewropej fil-Qafas ta' Azzjoni għall-Iżvilupp ta' Kompetenzi u Kwalifiki għal Tul il-Ħajja ta' l-2006';

34. Huwa ta' l-opinjoni li r-riforma tal-liġi tax-xogħol għandha tiffaċilita l-investiment ta' kumpaniji fil-ħiliet tal-ħaddiema tagħhom, tistimula lill-ħaddiema sabiex itejbu l-kompetenzi tagħhom u tiggarantixxi l-intervent tas-sistemi tas-sigurtà soċjali sabiex jiżguraw approċċ bħal dan;

35. Jenfasizza l-importanza li naslu għal ċertu grad ta' konsistenza fil-qasam tal-liġi tax-xogħol, li jista' jinkiseb permezz ta' direttivi u ftehimiet kollettivi u l-mod miftuħ ta' koordinazzjoni, iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra d-differenzi vasti li jeżistu bejn is-swieq tax-xogħol nazzjonali u l-kompetenza f'dan il-qasam ta' l-Istati Membri iżda jfakkar fil-miri li jinħolqu Ewropa kompetittiva, innovattiva u inklussiva, kif ukoll iktar impjiegi u impjiegi ta' kwalità ogħla;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tassigura l-kordinazzjoni bejn l-ispettorati nazzjonali ta' l-impjiegi; jenfasizza l-bżonn għall-Istati Membri sabiex iġibu l-leġiżlazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità;

37. Jikkunsidra li d-drittijiet ta' ħaddiema transkonfinali jistgħu jkunu protetti b'mod adegwat permezz tal-leġiżlazzjoni rilevanti jekk din tkun implimentata b'mod effettiv, u l-għan li tiġi adottata definizzjoni waħda ta' ħaddiem u ta' persuna li taħdem għal rasha fil-liġi Komunitarja huwa kumpless ħafna minħabba d-differenzi kbar ħafna fit-tradizzjonijiet u fir-realtajiet fl-Istati Membri individwali; fl-istess ħin jikkunsidra li hemm bżonn li jkun hemm inizjattiva mmirata li żżid ċertu livell meħtieġ ta' konverġenza li jiggarantixxi l-implimentazzjoni koerenti u iktar effiċjenti ta' l-acquis tal-Komunità; din il-konverġenza għandha tirrispetta d-drittijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiddeterminaw l-eżistenza ta' relazzjoni tax-xogħol;

38. Jirrikonoxxi li dawk li qed jibdew negozju u l-mikro imprendituri jistgħu jkunu ekonomikament dipendenti, jekk inizjalment jipparteċipaw fl-ekonomija bi klijent wieħed; hu ta' l-opinjoni għalhekk li persuni li ġenwinament jaħdmu għal rashom meta jkunu dipendenti fuq klijent wieħed ma għandhomx jiġu mqiegħda f'kategorija terza intermedja bejn persuni li jaħdmu għal rashom u impjegati jew ikklassifikati bħala impjegati;

39. Itenni l-pożizzjoni tal-Parlament, b'konformità mal-linjigwida ta' l-impjiegi stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, skond liema; kwalunkwe definizzjoni ta' ħaddiem għandha tkun ibbażata fuq is-sitwazzjoni de facto tal-post u l-ħin tax-xogħol;

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

40. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni ta' l-ILO ta' l-2006 dwar ir-relazzjoni tax-xogħol;

41. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jinnotaw li r-Rakkomandazzjoni ta' l-ILO imsemmija hawn tistipula li l-liġi tax-xogħol ma għandhiex tinterferixxi ma' relazzjonijiet kummerċjali ġenwini;

42. Iħeġġeġ sabiex il-metodu miftuħ għall-koordinazzjoni jintuża fl-isfera tal-politika tax-xogħol u fil-politika soċjali bħala strument utli għall-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattika sabiex isir rispons għall-isfidi konġunti b'mod flessibbli u trasparenti u jikkunsidra l-kundizzjonijiet diversi li huma ta' importanza kruċjali għas-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri individwali;

43. Jirrakkomanda lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex, fil-qafas tal-metodu miftuħ ta' kordinazzjoni, jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki rigward l-organizzazzjoni flessibbli tal-ħin tax-xogħol u jikkunsidraw arranġamenti innovattivi tal-ħin tax-xogħol li jilħqu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja;

44. Jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tiġbor u tanalizza informazzjoni dwar is-swieq tax-xogħol nazzjonali sabiex jiġi żgurat li skambji ta' prattika tajba marbuta mal-politiki tax-xogħol imħaddna fl-Istati Membri individwali huma bbażati fuq dejta affidabbli, b'mod partikolari fuq statistika omoġenja u komparabbli;

45. Jistieden lill-Istati Membri biex jirrevedu u jadattaw sistemi ta' siġurtà soċjali u biex jikkumplimentaw politiki attivi tas-suq tax-xogħol, b'mod partikulari t-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja b'kunsiderazzjoni għar-realtajiet ġodda tax-xogħol li jappoġġjaw tranżizzjonijiet professjonali u (ex 386) id-dħul mill-ġdid fis-suq tax-xogħol biex tiġi evitata dipendenza bla bżonn fuq il-benefiċċji soċjali u fuq ix-xogħol fis-settur informali;

46. Jikkundanna kwalunkwe bdil abbużiv ta' impjieg regolari ma' forom ġodda ta' impjieg mingħajr neċessità ekonomika imperattiva, bl-għan li jimmassimizzaw il-profitti fi żmien ħafna iqsar mis-soltu, b'detriment għall-pubbliku ġenerali, għall-impjegati u għall-kompetituri; jenfasizza li kwalunkwe azzjoni bħal din tkisser il-mudell soċjali Ewropew, għax fl-aħħar mill-aħħar teqred il-kunsens, il-ġustizzja u l-fiduċja bejn min jimpjega u l-impjegati; iħeġġeġ lill-Istati Membri u liż-żewġ naħat ta' l-industrija biex jieħdu azzjoni f'dan ir-rigward sabiex iwaqqfu ***kwalunkwe*** abbużi bla irresponsabbli;

47. Ifakkar li l-flessigurtà hija definita bħala kombinazzjoni tal-flessibilità u tas-sigurtà fis-suq tax-xogħol b'tali mod li tgħin iż-żieda kemm tal-produttività kif ukoll tal-kwalità tax-xogħlijiet permezz ta' sigurtà garantita, u fl-istess waqt tippermetti l-flessibilità li l-kumpaniji għandhom bżonn biex joħolqu aktar impjiegi bħala rispons għall-bżonnijiet tas-suq li dejjem qed jinbidlu; huwa ta' l-opinjoni li r-rekwiżiti tal-flessibilità u tas-sigurtà m'humiex kontradittorji u jinfurzaw b'mod reċiproku.

48. Jenfasizza li l-flessigurtà ti sta' tintlaħaq biss permezz ta' liġi tax-xogħol moderna u effettiva li tirrifletti r-realtajiet tax-xogħol li qed jinbidlu; jinnota li negozjati kollettivi u msieħba soċjali b'saħħithom huma parti importanti ta' l-approċċ tal-flessigurtà; madankollu jemmen li hemm diversi mudelli ta' flessigurtà. Jinnota li approċċ komuni għandu jkun ibbażat fuq il-kombinazzjoni tal-kapaċità tal-kumpaniji u tal-ħaddiema li jadattaw b'livell suffiċjenti ta' protezzjoni soċjali, ta' sigurtà soċjali u benefiċċji tal-qgħad, ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u ta' taħriġ/opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja; jikkunsidra li fornimenti mifruxa ta' l-assistenza u aċċess universali għal servizzi bħal ċentri għal kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti, għandhom jikkontribwixxu b'mod pożittiv għal dawn l-għanijiet;

49. Jemmen li d-definizzjoni ta' flessigurtà fil-Green Paper tal-Kummissjoni hija wisq ristretta; madankollu jinnota li l-Kummissjoni ser tippubblika komunikazzjoni dwar il-flessigurtà;

50. Jemmen li l-ħaddiema li huma ikbar fl-età għandhom ikunu jistgħu jibqgħu fix-xogħol fuq bażi volontarja u flessibbli, appoġġjati minn taħriġ xieraq u kura tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol; jirrimarka l-bżonn urġenti ta' azzjoni pożittiva biex ħaddiema li huma ikbar fl-età jkunu inkoraġġiti jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, u jirrimarka l-bżonn għal aktar flessibilità fl-għażla ta' skemi tal-pensjoni u ta' l-irtirar;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-fatt li l-liġi tax-xogħol, għandha influwenza kbira ħafna fuq l-imġiba ta' l-intrapriżi, u li l-kunfidenza ta' l-intrapriżi f'dispożizzjonijiet stabbli, ċari u sodi hija element ewlieni fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ħolqien ta' aktar impjiegi u ta' impjiegi aħjar u għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw u jinfurzaw kif suppost il-leġiżlazzjoni eżistenti kollha tal-KE li taffettwa s-swieq tax-xogħol;

**L-Erbgħa, 11 ta' Lulju 2007**

52. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu d-drittijiet għal-liv tal-ġenituri u għall-fornimenti tas-servizz tal-kura tat-tfal kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell Ewropew, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;

53. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istrateġija mmirata lejn il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-ekonomija klandestina, li — għalkemm mifruxin fuq gradi li jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor — jagħmlu ħsara lill-ekonomija, iħallu lill-ħaddiema bla protezzjoni, huma ta' ħsara għall-konsumaturi, inaqqsu d-dħul tat-taxxa u jwasslu għal kompetizzjoni inġusta bejn il-kumpaniji; jaqbel ma' l-approċċ tal-Kummissjoni mmirat lejn il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' koordinazzjoni b'saħħitha bejn l-aġenziji ta' infurzar tal-gvern, l-ispettorati tax-xogħol u/jew trejdjunjins, l-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-awtoritajiet tat-taxxi u jitlob lill-Istati Membri biex jużaw metodi innovattivi bbażati fuq indikaturi u punti ta' referenza speċifiċi għas-setturi differenti tan-negozju sabiex jiġġieldu l-erożjoni fiskali;

54. Jistieden Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iniedu kampanja ta' informazzjoni mmirata lejn minn jimpjega u lejn l-impjegati biex tiġbed l-attenzjoni lejn ir-regolamenti u r-regoli minimi applikabbli tal-KE u l-effetti ħżiena li xogħol klandestin jista' jkollu fuq is-sistemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali, fuq il-finanzi pubbliċi, fuq il-kompetizzjoni ġusta, fuq l-andament ta' l-ekonomija u fuq il-ħaddiema nfushom;

55. Jappella sabiex tingħata attenzjoni speċjali lill-ħaddiema żgħażagħ li huma l-iktar involuti f'xogħol temporanju biex jiżguraw li n-nuqqas ta' esperjenza tagħhom fix-xogħol ma jwassalx għal inċidenti relatati max-xogħol; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jagħmlu skambju ta' prattika tajba f'dan ir-rigward u jistieden lill-aġenziji ta' l-impjieg temporanju biex iqajmu kuxjenza fost min iħaddem u fost il-ħaddiema żgħażagħ infushom;

56. Jirrimarka l-irwol ta' l-imsieħba soċjali li jinfurmaw u li jħarrġu lill-ħaddiema u lil min iħaddem bid-drittijiet u l-obbligi tagħhom f'relazzjoni tax-xogħol u dwar l-infurzar tal-liġi eżisenti f'dan il-qasam u għal-hekk jistieden lill-Kummisjoni biex tippromwovi appoġġ tekniku għall-imsieħba soċjali u tħeġġiġhom jaqsmu l-għarfien (ex 434) u l-esperjenzi sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

57. Jirrimarka l-irwol importanti li għandhom l-imsieħba soċjali li diġà kiseb xi suċċess fir-riforma tas-swieq tax-xogħol, partikolarment permezz tal-konklużjoni ta' ftehimiet dwar liv tal-ġenituri, xogħol part-time u kuntratti għal żmien fiss, kif ukoll "telework" u tagħlim tul il-ħajja;

58. Jemmen li l-Istati Membri jridu juru li huma lesti għal djalogu miftuħ ma' l-imsieħba soċjali fuq is-suġġett ta' l-immodernizzar tal-liġi dwar ix-xogħol u l-adattament ta' din il-liġi għall-isfidi tas-seklu 21, jikkunsidraw l-argumenti ta' l-imsieħba soċjali u jwieġbu għall-problemi tagħhom;

59. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tikkonsulta mhux biss ma' l-imsieħba soċjali stipulati iżda ma' l-organizzazzjonijiet kollha u ma' l-individwi li huma effettwati mil-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi; b'mod partikolari l-SMEs, bħal issa m'humiex rappreżentati biżżejjed fil-proċess ta' konsultazzjoni, l-istess dawk il-ħaddiema li ma jiffurmawx parti minn trejdjunjin;

60. Jirrimarka l-irwol pożittiv tan-negozjati kollettivi korporattivi fil-livell nazzjonali, settorjali u tal-kumpanija fir-relazzjonijiet tax-xogħol u fl-organizzazzjoni tax-xogħol, fiż-żieda tal-produttività ta' kumpaniji u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'hekk jinkoraġġixxu t-tkabbir fil-qasam tax-xogħol, u jirrimarka l-possibilità li jinbidlu l-arranġamenti sabiex jiġi appoġġjat l-irwol tan-negozjati kollettivi u li jsiru negozjati bħal dawn għal soluzzjonijiet qrib il-livell ta' kumpanija li minnhom jibbenefikaw kemm min jimpjega kif ukoll l-impjegati;

61. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fl-ambitu ta' l-inizjattiva dwar "Leġiżlazzjoni aħjar", sabiex jikkoperaw b'mod kostanti ma' l-imsieħba soċjali u fejn ikun xieraq, mar-rappreżentanti ta' entitajiet rilevanti tas-soċjetà ċivili dwar kwalunkwe leġiżlazzjoni fil-liġi tax-xogħol jew fl-oqsma tal-politika soċjali bil-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi li jiffaċċjaw l-SMEs u intrapriżi ġodda b'mod partikolari sabiex is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom issir aktar faċli sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom għal ħolqien ta' aktar impjiegi;

62. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi regolata u r-responsabilità konġunta u solidali għal intrapriżi ġenerali u prinċipali sabiex jiġu trattati l-abbużi relatati ma' ħaddiema sottokuntrattati jew esternalizzati u sabiex twaqqaf suq trasparenti u kompettittiv għal kumpaniji kollha fuq il-bażi ta' l-istess kundizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istandards u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; b'mod partikolari jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu b'mod ċar min hu responsabbli għall-konformità mal-liġi tax-xogħol u għall-ħlas ta' pagi assoċjati, għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u għat-taxxi f'katina ta' sottokuntratturi;

63. Jesprimi l-konvinzjoni qawwija tiegħu li l-ħolqien ta' impjiegi insikuri u b'salarji baxxi mhux reazzjoni xierqa għall-fenomenu ta' rilokazzjoni li qed jaffetwa iktar u iktar setturi; iqis għall-kuntrarju li huwa l-investiment fir-riċerka, fl-iżvilupp, fit-taħriġ u fit-tagħlim tul il-ħajja li jista' jagħti spinta lis-setturi li bħalissa qed isofru min-nuqqas ta' kompetittività;

64. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita t-twaqqif ta' sistema għas-soluzzjoni ta' tilwim, li tippermetti l-ftehimiet Ewropej bejn imsieħba soċjali sabiex jiżviluppaw fi strument effettiv u flessibbli li jista' jrawwem approċċ regolatorju aktar effettiv fuq livell Ewropew;

65. Jistieden lill-Istati Membri biex ineħħu r-restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-swieq tax-xogħol tagħhom u biex b'hekk tittejjeb il-mobilità fl-UE, u b'hekk il-miri tas-suq uniku u ta' l-Istrateġija ta' Liżbona jkunu jistgħu jintlaħqu iktar malajr u mingħajr problemi;

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-Parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati;

---

**P6_TA(2007)0340**

# L-Impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "l-Impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi: l-immassimiżżar tal-benefiċċji u l-potenzjal tiegħu, filwaqt li jiġi garantit il-ħarsien tal-ħaddiema"

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi (1),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' April 2006 dwar il-'Gwida għall-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi' COM(2006)0159,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar "L-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni tas-servizzi: l-immassimiżżar tal-benefiċċji u l-potenzjal tiegħu, filwaqt li jiġi garantit il-ħarsien tal-ħaddiema" COM(2007)0304 (Komunikazzjoni dwar l-impjieg tal-ħaddiema)

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar l-impjieg ta' ħaddiema tal-15 ta' Jannar 2004 (2), u tas-26 ta' Ottubru 2006 (3),

— wara li kkunsidra l-Mistoqsija bi Tweġiba Orali B6-0132/2007 mressqa lill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward l-impjieg ta' ħaddiema,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti tad-Direttiva 96/71/KE kienet problematika minħabba n-nuqqas ta' implimentazzjoni xierqa fl-Istati Membri u n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti,

B. billi l-Parlament qies li l-Komunikazzjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni dwar din il-kwistjoni ma kinux biżżejjed u ma solvewx il-problemi li ffaċċjat id-Direttiva; billi jibqgħu l-perspettivi diverġenti bejn il-Kummissjoni u l-Parlament dwar kwistjonijiet bħad-disponibilità ta' rappreżentant legali tal-kumpanija li tagħti l-impjiegi fil-pajjiż li jospita u bħaż-żamma tad-dokumenti fuq il-post tax-xogħol sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mad-Direttiva,

---

(1) ĠU L 18, 21.1.1997, p.1.
(2) ĠU C 92 E, 16.4.2004, p.404.
(3) P6_TA(2006)0463.

C. billi l-ħarsien ta' l-impjegati huwa estremament importanti sabiex jiġi garantit il-moviment ħieles tal-ħaddiema u jiġu preservati l-kundizzjonijiet tax-xogħol previsti fit-Trattat, u dan għandu jitqies bħala raġuni ewlenija ta' interess ġenerali,

D. billi l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, tgħid li l-miżuri li jaqgħu fil-kamp tad-Direttiva dwar l-impjieg tal-ħaddiema, jistgħu jiġu ġġustifikati jekk ikunu mmotivati minn objettivi ta' interess pubbliku, bħall-ħarsien tal-ħaddiema,

1. Huwa konvint li l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva 96/71/KE hija importanti ħafna għall-kisba tal-bilanċ tajjeb bejn il-libertà fil-provvista tas-servizzi u l-ħarsien tal-ħaddiema, b'mod partikolari kontra d-'dumping' soċjali;

2. Hu konvint li, fil-gwida u l-interpretazzjoni legali tagħha, il-Kummissjoni xi drabi tmur lil hinn minn dak li ġie stabbilit fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja;

3. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra bis-sħiħ il-varjetà tal-mudelli tas-suq tax-xogħol li jeżistu fl-Unjoni Ewropea meta tiġi biex tadotta miżuri marbuta ma' l-impjegar; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-fatt li xi Stati Membri għandhom bżonn id-disponibilità ta' rappreżentant b'mandat b'kapaċita ġudizzjarja fil-pajjiż li jospita sabiex id-Direttiva tiġi implimentata u mmonitorjata kif xieraq; jikkunsidra li din tista' tkun kwalunkwe persuna li jkollha mandat ċar maħruġ mill-kumpanija (inkluż ħaddiem);

4. Jikkunsidra li s'issa l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istat Membri ma kinux biżżejjed, u għall-implimentazzjoni b'suċċess tad-Direttiva huwa prerekwiżit li din il-problema tiġi indirizzata; huwa ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni għandha tkun aktar preċiża meta tipprovdi gwida lill-Istati Membri għall-miżuri ta' kontroll aċċettabbli skond id-Direttiva li tħares lill-impjegati;

5. Jikkunsidra li l-ispezzjonijiet u l-kontrolli li jiġu mwettqa mill-Istati Membri fl-ambitu tad-Direttiva, l-aktar l-obbligu li jinżammu xi dokumenti fil-pajjiż li jospita, għandhom jitqiesu bħala għodda importanti biex jiggarantixxu l-ħarsien tad-drittijiet ta' l-impjegati; jikkunsidra, madankollu, li dawn il-miżuri għandhom ikunu strettament proporzjonati u ma jservux ta' ostakli moħbija għat-tħaddim tad-dritt tal-moviment ħieles;

6. Jinnota li l-każistika eżistenti tirrikonoxxi d-dritt ta' l-Istat Membru li qed jospita li jitlob ċerti dokumenti biex jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti fid-Direttiva;

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex issib l-aħjar taħlita ta' miżuri li jservu ta' gwida kemm għall-kumpaniji, kif ukoll għall-Istati Membri sabiex jifhmu aħjar dak li huwa permess skond id-Direttiva u il-każistika relevanti; jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja b'mod attiv il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-entitajiet ta' l-ispezzjoni fl-Istati Membri billi tipprovdi pjattaforma Ewropea permanenti għall-koperazzjoni transkonfinali; jilqa' għaldaqstant it-twaqqif futur ta' grupp ta' livell għoli min-naħa tal-Kummissjoni sabiex jappoġġja u jgħin lill-Istati Membri biex jidentifikaw u jaqsmu prattiki siewja u biex jinvolvu formalment l-imsieħba soċjali fuq bażi regolari;

8. Huwa ta' l-opinjoni li tkun ħaġa tajba għall-imsieħba soċjali f'dawk l-Istati Membri fejn id-Direttiva hija implimentata permezz ta' ftehim kollettiv li jiksbu aċċess dirett għall-informazzjoni dwar il-kumpaniji li jimpjegaw, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw is-superviżjoni li fi Stati Membri oħra hija kompitu ta' l-awtoritajiet li għandhom aċċess għall-informazzjoni tal-kumpanija;

9. Jappoġġja l-konklużjoni tal-Kummissjoni li ssostni li l-Istat Membru li qed jospita għandu jkun jista' jitlob dikjarazzjoni bil-quddiem mill-fornitur tas-servizz, liema informazzjoni tippermettilu li jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

# MINUTI

(2008/C 175 E/04)

**PROĊEDURI TAS-SEDUTI**

IPPRESIEDA: Miguel Angel MARTÍNEZ MARTÍNEZ

*Viċi-President*

## 1. Ftuħ tas-Seduta

Ħin tal-ftuħ tas-seduta: 09.30.

## 2. Dokumenti mressqa

Tressqu d-dokumenti msemmija hawn taħt mill-Kunsill u l-Kummissjoni:

— Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni tat-trasportatur bit-triq (COM(2007)0263 — C6-0145/2007 — 2007/0098(COD))

irreferut responsabbli: TRAN
opinjoni: EMPL

— Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li dawn jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (09688/2007 — C6-0209/2007 — 2005/0805(CNS))

irreferut responsabbli: LIBE

— Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) (COM(2007)0306 — C6-0215/2007 — 2007/0104(CNS))

irreferut responsabbli: LIBE
opinjoni: BUDG

— Proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-installazzjoni, l-operazzjoni u l-ġestjoni ta' Infrastruttura ta' Komunikazzjoni għall-ambitu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) (COM(2007)0311 — C6-0216/2007 — 2007/0108(CNS))

irreferut responsabbli: LIBE
opinjoni: BUDG

— Proposta għal trasferiment ta' approprijazzjonijiet DEC 28/2007 — Sezzjoni III — Kummissjoni (SEC(2007)0686 — C6-0224/2007 — 2007/2166(GBD))

irreferut responsabbli: BUDG

— Proposta għal trasferiment ta' approprijazzjonijiet DEC 29/2007 — Sezzjoni III — Kummissjoni (SEC(2007)0687 — C6-0225/2007 — 2007/2167(GBD))

irreferut responsabbli: BUDG

— Proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-impriża konġunta Sema Nadif (COM(2007)0315 — C6-0226/2007 — 2007/0118(CNS))

irreferut responsabbli: ITRE
opinjoni: ENVI, BUDG, JURI, CONT, TRAN

— Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fil-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea u l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika bejn il-Komunitajiet Ewropej fuq naħa u l-Konfederazzjoni Żvizzera fuq l-oħra (COM(2007)0305 — C6-0227/2007 — 2007/0106(CNS))
irreferut responsabbli: ITRE

## 3. Mandat ta' negozjar fir-rigward ta' ftehim msaħħaħ ġdid bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukrajna minn naħa l-oħra (dibattitu)

Rapport dwar proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar mandat ta' negozjar fir-rigward ta' ftehim msaħħaħ ġdid bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukrajna minn naħa l-oħra [2007/2015(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Barranin. Rapporteur: Michał Tomasz Kamiński (A6-0217/2007)

Michał Tomasz Kamiński ippreżenta r-rapport.

Tkellem Janez Potočnik (Membru tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE, Marek Siwiec f'isem il-grupp PSE, István Szent-Iványi f'isem il-grupp ALDE, Adam Bielan f'isem il-grupp UEN, Rebecca Harms f'isem il-grupp Verts/ALE, Jiří Maštálka f'isem il-grupp GUE/NGL, Bastiaan Belder f'isem il-grupp IND/DEM, Jana Bobošíková Membru mhux affiljata, Elmar Brok, Jan Marinus Wiersma, Grażyna Staniszewska, Gintaras Didžiokas, Milan Horáček, Jerzy Buzek, Libor Rouček, Janusz Onyszkiewicz, Guntars Krasts, Michael Gahler, Adrian Severin, Adina-Ioana Vălean, Andrzej Tomasz Zapałowski, Bogdan Klich, Justas Vincas Paleckis, Roberta Alma Anastase, Marianne Mikko u Anna Ibrisagic.

IPPRESIEDA: Martine ROURE

*Viċi-President*

Tkellmu: Francisco Assis, Bogusław Sonik, Silvia-Adriana Ţicău, Zuzana Roithová u Janez Potočnik.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.15 tal-Minuti ta' 12.07.2007*.

## 4. Kalendarju tal-baġit

Il-President għarraf li, bi qbil mal-Kumitat għall-baġits, l-iskadenzi għat-tressiq ta' abozzi ta' emendi u ta' proposti ta' emendi fid-dawl ta' l-ewwel qari tal-baġit ġenerali għas-sena finanzjarja 2008 ġew iffissati kif ġej:

— għall-kumitati parlamentari u d-deputati (ta' l-anqas 40 deputat): l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2007 f'12.00;

— għall-gruppi politiċi: l-Erbgħa 19 ta' Settembru 2007 f'12.00;

## 5. L-irwol u l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni fit-tnaqqis tad-disparità fl-ifqar reġjuni ta' l-UE (dibattitu)

Rapport dwar l-irwol u l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni fit-tnaqqis tad-disparità fl-ifqar reġjuni ta' l-UE [2006/2176(INI)] — Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali.
Rapporteur: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (A6-0241/2007)

Lidia Joanna Geringer de Oedenberg ippreżentat ir-rapport.

Tkellem Janez Potočnik (Membru tal-Kummissjoni).

Tkellmu: Oldřich Vlasák f'isem il-grupp PPE-DE, Constanze Angela Krehl f'isem il-grupp PSE, Jean Marie Beaupuy f'isem il-grupp ALDE, Elisabeth Schroedter f'isem il-grupp Verts/ALE, Pedro Guerreiro f'isem il-grupp GUE/NGL, Georgios Karatzaferis f'isem il-grupp IND/DEM, Lambert van Nistelrooij, Evgeni Kirilov, Jan Olbrycht, Stavros Arnaoutakis, Gábor Harangozó, Emanuel Jardim Fernandes u Janez Potočnik.

Id-dibattitu ngħalaq.

Votazzjoni: *punt 6.16 tal-Minuti ta' 12.07.2007*.

IPPRESIEDA: Hans-Gert PÖTTERING

*President*

Tkellmu: Thomas Wise, Robert Atkins u Giles Chichester dwar ir-rispett tal-ħin stabbilit għall-ħin tal-votazzjonijiet.

## 6. Ħin tal-votazzjonijiet

Ir-riżultati tal-votazzjoni (emendi, votazzjonijiet separati u maqsumin, eċċ) jidhru fl-Anness "Riżultati tal-Votazzjonijiet" tal-Minuti.

## 6.1. Programm dwar l-Istatistika tal-Komunità 2008-2012 ***I (votazzjoni)

Rapport dwar proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm dwar l-Istatistika tal-Komunità 2008-2012 [COM(2006)0687 — C6-0427/2006 — 2006/0229(COD)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.
Rapporteur: Zsolt László Becsey (A6-0240/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 1)*

PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Approvazzjoni bl-emendi *(P6_TA(2007)0341)*

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Adottata *(P6_TA(2007)0341)*

## 6.2. Darfur (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni imressqa bi qbil ma' l-Artikolu 91 tar-Regoli ta' Proċedura, f'isem il-Kumitat DEVE, dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur (B6-0311/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 2)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Tkellem Josep Borrell Fontelles, Chairman tal-Kumitat DEVE.

Adottata *(P6_TA(2007)0342)*

## 6.3. Lejn politika marittima futura ta' l-Unjoni: viżjoni Ewropea ta' l-oċeani u l-ibħra (votazzjoni)

Rapport dwar politika marittima futura ta' l-Unjoni: viżjoni Ewropea ta' l-oċeani u l-ibħra [2006/2299(INI)] — Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.
Rapporteur: Willi Piecyk (A6-0235/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 3)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0343)*

*Tkellmu:*

— Willi Piecyk (rapporteur), dwar il-votazzjoni dwar l-emenda 1.

## 6.4. L-implimentazzjoni ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju (votazzjoni)

Rapport L-implimentazzjoni ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju [2006/2213(INI)] — Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.
Rapporteur: Michael Cramer (A6-0219/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 4)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0344)*

## 6.5. Lejn Ewropa mobbli — mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna (votazzjoni)

Rapport dwar "Ewropa mobbli — mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna" [2006/2227(INI)] — Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.
Rapporteur: Etelka Barsi-Pataky (A6-0190/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 5)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0345)*

*Tkellmu:*

— Rosa Miguélez Ramos dwar il-mod ta' kif il-vot kien qed jintwera.

## 6.6. Miżuri rigward il-kura tal-mard tal-qalb (votazzjoni)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni B6-0277/2007

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 6)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0346)*

## 6.7. **Ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-PNR** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0278/2007, B6-0280/2007, B6-0281/2007 u B6-0285/2007

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 7)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0278/2007
(flok B6-0278/2007, B6-0280/2007, B6-0281/2007 u B6-0285/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:
— Martine Roure u Stavros Lambrinidis f'isem il-grupp PSE,
— Sophia in 't Veld f'isem il-grupp ALDE,
— Kathalijne Maria Buitenweg u Eva Lichtenberger f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Sylvia-Yvonne Kaufmann u Giusto Catania f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0347)*

*Tkellmu:*

— Manfred Weber ippreżenta emendi orali wara r-4 ċitazzjoni (li ġiet aċċettata), għas-6 ċitazzjoni (li ġiet aċċettata), wara l-permessa A (li ġiet aċċettata) u wara l-premessa B (li ġiet aċċettata).

## 6.8. **Iż-żona Euro (2007)** (votazzjoni)

Rapport dwar ir-Rapport Annwali 2007 dwar iż-zona Euro [2007/2143(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.
Rapporteur: Dariusz Rosati (A6-0264/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 8)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0348)*

## 6.9. **Il-Bank Ċentrali Ewropew** (votazzjoni)

Rapport Rapport annwali 2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew [2007/2142(INI)] — Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji.
Rapporteur: Gay Mitchell (A6-0266/2007)

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 9)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

Adottata *(P6_TA(2007)0349)*

## 6.10. **Palestina** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0268/2007, B6-0270/2007, B6-0272/2007, B6-0273/2007, B6-0274/2007 u B6-0275/2007

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 10)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0268/2007
(flok B6-0268/2007, B6-0270/2007, B6-0272/2007, B6-0273/2007, B6-0274/2007 u B6-0275/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

— Joseph Daul, Patrick Gaubert, Elmar Brok, Charles Tannock, Tokia Saïfi, Francisco José Millán Mon, Michael Gahler, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, João de Deus Pinheiro u Jana Hybášková f'isem il-grupp PPE-DE,
— Pasqualina Napoletano, Véronique De Keyser u Hannes Swoboda f'isem il-grupp PSE,
— Annemie Neyts-Uyttebroeck f'isem il-grupp ALDE,
— Cristiana Muscardini, Brian Crowley, Hanna Foltyn-Kubicka, Adam Bielan, Michał Tomasz Kamiński, Konrad Szymański u Ryszard Czarnecki f'isem il-grupp UEN,
— Caroline Lucas, Jill Evans, David Hammerstein, Johannes Voggenhuber, Angelika Beer, Pierre Jonckheer, Daniel Cohn-Bendit u Hélène Flautre f'isem il-grupp Verts/ALE,
— Luisa Morgantini u André Brie f'isem il-grupp GUE/NGL

Adottata *(P6_TA(2007)0350)*

## 6.11. **Sitwazzjoni fil-Pakistan** (votazzjoni)

Mozzjonijiet għal riżoluzzjoni B6-0279/2007, B6-0282/2007, B6-0283/2007, B6-0284/2007, B6-0286/2007 u B6-0289/2007

*(Maġġoranza sempliċi meħtieġa)*
*(Riżultat tal-votazzjoni: Anness "Riżultat tal-Votazzjonijiet", Punt 11)*

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI RC-B6-0279/2007
(flok B6-0279/2007, B6-0282/2007, B6-0283/2007, B6-0284/2007, B6-0286/2007 u B6-0289/2007):

mressqa mill-Membri li ġejjin:

— Charles Tannock f'isem il-grupp PPE-DE,
**UEN**: Aylward, Berlato, Borghezio, Camre, Crowley, Czarnecki Ryszard, Didžiokas, Foglietta, Krasts, Kuc, Kuźmiuk, Libicki, Maldeikis, Masiel, Muscardini, Ó Neachtain, Pęk, Rogalski, Roszkowski, Rutowicz, Ryan, Speroni, Tatarella, Vaidere

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Hassi, Horáček, Irujo Amezaga, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt Frithjof, Schroedter, Smith, Staes, Turmes, Voggenhuber

***Astensjonijiet: 18***

**ALDE**: Mohácsi

**ITS**: Binev, Buruiană-Aprodu, Chukolov, Claeys, Dillen, Gollnisch, Lang, Le Pen Jean-Marie, Martinez, Moisuc, Stănescu, Stoyanov, Vanhecke

**PSE**: Lienemann

**Verts/ALE**: van Buitenen, Schlyter, Ždanoka

***Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot***

***Favur:*** Bernadette Vergnaud

***Kontra:*** John Attard-Montalto

**45. Rapport Geringer de Oedenberg A6-0241/2007**
**Emenda 12**

***Favur: 33***

**GUE/NGL**: Agnoletto, Aita, Brie, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Henin, Holm, Kaufmann, McDonald, Maštálka, Meijer, Musacchio, Papadimoulis, Pflüger, Ransdorf, Seppänen, Søndergaard, Strož, Svensson, Uca, Wagenknecht, Zimmer

**IND/DEM**: Bonde, Karatzaferis

**ITS**: Coşea, Mihăescu

**PPE-DE**: Vernola

**PSE**: Attard-Montalto, Carlotti, Cercas

***Kontra: 528***

**ALDE**: Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Baeva, Bărbuleţiu, Beaupuy, Birutis, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Cocilovo, Costa, Deprez, De Sarnez, Drčar Murko, Duff, Ek, Ferrari, Gentvilas, Geremek, Gibault, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hellvig, Hennis-Plasschaert, Hyusmenova, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Karim, Kazak, Klinz, Krahmer, Kułakowski, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Morţun, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Panayotov, Piskorski, Pohjamo, Polfer, Raeva, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Samuelsen, Savi, Schmidt Olle, Staniszewska, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toma, Vălean, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Wallis

**GUE/NGL**: Pafilis, Toussas

**IND/DEM**: Belder, Blokland, Goudin, Krupa, Louis, Tomczak, Wise, Wojciechowski Bernard, Železný

**ITS**: Binev, Buruiană-Aprodu, Dillen, Gollnisch, Lang, Martinez, Moisuc, Mote, Popeangă, Romagnoli, Stănescu, Stoyanov, Vanhecke

**NI**: Battilocchio, Chruszcz, Giertych

**PPE-DE**: Albertini, Anastase, Ashworth, Atkins, Audy, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bowis, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Brok, Burke, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Dombrovskis, Doorn, Dover, Doyle, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Esteves, Fajmon, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Gahler, Gál, Gal'a, Galeote, Ganţ, Gaubert, Gauzès, Gewalt, Glattfelder, Goepel, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gutiérrez-Cortines, Gyürk, Handzlik, Hannan, Hatzidakis, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Hieronymi, Higgins, Hudacký, Iacob-Ridzi, Ibrisagic, Jackson, Jałowiecki, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Karas, Kauppi, Kelam, Kelemen, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, Lamassoure, De Lange, Langen, Langendries, Lehne, Lewandowski, López-Istúriz White, Lulling, McGuinness, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Martens, Mauro, Mavrommatis, Mayer,

Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mladenov, Montoro Romero, Morin, Musotto, Nassauer, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Petre, Pieper, Pīks, Pleštinská, Posselt, Post, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Rack, Reul, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Sonik, Šťastný, Stavreva, Stevenson, Strejček, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szabó, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Ţîrle, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Urutchev, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Vidal-Quadras, Vlasák, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zdravkova, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Andersson, Arif, Arnaoutakis, Athanasiu, Ayala Sender, Barón Crespo, Beglitis, van den Berg, Berlinguer, Berman, Bösch, Bono, Bourzai, Bozkurt, Bulfon, Bullmann, van den Burg, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carnero González, Casaca, Cashman, Castex, Christensen, Corbett, Corbey, Cottigny, Creţu Corina, Creţu Gabriela, De Keyser, De Rossa, Désir, De Vits, Dîncu, Dührkop Dührkop, Dumitrescu, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Färm, Fava, Fazakas, Fernandes, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Goebbels, Golik, Gomes, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Guy-Quint, Hänsch, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Herczog, Howitt, Hughes, Hutchinson, Iotova, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kirilov, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Laignel, Lambrinidis, Lefrancois, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Liberadzki, Lienemann, Lyubcheva, McAvan, Madeira, Maňka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Matsouka, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Morgan, Muscat, Myller, Napoletano, Navarro, Neris, Occhetto, Paasilinna, Pahor, Paleckis, Panzeri, Paparizov, Paşcu, Patrie, Peillon, Piecyk, Pinior, Plumb, Podgorean, Poignant, Prets, Pribetich, Rapkay, Riera Madurell, Rosati, Rothe, Rouček, Sakalas, Saks, Sánchez Presedo, dos Santos, Sârbu, Savary, Schaldemose, Schapira, Scheele, Segelström, Severin, Sifunakis, Simpson, Sornosa Martínez, Sousa Pinto, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarabella, Tarand, Thomsen, Ţicău, Titley, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Vigenin, Walter, Weber Henri, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Xenogiannakopoulou, Yáñez-Barnuevo García

**UEN**: Aylward, Bielan, Borghezio, Camre, Didžiokas, Foglietta, Janowski, Krasts, Kristovskis, Kuc, Kuźmiuk, Libicki, Maldeikis, Masiel, Muscardini, Ó Neachtain, Pęk, Piotrowski, Roszkowski, Rutowicz, Ryan, Speroni, Szymański, Tatarella, Vaidere

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Horáček, Irujo Amezaga, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt Frithjof, Schroedter, Smith, Staes, Voggenhuber

***Astensjonijiet: 6***

**ITS**: Claeys

**PPE-DE**: Marques

**UEN**: Czarnecki Ryszard, Rogalski

**Verts/ALE**: van Buitenen, Ždanoka

## 46. Rapport Geringer de Oedenberg A6-0241/2007
## Emenda 13

***Favur: 37***

**ALDE**: Ferrari

**GUE/NGL**: Agnoletto, Aita, Brie, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Henin, Holm, Kaufmann, McDonald, Maštálka, Meijer, Musacchio, Pafilis, Papadimoulis, Pflüger, Ransdorf, Seppänen, Søndergaard, Strož, Svensson, Toussas, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**IND/DEM**: Bonde, Karatzaferis, Sinnott

**ITS**: Coşea, Mihăescu

**PSE**: Gröner, Lienemann

**Verts/ALE**: Voggenhuber

*Kontra: 521*

**ALDE**: Alvaro, Andrejevs, Andria, Attwooll, Baeva, Bărbuleţiu, Beaupuy, Birutis, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Costa, Deprez, De Sarnez, Drčar Murko, Duff, Ek, Gentvilas, Geremek, Gibault, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hellvig, Hennis-Plasschaert, Hyusmenova, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Karim, Kazak, Klinz, Krahmer, Kułakowski, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Mohácsi, Morillon, Morţun, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Panayotov, Piskorski, Pohjamo, Polfer, Raeva, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Savi, Schmidt Olle, Staniszewska, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toma, Vălean, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Wallis

**IND/DEM**: Belder, Blokland, Goudin, Krupa, Louis, Tomczak, Wise, Wojciechowski Bernard, Železný

**ITS**: Binev, Mote, Romagnoli

**NI**: Battilocchio, Chruszcz, Giertych

**PPE-DE**: Albertini, Anastase, Ashworth, Atkins, Audy, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bowis, Braghetto, Brejc, Brepoels, Březina, Brok, Burke, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Casini, Caspary, Castiglione, del Castillo Vera, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Descamps, Deß, Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Dombrovskis, Doorn, Dover, Doyle, Duchoň, Ebner, Ehler, Esteves, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fontaine, Fraga Estévez, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, Ganţ, Gaubert, Gauzès, Gewalt, Glattfelder, Goepel, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gutiérrez-Cortines, Gyürk, Handzlik, Hannan, Hatzidakis, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hudacký, Iacob-Ridzi, Ibrisagic, Jackson, Jałowiecki, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Karas, Kauppi, Kelam, Kelemen, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Kudrycka, Kušķis, Lamassoure, De Lange, Langen, Langendries, Lehne, Lewandowski, López-Istúriz White, Lulling, McGuinness, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Marques, Martens, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mladenov, Montoro Romero, Morin, Musotto, Nassauer, Nicholson, van Nistelrooij, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Petre, Pieper, Pīks, Pleštinská, Posselt, Post, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Rack, Reul, Roithová, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Škottová, Sommer, Sonik, Šťastný, Stavreva, Stevenson, Strejček, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szabó, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Ţîrle, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Urutchev, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Vernola, Vidal-Quadras, Vlasák, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, von Wogau, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zdravkova, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Andersson, Arif, Arnaoutakis, Athanasiu, Attard-Montalto, Ayala Sender, Barón Crespo, Batzeli, Beglitis, van den Berg, Berlinguer, Berman, Bösch, Bono, Bourzai, Bozkurt, Bulfon, Bullmann, van den Burg, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carlotti, Carnero González, Casaca, Cashman, Castex, Cercas, Christensen, Corbett, Cottigny, Creţu Corina, Creţu Gabriela, De Keyser, De Rossa, Désir, De Vits, Dîncu, Dührkop Dührkop, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Färm, Falbr, Fava, Fazakas, Fernandes, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Goebbels, Golik, Gomes, Grabowska, Groote, Gurmai, Guy-Quint, Hänsch, Hamon, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Herczog, Howitt, Hughes, Hutchinson, Iotova, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kirilov, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Laignel, Lambrinidis, Lefrancois, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Liberadzki, Lyubcheva, McAvan, Madeira, Maňka, Mann Erika, Martin David, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Matsouka, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Morgan, Muscat, Myller, Napoletano, Navarro, Neris, Occhetto, Paasilinna, Pahor, Panzeri, Paparizov, Paşcu, Patrie, Peillon, Piecyk, Pinior, Plumb, Podgorean, Poignant, Prets, Pribetich, Rapkay, Riera Madurell, Rosati, Rothe, Rouček, Roure, Sakalas, Saks, Sánchez Presedo, dos Santos, Sârbu, Savary, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schulz, Segelström, Severin, Sifunakis, Simpson, Sornosa Martínez, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarabella, Tarand, Thomsen, Ţicău, Titley, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Vigenin, Walter, Weber Henri, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Xenogiannakopoulou, Yáñez-Barnuevo García

**UEN**: Aylward, Berlato, Bielan, Borghezio, Camre, Crowley, Czarnecki Ryszard, Didžiokas, Foglietta, Janowski, Krasts, Kristovskis, Kuc, Kuźmiuk, Libicki, Maldeikis, Masiel, Muscardini, Ó Neachtain, Pęk, Piotrowski, Rogalski, Roszkowski, Rutowicz, Ryan, Speroni, Szymański, Tatarella, Vaidere

**Verts/ALE**: Aubert, Auken, Beer, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Harms, Horáček, Irujo Amezaga, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schlyter, Schmidt Frithjof, Schroedter, Smith, Staes, Turmes

***Astensjonijiet: 12***

**ITS**: Buruiană-Aprodu, Chukolov, Claeys, Dillen, Gollnisch, Lang, Moisuc, Popeangă, Stoyanov, Vanhecke

**Verts/ALE**: van Buitenen, Ždanoka

## 47. Rapport Geringer de Oedenberg A6-0241/2007
## Emenda 1

***Favur: 233***

**GUE/NGL**: Agnoletto, Aita, Brie, Catania, de Brún, Figueiredo, Flasarová, Guerreiro, Henin, Holm, Kaufmann, McDonald, Maštálka, Meijer, Musacchio, Pafilis, Papadimoulis, Pflüger, Ransdorf, Seppänen, Søndergaard, Strož, Svensson, Toussas, Uca, Wagenknecht, Wurtz, Zimmer

**IND/DEM**: Bonde, Sinnott

**NI**: Battilocchio

**PPE-DE**: Fontaine

**PSE**: Andersson, Arif, Arnaoutakis, Athanasiu, Attard-Montalto, Ayala Sender, Barón Crespo, Batzeli, Beglitis, van den Berg, Berlinguer, Berman, Bösch, Bono, Bourzai, Bozkurt, Bulfon, Bullmann, van den Burg, Calabuig Rull, Capoulas Santos, Carlotti, Carnero González, Casaca, Cashman, Castex, Cercas, Christensen, Corbett, Corbey, Cottigny, Crețu Corina, Crețu Gabriela, De Keyser, De Rossa, Désir, De Vits, Dîncu, Dührkop Dührkop, Dumitrescu, El Khadraoui, Estrela, Ettl, Färm, Falbr, Fazakas, Fernandes, Ferreira Anne, Ferreira Elisa, Ford, García Pérez, Gebhardt, Geringer de Oedenberg, Gierek, Gill, Goebbels, Golik, Gomes, Grabowska, Grech, Gröner, Groote, Gurmai, Guy-Quint, Hänsch, Hamon, Harangozó, Hasse Ferreira, Haug, Hedh, Herczog, Howitt, Hughes, Hutchinson, Iotova, Jöns, Jørgensen, Kindermann, Kirilov, Kósáné Kovács, Koterec, Krehl, Laignel, Lambrinidis, Lefrancois, Lehtinen, Leichtfried, Leinen, Liberadzki, Lienemann, Lyubcheva, McAvan, Madeira, Maňka, Mann Erika, Martínez Martínez, Masip Hidalgo, Matsouka, Medina Ortega, Menéndez del Valle, Miguélez Ramos, Mihalache, Mikko, Moreno Sánchez, Morgan, Muscat, Myller, Napoletano, Navarro, Neris, Occhetto, Paasilinna, Paleckis, Panzeri, Paparizov, Paşcu, Peillon, Piecyk, Pinior, Plumb, Podgorean, Poignant, Prets, Pribetich, Rapkay, Riera Madurell, Rosati, Rothe, Rouček, Roure, Sakalas, Saks, Sánchez Presedo, dos Santos, Sârbu, Savary, Schaldemose, Schapira, Scheele, Schulz, Segelström, Severin, Sifunakis, Simpson, Sornosa Martínez, Sousa Pinto, Swoboda, Szejna, Tabajdi, Tarand, Thomsen, Țicău, Titley, Trautmann, Van Lancker, Vaugrenard, Vergnaud, Vigenin, Walter, Weber Henri, Weiler, Westlund, Wiersma, Willmott, Xenogiannakopoulou, Yáñez-Barnuevo García

**UEN**: Bielan, Czarnecki Ryszard

**Verts/ALE**: Aubert, Beer, Bennahmias, Breyer, Buitenweg, Cramer, Flautre, Frassoni, Graefe zu Baringdorf, de Groen-Kouwenhoven, Hammerstein, Harms, Horáček, Irujo Amezaga, Jonckheer, Kallenbach, Kusstatscher, Lagendijk, Lambert, Lichtenberger, Lipietz, Lucas, Özdemir, Onesta, Romeva i Rueda, Rühle, Schmidt Frithjof, Schroedter, Smith, Staes, Turmes, Voggenhuber, Ždanoka

***Kontra: 329***

**ALDE**: Alvaro, Andrejevs, Andria, Baeva, Bărbulețiu, Beaupuy, Birutis, Bowles, Budreikaitė, Busk, Cavada, Chatzimarkakis, Ciornei, Cocilovo, Costa, Deprez, De Sarnez, Drčar Murko, Duff, Ek, Ferrari, Gentvilas, Geremek, Gibault, Griesbeck, Guardans Cambó, Hall, Harkin, Hellvig, Hennis-Plasschaert, Hyusmenova, in 't Veld, Jäätteenmäki, Jensen, Juknevičienė, Karim, Klinz, Krahmer, Kułakowski, Laperrouze, Lax, Lehideux, Losco, Ludford, Lynne, Maaten, Manders, Matsakis, Mohácsi, Morillon, Morțun, Mulder, Newton Dunn, Neyts-Uyttebroeck, Onyszkiewicz, Ortuondo Larrea, Oviir, Panayotov, Piskorski, Pohjamo, Polfer, Raeva, Resetarits, Ries, Riis-Jørgensen, Samuelsen, Savi, Schmidt Olle, Staniszewska, Sterckx, Susta, Szent-Iványi, Takkula, Toma, Vălean, Van Hecke, Veraldi, Virrankoski, Wallis

**IND/DEM**: Belder, Blokland, Goudin, Krupa, Tomczak, Wise, Wojciechowski Bernard, Železný

**ITS**: Binev, Buruiană-Aprodu, Chukolov, Claeys, Coşea, Dillen, Gollnisch, Lang, Martinez, Mihăescu, Moisuc, Mote, Popeangă, Romagnoli, Stănescu, Stoyanov, Vanhecke

**NI**: Chruszcz

**PPE-DE**: Anastase, Ashworth, Atkins, Audy, Barsi-Pataky, Bauer, Beazley, Becsey, Belet, Berend, Böge, Bowis, Braghetto, Brepoels, Březina, Brok, Burke, Bushill-Matthews, Busuttil, Buzek, Cabrnoch, Callanan, Casini, Caspary, Castiglione, Cederschiöld, Chichester, Chmielewski, Coelho, Daul, De Blasio, Descamps, Deß,

Deva, De Veyrac, Díaz de Mera García Consuegra, Dimitrakopoulos, Dombrovskis, Doorn, Dover, Doyle, Duchoň, Duka-Zólyomi, Ebner, Ehler, Esteves, Ferber, Fernández Martín, Fjellner, Florenz, Fraga Estévez, Gahler, Gál, Gaľa, Galeote, Ganţ, Gaubert, Gauzès, Gewalt, Glattfelder, Goepel, Graça Moura, Gräßle, de Grandes Pascual, Grosch, Grossetête, Guellec, Gutiérrez-Cortines, Gyürk, Handzlik, Hannan, Hatzidakis, Hennicot-Schoepges, Herranz García, Hieronymi, Higgins, Hökmark, Hudacký, Iacob-Ridzi, Ibrisagic, Jackson, Jałowiecki, Jeggle, Jordan Cizelj, Kaczmarek, Karas, Kauppi, Kelam, Kelemen, Kirkhope, Klamt, Klaß, Klich, Koch, Konrad, Kónya-Hamar, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Lamassoure, De Lange, Langen, Langendries, Lehne, Lewandowski, López-Istúriz White, Lulling, McGuinness, Mann Thomas, Mantovani, Marinescu, Marques, Martens, Mauro, Mavrommatis, Mayer, Mikolášik, Millán Mon, Mitchell, Mladenov, Montoro Romero, Morin, Musotto, Nassauer, Nicholson, Niebler, van Nistelrooij, Olajos, Olbrycht, Oomen-Ruijten, Őry, Ouzký, Pack, Panayotopoulos-Cassiotou, Papastamkos, Parish, Petre, Pieper, Pīks, Pleštinská, Posselt, Post, Protasiewicz, Purvis, Queiró, Rack, Reul, Roithová, Rübig, Saïfi, Salafranca Sánchez-Neyra, Sartori, Saryusz-Wolski, Schmitt, Schnellhardt, Schöpflin, Schröder, Schwab, Seeber, Seeberg, Siekierski, Silva Peneda, Škottová, Sommer, Sonik, Šťastný, Stavreva, Stevenson, Stubb, Sturdy, Sudre, Surján, Szabó, Szájer, Tajani, Tannock, Thyssen, Ţîrle, Toubon, Trakatellis, Ulmer, Urutchev, Van Orden, Varela Suanzes-Carpegna, Varvitsiotis, Vatanen, Vidal-Quadras, Vlasák, Vlasto, Weber Manfred, Weisgerber, Wieland, Wijkman, von Wogau, Wortmann-Kool, Záborská, Zahradil, Zaleski, Zdravkova, Zieleniec, Zvěřina, Zwiefka

**PSE**: Martin David

**UEN**: Aylward, Berlato, Borghezio, Camre, Crowley, Didžiokas, Foglietta, Janowski, Kristovskis, Kuc, Libicki, Maldeikis, Masiel, Muscardini, Ó Neachtain, Pęk, Roszkowski, Rutowicz, Speroni, Szymański, Tatarella, Vaidere

***Astensjonijiet: 4***

**IND/DEM**: Louis

**UEN**: Rogalski

**Verts/ALE**: van Buitenen, Schlyter

***Korrezzjonijiet u intenzjonijiet għall-vot***

***Favur:*** David Martin

**48. RC-B6-0290/2007 — Drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam**

**Riżoluzzjoni**

***Favur: 68***

**ALDE**: Bowles, Geremek, Matsakis, Onyszkiewicz, Virrankoski

**GUE/NGL**: Meijer, Seppänen

**IND/DEM**: Krupa

**ITS**: Binev, Chukolov, Stoyanov

**PPE-DE**: Anastase, Audy, Bowis, Burke, Bushill-Matthews, Caspary, Castiglione, Chichester, Chmielewski, Daul, Deß, Doyle, Ganţ, Gauzès, Grossetête, Kaczmarek, Korhola, Kratsa-Tsagaropoulou, Mann Thomas, Marinescu, Mavrommatis, Mayer, Olbrycht, Papastamkos, Petre, Pleštinská, Posselt, Purvis, Roithová, Rübig, Saryusz-Wolski, Sonik, Stevenson, Sudre, Wieland, Zaleski, Zwiefka

**PSE**: Ayala Sender, Bourzai, Bulfon, Bullmann, Casaca, Cashman, Ferreira Anne, Geringer de Oedenberg, Gill, Medina Ortega, Mikko, Paleckis, Pribetich, Scheele, Tarabella

**UEN**: Czarnecki Ryszard, Rogalski, Rutowicz

**Verts/ALE**: Lambert, Onesta

***Kontra: 2***

**GUE/NGL**: Pafilis, Strož

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

# TESTI ADOTTATI

**P6_TA(2007)0341**

## Programm Statistiku Komunitarju 2008-2012 ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008-2012 (COM(2006)0687 — C6-0427/2006 — 2006/0229(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0687),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 285 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0427/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġit, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0240/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Iqis li l-ammont ta' referenza indikat fil-proposta leġiżlattiva għandu jkun kompatibbli mal-limitu massimu ta' l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) il-ġdid u jirrimarka li l-ammont annwali għandu jiġi deċiż fi ħdan il-proċedura tal-baġit annwali f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Punt 37 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2006)0229**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Lulju 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2004/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Programm Statistiku Komunitarju 2008 sa 2012**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Deċiżjoni Nru 1578/2007/KE.)*

**P6_TA(2007)0342**

# Is-sitwazzjoni fid-Darfur

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar is-sitwazzjoni fid-Darfur u b'mod partikolari dawk tas-16 ta' Settembru 2004 ([1]), tat-23 ta' Ġunju 2005 ([2]), tas-6 ta' April 2006 ([3]), tat-28 ta' Settembru 2006 ([4]) u ta' l-15 ta' Frar 2007 ([5]),

— wara li kkunsidra l-Ftehima ta' Paċi għad-Darfur (DPA) iffirmata f'Abuja, in-Niġerja, fil-5 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-kunsens ta' Tripoli dwar il-Proċess Politiku għad-Darfur, adottat fi Tripli fit-28 u fid-29 ta' April 2007,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni ta' l-Unjoni Afrikana (AU) ta' April ta' l-2004 biex titwaqqaf il-Missjoni ta' l-Unjoni Afrikana fis-Sudan (AMIS),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1706 (2006) tan-NU li tipproponi forza ta' 22 000 ruħ għaż-żamma tal-paċi fid-Darfur,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-12 ta' Marzu 2007 mħejji mill-Missjoni TA' Livell Għoli tal-Kunsill tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-Darfur,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-11 ta' Ottubru 2006 mħejji mill-Bord ta' Esperti fis-Sudan, appuntati skond ir-Riżoluzzjoni 1591 (2005) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal, li hija obbligatorja u tiġi applikata mingħajr eċċezzjoni,

— wara li kkunsidra r-riżultati tad-Delegazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp fid-Darfur li għamel żjara fis-Sudan u fiċ-Ċad mit-30 ta' Ġunju sal-5 ta' Lulju 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 91 u 90(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jinsab imħasseb ħafna bis-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-Darfur, bl-episodji bla għadd ta' abbużi tad-Drittijiet tal-Bniedem fosthom stupru tal-massa, ħtif u trasferimenti sfurżati u ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali, kif juri r-rapport tal-Missjoni ta' Livell Għoli tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fid-Darfur,

B. billi huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li l-konflitt f'dan ir-reġjun, li jinvolvi truppi regolari, milizzji favur il-gvern u ribelli, irriżulta fil-mewt ta' mill-inqas 400,000 ruħ u ħoloq aktar minn żewġ miljuni u nofs rifuġjati u persuni spustjati tul l-aħħar tliet snin, minkejja l-iffirmar tal-Ftehim ta' Paċi għad-Darfur fuq imsemmi,

C. billi n-numru ta' persuni affetwati mill-konflitt fid-Darfur issa huwa aktar minn 4 miljuni, l-ogħla li qatt kien, li jinkludi 2.2 miljuni ta' Persuni Spustjati Internament (IDPs); billi aktar minn 500 000 minnhom ma jistgħux jintlaħqu minn ħaddiema umanitarja; billi b'aktar minn ħames miljun refuġjat spustjati internament jew refuġjati internazzjonali, is-Sudan bħalissa għandu l-akbar popolazzjoni ta' refuġjati fid-dinja,

([1]) ĠU C 140 E, 9.6.2005, p. 153.
([2]) ĠU C 133 E, 8.6.2006, p. 96.
([3]) ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 320.
([4]) ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 397.
([5]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0052.

D. billi m'hemmx rispett għall-ftehima ta' N'djamena tat-8 ta' April 2004 għal waqfien ta' l-isparar u minn meta falla d-DPA, żdiedet is-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' liġi li żiedet l-insiġurtà; billi l-frammentazzjoni kontinwa ta' gruppi ribelli, sal-punt li bħalissa hemm għoxrin minnhom, qed ixxekkel id-distribuzzjoni ta' l-għajuna umanitarja u b'hekk kwalunkwe negozjati għall-paċi huma aktar diffiċli,

E. billi l-kriżi fid-Darfur bħalissa hija kkunsidrata min-Nazzjonijiet Uniti bħala l-agħar kriżi umanitarja fid-dinja,

F. billi l-ambejnt li fih qed joperaw l-aġenziji umanitarji qatt ma kien agħar u għadhom isiru attakki bla distinzjoni fuq il-persuni ċivili u fuq il-ħaddiema ta' l-għajnuna umanitarja; billi fl-2006 nqatlu 19-il ħaddiem, u 18-il suldat AMIS mietu wkoll, inklużi disgħa matul ix-xahar li għadda; billi din is-sena, diġà ġew imbuskati 74 vettura umanitarja u 82 ħaddiem umanitarju inħatfu temporanjament,

G. billi l-vjolenza sesswali kontra n-nisa u t-tfal hija rikonoxxuta bħala reat kontra l-umanità, imma l-istupru għadu jintuża, b' impunità, bħala arma ta' gwerra mill-partijiet fil-konflitt tad-Darfur; billi l-vittmi li jirrappurtaw is-sitwazzjoni jirriskjaw li jkunu mħarrka skond il-Liġi Sudaniża, peress li l-prova tirrikjedi l-korroborazzjoni minn erbgħa xhieda rġiel,

H. billi t-tortura u l-lieva sfurzata ta' adulti u tfal saru fattur ta' l-abbużi tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-ksur tal-liġi umanitarja internazzjonali fid-Darfur, b'vittmi wisq imbeżżgħa biex jirrappurtaw l-abbużi,

I. billi d-duttrina tar-'Responsabilità għal Protezzjoni' tan-NU tistipula li, fejn 'awtoritajiet nazzjonali b'mod ċar jonqsu li jipproteġu l-popolazzjonijiet tagħhom minn ġenoċidju, reati tal-gwerra, tindif etniku u reati kontra l-umanità', ħaddieħor għandu r-responsabilità li jipprovdi l-protezzjoni meħtieġa,

J. billi l-mandat ta' l-AMIS ġie estiż sa l-aħħar tas-sena 2007 u l-forza mħallta mhux se titqassam qabel l-2008, mill-aktar kmieni; billi sakemm titqassam il-forza mħallta, l-AMIS hija l-unika forza fil-post b'mandat li tipproteġi liċ-ċivili,

K. billi jinsab estremament imħasseb dwar il-provvista kontinwa ta' armi u tagħmir militari ta' kull tip lejn is-Sudan u l-użu ta' tali armi fil-kuntest tad-diżastru attwali tad-drittijiet tal-bniedem fil-Provinċja Sudaniża ta' Darfur, kif ġie dokumentat f'rapport riċenti mill-Bord ta' Esperti fuq imsemmi u l-Amnesty International,

L. billi l-konflitt tad-Darfur — flimkien ma' impunità mill-prosekuzzjoni — qed jaffettwa dejjem iktar l-istabilità tar-reġjun u għalhekk jikkostitwixxi theddida għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali,

M. billi l-kriżi fiċ-Ċad hija parti minn konflitt regjonali akbar, il-krizi għandha wkoll id-dinamika tagħha u għandha tkun trattata bħala krizi fiha nnifisha; billi l-gvern taċ-Ċad qed ifalli fir-responsabbilità tiegħu li jipproteġi ċ-ċivili u bħalissa hemm 230 000 refuġjat Sudaniż f'kampijiet fiċ-Ċad u 190 000 Ċadjan ġew imġiegħla jitilqu minn djarhom,

N. billi fl-2006 n-NU bagħatet forza multidimensjonali fiċ-Ċad; minn dakinhar ma sar l-ebda progress fit-tqassim ta' din il-forza, minkejja l-ħtiġijiet ta' protezzjoni taċ-ċivili li dejjem qed jiżdiedu u jsiru aktar serji,

O. billi l-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC) fetħet investigazzjoni tar-reati fid-Darfur fl-2005 u ħarġet mandati ta' arrest fit-2 ta' Mejju 2007 kontra Ahmad Muhammad Harun u Ali Kushayb, u tissusspetta total ta' 51 kap ta' reati ta' gwerra u reati kontra l-umanità, inklużi l-omiċidju volontarju, l-istupru, it-tortura u l-persekuzzjoni taċ-ċivili fid-Darfur,

P. billi fl-10 ta' Mejju 2007 iċ-Ċina appuntat lil Liu Giujin bħala Mibgħut Speċjali għad-Darfur; billi l-Ċina ħabbret ir-rieda tagħha li tibagħat inġiniera fil-post biex tappoġġa lill-gwardjani tal-paċi tan-NU, wara l-appoġġ taċ-Ċina għal forza AU/UN fl-aħħar tas-sena 2006; billi ċ-Ċina se tilqa' l-Logħob Olimpiku fl-2008, hija msieħba privileġġata tas-Sudan u bħala Membru permanenti ta' l-UNSC għandha responsabbilità speċjali għat-tfittxija tal-paċi fid-Darfur,

Q. billi l-aħħar rapport ta' l-UN dwar il-Programm Ambjentali juri l-firxa tad-deserti minn medja ta' 100km fl-aħħar erbgħin sena, telf ta' kważi 12 % tal-foresti fi ħmistax-il sena u ffertilizzar żejjed tal-ħamrija fis-Sudan,

R. billi d-dħul miż-żejt ippermetta lill-baġit nazzjonali li jitla' minn $900 million fl-1999 sa aktar minn $2.5 biljuni fl-2003 u sa $11.7 biljun fl-2007, kif proġettat,

S. billi l-Ftehima Komprensiva ta' Paċi (CPA) taħseb għal elezzjonijiet fl-2009,

1. Jiddeplora s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fid-Darfur, fejn il-konflitt affettwa direttament aktar minn erba' miljun u ħames mitt elf persuna u aktar minn tliet miljun ruħ jiddependu fuq l-għajnuna biex ikollhom l-ikel;

2. Jistieden lin-NU biex iġġib ruħha bi qbil mar-“Responsabilità għall-Protezzjoni” tagħha billi tibbaża l-azzjoni tagħha fuq in-nuqqas tal-Gvern tas-Sudan (GoS) li jħares lill-popolazzjoni tiegħu fid-Darfur mir-reati tal-gwerra u mir-reati kontra l-umanità, kif ukoll fuq in-nuqqas tiegħu li jipprovdi għajnuna umanitarja għall-popolazzjoni tiegħu;

3. Jitlob lill-Istati Membri, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jassumu r-responsabilitajiet tagħhom u jagħmlu kull sforz possibbli biex jipprovdu protezzjoni effettiva għall-poplu tad-Darfur minn diżastru umanitarju;

4. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan u lill-movimenti ribelli sabiex jiżguraw aċċess umanitarju bla xkiel lil dawk affettwati mill-konflitt u sabiex jirrispetta l-liġi umanitarja internazzjonali; jilqa' l-firma fit-28 ta' Marzu 2007 tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Faċilità ta' l-Attivitajiet Umanitarji fid-Darfur bejn il-Gvern tas-Sudan u n-NU u jistieden sabiex tkun implimentata kompletament;

5. Jistieden lill-partijiet sabiex jirrispettaw b'mod immedjat il-waqfien l-isparar, jikkundanna kwalunkwe ksur tal-waqfien l-isparar u partikolarment kwalunkwe vjolenza diretta lejn il-popolazzjoni ċivili u l-immirar lejn ħaddiema umanitarji; jinsisti li l-Gvern tas-Sudan jieqaf jixħet bombi fuq ir-reġjun tad-Darfur u jżarma mill-armi lill-milizzji tal-Ġanġawid; jinnota li mingħajr siġurtà, mhux possibbli li jkun hemm politika vera ta' żvilupp għal u fis-Sudan;

6. Jilqa' l-aċċettazzjoni mill-Gvern tas-Sudan fit-12 ta' Ġunju 2007 tal-forza mħallta AU/UN, madankollu jfakkar li l-Gvern tas-Sudan qabel ħa impenji li jippermetti forza mħallta fis-Sudan, iżda li pero ma żammx; jenfasizza l-importanza li ssir preparazzjoni xierqa għal forza mħallta u għall-aktar tqassim veloċi possibbli u koperazzjoni kontinwa ta' l-awtoritajiet Sudaniżi; għalhekk jistieden sabiex ikun hemm tqassim veloċi ta' forza AU/NU b'mandat li jippermettilha li tipproteġi kif xieraq lill-popolazzjoni ċivili; juri li kwalunkwe soluzzjoni għall-konflitt se tkun waħda politika u mhux militari;

7. Ifakkar lill-Gvern tas-Sudan li għandu r-responsabilità ewlenija għas-sigurtà interna, u m'għandux iqis bħala skuża azzjoni li tittieħed mill-komunità internazzjonali sabiex jabdika mir-responsabilità tiegħu;

8. Jirrealizza li mhemmx probabiltà kbira li skjerament rapidu jgħin biex ikun hemm żieda sinifikanti ta' truppi li jkunu fil-pożizzjoni qabel ir-rebbiegħa ta' l-2008, waqt li sadattant il-qtil u abbużi oħra jibqgħu għaddejjin;

9. Jistieden, għalhekk, lill-UE u lil donaturi oħra internazzjonali sabiex jipprovdu b'mod urġenti aktar appoġġ lill-AMIS taħt l-istruttura attwali, inkluż għajnuna finanzjarja fit-tul kif ukoll appoġġ tekniku li hu tant meħtieġ għal perjodu tranżizzjonali sakemm il-forza mħallta tkun kompletament f'postha; jitlob għal investigazzjoni fil-fond dwar il-fatt li xi suldati ta' l-AMIS ma rċevewx ħlas għal ħafna xhur;

10. Iqis li, sabiex tiġi mħarsa l-popolazzjoni ċivili u l-ħaddiema umanitarji, ikun possibbli li tkompli tingħata l-għajnuna, kif ukoll li jkun żgurat li l-Gvern tas-Sudan jikkonforma mal-wegħdiet li jaċċetta mingħajr kundizzjoni forza mħallta, teħtieġ immedjatament zona li fiha ma jistgħux isiru titjiriet militari fuq id-Darfur;

11. Jistieden lill-UE u lill-komunità internazzjonali sabiex jerġgħu jiltaqgħu għal taħdidiet ta' paċi ħalli jitjiebu t-termini tal-Ftehima ta' Paċi u sabiex din tkun aċċettabbli mill-partijiet kollha; jistieden lill-atturi internazzjonali biex iżommu lill-partijiet kollha responsabbli taħt il-ftehima li tirriżulta; jħeġġeġ lill-partijiet kollha marbuta mal-konflitt fid-Darfur biex juru l-impenn tagħhom għal soluzzjoni paċifika għall-kriżi billi jimplimentaw il-ftehima mingħajr dewmien;

12. Jistieden lill-UE, lin-NU u lill-UA biex juru front magħqud fl-isforzi sabiex isolvu l-konflitt fid-Darfur u biex jagħtu prijorità lill-proċess ta' paċi, li għandu jinkludi konsultazzjoni ma' u rappreżentazzjoni tat-tribujiet tad-Darfur, il-komunitajiet IDP, gruppi tan-nisa u tas-soċjetà ċivili, il-partiti politiċi kollha inkluż il-partiti ta' l-oppożizzjoni kif ukoll atturi reġjonali relevanti, sabiex jiffaċilitaw paċi dejjiema;

13. Jistieden lill-Moviment ta' Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLM) sabiex jgħin ħalli jingħaqdu l-fazzjonijiet ribelli kollha bil-għan li jieħdu sehem fin-negozjati internazzjonali, u jistieden lill-komunità internazzjonali sabiex tagħmel pressjoni fuq il-gruppi ribelli biex jingħaqdu; jistieden ukoll lill-Gvern tas-Sudan biex jippermetti lir-ribelli jerġgħu jinġabru flimkien;

14. Iħeġġeġ lill-Gvern tas-Sudan sabiex jistabilixxi pjan direzzjonali ħalli jissettilja mill-ġdid lill-IDPs u lir-refuġjati, jagħtihom lura l-proprjetà u kumpens, jagħmel fond speċjali għall-vittmi ta' stupru, għal nisa li ġew miċħuda mill-familji tagħhom jew għal tfal li twieldu frott ta' stupru u għar-rijabilitazzjoni tagħhom;

15. Jistieden lill-Gvernijiet taċ-Chad u tas-Sudan sabiex jonoraw l-impenji li kkonfermaw dan l-aħħar biex iwaqqfu l-għajnuna lill-movimenti armati u sabiex jaħdmu ħalli jtejbu r-relazzjoni ta' bejniethom;

16. Jistieden għal skjerar urġenti ta' forza internazjonali fiċ-Chad, li tkun kapaċi, b'mod proattiv, tħares kemm lir-refuġjati u lill-IDPs, kif ukoll lill-komunitajiet oħra vulverabbli għall-vjolenza u sabiex tistabbilizza s-sitwazzjoni ta' sigurtà ħalli tippermetti aċċess umanitarju aħjar; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali sabiex tikkoordina l-isforzi diplomatiċi tagħha ħalli tinkoraġġixxi lill-President Deby jaċċetta l-iskjerament ta' forza tan-NU fiċ-Chad,

17. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan u lill-komunità internazzjonali biex jikkoperaw b'mod sħiħ ma' l-ICC sabiex tintemm l-impunità; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Gvern tas-Sudan biex tarresta lill-Ministru għall-Affarijiet Umanitarji Ahmad Muhammad Harun u lill-mexxej ta' l-Janjaweed Ali Kushayb u biex jgħaddihom lill-ICC; jistieden lill-Unjoni Afrikana u lill-Lega Għarbija biex jagħmlu pressjoni fuq il-Gvern tas-Sudan biex iwettaq dan;

18. Iqis li hu vitali li s-CPA man-Nofsinhar tkun implimentata kif xieraq, u jinnota li s'issa għad mhemmx ftehim dwar il-qsim tal-ġid u d-demarkazzjoni tal-fruntieri; jirrimarka li l-implimentazzjoni b'suċċess tas-CPA u l-ftehima milħuqa reċentement mal-Lvant se tgħin biex tistabbilixxi l-fiduċja li se tkun meħtieġa biex iseħħ ftehim politiku dejjiemi fid-Darfur;

19. Jikkundanna l-vjolazzjoni sfaċċata ta' l-embargo ta' l-armi tan-NU mill-Gvern tas-Sudan;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu minnufih monitoraġġ aktar strett u proċeduri ta' verifika biex jiżguraw konformità mar-Riżoluzzjoni 1591(2005) fuq imsemmija tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mal-Pożizzjoni Komuni 2005/411/CFSP tal-Kunsill ta' l-UE tat-30 ta' Mejju 2005 rigward miżuri ristrettivi kontra s-Sudan ħalli l-proċeduri japplikaw għal ċittadini ta' l-UE, kumpaniji reġistrati ta' l-UE, fondi ta' l-UE, bastimenti reġistrati fl-UE u ajruplani u kumpaniji li joperaw fil-ġurisdizzjoni territorjali ta' l-UE rigward:

a) projbizzjoni tal-provvista ta' teknoloġija ta' użu doppju lis-Sudan li tkun kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1334/2000 tat-22 ta' Ġunju 2000 li jwaqqaf sistema Komunitarja għall-kontroll ta' esportazzjoni ta' oġġetti ta' użu doppju u ta' teknoloġija [1] u l-Arranġament ta' Wassenaar dwar il-Kontroll ta' l-Esportazzjoni ta' Armi Konvenzjonali u ta' Oġġetti ta' Użu Doppju u ta' teknoloġiji;

b) il-ħtieġa, fil-qafas ta' koperazzjoni ċivili-militari fil-leġiżlazzjoni ta' l-ajru uniku, li l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet ta' l-UE jimmonitorjaw b'mod strett merkanzija fuq titjiriet li jista' jkollhom oġġetti militari jew ta' użu doppju u ta' teknologġija li tista' tkun destinata lejn is-Sudan, partikolarment meta din il-merkanzija tgħaddi minn territorju ta' l-UE; merkanzija li titwassal permezz ta' bastimenti għandha wkoll tiġi mmonitorjata;

c) l-użu ta' kull mezz leġittimu sabiex tippromwovi ħarsien sħiħ u strett u konformità mill-istati kollha ma' l-embargo ta' l-armi tan-NU u mas-sanzjonijiet fuq is-Sudan kif stipulati fir-Riżoluzzjonijiet UNSC 1556(2004) u 1591(2005), inklużi projbizzjonijiet stretti ta' armi u oġġetti militari li jistgħu jintużaw mill-Gvern tas-Sudan fid-Darfur;

d) it-tfassil ta' amministrazzjoni ta' armi aktar stretta u komprensiva u ta' projbizzjonijiet ta' kummerċ fuq is-Sudan li japplikaw għall-provvista ta' tagħmir militari lis-Sudan minn sussidjarji u assoċjati ta' kumpaniji ta' l-UE;

e) miżuri li jevitaw li mezzi għat-trasport ta' għajnuna umanitarja fir-reġjun ikunu użati flimkien mat-trasport ta' oġġetti militari li fuqhom hemm l-embargo;

21. Jistieden lill-UE u atturi internazzjonali oħra biex japplikaw sanzjonijiet immirati, inkluż miżuri biex jiġu affrontati attivitajiet ta' kummerċ li jkabbru l-konflitt, fuq kwalunkwe parti, inkluż il-Gvern tas-Sudan, li tikser it-tregwa jew li tattakka lil persuni ċivili, gwardjani tal-paċi jew operazzjonijiet umanitarji u sabiex jieħdu kull azzjoni meħtieġa biex tintemm l-impunità permezz ta' l-implimentazzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi mmirati inklużi projbizzjonijiet ta' safar u ffriżar ta' assi;

22. Jappoġġja l-istqarrija ta' l-Arċisqof Emeritu Desmond Tutu li l-Gvern tas-Sudan "għandu issa jkun suġġett għal sanzjonijiet iebsa u effettivi sakemm tintemm it-tbatija"; jistieden lill-UA biex tappoġġja din l-azzjoni kontra dawk responsabbli li jwettqu l-vjolenza fis-Sudan;

23. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, sabiex jeżerċita aktar pressjoni fuq il-Gvern tas-Sudan biex jikkonforma mal-pożizzjonijiet meħuda mill-UNSC u jenfasizza li nuqqas ta' konformità mat-talbiet tan-NU iwassal għal miżuri punittivi;

24. Jilqa' l-indikazzjonijiet li ċ-Ċina issa hi aktar lesta li tippromwovi l-paċi fid-Darfur, u jistieden liċ-Ċina, bħala x-xerrej ta' 80 % ta' l-esportazzjoni taż-żejt tas-Sudan, sabiex tuża l-influwenza sinifikanti tagħha fir-reġjun ħalli ġġiegħel lill-Gvern Sudaniż iżomm ma' l-impenji tiegħu skond is-CPA u d-DPA; barra minn hekk jappella liċ-Ċina sabiex tieqaf tesporta armi lejn is-Sudan u sabiex tieqaf timblokka d-deċiżjonijiet dwar sanzjonijiet kontra l-Gvern tas-Sudan fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

25. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan sabiex jindirizza kwistjonijiet ambjentali u fosthom li jnaqqas l-impatt ambjentali ta' l-industrija taż-żejt tiegħu u ta' prattiċi agrikoli u sabiex jevita konflitti lokali dwar riżorsi naturali;

26. Jistieden lill-Gvern tas-Sudan sabiex jippubblika l-ammont ta' dħul miż-żejt b'mod trasparenti u jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu t-tneħħija ta' investimenti ta' kumpaniji Ewropej u ta' fondi mis-Sudan;

[1] ĠU L 159, 30.06.2000, p.1.

27. Jirrimarka li l-poter u l-ġid, li issa kiber riżultat tad-dħul tiegħu miż-żejt, hu ikkonċentrat sew fiċ-ċentru, bi żvantaġġ għal dawk li joqogħdu fil-periferija;

28. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kapijiet ta' l-Istat u lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE, lill-Gvern u lill-Parlament tas-Sudan, lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern tal-Lega Għarbija u lill-Gvernijiet tal-Gruppi ta' Stati ta' l-Afrika, l-Karibbew u l-Pa1ifiku (ACP), lill-Assemblea Parlamentari Konġunta ta' l-ACP-EU u lill-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni ta' l-Afrika.

---

**P6_TA(2007)0343**

## Lejn Politika Marittima ta' l-Unjoni għall-ġejjieni

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-12 ta' Lulju 2007 dwar Politika Marittima ta' l-Unjoni Ewropea għall-ġejjieni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra (2006/2299(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn politika marittima tal-ġejjieni għall-Unjoni: Viżjoni Ewropea għall-Oċeani u l-Ibħra" (COM(2006)0275),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2007 ntitolata "Il-gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi fil-kuntest tal-politika reġjonali" ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għas-Sajd u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0235/2007),

A. billi l-ibħra u l-oċeani jagħtu kontribut deċiżiv lill-kobor u r-rikkezza ġeografika ta' l-Unjoni Ewropea, permezz tar-reġjuni l-aktar imbiegħda tagħha, filwaqt li 'joffru' lill-UE 320 000 km ta' kosta u huma l-abitazzjoni ta' terz tal-popolazzjoni Ewropea, inklużi 14-il miljun li jgħixu fuq gżejjer,

B. billi l-industriji u s-servizzi bbażati fuq il-baħar, mhix inkluża l-materja prima, jikkontribwixxu bejn 3 u 6 % tal-Prodott Gross Domestiku (GDP) ta' l-Ewropa, u r-reġjuni kostali jgħoddu total ta' 40 % tal-PGD, u billi 90 % tal-kummerċ estern ta' l-UE u 40 % tal-kummerċ intern tiegħu huwa ttrasportat bil-baħar u billi l-Ewropa għandha 40 % tal-flotta tad-dinja,

C. billi l-applikazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona għall-politiki marittimi mhux biss tikkonċernax l-objettivi marbuta mat-titjib tal-kompetittività iżda għandu jkollha wkoll impatt fuq pilastri oħra ta' l-istrateġija, bħall-ħolqien ta' impjiegi marittimi aktar sostenibbli u ta' kwalità aħjar fl-UE,

D. billi l-oċeani u l-ibħra fl-Ewropa fihom kuritur maġġuri tat-trasport li jakkomodaw proporzjon konsiderevoli mill-volum ta' trasport; billi l-oċeani u l-ibħra għad għandhom potenzjal sustanzjali f'dik li hi kapaċità dinjija u billi l-oċeani u l-ibħra għalhekk m' għandhomx biss valur ekoloġiku importanti iżda valur soċjali u ekonomiku wkoll,

([1]) P6_TA(2007)0082.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

E. billi t-tbaħħir huwa responsabbli għal madwar 4 % ta' l-emissjonijiet tas-$CO_2$ madwar id-dinja kollha, li jikkorrispondi għal madwar 1000 miljun tunnellata, u billi l-emissjonijiet marittimi m'humiex koperti mill-Protokoll ta' Kjoto; billi, skond studju li sar mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), l-emissjonijiet tal-gass tal-klima marittima se jogħlew b'iktar minn 70 % sa l-2020 u billi, minbarra s-$CO_2$, kull sena kwantitajiet kbar ta' gassijiet bl-effett ta' serra qed joħorġu minn sistemi ta' tkessiħ li jkunu abbord,

F. billi, f'ħafna oqsma ta' attività marittimi, il-prestazzjonijiet imtejba huma misjuqa minn ideat innovattivi f'dak li jirrigwarda t-tbaħħir u billi l-industrija Ewropea tal-bini tal-vapuri u tat-tiswija tal-vapuri flimkien man-netwerk wiesa' tagħha ta' fornituri ta' tagħmir u servizzi hija forza dinjija li tixpruna t-tagħmir u l-inġenji marittimi innovattivi,

G. billi t-tbaħħir jipproduċi inqas gassijiet bl-effett ta' serra kull mil tunnellata minn kwalunkwe forma oħra ta' trasport u l-avvanzi teknoloġiċi jtejbu b'mod kostanti l-effiċjenza ta' dan is-settur; billi hemm rieda politika qawwija biex ikun promoss it-tbaħħir bħala mezz biex jitnaqqsu l-emissjonijiet bl-effett ta' serra li joħorġu mit-trasport tal-merkanzija,

H. billi l-Programm ta' l-Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti jistma li xi 80 % tat-tniġġis tal-baħar huwa kkaġunat minn skular ta' skart likwidu minn fuq l-art,

I. billi t-tbaħħir huwa responsabbli wkoll għall-iskular ta' kwantitajiet kbar ta' tipi differenti ta' skart likwidu għal ġo l-ibħra, inkluż l-iskart likwidu li ġej mit-tindif tat-tankijiet, mill-kċejjen tal-vapuri, mill-faċilitajiet tal-ħasil tal-ħwejjeġ u installazzjonijiet sanitarji, ilma tas-saborra u skular aċċidentali ta' żejt waqt operazzjonijiet; billi diversi tipi ta' skart solidu wkoll jiġu prodotti waqt li jkun għaddej ix-xogħol abbord il-vapuri u hija biss proporzjon żgħira minnu li tiġi mormija fil-faċilitajiet ta' ġbir fil-portijiet, bil-biċċa l-kbira minnu jiġi maħruq fuq il-baħar jew sempliċement mormi l-baħar minn fuq il-vapur,

J. billi vapuri kbar illum iġorru kwantitajiet kbar ta' żejt tal-banker abbord għall-bżonnijiet ta' l-operazzjonijiet tagħhom u, fil-każ ta' aċċident jew inċident dan iż-żejt jista' jikkawża ħsara ekoloġika kunsiderevoli u diġà kkawża ħsara kunsiderevoli, bi ftit possibilitajiet ta' rimedju legali,

K. billi, skond estimi uffiċjali, xi 80 % ta' aċċidenti li jseħħu fuq il-baħar huma attribwibbli direttament lill-iżball tal-bniedem,

L. billi, fil-preżent, meta l-maġġoranza l-kbira tal-vapuri kbar jaslu fi tmiem il-ħajja tagħhom u jiġu żarmati f'tarzni fejn jiġu żmuntati l-vapuri fid-dinja li qiegħda tiżviluppa taħt kundizzjonijiet soċjalment u ekoloġikament inaċċettabbli, u billi fil-parti l-kbira tal-każijiet il-bejgħ ta' dawn il-vapuri lil xerrejja barra mhux Ewropej huwa mod kif wieħed jevita l-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Ċaqliq Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tagħhom, li taħtha dawn il-vapuri jkunu suġġetti għal projbizzjoni ta' esportazzjoni bħala skart perikoluż,

M. billi l-livelli ta' l-ilma baħar kienu u għadhom qiegħdin jogħlew, u b'hekk qed jipperikolaw ir-reġjuni, il-popolazzjonijiet u l-industriji kostali, bħal m'hu t-turiżmu kostali,

N. billi d-diversità f' attivitajiet tal-baħar u dawk kostali tirrkjiedi ppjanar flessibbli ta' l-ispazji mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet tagħhom,

O. billi l-UE hija fuq quddiem fid-dinja f'dik li hija limitazzjoni ta' l-emissjonijietli joħorġu minn mezzi oħra ta' trasport li bħala riżultat tiegħu l-industrija Ewropea saret waħda minn ta' quddiem nett fid-dinja fl-innovazzjoni, u billi l-ġejjieni sostenibbli ta' l-industrija Ewropea fuq il-medda twila ta' żmien jista' jiġi assigurat biss permezz ta' l-innovazzjoni,

P. billi l-UE għandha diversi aġenziji, li jinkludu l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza Marittima (EMSA), l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Koperazzjoni Operazzjonali fuq il-Fruntieri Esterni (FRONTEX), l-Aġenzija ta' l-Industrija tal-Ħut u l-Aġenzija ta' l-Ambjent li lkoll jintrigaw ruħhom minn diversi kompiti u billi jidher ċar li ma jsir l-ebda skambju formali bejniethom,

Q. billi, mill-2004 hawn, ir-rotot ta’ ħeffa kbira tal-baħar kienu fost it-tletin proġett ta’ prijorità tan-netwerk ta’ trasport TEN iżda sar ftit wisq progress,

R. billi l-oċeani u l-ibħra huma l-bażi tal-ħajja kollha fid-dinja u jilagħbu rwol sinjifikanti fil-bidla tal-klima; billi għan importanti ta’ politika marittima integrata għandu jkun li jiġu mħarsa u ppriservati b’mod sostenibbli r-riżorsi tagħhom, billi kwart mill-istokkijiet tal-ħut tal-baħar jinsabu fil-periklu li jiġu estinti u minn dan il-kwart 17 % kienu l-oġġett ta’ sajd eċċessiv u 7 % sar tnaqqis kbir fin-numri tagħhom, billi huma 1 % biss ta’ l-istokkijiet li qed jirkupraw bil-mod il-mod, u billi 52 % ta’ l-istokkijiet tal-ħut diġà sar tant sajd eċċessiv tagħhom li l-ammonti tagħhom ma jistgħux jerġgħu jiġu għal dawk li kienu u x-xjentisti qed javżaw li s-sajd kummerċjali ji sta’ jikkrolla sa nofs is-seklu (l-2048),

S. billi l-industrija tas-sajd hi settur ekonomiku rregolat ħafna u għalhekk iridu jiġu stabbiliti miżuri sabiex jiġi assigurat li dawn ir-regolamenti jittraduċu ruħhom fi prattika tajba u riżultati tajbin, billi, sabiex ikun hemm stokks ta’ ħut sostennibbli, huwa meħtieġ li jiġu meqjusa l-ħafna fatturi varji li jinfluwenzaw l-istat ta’ l-istokkijiet tal-ħut, bħal m’huma l-bidla fil-klima, il-predaturi, it-tniġġis, l-esplorazzjoni u t-tħaffir għaż-żejt u għall-gass, impjanti marittimi għall-enerġija mir-riħ u l-estrazzjoni ta’ ramel u ta’ żrar irqiq,

T. billi fi żmien għoxrin sena s-settur ta’ l-industrija tas-sajd ta’ l-UE se jkun ġie ttrasformat minħabba l-fatturi barranin, bħall-bidla fil-klima u l-azzjoni tal-bniedem u billi, bl-evidenza diġà tidher ta’ trasformazzjoni bħal din fil-każ tal-bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana, huwa kruċjali li jiġu indirizzati b’mod effettiv il-kawżi tal-bidla fil-klima,

U. billi l-baħar u l-oċeani jilagħbu parti importanti fil-produzzjoni ta’ l-enerġija minn sorsi alternattivi u jżidu s-sigurtà tal-provvista ta’ l-enerġija,

V. billi l-ispeċifiċitajiet tar-reġjuni l-aktar imbegħda u tal-gżejjer Ewropej, jiġifieri l-immigrazzjoni illegali, id-diżastri naturali, it-trasport kif ukoll l-impatt tagħhom għall-bijodiversita, għandhom jiġu rrikonoxxuti,

W. billi parti kbira mill-fruntiera esterna ta’ l-UE hija waħda marittima u s-sorveljanza u l-ħarsien tagħha jimplikaw spejjeż akbar għall-Istati Membri kostali,

X. billi l-Mediterran u l-Baħar l-Iswed huma mqassma bejn Stati Membri ta’ l-UE u pajjiżi terzi, li dawn ta’ l-aħħar għandhom inqas riżorsi għad-dispożizzjoni tagħhom biex jimplimentaw regoli ambjentali u miżuri ta’ sigurtà u ta’ sikurezza,

1. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-Green Paper fuq imsemmija u jappoġġja l-approċċ integrat għall-politika marittima, fejn, għall-ewwel darba, oqsma tal-politika marittima bħal m’huma t-tarznari, it-tbaħħir, is-sikurezza tal-vapuri, it-turiżmu, l-industrija tas-sajd, il-portijiet, l-ambjent marittimu, ir-riċerka, l-industrija, l-ippjanar ta’ l-ispazju u oħrajn huma deskritti u fejn l-interdipendenza reċiproka tagħhom hija enfasizzazzata; iqis din bħala opportunità għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex jiżviluppaw politika marittima li tħares ’il quddiem, li tgħaqqad flimkien b’mod intelliġenti l-ħarsien ta’ l-ambjent marittimu u l-użu innovattiv u intelliġenti ta’ l-ibħra filwaqt li jiġi assigurat li s-sostenibbiltà tibqa’> l-qofol tal-politika marittima; jemmen li l-UE għandha l-opportunità li tkun il-pijuniera ta’ politika marittima innovattiva u sostenibbli u li dan jitlob li l-Istati Membri jaġixxu b’sens ta’ għan komuni; jinnota li l-Parlament, fil-ġejjieni, se jevalwa kull Presidenza tal-Kunsill skond il-progress li jkun sar fil-qasam tal-politika marittima Ewropea;

2. Jilqa’ politika marittima li titlob li jkun hemm l-integrazzjoni tal-politiki, ta’ l-azzjonijiet u tad-deċiżjonijiet rigward l-affarjiet marittimi u li tippromwovi koordinament aħjar, aktar ftuħ u koperazzjoni akbar bejn l-atturi kollha li l-azzjonijiet tagħhom għandhom impatt fuq l-oċeani u fuq l-ibħra Ewropej;

3. Jinnota li, b’responsabilità għal politiki u għal azzjonijiet relatati ma’ l-ibħra li għandhom sehem minnhom l-awtoritajiet ta’ l-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-livelli kollha governattivi għandhom jimxu lejn approċċ aktar koordinat, filwaqt li jiżguraw li l-azzjonijiet tagħhom fl-arena marittima jqisu bis-sħiħ l-interazzjonijiet multipli ta’ bejniethom;

4. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont tar-rakkomandazzjonijiet varji tar-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija tal-15 ta' Marzu 2007 dwar "Il-gżejjer u r-restrizzjonijiet naturali u ekonomiċi fil-kuntest tal-politika reġjonali", u b'mod partikulari biex it-twaqqif ta' unita amministrattiva għall-gżejjer mal-Kummissjoni issir prijorita?, sabiex jiġi żviluppat l-approċċ trans-settorjali tant mistenni lejn il-problemi ta' dawn it-territorji, kif ukoll sabiex jingħata r-rikonoxximent xieraq għall-gżejjer fil-programm ta' statistika ta' l-UE fir-rigward tal-politika marittima futura;

5. Jappoġġja l-prinċipju li l-politika marittima Ewropea tkun ankrata fi ħdan l-Istrateġija ta' Liżbona sabiex jiġu ffaċilitati t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi b'mod sostenibbli, fuq il-bażi ta' l-għerf xjentifiku; jenfasizza s-sinjifikat tat-trasport marittimu f'termini ta' volum ta' trasport u ta' impatt ekonomiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti fl-ispirtu u fil-kuntest ta' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar u ta' l-Istrateġija ta' Liżbona; jisħaq li għandha tingħata prijorità mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Istati Membri lill-implimentazzjoni aħjar u lit-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni eżistenti; jenfasizza l-valur miżjud ta' l-Ewropa f'inizjattivi prattiċi, pereżempju rigward koordinament u koperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-kontradizzjoni li jistgħu jinħolqu;

***Il-bidla fil-klima bħala l-akbar sfida għall-politika marittima***

6. Jenfasizza li, meta wieħed iqis id-diskussjoni kurrenti dwar il-bidla fil-klima u l-ewwel pubblikazzjonijiet tar-rapport tar-Ra ba' Evalwazzjoni tal-Panel Intergovernattiv dwar il-Bidla fil-Klima, dawk kollha involuti iridu jsiru konxji l-azzjoni ilha li messha ttieħdet u li l-Komunità fadlilha biss 13-il sena biex tuża teknoloġiji ġodda sabiex tevita katastrofi tal-klima; jinnota li, skond ir-rapport, xenarji speċifiċi rigward livelli tal-baħar li qed dejjem jogħlew li se jkunu partikolarment ta' ħsara għal pajjiżi kostali, il-mewġiet ta' shana, it-tgħargħir, il-maltempati, in-nirien tal-foresti u n-nixfiet madwar id-dinja kollha; jisħaq li hemm ukoll problema potenzjali relatata direttament mar-refuġjati tal-klima u problemi oħra relatati mas-sigurtà internazzjonali li jirriżultaw minn tilwim possibbli fuq riżorsi komuni;

7. Jisħaq li l-UE għandha tilgħab irwol prinċipali u ta' pijuniera fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima; jenfasizza li l-Komunità għandha tuża il-kapaċitajiet tagħha fir-riċerka u l-innovazzjoni, tieħu t-tmexxija f'idejha u taġixxi b'mod deċiżiv fuq il-livell internazzjonali;

8. Jenfasizza li l-enerġija mill-qawwa tar-riħ fuq l-art u fuq il-baħar għandha potenzjal sostanzjali ħafna għall-iżvilupp u tista' tagħti kontribut kbir għall-ħarsien tal-klima, u għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni billi twaqqaf taqsima jew unità ta' koordinazzjoni għall-enerġija mir-riħ u billi tillanċja pjan ta' azzjoni għall-enerġija mir-riħ;

9. Jenfasizza li l-politika marittima Ewropea għandha tilgħab parti sinjifikanti fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima permezz ta' mill-inqas tliet politiki: l-ewwel, l-emissjonijiet mill-vapuri ta' sustanzi bħal m'huma s-$CO_2$, l-$SO_2$ u l-ossidu tan-nitroġenu għandhom jitnaqqsu drastikament; it-tieni, il-fattibilità ta' l-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet għat-tbaħħir għandha tiġi introdotta; it-tielet, wieħed għandu jintroduċi u jipprowvi enerġiji li jiġġeddu bħal m'huma l-enerġija mir-riħ u mix-xemx għandhom jiddaħħlu u jiġu promossi għat-tbaħħir; jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti dispożizzjonijiet legali biex jitnaqqsu b'mod kunsiderevoli l-emissjonijiet b'effett ta' serra f'zoni marittimi, u jistieden lill-Unjoni Ewropea wkoll biex tintroduċi miżuri deċiżivi biex l-ibħra jiġu inklużi fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-klima;

10. Jinsab imħasseb minħabba r-rapporti li jissuġġerixxu li l-emissjonijiet marittimi tad-dijossidu tal-karbonju huma ogħla milli kien maħsub qabel, li jirrappreżentaw sa 5 % ta' l-emissjonijiet globali, u huwa pproġettat li se jiżdiedu b'sa 75 % bejn il-15 u l-20 sena li ġejjin sakemm ma tittiħidx azzjoni biex tegħleb din it-tendenza; jinnota li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra minn bastimenti tas-sajd huma sinjifikanti; jinnota nuqqas ta' progress fi ħdan l-IMO dwar din il-kwistjoni minkejja l-mandat mogħti fil-Protokoll ta' Kjoto għaxar snin ilu;

11. Jirrikonoxxi l-fatt li, biex l-Istrateġija tal-Baħar issir il-'pilastru ambjentali' tal-Politika Marittima, hemm bżonn li l-politiki jkunu komplementari għal kollox sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-approċċ ta' l-UE; jirrikonoxxi l-fatt li l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju fi strutturi ġeoloġiċi taħt qiegħ il-baħar jista' jipprovdi parti minn pakket ta' miżuri għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra fl-atmosfera u jitlob li jinħoloq qafas leġiżlattiv u regolatorju ċar għall-użu ta' din it-teknoloġija;

12. Jinsisti li l-ippjanar ta' l-iżvilupp tul il-kosta twila tal-Komunità, jiġifieri għal żvilupp urban, għal siti industrijali, għal portijiet u marini, siti rikreattivi ecc., irid iqis b'mod espliċitu l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u ż-żjieda assoċjata fil-livelli tal-baħar, inklużi l-frekwenza u s-saħħa dejjem jiżdiedu tal-maltempati u l-mewġ li qed jikber fil-għoli tiegħu;

13. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ integrat, bħalma hu l-ICZM, sabiex il-miżuri jkunu effettivi.

***Tbaħħir Ewropew aħjar b'bastimenti Ewropej aħjar***

14. Jenfasizza li t-trasport marittimu huwa parti essenzjali tas-sistema ekonomika tad-dinja, u li l-ġarr ta' merkanzija bil-baħar bħalissa huwa wieħed mill-metodi ta' trasport li jagħmlu l-inqas ħsara lill-ambjent; jidhirlu, madanakollu, li t-tbaħħir għandu prezz ambjentali konsiderevoli, u għalhekk bilanċ sostenibbli bejn il-ħarsien ambjentali u l-użu kummerċjali ta' l-oċeani Ewropej huwa essenzjali, li bih il-garanzija tas-sostenibilità għandha tkun prijorità assoluta; jistieden lill-Kummissjoni tissalvagwardja dan il-bilanċ meta tkun qiegħda tfassal il-proposti futuri tagħha dwar il-politika marittima u tal-portijiet;

15. Jenfasizza li l-promozzjoni tat-trasport marittimu bħala forma sostenibbli ta' trasport tirrikjedi l-iżvilupp u l-espansjoni tal-portijiet u taż-żoni tal-portijiet; jinnota li l-portijiet spiss jikkonċidu jew ikunu maġenb siti ta' Natura 2000 li huma protetti mid-Direttivi dwar l-Ambjent Naturali ([1]) u t-Tajr Selvaġġ ([2]) u jenfasizza l-bżonn ta' approċċi u inizjattivi kostruttivi bejn l-operaturi tal-portijiet u l-entitajiet għall-konservazzjoni tan-natura sabiex jinkisbu soluzzjonijiet aċċettabbli għall-awtoritajiet tal-portijiet, għar-regolaturi u għas-soċjetà ġenerali, li jirrispettaw l-ispirtu u l-għanijiet tad-direttivi filwaqt li jippermettu lill-portijiet li jżommu l-irwol ċentrali tagħhom bħala portali globali;

16. Jemmen li l-politika marittima Ewropea għandha tfittex li tippreserva u ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' l-industriji marittimi Ewropej u l-attivitajiet speċjalizzati u tevita politiki li jippromwovu ċ-ċaqlieq lejn bnadar ta' pajjiżi terzi, li jipperikolaw is-sigurtà u l-ħarsien ta' l-ibħra u jfaqqru l-ekonomija Ewropea; jenfasizza li l-ħarsien ta' l-ambjent tal-baħar jista' jinkiseb aħjar permezz ta' regolamenti internazzjonali li japplikaw għall-vapuri kollha huma x'inhuma l-bandiera u l-ewwel port fejn jieqaf vapur;

17. Jidhirlu li industrija tal-manifattura marittima innovattiva u kompetittiva Ewropea hija kruċjali għat-tkabbir sostenibbli skond l-Istrateġija ta' Liżbona; jissottolinja li, meta wieħed iqis li l-kapaċitajiet ta' produzzjoni qed jiżdiedu fi bnadi oħra, l-iżviluppi pożittivi li saru fir-rigward tat-tarznari Ewropej f'dawn l-aħħar snin m'għandhomx iwasslu għal stat ta' kompjaċenza u għalhekk jitlob li jsiru aktar sforzi biex tiġi msaħħa l-kompetittività u biex tiġi żgurata sitwazzjoni kundizzjonijiet l-istess għal kulħadd;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ fuq il-livell tad-WTO għat-tarznari Ewropej, li huma kontinwament esposti għal kompetizzjoni inġusta mill-bennejja tal-vapuri Ażjatiċi;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "LeaderSHIP 2015: Rapport ta' Progress" (COM(2007)0220) u jenfasizza, b'mod partikulari, s-suċċess ta' l-approċċ komprensiv il-ġdid għall-politika industrijali li nħolqot għall-ewwel darba minn LeaderSHIP2015 bħala waħda mill-ewwel inizjattivi settorjali;

20. Jenfasizza li koordinazzjoni u koperazzjoni (transkonfinali) aħjar bejn il-portijiet tal-baħar, u tqassim aktar ibbilanċjat tar-responsabilità madwar l-Ewropa kollha bejn il-portijiet, jistgħu jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli biex jiġi evitat it-trasport mhux sostenibbli bl-art;

21. Iqis l-irwol ta' l-UE bħala ta' quddiem nett fir-rigward ta' l-impożizzjoni ta' limiti aktar stretti mhux bħala restrizzjoni iżda bħala opportunità għall-industrija Ewropea; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri u lill-Komunità biex iqawwu l-isforzi tagħhom biex jippromwovu r-riċerka dwar teknoloġiji aktar effiċjenti u aktar nodfa għall-bastimenti u l-portijiet u l-iżvilupp tagħhom;

([1]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitati naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġi (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).
([2]) Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tat-tajr selvaġġ (ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1).

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

22. Jagħraf il-fatt li fil-ġejjieni prevedibbli l-emissjonijiet ta' kontaminanti ta' l-arja kkawżati minn bastimenti se jeċċedu lil dawk ġejjin minn sorsi bbażati fuq l-art; ifakkar fit-talba tiegħu fil-kuntest ta' l-Istrateġija Tematika dwar il-Kwalità ta' l-Arja biex il-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu passi urġenti biex inaqqsu l-emissjonijiet mis-settur tat-tbaħħir u biex il-Kummissjoni tersaq bi proposti:

— biex ikunu stabbiliti standards għall-emissjonijiet ta' l-$NO_X$ għall-vapuri li jużaw il-portijiet ta' l-UE;

— biex il-Baħar Mediterranju u l-Baħar ta' l-Atlantiku tal-Grigal jiġu ddikjarati bħala Zoni ta' Kontroll ta' l-Emmissjonijiet tal-Kubrit (SECAs) skond il-Konvenzjoni MARPOL;

— biex jitnaqqas, minn 1.5 % għal 0.5 %, il-kontenut massimu permess ta' kubrit fil-fjuwils marittimi użati fis-SECAs minn bastimenti tal-passiġġieri;

— biex jiġu introdotti miżuri fiskali, bħal m'huma taxxi jew ħlasijiet fuq l-emissjonijiet ta' $SO_2$ u $NO_X$ minn bastimenti;

— biex tiġi mħeġġa l-introduzzjoni ta' ħlasijiet iddivrenzjati għall-użu tal-portijiet u tal-kanali navigabbli li jiffavorixxu l-bastimenti b'emissjonijiet baxxi ta' $SO_2$ u $NO_X$;

— biex il-basitmenti jiġu mħeġġa jużuw l-elettriku ġej mix-xatt meta jkunu sorġuti f'port;

— biex titħejja direttiva ta' l-UE dwar il-kwalità tal-fjuwils marittimi;

23. Jara potenzjal enormi għat-tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili u fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ fis-settur tat-trasport marittimu, b'mod partikulari permezz ta' inċentivi fiskali għall-użu ta' dan it-tip ta' fjuwil u inċentivi akbar għar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u, inter alia, billi jiġi promoss l-użu tal-bijofjuwils u riċerka aktar fil-fond dwarhom u billi jitħaffef l-użu ta' l-enerġija mir-riħ għas-sewqan tal-basitmenti; jisħaq, madanakollu, fuq il-ħtieġa li jkun hemm ċertifikazzjoni ambjentali u soċjali obbligatorja tal-bijofjuwils u li ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom, l-effiċjenza klimatika tagħhom u l-bilanc tas-$CO_2$ ma jkun hemm l-ebda dubju dwarhom;

24. Jemmen li l-isforzi għall-prevenzjoni u r-rispons għat-tniġġis ikkawżat mill-vapuri m'għandux ikun ristrett biss għat-tniġġis biż-żejt iżda għandhom jgħoddu wkoll għal kull tip ta' tniġġis, b'mod speċjali dawk it-tipi ikkawżati minn sustanzi perikolużi u tossiċi; f'dan ir-rigward, jinnota li l-irwol li tilgħab l-EMSA huwa wieħed essenzjali u li bil-mod il-mod għandha tintriga ruħha minn aktar kompiti, għalkemm dawn għandhom dejjem ikunu addizzjonali għall-kompiti mwettqa mill-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tniġġis u r-rispons għalih. għalhekk jidhirlu li huwa meħtieġ li tiġi ggarantita sigurtà finanzjarja xierqa għall-iffinanzjar tal-kompiti afdati f'idejn l-EMSA;

25. Jilqa' b'sodisfazzjon is-sistema operattiva CleanSeaNet għas-sorveljanza u s-sejba ta' tniġġis li jkun ħiereġ minn bastimenti li għandha tgħin lill-istati kostali jillokalizzaw u jidentifikaw lil min iniġġes fiż-żoni ġeografiċi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jittrasponu immedjatament id-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar it-tniġġiż ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għall-infrazzjonijiet [1];

26. Jirrikonoxxi l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tas-sikurezza marittima u tal-vapuri wara d-diżastri ta' l-"Erika" u l-"Prestige", li r-riżultat prinċipali tagħhom kien il-pakketti ta' miżuri dwar is-sikurezza fuq il-baħar;

27. Iħeġġeġ lill-Kunsill għat-Trasport biex jiddiskuti t-tielet pakkett ta' sikurezza marittima mill-aktar fis u biex jieħu deċiżjoni, flimkien mal-Parlament, sabiex ma jinghatax lok għal nuqqas fil-kredibilità;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ il-miżuri kollha li jikkonċernaw ir-responsabilità ċivili u kriminali f'każ ta' xi aċċident jew inċident, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u t-tqassim tas-setgħat u f'konformità mal-qafas legali internazzjonali;

29. Iffakar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' April 2004 dwar it-titjib tas-sikurezza fuq il-baħar [2] u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu kont aktar tal-fattur uman meta tieħu passi oħrajn;

30. Jinnota bi tħassib li l-Baħar Baltiku bħalissa huwa wieħed mill-ibħra l-aktar imniġġsa fid-dinja u jfakkar lill-Kummissjoni fit-talba preċedenti tiegħu biex tiġi abbozzata rakkomandazzjoni dwar strateġija ta' l-UE għall-Baltiku, fejn jiġu proposti miżuri għat-titjib tal-kundizzjoni ambjentali tal-Baħar Baltiku, sabiex titnaqqas l-ewtrofikazzjoni tal-Baltiku b'mod partikolari u biex jiġi evitat li żejt u sustanzi oħra tossiċi u li jagħmlu l-ħsara jiġu skulati għal ġol-baħar; ifakkar li l-istrumenti eżistenti għall-koperazzjoni, bħal m'huma l-programmi INTERREG, għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ meta jkunu qed jiġu implimentati proġetti interreġjonali sabiex jiġi ammeljorat l-istat ta' l-ambjent Baltiku;

(1) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 11.
(2) ĠU C 104 E, 30.4.2004, p.730.

31. Jitlob li jiġu stabbiliti zoni speċjali ġewwa zoni tal-Baħar Baltiku li huma ambjentalment sensittivi u diffiċli għan-navigazzjoni, b'mod partikolari it-Trunċiera ta' Kadet (Kadet Trench), Skagerrak/Kattegat, l-Istrett il-Kbir (Great Belt) u s-Sound, li bastimenti li jbaħħru l-ilmijiet kbar, partikolarment it-tankers taż-żejt, ma jkunux jistgħux jinnavigawhom aktar mingħajr pilota**,** u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu bidu għat-tfassil ta'miżuri meħtieġa fil-korpi kompetenti internazzjonali, b'mod partikolari l-IMO;

32. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni sabiex mill-aktar fis possibbli tressaq proposta lill-Parlament u lill-Kunsill biex jiġi żgurat li ż-żejt tal-banker għall-fjuwil tal-magna f'vapuri ġodda jiġi maħżun f'tankijiet aktar sikuri bi bwieq doppji peress li l-vapuri tal-merkanzija jew bil-kontejners spiss ikun fihom fjuwil tqil bħala fjuwil tal-magna fil-bankers tagħhom, li l-kwantità tiegħu tista' taqbeż sewwa lil dik tat-tagħbijiet ta' tankers taż-żejt iżgħar; jidhirlu li, qabel ma tressaq proposta bħal din, il-Kummissjoni għandha taċċerta ruħha jekk ir-regoli eżistenti ta' l-IMO stipulati fir-Riżoluzzjoni MEPC.141(54) humiex biżżejjed jew le sabiex jiggarantixxu t-trasport sikur ta' żejt tal-banker użat bħala fjuwil;

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tintensifika l-viġilanza fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-użu obbligatorju ta' bwieq doppji;

34. Jitlob li l-basitmenti kollha li jidħlu f'portijiet Ewropej ikollhom l-ogħla standards ta' sikurezza; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Ewropa tilgħab parti prinċipali; huwa konxju li dawn ir-rekwiżiti ma jistgħux jiġu estiżi għall-bastimenti kollha fiz-zona ta' 200 mil;

35. Huwa mħasseb dwar il-fatt li inqas u inqas żgħażagħ Ewropej imħarrġin tajjeb qed jaħdmu bħala uffiċjali u membri ta' l-ekwipaġġ fuq vapuri Ewropej, li bħala riżultat qed joħloq il-biża' ta' telf ta' mħuħ fuq skala enormi; huwa tal-fehm*a* li kundizzjonijiet aħjar tax-xogħol**,** skond id-dispożizzjonijiet stipulati mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima (IMO)**,** jistgħu jgħinu biex aktar Ewropej jiġu inkuraġġiti jagħżlu karriera fuq il-bastimenti;

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lil dawk li għandhom interess fis-settur marittimu sabiex jirrevedu l-pjanijiet ta' karriera u l-opportunitajiet ta' tagħlim ta' tul il-ħajja fis-settur marittimu, l-ewwelnett sabiex jippermettu li l-ħiliet u l-esperjenza miksuba jkunu jistgħu jintużaw b'mod aktar effettiv u, t-tieni, bil-ħsieb li jkunu introdotti sistemi ta' qlib bejn xogħol fuq il-baħar u xogħol fuq l-art sabiex tiġi ppriservata l-kompetenza u sabiex il-prospetti ta' karriera jsiru aktar attraenti;

37. Jappoġġja n-negozjati li qegħdin isiru għal ftehim bejn l-imsieħba soċjali fl-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ILO dwar standards tax-xogħol fil-qasam marittimu ta' l-2006, fir-rispett tal-klawżola tan-non-rigressjoni stabbilita fiha; huwa favur li l-Istati Membri jkunu fid-dmir li jirratifikaw u jimplimentaw din il-konvenzjoni fil-qafas tal-politika marittima futura ta' l-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel użu mir-relazzjonijiet kollha possibbli biex tagħmel suċċess l-adozzjoni tal-Konvenzjoni ILO dwar ix-xogħol fis-settur tas-sajd, wara li kienet falliet fl-2005.

38. Jemmen li, kif kien issuġġerit fil-Green Paper imsemmija hawn fuq, l-esklużjoni tal-baħħara regolari mid-direttivi soċjali għandha tiġi rriveduta mill-imsieħba soċjali;

39. Jinnota li s-sajjieda u l-baħħara huma esklużi mil-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE f'ħafna oqsma (p.e. d-Direttiva 98/59/KE [1] dwar redundancies kollettivi, id-Direttiva 2001/23/KE [2] dwar is-salvagwardja tad-drittijiet ta' l-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, id-Direttiva 2002/14/KE [3] dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati, u d-Direttiva 96/71/KE dwar l-issekondar ta' ħaddiema li jseħħ fil-qafas ta' forniment ta' servizzi [4])); jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra dawn l-eżenzjonijiet f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba soċjali;

40. Jistieden lill-Istati Membri u lis-sidien tal-vapuri biex jidħlu fi sħubija sabiex iħarrġu baħħara u uffiċjali ta' kwalità, kif qed isir b'suċċess fid-Danimarka, u sabiex, permezz tal-politiki tagħhom ta' edukazzjoni u taħriġ, iżidu l-għerf u l-ħeġġa tagħhom għall-wirt marittimu u jipprovdu inċentivi addizzjonali għal attivitajiet u għal professjonijiet marbuta mal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni toħloq il-kundizzjonijiet li jappoġġjaw sħubijiet bħal dawn permezz ta' finanzi u pariri;

---

[1] ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16.
[2] ĠU L 82, 22.3.2001, p. 16.
[3] ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
[4] ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

41. Jitlob li tiddaħħal marka ta' kwalità Ewropea għall-vapuri, f'konformità ma' l-iskema ta' kklassifikar tal-lista l-bajda ta' l-IMO, li jkunu jilħqu l-aktar standards reċenti u l-iktar kundizzjonijiet soċjali reċenti, liema marka tagħti lil dawk il-vapuri trattament preferenzjali fir-rigward tal-kontrolli mill-istat tal-port;

42. Jinnota l-iskarsezza ta' professjonisti esperti u mħarrġa sew li qed taffaċċja lil din l-industrija; jissuġġerixxi li jiġu żviluppati korsijiet speċjali ta' taħriġ għall-kaptani u l-ekwipaġġ tal-bastimenti tas-sajd biex ikun ipprovdut fehim bażiku tax-xjenza li taffettwa l-industrija tagħhom, inkluż it-twassil tal-fehim ta' l-importanza ta' l-amministrazzjoni u s-sostenibilità ambjentali bħala għajnuna għall-iżvilupp progressiv ta' approċċ, ibbażat fuq l-ekosistemi, lejn l-immaniġġjar tas-sajd b'suċċess;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq pjanijiet biex jingħata taħriġ vokazzjonali mill-ġdid lis-sajjieda, li jkun jinkuraġġihom jiffokaw fuq prattiki ġodda li jippromwovu l-użu ta' għarfien relatat max-xogħol fuq il-baħar; jindika l-akkwakultura lilhin mill-kosta u l-ekoturiżmu bħala setturi li huma fost il-miri possibbli;

44. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li tiġi mtejba l-impressoni dwar is-settur ta' l-industrija tas-sajd, li bħalissa qed ibati minn nuqqas ta' rispett; hu tal-fehma li t-titjib fil-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza fuq il-bastimenti, u pagi u kundizzjonijiet aħjar għall-ekkwipaġġ, jistgħu jintlaħqu biss f'industrija sostenibbli u li tħalli qligħ u hu tal-fehma li jridu jiġu ddedikati aktar riżorsi għar-riċerka u l edukazzjoni mmirati lejn it-titjib ta' l-għarfien u tal-ħiliet;

45. Jinnota li l-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jiżguraw l-iġjene, is-sikurezza u l-kumdità għall-ħaddiema fl-industrija tas-sajd, kemm għas-sajjieda nfushom kif ukoll għan-nies li jaħdmu f'setturi "upstream" u "downstream", huwa objettiv essenzjali ta' politika għall-ibħra u l-oċeani;

46. Jidhirlu li, meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni, il-kunċett tar-responsabilità soċjali korporattiva huwa ta' valur limitat fil-kuntest tal-konservazzjoni ta' l-ambjent marittimu, u li għalhekk bażi ta' leġiżlazzjoni xierqa trid tkompli tirrinforza l-programm Komunitarju għall-konservazzjoni ambjentali, li għandu jkun imsaħħaħ permezz ta' azzjonijiet volontarji li jimpenjaw ruħhom fihom kumpaniji li jkunu jixtiequ juru l-imġiba responsabbli tagħhom;

47. Jikkundanna l-kundizzjonijiet li taħthom qed jiġu żarmati bħalissa l-vapuri fid-dinja li qed tiżviluppa u jistieden lill-Kummissjoni tfassal proposti għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-baċiri fejn il-vapuri kkonċernati jiġu żarmati u li tesplora l-possibilitajiet kollha fil-qasam tal-liġi kriminali li hi disponibbli mill-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jiġi japplika fis-settur marittimu l-istess bħal m'hu l-każ f'setturi oħra; jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tal-Green paper dwar titjib fiż-żarmar tal-vapuri (COM(2007)0269); jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tiżviluppa proposta għal 'passaport aħdar' li għandu jinżamm mad-dokumenti tal-vapur, li jkun jelenka s-sustanzi tossiċi kollha li ntużaw fil-Kostituzzjoni tal-vapur; jemmen li l-Komunità għandha tindirizza l-kwistjoni tar-riċiklaġġ tal-vapuri billi tikkonkludi Konvenzjoni internazzjonali obbligatorja — maħsuba għall-2008 jew l-2009 — u li sadanittant għandha ssegwi l-linji gwida ta' l-IMO;

48. Jidhirlu li t-tarznari u l-industriji tat-tagħmir marittimu fl-Unjoni rnexxielhom jibqgħu kompetittivi billi investew fi prodotti u proċessi innovattivi u billi ħolqu swieq ta' niċċa bbażati fuq l-għerf; jemmen li strateġija marittima Ewropea jmissha toħloq il-kundizzjonijiet li jwasslu biex tinżamm kif inhi l-pożizzjoni ta' l-Unjoni fuq quddiem nett f'dawn is-swieq, billi pereżempju, jkun promoss l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' trasferiment tat-teknoloġija marittima,

49. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu vantaġġ sħiħ mil-Linji Gwida għall-Għajnuna Statali tal-Komunità li jikkonċernaw l-ispejjeż ta' l-impjiegi u t-tassazzjoni, b'enfasi partikolar aktar fuq is-sistema tat-taxxa fuq it-tunnellaġġ; jidhirlu li r-Rapport ta' Progress ta' LeaderSHIP 2015 kellu impatt pożittiv, u li s-settur marittimu għandu jibqa' jinżamm eliġibbli għall-għajnuna statali sabiex tkun promossa l-innovazzjoni;

50. Jitlob li, fil-ġejjieni, it-trasbord taż-żejt jew ta' tagħbijiet tossiċi oħra fuq il-baħar ikun illimitat għal zoni indikati b'attenzjoni kbira taħt sorveljanza sabiex tkun iffaċilitata l-identifikazzjoni ta' min ikun responsabbli f'każ li jsir xi skarikar ta' kontaminanti għal ġol-baħar; jinnota li l-ġarr bil-baħar jikkontribwixxi għat-tniġġis marittimu, u potenzjalment għat-tħarbit ta' l-ekosistemi, permezz ta' l-introduzzjoni, fl-ibħra u fl-oċeani, ta' speċijiet aljeni li jinsabu fl-ilma tas-saborra li jintrema għal ġol-baħar u permezz ta' l-użu ta' kimiċi f'żebgħat ta' kontra l-infestazzjonijiet ("anti-fouling") li jaffettwaw l-ormoni tal-ħut; jenfasizza li l-irqajja' ta' żejt ukoll huma wieħed mill-perikli marittimi ewlenin;

51. Jitlob li jiġu pprovduti taħriġ u informazzjoni billi jinġabru, jiġu analizzati, u mxerrda l-aħjar prattiki, tekniki, strumenti għall-immoniterjar tat-tbattil tat-tankijiet u l-innovazzjoni biex jiġi miġġieled it-tniġġis miż-żejt u minn sustanzi tossiċi u perikolużi, u li jiġu żviluppati soluzzjonijiet tekniċi, bl-użu ta' sorveljanza bbażata fuq spezzjonijiet u l-użu tas-satelliti, bil-għan li jkun immoniterjat it-tixrid aċċidentali jew li jsir apposta;

***Politika Ewropea tal-kosta li tkun aħjar u li tkun tinkludi portijiet Ewropej aħjar***

52. Jenfasizza l-importanza tal-kontribuzzjoni li jistgħu jagħtu l-kooperazzjoni territorjali u n-netwerk tar-reġjuni tal-kosta lill-politika marittima ħolistika permezz tal-promozzjoni ta' strateġiji konġunti favur il-kompetittività taz-zoni kostali; Jidhirlu li għalhekk, il-parteċipazzjoni ta' dawk interessati kemm reġjonali u kemm lokali hija essenzjali għas-suċċess ta' politika marittima Ewropea; u għaldaqstant, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-reġjuni tal-kosta Ewropej qed jiżviluppaw koperazzjoni u netwerks reċiproċi dejjem aktar mill-qirb;

53. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jagħmlu sforzi partikulari sabiex iżidu l-kuxjenza dwar temi marittimi; jemmen li dan ji sta' jinkludi, pereżempju, ir-rikonoxximent ta' xempji tajba ta' proġetti turistiċi, tbaħħir li jirrispetta l-ambjent jew kontribuzzjonijiet partikolari lejn l-edukazzjoni dwar il-baħar; f'dan ir-rigward, li jingħataw premjijiet jingħataw lil reġjuni marittimi eżemplari bħala mod kif tiġi promossa l-aħjar prattika; jenfasizza s-sinjifikat ta' l-inizjattiva tiegħu, li għandha tiġi promossa mill-Kummissjoni, rigward it-twaqqif ta' Jum Marittimu Ewropew bħala ċelebrazzjoni ta' l-affarijiet marittimi; jishaq li korsijiet pilota dwar l-"edukazzjoni marittima" għandhom jiġu introdotti fl-iskejjel sekondarji bl-appoġġ tal-Kummissjoni;

54. Jenfasizza li huwa ta' l-akbar importanza għall-iżvilupp tal-gżejjer u taż-żoni kostali li jitqiegħdu restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-iskular tal-fosfru u tan-nitroġenu għal ġol-Baħar Baltiku, minħabba l-fatt li l-kundizzjoni tal-baħar hija fundamentali għat-turiżmu u għall-kummerċ marbut miegħu; jenfasizza li hemm il-ħtieġa ta'ġabra ta' regoli ċari u li jinftiehmu faċilment u manwal li jispjega b'mod ċar l-inċentivi u l-konsegwenzi tagħhom;

55. Iħeġġeġ lir-reġjuni u lill-Istati Membri sabiex jużaw l-istrumenti tal-politika tal-koeżjoni sabiex tinkiseb integrazzjoni aktar fil-politika marittima u kostali, jippromwovu l-intraprenditorija u jistabbilixxu SMEs, u b'hekk jgħinu biex tingħeleb il-problema ta' l-impjiegi staġjonali; jitlob, b'mod partikolari, li jinħoloq netwerk ta' reġjuni ta' eċċellenza marittima fil-qafas ta' l-Objettiv ta' Koperazzjoni Territorjali Ewropea;

56. Jidhirlu li huwa ta' importanza mill-akbar li jiġu żviluppati sistemi ta' twissija bikrija matul il-kosti Atlantiċi li huma potenzjalment esposti għaz-zunamijiet;

57. Jenfasizza l-importanza fundamentali u l-irwol li għandhom il-portijiet bħala lenbut għall-kummerċ internazzjonali, bħala sewwieqa ekonomiċi u bħala ħallieqa tax-xogħol għar-reġjuni kostali u bħala ċentri ta' tranżitu għall-intrapriżi tas-sajd, kif ukoll bħala punti essenzjali għall-kontroll tas-sigurtà;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

58. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, minħabba t-tniġġis ta' l-arja f'ħafna bliet port u reġjuni fejn jinsabu l-portijiet, biex iżidu b'mod sinjifikanti l-inċentivi għall-użu ta' enerġija bbażata fuq l-art għall-vapuri li jkunu fil-port meta dan ikun ta' nfiq effettiv u jirriżulta f'benefiċċji ambjentali; jitlob, għalhekk, li d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku ([1]) tiġi rriveduta sabiex dawk l-Istati Membri li jkunu qed japprofittaw ruħhom miż-żejt tal-banker bla taxxa, kif ipprovdut fl-Artikolu 14 ta' dik id-Direttiva, ikunu obbligati li jeżentaw mit-taxxa sa l-istess punt l-elettriku li hu bbażat fuq l-art;

59. Jitlob li ssir reviżjoni tad-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-portijiet fejn jintlaqa' skart iġġenerat mill-vapuri u residwi tat-tagħbijiet ([2]), sabiex il-vapuri kollha li jidħlu fil-portijiet ta' Stat Membru jkunu obbligati jiskarikaw 100 % ta' l-iskart solidu u likwidu tagħhom;

60. Jidhirlu li, fil-futur, huwa aktar probabbli li se jkun hemm problemi li joħolqu dewmien fit-trasport tal-merkanzija fil-konnessjonijiet bejn il-portijiet u n-netwerks Ewropej tat-trasport bl-art, milli se jkun hemm problemi fil-kapaċità tal-portijiet biex jintlaqa' l-iskart tal-vapuri; jikkunsidra li, jekk għandu jsir l-aħjar użu tal-possibilitajiet tat-trasport marittimu, il-portijiet Ewropej għandhom ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-aħjar konnessjonijiet possibbli għall-postijiet l-aktar imbiegħda fuq l-art, u għalhekk jitlob li jiġu żviluppati fejn ikun meħtieġ, filwaqt li tingħata prijorità lill-modi ta' trasport li l-aktar jirrispettaw l-ambjent, bħal m'huma l-ferrovija u l-ilmijiet navigabbli interni;

61. Jemmen li, minħabba l-importanza enormi tat-trasport bil-baħar, kemm fi ħdan is-suq intern u kemm bejn l-Unjoni u l-imsieħba kummerċjali tagħha, strateġija marittima ġdida ta' l-UE għandha tinkludi strateġija għall-portijiet li tkun tippermetti lill-portijiet li jiżviluppaw f'rispons għall-iżviluppi u d-domanda tas-suq filwaqt li tkun tirrispetta l-leġiżlazzjoni relevanti bil-għan li tiġi stabbilita klima favorevoli għall-investiment sabiex tiġi ffaċilitata kapaċità tal-portijiet biżżejjed biex ikunu akkomodati l-flussi tat-traffiku tal-merkanzija marittimu li qed jiżdied; jinsisti li strateġija bħal din għandha tiġi żviluppata f'koordinament mad-dibattitu li għaddej bħalissa dwar Politika Ewropea tal-Portijiet, sabiex ikun evitat ix-xogħol doppju;

62. Jinnota li l-Ewropa hija reġjun popolari għat-turiżmu tal-jottijiet, tal-kruċieri u tal-bugħaddasa; jinkoraġġixxi lir-reġjuni marittimi sabiex jinvestu fl-infrastruttura tal-marini tagħhom u f'infrastrutturi relatati oħra sabiex jibbenefikaw minn dan is-suq li qed jespandi filwaqt li jiżguraw il-ħarsien ta' l-ambjenti naturali, l-ispeċijiet u lekosistemi tal-baħar b'mod ġenerali; jistieden lill-Kummissjoni tgħin biex jiġu stabbiliti standards armonizzati għall-faċilitajiet u t-tagħmir tekniku biex ikun żgurat livell għoli ta' kwalita' ta' servizz fl-Unjoni kollha;

63. Jiffavorixxi l-ħolqien ta' aktar gruppi żgħar marittimi li jieħdu vantaġġ mill-esperjenza pożittiva li nkisbet u mill-prattiki tajba li diġà qed jitwettqu f'dan il-qasam u jemmen li dawn l-eżempji għandhom ikunu segwiti u promossi; jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri biex itejbu l-kompetittività ekonomika tar-reġjuni kostali billi jinkoraġġixxu r-riċerka, il-ħolqien ta' ċentri ta' eċċellenza marittima u l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll il-koperazzjoni bejn in-negozji (netwerks, gruppi, imsieħba pubbliċi) u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ imtejba mmirati biex titnaqqas id-dipendenza ta' dawk ir-reġjuni fuq numru limitat ħafna ta' attivitajiet ekonomiċi (tradizzjonali);

64. Jikkonferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar id-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima ([3]) u b'mod partikulari fir-rigward tal-projbizzjonijiet u/jew il-kriterji għar-rimi sistematiku/intenzjonat ta' kwalunkwe materjal solidu, likwidu jew gass fil-kolonna ta' l-ilma, jew f'qiegħ il-baħar/fis-saff ta' ħamrija taħt wiċċ il-ħamrija; barra minn hekk iqis li kwalunkwe ħażna ta' dijossidu tal-karbonju f'qiegħ il-baħar u fis-saff tal-ħamrija taħt wiċċ il-ħamrija għandha tkun suġġetta għal awtorizzazzjoni f'konformità mal-liġi internazzjonali, għal evalwazzjoni ta' impatt ambjentali minn qabel skond id-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent ([4]) u konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, kif ukoll għal monitoraġġ u kontrolli regolari;

65. Għalhekk huwa konvint li riżorsi li jiġġeddu ta' l-ambjent tal-baħar jistgħu u għandhom jintużaw b'mod sostenibbli biex l-isfruttament tagħhom, u l-benefiċċji ekonomiċi li jirriżultaw, ikunu jistgħu jkomplu fuq perjodu ta' żmien fit-tul; għalhekk, jenfasizza l-bżonn li l-politiki varji kkonċernati jkunu adattati għar-rekwiżiti ta' ambjent tal-baħar tajjeb; f'dan ir-rigward, jitlob ukoll li jkun hemm użu akbar ta' l-enerġija mir-riħ fuq l-art u fuq il-baħar biex ikun sfruttat b'mod sostenibbli l-potenzjal tagħha mill-perspettiva tal-politika dwar l-impjiegi u ekonomika;

([1]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.
([2]) ĠU L 332, 28.12.2000, p. 81.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0482.
([4]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.

66. Iżda jinsisti li l-immaniġġjar taz-zona kostali jrid ikollu, bħala wieħed mill-objettivi prinċipali tiegħu, il-konservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar, iktar milli jiddedika ftit zoni ta' kampjun bħala ġest li jservi ta' simbolu għall-isforzi ta' konservazzjoni, b'mod partikulari fid-dawl tar-Rakkomandazzjoni 2002/413/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002 rigward l-implimentazzjoni ta' l-Immaniġġjar Integrat taz-Zoni Kostali fl-Ewropa ([1]);

67. F'dan il-kuntest, jaqbel mal-Kummissjoni li hemm limitu naturali għall-ammont ta' attività tal-bniedem, f'termini ta' densità ta' popolazzjoni u ta' attività industrijali, li zoni kostali jistgħu jappoġġjaw mingħajr ma jsofru deterjorament ambjentali serju u possibilment irreversibbli; għalhekk, jappoġġja l-ħsieb tal-Kummissjoni li hemm bżonn ta' studju komprensiv biex dawn il-limiti jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod aħjar u biex ikun hemm pjanar u previżjoni xierqa;

68. Jirrimarka li t-tfassil ta' mapep tridimensjonali ta' qiegħ il-baħar ser ikun ta' valur enormi mhux biss għall-industrija tas-sajd imma wkoll għas-settur ta' l-enerġija, għall-konservazzjonisti u anke għall-interessi tad-difiża; iqis li l-valur kummerċjali sinifikanti ta' dawn il-mapep huwa evidenti u b'hekk huma jistgħu jgħinu biex tissolva l-kwistjoni ta' ffinanzjar għal din l-attività; jemmen li dejta mtejba fis-settur marittimu ti sta' tinkludi previżjoni aħjar tat-temp, informazzjoni dwar l-għoli tal-mewġ mistenni u firxa ta' fatturi li jistgħu jtejbu s-sikurezza u l-iżvilupp;

69. Jitlob li jkunu żviluppati l-miżuri neċessarji kollha biex ir-riskji ta' ħsara liz-zoni kostali minn diżastri naturali bħal għargħar, erożjoni, maltempati u tsunamis ikunu evitati u mmaniġġjati; jisħaq ukoll fuq il-bżonn li jkunu adottati miżuri Komunitarji sabiex ikunu ttrattati l-perikli għall-ekosistemi kostali Ewropej, li huma kkawżati minn diversi attivitajiet tal-bniedem;

70. Iqis li l-bini ta' lqugħ fil-baħar biex ikun hemm protezzjoni kontra livelli jogħlew tal-baħar ji sta' jwassal għal telf ta' l-ambjent naturali, filwaqt li ż-żieda fil-livell hija nfisha twassal għal "tagħsir kostali" ta' bassasiet tal-melħ u pjanuri tat-tajn u l-erożjoni ta' duni tar-ramel, li kollha kemm huma huma ambjenti naturali prezzjużi għall-pjanti u l-annimali; jitlob li jkun hemm strateġija fit-tul għaż-żamma ta' difiżi kostali, għall-protezzjoni kontra livelli tal-baħar li jogħlew u għat-tnaqqis kemm ji sta' jkun tat-telf ta' ambjenti naturali;

71. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' netwerks ġodda għall-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet fil-forma ta' sħubijiet bejn is-settur privat, l-NGOs, l-awtoritajiet lokali u r-reġjuni, bil-għan li jinħolqu dinamiżmu, innovazzjoni u effiċjenza akbar u sabiex jitjieb il-livell ta' l-għajxien fiz-zoni kostali;

72. Jisħaq fuq il-ħtieġa li r-reġjuni kostali jsiru aktar attraenti mhux sempliċement bħala postijiet għall-mogħdija taż-żmien imma bħala postijiet fejn wieħed jgħix, jaħdem u jinvesti fihom, billi jittejbu l-aċċessibilità u l-infrastrutturi tat-trasport intern; barra minn hekk jitlob li jiġu adottati miżuri għat-titjib tas-servizzi ta' interess ġenerali (is-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma u l-enerġija, l-informazzjoni, it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni, is-servizzi postali, l-ilma tad-dranaġġ u t-trattament ta' l-iskart), filwaqt li jitqiesu l-bidliet demografiċi staġjonali;

73. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, meta wieħed iqis il-fatt li proporzjon sinifikanti tat-tniġġis totali ta' l-ibħra Ewropej joriġina mill-art, biex jimplimentaw malajr il-leġiżlazzjoni Ewropea attwali u futura kollha f'dan il-qasam; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta pjan ta' azzjoni biex jitnaqqas dan it-tniġġis; huwa tal-fehma li l-appoġġ finanzjarju għal proġetti biex jitnaqqas it-tniġġis f'pajjiżi terzi huwa importanti ukoll, peress li f'dawn il-pajjiżi l-livell tas-sistemi ta' ffiltrar u purifikazzjoni spiss huwa wisq aktar baxx mill-istandards Ewropej u għalhekk l-investiment finanzjarju jista' jkollu effett akbar;

74. Jinnota li l-biċċa l-kbira tat-tniġġis fl-ambjent tal-baħar joriġina minn sorsi bbażati fuq l-art, inkluż iżda mhux limitat għal skular agrikolu u emissjonijiet industrijali, li għandhom impatt partikolarment ta' ħsara fuq ibħra magħluqin jew kważi magħluqin; jisħaq li l-UE trid tagħti attenzjoni partikolari lil dawn iz-zoni u tieħu miżuri biex tillimita u tevita aktar tniġġis; iqis ukoll li t-teknoloġija GMES (Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà) il-ġdida tista' tintuża b'suċċess għal dak il-għan;

([1]) ĠU L 148, 6.6.2002, p. 24.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

75. Iqis li s-settur marittimu huwa wieħed mill-ftit oqsma li fihom il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" mhux osservat; jemmen li l-industriji li jarmu ħmieġ tad-dranaġġ, l-industriji involuti fl-estrazzjoni tar-ramel u ż-żrar, l-intrapriżi involuti fl-enerġija marittima u kull negozju ieħor li, għalkemm ibbażat fuq l-art, ji sta' jitqies bħala sors ta' tniġġis ta' l-ambjent tal-baħar, għandhom jikkontribwixxu għal fond ta' l-UE indirizzat lejn il-konservazzjoni tal-flora u l-fawna tal-baħar, inklużi t-tkabbir mill-ġdid ta' l-istokkijiet tal-ħut, u li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforz biex tiżgura applikazzjoni iktar uniformi u effettiva tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas";

76. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni biex ikunu kkontrollati s-sustanzi li jniġġsu (tniġġis ambjentali ta' l-ibħra) mill-iskular agrikolu, mid-dranaġġ jew mill-ħmieġ tad-dranaġġ industrijali u miż-żibel li ħafna drabi jkun plastik u li jistgħu jifgaw lill-mammiferi tal-baħar, lill-fkieren u lill-għasafar tal-baħar; sustanzi li jniġġsu bħal dawn qed isiru periklu dejjem ikbar u għandhom impatt qawwi fuq is-settur tas-sajd u fuq it-turiżmu kif ukoll inaqqsu l-kwalità u s-saħħa tal-prodotti tas-sajd destinati għall-konsum mill-bniedem; isejjaħ lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' bastimenti li jbaħħru fl-oċeani, biex tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-Anness V tal-Konvenzjoni MARPOL, li jipprojbixxi r-rimi fil-baħar ta' skart tal-plastik u ta' l-irmied li jirriżulta mill-inċinerazzjoni tal-plastik; jistieden lill-Kummissjoni biex temenda d-Direttiva 2000/59/KE dwar il-faċilitajiet ta' ġbir fil-portijiet biex jitjiebu l-adegwatezza u d-disponibilità ta' faċilitajiet bħal dawn fl-UE u biex finalment jitnaqqas ir-rimi ta' skart fil-baħar;

77. Iħeġġeġ lill-UE, fil-kuntest tal-politika marittima internazzjonali, u l-Konvenzjoni tan-NU ta' l-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehima tat-28 ta' Lulju 1994 relatata ma' l-implimentazzjoni tal-Parti XI tagħha ([1]), biex ittejjeb ir-regoli internazzjonali dwar is-sikurezza tat-trasport marittimu, il-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar, u l-ħarsien u l-preservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar; barra minn hekk jistieden lill-awtoritajiet ta' l-UE biex jagħmlu sforz partikulari biex jiżguraw li l-Istati Membri jagħmlu użu effettiv mill-proċedura biex jintlaħaq ftehim f'każ ta' tilwim, li torbot legalment u li hija inkorporata fit-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar f'Hamburg, li kien twaqqaf fl-1996, fuq il-bażi tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, peress li b'dispjaċir jinnota li s'issa l-Istati Membri kellhom it-tendenza li ma jilħqux ftehim dwar tilwim permezz tat-Tribunal Internazzjonali għal-Liġi tal-Baħar;

78. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex twettaq studji speċifiċi ta' statistika u oħrajn fuq bażi xjentifika dwar l-aspetti ambjentali u soċjoekonomiċi dwar ir-reġjuni marittimi sabiex tissorvelja u tikkontrolla l-effetti ta' l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi, sportivi u rikreattivi fuq dawk ir-reġjuni;

79. Huwa mħasseb dwar in-nuqqas ta' persuni mħarrġa sew f'setturi importanti bbażati fuq l-art ta' l-ekonomija marittima; iqis li kampanji dwar l-impjiegi li jsiru b'mod konġunt mill-Istati Membri u mill-intrapriżi kkonċernati jistgħu jgħinu biex tittaffa l-problema;

80. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu lill-parteċipanti kollha kkonċernati fl-istadji kollha tal-proċess tat-titjib tal-politika marittima ta' l-UE, kemm fl-implimentazzjoni kif ukoll fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti u fit-tfassil ta' inizjattivi ġodda;

***Turiżmu kostali sostenibbli***

81. Jenfasizza l-fatt li, jekk jiġi żviluppat b'mod għaqli, it-turiżmu jkun sors sostenibbli ta' dħul għall-ekonomiji lokali, filwaqt li jiżgura l-ħarsien u t-titjib ta' l-ambjent kif ukoll il-promozzjoni u l-preservazzjoni ta' karatteristiċi kulturali, storiċi u ambjentali, is-snajja u t-turiżmu marittimu sostenibbli; għalhekk iħeġġeġ b'mod partikulari l-investiment fl-infrastruttura tat-turiżmu marbut mat-tbaħħir, l-għadis u l-kruċieri, u l-ħarsien u l-promozzjoni tat-teżori arkeoloġiċi tal-baħar;

82. Jenfasizza li l-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika għat-turiżmu; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu rrispettati l-pjanijiet nazzjonali bbażati fuq l-esperjenza u l-aħjar prattiki;

83. Jisħaq fuq il-fatt li n-nuqqas ta' dejta xierqa u komparabbli huwa wieħed mill-problemi ewlenin biex tinkiseb dejta affidabbli dwar is-sitwazzjoni ta' l-impjiegi fl-industrija tat-turiżmu kostali;

([1]) ĠU L 179, 23.6.1998, p.3.

84. Iqis ukoll li ambjent nadif u kwalità tajba ta' l-arja u l-ilma huma vitali għas-sopravivenza tas-settur u li, għalhekk, il-proġetti Ewropej futuri kollha dwar it-turiżmu għandhom jitqiesu mill-aspett ta' l-aċċettabilità u s-sostenibilità ekoloġika;

85. Jinnota li l-Ewropa hija destinazzjoni favorita għal kruċieri; jenfasizza li l-provediment ta' servizzi għandu jkun organizzat b'tali mod li jiggarantixxi kompetizzjoni miftuħa u li jkun issodisfat il-bżonn ta' infrastruttura aħjar rigward din l-attività;

86. Huwa tal-fehma li n-negozju staġjonali tradizzjonali għandu jkun żviluppat f'attività ta' matul is-sena kollha; jenfasizza li s-settur għandu jagħmel użu mill-opportunità li jinvesti f'attivitajiet tat-turiżmu sostenibbli u ta' matul is-sena kollha; iqis li l-estensjoni ta' l-istaġun ti sta' toħloq impjiegi u ġġib suċċess ekonomiku; jenfasizza li, f'termini ta' sostenibilità u "edukazzjoni ambjentali", eżempji ta' l-aħjar prattiki ji sta' jkollhom influwenza sinifikanti fuq il-kunċett tat-turiżmu; jenfasizza li l-għan ewlieni huwa li s-settur u l-ambjent kostali jibbenefikaw mill-estensjoni tal-perjodu tan-negozju staġjonali;

87. Jemmen li l-Aġenda 21 Ewropea għas-sostenibilità tat-turiżmu Ewropew trid tqis l-ispeċifiċità tat-turiżmu kostali — u t-turiżmu tal-gżejjer — u tippreżenta inizjattivi utli u taqsam prattiki tajbin li huma effiċjenti biex tiġi miġġielda l-istaġjonalità, bħal, pereżempju, l-iżvilupp tat-turiżmu immirat lejn persuni anzjani;

88. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi strateġija tat-turiżmu marittimu Ewropea li tadotta approċċ integrat għall-politika;

***Ambjent marittimu sostenibbli***

89. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Novembru 2006 dwar Strateġija Tematika għall-Protezzjoni u l-Konservazzjoni ta' l-Ambjent Marittimu [1] u jtenni, b'mod partikulari, il-ħtieġa għal:

— l-UE biex ikollha bħala l-objettiv ġenerali tagħha l-użu sostenibbli ta' l-ibħra u l-konservazzjoni ta' l-ekosistemi ta' l-ibħra, inkluża politika ta' l-UE b'saħħitha dwar il-protezzjoni ta' l-ibħra, biex ikun evitat aktar telf ta' bijodiversità u deterjorament ta' l-ambjent tal-baħar,

— l-inklużjoni ta' definizzjoni komuni għall-UE kollha ta' status ambjentali tajjeb,

— l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex tipprovdi evalwazzjonijiet regolari ta' l-ambjent tal-baħar, li jirrikjedu li jkun hemm titjib fil-ġbir, fir-rapporti u fl-iskambju ta' dejta nazzjonali,

— rikonoxximent ta' l-importanza ta' konsultazzjoni, koordinazzjoni u koperazzjoni minn qabel ma' pajjiżi ġirien fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima li jmiss;

90. Jirrikonoxxi li ambjent tal-baħar tajjeb jikkostitwixxi l-bażi għal żvilupp sostenibbli tas-settur tat-tbaħħir fl-UE u jfakkar fl-impenn ta' l-UE biex tinkorpora d-dimensjoni ambjentali fl-aspetti kollha tal-politika Komunitarja;

91. Jinsisti li ambjent nadif tal-baħar, b'bijodiversità suffiċjenti biex tiżgura l-iffunzjonar xieraq ta' l-ekosistemi komponenti tiegħu, huwa essenzjali għall-Ewropa; jinsisti wkoll li minħabba l-valur intrinsiku ta' zoni marittimi, il-benefiċċji ta' status ambjentali xieraq tal-baħar fl-UE jestendi lilhinn sew mill-kisbiet ekonomiċi potenzjali li jirriżultaw mill-isfruttament tal-komponenti varji ta' l-ibħra, ta' l-ilmijiet kostali u tal-baċiri ta' xmajjar u li, għalhekk, il-konservazzjoni u, f'ħafna każijiet, ir-rijabilitazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar ta' l-UE hija importanti ħafna;

92. Ifakkar fil-prinċipju li jsostni l-approċċ imsejjes fuq l-ekosistema għall-immaniġġjar ta' l-attivitajiet tal-bniedem, li huwa wieħed mill-elementi ewlenin ta' l-Istrateġija Tematika dwar l-Ambjent tal-Baħar; jinsisti li dan il-prinċipju jkun applikat ukoll fir-rigward tal-politika marittima;

(1) *Testi Adottati,* P6_TA(2006)0486.

93. Jenfasizza bl-iktar mod qawwi li l-kriterji użati sabiex jiddefinixxu status ambjentali tajjeb għandu jkollhom applikazzjoni wiesgħa biżżejjed peress li dawn l-objettivi relatati mal-kwalità probabilment se jikkostitwixxu l-kriterji ta' referenza għal programmi ta' azzjoni għal żmien twil fil-ġejjieni;

94. Iqis ukoll li jridu jittieħdu miżuri kemm jista' jkun malajr għat-titjib tal-kwalità ta' l-ilma u, għaldaqstant, huwa mħasseb dwar l-iskeda estiża li ġiet proposta fil-proposta għal direttiva dwar strateġija tal-baħar;

95. Jinsisti li l-implimentazzjoni ta' netwerk ta' zoni protetti tal-baħar tiġi mħaffa;

96. Huwa konvint li ambjent nadif tal-baħar huwa kruċjali għall-ispeċijiet tal-baħar, inklużi kemm il-ħut kummerċjali u kemm ħut ieħor li mhux sfruttat kummerċjalment, u li r-rifornimenti ta' stokkijiet tal-ħut li naqsu jiddependi fuq tnaqqis fit-tniġġis tal-baħar kif ukoll fuq il-livelli tas-sajd; iqis li, sabiex ikun żgurat li l-għalf tal-ħut użat fl-UE ma jkunx kontaminat, huwa essenzjali li jitnaqqsu s-sustanzi li jniġġsu li ġejjin mill-baħar;

97. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatt kultant diżastruż ta' organiżmi eżotiċi fl-ekosistema tal-baħar u jirrikonoxxi li l-ispeċijiet aljeni invażivi huma theddida sinifikanti għall-bijodiversità tal-baħar; jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri urġenti għall-prevenzjoni tat-trasferiment ta' organiżmi fl-ilma tas-saborra u biex tintroduċi kontrolli effettivi rigward it-tbattil ta' ilma tas-saborra fl-ilmijiet ta' l-UE;

98. Iqis li l-kunċett ta' raggruppamenti jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-ambjent tal-baħar jekk il-konservazzjoni ta' l-ambjent naturali, il-kontroll tat-tniġġis, u teknoloġiji ambjentali oħrajn ikunu inkorporati fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' gruppi mill-istadji ta' ppjanar 'il quddiem;

99. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent mill-Kummissjoni li sistema komprensiva ta' ppjanar ta' spazju hija meħtieġa biex tiżgura ambjent regolatorju stabbli u bażi legali li torbot għat-teħid ta' deċiżjonijiet; iqis li kriterju essenzjali għal ippjanar effettiv ta' spazju bbażat fuq l-ekosistema jrid ikun l-organizzazzjoni ta' attivitajiet b'tali mod li jitnaqqas l-impatt ta' attivitajiet li jagħmlu ħsara lill-ambjent fuq zoni sensittivi f'sens ekoloġiku filwaqt li fl-istess ħin isir użu ta' riżorsi fiz-zoni l-oħra kollha b'mod sostenibbli ekoloġikament; f'dan il-kuntest jinsisti dwar l-użu ta' l-istrument ta' l-Evalwazzjoni Ambjentali Strateġika skond id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-evalwazzjoni ta' l-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi dwar l-ambjent [1]; jenfasizza li kwalunkwe sistema ta' l-ippjanar ta' l-ispazju marittimu fuq il-livell ta' l-UE trid iżżid il-valur għas-sistemi u l-pjanijiet nazzjonali eżistenti, u għandha tkun ibbażata fuq il-livell tar-reġjuni u s-sottoreġjuni marittimi kif propost mid-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima, u tkun għodda li tkabbar l-użu ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema lejn l-immaniġġjar marittimu u l-objettivi ta' l-istatus ambjentali tajjeb skond id-Direttiva dwar l-Istrateġija Marittima;

100. Jinnota li l-kisba ta' status ambjentali tajjeb tirrikjedi wkoll li l-attivitajiet tal-bniedem li jitwettqu barra minn zoni sensittivi ekoloġikament jiġu regolati b'mod strett sabiex titnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe possibilità ta' impatt negattiv fuq l-ambjent tal-baħar;

***Politika integrata tas-sajd***

101. Huwa tal-fehma li l-attività tas-sajd trid tikkontribwixxi għaż-żamma ta' komunitajiet kostali vijabbli; jenfasizza li, biex din tintlaħaq, interessi ta' sajd qrib il-kosta u fuq skala żgħira u sajjieda bil-qasba bħala passatemp iridu jingħataw aċċess għall-industrija tas-sajd, u li tali attivitajiet tas-sajd jinkoraġġixxu t-turiżmu, jipproteġu l-wirt kostali prezzjuż tagħna u jgħinu biex iżommu l-komunitajiet tagħna ta' mal-baħar flimkien;

(1) ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30.

102. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, filwaqt li s-settur hu lest li jaċċetta l-iżvilupp ta' approċċ għall-immaniġġjar ta' l-industrija tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistemi, bħala riżultat tar-restrizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jirriżultaw min-netwerk Natura 2000 u minn zoni protetti tal-baħar (MPAs) oħra possibbli, l-aċċess mhux ristrett u l-attivitajiet tas-sajd f'dawn iz-zoni jistgħu jiġu kompromessi; hu tal-fehma li l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' l-industrija tas-sajd li ma jagħmlux ħsara lill-objettivi ta' protezzjoni għandhom jitħallew fl-MPAs; hu tal-fehma wkoll li, fil-każ ta' attivitajiet ta' l-industrija tas-sajd li jagħmlu ħsara, jew potenzjalment jagħmlu ħsara, lill-objettivi ta' ħarsien ta' l-MPAs, għandhom isiru sforzi akbar, inkluż permezz ta' riċerka u żvilupp, sabiex il-metodi ta' sajd isiru aktar favur l-ambjent sabiex jiġi faċilitat aċċess akbar għal zoni bħal dawn kull fejn dan ikun ġustifikabbli;

103. Jinnota, iżda, li s-sajd se jkollu jiġi ristrett fil-futur permezz ta' approċċ ta' prekawzjoni biex jiżgura li jinżammu ekosistemi b'saħħithom u jiġu protetti speċijiet u ambjenti naturali rari, vulnerabbli jew ta' valur u li dan żgur se jinkludi livell ogħla ta' protezzjoni ambjentali minn qabel, bl-involviment ta' netwerk ta' MPAs maħluq skond id-dispożizzjonijiet stipulati fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd (CFP) u sistema ta' ICZM, sabiex jiġi żgurat li d-degradazzjoni bla bżonn ta' l-ambjenti naturali u t-tnaqqis drastiku tal-bijodiversità jitwaqqfu;

104. Jistieden lill-Kummissjoni biex tqis kif xieraq l-esperjenzi ta' suċċess fl-immaniġġjar ta' l-industrija tas-sajd minn awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu applikati bħala mudelli f'reġjuni oħra, b'mod partikulari dawk l-esperjenzi li jinvolvu mmaniġġjar integrat u sostenibbli tal-baħar permezz ta' projbizzjoni fuq tagħmir tas-sajd mhux selettiv, qbil bejn id-daqs tal-flotot tas-sajd u r-riżorsi disponibbli, ippjanar kostali, regolazzjoni ta' l-attivitajiet tat-turiżmu, bħall-osservazzjoni taċ-ċetaċji, tfassil ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar għal siti fin-netwerk Natura 2000 u ħolqien ta' zoni protetti;

105. jenfasizza li l-irwol ta' konsultazzjoni siewi tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) għandu jiġi rikonoxxut ukoll u li l-RACs għandhom jiġu kkonsultati dwar l-immaniġġjar tal-baħar;

106. Japprova l-impenn li ħadet l-UE fis-Samit Dinji f'Johannesburg fl-2002, u mtenni fil-komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni bit-titolu "L-implimentazzjoni tas-sostenibilità fl-industrija tas-sajd ta' l-UE permezz ta' l-ogħla rendiment sostenibbli possibbli" (COM(2006)0360), biex il-popolazzjonijiet tal-ħut jerġgħu jiġu għal-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-ogħla rendiment sostenibbli possibbli (MSY) sa l-2015, fejn ikun possibbli; hu tal-fehma li dan l-aħjar li jsir hu billi jiġi evitat l-użu ta' punti ta' referenza arbitrarji bbażati fuq mudell matematiku sempliċi; iqis li interpretazzjoni alternattiva ta' l-MSY, fejn jintuża kunċett bħall-aħjar użu possibbli mill-qabdiet kumulattivi fuq perjodu ta' żmien fiss (possibilment ta' għaxar snin), tista' tipprovdi mod realistiku u possibbli biex jitjieb l-istatus ta' l-industrija tas-sajd fl-UE;

107. Iqis li mod importanti biex jitnaqqas ir-rimi huwa billi titjieb is-selettività tas-sajd, permezz ta' modifiki fit-tagħmir u fit-tekniki tas-sajd; jirrikonoxxi li l-koperazzjoni u l-għerf tas-sajjieda f'din il-kwistjoni huma essenzjali u li s-sajjieda li huma innovattivi f'dan is-sens għandhom jiġu ppremjati;

108. Jitlob li jkun hemm aktar sforzi sabiex tieqaf il-problema ta' għajb tal-qbid sekondarju u tar-rimi li hija konsegwenza serja tal-Qbid Totali Permess (TACs) u tas-sistema ta' kwoti tas-CFP; hu tal-fehma li s-serq permezz ta' qbid sekondarju ta' mammiferi tal-baħar, ta' għasafar tal-baħar u ta' fkieren huwa stmellija li trid titwaqqaf u li, barra minn hekk, il-ħsara kkawżata minn tagħmir tas-sajd fuq qigħan tal-baħar sensittivi u fuq ambjenti naturali vulnerabbli tal-baħar fond, bħas-sikek tal-qroll ta' l-ilma kiesaħ, tirrikjedi li dawn jingħataw protezzjoni speċjali mit-tagħmir tas-sajd; jirrimarka li xbieki mitlufa jwasslu wkoll għal "ghost-fishing" li ji sta' jikkawża tnaqqis konsiderevoli fl-istokkijiet tal-ħut u ħsara fl-ambjent naturali;

109. Jemmen ħafna li hemm bżonn urġenti li jkun promoss u applikat programm ta' tfassil ta' mapep/ippjanar ta' spazju għall-ilmijiet tal-Komunità sabiex tiġi ssodisfati l-ħtieġa li jinżamm settur ta' l-industrija tas-sajd sostenibbli u ġeografikament rappreżentattiv; jemmen li t-tfassil ta' mapep taz-zoni huwa eżerċizzju adattat fir-rigward ta' l-impjanti fuq il-baħar għall-enerġija mir-riħ jew għall-produzzjoni ta' l-enerġija, is-sekwestru tal-karbonju u l-estrazzjoni ta' ramel u żrar jew fir-rigward ta' l-akkwakultura u li t-tfassil ta' mapep tal-pożizzjoni taz-zoni protetti tal-baħar, inklużi s-siti ta' Natura 2000 ta' ambjenti naturali u speċi-

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

jiet sensittivi oħra, iwasslu għal użu aktar effiċjenti u sostenibbli ta' l-ambjent marittimu; jenfasizza li biex ikun possibbli ppjanar ta' spazju effettiv, iz-zoni ta' attività tas-sajd iridu jitfasslu fuq il-mapep, u dan għandu jkun faċilitat billi l-aċċess għas-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti u għad-dejta fil-ġurnal ta' abbord jitjieb u jiġi standardizzat; iqis li d-deċiżjonijiet ta' ppjanar rigward l-ilmijiet tal-Komunità għandhom jittieħdu f'konsultazzjoni sħiħa mas-settur tas-sajd u mal-komunitajiet affettwati direttament;

110. Jenfasizza s-sinifikat soċjoekonomiku li qed jiżdied fit-trobbija tal-ħut hekk kif l-istokkijiet tal-ħut tal-baħar madwar id-dinja qed jonqsu; jemmen li l-bejgħ annwali tal-prodotti ta' l-akkwakultura dalwaqt jaqbeż il-bejgħ tal-qabda fil-miftuħ; jenfasizza li l-UE kienet minn ta' quddiem f'dan l-iżvilupp eċċitanti u għandha tinsisti biex iżżomm il-pożizzjoni ta' quddiem tagħha u tinkoraġġixxi aktar żvilupp b'mod li jkun kompatibbli ma' użi kostali u marittimi oħra; jenfasizza l-importanza tat-trobbija tal-ħut għal komunitajiet rurali bosta drabi remoti fejn ftit opportunitajiet oħra ta' xogħol jeżistu; jenfasizza li, fil-kuntest ta' approċċ ta' ICZM, zoni definiti b'mod ċar fejn il-farms għat-trobbija tal-ħut jistgħu jinġabru f'daqqa għandhom jiġu promossi u li dan għandu jkun marbut ma' sistema regolatorja simplifikata li tinkoraġġixxi l-intraprendito-rija u s-sostenibilità; jemmen li għandhom jiġu żviluppati tekniki ġodda fis-settur ta' l-akkwakultura biex jippermettu mmaniġġjar aħjar tal-kwalità, l-assigurazzjoni tat-traċċabilità matul il-katina ta' produzzjoni u dik ta' valur miżjud u r-rikonoxximent ġenerali tat-trobbija tal-ħut bħala attivita ewlenija fis-settur marit-timu;

111. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċerti prattiki ta' l-akkwakultura qed jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' xi stokkijiet; jirrimarka li l-qbid ta' ċerti speċijiet fil-baħar, li jkunu għadhom żgħar, għat-tismin ma jħallihomx jirriproduċu u b'hekk ma jkunx qed jiġi żgurat il-bilanċ bijoloġiku bejn l-ispeċijiet; hu tal-fehma li l-prezzijiet għoljin li wħud minn dawn l-ispeċijiet jilħqu f'xi swieq globali huma l-kawża prinċipali għal din l-indiffe-renza sħiħa għall-bżonn li jiġu ppreservati ċerti ekosistemi tal-baħar;

112. Jirrimarka li operazzjonijiet militari wkoll iħallu impatt fuq is-settur tas-sajd; jinnota li zoni ta' sparar fuq il-baħar huma zoni fejn ħadd ma jista' jmur jistad jew iwettaq forom oħra ta' tbaħħir fihom, iżda dawn jistgħu joffru oasi għall-bijodiversità; jisħaq, madankollu, li l-użu ta' sonar bi frekwenza estrema-ment baxxa, partikolarment minn sottomarini, għandu effett serju fuq il-mammiferi tal-baħar u stokkijiet tal-ħut oħra u għandu jkun regolat b'mod strett u limitat għal zoni partikolari;

113. Jenfasizza l-bżonn ta' monitoraġġ tas-sajd fl-ilmijiet internazzjonali, minħabba li dan ukoll jaffettwa r-riżorsi ta' l-industrija tas-sajd fiż-Zona Ekonomika Esklussiva (EEZs) fi ħdan l-UE.

***Riċerka marittima, enerġija, teknoloġija u innovazzjoni***

114. Iqis li l-biċċa l-kbira mill-isfidi ambjentali u ta' sostenibilità jeħtieġu rispons li jagħmel użu xieraq ta' l-għerf xjentifiku u teknoloġiku li, għal dak il-għan, irid ikun appoġġjat b'mod xieraq permezz ta' finanzja-ment suffiċjenti mill-Komunità u mill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta strateġija għal Riċerka Marittima Ewropea u għal koordinazzjoni u netwerks aħjar ta' istituti Ewropej tar-riċerka marittima; għal dan il-għan japprova bil-qawwa l-istabbiliment ta' '***netwerk***' Ewropew għax-xjenza marit-tima, bil-parteċipazzjoni ta' l-istituti Ewropej kollha tar-riċerka marittima u l-appoġġ mill-UE; jitlob li l-għerf miksub jiddaħħal u jinżamm f'ċentru Ewropew ta' dejta marittima li l-istituti kollha tar-riċerka marit-tima jkollhom aċċess għalih; jiffavorixxi f'dan il-kuntest il-promozzjoni ta' konferenza marittima Ewropea fuq bażi regolari biex tipprovdi forum għar-riċerkaturi u l-industrija;

115. Jirrikonoxxi li l-governanza tajba tar-riżorsi ta' l-ambjent tal-baħar tirrikjedi bażi soda ta' informaz-zjoni; jenfasizza għalhekk l-importanza ta' għerf xjentifiku sod ta' l-ambjent tal-baħar sabiex iservi ta' għaj-nuna fit-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti f'sens ta' nfiq u biex jiġu evitati miżuri li ma jżidux valur; jinsisti, għalhekk, li r-riċerka marittima tingħata trattament speċjali f'termini ta' allokazzjoni ta' riżorsi biex ikun jista' jsir titjib ambjentali sostenibbli u effettiv;

116. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu u jimplimentaw programm ta' sondaġġ għall-qiegħ il-baħar Ewropew u l-ilmijiet kostali Ewropej, bil-ħsieb li jkun żviluppat atlas tal-baħar Ewropew fuq din il-bażi;

117. Japprova l-opinjoni fil-Green Paper li jeżistu problemi sinifikanti u serji bid-dejta disponibbli dwar il-kundizzjoni ta' l-ambjent tal-baħar u dwar l-attivitajiet li jew qed jitwettqu jew għandhom impatt fuqu; jappoġġja, għalhekk, is-sejħa għal programmi mtejba ħafna għal ġbir ta' dejta, tfassil ta' mapep u servejs, lokalizzazzjoni ta' bastimenti, etc. f'dawk iz-zoni li jinvolvu l-Istati Membri, il-Konvenzjonijiet tal-Baħar, il-Kummissjoni u entitajiet Komunitarji oħra, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-EMSA; jenfasizza l-importanza ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattiki f'livell nazzjonali, reġjonali u Ewropew;

118. Jitlob li r-riċerka marittima issir parti mis-Seba' Programm ta' Qafas ta' Riċerka ta' l-UE bħala tema ċentrali u bħala suġġett prinċipali għal programmi ta' qafas ta' riċerka fil-ġejjieni; jinsisti biex l-kontribuzzjoni potenzjali ta' l-oċeani biex tinstab soluzzjoni għall-problemi ta' l-enerġija fl-Ewropa tkun inkluża bħala għan ewlieni fir-riċerka, li trid tiġi inkoraġġuta;

119. Jenfasizza l-potenzjal enormi ta' żvilupp ta' l-enerġija mir-riħ fuq il-baħar u l-kontribuzzjoni ewlenija li ti sta' tagħmel għall-indipendenza ta' l-Ewropa mill-importazzjonijiet ta' l-enerġija u għall-ħarsien tal-klima, filwaqt li jirrimarka li sforzi enormi għadhom meħtieġa bis-sħiħ biex ikun żviluppat dan il-potenzjal; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal pjan ta' azzjoni għall-enerġija mir-riħ fuq il-baħar li jinkorpora approċċ Ewropew effiċjenti għat-teknoloġija ta' fuq il-baħar, li jippromwovi netwerks iktar estensivi u li jindika l-prospetti tal-kisba ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' l-enerġija ta' mill-inqas 50 GW sa l-2020: għalhekk jistenna fuq kollox l-adozzjoni ta' approċċ 'one-stop shop' u l-promozzjoni ta' infrastruttura ta' netwerk intelliġenti fuq il-baħar; jilqa' b'sodisfazzjon ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal pjan strateġiku Ewropew dwar it-teknoloġija ta' l-enerġija u jħeġġeġ li jkunu hemm sforzi bil-għan li tkun żviluppata l-enerġija mir-riħ fuq il-baħar fuq skala kbira;

120. Jirrikonoxxi l-importanza taz-zona kostali għall-iżvilupp ta' enerġija li tiġġedded li tifforma parti kruċjali u integrali mill-isforzi ta' l-UE biex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima globali; jirrimarka li t-tqassim xieraq f'zoni għall-għanijiet ta' ppjanar ta' spazju marittimu biex jippermetti l-iżvilupp ta' siti għall-isfruttament ta' l-enerġija mir-riħ, mill-marea u minn forom oħra ta' enerġija għalhekk se jkun meħtieġ sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-konflitt ma' utenti oħrajn ta' l-ambjent tal-baħar u tkun evitata d-degradazzjoni ta' l-ambjent, filwaqt li jitqiesu l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt ambjentali (EIA); jilqa' b'sodisfazzjon l-opportunitajiet sinifikanti offruti mill-industrija li qed tikber ta' l-enerġija li tiġġedded għall-ħolqien tax-xogħol u tal-kompetenza teknika fl-UE;

121. Jenfasizza, filwaqt li prattika ħażina trid tispiċċa, l-importanza ta' żviluppi mhux relatati ma' l-industrija tas-sajd li jistgħu jkunu kompatibbli mas-settur tas-sajd, bħat-tfassil ta' pjattaformi għall-produzzjoni ta' l-enerġija jew pjattaformi ta' turbini tar-riħ li jgħinu biex tkun inkoraġġuta u sostnuta ekosistema li tkun qed tikber, biex b'hekk jgħinu biex jinħolqu postijiet għat-trobbija u għar-riproduzzjoni ta' speċijiet tal-baħar f'zona fejn ma jistax isir sajd;

122. Jappoġġja l-bidla għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija mingħajr karbonju, filwaqt li jiġi żgurat li t-tfassil u l-post ta' ġeneraturi ta' l-enerġija li tiġġedded jipprovdu salvagwardji adegwati għall-fawna u l-flora marittimi; għalhekk, jitlob li jkun hemm ippjanar bir-reqqa ta' installazzjonijiet marittimi għall-produzzjoni ta' enerġija li tiġġedded; jinnota li hemm ħafna perikli potenzjali assoċjati mal-produzzjoni ta' l-enerġija li jridu jiġu evitati; jenfasizza li strutturi maħsuba biex jużaw l-enerġija mir-riħ jew mill-mewġ jistgħu jaffettwaw iċ-ċikli naturali tas-saff il-baxx tal-baħar; jenfasizza li estwarji jistgħu jitilfu zoni affettwati mill-fruġħ tal-baħar li huma sors ta' ikel għall-għasafar minħabba l-introduzzjoni ta' digi li jaħdmu bil-fruġħ tal-baħar (barrages) li jnaqqsu z-zoni affettwati mill-frugħ tal-baħar; jenfasizza, bl-istess mod, li bidliet fis-saħħa tal-frugħ tal-baħar jistgħu jaffettwaw sikek ta' "horse mussel" u "flame-shell", roqoq ta' "maerl", anemoni u qroll artab;

123. Iqis li hemm fejn isir titjib konsiderevoli fir-rigward tat-teknoloġija tad-desalinizzazzjoni biex jiġi evitat it-tniġġis ta' ilmijiet kostali, speċjalment jekk dawn iz-zoni huma parti min-netwerk Natura 2000; jistieden lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jevalwaw l-impatt ambjentali ta' l-impjanti ta' desalinizzazzjoni, b'mod partikulari f'dawk iz-zoni fejn l-ilma jista' jinkiseb permezz ta' mezzi iktar sostenibbli;

124. Iqis li, minħabba l-iżvilupp partikolarment mgħaġġel ta' l-impjanti ta' desalinizzazzjoni li jarmu tunnellati ta' ilma mielaħ u prodotti oħra fil-baħar, il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-effett ta' tali impjanti fuq il-plankton u fuq qiegħ il-baħar u fuq il-bidliet u l-mutazzjonijiet li jseħħu fl-ekosistema;

125. Jemmen li s-sistema ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo u s-sistema GMES joffru potenzjal qawwi għas-settur marittimu; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-użu ta' dawn is-sistemi fil-qafas ta' l-istrateġija marittima;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

126. Jenfasizza l-importanza ta' l-ICT fil-loġistika tal-port; hu konvint li l-proposti leġiżlattivi l-ġodda, bħal dawk dwar l-Identifikazzjoni tal-Frekwenza tar-Radju (RFID), għandhom l-iskop li jheġġu l-użu ta' dawn it-teknoloġiji; jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq standards ta' l-ICT madwar l-UE kollha għall-portijiet kollha fl-Unjoni u biex ikollha rwol ewlieni fin-negozjati għall-ħolqien ta' standards internazzjonali tat-teknoloġija;

127. Jirrimarka li, billi r-reġjuni l-iktar periferiċi jinsabu fl-inħawi ta' l-Oċean Atlantiku u ta' l-Oċean Indjan u huma f'pożizzjoni ideali sabiex ikunu osservati fenomeni bħal dawk relatati ma' ċikli tat-temp u mal-vulkanoloġija u, barra minn hekk, li l-oċeanografija, il-bijodiversità, il-kwalità ambjentali, l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali, l-enerġija u l-ilma, il-ġenetika, is-saħħa pubblika, ix-xjenzi tas-saħħa, sistemi u servizzi ġodda ta' telekomunikazzjoni f'dawn it-territorji huma oqsma għar-riċerka Ewropea per eċċellenza, dawn ir-reġjuni għandhom jitqiesu meta jkunu qed jiġu ppjanati programmi ta' riċerka u żvilupp fil-ġejjieni;

128. Iqis it-teknoloġija blu bħala waħda mill-iktar teknoloġiji promettenti ta' l-għexieren ta′ snin li ġejjin, b′ħafna użi possibbli fil-farmaċewtika, fil-kożmetiċi, fl-industrija ta' l-ikel u fir-rimedju tal-ħsarat ambjentali; jemmen li l-isforzi fir-riċerka f'dan il-qasam għandhom jissaħħu u li l-Istati Membri jistgħu jieħdu vantaġġ mill-ħolqien ta′ Fondi ta′ Investiment Blu, kif propost fil-Green Paper u li tista' tintlaħaq sinerġija aħjar b′ koordinazzjoni aħjar ta′ l-isforzi ta' l-Istati Membri fir-riċerka f'dan il-qasam; jenfasizza li kwalunkwe żvilupp fit-teknoloġija blu għandu jiġi rregolat bil-qawwa u evalwat sew sabiex jiġi evitat l-isfruttament żejjed u dannu ulterjuri lil ekosistemi tal-baħar diġà fraġli u mhedda;

129. Jirrimarka li s-sedimenti ta' qiegħ l-oċeani jinkludu kwantitajiet kbar ta' idrati ta' gass li jistgħu jissupplimentaw jew jissostitwixxu l-idrokarboni tradizzjonali; jenfasizza li aċċess żgurat għal dawn ir-riżorsi u l-evalwazzjoni tagħhom u l-iżvilupp ta' mezzi kif wieħed jisfruttahom jikkostitwixxu sfida kbira li l-Ewropa għandha teżamina mill-qrib; jemmen li l-estensjoni tal-pjattaforma kontinentali ta' l-Istati Membri ta' l-UE lilhinn minn 200 mil nawtiku, skond l-Artikolu 76 tal-Konvenzjoni ta' Montego Bay, hija opportunità biex jiġi ppreservat l-aċċess għal riżorsi supplimentari potenzjali;

***Politika marittima komuni***

130. Jenfasizza l-kisbiet sinifikanti ta' l-UE f'dawn l-aħħar snin rigward is-sikurezza marittima u l-ħarsien ta' l-ambjent (il-pakketti ERIKA I u II u miżuri leġiżlattivi oħra); jistieden lill-Kunsill biex jadotta, mill-aktar fis, pożizzjonijiet komuni dwar il-proposti leġiżlattivi tat-"Tielet Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima" u li dwaru għadha kemm intlaħqet ftehima politika;

131. Isostni li r-reġjun tal-baħar trans-nazzjonali huwa qasam importanti għal sħubija u konsultazzjoni potenzjali bejn il-parteċipanti konċernati minn politiki settorjali (trasport, ambjent, sigurta? marittima, maniġġjar ta' stokkijiet tal-ħut, eċċ.) u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi dan in-netwerking bl-appoġġ tal-programm ta' koperazzjoni territorjali 2007-2013 u l-programm tal-politika l-ġdida tal-viċinat dwar "ir-reġjuni tal-baħar"; jikkunsidra li n-natura speċifika tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom ma teskludi bl-ebda mod lir-reġjuni l-aktar imbiegħda milli jkunu parti minn dawn ir-reġjuni tal-baħar, u li għalhekk għandhom sehem leġittimu fid-dinamika tal-baċiri tal-baħar.

132. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-ħolqien ta' spazju marittimu komuni Ewropew jista′ jżid b'mod konsiderevoli l-effiċjenza ta′ l-immaniġġjar ta' l-ilmijiet territorjali u jemmen li spazju marittimu bħal dan se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tas-suq intern għat-trasporti u s-servizzi marittimi intra-UE, speċjalment fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi u tad-dwana u f'konformità mal-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u l-Konvenzjonijiet ta' l-IMO inklużi l-"libertà ta' navigazzjoni" u d-"dritt għall-passaġġ mhux offensiv" fl-EEZ f'ilmijiet internazzjonali (Baħar Miftuħ); jinnota li l-liġi Komunitarja diġà ħadet passi konsiderevoli f'din id-direzzjoni iżda li f'xi każijiet l-implimentazzjoni fl-Istati Membri għadha lura; jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw il-liġijiet Ewropej minnufih;

133. Jenfasizza l-vantaġġi u l-potenzjal ta' trasport bil-baħar fuq distanzi qosra bħala mod ta' trasport sostenibbli u effiċjenti li faċilment jevita l-konġestjoni fuq l-art u għandu kapaċità biżżejjed għat-tkabbir; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tippromwovi t-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra billi timplimenta bis-sħiħ l-atti dwar it-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra; iqis li l-fatt li t-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra għadu jitqies fil-liġi bħala trasport internazzjonali jikkostitwixxi ostaklu għat-tkabbir

tiegħu; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposta biex tintegra t-trasport bil-baħar fuq distanzi qosra fis-suq intern Ewropew; jenfasizza li din m'għandhiex tkun ta' tfixkil għall-Konvenzjonijiet ta' l-UNCLOS u l-IMO inklużi l-"libertà ta' navigazzjoni" u d-"dritt għall-passaġġ mhux offensiv" fi ħdan l-EEZ f'ilmijiet internazzjonali (Baħar Miftuħ);

134. Juri dispjaċir dwar il-progress li sar s'issa fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-proġett TEN Nru 21, "toroq tal-baħar", u jistieden lill-Kummissjoni sabiex taħtar koordinatur li jħaffef l-implimentazzjoni tat-toroq tal-baħar;

135. Iqis li l-politika marittima l-ġdida adottata mill-UE għandha tiffoka wkoll fuq il-ħarsien u l-promozzjoni ta' riżorsi arkeoloġiċi marittimi; l-inklużjoni, fl-"Atlas Ewropew ta' l-Ibħra", ta' inventarju kartografiku ta' teżori u siti arkeoloġiċi taħt l-ilma, li jiffaċilitaw l-għarfien u l-istudju tagħhom, u li jservi sabiex l-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru jikkonservaw b'mod aħjar il-patrimonju storiku u kulturali tiegħu;

136. Iqis li l-implimentazzjoni b'mod sħiħ u fil-ħin tal-leġiżlazzjoni ambjentali kollha ta' l-UE (fost l-oħrajn id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma [1], id-Direttivi dwar l-Ambjent Naturali u l-Għasafar, id-Direttiva dwar in-Nitrati [2], id-Direttiva dwar il-Kubrit fil-Karburanti Likwidi [3], id-Direttiva dwar is-Sanzjonijiet għat-Tniġġis Ikkawżat minn Vapuri) hija importanti ħafna għall-konservazzjoni tal-kwalità ta' l-ambjent tal-baħar, u li l-Kummissjoni għandha tagħmel il-pressjoni neċessarja biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jimplimentawha, u, jekk ikun meħtieġ, jieħdu azzjoni legali;

137. Huwa konvint li l-prinċipju ta' prekawzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 174(2) tat-Trattat KE, irid jifforma l-bażi tat-tipi kollha ta' sfruttament taz-zoni marittimi ta' l-UE; jenfasizza li n-nuqqas ta' ċertezza xjentifika m'għandhiex għalhekk tintuża bħala skuża għal posponiment ta' azzjoni preventiva; jemmen, min-naħa l-oħra, li l-għaġla għal azzjoni preventiva m'għandhiex timpedixxi l-użu tat-tagħrif xjentifiku;

138. Jinnota li l-Green Paper issemmi bosta kontribuzzjonijiet utli li jistgħu jitwettqu mill-militar, inklużi t-tiftix u s-salvataġġ, għajnuna għad-diżastri u sorveljanza fuq il-baħar; juri dispjaċir, iżda, li m'hemm xejn imsemmi dwar id-degradazzjoni ambjentali li tista' tkun ikkawżata mill-militar, bħal ittestjar ta' armi, kostruzzjoni ta' bażijiet navali u l-użu ta' sistemi ta' sonar ta' taħt l-ilma li jkollhom intensità għolja li jista' jkollhom effett ta' ħsara fuq iċ-ċetaċji li jwassal għan-nuqqas ta' smigħ, għal ħsara fl-organi interni u għall-inkaljar tal-massa b'konsegwenza fatali; jinsisti, f'dan ir-rigward, li attivitajiet militari jkunu inkorporati b'mod sħiħ fil-politika marittima u jkunu suġġetti għal evalwazzjonijiet sħaħ ta' l-impatt ambjentali u għal responsabilità sħiħa.

139. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkludu fil-politika marittima tagħhom investigazzjonijiet komprensivi dwar l-istokkijiet ta' munizzjoni antiki minn gwerer preċedenti li ntefgħu f'ibħra Ewropej, u l-perikli li dawn jippreżentaw għall-persuni u għall-ambjent, u biex jeżaminaw il-possibilitajiet li jagħmluhom sikuri u/jew li jirkuprawhom, u biex jieħdu azzjoni adegwata;

140. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ikollha rwol iktar prominenti f'organizzazzjonijiet internazzjonali; jenfasizza madankollu li l-Komunità ma tistax u m'għandhiex tirrappreżenta, u iktar u iktar tissostitwixxi, lill-Istati Membri ta' l-UE; itenni madankollu, li l-UE għandu jingħatalha l-istatus ta' osservatur fi ħdan l-IMO;

141. Jenfasizza li l-UE trid tkun involuta b'mod attiv fil-governanza marittima fil-livell internazzjonali biex tippromwovi kundizzjonijiet ugwali fl-ekonomija marittima mingħajr ma tikkomprometti l-ambizzjoni dwar is-sostenibilità ambjentali ta' l-attivitajiet marittimi;

(1) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar l-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).
(2) Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).
(3) Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE tas-26 ta' April 1999 dwar it-tnaqqis fil-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi u li temenda d-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 121, 11.5.1999, p. 13).

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

142. Jenfasizza li l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti ta' l-IMO, ta' l-ILO u ta' l-UE wasslu għal settur marittimu aktar sikur, aktar nadif u ekonomikament aktar vijabbli; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Annessi I u II tal-Konvenzjoni MARPOL li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007 ġew riveduti; jistieden lill-Istati Membri ta' l-UE biex jirratifikaw minnufih il-Konvenzjonijiet rilevanti kollha ta' l-IMO u ta' l-ILO, partikolarment l-Anness VI tal-Konvenzjoni MARPOL, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Libertà Ċivili għal Ħsara minn Tniġġis minn Żejt tal-Bunker, il-Konvenzjoni Internazzjonli dwar il-Kontroll ta' Sistemi "Anti-fouling" li jagħmlu l-ħsara fuq il-Vapuri, u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabilità u l-Kumpens għal Ħsara marbuta mal-Ġarr bil-Baħar ta' Sustanzi Perikolużi u li Jagħmlu l-Ħsara; jitlob li r-ratifikazzjoni jew in-nuqqas ta' ratifikazzjoni jintużaw bħala kriterju fit-tiftix ta' vapuri waqt operazzjonijiet ta' kontroll mill-Istat fil-portijiet;

143. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw b'mod attiv f'diskussjonijiet, taħt l-awspiċji tal-Fondi Internazzjonali għal Kumpens għal Tniġġis miż-Żejt (IOPCF), biex jiġi miġġieled it-tbaħħir inferjuri u għalhekk, jippromwovu tbaħħir ta' kwalità; jenfasizza li, fuq perjodu medju ta' żmien, għandha tiġi kkunsidrata reviżjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabilità Ċivili għal Ħsara minn Tniġġiż miż-Żejt u l-IOPCF;

144. Iqis li l-EMSA, il-FRONTEX, l-Aġenzija għas-Sajd u l-Aġenzija għall-Ambjent għandhom diversi strumenti disponibbli li jistgħu jiġu magħquda b'mod utli sabiex jipprovdu appoġġ effettiv għal politika marittima Ewropea; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni mhux biss biex twarrab l-ostakli għall-koperazzjoni bejn dawn l-aġenziji, iżda biex tifformalizza wkoll din il-koperazzjoni sabiex jinkiseb dan li ġej:

i) sikurezza fil-baħar u protezzjoni ta' l-ambjent tal-baħar (inklużi spezzjonijiet tas-sajd), protezzjoni mit-terroriżmu, piraterija u atti kriminali fil-baħar u sajd illegali, mhux irregolat u mhux irrapportat (IUU);

ii) spezzjonijiet koordinati tas-sajd u nfurzar ugwali madwar l-UE kollha b'pieni u sanzjonijiet ugwali jkunu applikati fil-qrati ta' l-Istati Membri;

iii) monitoraġġ strett tal-konformità ma' rotot magħżula ta' tbaħħir u prosekuzzjoni għal rimi illegali minn bastimenti; tweġiba rapida u koordinata f'każ ta' inċident, filwaqt li jittieħdu l-miżuri meħtieġa minnufih, inkluża l-għażla ta' postijiet ta' kenn u portijiet għal użu f'emerġenza u tiġi miġġielda l-immigrazzjoni illegali; itenni s-sejħa tiegħu, inkluża fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' April 2004, biex jitwaqqaf servizz ta' gwardja kostali Ewropew u jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta studju dwar il-fattibilità tiegħu kemm jista' jkun malajr;

145. Jistenna li l-Politika Ewropea ta' Viċinanza tqis b'mod xieraq il-politika marittima għall-Unjoni u l-bżonn li jkun hemm koperazzjoni ma' l-Istati ġirien ta' l-UE f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ambjent, mas-sikurezza u mas-sigurtà ta' l-ibħra u fil-baħar;

146. Iqis li s-sajd IUU hu problema serja u li qed tiżdied, li qed tikkawża kemm il-qerda ta' stokkijiet tal-ħut importanti kif ukoll kompetizzjoni inġusta bejn is-sajjieda li jirrispettaw ir-regoli u s-sajjieda li ma jirrispettawhomx; jinnota li, fir-rigward ta' ċerti industriji tas-sajd fl-UE, il-qabdiet IUU huma parti sinifikanti tal-qabda totali; jistenna bil-ħerqa l-komunikazzjoni li ġejja tal-Kummissjoni u l-proposti leġiżlattivi biex jiġi miġġieled is-sajd IUU u biex jiġi aġġornat il-Pjan ta' Azzjoni 2002 ta' l-UE;

147. Jitlob li jitkompla l-approċċ integrat għall-politika marittima Ewropea fil-ġejjieni; jenfasizza li dan għandu jinkludi mill-inqas laqgħat ta' koordniazzjoni regolari tal-Kummissarji rilevanti u skambji pubbliċi regolari ta' opinjonijiet mal-parteċipanti l-oħra, pereżempju waqt konferenzi bijennali; jistieden lill-Presidenzi futuri tal-Kunsill sabiex jinkludu l-politika marittima fil-programmi ta' ħidma tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tindika kull sena l-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE b'rilevanza marittima.

148. Jinnota li l-kunċett ta' l-integrazzjoni tal-politika marittima issa għandu jitpoġġa fil-prattika u jitlob lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-qafas tal-politiki tagħha, bil-ħsieb li tagħmel analiżi ħolistika ta' l-affarijiet marittimi u l-politiki li jħallu effett fuqhom, filwaqt li tiżgura li jitqiesu l-interazzjonijiet f'kull politika settorjali u li jkun hemm koordinazzjoni bejniethom fejn ikun xieraq; jilqa' b'sodisfazzjon il-passi li ttieħdu mill-istituzzjonijiet Komunitarji kollha u mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri rigward ir-rispons tagħhom, b'ħidma bejn is-setturi, għall-Green Paper dwar il-Politika Marittima u jistedinhom biex ikomplu mexjin f'din id-direzzjoni;

149. Jitlob għall-ħolqien ta' linja tal-baġit "Proġetti pilota għall-politika marittima" għall-promozzjoni ta' proġetti pilota dwar l-integrazzjoni ta' sistemi differenti tal-kontroll ta' l-ibħra, għall-ġbir ta' dejta xjentifika varja dwar il-baħar u għat-tixrid ta' netwerks u "Best Practices" fil-qasam tal-politika marittima u l-ekonomija kostali; huwa favur li l-politika marittima tiġi kkunsidrata b'mod xieraq fil-formulazzjoni tal-baġit tal-politiki u l-istrumenti ta' l-UE wara l-2013;

*

* *

150. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Economiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

---

**P6_TA(2007)0344**

## L-ewwel pakkett ferrovjarju

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-12 ta' Lulju 2007 dwar l-implimentazzjoni ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju (2006/2213(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju (COM(2006)0189) kif ukoll id-dokument ta' ħidma mehmuż tas-servizzi tal-Kummissjoni (SEC(2006)0530),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-emenda tad-Direttiva 91/440/KEE tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' l-intrapriżi ferrovjarji tal-Komunità ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/13/KE tas-26 ta' Frar 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emenda tad-Direttiva 95/18/KE tal-Kunsill dwar l-illiċenzjar ta' l-intrapriżi ferrovjarji ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja, it-tariffi għall-użu ta' l-infrastruttura ferrovjarja u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ([3]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2006 dwar l-introduzzjoni tas-Sistema Ewropea ta' Sigurtà, Kontroll u Senjalazzjoni tal-Ferroviji ERTMS/ETCS ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0219/2007),

A. billi l-ewwel pakkett ferrovjarju kellu l-iskop li jagħti ħajja mill-ġdid lis-settur billi jservi ta' l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' zona ferrovjarja Ewropea integrata, u li jħaffef il-progress fil-"modal shift", jiġifieri t-trasferiment tat-trasport tal-merkanzija minn fuq it-toroq għal fuq il-linji ferrovjarji,

B. billi l-Parlament fl-ewwel qari dwar it-tielet pakkett ferrovjarju talab lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapporti dwar l-effetti ta' l-ewwel u t-tieni pakkett ferrovjarju,

C. billi s-settur tat-traffiku huwa responsabbli għal bejn il-15 u t-30 % ta' l-emissjonijiet kollha tal-$CO_2$ fl-UE, u billi għalhekk huwa essenzjali li t-traffiku fit-toroq jiġi trasferit b'mod aktar intensiv għal fuq il-linji ferrovjarji, il-kanali u x-xmajjar, fejn ikollu effett inqas negattiv fuq il-klima,

---

([1]) ĠU L 75, 15.03.2001, p.1.
([2]) ĠU L 75, 15.03.2001, p.26.
([3]) ĠU L 75, 15.03.2001, p.29.
([4]) ĠU C 300 E, 9.12.2006, p.499.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

D. billi l-iżvilupp lejn trasferiment modali u lejn l-ottimizzazzjoni tal-ktajjen intermodali sa issa għadu ma kienx sodisfaċenti u billi l-ewwel pakkett ferrovjarju għadu ma tax ir-riżultati mixtieqa,

E. billi l-kundizzjonijiet ta' bażi għall-kompetizzjoni u l-koperazzjoni bejn it-traffiku fuq il-linji ferrovjarji, fit-toroq, fl-ajru u fuq il-baħar għandhom effetti inevitabbli fuq il-prestazzjoni ta' kull wieħed minn dawn il-mezzi tat-trasport, u billi għalhekk il-kwistjoni tal-kompetizzjoni ġusta bejn dawn il-forom ta' trasport trid tkun il-qofol ta' kull diskussjoni dwar l-effiċjenza u l-kompetittività fi ħdan kull forma ta' trasport,

F. billi t-traffiku ta' fuq it-toroq, li huwa ta' ħsara għall-ambjent, huwa preferut minħabba li sistemi ta' pedaġġ fl-UE, b'limitu massimu fiss, jitħallsu biss fuq bażi volontarja, l-aktar fuq il-*highways* biss u mit-trakkijiet biss, mingħajr aġġustament ta' l-ispejjeż esterni,

G. billi l-pedaġġi kellhom suċċess sinifikanti biex ittrasferew it-traffiku minn fuq it-triq għal fuq il-linji ferrovjarji — pereżempju fl-Iżvizzera — u huwa eżempju ta' interess kbir għall-politika ta' l-UE dwar it-trasport, b'mod partikulari wkoll minħabba l-fatt li l-effiċjenza mtejba tat-trasport tal-merkanzija fuq it-toroq wasslet biex l-ispejjeż għall-konsumatur żdiedu biss b'0.5 %,

H. billi l-UE, fil-ftehima ma' l-Iżvizzera kif ukoll fil-Konvenzjoni ta' l-Alpi, iffirmat protokolli dwar it-trasport u b'hekk żgurat li t-trasferiment tat-traffiku tal-merkanzija li jaqsam l-Alpi għal fuq il-linji ferrovjarji jkun parti mill-politika tal-ġejjieni ta' l-UE dwar it-trasport,

I. billi l-esperjenza wriet li l-grad tal-ftuħ tas-suq u n-numru ta' intrapriżi li daħlu fis-suq kien differenti ferm, kemm fl-Ewropa kif ukoll lil hinn minnha, fl-Istati Membri ż-żgħar u l-kbar, fil-qodma u fil-ġodda; billi ntwera li l-kompetizzjoni, f'dawk l-oqsma fejn iddaħħlet, kienet valida u kumpaniji ferrovjarji żgħar spiss jimlew b'suċċess il-post li jkun tbattal billi xi servizz ma jkunx vijabbli għall-intrapriżi l-kbar,

J. billi t-tkabbir minn 15 għal 25 u issa għal 27 Stat Membru daħħal fl-UE pajjiżi fejn l-istrutturi fil-qasam ferrovjarju f'xi każi huma differenti sew minn dawk fl-Istati Membri l-"qodma", li jġib miegħu opportunitajiet u riskji differenti għall-qasam ferrovjarju; billi t-tkabbir ta' l-UE u l-Politika tal-Viċinat ta' l-UE qegħdin joffru sfidi ġodda biex l-UE tifforma politika ferrovjarja differenzjata b'mod xieraq,

K. billi f'xi Stati Membri ġodda, speċjalment fl-Istati Baltiċi, it-traffiku ta' merkanzija lejn u minn pajjiżi terzi jikkostitwixxi kważi nofs id-dawran totali tan-negozju; billi l-liberalizzazzjoni għas-settur ferrovjarju hija mxekkla mill-oqfsa legali differenti tal-pajjiżi ġirien ta' l-UE u n-nuqqas ta' djalogu attiv bejn l-UE u dawn l-istati; billi b'riżultat ta' dan, il-kumpaniji ferrovjarji tradizzjonali għandhom pożizzjoni dominanti fis-suq fir-rigward tal-koperazzjoni ma' operaturi ferrovjarji li mhumiex ta' l-UE,

L. Il-ftuħ tan-netwerks hu wieħed mill-fatturi li wassal għal żieda fit-trasport tal-merkanzija fuq il-linji ferrovjarji b'60 % fir-Renju Unit, bi 42.5 % fl-Olanda, b'aktar minn 30 % fil-Polonja u b'25 % fil-Ġermanja, filwaqt li, pereżempju fi Franza, fejn il-ferroviji ta' l-Istat s'issa prattikament għad ma kellhomx kompetizzjoni, naqas bi 28 %; billi dan għandu wkoll konsegwenzi fuq l-impjiegi u l-kwalità tas-servizz mogħti, kif ukoll fuq il-klima, peress li l-merkanzija li m'għadhiex tinġarr bil-ferroviji issa qed tinġarr fuq it-toroq,

M. billi dan huwa konness b'mod partikolari mal-fatt li fuq in-netwerk ferrovjarju Ġermaniż hemm 274 kumpanija tat-trasport tal-merkanzija reġistrati li antiċipaw sew id-data skedata għall-ftuħ tas-suq għall-kompetizzjoni, u billi hemm 60 operatur fil-Polonja, filwaqt li fi Franza, fejn id-dati għall-ftuħ tas-suq kienu applikati strettament, huma biss ħamsa, biex ma nsemmux pajjiżi bħall-Finlandja u s-Slovenja, fejn il-monopolju statali għad m'għandux kompetituri,

N. billi sistema ta' ħlas trasparenti fuq l-infrastruttura ferrovjarja hija rekwiżit essenzjali għal kull kompetizzjoni f'dan il-qasam; billi d-Direttiva 2001/14/KE, għalkemm tibbaża l-ġbir ta' tariffi fuq il-prinċipju ta' l-ispiża marġinali, tħalli wisa' fejn jidħol l-irkupru ta' ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura, li jwassal għal sistemi u ammonti ta' ħlas differenti sew fl-Istati Membri; billi d-differenzi fl-ammont ta' investiment ferrovjarju fl-Istati Membri huma riflessi f'differenzi fil-ħlas min-naħa ta' l-operatur ta' l-infrastruttura,

O. billi l-esperjenza s'issa u l-istat attwali ta' l-intensità tal-kompetizzjoni juru li s-sistema ferrovjarja taħdem ukoll meta n-netwerk u l-intrapriża huma separati b'mod regolat,

P. billi t-trasport permezz ta' vaguni iżolati, b'sehem ikbar minn 50 %, jifforma parti importanti mit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-Ewropa, u li minnu jiddependu għadd ġmielu ta' klijenti tal-kumpaniji ferrovjarji,

Q. billi l-istatistika disponibbli dwar l-inċidenti ferrovjarji għadha mhix sħiħa, iżda turi titjib fis-sikurezza ferrovjarja wkoll wara l-ftuħ tas-suq tat-trasport tal-merkanzija; billi fl-Istati Membri li l-aktar li fetħu s-suq ma rreġistraw l-ebda tnaqqis fis-sikurezza; billi l-ksib ta' ċertifikazzjoni tas-sigurtà fil-prattika huwa mtaqqal wisq minħabba problemi ambjentali, nuqqas ta' trasparenza kif ukoll limitazzjonijiet organizzattivi u ammnistrattivi,

***Il-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni intermodali***

1. Ifakkar li l-għan li tingħata ħajja ġdida lit-trasport ferrovjarju huwa punt ewlieni tal-politika ta' l-UE dwar it-trasport, fil-kuntest ta' problemi tat-traffiku li dejjem jiżdiedu, żieda fl-emissjonijiet, sorsi limitati ta' l-enerġija u eluf ta' vittmi ta' l-inċidenti tat-traffiku, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tqis dan il-fatt fl-implimentazzjoni ta' l-ewwel pakkett ferrovjarju;

2. Huwa tal-fehma li d-Direttiva "Eurovignette 2" hija l-ewwel pass lejn kompetizzjoni intermodali ġusta: il-kompetizzjoni ġusta mhijiex possibbli meta fl-UE kollha jrid isir ħlas obbligatorju fuq il-vjaġġi ferrovjarji kollha mill-ferroviji kollha, waqt li min-naħa l-oħra l-pedaġġ tat-toroq fl-UE huwa limitat fil-prezz, jitħallas biss fuq bażi volontarja, mingħajr l-internalizzazzjoni ta' spejjeż esterni, fuq l-awtostradi biss u għat-trakkijiet biss; għalhekk, jitlob lill-Kummissjoni sabiex sa l-2008 tippreżenta Direttiva (ara l-Artikolu 1(9) tad-Direttiva 2006/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi ([1])) li fiha l-Eurovignette tiġi adattata għas-sistema tal-ħlasijiet għall-użu ta' l-infrastruttura, jiġi preskritt pedaġġ obbligatorju fuq it-toroq kollha ta' l-UE għat-trakkijiet kollha minn 3.5 tunnellati 'l fuq, mingħajr ma jkun hemm mod ta' kif wieħed jaħrab minnu, u l-ispejjeż esterni jiġu internalizzati;

3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex timplimenta l-prinċipji tal-protokolli dwar it-trasport tal-ftehima ma' l-Iżvizzera, kif ukoll tal-Konvenzjoni ta' l-Alpi, permezz ta' miżuri adegwati għat-trasferiment tat-trasport tal-merkanzija li jaqsam l-Alpi;

4. Jinnota li l-kompetizzjoni bejn il-linji ferrovjarji u l-ajruplani hija mgħawġa; huwa tal-fehma li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-pitrolju kif ukoll mit-taxxa fuq il-valur miżjud għall-biljetti internazzjonali ta' l-ajru għandha titpoġġa fuq l-aġenda internazzjonali u ta' l-UE b'mod urġenti;

5. Iqis li l-prattika li Stati Membri jitolbu ħlasijiet għolja għall-użu ta' l-infrastruttura fuq in-netwerk ferrovjarju tal-merkanzija, iżda fl-istess waqt ma jitolbux pedaġġ għat-trakkijiet fuq it-toroq hija waħda li ma taqbilx ma' l-għan tal-politika Ewropea dwar it-trasport;

6. Jenfasizza li n-nuqqas ta' interoperabilità bejn in-netwerks għadu l-ostaklu prinċipali għall-ħolqien ta' zona ferrovjarja Ewropea integrata, u jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni sabiex tippreżenta inizjattiva ġdida dwar dan l-aspett; iqis li l-liberalizzazzjoni kellha timxi id f'id mal-progress magħmul dwar l-interoperabilità u jesprimi dispjaċir li ż-żewġ proċessi mxew b'rati differenti sew minn xulxin; jirrimarka li l-ftuħ tan-netwerks għall-kompetizzjoni se jħalli l-frott biss jekk ikun hemm netwerk trans Ewropew integrat tassew; jitlob li din il-kwistjoni tiġi ttrattata bħala prijorità fil-futur;

([1]) *ĠU L 157, 9.6.2006, p. 8.*

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timmodernizza u tiżviluppa l-infrastrutturi intermodali, b'mod partikolari l-konnessjonijiet ma' l-infrastrutturi tal-portijiet;

***Il-kundizzjonijiet għall-kompetizzjoni intramodali***

8. Jenfasizza li l-interoperabilità fit-trasport ferrovjarju għandha tkompli titjieb sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-ferroviji; f'dan il-kuntest jitlob li l-ERTMS tiddaħħal bla dewmien u bla eċċezzjoni fuq is-sitt kurituri li dwarhom l-UE, permezz tal-koordinatur tagħha Karel Vinck, laħqet ftehima ma' l-intrapriżi ferrovjarji ta' l-Istati Membri (A: Rotterdam–Ġenova; B: Napli–Berlin–Stokkolma; C: Antwerp–Basel/Lyon; D: Sivilja–Lyon–Torin–Trieste–Ljubljana; E: Dresden–Praga–Brno–Vjenna–Budapest; F: Duisburg–Berlin–Varsavja);

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tuża l-eżempju tajjeb li ngħata fil-qasam ta' l-għajnuna ta' l-istat għall-vetturi ferrovjarji, li saret possibbli permezz ta' l-installazzjoni/it-titjib ta' l-ERTMS fil-ferroviji, fil-kamp tat-tnaqqis tal-ħsejjes tal-vetturi tal-merkanzija, billi dan jiffranka l-flus fil-qasam ta' l-investimenti fl-infrastruttura;

10. Jirrikonoxxi li l-possibilità li tingħata preferenza lit-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri b'detriment għat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija permezz ta' ħlasijiet għolja żżejjed għall-użu ta' l-infrastruttura, jista' jkollha effett negattiv fuq il-kompetittività tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija; jinnota li din l-imġiba ta' l-intrapriżi ferrovjarji hija konsegwenza diretta ta' allokazzjonijiet finanzjarji mhux suffiċjenti mill-Istati Membri lill-intrapriżi; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-passi legali kollha biex twaqqaf din il-prattika;

11. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu azzjoni kontra l-prassi li biha l-għajnuna finanzjarja ta' l-UE għat-trasport tingħata lill-Istati Membri, li mbagħad jużawha kważi kollha biex jissussidjaw in-netwerks tat-toroq tagħhom filwaqt li jittraskuraw in-netwerk ferrovjarju; fil-każ ta' l-iffinanzjar konġunt, mill-inqas 40 % tal-fondi għandhom jiġu allokati għan-netwerks ferrovjarji;

12. Jinnota li t-tliet Stati Membri Baltiċi implimentaw il-leġiżlazzjoni ta' l-UE u qegħdin jilliberalizzaw is-swieq tagħhom filwaqt li dan mhux il-każ fil-pajjiż ġar tagħhom, ir-Russja. Din is-sitwazzjoni speċjali kellha tiġi rikonoxxuta mir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea;

13. Jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha sabiex tmexxi 'l quddiem in-netwerk ferrovjarju trans Ewropew tal-merkanzija u jistenna li jingħata l-appoġġ b'mod partikolari għall-proġetti ewlenin tat-Netwerk Trans Ewropew;

14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rakkomandazzjonijiet għal riforma sostenibbli ta' l-istrutturi finanzjarji tal-linji ferrovjarji (ara l-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE);

15. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal pjan ta' kif tista' ssir promozzjoni tal-bini mill-ġdid ta' binarji maħsuba biex jgħaqqdu l-intrapriżi industrijali u sabiex binarji eżistenti ta' dan it-tip ma jibqgħux jinqerdu;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga l-possibilità li tagħmel il-pedaġġi uaktar trasparenti u prevedibbli, biex jiġi stabbilit il-prinċipju ta' armonizzazzjoni minima ta' pedaġġi fil-kurituri internazzjonali li intrapriżi ferrovjarji qed jinvestu fihom sabiex itejbu l-interoperabilità;

***Ir-regolazzjoni tas-separazzjoni bejn in-netwerk u l-użu***

17. Iqis li s-separazzjoni ta' l-infrastruttura ferrovjarja mill-użu, fid-dawl ta' l-irwol ċentrali ta' l-operaturi ta' l-infrastruttura għas-settur, hija kwistjoni ewlenija tal-politika ferrovjarja u, minn dan l-aspett, iqis li hu ta' ħtieġa assoluta li tinħoloq entità regolatorja indipendenti u trasparenti li jkollha fondi biżżejjed;

18. Iqis li kemm il-mudelli ta' separazzjoni kif ukoll dawk ta' integrazzjoni huma kompatibbli mal-liġi Komunitarja, bil-kundizzjoni li l-indipendenza tal-funzjonijiet essenzjali tiġi salvagwardata skond id-Direttiva 2001/14/KE; iqis li dan m'huwiex għal kollox il-każ, kif jidher mill-bosta lmenti magħmulin minn intrapriżi li jidħlu fis-swieq li jikkompetu ma' l-intrarpiżi ferrovjarji statali stabbiliti; jiġbed l-attenzjoni li l-ilmenti tagħhom għandhom jew kellhom x'jaqsmu ma' dan li ġej:

— l-aċċess għan-netwerk jew għal rotta favorevoli ma setax jingħata minħabba li din ir-rotta kienet diġà ġiet allokata għal-intrapriża ferrovjarja li tagħmel sehem mill-grupp dominanti;

— it-talbiet tagħhom ma setgħux jintlaqgħu minħabba li l-"points" kienu ġew estiżi qabel u/jew il-binarji li minn fuqhom ferrovija tista' taqbeż oħra kienu ġew żarmati;

— ġew preskritti zoni ta' rotot ta' veloċità baxxa, mingħajr raġuni tajba, sabiex titnaqqas is-sigurtà tal-konnessjoni tal-kompetituri;

— ma setgħux jinxtraw lokomotivi użati għax kienu diġà ntefgħu għall-iskrapp, jew għax l-intrapriżi ferrovjarji ma ħallewx lix-xerrejja potenzjali milli jagħmlu dan;

— il-prezzijiet skond id-distanza għolew b'mod drastiku wara li nxtrat intrapriża ferrovjarja li qabel kienet ta' l-istat;

— il-prezzijiet għall-użu ta' l-infrastruttura skond id-distanza għolew fi żmien hekk qasir, li dawn ma setgħux jibqgħu jiġu kkalkulati fl-istruttura tal-prezzijiet, filwaqt li l-intrapriża ferrovjarja li tagħmel sehem mill-grupp dominanti ġiet mgħarrfa minn qabel;

— it-transfinanzjament fi ħdan il-gruppi dominanti ma ġiex imxekkel, billi parti mill-ħlasijiet skond id-distanza mħallsa minnhom marru fil-kumpanija possedenti (holding) minflok ma ntużaw b'riżq l-infrastruttura, u dan mhux biss tejbilhom ir-riżultati iżda setgħu wkoll jagħtu servizz bi prezz orħos fis-suq;

— intrapriżi mhux statali spiss iħallsu prezzijiet ogħla għall-enerġija milli jħallsu l-fergħat tal-gruppi, anke jekk il-provvista ta' l-enerġija tiġi integrata fil-kumpanija possedenti, u l-Qorti Reġjonali ta' Frankfurt sa wkoll qatgħetha li dan it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni seta' jsir;

— ir-reġistrazzjoni, b'mod speċjali tal-lokomotivi, hija suġġetta għal regolamenti differenti bejn pajjiż u ieħor, u kull Stat Membru jitlob reġistrazzjoni separata għan-netwerk tiegħu, li mhux biss tieħu żmien twil iżda wkoll tiswa ħafna flus;

19. Jinnota li d-dħul fis-suq ta' fornituri ġodda tas-servizzi fil-qasam tat-trasport bil-vaguni iżolati jiddependi mit-tħaddim effiċjenti tal-marshalling yards; iqis li jeħtieġ li l-marshalling yards jitħaddmu b'mod newtrali sabiex ikun żgurat li l-intrapriżi kollha jkunu trattati mingħajr diskriminazzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li temenda l-liġi ta' l-UE f'dan ir-rigward;

20. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel is-sistemi ferrovjarji li attwalment huma limitati bi fruntieri nazzjonali b'mod li kull kumpanija ferrovjarja li tilħaq ir-rekwiżiti legali u tekniċi meħtieġa fi Stat Membru tkun tista' topera t-trasport fin-netwerk sħiħ Ewropew (cross-acceptance), u permezz ta' dan jiġi promoss mhux biss it-trasport trans Ewropew imma wkoll dak transkonfinali reġjonali; jenfasizza li dan iwassal ukoll biex jitneħħew il-vantaġġi tat-trasport bit-toroq u bl-ajru fejn dawn ilhom hemm għal ħafna snin;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ proċeduri legali mingħajr dewmien kontra dawk l-Istati Membri li ma implimentawx l-ewwel u/jew it-tieni pakkett ferrovjarju sad-data speċifikata;

22. Jinnota li għandha tingħata prijorità assoluta lill-implimentazzjoni sħiħa ta' l-Ewwel Pakkett Ferrovjarju, inklużi l-kriterji tat-testijiet stabbiliti mill-Kummissjoni fl-Annessi għar-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' l-Ewwel Pakkett Ferrovjarju;

23. jiġbed l-attenzjoni li fl-UE-25 is-sehem tal-linji ferrovjarji fis-suq tal-merkanzija ilu jistabbilizza ruħu sa mill-2001 u l-aħjar rendiment, bl-esklużjoni ta' l-Istati Baltiċi li jibbenefikaw mill-pożizzjoni ġeografika speċjali tagħhom u mit-tip ta' merkanzija li tinġarr, jista' jidher fi Stati Membri li kienu minn ta' l-ewwel li bdew jirriformaw l-industrija ferrovjarja tagħhom qabel ma bdew iseħħu d-Direttivi Komunitarji u l-ftuħ tas-suq;

24. Jinnota li n-nuqqasijiet ta' kapaċità tal-linji ferrovjarji Ewropej għandhom effett negattiv fuq l-operat tal-linji ferrovjarji fir-rigward ta' mezzi oħra ta' trasport; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, qabel tmiem l-2007, tistudja l-effetti ta' l-Artikoli 22, 25 u 26 tad-Direttiva 2001/14/KE b'referenza għall-analiżi tal-kapaċità u l-pjan għat-tisħiħ tal-kapaċità preskritti fiha fil-każ ta' konġestjoni ta' l-infrastruttura;

25. Jenfasizza li t-titjib tal-kompetittività tas-settur permezz ta' ftuħ tas-suq jinkoraġġixxi l-investiment futur, biex b'hekk jiġu żgurati t-tkabbir u l-impjiegi, żewġ objettivi li huma fost l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona; jinnota, barra minn hekk, bil-kontribut tagħha għall-iżvilupp ta' trasport li jirrispetta l-ambjent, il-Komunità għalhekk tagħżel l-iżvilupp ta' trasport sostenibbli;

26. Jisħaq fuq l-importanza ta' rwol indipendenti għall-intrapriżi ferrovjarji, kif hemm miġbur, fost l-oħrajn, fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 91/440/KEE fir-rigward ta' l-immaniġġjar tekniku, finanzjarju u fl-organizzazzjoni, u jinnota l-effetti pożittivi li rwol bħal dan iħalli fuq l-iżvilupp tal-ferrovija bħala mezz ta' trasport;

27. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu soċjali Ewropew biex ma jħallix li l-proċess tal-liberalizzazzjoni jiffaċilita d-dumping soċjali;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2007)0345**

## Mobilità sostenibbli

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-12 ta' Lulju 2007 dwar Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna (2006/2227(INI))**

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew "Inżommu lill-Ewropa miexja — Il-mobilità sostenibbli għall-kontinent tagħna — Reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea" (COM(2006)0314),

— wara li kkunsidra s-sinteżi tal-presidenza Finlandiża dwar ir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-White Paper tat-Trasport ta' l-2001 tal-Kummissjoni Ewropea li tirrifletti d-diskussjoni tal-Kunsill tat-Trasport tat 12 ta' Ottubru 2006 (Dok. tal-Kunsill 13847/06 TRANS 257),

— wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0190/2007),

A. billi l-komunikazzjoni fuq imsemmija tal-Kummissjoni ġiet ippubblikata wara konsultazzjoni wiesgħa li involviet il-partijiet interessati; billi hija imsejsa fuq metodu aġġornat, issegwi l-objettivi ta' Liżbona, u taqa' fil-qafas ta' l-iżvilupp sostenibbli Ewropew,

B. billi l-Parlament jirrikonoxxi l-progress f'uħud mill-oqsma tal-politika Ewropea dwar it-trasport u jenfasizza l-importanza li jibqgħu isiru sforzi bħal:

— il-bini tas-suq intern għas-servizzi tat-trasport permezz ta' interkonnessjoni ta' netwerks infrastrutturali, li jsegwi politika li tippromwovi l-interoperabilità li tiggarantixxi aċċessibiltà għal dan is-suq sabiex jiżgura l-mobilità transkonfinali neċessarja u japplika miżuri speċifiċi biex itaffi l-iżvantaġġi ġeografiċi ta' reġjuni u pajjiżi l-aktar imbiegħda fuq il-fruntieri esterni ta' l-Unjoni,

— jiżgura aktar koeżjoni bejn iċ-ċittadini permezz ta' strumenti ta' politika tat-trasport,

— japplika miżuri maħsuba sabiex inaqqsu l-effetti negattivi fuq l-ambjent tas-settur tat-trasport,

— reviżjoni kontinwa u aktar żvilupp tas-sikurezza fil-mezzi kollha tat-trasport (ta' l-ajru, tal-baħar, ta' l-ilmijiet navigabbli interni, tal-ferroviji u tat-toroq) waqt li jqis l-importanza soċjo-ekonomika tagħha,

— sforzi biex titjieb il-kwalità tas-servizz u biex il-konsumatur ikun protett f'kull metodu ta' trasport bi qbil ma' l-għan li jinħoloq suq intern,

— sforzi biex ikunu garantiti d-drittijiet bażiċi tal-passiġġieri anke billi jkun garantit servizz universali f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri,

— implimentazzjoni effettiva tar-regoli dwar kundizzjonijiet tax-xogħol,

C. billi l-Parlament jenfasizza li l-politika Ewropea dwar it-trasport għandha tilqa' l-isfidi ġodda li jmiss:

— id-domanda għat-trasport qed tikber b'mod aktar mgħaġġel mill-previst, u kibret aktar mill-GDP,

— il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea teħtieġ aktar minn qabel sistema ta' trasport sostenibbli, effiċjenti, li tiffunzjona, fejn it-trasport għandu jkun meqjus bħala parti mit-tkabbir Ewropew u mill-kompetittività Ewropea,

— l-isfidi ġodda tas-sistema integrata Ewropea tat-trasport minħabba l-aħħar tkabbir, b'mod partikolari minħabba fid-densità, fil-kapaċità, fil-kwalità u f'parametri oħra ta' l-infrastruttura tat-trasport bejn l-UE-15 u l-Istati Membri l-ġodda,

— l-effetti ħżiena ta' gassijiet serra f'dik li hi l-bidla fil-klima żdiedu, mhux inqas minħabba l-kontribuzzjoni ta' dan is-settur fuq il-bidla fil-klima,

— iż-żieda kontinwa tal-prezzijiet ta' l-enerġija, speċjalment il-prezzijiet tal-fjuwils fossili użati għat-trasport,

— iż-żieda sinifikattiva tal-potenzjal ta' l-innovazzjoni u tat-teknoloġiji l-ġodda,

— inħolqu dmirijiet ġodda mill-globalizzazzjoni,

— iż-żieda fl-importanza tas-sigurtà u l-ħarsien ta' l-infrastrutturi tat-trasport mit-terroriżmu,

— iż-żieda fil-problemi, fis-settur tat-trasport, dwar kriminalità relatata mat-trasport u s-serq organizzat ta' vetturi kummerċjali u t-tagħbija tagħhom,

— id-diffikultajiet dejjem akbar fil-bliet il-kbar tal-fluwidità tat-traffiku tal-passiġġieri u tal-kummerċ,

D. billi l-industrija tat-trasport tirrappreżenta madwar 7 % tal-Prodott Gross Domestiku Ewropew u d-dħul mit-trasport kiber b'mod kontinwu; jenfasizza l-fatt li mezzi effiċjenti tat-trasport jikkontribwixxu mhux biss għal tkabbir ekonomiku, iżda huma wkoll vitali sabiex l-investiment fit-teknoloġiji li huma disponibbli jsiru kummerċjalment possibbli u ekonomikament sostenibbli; jiġbed l-attenzjoni li l-konġestjoni tat-trasport żdiedet u qed tiswa lill-Unjoni Ewropea madwar 1 % tal-Prodott Gross Domestiku, waqt li l-industrija tat-trasport tirrappreżenta madwar 5 % ta' l-impjiegi, li jfisser aktar minn 10 miljun persuna huma impjegati f'setturi relatati mat-trasport; jemmen li f'dan il-kuntest, ir-reviżjoni ta' nofs iż-żmien tagħti opportunità lill-Parlament biex jesprimi b'mod aktar espliċitu, mingħajr ambigwità u b'mod li jkun iffukat fuq il-miri, l-għanijiet tal-politika Ewropea dwar it-trasport sabiex ikun hemm mobilità sostenibbli,

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

1. Jisħaq l-importanza ta' koperazzjoni msaħħa f'livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali, li għandha tinkludi l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli komuni u modi aktar effiċjenti ta' infurzar; jisħaq ukoll il-ħtieġa għal interkonnessjoni prammatika u koperattiva tat-trasport u oqsma oħra ta' politika bħal ma huma l-enerġija, l-ambjent u l-innovazzjoni; jipproponi li l-politika ta' trasport għandha tkun integrata b'mod sħiħ fl-Istrateġija ta' Lisbona u għandha titqies fl-istima u r-rakkomandazzjonijiet imressqa kull sena mill-Istati Membri fil-pjani nazzjonali tagħhom sabiex jikejjel u jitqabbel il-progress;

2. Jisħaq dwar il-ħtieġa ta' interkonnessjoni prammatika u koperattiva bejn it-trasport u oqsma oħra tal-politika fil-livell nazzjonali jew Komunitarju, bħalma huma l-enerġija, l-ambjent u l-innovazzjoni; jenfasizza li dawn il-politiki iridu wkoll jinkorporaw ir-rekwiżiti għall-ħarsien tal-klima, jiġifieri li bħala prijorità jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mis-settur tat-trasport b'20 % sa l-2020; iqis li metodu integrat biss jista' jikseb riżultati pożittivi għat-tnaqqis tad-diżgrazzji aċċidentali u ta' l-emissjoni u għat-titjib fis-sikurezza u fl-ambjent, kif ġie stipulat pereżempju mill-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21; jinnota l-importanza li jkun hemm informazzjoni speċifika għaċ-ċittadini bħala parteċipanti fit-trasport biex jinkoraġġihom jaġixxu b'mod aktar responsabbli;

3. Jaqbel bis-sħiħ li l-leġiżlazzjoni tal-Komunità — bi qbil mal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar u l-prinċipju tas-sussidjarjetà — għandha tiffoka fuq oqsma ġodda bħat-trasport urban, fejn il-leġiżlazzjoni hi meħtieġa u fejn miżuri ta' politika għandhom jittieħdu fuq livell ta' l-UE biss fejn dawn jikkontribwixxu għal valur miżjud ċar u jieħdu post il-burokrazija żejda ta' 27 korp ta' leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-istess tema, imma fl-istess waqt jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiggarantixxu t-twettiq, l-interpretazzjoni komuni u l-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali Ewropea dwar it-trasport; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex timplimenta kontroll regolari sabiex tkun tista' tosserva l-effikaċja ta' miżuri li qed ifittxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti u fejn meħtieġ tintroduċi korrezzjonijiet;

4. Jiddeplora l-kundizzjonijiet li bihom il-Kunsill qed jimplimenta l-politika tat-trasport ta' l-Unjoni, u jitlob bis-sħiħ sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu aktar malajr taħt il-proċedura leġiżlattiva u sabiex ikun hemm trasposizzjoni aktar mgħaġġla u koordinazzjoni aħjar fil-leġiżlazzjoni nazzjonali; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel dak kollu li tista' biex jintlaħaq dan l-għan;

5. Jinnota li l-fondi tal-Komunità għal finanzjament ta' proġetti tat-trasport tranż-Ewropew għadhom limitati u l-valur miżjud tal-programm TEN-T ma jistax jintlaħaq ħlief billi jkun lest in-netwerk kollu; jenfasizza l-finanzjament ta' l-infrastrutturi (speċjalment fejn il-problemi ta' konġestjoni huma sinifikanti), tal-partijiet transkonfinali u ta' intersezzjonijiet tat-trasport; iqis li l-progress fl-investiment prijoritarju hu aktar baxx milli previst; jenfasizza li l-proġetti prijoritarji TEN-T — sorveljati mill-kordinaturi — iridu jintgħażlu skond il-fattibilità finanzjarja tagħhom u partikolarment mir-rieda finanzjarja ta' l-Istati Membri konċernati u r-reġjuni tagħhom, u barra minn hekk skond il-livell tagħhom ta' fattibilità operattiva u l-livell ta' progress fl-ippjanar tekniku tagħhom, biex jassiguraw li l-intenzjonijiet dikjarati jkollhom applikazzjoni prattika fl-ippjanar ta' investiment li jridu jkunu stabbiliti fil-liġijiet finanzjarji varji ta' l-Istati Membri; iqis li dawn il-proġetti għandhom jipprovdu "valur miżjud pan-Ewropew" ċert bil-ħolqien ta' netwerk ġenwin u interoperabbli ta' trasport tranż-Ewropew u mhux il-ħolqien ta' ħafna biċċiet ta' netwerks nazzjonali;

6. Jenfasizza li hemm riskju kbir għat-tkabbir ekonomiku Ewropew minħabba nuqqas kontinwu ta' azzjoni finanzjarja fir-rigward ta' l-infrastruttura; jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel proposti dwar l-estensjoni possibbli ta' modi alternattivi u innovattivi ta' finanzjament — waqt li tikkunsidra wkoll ir-rapport dwar il-futur tar-riżorsi ta' l-Unjoni Ewropea — kif ukoll ta' riżorsi oħra għat-trasport u r-riċerka relatata waqt ir-reviżjoni fl-2008 tal-baġit ta' l-UE għal 7 snin; jenfasizza li dan għandu jinkludi t-tiftix ta' sorsi għall-investiment għat-trasport, u mhux b'inqas permezz ta' tariffi ġusti — bbażati fuq il-prinċipju li "min juża jħallas" u l-ħila li jiġi applikat il-prinċipju ta' "min iniġġeż iħallas" — bil-kundizzjoni li d-dħul jerġa' jiġi investit fis-settur tat-trasport; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom janalizzaw flimkien il-problema finanzjarja, fuq perjodu ta' żmien fit-tul, tal-kostruzzjoni u ta' l-operabilità tat-TEN-T kollu, u jqisu li l-perjodu ta' kostruzzjoni jinkludi mill-inqas żewġ perjodi finanzjarji ta' 7 snin u li ċ-ċiklu ta' żmien ta' l-infrastrutturi ġodda jkun ta' mill-inqas ftit għexieren ta' snin;

7. Jilqa' il-ħolqien ta' Fond ta' Garanzija iżda jixtieq aktar inizjattivi simili, b'mod speċjali meta l-imsieħba pubbliċi/privati — f'qafas legali xieraq — jistgħu ikunu kapaċi jeżerċitaw irwol fil-finanzjament, iżda mhux mingħajr vijabilità ekonomika u finanzjarja ċara; jenfasizza li l-irwol ta' l-EIB, li jrid ikun kompatibbli, madanakollu, mal-parteċipazzjoni l-aktar wiesgħa tas-sistema bankarja u finanzjarja Ewropea fil-proġetti infrastrutturali u ta' trasport;

8. Jinnota li l-estensjoni ġeografika ta' l-Unjoni Europea ikkawżat żieda notevoli fid-diversità, li minħabba f'hekk, evalwazzjonijiet bir-reqqa ta' l-impatt, qabel kull leġiżlazzjoni, għandhom jagħmlu lill-Unjoni Europea konxja ta' l-effetti possibbli f'kull Stat Membru, b'mod speċjali fil-pajjiżi l-ġodda; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Komunità u lill-Istati Membri biex jagħmlu mill-aħjar ħalli jagħmlu użu sħiħ mill-fondi kollha disponibbli allokati għall-iżvilupp ta' l-infrastruttura tat-trasport billi, fejn hemm nuqqas ta' kapaċità u infrastruttura, progress kwalitattiv lejn trasport aktar effettiv u aktar sostenibbli ma jistax jintlaħaq bil-għajnuna ta' miżuri orizzontali — l-komodalità u ta' trasport intelligenti;

9. Jaqbel li għandu jiġi segwit metodu aktar realistiku milli kien il-każ fl-imgħoddi u li għandu jsir użu sħiħ tal-kapaċitajiet limitati u jenfasizza l-importanza li jsir użu effiċjenti u innovattiv tal-modi ta' trasport li joperaw indipendentement jew f'integrazzjoni multimodali; jenfasizza li l-iżvilupp tal-komodalità għandu jkun konformi mat-tnaqqis ta' l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent; jinnota li kull mezz ta' trasport għandu jiżviluppa bil-merti tiegħu stess, bi standards ambjentali xierqa, u jerfa' l-ispejjeż tiegħu stess, biex b'hekk tittejjeb il-mobilità biż-żieda fl-effiċjenza fil-mezzi kollha tat-trasport; jenfasizza li l-komodalità tippermetti użu ottimali u sostenibbli ta' riżorsi li jintlaħqu permezz tal-ġestjoni tal-mobilità fil-loġistika tat-trasport u permezz ta' konnessjoni intermodali ta' mezzi differenti ta' trasport, ħaġa li tista' tnaqqas it-traffiku, waqt li jippermetti kapaċitajiet akbar li jkunu ta' vantaġġ għas-sistema kollha;

10. Iqis li t-tkomplija rapida tan-netwerk TEN-T hu l-ewwel pass biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-komodalità aħjar; jinnota li fi swieq differenti bidla modali hi essenzjali biex tnaqqas l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent, u bidla modali żgħira tista' tnaqqas il-konġestjoni fit-toroq; jirrimarka li għandhom isiru bidliet lejn modi ta' trasport iktar favorevoli għall-ambjent, bħal m'huma l-ferrovija, il-karozza tal-linja u l-kowċis, il-'carpooling' u l-'carsharing', il-mixi u l-użu tar-roti, it-trasport bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni u jemmen li għandha ssir enfasi fuq modi ta' trasport fejn il-livell ta' parteċipazzjoni għadu baxx u għalhekk għandhom potenzjal qawwi;

11. Jiġbed l-attenzjoni li filwaqt li l-proġetti TEN-T ikomplu, il-miżuri konvenzjonali qed jilħqu l-limiti tagħhom; għalhekk jenfasizza l-potenzjal ta' sistemi intelliġenti ta' trasport, ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi, ta' investimenti fit-telematika sabiex tittejjeb l-effiċjenza tat-traffiku, tonqos il-konġestjoni u tiżdied is-sikurezza u l-effiċjenza ambjentali; jenfasizza li jeħtieġ li l-benefiċċji ta' sistemi intelliġenti u ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi (SESAR (trasport bl-ajru), ERTMS (trasport ferrovjarju), RIS (sistema ta' informazzjoni tax-xmajjar), Galileo (navigazzjoni satellitari), eċċ.) għandhom isiru realtà; jenfasizza li l-kompitu prinċipali — kemm tal-Komunità u kemm ta' l-industrija — hu li jsostnu s-suq għal soluzzjonijiet innovattivi ġodda, u li joħolqu ambjent favorevoli kemm mil-lat leġiżlattiv u kemm mil-lat tekniku, inklużi applikazzjonijiet iffaċilitati tat-teknoloġiji l-ġodda permezz ta' appalti pubbliċi;

12. Jinnota li tfaċċaw isfidi ġodda bħala riżultat tal-globalizzazzjoni tal-loġistika, li hi element essenzjali għall-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea; jappoġġja l-iżvilupp ta' qafas strateġiku għat-trasport tal-merkanzija fl-Ewropa u jqis li strateġija bħal din għandha tkun ibbażata fuq il-ħsieb li t-trasport ta' oġġetti hu, fundamentalment, qasam purament tan-negozju u li għalhekk ir-regolazzjoni għandha tillimita ruħha għall-ħolqien ta' ambjent tan-negozju xieraq għal trasport effiċjenti tal-merkanzija; jenfasizza li l-politika Ewropea dwar it-trasport trid tintegra l-loġistika fl-iżvilupp tal-portijiet u fl-integrazzjoni u l-iżvilupp ta' pjattaformi għall-loġistika; jippromwovi soluzzjonijiet loġistiċi multimodali u s-sistema modulari Ewropea, konnessjonijiet ta' infrastrutturi u soluzzjonijiet informatiċi avvanzati;

13. Jisħaq dwar il-ħtieġa ta' koperazzjoni u ftehimiet ta' l-UE ma' pajjiżi terzi b'mod individwali u fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma tat-trasport, ta' l-enerġija u tas-sigurtà; jesprimi x-xewqa tiegħu li jkun involut sew f'dawn in-negozjati u l-ftehimiet;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

14. Jilqa' l-pjan tal-Programm ta' Ħidma, stabbilit fl-Anness I tal-Komunikazzjoni fuq imsemmija tal-Kummissjoni, għas-snin li ġejjin, u:

— jenfasizza l-importanza tal-politika marittima Ewropea u b'mod partikolari l-istrateġija integrata flimkien ma' politika tal-portijiet, li għandha tidħol fl-ambitu tat-Trattat,

— jenfasizza l-importanza tal-proġett "Rotot tal-Baħar" ("Motorways of the Sea"),

— jenfasizza aktar żviluppi magħmula fil-kamp ta' l-avjazzjoni, inklużi skambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet, u jappoġġja l-progress tal-programm SESAR,

— jirrimarka li hemm bżonn kunċett komuni ġenerali Ewropew għall-iżvilupp ta' ajruporti biex jiġu evitati allokazzjonijiet żbaljati ta' fondi,

— jappoġġja l-kontinwazzjoni tal-Programm Marco Polo,

— jenfasizza li l-Programm Galileo u l-ERMTS għandhom jitlestew malajr kemm jista' jkun,

— jappoġġja l-progress tal-proġetti eSafety u għall identifikazzjoni permezz ta' frekwenzi tar-radju (RFID),

— jappoġġja l-progress tal-proġett ta' passaġġi ta' l-ilma interni NAIADES u jħeġġeg lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iressqu proposti fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet imħabbra f'dan il-pjan ta' azzjoni, u jappoġġja l-progress tar-RIS,

— jistenna bil-ħerqa li l-Kummissjoni tipproponi, fl-2008, mudell applikabbli b'mod ġenerali, trasparenti u komprensibbli biex jiġu evalwati l-ispejjeż kollha esterni ħalli jservu ta' bażi għall-kalkulazzjoni ta' ħlasijiet ta' l-infrastruttura fil-ġejjieni, dan il-mudell għandu jkollu evalwazzjoni ta' l-impatt dwar l-assimilazzjoni ta' l-ispejjeż esterni għal kull mod ta' trasport kif ukoll strateġija għall-implimentazzjoni tal-mudell fil-modi kollha ta' trasport,

— jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-isforzi tagħha ħalli timplimenta b'mod sħiħ id-Direttiva 2004/52/KE dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar tariffi tat-toroq fil-Komunità, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tħejji rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva qabel tmiem l-2007;

— jitlob biex isir studju tal-fattibilità — bi qbil mar-rapport dwar il-futur tar-riżorsi ta' l-UE — biex ikunu pprovduti fondi garantiti u sostenibbli,

— jenfasizza li għandha tingħata prijorità meta jiġi implimentat is-Seba' Programm ta' Qafas għall-proġetti u programmi li jikkonċernaw sistemi intelliġenti ta' trasport u loġistika inklużi sikurezza fit-toroq, trasport urban u teknoloġija għall-magni nodfa,

— jitlob biex jiġu żgurati standards madwar l-UE kollha ta' kwalità u ta' interoperabilità għall-bijofjuwils,

— jenfasizza l-bżonn ta' pjan għall-effiċjenza ta' l-enerġija fit-toroq,

— jenfasizza l-importanza tal-Green Paper dwar it-trasport urban, u jinkoraġixxi l-ħolqien ta' modi ta' trasport biex jgħinu t-trasport urban jersaq lejn integrazzjoni modali, jiżviluppa sistemi ta' mmaniġġjar tat-traffiku, u joħloq kundizzjonijiet biex jkunu ippremjati l-utenti li jagħmlu użu minn mezzi alternattivi,

— jenfasizza l-importanza ta' aktar miżuri favur it-trasport sostenibbli fl-inħawi tal-muntanji u f'dawk b'popolazzjoni ffullata, wara l-firma tal-Protokoll dwar it-Trasport tal-Konvenzjoni Alpina, mill-Kunsill tat-Trasport fil-11 ta' Diċembru 2006;

— jissuġġerixxi li tiġi ppreżentata Green Paper dwar it-turiżmu Ewropew u li ssir valutazzjoni speċifika ta' l-impatt li tinfluwenza b'mod ċar it-turiżmu Ewropew;

15. Filwaqt li l-politika dwar it-traport ta' l-Ewropa rijunifikata ffaċċat u qiegħda kontinwament tiffaċċja sfidi ġodda, jenfasizza li r-reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-White Paper ta' l-2001 dwar it-Trasport ma stipulatx l-objettivi u t-tweġibiet fuq medda twila ta' żmien li jagħtu approċċ integrat għall politika ġejjiena Ewropea dwar it-trasport; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'mod immedjat tibda taħdem fuq politika Ewropea dwar it-trasport għal wara l-2010, liema politika tkun imħejjija tajjeb, u li tkun tista' tilqa' l-isfidi ġodda b'mod sostenibbli;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2007)0346**

## Mard kardjovaskulari

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar azzjoni biex jiġi miġġieled il-mard kardjovaskulari

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 152 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill dwar l-Impjiegi, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur ta' l-1 u t-2 ta' Ġunju 2004 ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Programm ta' Azzjoni dwar is-Saħħa Pubblika 2007-2013 (COM(2006)0234),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2005 dwar il-programm leġiżlattiv u ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2006 ([2]),

— wara li kkunsidra 'l-Istrateġija Ewropea għall-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li ma Jitteħidx' ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet u l-objettivi strateġiċi dwar in-nisa u s-saħħa tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma għall-Azzjoni ta' Beijing, adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija tan-NU dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida Ewropej dwar il-prevenzjoni ta' mard kardjovaskulari ([4]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni adottata fil-Konferenza dwar is-Saħħa tal-Qalb, li saret fil-Lussemburgu fit-28 u d-29 ta' Ġunju 2005 ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konferenza 'Women's Health at Heart' li saret fi Brussell fis-7 ta' Marzu 2006 ([6]),

— wara li kkunsidra il-Karta Ewropea dwar is-Saħħa tal-Qalb, ta' Ġunju 2007 ([7]),

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-Presidenza Finlandiża dwar "Is-Saħħa fil-politiki kollha" mill-2006 ([8]),

— wara li kkunsidra s-Seba' Programm Qafas ta' Riċerka (2007-2013) ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/lsa/80729.pdf.
([2]) ĠU C 286 E, 23.11.2006, p. 487.
([3]) EUR/RC56/R2.
([4]) Eur J Cardiovasc Prev Rehabil 2003 Diċ;10(Suppl 1):S1-78.
([5]) http://www.escardio.org/NR/rdonlyres/8D8142BF-23F3-4811-ABFE-3B0BCFEBB0EF/0/LuxembourgDeclaration_116Kb.pdf.
([6]) www.cvhconference.org.
([7]) www.heartcharter.eu.
([8]) http://www.stm.fi/Resource.phx/eng/subjt/inter/eu2006/hiap/index.htx.i1153.pdf.
([9]) Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1).

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

A. billi, skond l-istatistika Ewropea ta' l-2005 dwar il-mard kardjovaskulari, il-mard kardjovaskulari kien il-kawża tal-mewt ta' 1.9 miljun ruħ, l-aktar kawża sinifikanti ta' mwiet għan-nisa u għall-irġiel fl-UE; billi n-nisa u l-irġiel huma milquta b'mod differenti mill-mard kardjovaskulari; billi n-nisa għandhom ċans akbar li jmutu minn puplesija jew minn attakk tal-qalb mill-irġiel; billi l-mard kardjovaskulari fin-nisa ta' spiss ma jkunx iddijanjostikat u kkurat sewwa ([1]),

B. billi l-mard kardjovaskulari jikkawża kważi nofs l-imwiet kollha, jiġifieri 42 %, fl-UE ([1]),

C. billi l-mard kardjovaskulari huwa, b'sehem ta' 18 %, it-tieni l-akbar kawża ta' morbożità (mard u mewt) fl-UE ([1]),

D. billi l-ispiża totali tal-mard kardjovaskulari jammonta għal EUR169 biljun fl-UE, li minnhom EUR 105 biljun jintefqu għall-kura tiegħu fl-UE u s-somma li jibqa ta' EUR 64 biljun tirriżulta mit-telf ta' produttività u għall-ispiża tal-kura informali ([1]),

E. billi s-saħħa hija stat sħiħ ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali u mhux biss in-nuqqas ta' mard jew debbulizza,

F. billi l-bidliet fl-istruttura demografika ta' l-UE jirrikjedu li n-nies jaħdmu aktar fit-tul fil-ħajja u billi l-indeboliment minħabba pressjoni għolja u mard kardjovaskulari għandu effett negattiv fuq is-suq tal-ħaddiema ([2]),

G. billi skond l-indikaturi ta' l-OECD 2005 ([3]) 'madwar 3 % biss min-nefqa attwali għas-saħħa issir għall-prevenzjoni u għal programmi ta' saħħa pubblika',

H. billi fatturi ta' riskju ewlenin għall-iżvilupp ta' mard kardjovaskulari huma prinċipalment il-konsum tat-tabakk u l-alkoħol, l-eċċess ta' xaħam addominali li jista' jwassal għal kumplikazzjonijiet fil-metaboliżmu, il-livell għoli ta' glukosju, lipidi u kolesterol fid-demm u l-pressjoni għolja,

I. billi l-maġġoranza tal-mard kardjovaskulari jista' jiġi evitat b'bidla fil-mod ta' l-għixien flimkien ma' l-identifikazzjoni minn kmieni ta' individwi b'riskju għoli u permezz ta' dijanjożi tajba,

J. billi l-WHO tirrikonoxxi li *'l-aktar metodi effettivi f'sens ta' nfiq sabiex jitnaqqas ir-riskju fost popolazzjoni sħiħa huma l-interventi fuq il-popolazzjoni kollha, li jikkombinaw politiki effettivi u politiki wiesgħa ta' promozzjoni tas-saħħa* ([4]),

K. billi ma teżistix strateġija Ewropea tanġibbli sabiex tindirizza l-mard kardjovaskulari,

L. billi l-konklużjonijiet tal-Konferenza 'Women's Health at Heart' ta' Marzu 2006 sejjħu lill-Kunsill sabiex jadotta Rakkomandazzjoni dwar strateġija tanġibbli fuq livell ta' l-UE rigward is-saħħa kardjovaskulari fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni li tinkludi l-promozzjoni tas-saħħa kardjovaskulari, mekkaniżmi ta' appoġġ għall-istrateġiji u l-attivitajiet ta' l-Istati Membri, linji gwida dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, l-aħjar metodi preventivi, il-kura, ir-rijabilitazzjoni u l-eżami u t-tħarriġ ta' tobba mgħallma minn tobba,

M. billi fost l-Istati Membri hemm diskrepanzi kbar fil-prevalenza, l-prevenzjoni u l-kura tal-mard kardjovaskulari, u huwa l-irwol ta' l-UE li tiġġieled dawn l-inugwaljanzi u li ċċekken id-differenzi,

N. billi l-ġeneru huwa fattur kruċjali fl-iżvilupp, fid-dijanjożi, fil-kura u fil-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari; billi mhux qed tingħata biżżejjed attenzjoni għall-ġeneru fil-qasam tas-saħħa, li qed jirriżulta f'impatt negattiv fuq il-kura tal-mard kardjovaskulari fin-nisa,

---

([1]) Studju: Id-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u t-Tfajliet Żgħar fis-Settur tas-Saħħa, Dipartiment tal-Politika C, PE 378.295.

([2]) High Blood Pressure and Health Policy, Kanavos/Őstergren/Weber et al., 2007.

([3]) Ħarsa lejn is-Saħħa — Indikaturi ta' l-OECD 2005, Novembru 2005.

([4]) Dokument ta' Informazzjoni tal-WHO — Mard Kardjovaskulari: prevenzjoni u kontroll, WHO, 2003, disponibbli fuq http://www.who.int/dietphysicalactivity/media/en/gsfs_cvd.pdf.

O. billi, fir-riżoluzzjoni fuq imsemmija tal-15 ta' Diċembru 2005, il-Parlament sejjaħ lill-Kummisjoni biex tiżgura segwitu xieraq għall-komunikazzjoni tagħha dwar il-ġlieda kontra l-obeżità, il-mard tal-qalb, id-dijabete, il-kanċer, il-mard tal-moħħ u l-HIV/AIDS

P. billi l-kura ta' mard ieħor ewlieni rċieva sostenn kbir min-naħa tal-Parlament Ewropew fl-2006 fis-sura tad-dikjarazzjoni bil-miktub tas-27 ta' April 2006 dwar id-dijabete ([1]) u r-riżoluzzjoni tal-25 ta' Ottubru 2006 dwar il-kanċer tas-sider fl-Unjoni Ewropea mkabbra ([2]), filwaqt li ma jeżisti xejn dwar il-mard kardjovaskulari, li huwa l-akbar kawża ta' mwiet fl-Ewropa,

1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproponi Rakkomandazzjoni dwar il-mard kardjovaskulari inkluża l-pressjoni għolja tad-demm, u dwar l-identifikazzjoni minn kmieni ta' individwi b'riskju għoli u dwar strateġiji ta' prevenzjoni fl-Ewropa, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn il-ġeneru sabiex fil-qasam tas-saħħa tkun żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi;

2. Jistieden lill— Kummissjoni sabiex tniedi stħarriġ sabiex tinkuraġġixxi li spazji pubbliċi kbar, bħal stazzjonijiet tal-ferrovija jew tal-metro, ajruporti u stadiums, ikunu mgħammra b'sistemi għall-kura li tingħata fil-post (qabel it-teħid lejn l-isptar), bħad-defibrillazzjoni immedjata ta' vittmi ta' waqfien tal-qalb minħabba fibrillazzjoni kardijaka;

3. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw u jsaħħu s-sistemi tagħhom ta' sorveljanza tal-fatturi ta' riskju;

4. Jistieden lill-Istati Membri biex jadottaw jew jirrevedu l-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa pubblika sabiex dawn ikunu jinkludu l-promozzjoni tas-saħħa, il-popolazzjoni u strateġiji għall-immaniġġjar minn kmieni ta' riskji għoljin fis-saħħa kardjovaskulari, u biex jiżviluppaw studji ta' impatt fuq is-saħħa sabiex jitkejjel il-piż fuq is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn il-ġeneri biex fil-qasam tas-saħħa tkun żgurata l-ugwaljanza bejn is-sessi;

5. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu linji gwida nazzjonali għall-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari, inklużi linji gwida standard dwar l-aħjar prattiki sabiex jiġi identifikati l-persuni b'riskju għoli;

6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jaslu għal kunsens dwar l-istipular ta' objettivi għall-immaniġġjar tat-testijiet u l-kontrolli tal-pressjoni għolja fid-demm;

7. Jinkuraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw il-promozzjoni tas-saħħa kardjovaskulari, l-identifikazzjoni minn kmieni ta' gruppi b'riskju għoli u strateġiji ta' prevenzjoni, bħala l-aktar metodi effettivi f'sens ta' nefqa sabiex jiġi miġġieled il-mard kardjovaskulari;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jadottaw approċċ multisettorjali għall-promozzjoni tas-saħħa kardjovaskulari u strateġiji preventivi b'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti kollha;

9. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw aktar il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom dwar dawk l-aspetti li jiddeterminaw is-saħħa li huma marbuta mal-mod ta' għixien, sabiex jippromwovu modi ta' għixien li jkunu tajbin għas-saħħa;

10. Jappella għal appoġġ finanzjarju kontinwu għal aktar riċerka fil-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari u għall-promozzjoni tas-saħħa kardjovaskulari fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew, inkluża riċerka dwar il-fatturi ta' riskju tal-mard kardjovaskulari, il-prevalenza u l-fatturi ġenetiċi;

11. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw programmi pubbliċi edukattivi sabiex iqajmu l-kuxjenza tal-fatturi ta' riskju relatati mal-mard kardjovaskulari u programmi speċjalizzati għall-edukazzjoni kontinwa ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa;

12. Jistieden lill-Istati Membri sabiex ikejlu l-prevalenza ta' mard kardjovaskulari fost il-popolazzjoni tagħhom u jevalwaw il-programmi nazzjonali tagħhom sabiex jidentifikaw parametri ta' riferenza li jippermettu li l-awtoritajiet nazzjonali tas-saħħa jistipulaw objettivi tanġibbli meta jkunu qed jimplimentaw l-inizjattivi mmirati;

([1]) ĠU C 296 E, 6.12.2006, p.273.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0449.

13. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni ta' l-aktar Linji Gwida Ewropej riċenti dwar il-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari mfassla mit-'Task Force' Konġunt Ewropew;

14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinkuraġġixxi inizjattivi u kollaborazzjonijiet ma' partijiet interessati li għandhom l-għan li jippromwovu titjib fis-saħħa kardjovaskulari permezz ta' aktar kontrolli fuq it-tabakk u fuq l-alkoħol u dieta mtejba u attività fiżika bħala mezzi ta' prevenzjoni ta' l-obeżità u tal-pressjoni għolja tad-demm u tal-kumplikazzjonijiet relatati tagħhom;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex issegwi fuq l-inizjattivi preċedenti tagħha dwar l-iskambji bejn l-Istati Membri ta' l-aħjar prattika dwar il-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-iskambju regolari ta' esperjenza, informazzjoni u dejta dwar is-saħħa kardjovaskulari bejn il-partijiet kollha interessati li huma involuti fil-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari;

17. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid il-komparabilità tad-dejta billi tinkoraġġixxi t-twaqqif ta' bażi ta' dejta għall-monitoraġġ tal-prevalenza, tal-mortalità, tal-morbożità, u ta' fatturi ta' riskju relatati mal-mard kardjovaskulari madwar l-Istati Membri;

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa, skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Is-Saħħa fil-Politiki kollha, studji ta' impatt fuq is-saħħa sabiex tkejjel il-piż tal-mard kardjovaskulari u tal-pressjoni għolja fid-demm fuq il-produttività ekonomika Ewropea madwar l-Istati Membri;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pjan imħabbar dan l-aħħar mill-Kummissjoni li tiżviluppa strateġija dwar is-saħħa u jħeġġiġha biex f'dan il-pjan tiffoka fuq il-ħtieġa ta' aċċess indaqs għal faċilitajiet għall-prevenzjoni, l-kura, d-dijanjożi u l-kontroll tal-mard għall-Ewropej kollha mingħajr ma jingħata kas tan-nazzjonalità tagħhom;

20. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iġġib għall-attenzjoni ta' l-Istati Membri l-opportunitajiet ta' finanzjament li huma disponibbli għal metodi ta' ttestjar u prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari u tal-pressjoni għolja fid-demm kif ukoll għal riċerka ulterjuri dwar il-mard kardjovaskulari, pereżempju permezz tas-Seba' Programm Qafas, il-Fondi Strutturali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**P6_TA(2007)0347**

# Ftehim dwar PNR

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-ftehim PNR ma' l-Istati Uniti**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Ujoni Ewropea, l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta'l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea rigward il-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2006 ([1]) u r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-PNR tal-14 ta' Frar 2007 ([2]),

— wara li kkunsidra l-ftehim PNR preċedenti bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika tat-28 ta' Mejju 2004 u bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika tad-19 ta' Ottubru 2006,

([1]) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 250.
([2]) P6_TA(2007)0039,.

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim tat-28 ta' Ġunju 2007 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' data PNR minn kumpaniji ta' l-ajru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna ta' l-Istati Uniti (DHS), trażmess b'mod informali mill-President fil-Kariga tal-Kunsill, il-Ministru Wolfgang Schäuble, liċ-Chairperson tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, l-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni,

— wara li kkunsidra s-sentenza konġunta mogħtija mil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropew tat-30 ta' Mejju 2006 fir-rigward tal-każijiet konġunti C-317/04 u C-318/04,

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand id-DHS tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar l-assigurazzjonijiet li jispjegaw is-salvagwardja tad-data PNR, trażmessa b'mod informali mill-President fil-kariga tal-Kunsill, is-Sur Schäuble, liċ-Chairperson tal-Kumitat LIBE,

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tas-27 ta' Ġunju 2007, dwar il-ftehim PNR il-ġdid ma' l-Istati Uniti (ftehim PNR il-ġdid), indirizzata lill-President fil-Kariga, is-Sur Schäuble, u r-risposti li rċieva mis-Sur Schäuble u minn Jonathan Faull, Direttur-Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, l-Libertà u s-Sigurtà tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2007 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien ta' l-Individwi fl-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali, tal-Kunsill ta' l-Ewropa, rigward l-awtoritajiet ta' kontroll u l-ħruġ transkonfinali ta' data,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tal-kumpaniji ta' l-ajru li jikkomunikaw id-data tal-passiġġieri ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-għan iddikjarat tal-ftehim PNR il-ġdid huwa li jipprovdi bażi legali għat-trasferiment tad-data PNR ta' l-UE lill-Istati Uniti min-naħa l-waħda, u li jiżgura ħarsien xieraq tad-data personali u s-salvagwardji proċedurali għaċ-ċittadini Ewropej min-naħa l-oħra,

B. billi l-ftehim PNR il-ġdid huwa ntenzjonat li jipprevjeni u jikkumbatti t-terroriżmu u l-kriminalita' internazzjonali,

C. billi l-ftehim PNR il-ġdid ma jissodisfax it-tieni objettiv, għaliex hemm nuqqas sostanzjali fir-rigward taċ-ċertezza legali, il-ħarsien tad-data u l-kumpens legali għaċ-ċittadini ta' l-UE, partikolarment minħabba definizzjonijiet wiesgħa u vagi u ħafna possibilitajiet ta' eċċezzjonijiet,

D. billi l-ftehim PNR il-ġdid jipprovdi qafas legali għat-trasferiment tad-data PNR tal-UE lill-Istati Uniti u, b'hekk jipprovdi bażi tal-operaturi ta'l-ajru biex joperaw fl-Istati Uniti,

E. billi l-ħarsien adegwat tal-privatezza u l-libertajiet ċivili taċ-ċittadini individwali u l-kontrolli tal-kwalità tad-data huma meħtieġa jekk l-iskambju ta' data u ta' informazzjoni jrid ikun għodda ta' valur u affidabbli fil-ġlieda kontra t-terroriżmu,

***Ġenerali***

1. Jirrikonoxxi l-kundizzjonijiet diffiċli li fihom saru n-negozjati PNR, u jirrikonoxxi, fil-prinċipju, il-benefiċċju li jkun hemm ftehim PNR UE-Stati Uniti wieħed iktar milli 27 ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti;

2. Jesprimi dispjaċir kbir għan-nuqqas ta' viżjoni demokratika ta' kwalunkwe tip, għaliex il-ftehim PNR il-ġdid, inizjat minħabba r-rekwiżiti ta' l-Istati Uniti, ġie nnegozjat u miftiehem mingħajr l-ebda involviment tal-Parlament Ewropew u nholoq nuqqas ta' opportunità għall-parlamenti nazzjonali li jeżerċitaw kwalunkwe influwenza fuq il-mandat tan-negozjati, li jevalwaw bir-reqqa l-ftehim PNR il-ġdid propost, jew biex jipproponu xi modifiki fih;

([1]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24.

3. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas persistenti ta' ċertezza legali fir-rigward tal-konsegwenzi u l-iskop ta' l-obbligi imposti fuq il-kumpaniji ta' l-ajru kif ukoll ir-relazzjoni legali bejn il-ftehim PNR il-ġdid u l-ittra tad-DHS;

4. Jikkritika l-ftehim PNR għaliex ma toffrix livell adegwat ta' protezzjoni tad-data PNR, u juri dispjaċir għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ċari u proporzjonati fir-rigward ta' l-iskambju ta' informazzjoni u ż-żamma u l-kontroll mill-awtoritajiet għall-ħarsien tad-data; jinsab imħasseb dwar il-bosta dispożizzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fid-diskrezzjoni tad-DHS;

5. Jistieden, għalhekk, lill-parlamenti nazzjonali ta' l-Istati Membri biex jeżaminaw b'attenzjoni l-abbozz tal-ftehim PNR il-ġdid fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet magħmula f'din ir-riżoluzzjoni;

***Rigward il-qafas legali***

6. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-amministrazzjoni, il-ġbir, l-użu u ż-żamma tad-data PNR min-naħa tad-DHS m'humiex ibbażati fuq ftehim xierqa, iżda biss fuq assigurazzjonijiet li ma jorbtux, li d-DHS jista' jibdel b'mod unilaterali fi kwalunkwe ħin u li ma jagħtu l-ebda dritt jew benefiċċju lill-ebda persuna jew parti;

7. Juri dispjaċir dwar in-nuqqas ta' limitazzjoni ċara fuq l-iskop fl-ittra tad-DHS, li tinnota li d-data PNR tista' tintuża għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati relatati, iżda wkoll għal firxa ta' skopijiet addizzjonali mhux speċifikati, l-aktar "għall-ħarsien ta' l-interessi vitali tas-suġġett tad-data jew persuni oħra, jew fi kwalunkwe proċedura ġudizzjarja kriminali, jew skond kif ikun meħtieġ mod ieħor bil-liġi";

8. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rieda tad-DHS li jmur għas-sistema PUSH sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008 fil-prinċipju, iżda juri dispjaċir li din iċ-ċaqliqa — diġà prevista fil-ftehim PNR ta' l-2004 — iddewmet għal numru ta' snin, anki jekk il-kundizzjoni ta' fattibilità teknika ilha li ġiet issodisfata; jemmen li s-sistema PUSH għall-kumpaniji ta' l-ajru kollha għandha tkun sine qua non għal trasferimenti PNR; jenfasizza li l-eżistenza simultanja tas-sistemi "PUSH" u "PULL" tista' twassal għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji ta' l-ajru ta' l-UE;

9. Jinsisti li r-reviżjoni perjodika konġunta mid-DHS u mill-UE trid tkun komprensiva u ssir kull sena u li r-riżultati jridu jiġu ppublikati; jinsisti li r-reviżjoni trid tinkludi evalwazzjoni ta' l-effettività tal-miżuri f'termini ta' sigurtà akbar; juri dispjaċir li r-reviżjoni ma tipprevedi l-ebda involviment ta' kontrolluri nazzjonali jew Ewropej għall-protezzjoni tad-data, ħaġa li kienet stipulata fil-ftehim PNR preċedenti;

10. Jinsisti li l-passiġġieri għandhom jiġu infurmati b'mod xieraq dwar l-użu tad-data tagħhom u d-drittijiet tagħhom, speċjalment id-dritt għal kumpens legali u d-dritt li jkunu infurmati fuq liema bażi jista' jitwaqqaf passiġġier, u li dan l-obbligu għandu jkun f'idejn il-kumpaniji ta' l-ajru; jemmen li d-DHS u l-Kummissjoni Ewropea għandhom iġorru r-responsabilità għall-informazzjoni pprovduta lill-passiġġieri u jheġġeġ li n-"Nota qasira għall-ivvjaġġar bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti" li ġiet suġġerita mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 (WP 132) tkun disponibbli għall-passiġġiera kollha;

11. Juri dispjaċir għall-fatt li n-negozjati ta' l-UE ma' l-Istati Uniti ma qisux id-Direttiva 2004/82/KE u l-ftehim PNR ta' l-UE ma' l-Awstralja u l-Kanada, li jiżguraw standards ogħla ta' ħarsien ta' data personali;

12. Ifakkar li l-ftehim amministrattiv li ġiet konkluża bejn l-UE u l-Istati Uniti ma jistax ikollu l-effet li jnaqqas il-livell ta' ħarsien ta' data personali li huwa assigurat permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istati Membri, u juri dispjaċir li se joħloq iktar konfużjoni fir-rigward ta' l-obbligi tal-kumpaniji ta' l-ajru ta' l-UE u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' l-UE;

### *Rigward il-protezzjoni tad-data*

13. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjoni li l-Att dwar il-Privatezza ta' l-Istati Uniti se jiġi estiż b'mod amministrattiv għaċ-ċittadini ta' l-UE;

14. Juri dispjaċir li d-DHS jirriżerva d-dritt li jintroduċi eżenzjonijiet skond l-Att dwar il-Libertà ta' Informazzjoni;

15. Juri dispjaċir għan-nuqqas tal-ftehim PNR il-ġdid li jipprevedi kriterji preċiżi għad-definizzjoni tal-protezzjoni tad-data personali trasferita lid-DHS li setgħu jiġu meqjusa bħala adegwati skond l-istandards ta' l-UE;

16. Jiddeplora, f'dan ir-rigward, il-fatt li d-data PNR taċ-ċittadini Ewropej se tiġi ttrattata biss skond il-liġi ta' l-Istati Uniti, mingħajr evalwazzjoni ta' l-adegwatezza jew kwalunkwe indikazzjoni tal-leġiżlazzjoni speċifika ta' l-Istati Uniti applikabbli;

17. Jiddeplora l-fatt li t-tul ta' kemm tinżamm id-data PNR se jiġi estiż minn 3.5 snin għal 15-il sena, kif ukoll li dan japplika b'mod retroattiv għal data miġbura taħt il-ftehim tal-PNR preċedenti; jikkritika bl-aħrax il-fatt li wara l-perjodu ta' 15-il sena li matulu tinżamm id-data, magħmul minn perjodu "attiv" ta' 7 snin u perjodu "inattiv" ta' 8 snin, m'hemm l-ebda garanzija li d-data titħassar definittivament;

18. Jinnota t-tnaqqis fl-oqsma tad-data minn 34 għal 19, iżda jirrimarka li t-tnaqqis huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu superfiċjali minħabba l-fatt li numru ta' oqsma tad-data ngħaqdu flimkien u ngħataw isem ġdid minflok ma ġew attwalment imħassra;

19. Jinnota bi tħassib li data sensittiva (jiġifieri data personali li tirrivela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjoni politika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'għaqda tal-ħaddiema, u data dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' l-individwu), se tkun disponibbli għad-DHS u li din id-data tista' tintuża mid-DHS f'każijiet eċċezzjonali;

20. Huwa mħasseb dwar il-fatt li d-data se tinżamm għal seba' snin f'bażijiet ta' data analitiċi attivi, li jwassal għal riskju sinifikanti ta' elaborazzjoni tal-profili fuq skala kbira u tfittix ta' data, li huwa inkompatibbli ma' prinċipji bażiċi Ewropej u hu prattika li għadha qed tiġi diskussa fil-Kungress ta' l-Istati Uniti;

### *Rigward il-qsim ta' informazzjoni*

21. Juri dispjaċir li l-ftehim PNR il-ġdid għadu ma jiddefinixxix b'mod preċiż liema awtoritajiet ta' l-Istati Uniti jista' jkollhom aċċess għad-data PNR;

22. Jinsab imħasseb dwar it-trasferiment maħsub tal-ħruġ ta' informazzjoni analitika mid-data PNR mill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti lill-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istati Membri, u possibilment lill-Europol u l-Eurojust, barra mill-qafas ta' proċeduri ġudizzjarji speċifiċi jew investigazzjonijiet tal-pulizija, kif imsemmi fl-ittra tad-DHS, minħabba li dan għandu jkun permess biss skond il-ftehim eżistenti UE-Stati Uniti dwar assistenza legali reċiproka u estradizzjoni;

23. Jopponi bil-qawwa d-dispożizzjoni li pajjiżi terzi b'mod ġenerali jistgħu jingħataw aċċess għad-data PNR jekk jaderixxu ma' kundizzjonijiet speċifiċi tad-DHS, u li pajjiżi terzi jistgħu bħala eċċezzjoni, f'każijiet ta' emerġenza mhux speċifikati, jingħataw aċċess għad-data PNR mingħajr assigurazzjonijiet li d-data tiġi ttrattata skond il-livell ta' protezzjoni tad-data tad-DHS;

24. Juri dispjaċir dwar il-fatt li l-UE aċċettat li "ma tindaħalx" fir-rigward tal-protezzjoni tad-data PNR taċ-ċittadini ta' l-UE fil-każ li l-Istati Uniti taqsamha ma' pajjiżi terzi;

25. Jinnota l-fatt li l-ftehim PNR il-ġdid jippermetti lid-DHS li jipprovdi data PNR lil awtoritajiet governattivi interni oħra fl-Istati Uniti fir-rigward ta' każijiet speċifiċi u fi proporzjon man-natura tal-każ; juri dispjaċir li l-ftehim huwa nieqes minn kull indikazzjoni dwar liema awtorità ta' l-Istati Uniti jista' jkollha aċċess għad-data PNR u li l-iskopijiet previsti fl-Artikolu 1 ta' l-ittra tad-DHS huma wiesgħa wisq;

### *Rigward sistema Ewropea tal-PNR*

26. Jinnota li l-ftehim PNR il-ġdid jagħmel referenza għal sistema futura possibbli tal-PNR fil-livell ta' l-UE jew f'wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha, u li d-dispożizzjoni li kwalunkwe data PNR f'sistema bħal din tista' ssir disponibbli għad-DHS;

27. Jitlob li l-Kummissjoni tikkjarifika s-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' sistema PNR ta' l-UE, inkluż li tagħmel l-istudju tal-fattibilità disponibbli, kif kienet wiegħdet li tagħmel;

28. Jirrepeti l-preokkupazzjonijiet espressi mill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 fir-rigward ta' l-użu ta' data PNR għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, b'mod partikolari billi jistieden lill-Kummissjoni biex tissostanzja:

a) il-bżonn operattiv u l-iskop tal-ġbir ta' data PNR mad-dħul fit-Territorju ta' l-Unjoni Ewropea;

b) il-valur miżjud tal-ġbir ta' data PNR fid-dawl tal-miżuri ta' kontroll li jeżistu diġà mad-dħul fl-UE għal skopijiet ta' sigurtà, bħas-sistema ta' Schengen, is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viżi, u s-sistema API;

c) l-użu li huwa maħsub għad-data PNR, b'mod partikolari jekk ikunx għall-identifikazzjoni ta' individwi biex tiġi żgurata s-sigurtà fl-ajru, għall-identifikazzjoni ta' min jidħol fit-territorju ta' l-UE, jew biex jiġi elaborat profil ġenerali negattiv jew pożittiv tal-passiġġieri;

29. Jinsisti li l-Parlament ikun involut, skond l-Artikolu 71(1)(c) u l-Artikolu 251 tat-Trattat li jistabblixxi l-Kommunità Ewropea, fl-iżviluppi rilevanti kollha;

30. Ifakkar li l-ftehim PNR il-ġdid eventwalment se jkollu bżonn jiġi rivedut fid-dawl tar-riformi istituzzjonali futuri ta' l-UE, kif definiti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007 u fil-mandat ta' l-IGC li jmiss;

31. Għandu l-intenzjoni li jirrikjedi evalwazzjoni legali tal-ftehim PNR il-ġdid għal konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u ta' l-UE, u jistieden lill-Grupp ta' Ħidma ta' l-Artikolu 29 u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex jippreżentaw opinjonijiet komprensivi f'dan ir-rigward;

*

* *

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri, u lill-Kungress ta' l-Istati Uniti.

**P6_TA(2007)0348**

# Iz-zona ta' l-euro

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar ir-Rapport annwali għall-2007 dwar iz-zona ta' l-euro (2007/2143(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport Annwali għall-2007 dwar iz-zona ta' l-euro (COM(2007)0231),

— wara li kkunsidra l-previżjonijiet ekonomiċi tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' April 2007 dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-Unjoni Monetarja Ewropea (EMU) 2006 ([1])

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar is-Sitwazzjoni ta' l-ekonomija Ewropea: rapport preparatorju dwar il-linji gwida wiesgħa għall-politika ekonomika għall-2007 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-impatt makro-ekonomiku taż-żieda fil-prezz ta' l-enerġija ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taz-zona ta' l-euro ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali ta' l-2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB),

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' l-ECB dwar l-Integrazzjoni Finanzjarja fl-Ewropa f'Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0264/2007),

A. billi l-PGD taz-zona ta' l-euro żdied bi 2,7 % fl-2006 minn 1,4 % fl-2005, li jfisser l-aħjar prestazzjoni mis-sena 2000, filwaqt li r-rata ta' l-inflazzjoni ta' 2,2 % ma nbidlitx mill-2005,

B. billi d-defiċit fiskali naqas għal 1,6 % tal-PGD fl-2006 minn 2,5 % tal-PGD fl-2005,

C. billi r-rata tal-qgħad niżlet għal 7,6 % sa l-aħħar ta' l-2006, l-iktar rata baxxa fi 15-il sena,

D. billi s-sħubija fiz-zona ta' l-euro ssaħħaħ il-livell ta' interdipendenza ekonomika bejn l-Istati Membri u tirrikjedi koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi sabiex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet strutturali, jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-ġejjieni u sabiex iz-zona ta' l-euro tiġi assimilata f'ekonomija li qed issir aktar globalizzata,

E. billi z-zona ta' l-euro tirrappreżenta element ewlieni ta' stabilità fl-ekonomija dinjija,

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0168.
([2]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0051.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0054.
([4]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 249.
([5]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 118.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

***Żviluppi Makroekonomiċi***

1. Jilqa' b'sudisfazzjon l-iżviluppi ekonomiċi pożittivi li nkisbu fl-2006 f'dak li jirrigwarda t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, li bħala riżultat ħolqu 2 miljun impjieg u defiċits fiskali iktar baxxi; jirrimarka madanakollu li l-livelli għolja ta' qgħad u l-parteċipazzjoni baxxa fis-swieq tax-xogħol ma jħallux lill-Ewropa tilqa' b'suċċess għall-isfidi attwali u futuri ta' ekonomija globali;

2. Ifakkar f'dan ir-rigward li l-Artikolu 111 tat-Trattat jagħti risponsabilità għall-politika tar-rata talkambju lill-Kunsill, mingħajr ma jispeċifika l-meżżi li bihom għandhom jiġu eżerċitati dawn is-setgħat; jistieden lill-Grupp ta' l-Euro, lill-Kunsill u lill-ECB biex jeżerċitaw is-setgħat rispettivi tagħhom bis-sħiħ;

3. Jinnota li parti minn dan l-irkupru kienet iggwidata minn titjib strutturali u jilqa' l-fatt li l-produttività tax-xogħol qed tiżdied b'rata ogħla; jikkunsidra madanakollu, li għadu kmieni wisq biex wieħed jagħmel konklużjonijiet sodi dwar jekk dan l-irkupru hux wieħed ċikliku jew huwiex aktar ta' natura strutturali; jitlob li jkun hemm kawtela meta tittieħed pożizzjoni f'dan ir-rigward;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-membri taz-zona ta' l-euro għamlu sforz koordinat sabiex jikkoreġu d-defiċits baġitarji eċċessivi b'konformità mal-Patt għall-Istabilità u t-Tkabbir riformat; jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni tikkunsidra li fiz-zona ta' l-euro kollha kemm hi, il-kwalità ta' l-aġġustament żdiedet, b'inqas dipendenza fuq miżuri ta' darba biss, u bi tnaqqis fin-nefqa pubblika; b'mod partikulari, jisħaq li t-taħlita ta' sforzi ta' konsolidazzjoni, b'mod partikulari f'pajjiżi b'defiċits eċċessivi, u żviluppi ekonomiċi mtejba, naqqsu d-defiċit tal-baġit fiz-zona ta' l-euro minn 2.5 % tal-PGD fl-2005 għal 1.6 % tal-PGD fl-2006;

5. Jinsisti li politika fiskali soda hija pre-kundizzjoni għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-ħolqien ta' l-impjiegi minħabba li l-livelli baxxi tad-defiċits baġitarji u tad-dejn tal-gvern irawwmu aspettattivi ta' inflazzjoni baxxa u stabbli, u jgħinu biex ir-rati ta' l-interessi jinżammu baxxi; iwissi kontra r-ripetizzjoni ta' l-iżbalji tal-politika ta' l-1999-2001; jistieden, għalhekk, sabiex it-titjib għall-aħjar attwali jsir b'żewġ modi ħalli jinkiseb dan li ġej: l-eliminazzjoni tad-defiċits u l-akkumulazzjoni tas-surpluses li għandhom inaqqsu l-livelli tad-dejn u t-titjib tal-finanzi pubbliċi b'aktar investiment fl-edukazzjoni, fit-taħriġ vokazzjonali, fl-infrastruttura, fir-riċerka u l-innovazzjoni, għaliex dawn jgħinu sabiex tiġi ffaċċjata l-problema tal-popolazzjoni li qed tixjieħ; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li fl-20 ta' April 2007, il-Eurogrupp adotta orjentazzjonijiet għall-politika fiskali fl-Istati Membri taz-zona ta' l-euro, waqt li jfakkar fl-impenn li jiġu kkonsolidati attivament il-finanzi pubbliċi fiż-żminijiet tajbin u li d-dħul extra li ma jkunx mistenni jintuża sabiex jitnaqqsu d-defiċits u d-dejn;

6. Jenfasizza r-riskji ta' politiki pro-ċikliki f'xi Stati Membri; jinnota l-isforz għall-konsolidazzjoni fiskali li ġie nnutat fiz-zona ta' l-euro kollha kemm hi; jinsisti, madankollu, li l-obbligu sabiex jinkiseb l-objettiv fuq medda medja ta' żmien kif speċifikat fil-Patt għall-Istabilità u t-Tkabbir riformat jirrikjedi li l-Istati Membri jirreġistraw surpluses waqt żminijiet tajbin; jemmen li l-isforz għall-konsolidazzjoni jeħtieġ li jissaħħaħ fid-dawl ta', inter alia, l-isfida demografika tal-ġejjieni; jinnota li l-Patt għall-Istabilità u t-Tkabbir riformat jirrikjedi b'mod espliċitu il-konsolidazzjoni fiskali fuq iċ-ċiklu ekonomiku; jinnota li r-regoli fiskali jew numeriċi ta' proċedura u istituzzjonijiet fiskali indipendenti jappoġġjaw il-konsolidazzjoni fiskali u jgħinu sabiex jiġu evitati politiki pro-ċikliċi.

7. Jinnota d-deċiżjoni ta' l-ECB fl-2006 sabiex jiżdiedu r-rati ta' l-interessi; josserva li, għalkemm l-inflazzjoni baqgħet kontrollata minkejja żieda f'daqqa fil-prezzijiet taż-żejt, ir-rata tat-tkabbir ta' l-aggregat monetarju M3 sistematikament qabżet il-valur ta' riferenza ta' 4,5 % b'marġni kbar mill-2001 mingħajr ma aċċellerat l-inflazzjoni; jistieden lill-ECB jispjega aħjar ir-raġunijiet għal din id-diskrepanza u jekk dan hux sintomu ta' likwidità li qed tiżdied bil-possibilità ta' inflazzjoni tal-fjuwil fil-futur jew hux riżultat ta' fatturi oħra bħat-tkabbir tas-swieq finanzjarji, l-innovazzjonijiet finanzjarji u ż-żieda fl-irwol internazzjonali ta' l-euro;

8. Josserva li ż-żieda fil-prezzijiet ta' l-assi qed taqbad ir-ritmu, speċjalment fil-qasam tal-proprjetà li tista' tkun is-sintomu normali ta' ekonomija b'saħħitha iżda li tista' wkoll iżżid il-possibilità ta' aġġustamenti qawwija; jikkunsidra li dawn iż-żidiet mgħaġġla fil-prezzijiet ta' l-assi isaħħu l-bżonn ta' politika fiskali

kawta fi Stati Membri li qed jesperjenzaw żviluppi bħal dawn, kif ukoll ta' politiki strutturali li għandhom l-għan li jevitaw żbilanċi bħal dawn, inkluża regolamentazzjoni prudenzjali msaħħa; jistieden lil-leġiżlaturi u r-regolaturi nazzjonali sabiex jevalwaw bir-reqqa l-iżvilupp tas-suq tal-proprjetà; jirrimarka l-approċċ divrenzjat li jikkunsidra is-sitwazzjoni speċifika ta' l-Istati Membri fir-rigward tat-tkabbir u l-baġit;

9. Josserva li l-apprezzament nominali tar-rata tal-kambju ta' l-euro bi 11,4 % kontra d-Dollaru Amerikan, 12,4 % kontra l-Yen, u 8 % kontra r-renminbi Ċiniż wassal għal apprezzament żgħir biss ta' 3,5 % fl-2006 tar-rata tal-kambju reali u effettiva, u s'issa dan ma kienx ta' detriment għall-esportazzjonijiet u għat-tkabbir ekonomiku fil-livell taz-zona ta' l-euro; josserva, madanakollu, li l-effetti huma differenti fost l-Istati Membri skond l-istrutturi ekonomiċi tagħhom u l-elastiċità tar-risposta tas-settur tal-proprjetà tagħhom għal bidliet fir-rata tal-kambju; jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu passi ħalli jżidu l-kompetenzi ta' aġġustament tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu l-effetti li ji sta' jkollhom iż-żidiet ġejjiena tar-rati ta' l-interessi fuq ir-rata tal-kambju ta' l-euro u fuq il-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea;

***Operat ta' l-EMU***

10. Jikkunsidra li t-tendenzi diverġenti fit-tkabbir ekonomiku, fl-inflazzjoni fir-rati reali tal-kambju u fl-impjiegi fost l-Istati Membri jistgħu jirriflettu żviluppi differenti eż. tendenzi demografiċi, rati differenti ta' progress fir-rigward ta' riformi strutturali, potenzjali għat-tkabbir li jvarjaw u proċessi sabiex jilħqu l-kriterji; jenfasizza madanakollu li defiċit kbir fil-kontijiet kurrenti f'xi Stati Membri huwa sintomu ta' tendenzi diverġenti fil-kompetittività u li l-approċċi differenti tal-politika ekonomika fost l-Istati Membri huma kruċjali sabiex jiġu spjegati dawn it-tip ta' differenzi;

11. Josserva li d-differenzi fil-livelli tal-kompetittività internazzjonali fl-ekonomiji taz-zona ta' l-euro huma parzjalment ikkawżati mit-tendenzi diverġenti fl-ispiża għal kull unità ta' manodopera li jirriflettu żviluppi differenti fil-produttività u fid-dinamika tas-salarji; jinnota li fis-snin riċenti t-tkabbir fis-salarji baqa' aktar 'l isfel mil-livelli tat-tkabbir fil-produttività; jisħaq dwar il-ħtieġa għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-benefiċċji tat-tkabbir; jistieden lill-azzjonisti u l-uffiċjali eżekuttivi ta' korporazzjonijiet biex iżommu politika responsabbli tal-pakketti ta' rimunerazzjoni u tal-"bonuses" fl-ogħla livelli korporattivi, minħabba li dawn ta' l-ewwel għandhom it-tendenza li jikbru b'mod sproporzjonat meta mqabbla mal-livelli tas-salarji komuni, u għaldaqstant jagħtu messaġġ żbaljat u jiskoraġġixxu l-appoġġ għal politika tas-salarji responsabbli; jinnota li r-rati baxxi ta' inflazzjoni huma wkoll fatturi influenti importanti rigward żvilupp favorevoli fl-ispiża għal kull unità ta' manodopera;

12. Jistieden f'dan ir-rigward għal aktar integrazzjoni fis-suq tal-prodotti u tas-servizzi sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni eżistenti tas-suq ta' l-EMU fi ħdan is-swieq nazzjonali u sabiex tintlaħaq sinkronizzazzjoni ta' livell ogħla bejn iċ-ċikli ekonomiċi ta' l-ekonomiji parteċipanti;

13. Jinnota li l-euro tista' biss iżżomm is-saħħa u l-kredibilità tagħha fit-tul fis-swieq finanzjarji internazzjonali jekk ikun hemm aktar tqarrib bejn l-Istati Membri fiz-zona euro f'kull settur relevanti għall-istabilità monetarja; iħeġġeġ lill-Istati Membri taz-zona ta' l-euro, u partikolarment lill-imsieħba soċjali, sabiex jagħmlu sforz akbar f'dan ir-rigward, kif ukoll sabiex itejbu tendenzi fil-produttività li hu wkoll fattur importanti ħalli jintlaħqu l-miri ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

14. Ifakkar li l-politika monetarja ta' l-ECB ma tista' qatt tkun perfettament armonizzata mas-sitwazzjoni ta' kull Stat Membru partikolari; josserva li fil-pajjiżi li qed jikbru b'mod mgħaġġel, l-inflazzjoni hija strutturalment ogħla u r-rati ta' l-interessi reali huma aktar baxxi, possibilment anke negattivi; jikkunsidra sitwazzjonijiet bħal dawn inerenti f'unjoni monetarja waħda u jitlob li jkun hemm politiki fiskali sodi sabiex tinżamm l-istabilità speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa ta' prekawzjoni kontra riskji demografiċi;

15. Josserva li politiki fiskali mhux rigorużi flimkien ma' politika monetarja restrittiva mmexxija minn żidiet fir-rata ta' l-interessi u apprezzament fir-rata tal-kambju, jirriżultaw f'taħlita politika sotto-ottimali li tista' tinkludi spejjeż makroekonomiċi ta' stabilizzazzjoni; jikkunsidra li aktar issikkar fiskali jnaqqas il-pressjoni fuq il-politika monetarja u jippermetti taħlita politika aħjar li tiżgura tkabbir ekonomiku iktar mgħaġġel skond rata ta' l-inflazzjoni determinata;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

***Riformi Strutturali u s-suq intern***

16. Ifakkar li suq finanzjarju Ewropew integrat huwa essenzjali sabiex jiżgura l-iffunzjonar bla problemi ta' l-EMU; jenfasiżża għaldaqstant fuq il-ħtieġa li titlesta l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji u li jitneħħew l-ostakoli li għadhom jeżistu għall-integrazzjoni finanzjarja sabiex tinħoloq sistema finanzjarja effiċjenti u titjieb il-ħila taz-zona ta' l-euro li tiffaċċja l-iskossi ekonomiċi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-integrazzjoni finanzjarja taf ukoll tkun ta' riskju għall-istabilità finanzjarja jekk il-proċeduri għall-prevenzjoni, l-immaniġġjar u s-soluzzjoni tal-kriżijiet tibqa' maqsuma fuq bażi nazzjonali, u din tagħmilha aktar diffiċli li jkun hemm reazzjonijiet għal dan tul iz-zona kollha; għaldaqstant, f'dan il-kuntest jerġa' jsemmi l-ħtieġa ta' sistema Ewropea integrata ta' superviżuri li jikkoperaw flimkien bħala wieħed mill-elementi ewlenin biex titkompla l-integrazzjoni tas-suq finanzjarju;

17. Jikkunsidra li r-ritmu tar-riformi strutturali fi prodotti, servizzi u fi swieq tax-xogħol u f'dawk finanzjarji għandu jitħaffef u li t-tlestija tas-suq intern hija kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' l-impjiegi;

18. Josserva li s-servizzi jammontaw għal madwar 70 % tal-PGD fiz-zona ta' l-euro u dawn joffru l-ikbar opportunità għat-tkabbir ta' l-impjiegi; jinnota li l-inflazzjoni tas-servizzi tagħti kontribuzzjoni persistenti lill-inflazzjoni ġenerali; jinnota għalhekk li aktar kompetizzjoni fis-servizzi tirriżulta f'inflazzjoni aktar baxxa; jitlob għalhekk li jkun hemm suq intern li jaħdem b'mod sħiħ u implimentazzjoni mingħajr dewmien tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern ([1]);

19. Jemmen li implimentazzjoni effettiva u sħiħa ta' l-Istrateġija ta' Liżbona hija element ewlieni għall-kisba ta' potenzjal għal tkabbir ogħla; jiddispjaċih li l-prestazzjoni taz-zona ta' l-euro fir-rigward ta' l-innovazzjoni, bħal fil-każ ta' l-infiq li n-negozji jagħmlu fir-riċerka u l-iżvilupp, hija inqas minn dik ta' l-Istati Uniti u tal-Ġappun; jiddispjaċih ukoll li n-nefqa totali fir-riċerka u l-iżvilupp tas-settur pubbliku u dak privat fiz-zona ta' l-euro weħlet fil-livell ta' 2 % tal-PGD, li huwa 'l bogħod ħafna mill-għan tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u s-16 ta' Marzu 2002, li kien li jilħaq il-livell ta' 3 % tal-PGD sa l-2010; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm politika konsistenti li trawwem l-innovazzjoni bbażata fuq it-tkabbir ekonomiku; ifakkar li politika bħal din teħtieġ aktar investiment fl-infrastruttura, fir-riċerka, fl-innovazzjoni, fit-tagħlim tul il-ħajja u fl-edukazzjoni, aktar kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u s-servizzi, iktar setturi finanzjarji żviluppati u swieq tax-xogħol aktar flessibbli filwaqt li jiżguraw il-livell meħtieġ ta' sigurtà soċjali (flessigurtà) f'konformità ma' l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona, kif ukoll politiki kumplimentari mmirati li jikkoreġu żbilanċi eċċessivi kkawżati mir-riformi;

***Tkabbir taz-zona ta' l-euro***

20. Jilqa' b'sudisfazzjon id-dħul tas-Slovenja fiz-zona euro fl-1 ta' Jannar 2007 u l-bidla mingħajr ħafna problemi mit-tolar għall-euro;

21. Jinkoraġġixxi l-Istati Membri l-ġodda l-oħra sabiex ikomplu l-isforzi ta' preparazzjoni tagħhom biex jidħlu fiz-zona ta' l-euro; jenfasizza l-benefiċċji li jirriżultaw mill-proċess ta' konverġenza u mill-adozzjoni finali ta' l-euro, kemm għall-Istati l-Membri l-ġodda u kemm għaz-zona ta' l-euro kollha kemm hi; jikkunsidra li l-kwistjonijiet relatati maz-zona ta' l-euro m'għandhomx jiffukaw esklussivament fuq l-Istati Membri l-ġodda, u jagħmel referenza għall-kwistjoni li hemm l-għażla li wieħed jibqa' barra;

22. Jenfasizza l-ħtieġa ta' qbil bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fuq pjan direzzjonali ċar għall-proċedura ta' applikazzjoni taz-zona ta' l-euro sabiex jiġi żgurat perjodu suffiċjenti ta' evalwazzjoni u preparazzjoni għall-istituzzjonijiet kollha involuti, li jiġġenera l-fiduċja fil-proċess tal-bidla għaċ-ċittadini u għall-Istati Membri;

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

23. Jirrikonoxxi li d-definizzjoni ta' l-istabilità tal-prezz użata għall-evalwazzjoni ta' kriterji ta' konverġenza mhix identika għad–definizzjoni ta' l-istabilità tal-prezz adottata mill-ECB fil-politika monetarja tiegħu, ladarba l-kriterji ta' konverġenza jevalwaw ir-rendiment imkejjel tal-passat filwaqt li d-definizzjoni tal-BCE hija mmirata lejn ir-rendiment fil-ġejjieni; jiddispjaċih li l-kriterju ta' l-inflazzjoni kif stabbilit mit-Trattat huwa mqabbel ma' l-Istati Membri kollha minflok jikkonċentra fuq dawk li issa jiffurmaw parti miż-żona ta' l-euro;

24. Jitlob għal aktar azzjoni effettiva sabiex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-frodi u jinnota n-nuqqas ta' informazzjoni fir-rapporti regolari tal-Kummissjoni dwar kumpaniji offshore jew dwar l-irwol u l-importanza tagħhom, u jitlob informazzjoni dwar dan is-suġġett;

25. Jikkunsidra li l-Istati l-Membri l-ġodda jistgħu jiffaċċjaw sfidi bis-sħubija tagħhom maz-zona ta' l-euro speċjalment fir-rigward tal-kriterju ta' l-istabilità tal-prezzijiet, minħabba li l-inflazzjoni tista' tkun parti mill-proċess sabiex jilħqu l-kriterji; għalhekk jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jeżaminaw il-kriterji ta' konverġenza permezz ta' aktar analiżi u dibattitu tal-politika dwar l-applikazzjoni tal-kriterji ta' konverġenza għall-membri prospettivi ġodda taz-zona ta' l-euro u fid-dawl tar-realtà l-ġdida u d-differenzi fl-iżviluppi ekonomiċi; jenfasizza li l-kriterji ta' konverġenza għandhom jiġu applikati b'konformità mat-Trattat u f'kull każ il-kompetittività taz-zona euro m'għandhiex tkun iddubitata.

26. Ifakkar fil-ħtieġa li jinbdew kampanji bikrija u intensivi ta' tagħrif għaċ-ċittadini fl-Istati Membri applikanti, sabiex jiġġeneraw fiduċja fil-proċess tal-bidla, u sabiex jiżguraw li l-fażi tal-bidla tiġi mmaniġġjata b'mod ġust mill-partijiet kollha involuti, bil-għan li l-euro jkun suċċess; jikkunsidra li d-defiċit ta' informazzjoni fost iċ-ċittadini jeħtieġ li jonqos, u l-użu tal-midja għal kampanji ta' tagħrif jeħtieġ li jkun organizzat fi stadju bikri;

***Governanza***

27. Jikkunsidra li huwa kruċjali li tinkiseb koordinazzjoni aħjar tal-politiki tal-baġit fost l-Istati Membri fuq iċ-ċiklu bbażat fuq kalendarju komuni u suppożizzjonijiet makroekonomiċi; jitlob li jkun hemm implimentazzjoni stretta u effettiva tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir;

28. Jikkunsidra li d-dimensjoni speċifika taz-zona ta' l-euro ta' sorveljanza strutturali assoċjata ma' l-Istrateġija ta' Liżbona għandha tissaħħaħ bl-inklużjoni ta' miżuri li huma meħtieġa għat-titjib ta' l-operat ta' l-EMU; jilqa' b'sudisfazzjon bħala l-ewwel pass f'din id-direzzjoni l-attenzjoni li ngħatat fuq iz-zona ta' l-Euro fir-Rapport ta' Progress Annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' Liżbona;

29. Jisħaq dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza u l-proċess ta' l-integrazzjoni ta' l-Ewropa, b'mod partikulari fi ħdan iz-zona ta' l-euro, għax dan hu l-uniku mod sabiex jiġu ffaċċati l-isfidi ekonomiċi globali; għaldaqstant jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw, fil-ġejjieni, li r-rapport annwali dwar iz-zona ta' l-euro joffri sett ta' rakkomandazzjonijiet tal-politika li jipprovdu l-istrumenti għal djalogu dettaljat bejn id-diversi korpi Komunitarji involuti fit-tisħiħ tal-governanza ekonomika ta' l-Unjoni;

30. Ifakkar fil-ħtieġa li tiżdied l-effettività ta' l-Istrateġija ta' Liżbona permezz tal-konsolidazzjoni tal-kontenut u tal-waqt propizju ta' l-istrumenti tal-politika ekonomika li għadhom qed jiġu applikati separatament, bil-għan li jkun hemm strateġija intelliġenti għat-tkabbir li tikkonċentra aktar ix-xogħol ta' rappurtar u evalwazzjoni fil-qasam tal-programmi nazzjonali ta' riforma, iżda li fl-istess ħin tinvolvi wkoll il-programmi nazzjonali ta' stabilità u ta' konverġenza;

31. Jemmen li l-Eurogrupp għandu jfassal pjan direzzjonali dwar dak li għandu jinkiseb fiz-zona ta' l-euro fis-sentejn li ġejjin; jemmen, fl-interess ta' koordinazzjoni ekonomika aktar b'saħħitha, li l-Eurogrupp għandu jitbiegħed minn qafas istituzzjonali informali għal wieħed aktar formali, li jkun jinkludi l-infrastrutturi xierqa;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

***Rappreżentazzjoni esterna***

32. Jenfasizza li l-euro sar it-tieni munità internazzjonali l-aktar importanti wara d-dollaru Amerikan; b'mod partikulari, jikkunsidra li l-użu mifrux ta' l-euro fis-swieq tal-bonds internazzjonali huwa fattur ewlieni ta' l-irwol internazzjonali ta' l-euro; jiddispjaċih li l-Eurogrupp, il-Kummissjoni u l-ECB għadhom qed ikunu rappeżentati f'livelli differenti ħafna fid-diversi istituzzjonijiet u fora internazzjonali; josserva b'interess li l-Eurogrupp u l-Kunsill ta' l-ECOFIN ikkunsidraw proposti li jsaħħu r-rappreżentazzjoni esterna taz-zona ta' l-euro u li jtejbu l-koordinazzjoni interna fix-xena esterna; jikkunsidra li jinħtieġu aktar passi qabel mar-rappreżentazzjoni esterna taz-zona ta' l-euro tkun proporzjonali ma' l-importanza dejjem akbar tagħha fl-ekonomija globali; jikkunsidra li prerekwiżit għal rappreżentazzjoni esterna komuni huwa l-eżistenza ta' politika ekonomika komuni ġenwina fiz-zona ta' l-euro; jerġa' jasserixxi li l-aħjar għażla għar-rappreżentazzjoni taz-zona ta' l-euro fil-fora u fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin tibqa' l-ħolqien ta' presidenza waħdanija taz-zona ta' l-euro;

*

* *

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-President ta' l-Eurogrupp, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

---

**P6_TA(2007)0349**

## Rapport annwali 2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar ir-rapport annwali 2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew (2007/2142(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat tal-KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 15 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew mehmuż mat-Trattat,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 1998 dwar ir-responsabilità demokratika tat-tielet fażi ta' l-EMU ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar ir-reviżjoni strateġika tal-Fond Monetarju Internazzjonali ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar l-interċettazzjoni ta' data ta' trasferimenti bankarju bis-sistema SWIFT mis-servizzi sigrieti ta' l-Istati Uniti ([3]) u ta' l-14 ta' Frar 2007 dwar is-SWIFT, il-ftehim dwar il-PNR u d-djalogu transatlantiku dwar dawn il-kwistjonijiet ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar is-sitwazzjoni ekonomika Ewropea: rapport preparatorju dwar il-linji gwida wiesgħa għall-politika ekonomika għall-2007 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' April 2007 dwar il-finanzi fl-EMU 2006 ([6]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Ħames snin ta' karti tal-flus u muniti ta' l-euro (COM(2006)0862),

([1]) ĠU C 138, 4.5.1998, p. 177.
([2]) ĠU C 291 E, 30.11.2006, p. 118.
([3]) *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0317.
([4]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0039.
([5]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0051.
([6]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0168.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dikjarazzjoni Annwali dwar iz-Zona ta' l-euro 2007 (COM(2007)0231),

— wara li kkunsidra r-Reviżjoni ta' l-ECB dwar l-Istabilità Finanzjarja ta' Diċembru 2006 u r-rapport tiegħu dwar l-Integrazzjoni Finanzjarja fl-Ewropa ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra l-previżjonijiet ekonomiċi tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tas-7 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0266/2007),

A. billi l-PGD taz-zona ta' l-euro żdied bi 2.7 % fl-2006, minn 1.4 % fl-2005, ma tagħtix lok għal sodisfazzjon, għal kemm kienet l-aqwa prestazzjoni sa mill-2000, waqt li r-rata ta' l-inflazzjoni kienet ta' 2.2 %, li baqgħet l-istess meta mqabbla ma' l-2005,

B. billi d-domanda interna, l-aktar l-investiment, kienet il-mutur ewlieni taż-żieda fit-tkabbir fiz-zona ta' l-euro,

C. billi ż-żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija, li bdiet fl-2005, ma wasslitx għal pressjoni ta' inflazzjoni interna, peress li ż-żidiet fil-pagi baqgħu moderati u ma kien osservat l-ebda effett sekondarju,

D. billi r-rakkomandazzjonijiet mressqa fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tal-Parlament dwar ir-rapport annwali ta' l-ECB dwar it-trasparenza tal-votazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-minuti fil-qosor għadhom ma ġewx ikkunsidrati,

E. billi l-Parlament jixtieq jgħin sabiex jissaħħaħ l-irwol u l-awtorità internazzjonali ta' l-ECB u taz-zona ta' l-euro fix-xena internazzjonali,

F. billi kien hemm ħafna li applikaw għall-ħatriet għall-ogħla pożizzjonijiet fil-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), fl-Organiżżazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jew fl-Organiżżazzjoni għall-Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku, minbarra dawk fil-Bank Dinji,

G. billi l-ECB kompla jaġġusta r-rati ta' interessi fl-2006, li għolew tmien darbiet minn Diċembru 2005, b'200 punt bażi sa l-4 % attwali,

H. billi r-rata tat-tkabbir mistennija li tonqos xi ftit għal 2.6 % fl-2007 minħabba l-irtirar ta' l-akkomodazzjoni monetarja, bi tnaqqis fl-inflazzjoni għal 1.9 %,

I. billi d-defiċit fil-kont kurrenti ta' l-Istati Uniti baqa' jikber għal 6.5 % tal-PGD fl-2006 u l-Eurosistema kompliet tenfasizza r-riskji u l-inċertezzi relatati mat-tkomplija ta' żbilanċi kbar fil-kontijiet kurrenti globali,

J. billi żbilanċi globali kbar ikomplu jkunu ta' riskju għall-iżviluppi fir-rata tal-kambju u fit-tkabbir ekonomiku dinji u billi huwa essenzjali li dawn ir-riskji jiġu indirizzati,

K. billi fl-2006 ir-rata tal-kambju ta' l-euro żdiedet fil-valur bi 11.4 % kontra d-dollaru Amerikan, bi 12.4 % kontra l-"yen" Ġappuniż u bi 8 % mar-"renminbi" Ċiniż,

***Żviluppi monetarji u ekonomiċi***

1. Jinnota li l-irkupru ekonomiku fiz-zona ta' l-euro sar proċess li jsostni lilu nnifsu bid-domanda domestika bħala l-mutur ewlieni; josserva li nħolqu 2 miljun impjieg fl-2006 u li l-qgħad naqas minn 8.4 % għal 7.6 %; iżda jinnota li impedimenti strutturali, b'mod partikulari l-insuffiċjenza ta' l-investiment pubbliku u privat f'ċerti setturi ewlenin bħar-riċerka, l-edukazzjoni u t-taħriġ, qegħdin ikomplu jikkontribwixxu għal dan il-livell għoli ta' qgħad inaċċettabbli u li l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għadha baxxa meta mqabbla ma' l-istandards internazzjonali;

2. Jenfasizza li, fl-isfond ta' l-irkupru ta' dan l-aħħar, kwalunkwe żieda ulterjuri fir-rati ta' interessi għandha tittieħed b'kawtela sabiex ma jkunx ipperikolat it-tkabbir ekonomiku; jinnota li sabiex jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku, l-Istati Membri jridu jimplimentaw kemm ir-riformi strutturali meħtieġa kif ukoll l-attivitajiet ta' investiment;

3. Jikkunsidra li għadu kmieni wisq biex wieħed jagħżel bejn id-dimensjoni ċiklika u dik strutturali f'dan l-irkupru; jikkunsidra, madankollu, li xi riformi strutturali, aktar minn dawk ikkalkulati normalment, setgħu diġà taw sehemhom fit-tkabbir; jikkunsidra li rkupru bħal dan għandu jittieħed bħala inċentiv biex isiru riformi nazzjonali adattati għal kull pajjiż, l-aktar fl-oqsma tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni, sabiex jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir fiz-zona ta' l-euro;

4. Jinnota r-rata baxxa fit-tkabbir tal-produttività tax-xogħol u jikkunsidra li huwa kruċjali li l-pagi jiżdiedu skond l-iżviluppi fil-produttività sabiex tinżamm il-kompetittività fl-Istati Membri u biex ikun possibbli l-ħolqien ta' l-impjiegi f'ambjent mingħajr inflazzjoni; madankollu, jenfasizza l-ħtieġa għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-frott tat-tkabbir; jinnota li fis-snin riċenti t-tkabbir fis-salarji baqa' aktar 'l isfel mil-livelli tat-tkabbir fil-produttività; jistieden lill-azzjonisti u l-uffiċjali eżekuttivi tal-korporazzjonijiet biex iżommu politika responsabbli tal-pakketti ta' rimunerazzjoni u tal-"bonuses" fl-ogħla livelli korporattivi, minħabba li dawn ta l-ewwel għandhom it-tendenza li jikbru bmod sproporzjonat meta mqabbla mal-livelli tas-salarji komuni, u għaldaqstant jagħtu messaġġ żbaljat u jiskoraġġixxu l-appoġġ għal politika tas-salarji responsabbli;

5. Jinnota li l-ECB jevalwa l-iżvilupp tal-pagi bħala riskju pożittiv għall-istabilità tal-prezzijiet; ifakkar f'dan il-kuntest li r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar iz-Zona ta' l-Euro 2007 (SEC(2007)0550) jagħmilha ċara li l-pagi fiz-zona ta' l-euro komplew jogħlew b'ritmu moderat minkejja żieda qawwija fil-prezzijiet taż-żejt;

6. Jenfasizza li t-Trattat jiddistingwi b'mod espliċitu bejn l-għanijiet ta' stabilità tal-prezzijiet u appoġġ għal politiki ekonomiċi ġenerali u li, għalhekk, iż-żewġ għanijiet ma jistgħux sempliċiment jitqiesu bħala sostitwibbli;

7. Jikkunsidra li t-tisħiħ fiskali huwa importanti u iktar u iktar meħtieġ fi żminijiet tajba sabiex jinkiseb tkabbir fuq perjodu ta' żmien fit-tul u jrid jitfassal b'attenzjoni sabiex titjieb il-kwalità ta' l-ispiża pubblika; jikkunsidra li r-regola tad-deheb li biha wieħed jista' jagħmel tajjeb għal defiċit fiskali b'investimenti biss hija pass sinifikanti f'din id-direzzjoni;

8. Josserva li xi ekonomiji fiz-zona ta' l-euro marru ħafna aħjar minn oħrajn f'dak li hu tkabbir, b'mod partikulari, l-Irlanda, il-Lussemburgu, il-Greċja, il-Finlandja u Spanja jilħqu rata medja tat-tkabbir ogħla mill-medja taz-zona ta' l-euro; jinnota li medja tat-tkabbir ogħla kienet tapplika wkoll għal bosta pajjiżi Ewropej barra z-zona ta' l-euro; jikkunsidra li hemm ħafna x'wieħed jitgħallem minn żviluppi bħal dawn u li jkun utli li jsir studju speċifiku mill-ECB dwar ir-raġunijiet għal dawn it-tendenzi;

9. Jinnota li ċ-ċikli ekonomiċi segwiti mill-ekonomiji ta' l-Istati Membri fiz-zona ta' l-euro huma fi stadji differenti ħafna; jistieden lill-ECB sabiex jeżamina jekk din l-imġieba li tvarja ferm f'zona monetarja unika tistax tkun problema fil-futur f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istabilità u mat-tkabbir ekonomiku;

10. Jesprimi tħassib dwar l-apprezzament kontinwu ta' l-euro meta mqabbel mal-biċċa l-kbira tal-muniti ewlenin barranin; jirrimarka f'dan ir-rigward li l-Artikolu 111 tat-Trattat ipoġġi r-responsabilità tal-politika tar-rata tal-kambju f'idejn il-Kunsill, iżda mingħajr ma jispeċifika kif din ir-responsabilità għandha tiġi eżerċitata; jistieden lill-Eurogroup, lill-Kunsill u lill-ECB sabiex jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod sħiħ; josserva li apprezzament bħal dan s'issa m'għamilx ħsara lill-esportazzjonijiet fil-livell taz-zona ta' l-euro, iżda li l-effetti jvarjaw bejn l-Istati Membri; jenfasizza r-riskji li għandhom x'jaqsmu ma' żbilanċi globali kbar tal-kontijiet kurrenti li jistgħu jirriżultaw f'żidiet addizzjonali fir-rata tal-kambju ta' l-euro; jinnota li issa hemm kunsens wiesa' fost dawk li jfasslu l-politika dwar kif għandha tkun ittrattata l-problema ta' l-iżbilanċi globali; jinnota li l-isforzi li saru mill-komunità internazzjonali u mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ma kienu xejn adegwati; jittama li l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri (l-adozzjoni ta'

miżuri biex jitnaqqas l-iżbilanċ tal-baġit u jkun promoss it-tfaddil privat fl-Istati Uniti u sabiex tintlaħaq aktar flessibilità fir-rati tal-kambju f'numru ta' pajjiżi b'bilanċ tajjeb tal-finanzi pubbliċi ("surplus countries") fl-Ażja li qed tiżviluppa, b'mod partikulari ċ-Ċina), li għandha tkun sorveljata mill-IMF, se tagħti kontribut sinifikanti biex tinstab soluzzjoni b'mod gradwali għall-iżbilanċi globali;

11. Josserva li fiz-zona kollha ta' l-euro, il-prezzijiet tal-proprjetà ogħlew b'mod qawwi matul perjodu ta' xi 10 snin bi ftit eċċezzjonijiet, l-aktar fil-Ġermanja; jinnota li, minkejja li hemm xi sinjali li dan l-iżvilupp qiegħed inaqqas, is-self mogħti lill-familji għax-xiri ta' proprjetà għadu qiegħed jiżdied b'madwar 10 % fis-sena; josserva li kien hemm tnaqqis fil-prezzijiet tad-djar fl-Istati Uniti u tnaqqis reċenti fis-suq tas-self b'ipoteka li jista' jkollu impatt fuq l-ekonomija reali; jikkunsidra li żvilupp bħal dan għandu jittieħed bħala twissija għal dak li jista' jiġri fiz-zona ta' l-euro; jistieden lill-ECB biex jissorvelja mill-qrib dawn l-iżviluppi li għandhom il-potenzjal li jkollhom konsegwenzi għall-ekonomija reali; jistieden lill-ECB biex jipproponi toroq ġodda, kull waħda bil-vantaġġi tagħha, bħal li l-proprjetà tkun inkluża fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet tal-konsumatur, jew li joħloq xi tip speċifiku ta' indikatur, jew li jissuġġerixxi miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali minħabba eteroġeneitajiet fost swieq nazzjonali;

12. Hu mħasseb li r-rati ta' interessi fuq is-self lill-familji għal skopijiet ta' konsum kellhom l-ogħla livell ta' varjazzjoni; jinnota b'mod partikulari li r-rati ta' interessi fuq is-self kurrenti jvarjaw b'mod konsiderevoli fiz-zona ta' l-euro, minn inqas minn 7 % sa 13.5 % jew aktar, u jirrakkomanda li l-ECB jagħmel aktar riċerka dwar ir-raġunijiet għal din;

***Governanza***

13. Jinnota li l-ECB u l-Bord Eżekuttiv tiegħu huma indipendenti; jisħaq fuq in-neċessità li jiġi rrispettat il-prinċipju kostituzzjonali stipulat fl-Artikolu 112(2)(b) tat-Trattat; itenni l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza ta' l-ECB u li jkun sostnut l-għan li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet u li jkunu protetti l-kredenzjali ta' kontra l-inflazzjoni;

14. Huwa tal-fehma li l-livell ta' maturità li ntlaħaq mill-parteċipanti kollha fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju Ewropew għandu jiffaċilita l-ħolqien ta' taħlita politika li takkumpanja l-implimentazzjoni effettiva ta' l-aġġustamenti strutturali meħtieġa li fuqhom tiddependi kull żieda fil-potenzjal għal tkabbir fiz-zona ta' l-euro; jargumenta favur djalogu makroekonomiku aktar attiv bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, l-ECB, il-Parlament u l-imsieħba soċjali Ewropej u jappoġġja l-isforzi tal-Eurogroup biex iwasslu għal djalogu ta' dan it-tip;

***Stabilità u integrazzjoni finanzjarja***

15. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni ta' rapport annwali ġdid ta' l-ECB dwar l-integrazzjoni finanzjarja fl-Ewropa bħala kontribut utli biex titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni finanzjarja Ewropea;

16. Jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi ta' l-ECB biex jinkoraġġixxi l-integrazzjoni finanzjarja fiz-zona ta' l-euro, l-aktar billi jaġixxi ta' katalist għall-inizjattivi tas-settur privat bħaz-Zona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) u t-Titoli Ewropej għal Perjodu Qasir (STEP); jirrikonoxxi l-importanza ta' integrazzjoni finanzjarja ulterjuri biex tgħin tipproteġi lill-Unjoni Ewropea minn xokkijiet ekonomiċi esterni;

17. Jikkunsidra li s-servizzi ta' l-ECB jistgħu jinkoraġġixxu l-integrazzjoni finanzjarja Ewropea u jinnota f'dan ir-rigward li t-Target kienet strumentali biex tintlaħaq integrazzjoni għolja tas-swieq monetarji u tas-suq tar-repo; jikkunsidra li l-proġett tas-Sigurtajiet Target 2 ji sta' jkollu l-potenzjal li jinkoraġġixxi l-integrazzjoni, l-effiċjenza u s-sikurezza ta' l-infrastruttura ta' l-approvazzjoni u l-ħlas li bħalissa toffri grad insuffiċjenti ta' integrazzjoni u interoperabilità; madankollu, jenfasizza li dan se jagħmel lill-ECB operatur attiv fis-suq, u għalhekk jirrikjedi skrutinju xieraq ta' l-ECB barra l-qasam ta' responsabilità tiegħu fil-politika monetarja; ifakkar li l-preżentazzjoni ta' qafas ta' governanza xierqa suppost ilha li saret; għalhekk jinnota b'interess il-proġett tas-Sigurtajiet Target 2 u se jkompli jwettaq monitoraġġ mill-qrib ta' l-iżviluppi f'dan il-proġett; jikkunsidra li hu essenzjali li tkun stabbilita governanza xierqa;

18. Huwa konxju bis-sħiħ dwar iż-żieda mgħaġġla ta' strumenti ta' investiment alternattivi (fondi ta' lqugħ u ekwità privata), jirrikonoxxi li dawn jipprovdu likwidità u diversifikazzjoni fis-suq u joħolqu opportunità biex titjieb l-effiċjenza ta' l-immaniġġjar korporattiv, iżda għandu l-istess tħassib bħal ċerti banek ċentrali u kontrolluri li dawn jistgħu jagħtu lok għal riskju sistematiku, u għal livelli għolja ta' skopertura ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra; jilqa' b'sodisfazzjon l-istudji reċenti tal-Kummissjoni dwar il-fondi ta' lqugħ u l-ekwità privata, iżda juri dispjaċir li dawn l-istudji s'issa ffukaw biss fuq l-ostakli għat-tkabbir ta' fondi bħal dawn; jistieden lill-Kummissjoni biex twettaq monitoraġġ ta' kwalunkwe nuqqas potenzjali ta' politika, u jitlob li jkun hemm approċċ usa' u iktar kritiku fir-rigward tal-punt sa fejn il-fondi ta' lqugħ ipoġġu f'riskju l-istabilità finanzjarja u l-immaniġġjar tar-riskju tal-livell tad-dejn u d-diversifikazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tevalwa l-kwalità ta' sorveljanza f'postijiet offshore u sabiex iżżid il-koperazzjoni mal-kontrolluri f'dawn il-ġurisdizzjonijiet;

19. Josserva li dawk li jsellfu mhux mill-bank (ekwità privata) qed ikollhom irwol dejjem akbar fis-settur spekulattiv ta' l-Unjoni Ewropea u f'ħafna każijiet huma lesti li jieħdu riskju akbar mill-istituzzjonijiet bankarji tradizzjonali; barra minn hekk, jinnota li dawk li jsellfu mhux mill-bank għamlu kontribut sinifikanti għal aktar impjiegi u tkabbir fil-kumpaniji fis-settur tagħhom; jikkunsidra li dan jista' joħloq problemi meta ċ-ċiklu tal-kreditu jkun imissu jdur u jista' jwassal għal ċiklu aktar ikkomplikat ta' ristrutturazzjoni tad-djun kbar tal-kumpaniji; jistieden lill-ECB u lil entitajiet oħra involuti biex jevalwaw is-suffiċjenza tal-proċessi attwali tar-ristrutturazzjoni tad-dejn f'dan il-kuntest il-ġdid;

20. Jinnota l-qagħda b'saħħitha li ħa l-ECB kontra pjani dettaljati għax-xiri pubbliku ta' bank fi ħdan l-Unjoni Ewropea li qed ifalli; jikkunsidra li hemm bżonn ta' aktar ħidma biex jitjiebu l-koperazzjoni u l-ippjanar ta' "stress tests", iżda li hu sewwa li l-periklu morali għandu jitnaqqas b'impenn qawwi għall-pożizzjoni ewlenija tas-soluzzjonijiet tas-settur privat fl-immaniġġjar tal-kriżijiet sabiex il-banek ma jitħajrux jieħdu riskji bla qies;

21. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill u lill-ECB fil-kuntest tat-trasferimenti tad-data bis-SWIFT lill-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti biex jirriflettu flimkien fuq kif tista' titjieb is-sistema ta' sorveljanza fuq is-SWIFT, kif ukoll l-istedina lill-ECB għal azzjoni fl-irwol tiegħu rigward is-SWIFT bħala sorveljant, utent u li jfassal il-politika;

### *L-irwol estern ta' l-euro*

22. Jinnota li l-euro għadda minn fażi ta' żvilupp ta' suċċess lejn munita ta' riżerva u ta' referenza f'użu madwar id-dinja; jirrimarka li huma meħtieġa passi ulterjuri sabiex jitkompla l-iżvilupp pożittiv ta' l-użu ta' l-euro f'kontanti (e.g. fil-ħruġ ta' kontijiet f'euro għal prodotti aerospazjali u materja prima);

23. Jirrepeti t-talba tiegħu sabiex jgħaqqad ir-rappreżentazzjoni taz-zona ta' l-euro fl-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali sabiex jiddefendi l-interessi tiegħu b'forza konsistenti mal-piż ekonomiku tiegħu;

24. Jistieden lill-ECB sabiex iwettaq monitoraġġ mill-qrib ta' l-iżviluppi fl-użu ta' l-euro bħala munita ta' riżerva għall-banek ċentrali u, fil-kuntest tar-rapport annwali tiegħu dwar l-irwol internazzjonali ta' l-euro, biex jikkwantifika u janalizza l-effetti ta' dan, b'mod partikulari fir-rigward tar-rati tal-kambju;

### *Skrutinju demokratiku*

25. Jikkunsidra li, rigward il-proċedura għall-ħatra tal-membri tal-Bord Eżekuttiv ta' l-ECB, ir-responsabilità demokratika u t-trasparenza ex-ante jitjiebu jekk il-Kunsill jevalwa diversi kandidati potenzjali u jekk il-kandidat propost mill-Kunsill ikun imbagħad suġġett għal votazzjoni ta' approvazzjoni mill-Parlament; jenfasizza r-rieda tiegħu li jingħaqad ma' l-istituzzjonijiet l-oħra fit-tiftix għal titjib possibbli fil-proċedura tal-ħatra qabel ma l-Bord Eżekuttiv ikun imissu jiġi stabbilit mill-ġdid fl-2010;

26. Jenfasizza li l-kredibilità ta' l-ECB hija wkoll dipendenti fuq grad għoli ta' trasparenza fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu; għalhekk itenni t-talba tiegħu li, ftit wara l-laqgħat tal-Kunsill tal-Gvernaturi ta' l-ECB, il-minuti fil-qosor ta' dawn il-laqgħat ikunu ppubblikati u jkollhom fihom dikjarazzjoni ċara ta' l-argumenti favur u kontra d-deċiżjonijiet meħuda u jekk dawn id-deċiżjonijiet ittieħdux unanimament jew le;

27. Jirrimarka li hu rrifjuta s-sistema tad-drittijiet tal-votazzjoni permezz ta' rotazzjoni applikabbli għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Gvernaturi kif adottata fl-2003 minħabba li hi kumplessa wisq; jikkunsidra li, bil-ħsieb ta' tkabbir taz-zona ta' l-euro fil-futur, għandha tiġi introdotta sistema li tkun ġusta u fl-istess ħin effikaċi;

28. Jistieden lill-ECB biex jagħti aktar importanza fl-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu lis-seduti ta' smigħ tal-President tiegħu mal-kumitat tal-Parlament responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi u monetarji;

29. Jistieden lill-ECB biex jipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-pubbliku b'sintesi annwali ta' miżuri meħuda sabiex jitjieb ir-rendiment ta' l-istess ECB, b'konformità mar-riżoluzzjoni preżenti;

***Ħames snin ta' karti tal-flus u muniti ta' l-euro***

30. Jinnota li l-valur tal-karti ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni kompla jiżdied b'ritmu mgħaġġel, b'żieda ta' 11.2 % fl-2006; jinnota li din iż-żieda kontinwa kompliet tkun prinċipalment spjegata minn karti tal-flus ta' denominazzjoni kbira, speċjalment tal-karti tal-EUR 500, li n-numru ta' dawn fiċ-ċirkolazzjoni żdied bi 13.2 %; itenni t-talba tiegħu lill-ECB biex jeżamina r-raġunijiet għal din iż-żieda sostanzjali u sabiex janalizza t-tipi ta' tranżazzjonijiet li saru b'dawn il-karti tal-flus u l-analiżi statistika tad-domanda skond il-pajjiż, bil-ħsieb li jiġi identifikat kwalunkwe riskju marbut magħhom;

*

* *

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-President ta' l-Eurogroup u lill-Bank Ċentrali Ewropew.

---

**P6_TA(2007)0350**

## Lvant Nofsani

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Lvant Nofsani

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet ta' qabel dwar il-Lvant Nofsani, b'mod partikulari dawk tas-7 ta' Settembru 2006 fuq is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani [1] u tas-16 ta' Novembru 2006 fuq is-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta' Gaża [2] u tal-21 ta' Ġunju 2007 fuq il-programm MEDA u l-għajnuna finanzjarja lill-Palestina: evalwazzjoni, implimentazzjoni u kontroll [3],

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 242 (1967), 338 (1973), 1559 (2004), 1701 (2006) u 1757 (2007),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill għar-Relazzjonijiet Esterni tat-18 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet tal-Kwartett tas-16 ta' Ġunju 2007 u tas-27 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra r-riżultati tas-Samit ta' Sharm El Sheik tal-25 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra r-Rapport tat-Tmiem tal-Missjoni ta' Alvaro de Soto, Koordinatur Speċjali għall-Proċess ta' Paċi tal-Lvant Nofsani u Rappreżentant Persunali tas-Segretarju Ġenerali tal-PLO u l-Awtorità Palestinjana, ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

(1) ĠU C 305 E, 14.12.2006, p. 236.
(2) TA P6_TA(2006)0492.
(3) TA P6_TA(2007)0277.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

A. billi f'egħluq l-40 sena mill-gwerra ta' l-1967, li rriżultat fl-okkupazzjoni tal-Medda ta' Gaża, tax-Xatt tal-Punent u ta' l-Għoljiet tal-Golan mill-Iżrael, il-Lvant Nofsani jinsab mifluġ b'bosta kunflitti, u ma nkisbu ebda riżultati fl-isforzi għall-wasla għal paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, u bejn l-Iżrael u l-pajjiżi Għarab,

B. billi l-Ħamas iddeċieda li jieħu s-setgħa f'Gaża permezz ta' mezzi militari u wettaq il-qtil ta' membri tal-forzi tas-sigurtà tal-Fataħ u ta' l-Awtorità Palestinjana minkejja t-twaqqif riċenti mill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u mill-Presidenza — it-tnejn entitajiet eletti b'mod demokratiku — ta' gvern ta' unità fuq il-bażi ta' l-Istqarrija ta' Mecca,

C. billi dan l-iżvilupp drammatiku huwa riżultat l-aktar ta' instabilità politika u tal-firdiet dejjem jikbru min naħa Palestinjana, kif ukoll ta' nuqqas ta' prospetti għal proċess ta' paċi ġenwin għall-poplu Palestinjan, li għadu taħt okkupazzjoni, parzjalment b'konsegwenza ta' l-istrateġija tal-Kwartett,

D. billi l-poplu li jgħix fit-Territorji Palestinjani, b'mod partikulari f' Gaża, qed tiffaċċja kriżi ta' proporzjonijiet mingħajr preċedenti, f'dak li għandu x'jaqsam mal-faqar, il-qagħad, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-sigurtà u l-moviment ħieles,

E. billi r-restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-persuni u tal-prodotti, iż-żamma tad-dħul mit-taxxa u mid-dwana, u d-deċiżjoni li tiġi sospiża l-għajnuna diretta lill-Awtorità Palestinjana kkontribwew sabiex il-kriżi tkompli titgħarraq, minkejja l-Mekkaniżmu Temporanju Internazzjonali u ż-żieda fl-għajnuna għall-proġetti mogħtija mill-UE,

F. billi l-Kunsill iddikjara li l-Unjoni Ewropea għandha tkompli bir-relazzjonijiet normali ma' l-Awtorità Palestinjana b'mod immedjat, u li għandha tiżviluppa l-kundizzjonijiet għal għajnuna urġenti ta' natura prattika u finanzjarja, li tinkludi għajnuna finanzjarja diretta lill-gvern, għajnuna lill-Pulizija Pajżana Palestinjana permezz tal-bidu mill-ġdid ta' l-EUPOL COPPS u t-tkomplija tal-Missjoni ta' l-UE għall-Assistenza fuq il-Fruntiera f'Rafah,

G. billi qed isir dejjem iżjed urġenti li jitmexxa 'l quddiem proċess ta' paċi kredibbli li jista' joffri l-prospett ta' stat indipendenti, demokratiku u vijabbli li jgħix ma' ġenb l-Iżrael lill-poplu Palestinjan, fi fruntieri sikuri u rikonoxxuti b'mod internazzjonali, u jġib il-paċi u l-istabilità lejn il-Lvant Nofsani,

H. billi t-tnedija mill-ġdid ta' l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi waqt is-samit ta' Riyadh tal-Lega Għarbija fid-29 ta' Marzu 2007 toffri opportunità ġdida u kredibbli għal ftehim komprensiv fir-reġjun;

I. billi r-Riżoluzzjoni 1757 (2007) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tistabbilixxi tribunal internazzjonali sabiex jiġġudika l-persuni responsabbli għall-qtil ta' l-ex-Prim Ministru Lebaniż Rafik Hariri u għal assassinji politiċi oħra fil-Libanu,

J. wara li kkunsidra d-deterjorament inkwetanti tas-sitwazzjoni fil-Libanu, muri bl-attakk fuq il-kontinġent Spanjol ta' l-UNFIL, li ħalla sitta min-nies mejta, il-qtil tal-Membru tal-Parlament Walid Eido u l-ġlied fil-kamp tar-refuġjati Palestinjan ta' Nahr el Bared,

1. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-konsegwenzi gravi possibbli tal-kriżi attwali fil-Lvant Nofsani, inklużi aktar attakki militari u terroristiċi, u radikalizzazzjoni akbar, li jfixklu s-sitwazzjoni politika fraġli fir-reġjun kollu;

2. Huwa mħasseb ħafna dwar l-aħħar ġrajjiet li seħħew fil-Medda ta' Gaża; Jikkundanna l-ħtif tal-kontroll militari fuq il-Medda ta' Gaża min-naħa tal-Ħamas; jappella għall-bidu mill-ġdid tad-djalogu politiku intern bejn il-Palestinjani fi spirtu ta' rikonċiljazzjoni u għaqda nazzjonali sabiex tkun evitata l-qasma ġeografika u politika tax-Xatt tal-Punent u ta' Gaża;

3. Jesprimi l-fehim u l-appoġġ tiegħu għad-deċiżjoni straordinarja tal-President Abbas, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi serji, u jisħaq li l-appoġġ mill-komunità internazzjonali għall-President Abbas irid ikun akkumpanjat minn pjan politiku konkret u realistiku li jwassal għal ftehim ta' status permanenti; jemmen li l-kriżi attwali mhix skuża biex jiddgħajjef il-prospett tal-paċi u tista' tipprovdi bażi għat-tnedija mill-ġdid ta' aġenda ċara sabiex jintlaħaq ftehim komprensiv bejn l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana bbażat fuq l-eżistenza ta' żewġ stati demokratiċi, sovrani u vijabbli li l-popli tagħhom jgħixu fil-paċi ma' xulxin f'konfini sikuri u rikonoxxuti, skond ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

4. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2007 li jerġa' jibda relazzjonijiet normali ma' l-Awtoritajiet Palestinjani immedjatament u, għal dan il-għan, biex jiżviluppa kundizzjonijiet għal assistenza prattika u finanzjarja urġenti, inkluż appoġġ finanzjarju dirett għall-gvern il-ġdid, kif ukoll biex jiżgura l-forniment ta' għajnuna ta' emerġenza u umanitarja lill-poplazzjoni ta' Gaża; jenfasizza li l-iżolament ta' Gaża għandu konsegwenzi umanitarji u politiċi drammatiċi;

5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jinvolvu lill-awtoritajiet Palestinjani u lin-naħat kollha fl-isforzi sabiex tkun iffaċilitata l-għajnuna umanitarja u jippermettulha li tilħaq lin-nies li jgħixu fil-Medda ta' Gaża;

6. Jikkundanna l-attakki multipli ta' missili Qassam sparati mingħajr diskriminazzjoni lejn it-territorju Iżraeljan mill-Medda ta' Gaża u jistieden lill-Gvern Palestinjan, kif ukoll lill-mexxejja Palestinjani kollha, sabiex jagħmlu l-aħjar tagħhom biex itemmu dawn l-attakki, li l-biċċa l-kbira tal-miri tagħhom ikunu persuni ċivili;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Gvern Iżraeljan li parzjalment jerġa' jibda t-trasferiment tad-dħul miżmum mit-taxxa u mid-dwana; jitlob għat-trasferiment komplut u kif imiss ta' dan id-dħul; jikkundanna l-aħħar intervent militari mill-armata Iżraeljana; jistieden lill-Gvern Iżraeljan sabiex minnufih itemm l-operazzjonijiet militari kontra l-poplu Palestinjan;

8. Jisħaq li bl-għajnuna tal-komunità internazzjonali, kemm l-Iżraeljani u kemm il-Palestinjani għandhom jieħdu sensiela ta' miżuri li jibnu l-kunfidenza, li għandhom jinkludu l-ħelsien immedjat ta' l-ex-ministri, leġiżlaturi u sindki Palestinjani li jinsabu miżmumin fil-ħabs u tal-kapural Iżraeljan Gilad Shalit; jilqa' l-ħelsien tal-ġurnalist tal-BBC Alan Johnston u japprezza dan il-ġest bħala pass pożittiv 'il quddiem;

9. Jistieden lill-Gvern Iżraeljan sabiex ineħħi r-'roadblocks' li ġew installati minn Settembru 2000 u biex iwaqqaf kemm it-tkabbir ta' l-irħula installati minnhom fix-Xatt tal-Punent u f'Ġerusalemm tal-Lvant, kif ukoll il-bini tal-ħajt 'l hinn mill-konfini ta' l-1967;

10. Jilqa' d-deċiżjoni mill-Gvern Iżraeljan sabiex jeħles 250 priġunier Palestinjan; jappella għall-ħelsien ta' aktar priġunieri, peress li eluf ta' Palestinjani għadhom miżmuma, speċjalment tal-minorenni;

11. Jistieden lill-UE, lill-Iżrael u lill-Eġittu sabiex jieħdu l-miżuri immedjati kollha meħtieġa sabiex jerġa' jinfetaħ il-post tal-qsim tal-fruntiera ta' Rafah, l-aktar peress li 6 000 Palestinjan jinsabu mblukkati f'kundizzjonijiet ħżiena ħafna, u sabiex ikun iffaċilitat il-moviment ta' persuni u merkanzija bejn Gaża u l-Iżrael;

12. Jilqa' r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li waqqfet it-tribunal internazzjonali biex jiġġudika lil dawk responsabbli għall-qtil ta' l-ex Prim Ministru Rafiq Hariri u għal każijiet oħra ta' qtil fil-Libanu li kellhom motivazzjoni politika; jistieden lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex jipprovdu l-mezzi kollha meħtieġa ħalli jippermettu li t-Tribunal jaħdem b'mod effettiv u jwettaq il-mandat tiegħu; iħeġġeġ lill-partiti Libaniżi kollha biex jappoġġjaw lit-tribunal internazzjonali u jħeġġeġ lis-Sirja biex tikkopera bis-sħiħ fil-ħidma tiegħu;

13. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk terroristiku fuq il-kontinġent Spanjol ta' l-UNIFIL, li ħalla 6 suldati mejta u oħrajn midruba, u jappella lill-awtoritajiet Lebaniżi sabiex jagħmlu l-aħjar li jistgħu biex iwettqu investigazzjoni ċara u f'waqtha sabiex iressqu quddiem qorti lil dawk responsabbli; jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-membri tal-familji tal-vittmi ta' dan l-attakk;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

14. Jenfasizza li l-istabilità politika fil-Libanu ma tistax tinbena la fuq il-vjolenza u lanqas fuq l-influwenza barranija; jitlob, f'dan ir-rigward, għat-tnedija mill-ġdid tad-djalogu għal unità nazzjonali sabiex jiġu rrikonċiljati d-differenzi u jiġi prevenut vojt governattiv, aħna u noqorbu lejn l-elezzjonijiet presidenzjali li għandhom isiru fil-ħarifa ta' din is-sena; f'dan il-kuntest, itenni l-irwol importanti ta' l-UNIFIL;

15. Iħeġġeġ lill-Gvern Libaniż biex jagħmel kull sforz sabiex iwaqqaf kull diskriminazzjoni kontra r-refuġjati Palestinjani; jilqa' b'sodisfazzjon ir-reazzjoni f'waqtha tal-Kummissjoni li ddeċidiet li talloka EUR 370 000 sabiex tipprovdilhom għajnuna umanitarja sabiex tgħinhom ilaħħqu mal-ħtiġijiet l-aktar essenzjali; jenfasizza li din l-emerġenża tkompli turi l-ħtieġa li tinstab soluzzjoni ġusta u komprensiva għall-problema tar-refuġjati Palestinjani;

16. Jappella sabiex dawk responsabbli mill-ħtif taż-żewġ suldati Iżraeljani, Eldad Regev u Ehud Goldwasser, jagħtu xi sinjal li huma għadhom ħajjin, u jappella għall-ħelsien immedjat tagħhom;

17. Iqis li d-dimensjoni u l-approċċ reġjonali huma l-bażi xierqa għall-isforzi kollha biex jiżguraw paċi dejjiema fil-Lvant Nofsani, filwaqt li wieħed irid iżomm f'moħħu li la l-prekundizzjonijiet u lanqas l-unilateraliżmu m'huma t'għajnuna għal dawn l-isforzi; iqis, f'dan il-kuntest, l-irwol tas-Sirja u d-djalogu magħha bħala wieħed mill-fatturi ewlenin;

18. F'dan il-kuntest ifakkar fil-kontribut siewi ta' l-Inizattiva Għarbija għall-Paċi, li hija opportunità ġenwina għal paċi komprensiva u dejjiema fir-reġjun; jistieden lill-Gvern Iżraeljan sabiex jirrikonoxxi t-tieqa ta' opportunità li nfetħet b'din l-inizjattiva; jenfasizza l-importanza tal-missjoni kif imħabbra tal-Lega Għarbija li se tmur f'qasir żmien fl-Iżrael, u li hija mingħajr preċedent; jappella għal koperazzjoni akbar bejn il-Kwartett u l-grupp ta' kuntatt tal-Lega Għarbija;

19. Iqis li tista' tiġi studjata l-possibilità li tkun installata forza ċivili, militari u tal-pulizija internazzjonali, taħt il-patronċinju tan-NU u bbażata fuq pjan ta' paċi maqbul li jkun jinkludi lill-Iżraeljani u lill-Palestinjani, u fuq ftehima inter-Palestinjana;

20. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jiżgura li l-UE ssib il-vuċi tagħha, u dan ukoll fil-qafas tal-Kwartett, fl-isforzi maħsubin biex jinbdew mill-ġdid negozjati ġenwini dwar id-diversi binarji tal-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani; jisħaq li dawn il-binarji m'għandhomx għalfejn ikunu indirizzati b'mod simultanju, iżda huma marbutin ma' xulxin mill-qrib; jisħaq li, f'dan il-kuntest politiku, il-mixja lejn konferenza internazzjonali tal-paċi għal-Lvant Nofsani għandha ssir prospett vijabbli; jistieden lill-Kunsill sabiex fil-qafas tal-Kwartett jaġixxi b'dan il-għan f'moħħu;

21. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-intensifikar ta' l-azzjonijiet tal-Kwarett fir-reġjun fil-ġejjieni; iqis li l-ittra tal-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin ta' l-Istati Membri ta' l-UE tas-6 ta' Lulju 2007, indirizzata lir-rappreżentant tal-Kwartett maħtur riċentement Tony Blair, bħala messaġġ ta' inkoraġġiment u ta' appoġġ għall-missjoni tiegħu;

22. Jinnota n-negozjati attwali dwar miżuri ta' bini ta' kunfidenza bejn il-Prim Ministru Palestinjan Sallam Fayyad u l-Gvern ta' l-Istat ta' Iżrael li jikkonċernaw taħditiet fuq tliet aspetti dwar kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi u ta' sigurtà kif ukoll it-tiġdid tal-koperazzjoni fl-aspett tas-sigurtà bejniethom;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għas-CFSP, lill-President ta' l-Awtorità Palestinjana, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan, lill-Knesset u lill-Gvern Iżraeljan, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Libanu, lill-Parlament u lill-Gvern tas-Sirja, u lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega ta' l-Istati Għarab.

**P6_TA(2007)0351**

## Pakistan

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Pakistan

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp ta' l-24 ta' Novembru 2001, (imsemmija wkoll bħala l-Ftehim ta' Koperazzjoni tat-tielet ġenerazzjoni), b'mod partikulari l-Artikolu 1 ta' din il-Ftehim li jistipula li 'ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi…jikkostitwixxi element essenzjali ta' din il-ftehim' ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-UE u l-Pakistan wara il-laqgħa ministerjali tat-8 ta' Frar 2007 f'Berlin u l-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta bejn il-Pakistan u l-KE taħt il-Ftehim ta' Koperazzjoni bejn il-Pakistan u l-KE li saret fl-24 ta' Mejju 2007 f'Islamabad, fejn iż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jiżviluppaw djalogu politiku formali wiesa' u kkonfermaw il-koperazzjoni mill-qrib tagħhom rigward firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-elezzjonijiet parlamentari, provinċjali u presidenzjali għandhom isiru aktar tard din is-sena,

— wara li kkunsidra ż-żjara ta' delegazzjoni SAARC tal-Parlament fil-Pakistan f'Diċembru 2006 u l-laqgħa li saret mal-President Musharraf f'Lahore,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-Pakistan, b'mod partikulari dawk ta' l-10 ta' Frar 2004 ([2]) u tat-22 ta' April 2004 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-attakk fuq il-Moskea l-Ħamra f'Islamabad irriżulta f'għadd kbir ta' mwiet;

B. billi l-attakki fil-Moskea u madwarha kienu dimostrazzjoni ċara tal-perikoli li ġejjin mill-moviment radikali Iżlamiku, kontra liema l-President Musharraf seta' naqas milli jirreaġixxi b'mod mgħaġġel jew b'mod deċiż biżżejjed;

C. billi sensiela ta' emendi kostituzzjonali taħt l-amministrazzjoni ta' Musharraf biddlet is-sistema politika tal-Pakistan b'mod sostanzjali, u billi dawn l-emendi rnexxielhom jittrasformaw is-sistema ta' governanza minn sistema parlamentari għal sistema presidenzjali, fejn il-President għandu s-setgħa li jmur kontra jew li jxolji l-parlament,

D. billi s-servizz militari u s-servizzi sigrieti għad għandhom influwenza qawwija fl-politika, fil-gvern u fl-ekonomija tal-Pakistan, sitwazzjoni li hija kontra l-prinċipju tal-pjan direzzjonali għar-restawr tad-demokrazija, fejn kien maħsub li l-poter għandu jiġi trasferit mingħand il-militar lura għal amministrazzjoni ċivili,

E. billi l-ġrajjiet reċenti, fosthom is-sospensjoni tal-Prim Imħallef tal-Pakistan, is-Sur Iftikhar Mohammad Chaudhry, fid-9 ta' Marzu 2007 dwar akkużi ta' kondotta ħażina li għadhom sa issa mhux ippruvati u l-protesti popolari li għadhom qed isiru u li bdew b'riżultat ta' din l-azzjoni, żiedu l-urġenza sabiex jiġu indirizzati il-kwistjonijiet tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt fil-Pakistan,

F. billi l-Gvern ta' l-Istati Uniti żied il-pressjoni tiegħu fuq il-Pakistan dwar il-falliment tiegħu li jrażżan it-terroriżmu;

G. billi l-Unjoni Ewropea tipprovdi ffinanzjar sostanzjali lill-Pakistan għat-tnaqqis tal-faqar u għall-edukazzjoni rigward is-saħħa u għall-edukazzjoni ta' l-Istat;

([1]) ĠU C17, 22.01.1999, p.7.
([2]) ĠU C97E, 22.04.2004, p. 112.
([3]) ĠU C104E, 30.04.2004, p. 1040.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Pakistan, li huma l-vittmi tal-vjolenza li saret mill-estremisti armati; huwa mħasseb ħafna dwar rapporti li xi nies kienu possibilment miżmuma bħala ostaġġi fil-Moskea l-Ħamra; jirrikonoxxi l-isfidi li kellu jiffaċċja l-Gvern tal-Pakistan minħabba l-assedju; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar in-numru ta' vittmi li għadu mhux magħruf u jappoġġja l-isforzi biex dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Pakistan biex imur lura għas-sistema demokratika billi jsejjaħ elezzjonijiet ħielsa, ġusti u demokratiċi sa l-aħħar tas-sena u jwissi kontra l-impożizzjoni ta' l-istat ta' emerġenza jew ta' miżuri oħra biex jissopprimi l-libertà tal-kelma, ta' l-assoċjazzjoni, ta' l-għaqda u tal-moviment;

3. Iħeġġeġ lill-President Musharraf biex jirrispetta l-kostituzzjoni billi jħalli l-assemblej il-ġodda jsejħu elezzjonijiet presidenzjali u billi jabbanduna l-kariga ta' kap ta' l-armata, ħaġa li qabel kien ftiehem li jagħmel f'impenn ma' l-UE;

4. Iħeġġeġ lill-armata Pakistana biex tippermetti elezzjonijiet ħielsa u ġusti, kif ukoll lill-mexxejja politiċi eżiljati jerġgħu lura l-Pakistan u jikkontestaw l-elezzjonijiet; jitlob li jittieħdu miżuri bil-għan li jillimitaw l-influwenza tal-gruppi militari u gruppi armati oħra fuq il-proċessi politiċi u demokratiċi;

5. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-UE se tkun qed tagħmel monitoraġġ ta' l-elezzjonijiet parlamentari fil-Pakistan u li l-Parlament se jipparteċipa fil-missjoni ta' osservaturi; huwa mħasseb, minkejja dan, dwar għadd ta' aspetti fit-tħejjija għal dawn l-elezzjonijiet, b'mod partikulari:

— in-newtralità tal-gvern proviżorju li se jiġi ffurmat tliet xhur qabel l-elezzjonijiet, u li se jiġi maħtur mill-President Musharraf;

— il-fatt li kwalifika akkademika hija rekwiżit sabiex persuna toħroġ għall-elezzjoni, li se teskludi 70 % tan-nisa Pakistani milli joħorġu għall-elezzjoni; għalhekk iħeġġeġ it-tneħħija ta' din ir-restrizzjoni;

— in-nuqqas ta' leġittimità tal-President futur tal-Pakistan jekk dan jew din se jiġi elett mill-Assemblea li se jispiċċalha l-mandat;

6. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu messaġġ ċar lill-President Musharraf li tranżizzjoni għal gvern ċivili bit-tisħiħ ta' l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi hija l-unika mod aċċettabli biex il-pajjiż joħroġ mill-kriżi preżenti;

7. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu pożiżżjoni soda rigward dwar il-ħarsien tal-prinċipji kollha mħaddna fil-Ftehim ta' Koperazzjoni, b'mod partikolari l-kważola tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem; jilqa' b'sodisfazzjon il-laqgħa ministerjali tat-8 ta' Frar 2007 u l-laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta bejn il-Pakistan u l-UE ta' l-24 ta' Mejju 2007 bħala passi pożittivi lejn it-tisħiħ tar-relazzjonijiet ta' bejn l-UE u l-Pakistan; jenfasiżżal-fatt li r-relazzjoni bejn l-UE u l-Pakistan hija bbażata fuq il-prinċipji mħaddna fil-Ftehim ta' Koperazzjoni: impenn favur id-demokrazija, il-paċi u l-istabbilità, l-iżvilupp, it-tisħiħ tar-rabtiet kummerċjali, inklużi fl-Asja tan-Nofsinhar permezz ta' koperazzjoni reġjonali, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob għal djalogu politiku intensiv dwar dawn il-kwistjonijiet;

8. Jiddeplora s-sospensjoni tal-Prim Imħallef Chaudhry tal-Qorti Suprema fuq akkużi ta' allegata mġiba ħażina, li ġiet meqjusa minn bosta bħala attentat tal-gvern biex iżomm kontroll fuq il-ġudikatura f'sena ta' elezzjoni; jitlob għar-rispett ta' l-indipendenza tal-ġudikatura u l-istat tad-dritt, iħeġġeġ il-Gvern tal-Pakistan biex jieħu passi xierqa biex jaqleb it-tendenza negattiva attwali fir-rigward ta' dan u biex iżomm lura minn kull interferenza politika fil-każ li bħalissa qed jinstema' fil-Qorti Suprema; jinnota s-solidarjetà qawwija murija mill-professjoni legali kollha tal-Pakistan;

9. Jiddispjaċih ħafna dwar l-imwiet ta' 41 persuna ċivili waqt dimostrazzjonijiet politiċi f'Karachi fit-12 ta' Mejju 2007 u jikkundanna l-użu tal-vjolenza għal skopijiet politiċi, sew jekk imwettqa mill-forzi alleati tal-gvern jew minn membri tal-partiti politiċi ta' l-oppożizzjoni;

10. Huwa mħasseb bl-istess mod dwar rapporti li tliet ħaddiema Ċiniżi ġew iffuċillati minn militanti Iżlamiċi suspettati f'Peshawar f' attak b'rabta possibbli ma' l-assedju tal-Moskea l-Ħamra;

11. Jikkundanna kull attentat min-naħa tal-Gvern tal-Pakistan biex jikkontrolla l-libertà tal-midja billi jintroduċi emendi għal-liċenzji tax-xandir, jirrestrinġi x-xandir live ta' avvenimenti ta' barra u joħroġ direttivi tal-gvern għal assoċjazzjonijiet tal-midja u tax-xandir; jikkundanna kull forma ta' theddid, sfurzar u intimidazzjoni ta' ġurnalisti u xandara;

12. Huwa mħasseb dwar l-għadd ta' każijiet dokumentati tajjeb ta' persuni li jisparixxu, li kienu jinvolvu persuni suspettati minn terroriżmu, ġurnalisti, studenti, membri tal-movimenti nazzjonalisti Baloch u attivisti politiċi oħra u jishaq li l-ħtif, il-qtil extraġudizzjarju u t-tfigħ fil-ħabs mingħajr ma persuna titressaq il-qorti jmorru kontra l-prinċipji fundamentali tal-liġi internazzjonali, fosthom id-dritt għall-ħajja u d-drittijiet għal proċess tal-liġi xieraq;

13. Jilqa' l-konsensus Ewropew dwar l-iżvilupp [1] u l-impenn ċar ta' l-UE li tindirizza pajjiżi affettwati mill-konflitt jew mill-fraġilità ta' l-istat u l-impenn daqstant ċar tagħha li tingħata għajnuna biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs), inkluża l-politika ta' l-edukazzjoni; jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex iżid b'mod sinifikanti l-appoġġ finanzjarju biex jistabilixxi u jiżviluppa sistema ta' edukazzjoni ta' l-istat b'kurrikulu wiesa' madwar il-pajjiż kollha, inkluż fiz-zoni tribali; jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex iwettaq l-impenji tiegħu biex jenforza kontroll ġenwin fuq il-madrassas li bħalissa qegħdin taħt il-kontroll ta' l-estremisti;

14. Jinnota bi tħassib ir-rapporti kontinwi ta' ripressjoni kontra l-minoritajiet reliġjużi u l-użu tal-liġijiet tad-dagħa kontra l-minoritajiet reliġjużi;

15. Huwa mħasseb li filwaqt li l-President Musharraf impenja ruħu li jaffronta t-terroriżmu u l-estremiżmu f'livell internazzjonali, l-alleanzi politiċi domestiċi li jeżistu bejn il-gvern, il-militar u l-fundamentalisti reliġjużi jistgħu jxekklu l-abilità tal-gvern li jindirizza l-kwistjoni ta' l-estremiżmu u l-fundamentaliżmu; iħeġġeġ lill-Gvern Pakistani biex jieħu passi immedjati u effettivi għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forza politika jew armata milli tuża t-territorju tiegħu bħala kenn u bħala bażi għal operazzjonijiet fl-Afganistan;

16. Huwa mħasseb dwar l-instabilità dejjem tiżdied u l-proliferazzjoni tal-vjolenza marbuta mar-rewwixti f'zoni tribali, partikolarment fil-Waziristan, u jinnota b'mod partikolari n-numru ta' bombi suwiċidi, inkluż l-attentat fuq il-ħajja tal-Ministru ta' l-Intern f'Peshawar fit-28 ta' April 2007; jitlob lill-Gvern tal-Pakistan biex jibdel is-sitwazzjoni billi jħaddan l-istat tad-dritt u l-estensjoni tad-drittijiet ċivili u politiċi fiz-zona;

17. Jitlob għal aktar djalogu ma' mexxejja provinċjali u lokali dwar il-possibilità ta' aktar awtonomija fil-provinċji jew għal rappreżentanza akbar ta' l-interessi tal-provinċji fil-livell nazzjonali; jikkundanna l-politiki ripressivi tal-gvern fil-Balochistan, fejn hemm talbiet kontinwi għal aktar awtonomija tal-provinċja u kontroll reġjonali akbar fuq ir-riżorsi naturali sostanzjali f'din iz-zona;

18. Jitlob lill-Gvern tal-Pakistan sabiex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Suprema tal-Pakistan u jestendi d-drittijiet bażiċi u l-libertajiet politiċi lejn iz-zoni tat-Tramuntana;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Pakistan.

[1] Stqarrija konġunta tal-Kunsill u r-rappreżentati tal-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni għall-politika ta' l-Iżvilupp: 'il-Konsensus Ewropew' (ĠU C46, 24.2.2006, p.1).

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

**P6_TA(2007)0352**

# Rapport ta' Progress dwar l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ta' l-2006

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar ir-Rapport ta' Progress ta' l-2006 dwar l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (2006/2289(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, li matulu kien imwiegħed lill-istati kollha tal-Balkani tal-Punent li, fuq tul ta' żmien, ser jissieħbu fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 biex jagħti lill-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja l-istatus ta' pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE u l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tal-15-16 ta' Ġunju 2006 u ta' l-14-15 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tat-Tieni Laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE u l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja fit-18 ta' Lulju 2005 u l-konklużjonijiet tat-Tielet Laqgħa tal-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE u l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja tal-11 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra d-Decizjoni tal-Kunsill 2006/57/KE tat-30 ta' Jannar 2006 dwar il-principji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li hemm fis-Shubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugozlava tal-Macedonja u li tħassar id-Deċiżjoni 2004/518/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' Progress ta' l-2006 tal-Kummissjoni dwar l-ex-Repubblika Jugozlava tal-Macedonja (SEC(2006)1387),

— wara li kkunsidra r-rizoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Dicembru 2006 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrategija għat-Tkabbir u l-Isfidi Ewlenin 2006-2007 ([2])

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Parlamentari Konġunt ta' l-UE u l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja tad-29-30 ta' Jannar 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Procedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0214/2007),

A. billi aktar tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea m'huwiex ghan fih innifsu, billi hemm l-obbligu ta' konformità stretta mal-kriterji ta' Kopenhagen mill-Istati Membri u billi kull pajjiz kandidat ser ikun iggudikat fuq il-merti tieghu stess,

B. billi l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja kienet involuta b'suċċess fin-negozjati relatati ma', inter alia, relazzjonijiet ma' l-Unjoni Ewropea bħall-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA), l-Assoċjazzjoni Ċentrali Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (CEFTA), l-isforzi ta' l-Unjoni Ewropea rigward ir-riżoluzzjoni paċifika ta' differenzi interni fl-opinjoni fl-2001u l-preparazzjonijiet għall-adozzjoni ta' l-*acquis* ta' l-UE fil-perjodu li jwassal sa l-2011,

C. billi, minn meta l-UE rrikonoxxiet l-istatus ta' pajjiż kandidat fis-16 ta' Diċembru 2005, in-negozjati ta' sħubija ma' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja għandhom ma bdewx,

([1]) GU L 35, 7.2.2006, p. 57.
([2]) *Testi Adottat ta' dik id-data*, P6_TA(2006)0568.

D. billi, filwaqt li l-prinċipji bażiċi fil-Ftehim ta' Qafas ta' Ohrid tat-13 ta' Awissu 2001 issa ddaħħlu fil-qafas kostituzzjonali u legali tal-pajjiż, hemm bżonn ta' sforz kontinwu sabiex id-dispożizzjonijiet tagħha jkunu implimentati bis-sħiħ, partikularment f'dak li jirrigwarda l-kontinwità tal-proċess ta' deċentralizzazzjoni u r-rappreżentanza ekwitabbli, fuq il-livell nazzjonali u lokali, ta' komunitajiet li m'humiex f'maġġoranza,

E. billi l-Kunsill Ewropew ta' Tessaloniki tad-19-20 ta' Ġunju 2003 tenna d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġja b'mod sħiħ u effettiv il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, li se jsiru parti integrali ta' l-UE, meta jilħqu l-kriterji stabbiliti,

F. billi mhux garantit suċċess fit-trawwim ta' riformi ekonomiċi jekk ma jkunx hemm kunsens politiku u fiduċja bejn l-gruppi etniċi

G. billi l-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-14-15 ta' Diċembru 2006 qal li l-UE għandha żżomm l-impenji tagħha lejn pajjiżi li jinsabu fil-proċess ta' tkabbir u tenna li l-progress ta' kull pajjiż lejn l-Unjoni Ewropea jiddependi mill-isforzi individwali tiegħu li jkunu konformi mal-kriterji ta' Kopenhagen u mal-kundizzjonalità tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni,

H. billi d-Dikjarazzjoni ta' Salzburg bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tal-11 ta' Marzu 2006, adottata unanimament mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin kollha ta' l-UE u mill-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin tal-pajjiż tal-Balkani tal-Punent, itenni l-importanza ta' relazzjonijiet tajba tal-viċinat u l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet reċiprokament aċċettabbli rigward kwistjonijiet pendenti ma' pajjiżi ġirien,

1. Jilqa' l-progress magħmul mill-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, minn meta għamlet l-applikazzjoni biex tissieħeb fl-Unjoni Ewropea, billi laħqet il-kriterji politiċi ta' Kopenhagen u implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tas-Sħubija Ewropea 2004, id-dispożizzjonijiet tas-SAA u r-rekwiżiti tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni; juri li l-imbuttatura tar-riforma trid tinżamm u li l-leġiżlazzjoni adottata issa trid tkun implimentata sew u minnufih, speċjalment fl-oqsma tal-pulizija, il-ġudikatura, l-amministrazzjoni pubblika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, sabiex tkun stabbilita ekonomija vera tas-suq, biex tistimola t-tkabbir ekonomiku u l-impiegar u sabiex ittejjeb il-klima tan-negozju;

2. Jenfasizza li l-bidu ta' negozjati għas-sħubija jiddependi mill-progress magħmul f'dan ir-rigward; jinkoraġġixxi lill-partijiet interessati kollha biex iżommu l-ispinta u jenfasizza l-ħtiega, kemm għall-forzi politiċi tal-gvern kif ukoll ta' l-oppożizzjoni, li jkomplu l-implimentazzjoni tar-riformi neċessarji għall-integrazzjoni tal-pajjiż fl-UE;

3. Ifaħħar lill-Gvern ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja għall-koperazzjoni tiegħu fil-qasam tal-Politika Komuni Barranija u ta' Siġurtà (CFSP) u fil-Politika Ewropea għas-Sikurezza u d-Difiża (ESDP), notabilment il-parteċipazzjoni tiegħu fil-missjoni ALTHEA ta' l-UE u l-ħeġġa tiegħu biex jikkontribwixxi lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ESDP u tal-missjonijiet militari u ċivili mmexxija mill-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet;

4. Jinnota b'sodisfazzjoni li wara l-konflitt intern ta' l-2001, instabu soluzzjonijiet b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-UE, permezz tal-Ftehim ta' Qafas Ohrid sabiex iċ-ċittadini kollha, indipendentement mill-isfond etniku tagħhom, jgħixu flimkien b'mod ugwali u fil-paċi, billi jissaħħaħ l-użu ta' lingwi minuri fl-amministrazzjoni pubblika u fl-edukazzjoni, permezz ta' organizzazzjoni muniċipali mill-ġdid u permezz ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' maġġoranza doppja (il-prinċipju Badinter) li jipproteġi l-pożizzjoni ta' ta' komunitajiet li m'humiex f'maġġoranza fit-teħid ta' deċiżjonijiet parlamentari; jinnota li fl-2007 intlaħaq ftehim dwar il-festi nazzjonali tal-gruppi etniċi u reliġjużi differenti;

5. Jenfasizza li l-Ftehim Qafas Ohrid biddel il-pajjiż billi qies b'mod sħiħ il-karattru multi-etniku u multi-kulturali tal-pajjiż, li għaldaqstant hija parti ewlenija tal-kriterji politiċi ta' Kopenħagen għas-sħubija fl-UE; juri li r-rispett tal-kliem u ta' l-ispirtu tal-Ftehim jibqgħu kruċjali għall-vjaġġ Ewropew tal-pajjiż lejn adeżjoni fl-UE; jisħaq għal darba oħra li l-prinċipju Badinter għandu jiġi rispettat b'mod sħiħ, u li jeħtieġ li l-partijiet kollha jirrispettaw u jaħdmu fi ħdan l-istituzzjonijiet demokratiċi li l-pajjiż għamel tant sforzi sabiex waqqafhom;

6. Jirrimarka li l-mekkaniżmu Badinter, kif iddikjarat fil-Kostituzzjoni, huwa intiż bħala mezz għad-djalogu u l-kunsens fi stat multi-etniku; jiddispjaċih li kmieni fl-2007, bħala riżultat tan-nuqqas ta' sodisfazzjon bl-applikazzjoni tal-prinċipju Badinter, l-akbar partit Albaniż fl-oppożizzjoni waqqaf kull attività parlamentari; jilqa' l-fatt li l-konsultazzjonijiet bejn il-gvern u l-oppożizzjoni rriżultaw fi ftehim li jkopri lista ta' liġijiet li għandhom jiġu adottati billi jiġi applikat il-prinċipju Badinter, isir użu mill-lingwa Albaniża fl-istituzzjonijiet pubbliċi, is-sitwazzjoni ta' l-ex-gwerrilieri Albaniżi u l-kompożizzjoni tal-Kumitat għar-Relazzjonijiet Inter-Etniċi, b'hekk il-membri kollha eletti jkunu jistgħu jissoktaw bid-dmirijiet parlamentari tagħhom u juru responsabbiltà politika; fuq din il-bażi, wara l-implimentazzjoni tal-ftehim, jistieden sabiex l-istatus ta' pajjiż kandidat għas-sħubija ma' l-UE li ngħata fl-2005 ikun akkumpanjat mill-aktar fis possibbli mill-bidu effettiv ta' negozjati għas-sħubija; fl-aħħar, jistieden lill-partijiet kollha sabiex iżżommumantnu u jikkonsolidaw l-ispirtu ta' djalogu fir-riżoluzzjoni tad-diverġenzi tagħhom u sabiex isegwu b'mod konġunt l-aġenda ta' riforma li hija essenzjali għall-prospettivi Ewropew tal-pajjiż;

7. Jisgħobbih għall-prattika ta' ibbojkottjar ta' l-attività parlamentari u jirrimarka li dawn il-prattiki m'humiex kompatibbli ma' istituzzjonijiet parlamentari li jaħdmu sewwa, li kull pajjiż kandidat jew li qed jaspira li jissieħeb ma' l-UE hu mistenni li jkollu;

8. Ifakkar li l-applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju Badinter tiżgura tkomplija tal-koperazzjoni interetnika u relazzjoni ta' fiduċja bejn il-partijiet kollha; f'dan ir-rigward jiddispjaċih li f'eżempju riċenti tal-votazzjoni dwar l-emendi għal-Liġi tax-Xandir, fejn, għalkemm il-liġi nnifisha ġiet adottata skond il-prinċipju Badinter, l-emendi ġew adottati biss b'maġġoranza sempliċi; jistieden b'urġenza sabiex ikun hemm manteniment u applikazzjoni konsistenti ta' l-indipendenza tax-xandir pubbliku stabbilita fil-Liġi ta' Novembru 2005, li — b'differenza mis-sitwazzjoni preċedenti ta' interferenza politika — tikkonforma ma' standards Ewropej tal-midja;

9. Jirrakkomanda li l-pajjiż għandu jitgħallem mill-aħjar prattiċi Ewropej fl-amministrazzjoni pubblika u fl-edukazzjoni u jikkunsidra d-differenzi etniċi u lingwistiċi; jistieden sabiex ikun hemm aktar ftehim dwar il-mod li bih l-akbar żewġ komunitajiet etniċi u l-minoranzi differenti jistgħu jgħixu flimikien fuq bażi ugwali u ta' armonijia; f'dan ir-rigward, jistieden sabiex ikun hemm implimetazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali ddisinjati sabiex jiggarantixxu li l-komunitajiet mhux fil-maġġoranza jkunu rappreżentati b'mod ekwitabbli fl-amministrazzjoni pubblika;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li huwa meħtieġ li jittieħdu miżuri speċifiċi u urġenti li jtejbu s-sitwazzjoni tar-Roma permezz ta' l-Istrateġija Nazzjonali dwar ir-Roma, billi soċjetà ċivili tar-Roma żviluppata sewwa tiġi involuta bħala s-sieħeb prinċipali; jikkunsidra li l-ugwaljanza bejn il-fondi tal-gvern u l-fondi mill-Istrument ta' Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni [1] u r-rikonoxximent istituzzjonali tal-Grupp Konsultattiv dwar ir-Roma għandhom ikunu mezz lejn it-titjib ta' l-inklużjoni soċjali tar-Roma fl-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja;

11. Jirrimarka li hemm numru ta' pajjiżi fl-Ewropa li isimhom huwa l-istess bħal dak ta' parti minn territorju ta' pajjiż ġar, u li kull stat jagħżel ismu b'mod ħieles; jilqa' l-fatt li l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja bidlet il-bandiera nazzjonali tagħha u għamlet emendi kostituzzjonali biex tikkonferma n-nuqqas ta' pretenzjonijiet territorjali kontra l-pajjiżi ġirien; jiddispjaċih dwar il-bidla reċenti ta' l-isem ta' l-ajruport nazzjonali għal 'Alessandru l-Kbir';

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1085/2006 tas-17 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi Strument ta' Assistenza għal Qabel l-Adeżjoni (IPA) (ĠU L 210, 31.7.2006, p.82).

12. Jiddispjaċih li minn meta l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja daħlet fin-NU fl-1993, meta, bil-għan li tikseb rikonoxximent internazzjonali, ingħatat l-isem provviżorju 'l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja', u minn meta sar il-Ftehim Intermedjarju tat-13 ta' Settembru 1995 ma ntlaħaq l-ebda ftehim mal-Ġreċja, pajjiż ġar; iħeġġeġ lill-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja u lill-Ġreċja sabiex jorganizzaw diskuzzjonijiet, taħt l-awspiċju tan-NU, dwar din il-kwistjoni sabiex ikun hemm konklużjoni ta' suċċess mill-aktar fis; jistieden lill-Kunsill sabiex jiffaċilita tali negozjati;

13. Juri li, f'dan ir-rigward, numru ta' pajjiżi inklużi l–Istati Uniti, il-Federazzjoni Russa u ċ-Ċina, kif ukoll uħud mill-Istati Membri ta' l-UE, diġà irrikonoxxew l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja bl-isem kostituzzjonali tagħha; ifakkar li xi wħud minn dawk il-pajjiżi stqarru repetutament li huma se jaċċettaw l-eżitu tan-negozjati rigward il-kwistjoni ta' l-isem taħt il-patroċinju tan-NU; huwa tal-fehma li, skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehima Interim ta' l-1995, il-kwistjoni ta' l-isem mhix ostakolu għall-ftuħ ta' negozjati għall-adeżjoni ma' l-UE u li, kif inhu l-każ għall-pajjiżi kandidati l-oħra kollha, l-integrazzjoni tagħha fl-UE se tiddependi b'mod esklussiv fuq it-twettiq tal-kriterji ta' Kopenħagen, il-kundizzjonijiet tal-qafas ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni, u l-kapaċità ta' l-UE li tintegra Stati Membri ġodda;

14. Jinnota li ir-Rappreżentant Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti, Matthew Nimitz, stqarr fil-miftuħ li fi ftit żmien ieħor se jibda sforzi mill-ġdid biex jilħaq malajr kemm ji sta' jkun soluzzjoni għal din il-kwistjoni li tkun reċiprokament aċċettabbli u sejjaħ għal appoġġ ċar ta' l-isforzi tiegħu;

15. Jinnota li l-Ftehim Intermedjarju ta' l-1995 wassal għal titjib sinifikanti fir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja u l-Ġreċja u fih obbligi u drittijiet għaż-żewġ partijiet, inkluż dispożizzjonijiet dwar is-sħubija ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali, multilaterali u reġjonali;

16. Barra minn hekk jinnota li minn meta ġie konkluż il-Ftehim Intermedjarju ta' l-1995, il-kamp ta' applikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi żdied b'mod sinifikanti, sakemm il-Ġreċja tikkostitwixxi l-akbar investitur barrani fl-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, filwaqt li r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom tjiebu wkoll b'mod konsiderevoli;

17. Jilqa' l-pożizzjoni kostruttiva tal-pajjiż dwar l-istatus ġejjieni tal-Kosovo; jiddispjaċih li b'antiċipazzjoni ta' l-istatus futur tal-Kosovo ma kienx possibli li ssir aktar demarkazzjoni tal-fruntieri; għandu fiduċja li jintlaħaq ftehim dwar din il-kwistjoni teknika malajr u jilqa' l-fatt li l-bdiewa kkonċernati jistgħu jibqgħu jużaw partijiet mill-art tagħhom li nzertaw qegħdin fuq in-naħa l-oħra tal-fruntiera;

18. Jiġbed l-attenzjoni għax-xewqa għall-adozzjoni ta' miżuri li jiffaċilitaw it-traffiku tal-fruntiera mal-Kosovo, u b'hekk titjieb il-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, tal-kultura u tax-xogħol, u jinżammu r-rabtiet tal-familja;

19. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja sabiex jippromwovu l-koperazzjoni reġjonali u l-iżvilupp ta' relazzjonijiet tajba tal-viċinat;

20. F'dan ir-rispett, jilqa' l-irwol ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja fil-qasam tal-koperazzjoni reġjonali, l-impenn tagħha fl-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali u l-irwol attiv tagħha fil-proċessi ta' koperazzjoni reġjonali bħall-istabbiliment ta' Kunsill Reġjonali ta' Koperazzjoni, CEFTA 2006, it-Trattat Komunitarju dwar l-Enerġija u z-Zona Komuni Ewropea ta' Avjazzjoni;

21. Jindika l-ħtiega li titħares il-kwalità ta' l-ilma fix-Xmara Vardar, li tiskula fil-parti l-kbira tal-pajjiż u tkompli fit-territorju Grieg bħala x-Xmara Axiós, mit-tniġġis ikkawżat mill-industrija u z-zoni residenzjali urbani;

22. Jitlob b'mod urġenti għal titjib u manteniment tal-kwalità u tal-livell ta' l-ilma fil-lagi tal-fruntiera Ohridsko Ezero, Prespansko Ezero u Dojransko Ezero u għall-ftehim effettiv dwar dan l-aspett mal-pajjiżi ġirien li huma l-Albanija u l-Greċja;

23. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li titjieb l-attitudni ġenerali lejn l-ambjent, inter alia billi jiġu eliminati l-miżbliet illegali tul it-toroq, ix-xmajjar u fit-tarf ta' boskijiet permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' ġbir ta' l-iskart li hija kemm jista' jkun diversifikata;

24. Jistieden lill-awtoritajiet ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja sabiex ikomplu japprossimaw leġiżlazzjoni u standards ta' l-UE u jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni adottata;

25. Ifakkar illi l-Istati Membri ta' l-UE kollha jiggarantixxu l-libertà tat-twemmin kif ukoll il-libertà ta' l-organizzazzjoni reliġjuża;

26. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-traffikar tal-bnedmin u li t-tisħiħ tal-koperazzjoni reġjonali, inter alia permezz ta' Inizzjattiva ta' Koperazzjoni tax-Xlokk ta' l-Ewropa, qed isir neċessità fil-ġlieda kontra n-netwerks internazzjonali ta' kriminalità organizzata;

27. Jesprimi thassib serju dwar il-fatt li l-qgħad għadu għoli ħafna, u jistieden lill-Gvern, fid-dawl ta' l-isfidi kbar li jeżistu f'dan il-qasam, sabiex isawwar politiki effiċjenti biex jiġu miġġielda l-faqar u l-inugwaljanzi soċjali; jenfasizza l-bżonn li federazzjonijiet tat-trejdjunjins differenti jkunu jistgħu jeżistu flimkien fuq bażi ugwali, u jirrimarka li l-obbligu attwali tat-trejdunjins li jorganiżżaw 33 % tal-ħaddiema rilevanti qabel ikunu jistgħu jsiru msieħba kuntrattwali jfisser li n-numru tal-membri jiġi l-ħin kollu kkuntestat mill-partijiet interessati;

28. Jirrakkomanda li d-distribuzzjoni tar-riżorsi ta' l-istat kif ukoll tal-fondi ta' l-UE għandhom iqisu d-disparitajiet reġjonali u etniċi eżistenti; iqis li d-differenzi reġjonali u etniċi eżistenti għandhom jitnaqqsu permezz ta' l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' koeżjoni sabiex iwasslu għall-iżvilupp mgħaġġel ta' reġjuni sottożviluppati;

29. Jitlaq mill-premessa li l-awtorizzazzjoni tal-banek barranin għandha tkun ibbażata fuq kriterji ugwali għal kullħadd, bħall-konformità mar-rekwiziti legali fil-qasam tat-tranżazzjonijiet f'valuta barranija, it-tassazzjoni u l-ħarsien tal-konsumatur, u jirrifjuta li jkunu favoriti ċerti kumpanniji jew il-pajjiżi li fihom ikollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom;

30. Ifakkar li l-bini ta' infrastruttura transkonfinali moderna hija inċentiv kbir u garanzija għall-istabbilità u l-prosperità tar-reġjun kollu tax-Xlokk ta' l-Ewropa, u għalhekk jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza li n-netwerk tal-ferrovija, it-traffiku domestiku tal-ferroviji u t-tranżitu bejn il-Greċja u ħafna Stati Membri oħra ta' l-UE jinżammu fi stat tajjeb ta' manteniment u jittejjbu; jilqa' r-restawr tal-konnessjoni bil-ferrovija mal-Kosovo, u jiddispjaċih għan-nuqqas ta' progress fil-konnessjoni diretta tal-ferrovija ppjanata mal-Bulgarija u jħares 'il quddiem għal aktar progress relatat mal-kurituri Ewropej tat-trasport VIII u X;

31. Iqis li mhux mixtieq li l-impjegati tas-servizz ċivili jitilfu xogħolhom jew jiġu mħajra jitilqu mal-bidliet fil-gvern u b'mod partikolari jistenna li l-impjegati tas-servizz ċivili li huma mħarrġa speċjalment biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' l-acquis ta' l-UE jkomplu xogħolhom;

32. Juri mill-ġdid li l-awtoritajiet huma mistennija li jinvestigaw iċ-ċirkostanzi li fihom ċittadin Ġermaniż, Khaled El-Masri, fl-2003 inħataf u ttieħed lejn l-Afganistan u li jagħmlu pubbliċi r-riżultati ta' l-investigazzjoni; iħeġġeġ lill-parlament nazzjonali ta l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja sabiex iwaqqaf kumitat ta' inkjesta mill-aktar fis possibbli sabiex isolvi dan il-kaz u sabiex jikkopera b'mod sħiħ ma' l-inkjesta li qed jagħmel il-Parlament Germaniz sabiex jiskopri l-verità;

33. Jilqa' l-bidu ta' ftehim dwar faċilità u ammissjoni mill-ġdid tal-visa ma' l-UE bħala pass tanżitorju lejn reġim reċiproku ħieles mill-visa, u għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħejji pjan direzzjonali għaż-żieda tal-mobilità, inkluża aktar parteċipazzjoni fi proġetti ta' tagħlim tul il-ħajja u ta' skambju ta' kulturi, u min-naħa tal-Gvern ta' l-ex-Repubblika tal-Maċedonja sabiex ikompli bl-impenn tiegħu li jissodisfa l-istandards Ewropej meħtieġa fl-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurta'; jilqa' l-introduzzjoni tal-passaporti ġodda b'fatturi ta' sigurtà bijometriċi mill-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; jinnota d-diffikultajiet li jiffaċċjaw iċ-ċittadini ta' l-ex-Repubblika tal-Maċedonja minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent minn Stat Membru ta' l-UE tal-passaporti tagħhom; ifakkar li din il-kwistjoni kienet tqajmet u ġiet eżaminata fid-dettall waqt in-negozjati dwar il-ftehima fuq it-tħaffif tal-visa; jirrimarka li Dikjarazzjoni Konġunta ġiet adottata u annessa mat-test inizzjalat; jitlob lill-partijiet kollha sabiex jaġixxu minnufih fuq dik id-Dikjarazzjoni, hekk kif jintlaħqu l-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tagħha;

34. Jiġbed l-attenzjoni għall-vantaġġ li jista' jittieħed min-negozjati preċedenti mas-Slovenja u l-Kroazja li wirtu l-istess liġijiet komunitarji u esperjenzi prattiċi mill-ex-Jugożlavja; jenfasizza l-prospett ċar li l-ex-Repubblika tal-Maċedonja ssir Membru ta' l-UE u jitlob li jinbdew in-negozjati mill-aktar fis possibbli;

35. Jistieden lill-Istati Membri l-ġodda sabiex jieħdu rwol attiv fil-mixja ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja lejn l-Unjoni Ewropea, billi jippermettulha li tibbenefika mill-esperjenzi tagħhom ta' riformi;

36. Jiddispjaċih dwar l-iffirmar mill-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja tal-Ftehim Bilaterali dwar l-Immunità ma' l-Istati Uniti, li teskludi ċ-ċittadini Amerikani u l-istaff militari mill-ġuriżdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-Qorti Kriminali Internazzjonali hija ġebla tax-xewka tal-liġi internazzjonali, u li l-Istatut ta' Ruma ġie appoġġjat b'mod sħiħ mill-UE; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Gvern ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja sabiex isib metodi biex itemm il-ftehim bilaterali, li ddgħajjef l-effettività sħiħa tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

37. Itenni l-għan ta' adeżjoni ċara ma' l-UE għall-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja kif ukoll għall-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent, b'konformità ma' l-Aġenda ta' Tessaloniki; jemmen li l-prospett ta' adeżjoni fl-UE għandu jiġi rispettat sabiex jiġu konsolidati l-istabbilità u l-paċi fir-reġjun;

38. Jikkunsidra li l-edukazzjoni u s-sistema ta' taħriġ, l-investiment f'kapital uman u l-aċċess tal-popolazzjoni għall-internet għandhom ikunu mtejba sabiex jaffrontaw il-bżonnijiet tas-soċjetà;

39. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-gvern u lill-parlament ta' l-ex-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, u lis-Segretarju Ġenerali ta' l-NU.

---

**P6_TA(2007)0353**

## Il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għall-mediċini

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-Ftehim TRIPS u l-aċċess għall-mediċini

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju — il-punt f'nofs triq ([1]), tat-23 ta' Mejju 2007 dwar Ftehim ta' Sħubija Ekonomika ([2]) u tat-30 ta' Novembru 2006 dwar l-AIDS ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li taċċetta, f'isem il-Komunità Ewropea, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali (TRIPS) Relatati mal-Kummerċ, li sar f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005 (COM(2006)0175),

([1]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0274.
([2]) *Testi Adottati,* P6_TA(2007)0204.
([3]) *Testi Adottati,* P6_TA(2006)0526.

— wara li kkunsidra r-Regolament Nru 2006/816/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-liċenzjar obbligatorju ta' privattivi relatati mal-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi li għandhom problemi ta' saħħa pubblika,

— wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali Relatati mal-Kummerċ (il-"Ftehim TRIPS") adottata f'Marrakesh fil-15 ta' April 1994,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika adottata fl-14 ta' Novembru 2001 mill-Konferenza Ministerjali ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (id-"Dikjarazzjoni ta' Doha") [2],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ġenerali tad-WTO tat-30 ta' Awwissu 2003 (id-"Deċiżjoni WTO") adottata skond Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika,

— wara li kkunsidra l-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intelletwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS), li sar f'Ġinevra fis-6 ta' Diċembru 2005 ("Protokoll"),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi aktar minn 95 % tad-39.5 miljun persuna fid-dinja li għandhom l-HIV/AIDS jgħixu f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, l-iktar fl-Afrika; billi huwa stmat li fid-dinja hawn 15-il miljun tifel u tifla ltima minħabba l-HIV/AIDS, li 12.3 miljun minnhom jgħixu fl-Afrika 'l isfel mis-Saħara,

B. billi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim TRIPS fl-1994, żdiedet l-abilità ta' whud mill-pajjiżi li għandhom dħul medju u li qed jiżviluppaw sabiex jipproduċu mediċini ġeneriċi rħas u l-iktar Stati fqar bdew jakkwistaw mediċini ġeneriċi rħas mis-suq dinji, irrispettivament minn jekk il-medicini kienux għadhom protetti minn brevett jew le,

C. billi d-Dikjarazzjoni ta' Doha kkonfermat mill-ġdid l-hekk imsejħa flessibilitajiet inklużi fil-Ftehim TRIPS u kompliet tkabbarhom permezz tat-twaqqif ta' strumenti legali li jippermettu lill-pajjiżi li ma għandhomx il-kapaċità li jimmanifatturaw sostituti ġeneriċi minflok mediċini għaljin li għandhom brevett skond liċenzji obbligatorji maħruġa domestikament, li jimpurtaw mediċini minn pajjiżi li jistgħu u li huma lesti li jgħinuhom mingħajr interferenza mill-pussessuri tal-brevetti rilevanti,

D. billi din is-soluzzjoni, inizjalment inkorporata f'revoka magħrufa bħala d-Deċiżjoni tad-WTO, tista' ssir permanenti f'forma ta' Protokoll għall-Ftehim TRIPS, li l-aċċettazzjoni tiegħu bħalissa qed tiġi kkunsidrata mill-Parlament,

E. billi l-Artikolu 30 tal-Ftehim TRIPS jippermetti lill-Membri li "jipprovdu eċċezzjonijiet limitati għaddrittijiet esklussivi mogħtija minn brevett, sakemm dawn l-eċċezzjonijiet ma jmorrux kontra, mingħajr l-ebda raġuni, l-isfruttar normali ta' brevett u ma jippreġudikawx mingħajr raġuni l-interessi leġittimi tal-pussessur tal-brevett, b'kunsiderazzjoni għall-interessi leġittimi ta' partijiet terzi", billi minħabba li l-pajjiż assistenti jesporta l-mediċini meħtieġa lill-pajjiż importatur, ma għandu jkun hemm l-ebda impatt ekonomiku sinifikanti fuq is-suq lokali tal-pajjiż esportatur;

F. billi s'issa l-ebda pajjiż ma nnotifika formalment lill-Kunsill għat-TRIPS dwar l-intenzjoni tiegħu li juża l-mekkaniżmu maħluq mid-Deċiżjoni tad-WTO sabiex jimporta mediċini rħas,

G. billi r-rekwiżiti proċedurali u sustantivi li jikkontrollaw il-ħruġ ta' liċenzji obbligatorji minn pajjiżi importaturi (fejn hu applikabbli) u esportaturi, kif ukoll il-kundizzjonijiet u n-notifiki konnessi malliċenzjar, jikkostitwixxu l-ostakoli prinċipali potenzjali għal użu effettiv tad-Deċiżjoni tad-WTO,

[1] ĠU L 157, 9.6.2006, p. 1.
[2] WT/MIN(01)/DEC/W/2, 14 ta' Novembru 2001.

H. billi l-Istati Membri diġà ttrasponew id-Deċiżjoni tad-WTO fil-liġi interna, u għalhekk dewmien fl-aċċettazzjoni tal-Protokoll sa wara l-1 ta' Diċembru 2007 ma joħloqx vojt legali,

I. billi l-UE għandha tappoġġa espessament l-implimentazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw tal-flessibilitajiet tal-Ftehim TRIPS kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni ta' Doha "l-promozzjoni ta' aċċess għall-mediċini għal kulħadd",

J. billi r-Regolament ta' implimentazzjoni għad-Deċiżjoni tad-WTO jagħti ftit attenzjoni lill-kwistjonijiet tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-bini ta' kapaċitajiet,

K. billi permezz tan-negozjati tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (EPA) u tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) bilaterali jew reġjonali oħra, l-UEtipproponi li jiġu inklużi obbligi ġodda WTO+ dwar proprjetà intellettwali fuq il-pajjiżi ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (ACP) u fuq pajjiżi fqar oħra li qed jiżviluppaw u il-pajjiżi l-inqas iżviluppati (LDCs), inklużi l-adeżjoni ma' jew l-aċċettazzjoni ta' l-obbligi tat-Trattat ta' Koperazzjoni fil-qasam tal-Brevetti (PCT) u t-Trattat dwar il-Liġi tal-Brevetti (PLT), u biex jiġu inkorporati t-termini tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [1]; billi l-UE tistabbilixxi wkoll kundizzjonijiet dwar il-mod li bih il-partijiet jistgħu jiddeterminaw is-sistema ta' tnaqqis tagħhom,

1. Jenfasizza li aċċess għal prodotti farmaċewtiċi bi prezzijiet raġonevoli f'pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw u f'LDCs huwa essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet għall-iżvilupp ta' l-UE proposti u ji sta' jikkontribwixxi sabiex jitnaqqas il-faqar, sabiex tiżdied is-sigurtà tal-bnedmin, u sabiex ikunu promossi d-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli;

2. Jemmen li l-politika ta' l-UE għandu jkollha l-għan li timmassimizza d-disponibilità ta' prodotti farmaċewtiċi bi prezzijiet raġonevoli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jirrikonoxxi li l-UE għandha tieħu miżuri addizzjonali b'urġenza bil-għan li jkun inkoraġġit it-trasferiment tat-teknoloġija, tar-riċerka, ta' l-iżvilupp tal-kapaċità, tas-sistemi ta' forniment reġjonali u tgħin fir-reġistrazzjoni, sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiffaċilitata u jżidu l-produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi huma stess;

4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jipprovdu appoġġ finanzjarju konkret għat-trasferiment tat-teknoloġija u l-bini ta' kapaċitajiet relatati ma' l-industrija farmaċewtika għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-produzzjoni lokali ta' mediċini fil-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw speċjalment f'LDCs, skond l-obbligi stabbiliti mill-Artikolu 66(2) tal-Ftehim TRIPS;

5. Jitlob lill-Kunsill sabiex jalloka livell speċifikat ta' finanzjament biex titjieb jew tinbena l-infrastruttura li tkun proprjetà ta' nies lokali għall-produzzjoni tal-farmaċewtiċi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (inklużi l-LDCs), u biex iżid il-finanzjament totali ta' l-UE għas-sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat li jkunu qegħdin jagħmlu riċerka u jiżviluppaw mediċini li jkunu ta' rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti fondi għar-riċerka u għall-iżvilupp marbuta ma' mard tropikali, mard relatat mal-faqar u mard li ma jingħatax ħafna attenzjoni f'firxa wiesgħa ta'postijiet, fosthom is-Sħubijiet Pubbliċi-Privati u forom possibbli oħra ta' ffinanzjar, u biex tappoġġja istituti tar-riċerka li huma lesti li jikkoperaw ma' inizjattivi għas-saħħa pubblika ddedikati għal dawn l-isforzi;

7. Jitlob lill-Kunsill biex jappoġġja l-idea li l-mekkaniżmu maħluq mid-deċiżjoni tad-WTO u mill-Protokoll għall-Ftehim TRIPS jirrappreżenta biss parti mis-soluzzjoni għall-problema ta' l-aċċess għall-mediċini u għas-saħħa pubblika u li miżuri oħra biex itejbu l-kura u l-infrastruttura tas-saħħa huma meħtieġa bl-istess mod;

(1) ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45. Korrett fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 16.

8. Jitlob lill-Kunsill biex jappoġġja lill-pajjiżi fqar li qed jiżviluppaw sabiex jużaw l-hekk imsejħa flessibiltajiet inkorporati fil-ftehim TRIPS u rikonoxxuti mid-Dikjarazzjoni ta' Doha sabiex ikunu jistgħu jipprovdu mediċini essenzjali bi prezzijiet raġonevoli fi ħdan il-programmi domestiċi tagħhom tas-saħħa pubblika;

9. Jinkoraġġixxi lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jużaw il-mezzi kollha disponibbli għalihom skond il-Ftehim TRIPS, bħal-liċenzji obbligatorji u l-istrumenti stabbiliti mill-Artikolu 30 tiegħu;

10. Jistieden lill-Kunsill sabiex jadotta Stqarrija ta' Politika Konġunta mal-Parlament li permezz tagħha, l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jibqgħu ħielsa li jużaw id-dispożizzjonijiet ta' eċċezzjoni kollha taħt il-Ftehim TRIPS fil-liġi tal-brevetti domestika tagħhom sabiex jawtorizzaw produzzjoni u esportazzjoni "li jindirizzaw il-bżonnijiet tas-saħħa pubblika f'Membri importaturi" u jitlob lill-Kunsill sabiex jiżgura li il-Kummissjoni ma tieħux azzjoni li tinterferixxi ma' dawn il-proċedimenti;

11. Jistieden lill-Kunsill sabiex jaġixxi fuq id-dikjarazzjoni ta' Doha dwar is-saħħa pubblika u biex jirrestrinġi l-mandat mogħti lill-Kummissjoni sabiex ma tinnegozjax dispożizzjonijiet TRIPS-plus relatati mal-farmaċewtiċi li jaffettwaw is-saħħa pubblika u l-aċċess għall-mediċini, bħall-esklussività tad-data, l-estensjonijiet tal-brevetti u l-limitazzjoni għal raġunijiet ta' liċenzji obbligatorji, fil-qafas tan-negozjati tal-EPAs mal-pajjiżi ta' l-ACP u tal-ftehim bilaterali u reġjonali oħra li jistgħu jsiru ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

12. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l-iżvelar mill-applikanti tal-brevetti tas-sors u l-oriġini ta' invenzjonijiet li ġejjin minn riżorsi bijoloġiċi u assoċjati ma' għarfien tradizzjonali li jinsab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw bil-għan li jkun promoss it-tqassim ekwitabbli tal-benefiċċji u t-teknoloġija li ġejjin minn dawk ir-riżorsi mill-pajjiżi fornituri;

13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja "strateġiji ta' akkwisti komuni" skond l-Artikolu 31(b) tal-Ftehim TRIPSu strateġiji oħra li jistgħu jintużaw minn pajjiżi jew gruppi ta' pajjiżi biex jipprovdu iktar poter ta' akkwist u ekonomija fil-kobor fil-produzzjoni ta' mediċini ġeneriċi bi prezzijiet raġonevoli u sabiex tħajjar investiment dirett f'faċilitajiet ta' produzzjoni lokali f'reġjun;

14. Jitlob lill-Kunsill sabiex jawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja b'mod proattiv il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Intergovernattiv dwar is-Saħħa Pubblika, l-Innovazzjoni u l-Proprjetà Intelletwali (IGWG) fl-Organiżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa u sabiex tirrapporta regolarment lill-Parlament Ewropew dwar il-hidma tiegħu;

15. Jinkoraġġixxi lill-kumpaniji farmaċewtiċi sabiex ifittxu soluzzjonijiet tariffarji alternattivi li jinvolvu approċċ ta' volum għoli u b'marġni baxx, li jistgħu jsaħħu l-aċċess għall-mediċini;

16. Ifakkar li l-iffalsifikar ta' mediċini m'huwiex kwistjoni li tikkonċerna l-brevetti; jenfasizza li jeħtieġ li miżuri li jittrattaw l-iffalsifikar ta' mediċini jittieħdu fil-qasam ta' l-infurzar kriminali (sanzjonijiet penali) u tar-regolazzjoni tad-drogi billi tissaħħaħ il-kapaċità regolatorja ta' l-awtoritajiet nazzjonali u mhux billi jiżdiedu l-livelli ta' protezzjoni tal-proprjetà intelletwali;

17. Jistieden lill-LDCs u pajjiżi fqar oħra biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ma jħallux li l-mediċini koperti minn liċenzji obbligatorji joħorġu mill-pajjiż u jiżguraw li l-mediċini jmorru għand il-popolazzjoni lokali li tinsab fil-bżonn;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi ta' l-ACP, lid-WTO u lill-kapijiet tal-Programm Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar HIV/AIDS, il-Programm ta'l-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) u l-Fond għall-Popolazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (UNFPA).

**P6_TA(2007)0354**

## L-iskrutinju demokratiku rigward l-istrument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (DCI)

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar l-iskrutinju demokratiku ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (DCI)**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament Ewropew nieda proċess ta' skrutinju demokratiku dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat 18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp ([1]) (DCI),

B. billi, bi qbil ma' l-Artikolu 2(1) tad-DCI, l-objettiv predominanti tal-koperazzjoni ta' dan l-istrument għandu jkun "il-qerda tal-faqar fil-pajjiżi msieħba", inkluż "it-twettiq ta' l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp"(MDGs)

C. billi l-PE adotta tliet riżoluzzjonijiet ([2]) skond l-Artikolu 81 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jindikaw lill-Kummissjoni li skond l-opinjoni tal-Parlament hi qed teċċedi l-poteri ta' implimentazzjoni tagħha f'numru ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu dokumenti ta' strateġija;

D. billi l-konklużjonijiet ta' l-iskrutinju parlamentari ta' l-abbozz ta' dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż, reġjonali u tematiċi tal-Kummissjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni f'forma ta' ittra ta' akkumpanjament ([3]), li tenfasizza t-tħassib prinċipali ta' natura orizzontali tal-Parlament Ewropew u aktar minn 150 paġna li jiġbru l-evalwazzjoni tal-Parlament dwar id-dokumenti ta' strateġija individwali u li jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tagħti informazzjoni speċifika fuq każi individwali,

E. billi r-risposta tal-Kummissjoni waslet f'forma ta' ittra tas-26 ta' Marzu 2007 mibgħuta mill-Kummissarji Ferrero-Waldner u Michel lill-Kumitat għall-Iżvilupp, li għandha tiġi kkunsidrata bħala "risposta konsolidata għall-ittra u għar-riżoluzzjoni" ([4]),

F. billi l-Kummissarji jiddikjaraw li l-MDGs ma jistgħux jintlaħqu permezz ta' ffukar fuq servizzi bażiċi biss, u fl-istess ħin jerġgħu jaffermaw l-impenn tagħhom biex jintlaħaq l-objettiv li 20 % ta' l-assistenza fi ħdan il-programmi tal-pajjiżi tad-DCI ikun allokat sa l-2009 għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u għas-saħħa bażika,

G. billi l-Kummissjoni tkompli tafferma li koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla se tikkontribwixxi fiha nfisha biex jiġi ffurmat nukleu nazzjonali u professjonali li jkun kapaċi jmexxi u jiġġenera l-politiki neċessarji biex jinqered il-faqar u biex ikun hemm żvilupp sostenibbli,

H. billi l-Kummissjoni tgħarraf li qed tikkunsidra kif ittejjeb il-proċess ta' konsultazzjoni mal-parteċipanti differenti u tirrimarka li waqt it-tfassil ta' l-programmi ta' azzjoni annwali se ssir evalwazzjoni ta' l-impatt tal-miżuri proposti fuq il-ġeneru meta jkun rilevanti,

---

([1]) ĠU L 378, 27.12.2006, p.41.

([2]) Riżoluzzjoni tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jistabbilixxu Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiż u Programmi Indikattivi għall-Malasja, il-Brażil u l-Pakistan (P6_TA(2007)0045);
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li jistabbilixxi Dokumenti ta' Strateġija Reġjonali u Programmi Indikattivi Reġjonali għall-Mercosur u l-Amerika Latina (P6_TA (2007)0233);
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ġunju 2007 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Dokument ta' Strateġija Reġjonali 2007-2013 u Programm Indikattiv Plurijennali għall-Asja (P6_TA(2007)0280).

([3]) Ittra D (2007) 303749 tal-5 ta' Marzu 2007 miċ-Chairman tal-Kumitat għall-Iżvilupp, Josep Borrell Fontelles, lill-Kummissarji Ferrero-Waldner u Michel (reġistrata bħala dokument ta' komitoloġija nru. CMT-2007-1709 — anness reġistrat bħala dokument ta' komitoloġija nru. CMT-2007-1709-2).

([4]) Ittra A (2007) 5238 tas-26 ta' Marzu 2007 mill-Kummissarju Ferrero-Waldner liċ-Chairman tal-Kumitat għall-Iżvilupp, Josep Borell Fontelles (reġistrata bħala dokument ta' komitoloġija nru. CMT-2007-1709-3).

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

I. billi l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet trasversali — il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-demokrazija, il-governanza t-tajba, id-drittijiet tat-tfal, tal-persuni b'diżabilità u tal-popli indiġeni, is-sostenibilità ambjentali u l-ġlieda kontra l-HIV/AIDS — għandha tkun parti mill-programmi kollha,

J. billi l-Artikolu 25(1)b tad-DCI jiddikjara li l-iffinanzjar ji sta' jieħu l-forma ta' appoġġ baġitarju "jekk l-immaniġġjar ta' l-infiq pubbliku mill-pajjiż imsieħeb ikun trasparenti biżżejjed", u li l-Kummissjoni għandha "tappoġġja l-isforzi tal-pajjiżi msieħba biex jiżviluppaw kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' verifika",

1. Japprezza l-ittra tas-26 ta' Marzu 2007 mill-Kummissarji Ferrero-Waldner u Michel lill-Kumitat għall-Iżvilupp iżda juri dispjaċir li din ma tagħtix risposta konkreta għall-mistoqsijiet speċifiċi mqajma fl-ittra tal-Parlament stess u li s'issa ma waslet l-ebda risposta għall-mistoqsijiet speċifiċi li hemm fil-konklużjonijiet tal-Parlament dwar kull dokument ta' strateġija;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex taħdem ħalli jinqered il-faqar u sabiex jintlaħqu l-MDGs, b'mod partikolari billi jkun hemm iffukar qawwi fuq is-saħħa bażika u l-edukazzjoni bażika; jenfasizza li, għall-pajjiżi fejn dawn m'humiex inklużi bħala setturi ċentrali, il-Kummissjoni trid tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-attivitajiet ta' donaturi oħra, li turi kif il-pajjiż imsieħeb qiegħed fil-proċess li jilħaq l-MDGs sa l-2015;

3. Juri dispjaċir li d-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż ma jallokawx parti suffiċjenti tar-riżorsi għall-għan predominanti tad-DCI li jinqered il-faqar u jinkisbu l-MDGs; juri dispjaċir b'mod partikolari li assolutament mhux ċar kif l-UE se tilħaq il-"kriterju ta' referenza ta' 20 % ta' l-għajnuna allokata tagħha fi ħdan il-programmi tal-pajjiżi koperti mid-DCI [li] se jkun dedikat għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u għas-saħħa bażika" sa l-2009; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindika fid-dettall kif qed tonora dan l-impenn u jekk ingħatawx istruzzjonijiet f'dan ir-rigward lill-uffiċjali responsabbli (desk officers) u lid-delegazzjonijiet u jekk twaqqfitx bażi ta' statistika speċifika;

4. Jirrikonoxxi l-importanza ta' ċerti attivitajiet mhux ta' żvilupp bħal ma hi l-promozzjoni tal-viżibilità ta' l-UE barra mill-UE, u aspetti ta' edukazzjoni ogħla, integrazzjoni reġjonali, kummerċ u avjazzjoni ċivili, għaliex dawn ji sta' jkollhom effetti pożittivi fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba tagħha, iżda jfakkar li d-DCI hu strument speċifiku għall-iżvilupp b'rekwiżit legali li l-iffinanzjar kollu fi ħdan il-progammi ġeografiċi tiegħu u li mill-inqas 90 % tal-fondi fi ħdan il-programmi tematiċi tiegħu jkunu eliġibbli bħala Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) b'konformità mal-kriterji ta' l-Kumitat għall-assistenza ta'l-Iżvilupp ta'l-Organiżżazzjoni tal-Koperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku; jinnota li attivitajiet mhux ODA għandhom jiġu ffinanzjati minn sorsi oħra;

5. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-impatt fuq l-MDG mill-attivitajiet kollha ppjanati taħt id-DCI; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tindika, f'ordni ta' prijorità, liema kriterji użat sabiex talloka fondi bejn il-programmi ġeografiċi tad-DCI, kif ukoll il-kriterji biex tistabbilixxi dokumenti ta' strateġija għal xi pajjiżi u reġjuni u mhux għal oħrajn;

6. Japprezza u jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fit-tqassim tax-xogħol u l-koordinazzjoni tad-donaturi, iżda jinnota li hemm bżonn ta' viżjoni globali ta' l-attivitajiet tad-donaturi kollha u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni dwar id-donaturi dettaljata u aġġornata għal kull pajjiż u reġjun;

7. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinforma lill-Parlament dwar kif qed tippjana li tiżgura konsultazzjoni xierqa u effettiva mal-parteċipanti kollha fl-istadji kollha tal-proċess ta' programmazzjoni, b'mod partikolari meta jkollha l-intenzjoni li tintroduċi attivitajiet ġodda;

8. Juri dispjaċir li l-kwistjonijiet trasversali m'humiex integrati b'mod ċar fid-Dokumenti ta' Strateġija u fil-Programmi Indikattivi u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinkludihom b'mod verament orizzontali fil-Programmi ta' Azzjoni Annwali tagħha u sabiex tipprovdi kriterji ta' integrazzjoni u/jew indikaturi ta' l-impatt ċari rigward l-attivitajiet ippjanati;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tapplika b'mod strett il-kriterji ta' eliġibilità għal għajnuna baġitarja, u partikolarment sabiex tibqa' lura milli tieħu azzjonijiet bħal dawn f'pajjiżi fejn it-trasparenza fl-infiq pubbliku ma tistax tkun assigurata; jitlob lill-Kummissjoni wkoll sabiex tipprovdi informazzjoni supplimentari lill-Parlament, partikolarment dwar kif, fil-pajjiżi kollha li qed jibbenefikaw mill-għajnuna baġitarja, hi qed timplimenta r-rekwiżit legali skond l-Artikolu 25(1)(b) tad-DCI biex "tappoġġja l-isforzi ta' pajjiżi msieħba sabiex jiżviluppaw kontroll parlamentari u kapaċitajiet ta' verifika";

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibgħat lill-Parlament kull informazzjoni dwar il-programmi ġeografiċi u tematiċi, flimkien mal-lista sħiħa tal-Membri tal-Kumitat tad-DCI; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tibgħat b'mod sistematiku u immedjatament lill-membri tal-kumitat tad-DCI il-konklużjonijiet kollha ta' l-iskrutinju tal-Parlament fil-verżjoni sħiħa tagħhom;

11. Jistenna li l-Kummissjoni tindirizza t-tħassib tal-Parlament, kif espress fil-konklużjonijiet ta' l-iskrutinju tiegħu tad-Dokumenti ta' Strateġija, u timplimenta b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet u t-talbiet tal-Parlament fil-Pjanijiet Annwali ta' Azzjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u l-Parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-membri tal-kumitat tad-DCI.

---

**P6_TA(2007)0355**

## Mandat għal negozjati: ftehima msaħħa KE-Ukraina

**Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 lill-Kunsill dwar mandat għal negozjati għal ftehim ġdid u msaħħaħ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukraina min-naħa l-oħra (2007/2015(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta għal rakkomandazzjoni lill-Kunsill magħmula minn Michał Tomasz Kaminski f'isem il-Grupp UEN dwar il-mandat għal negozjati għal ftehim ġdid u msaħħaħ bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ukraina, min-naħa l-oħra (B6-0022/2007),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2007 biex jinfetħu negozjati ma' l-Ukraina dwar ftehim ġdid u msaħħaħ,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ukraina, b'mod partikulari dik tat-13 ta' Jannar 2005 dwar ir-riżultati ta' l-elezzjonijiet presidenzjali [1], dik tas-6 ta' April 2006 dwar l-elezzjonijiet parlamentari [2] u dik tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat [3],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2004 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2004)0373) u l-Komunikazzjoni riċenti mill-Kummissjoni ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2006)0726),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni UE-Ukraina adottat b'mod konġunt fil-21 ta' Frar 2005 u r-Rapport riċenti tal-Kummissjoni dwar il-Progress fil-Politika Ewropea tal-Viċinat ta' l-4 ta' Diċembru 2006 dwar l-Ukraina (SEC(2006)1505/2),

— wara li kkunsidra l-Istqarrija Konġunta tas-Samit ta' bejn l-UE u l-Ukraina ta' l-1 ta' Diċembru 2005 u l-Istqarrija Konġunta tas-Samit ta' bejn l-UE u l-Ukraina tas-27 ta' Ottubru 2006,

---

(1) ĠU C 247 E, 6.10.2005, p 155.
(2) ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 307.
(3) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 312.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

— wara li kkunsidra l-assistenza lill-Ukraina li se tingħata skond l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Shubija ([1]) biex tkun appoġġjata l-aġenda ta' riforma ta' l-Ukraina,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 49 tat-Trattat UE,

— wara li kkunsidra l-firma fit-18 ta' Ġunju 2007 tal-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ tal-visas u dwar l-ammissjoni mill-ġdid ta' l-immigranti illegali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 114(3) u l-Artikolu 83(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0217/2007),

A. billi l-Ukraina għandha rabtiet storiċi, kulturali u ekonomiċi b'saħħithom ma' l-Unjoni Ewropea u billi hija waħda mill-imsieħba ewlenin ta' l-UE fil-viċinat tal-Lvant tagħha, filwaqt li għandha influwenza kbira fuq is-sigurtà, l-istabilità u l-prosperità tal-kontinent kollu,

B. billi l-Ukraina adottat pakkett importanti ta' liġijiet u emendi legali meħtieġa biex hi ssir membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,

C. billi fir-Rapport fuq imsemmi tal-Kummissjoni dwar il-Progress ta' l-ENP ta' l-2006 irrikonoxxiet il-passi konsiderevoli meħuda mill-Ukraina sabiex jiġi konsolidat rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, iżda ddikjarat li jridu jitjiebu l-isforzi lejn ir-riforma,

D. billi l-Ukraina ddikjarat il-volonta? tagħha biex issegwi d-direzzjoni ta' l-integrazzjoni Ewropea u biex issir Stat Membru ta' l-UE, u billi dan il-għan ikompli jiġi appoġġjat minn konsensus mill-parteċipanti kollha fuq il-pjattaforma politika tagħha,

E. billi l-Parlament stieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw li jagħtu lill-Ukraina perspettiva Ewropea ċara,

F. billi l-Unjoni Ewropea rrikonoxxiet l-aspirazzjonijiet Ewropej ta' l-Ukraina u laqgħet l-għażla Ewropea ta' l-Ukraina fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2005 u fil-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Ukraina, li ma teskludix, fil-ġejjieni, perspettiva Ewropea ċara,

G. billi fid-deċiżjoni tagħha dwar il-mandat ta' negozjazzjoni, il-Kunsill ikkunsidra l-bini ta' relazzjoni aktar mill-viċin ma' l-Ukraina; billi, pero?, kienet tkun aħjar kieku kienet tinkludi perspettiva tanġibbli u tispeċifika l-forma ta' relazzjoni li l-ftehim se jistabbilixxi,

H. billi l-ftehim l-ġdid għandu jimmotiva lill-Ukraina biex twettaq riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali oħra, u biex tinforza mill-ġdid il-koperazzjoni bejn iż-żewġ imsieħba,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill biex jiftaħ negozjati dwar ftehim ġdid bil-għan li tissaħħaħ il-koperazzjoni politika u li tinkiseb l-integrazzjoni ekonomika gradwali ta' l-Ukraina fis-suq intern ta' l-Unjoni Ewropea;

2. Jesprimi t-tħassib tiegħu rigward it-tensjonijiet politiċi attwali, u jistieden lill-parteċipanti involuti kollha biex iżommu mal-ftehim milħuq fis-27 ta' Mejju 2007, u biex ifasslu soluzzjoni politika komprensiva u sostenibbli li tinvolvi lill-partijiet kollha, filwaqt li żżomm lill-Ukraina fit-triq li twassal għall-integrazzjoni Ewropea;

([1]) Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Shubija *(ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1)*.

3. Jistieden lit-tmexxija Ukraina kif ukoll lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li n-negozjati li bdew f'Marzu 2007 jitkomplew; madankollu jemmen li qabel ma jiġu konklużi n-negozjati, u qabel ma tiġi stabbilita relazzjoni aktar mill-viċin bejn l-UE u l-Ukraina, il-kriżi attwali għandha tiġi solvuta b'mod paċifiku, is-sistema ta' kontrolli u bilanċi għandha tiġi restawrata u għandu jkun żgurat l-infurzar ta' l-istat ta' dritt;

4. Jirrikonoxxi li l-Ukraina u l-UE rnexxielhom iwettqu x-xogħol previst fil-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni (PCA) u approfittaw mill-possibiltajiet mogħtija minn dak il-format; huwa konvint li l-livell ta' koperazzjoni bejn l-Ukraina u l-UE u l-irwol ta' l-Ukraina fi kwistjonijiet Ewropej kontemporanji jeħtieġu format ġdid ta' relazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-impenji tal-PCA;

5. Huwa konxju mill-importanza essenzjali ta' simboli u perspettivi fl-iżgurar ta' appoġġ pubbliku għall-implimentazzjoni ta' aġenda ta' riforma ambizzjuża; jemmen li n-negozjati għandhom iwasslu għall-konklużjoni ta' ftehima ta' assoċjazzjoni li tikkontribwixxi b'mod effiċjenti u kredibbli għall-perspettiva Ewropea ta' l-Ukraina u tiftaħ il-proċess korrispondenti inkluża l-possibbiltà ta' adeżjoni;;

6. Huwa tal-fehma li l-ħeffa u l-profondità ta' dan il-proċess Ewropew komuni jridu jikkorispondu mill-qrib ma' l-abilità li tinġieb ir-riforma fl-Ukraina u fl-UE;

7. Huwa tal-fehma li l-konklużjoni tal-ftehim ġdid għandha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 310 tat-Trattat KE;

8. Huwa tal-fehma li l-ftehim għandu jipprevedi l-iżvilupp tar-relazzjoni fi stadji progressivi, filwaqt li jiġu stipulati kundizzjonijiet konkreti u skadenzi li jridu jkunu rispetatti; jitlob li tkun stipulata reviżjoni tal-ftehim, sabiex jitqiesu żviluppi dinamiċi fl-Ukraina u fir-relazzjoni bilaterali;

9. Jistieden lill-mexxejja politiċi ta' l-Ukraina biex jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni qawwija ta' riformi, u jappella lil dawk kollha involuti fil-politika u fis-soċjetà ċivili fl-Ukraina biex jistinkaw biex jistabbilixxu konsensus politiku wiesa' favur sitwazzjoni kostituzzjonali stabbli u favur riformi li għandhom ikunu fil-bażi ta' l-aspirazzjonijiet Ewropej ta' pajjiżhom; jirrakkomanda l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ukraina l-ġdida dwar il-partiti politiċi u l-iffinanzjar tal-kampanji politiċi bi qbil mal-prassi ta' l-UE; kif ukoll leġiżlazzjoni ċara li tissepara l-kummerċ mill-poter u tirregola l-kunflitt ta' interessi;

10. Jinkoraġġixxi l-mexxejja ta' l-Ukraina biex jibqgħu fidili lejn l-impenji tagħhom favur il-prinċipji ta' libertà, demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ġew difiżi mill-poplu ta' l-Ukraina fl-Diċembru 2004;

11. Jitlob lill-Gvern ta' l-Ukraina biex jenfasizza l-importanza li tiġi intensifikata l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-bżonn biex wieħed ikompli jirriforma s-servizz ċivili fuq il-bażi ta' l-istandards Ewropej, sabiex tiġi promossa t-trasparenza u tiżdied ir-responsabilizzazzjoni tal-korpi amministrattivi statali billi jiġi adottat il-qafas leġiżlattiv relevanti;

12. Jenfasizza, fir-rigward ta' l-isfidi li se tiffaċċja l-Ukraina meta timplimenta l-impenji tagħha li jirriżultaw mill-ftehim, li għandu jittieħed vantaġġ mir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 u ta' l-Istrument għall-Viċinat u Sħubija Ewropea ppjanat għall-2008-2009, b'tali mod li tiżdied l-assistenza finanzjarja ta' l-UE għall-Ukraina, li bħalissa hija pjuttost ta' livell baxx f'termini per capita; iħeġġeġ lill-Ukraina biex tipparteċipa b'mod aktar effiċenti fi proġetti Ewropej;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

13. Jenfasizza l-importanza ta' koperazzjoni multilaterali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; jitlob li titwaqqaf Komunità bejn l-UE u l-Baħar l-Iswed, skond id-Dimensjoni Nordika, biex jittejjeb u jiġi inkoraġġut iktar djalogu bil-għan li jiġi stabbilit viċinat iktar stabbli, sikur u demokratiku, u jirrikonoxxi l-irwol vitali li l-Ukraina għandu jkollha f'inizjattivi bħal dawn, speċjalment fl-oqsma tal-koperazzjoni ekonomika, tas-sigurtà enerġetika, tal-migrazzjoni u ta' l-ambjent;

14. Jilqa' d-deċiżjoni mill-UEFA biex il-Polonja u l-Ukraina jingħataw f'idejhom l-organizzazzjoni konġunta tal-Kampjonat Ewropew tal-Futbol fl-2012; jaraha bħala espressjoni ta' fiduċja kbira fl-Ukraina bħala membru ta' valur għall-komunita? demokratika Ewropea, u jemmen li din se tipprovdi lit-tmexxija Ukraina b'impetu ieħor biex tikseb ir-riformi;

15. Jenfasizza l-irwol importanti li għandu l-Kumitat ta' Koperazzjoni Parlamentari bejn l-UE u l-Ukraina biex jippromwovi l-koperazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina, u jheġġeġ iktar tisħiħ tad-dimensjoni parlamentari tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ukraina; jitlob lid-diversi istituzzjonijiet ta' l-UE biex itejbu l-koordinazzjoni tal-politiki tagħhom favur l-Ukraina;

16. Jindirizza r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin lill-Kunsill u jitolbu biex jagħti istruzzjonijiet lill-Kummissjoni biex tikkunsidrahom fit-twettiq tan-negozjati:

a) jiġbed l-attenzjoni ta' l-imsieħba tiegħu Ukraini għall-ħtieġa biex jiġu konsolidati aktar il-pedamenti tad-demokrazija liberali, b'mod partikulari sa fejn huma konċernati sistema kostituzzjonali stabbli, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet individwali, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi demokratiċi ta' kontroll, inkluża soċjeta? ċivili b'saħħitha, u l-ankrar fis-sod ta' l-Istat ta' Dritt; ifakkar f'dan ir-rigward fir-rakkomandazzjonijiet inklużi fl-opinjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja relatati ma' l-Ukraina, li ħafna minnhom għad iridu jiġu implimentati;

b) jistieden lill-awtoritajiet Ukraini biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u biex jeżerċitaw diliġenza xierqa fl-iżgurar tad-drittijiet tan-nisa għall-ugwaljanza, il-ħajja, il-liberta? u s-sigurta?, u l-ebda tolleranza għad-diskriminazzjoni, it-tortura u t-trattament krudili, diżuman u degradanti;

c) jinnota li l-aspetti ewlenin għall-istabbilizzazzjoni ta' l-Ukraina huma s-separazzjoni tas-setgħat politiċi minn dawk ekonomiċi, il-qerda tal-korruzzjoni**,** l-istabbiliment tat-trasparenza fil-proċeduri ta' l-akkwist pubbliku, u l-garanzija ta' ġudikatura indipendenti; iheġġeġ lill-Ukraina biex timplimenta u tinforza miżuri ta' kontra l-korruzzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevenzjoni ta' ġurisdizzjonijiet legali li jikkompetu fil-liġi Ukraina; jappoġġja l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' riforma amministrattiva komprensiva; jenfasizza l-ħtieġa għal implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni revedut fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni;

d) jesprimi t-tħassib tiegħu dwar allegazzjonijiet ta' trattament mhux xieraq u tortura mill-pulizija ta' detenuti bil-għan li jakkwistaw konfessjonijiet ta' ħtija, u jistieden lill-awtoritajiet ta' l-Ukraina biex jimplimentaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastig Ieħor Krudili, Inuman jew Degradanti;

e) jiżdied id-djalogu politiku regolari dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u internazzjonali bi qbil ma' l-impenji meħudin mill-Ukraina fil-livell reġjonali u internazzjonali;ikun provdut involviment mill-qrib ta' l-Ukraina fil-Politika Komuni għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà, kif ukoll fl-iżvilupp ta' koperazzjoni reġjonali fiz-zona tal-Baħar l-Iswed; timmira biex issaħħaħ l-irwol tagħha fir-reġjun tal-Lvant ta' l-Ewropa u titheġġeġ tkompli l-attivitajiet tagħha kkonċentrati fuq il-promozzjoni ta' l-istabiltà, is-sigurtà u d-demokrazija**,** kif ukoll ta' l-iżvilupp sostenibbli, fil-viċinat komuni, b'enfasi partikulari fuq il-ftehim ta' konflitti pendenti f'dan ir-reġjun; tittieħed tagħlima mill-koperazzjoni ta' l-Ukraina mal-Missjoni ta' Assistenza mal-Fruntiera ta' l-UE fil-fruntiera tagħha mal-Moldova**,** waqt li jitfakkar li l-Parlament japprova l-inizjattiva li l-mandat tal-missjoni jkun estiż għal sentejn oħra;

f) jappoġġja l-intrapriża ħielsa u l-konsolidazzjoni ta' l-ekonomija tas-suq ta' l-Ukraina, u jaħdem fuq l-approssimazzjoni ta' leġiżlazzjoni lejn l-acquis Komunitarju sabiex tiġi mtejba l-klima ta' l-investiment tagħha, b'referenza partikulari għad-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li jaħdmu fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u l-posta ([1]) u għad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar il-koordinament ta' proċeduri għall-għotja ta' kuntratti ta' ħidma pubblika, kuntratti ta' forniment pubbliku, u kuntratti ta' servizz pubbliku ([2]), u permezz ta' l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-finanzjament ta' proġett, u l-kontribuzzjoni għall-potenzjal tiegħu għat-tkabbir; jenfasizza li s-soluzzjoni biex jiġi attirat l-investiment barrani għall-Ukraina hija t-twaqqif ta' klima ta' investiment soda, stabbli u prevedibbli, u jħeġġeġ lill-Gvern ta' l-Ukraina biex ikompli bl-implimentazzjoni tar-riformi legali u ġudizzjarji tagħha u biex tindirizza problemi li għadhom ma ġewx solvuti, dwar ir-rimbors tal-VAT u l-kontrolli fuq l-esportazzjoni, bħala kwistjoni ta' prijorita?; jistieden lill-Istati Membri li għadhom impjegati tas-servizz ċivili ta' esperjenza, b'sengħa lingwistika adegwata, biex jidħlu f'arranġamenti ta' ġemellaġġ, bil-ħsieb li jagħtu parir lill-kontrapartijiet Ukraini tagħhom dwar l-*acquis communautaire* ta' l-UE;

g) jinnota l-ħtieġa li jitwaqqaf qafas regolatorju stabbli li għandu jiżgura l-ħolqien ta' ekonomija tas-suq kompetittiva bbażata fuq il-prinċipju ta' drittijiet tal-proprjetà, bħala fattur marbut b'mod strett mal-perspettiva Ewropea ta' l-Ukraina;

h) jilqa' t-twaqqif tal-Kummissjoni bejn l-Aġenziji għall-Ġlieda kontra l-Akkwisti Illegali u l-Ħtif ta' Intrapriżi; jinkoraġġixxi l-Gvern biex jieħu azzjoni konkreta, permezz tar-riformi meħtieġa ta' leġiżlazzjoni ta' l-intrapriżi u tal-ġudikatura, biex jelimina t-theddida ta' akkwisti illegali u l-ħtif ta' intrapriżi;

i) jistipula pjan konkret għall-istabbiliment gradwali ta' Zona ta' Kummerċ Ħieles komprensiva u fil-fond, biex ikun ibbażat fuq bażi regolatorju komuni u biex ikopri kważi l-kummerċ kollu fi prodotti, servizzi u kapital bejn l-UE u l-Ukraina; jistieden lill-partijiet kollha biex jinkludu kemm jista' jkun il-prodotti agrikoli; f'dan ir-rigward tkun enfasizzata l-importanza li jitwettaq aktar progress mal-proċess ta' riforma regolatorja, b'mod speċjali fl-oqsma tal-politika ta' kompetizzjoni, sussidji ta' l-istat, akkwist pubbliku, tassazzjoni u drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

j) jitqies għal kollox l-irwol kritiku ta' l-Ukraina fl-iżgurar tas-sigurtà ta' l-enerġija u tingħata attenzjoni xierqa lill-fatt li l-kontroll sħiħ ta' l-Ukraina fuq is-sigurtà ta' l-enerġija tagħha huwa marbut direttament ma' l-istabbiltà politika u mal-prosperità tagħha;

k) iħeġġeġ, għalhekk, li s-settur ta' l-enerġija ta' l-Ukraina jikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipji ta' l-ekonomija u t-trasparenza tas-suq, b'mod partikular sa fejn huma konċernati prezzijiet, aċċess għan-netwerk u effiċjenza; tiġi appoġġjata l-integrazzjoni mgħaġġla ta' l-Ukraina fil-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija; jinnota l-importanza ta' l-iffirmar ta' l-Ukraina fir-rigward tat-Trattat tal-Komunità ta' l-Enerġija; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ li titħaffef il-proċedura ta' l-evalwazzjoni tas-sikurezza nukleari ta' l-impjanti nukleari li joperaw kollha fl-Ukraina, bi qbil mal-programm ta' ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar is-Sikurezza Nukleari; tingħata għajnuna għad-diversifikazzjoni tar-riżorsi ta' l-Ukraina, eż. bl-aċċess dirett għal fornimenti mill-Asja Ċentrali; jissaħħaħ l-irwol strateġiku tagħha bħala pajjiż ta' tranżitu għall-forniment ta' żejt u gass lill-UE, eż. billi tiġi appoġġjata bidla fid-direzzjoni tas-sistema ta' 'pipeline' Odessa-Brody u l-estensjoni tagħha fl-UE; tkun enfasizzata l-ħtieġa biex l-Ukraina tkun involuta fl-iżvilupp tal-proġett ta' 'pipeline' tal-gass ta' Nabucco, biex jitlesta l-kuritur ta' l-enerġija bejn il-Baħar Kaspju u l-Baħar l-Iswed u biex il-grid ta' l-elettriku ta' l-Ukraina jingħaqad man-netwerk UCTE; jinsisti għat-tisħiħ tal-koperazzjoni ta' l-enerġija fil-qafas ta' l-Alleanza tal-Ġeorġja, l-Ukraina, l-Ażerbajġan u l-Moldova (GUAM);

([1]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

l) jenfasizza l-importanza ta' strateġija ta' enerġija sostenibbli għall-Ukraina; jinnota li, wara l-esperjenza tad-diżastru nukleari ta' Chernobyl, u l-iffaċċjar tal-problemi ta' dipendenza ta' importazzjoni li qed tikber u l-isfida tal-bidla fil-klima, l-Ukraina għandha twettaq sforzi maġġuri fir-rigward ta' ffrankar ta' enerġija, effiċjenza fl-enerġija u enerġija li terġa' tiġġedded; juri li l-Ukraina hija waħda mill-aktar pajjiżi enerġikament ineffiċenti fid-dinja u li jekk tikseb standards medji ta' effiċenza il-pajjiż ikun jista' jissodisfa d-domanda interna għall-enerġija; jitlob koperazzjoni teknika f'dan il-qasam bejn l-UE u l-Ukraina, u sabiex din il-koperazzjoni tkun tista' tiġi inkluża fil-ftehim msaħħaħ il-ġdid;

m) jissaħħaħ il-potenzjal ta' l-Ukraina bħala msieħba ewlenija fl-immaniġġjar ta' flussi ta' migrazzjoni u tal-fruntieri; hemm il-ħsieb ta' aktar passi konġunti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata inkluż l-għoti eventwali ta' 'status privileġġjat' lill-Ukraina fir-rigward ta' l-Europol; tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' proċess iktar mgħaġġel biex jinħarġu l-viżi u tal-ftehim ta' rijammissjoni; jitfassal l-objettiv ta' l-introduzzjoni ta' sistema ta' vjaġġi mingħajr il-bżonn ta' viża u jittieħdu l-passi meħtieġa biex din isseħħ;

n) isaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-UE u l-Ukraina dwar il-kwistjonijiet ambjentali u jsaħħaħ il-kapaċita? ta' l-Ukraina biex tittratta kwistjonijiet relatati mal-kwalita? ta' l-arja u ta' l-ilma, l-immaniġġar ta' l-iskart, il-ħarsien tan-natura u l-kontaminazzjoni tar-radjazzjoni, li ħafna minn dawn għandhom implikazzjonijiet transkonfinali qawwija; jipprovdi għajnuna teknika u finanzjarja lill-Ukraina fil-proċess ta' approssimazzjoni gradwali għall-acquis ambjentali ta' l-UE u standards ambjentali bbażati fuq il-liġi internazzjonali dwar l-ambjent, inklużi l-Konvenzjoni ta' Espoo ta' l-1991 dwar l-Evalwazzjoni ta' l-Impatt Ambjentali f'kuntest Transkonfinali u mal-Konvenzjoni ta' Berna ta' l-1979 dwar il-Konservazzjoni ta' Ħlejjaq Selvaġġi u Ħabitati Naturali; jipprevedi t-twaqqif ta' mekkaniżmu sostenibbli u li jaħdem b'mod sħiħ biex jippromwovi kuxjenza u protezzjoni ambjentali billi jipprovdi forum għal koperazzjoni bejn il-gvernijiet, is-soċjeta? ċivili/NGOs u s-settur privat fil-viċinat tal-Lvant ta' l-UE;

o) jistieden lill-mexxejja politiċi ta' l-Ukraina biex jimplimentaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Protokoll ta' Kyoto mal-Konvenzjoni ta' Qafas tan-NU għall-Bidla fil-Klima, b'mod speċjali meta jitqiesu l-possibilitajiet sinifikattivi disponibbli għall-Ukraina biex tuża mekkaniżmi flessibbli skond dan il-Protokoll; appoġġ għal azzjoni konġunta mill-UE u l-Ukraina dwar il-futur tal-Protokoll ta' Kyoto;

p) jittieħdu provvedimenti għall-parteċipazzjoni ta' l-Ukraina fi programmi u aġenziji Komunitarji sabiex jiżdied l-aċċess tal-politiċi u l-esperti tagħha għan-netwerks Ewropej; jiżdiedu u jikbru l-opportunitajiet għal kuntatti personali, b'mod partikulari għal min hu parti mis-soċjetà ċivili, għall-istudenti u għar-riċerkaturi; tiġi msaħħa l-koperazzjoni fil-kuntest tas-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku u tkomplija tal-ħidma dwar it-twaqqif/żvilupp ta' djalogu strutturat bejn l-UE u l-Ukraina dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u r-riċerka spazjali;

q) juri li l-Istati Membri li ssieħbu ma' l-UE fl-2004 u l-2007 għandhom jieħdu rwol attiv fil-mixja ta' l-Ukraina lejn l-Unjoni Ewropea, billi jippermettulha li tibbenefika mill-esperjenzi tagħhom ta' riformi;

17. Jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex iżommu lill-korpi responsabbli tiegħu infurmati sew u regolarment dwar il-progress tan-negozjati;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Verkhovna Rada ta' l-Ukraina, lill-Gvern ta' l-Ukraina u lill-President ta' l-Ukraina.

**P6_TA(2007)0356**

# Tnaqqis tad-differenzi fl-iżvilupp fl-ifqar reġjuni ta' l-UE

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar l-irwol u l-effettività tal-politika ta' koeżjoni għat-tnaqqis tad-differenzi fl-iżvilupp fl-ifqar reġjuni ta' l-UE (2006/2176(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 16, 87(3), 137, 141, 158 u 299(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistipula dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/702/KE tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000 f'-Liżbona, u l-15 u s-16 ta' Ġunju 2001 f'Göteborg,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2007 bit-titolu "Ir-Raba' Rapport dwar il-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali" (COM(2007)0273),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2006 bit-titolu "L-Istrateġija tat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi u r-Riforma tal-politika Ewropea ta' koeżjoni: Ir-raba' rapport ta' progress dwar il-koeżjoni" (COM(2006)0281),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-1 ta' Marzu 2006 bit-titolu "Il-pjan ta' rotta għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" (COM(2006)0092),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2005 bit-titolu "Politika ta' Koeżjoni bħala Sostenn għat-Tkabbir u għall-Impjiegi: Il-Linji ta' Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 2007-2013" (COM(2005)0299),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2005 bit-titolu "It-tielet rapport dwar il-progress fuq il-koeżjoni: Lejn sħubija ġdida għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni" COM(2005) 0192),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2004 bit-titolu 'Sħubija aktar b'saħħitha għar-reġjuni l-aktar imbiegħda' (COM(2004)0343),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Frar 1996 bit-titolu "L-inkorporazzjoni ta' opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fil-politiki u fl-attivitajiet kollha tal-Komunità" (COM(1996)0067),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 10/2006 tal-Qorti ta' l-Awdituri dwar l-evalwazzjonijiet ex-post ta' programmi ta' Objettivi 1 u 3 ta' l-1994 sa l-1999 (Fondi Strutturali) ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0241/2007),

([1]) ĠU L 210, 31.7.2006, p 25 Verżjoni rettifikata fil-ĠU L 239, 1.9.2006, p. 248.
([2]) ĠU L 291, 21.10.2006, p 11.
([3]) ĠU C 302, 12.12.2006, p 1.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

A. billi l-Artikolu 158 tat-Trattat KE jimplika li l-għan tal-Komunità hu li tippromwovi l-iżvilupp armonjuż u li tnaqqas id-differenzi fil-livelli ta' żvilupp bejn id-diversi reġjuni u t-tardività tar-reġjuni l-aktar żvantaġġati permezz tat-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku,

B. billi l-ifqar reġjuni ta' l-UE huma reġjuni li jaqgħu taħt l-objettiv ta' konverġenza tal-politika ta' koeżjoni, li l-GDP tagħhom ras għal ras huwa ta' inqas minn 75 % tal-medja tal-GDP ras għal ras ta' l-UE kollha kemm hi,

C. billi l-kunċett ta' koeżjoni ma ġiex definit b'mod ċar u jkopri ħafna attivitajiet tat-trawwim ta' l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali armonjuż fir-reġjuni ta' l-UE,

D. billi l-konklużjonijiet tar-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' April 2007 dwar il-konsegwenzi tat-tkabbir tal-ġejjieni fuq l-effettività tal-politika ta' koeżjoni [1] isemmi li l-istruttura preżenti ta' l-iffinanzjar tal-politika ta' koeżjoni trid tiġi riveduta fid-dawl tat-tkabbir tal-ġejjieni; billi huwa jipproponi wkoll li l-iffinanzjar tal-kompetittività reġjonali u tal-koperazzjoni territorjali għandu jkun iktar iffukat fuq l-integrazzjoni fuq ekonomiji reġjonali u infrastruttura ta' importanza Ewropea u fuq l-għajnuna lil reġjuni sabiex dawn ikunu jistgħu jlaħħqu mal-globalizzazzjoni u mal-bidla demografika,

E. billi wieħed mill-prinċipji fundamentali ta' l-UE huwa l-prinċipju tas-solidarjetà, li sservi sabiex jonqsu d-differenzi fl-iżvilupp reġjonali ta' l-Unjoni,

F. billi s'issa l-politika ta' koeżjoni ta' l-UE tat kontribut effettiv għall-iżvilupp ta' diversi reġjuni li qabel kienu pajjiżi ta' koeżjoni (l-Irlanda, il-Greċja, il-Portugall u Spanja), minkejja li wħud mir-reġjuni għadhom sottożviluppati b'mod sinifikanti, u billi l-impatt tagħha mil-lat tal-konverġenza ta' l-ifqar reġjuni għen sabiex tiżdied il-prosperità ta' l-UE kollha kemm hi,

G. billi l-għan tal-politika ta' koeżjoni huwa li jagħmel lill-Istati Membri u lir-reġjuni vijabbli ekonomikament, u għalhekk indipendenti minn għajnuna esterna, minkejja l-fatt li l-kisba ta' Fondi Strutturali mhix suġġetta għal limiti ta' żmien;

H. billi hemm nuqqas ta' informazzjoni dettaljata u ta' studji komparattivi bi klassifiki dwar l-avvanz ta' reġjuni li jieħdu Fondi Strutturali;

I. billi wara t-tkabbir għal 27 Stat Membru, l-UE issa għandha popolazzjoni li kibret u saret kważi 493 miljun persuna [2], li madwar 30 % [3] minnhom jgħixu fil-100 reġjun ta' l-objettiv ta' konverġenza attwali, u billi d-differenzi bejn ir-reġjuni f'termini ta' GDP fl-UE tas-27 bħalissa huma ħafna akbar minn dawk li kienu fl-UE tal-15, b'medja ta' GDP ras għal ras ta' 24 % (ix-Xlokk tar-Rumanija) għal 303 % (iċ-ċentru ta' Londra) tal-medja tal-GDP ta' l-UE,

J. billi fl-UE tas-27, l-ifqar reġjuni ta' l-objettiv ta' konverġenza jinsabu prinċipalment fl-Istati Membri l-ġodda, fejn l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għadha kemm inbdiet riċentement, u għalhekk huwa impossibbli li jiġi evalwat is-suċċess tagħha mil-lat tat-tnaqqis tad-differenzi;

K. billi fl-ifqar Stati Membri it-tkabbir ekonomiku mhux imqassam b'mod inqas, u hemm it-tendenza li jkun ikkonċentrat madwar zoni urbani, filwaqt li f'dawn il-pajjiżi, parti sostanzjali tal-popolazzjoni tgħix fiz-zoni rurali,

L. billi reġjuni li jsofru minn faqar ekonomiku b'riżultat ta' nuqqas ta' infrastruttura bażika, aċċess ristrett għas-servizzi pubbliċi u rata għolja ta' qgħad qed jiġu dipopolati b'rata aktar mgħaġġla minn reġjuni oħra u billi dan il-fatt, min-naħa tiegħu, idgħajjef il-ħila tagħhom li jassiguraw żvilupp ġenwin,

(1) *Testi Adotatti*, P6_TA(2007)0130.
(2) 492 852 386. Sors: Eurostat/Uffiċċju taċ-Ċensimenti ta' l-Istati Uniti.
(3) Sors: Eurostat, Statistiċi fil-Fokus — Ekonomija u Finanzi 17/2006.

M. billi l-Artikolu 299(2) tat-Trattat KE jirrikjedi li l-Komunità taġġusta l-politiki tagħha u li tapplika miżuri speċjali u speċifiċi għar-reġjuni l-aktar imbegħda, minħabba s-sitwazzjoni speċifika ta' dawn ir-reġjuni, li ħafna minnhom huma fost l-ifqar reġjuni ta' l-UE, fattur li jxekkel ħafna l-iżvilupp tagħhom minħabba l-effetti mħallta u dejjiema ta' l-iżvantaġġi strutturali u ġeografiċi,

N. billi f'xi wħud mill-Istati Membri l-ġodda, it-teħid tal-fondi għall-ifqar reġjuni tal-politika ta' koeżjoni kien baxx waqt il-perjodu 2004-2006,

O. billi sabiex l-iffinanzjar strutturali ta' l-UE jiġi implimentat b'suċċess, proċess li għandu jkun sabiex jiġi żgurat tkabbir ekonomiku sostanzjali għall-ifqar reġjuni li jagħmilha possibbli għalihom li gradwalment ilaħħqu mar-reġjuni iktar żviluppati f'termini tal-GDP per capita, tinħtieġ koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Komunitarju,

P. billi l-fatt li l-finanzjament ikun ingħata ma jiggarantix li dan ikun ser jintuża tajjeb, u billi l-awtoritajiet f'reġjuni foqra sikwit ma jkollhomx il-ħiliet u l-esperjenza xierqa u l-fondi proprji neċessarji sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-fondi tal-koeżjoni li huma intitolati għalihom,

Q. billi hemm numru ta' raġunijiet għalfejn l-ekonomija ta' reġjuni individwali baqgħet lura, u billi l-ifqar reġjuni ta' l-UE fuq kollox m'għandhomx l-infrastruttura bażika essenzjali għall-iżvilupp sostenibbli bilanċjat u għal aktar investiment, u lanqas m'għandhom riżorsi umani adegwati u inċentivi adegwati għall-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja k u l-innovazzjoni**,**

R. billi l-ekwità privata, il-kapital ta' sogru, *rotating funds* u l-mikro-krediti għal intrapriżi li jkunu għadhom qed jibdew għandhom irwol essenzjali bħala l-forza ewlenija għall-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' l-impjiegi,

S. billi l-esklużjoni soċjali u r-rati ta' qgħad għolja ħafna u fuq medda twila ta' snin huma prevalenti b'mod partikulari fl-ifqar reġjuni, speċjalment fost in-nisa, l-anzjani u l-persuni b'diżabilità u gruppi etniċi vulnerabbli**,**

T. billi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini jinkludu l-aċċess indaqs għan-nisa u għall-irġiel għall-utilitajiet kollha, opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol u aċċess indaqs għall-edukazzjoni, il-kultura u servizzi tas-saħħa u dawk soċjali,

1. Iħeġġeġ li tittieħed azzjoni riżoluta sabiex jitnaqqsu l-aktar nuqqasijiet akuti ta' l-iżvilupp fl-ifqar reġjuni ta' l-UE, u jinnota b'mod partikulari li l-Istati Membri l-ġodda, li saru jaqgħu taħt il-politika ta' koeżjoni sa mill-2004, jirrikjedu appoġġ speċjali minħabba d-diffikultajiet istituzzjonali, amministrattivi u ekonomiċi kontinwi tagħhom;

2. Jenfasizza l-importanza li jiġu analizzati l-iżviluppi storiċi fil-pajjiżi ta' koeżjoni ta' l-UE-15; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati, ir-reġjuni tagħhom, l-awtoritajiet lokali u partijiet oħra interessati, tenfasizza b'mod ċar, minn banda, miżuri għat-tkabbir fir-reġjuni li kellhom suċċess (bħall-Irlanda) u mill-banda l-oħra, l-ostakoli prinċipali fir-reġjuni li għadhom lura, sabiex dawn l-impedimenti ma jerġgħux jinqalgħu fir-reġjuni ta' l-Istati l-Membri l-ġodda;

3. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri għas-sitwazzjoni fir-reġjuni li, minkejja li huma l-ifqar fl-UE-15 u minkejja n-nuqqas ta' titjib fid-data ta' l-iżvilupp tagħhom, m'għadhomx meqjusa bħala l-ifqar reġjuni ta' l-UE-27 għal raġunijiet purament statistiċi; jirrakkomanda li titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' dawn ir-reġjuni;

4. Huwa tal-fehma li d-diffikultajiet fit-teħid tal-finanzjament huma preokkupazzjoni importanti u urġenti, b'mod partikulari għall-Istati Membri l-ġodda, li qed isibuha diffiċli li jissodisfaw ir-rekwiżiti kumplikati tal-politika ta' koeżjoni u li spiss ma jkollhomx biżżejjed kapital ta' kontribut (privat jew pubbliku) sabiex jiffinanzjaw minn qabel l-għotjiet tal-Komunità, minħabba d-diffikultajiet proċedurali u r-restrizzjonijiet tal-ħin involuti fl-implimentazzjoni tal-proġetti, li b'riżultat ta' dan, il-benefiċjarji potenzjali ma jkunux jistgħu jieħdu jew jitolbu fondi li huma jistgħu jagħmlu użu tajjeb minnhom;

5. Huwa mħasseb li f'xi reġjuni ma tantx tiġi mmirata l-għajnuna Komunitarja, bir-riżultat li s-sitwazzjoni f'dawk ir-reġjuni ma titjiebx, minkejja l-bosta snin ta' iffinanzjar u minkejja li r-riżorsi tal-Komunità ikunu moħlija;

6. Jissuġġerixxi li l-politika ta' koeżjoni ta' l-UE għandha tqis kif jixraq id-diversità tal-ħtiġijiet ta' l-ifqar reġjuni, filwaqt li l-għajnuna titfassal għall-fatturi speċifiċi tagħhom u l-potenzjal tagħhom jiġi sfruttat, sabiex jiġu mwettqa proġetti li jipproduċu riżultati dejjiema u żvilupp ġenwin fuq il-bażi ta' pjanijiet plurijennali ta' żvilupp li jqisu kif jixraq lill-pjanijiet għall-iżvilupp territorjali u ta' politiki Komunitarji oħra;

7. Jirrakkomanda li l-politika ta' koeżjoni ta' l-UE tiġi adattata għar-reġjuni l-aktar imbegħda kif hemm referenza f'Artikolu 299(2) permezz ta' miżuri speċjali u speċifiċi; jappoġġja l-istrateġija li użat l-UE sabiex tgħin lir-reġjuni l-aktar imbegħda, u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tagħti malajr dettalji tas-sustanza ta' l-'ishubija iktar b'saħħitha' li hija ħabbret, b'mod partikulari fir-rigward tat-titjib tal-kompetittività tar-reġjuni l-aktar imbegħda, u l-pjan ta' azzjoni tagħha għall-viċinat usa';

8. Jirrakkomanda li, bil-għan li jitħaffef it-tkabbir ekonomiku u li jkun hemm aktar investiment u żvilupp sostenibbli bilanċjat fl-ifqar reġjuni, ir-reġjuni u l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lil proġetti mfassla sabiex jagħmlu lir-reġjuni aktar aċċessibbli billi jipprovdulhom l-infrastruttura bażika, b'mod partikulari fl-oqsma tat-trasport u ta' l-ITC, filwaqt li jittieħed kont debitu għall-impatt soċjali u ambjentali ta' dawn it-tipi ta' proġetti;

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jieħdu kont debitu lill-ħtieġa għall-iżvilupp bilanċjat fi ħdan ir-reġjuni individwali meta jippjanaw programmi futuri għall-iżvilupp reġjonali; jemmen li huwa partikolarment importanti li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' zoni urbani, filwaqt li tiġi segwita politika urbana adegwata inkluża politika tad-djar għal "kwartieri fqar" u politika rurali adegwata;

10. Jemmen li huwa partikularment importanti li jingħataw aktar kompetenzi fil-politika tal-koeżjoni lill-ibliet, sabiex dawn ikunu jistgħu jirreaġixxu bi sħab mal-ħtiġijiet speċifiċi taz-zoni urbani; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jisfruttaw b'mod sħiħ il-potenzjal ta' pjanijiet integrati ta' żvilupp fejn il-politika ta' koeżjoni ti sta' tiġi marbuta b'mod dirett ma' l-ippjanar urban;

11. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jagħmlu l-ifqar reġjuni aktar attraenti għall-investituri billi jużaw il-vantaġġi naturali u kulturali ta' dawk ir-reġjuni sabiex jiżviluppaw forom tradizzjonali ta' attivitajiet ekonomiċi speċifiċi għal kull reġjun u sabiex joħolqu forom ġodda ta' attività ekonomika, filwaqt li jippromwovu żvilupp urban-rurali bbilanċjat; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkonċentra iktar fuq miżuri ta' identifikazzjoni u ta' appoġġ sabiex jiġu kkonservati l-ħiliet u l-abitudnijiet speċifiċi li għadhom jeżistu f'reġjuni iżolati ta' l-Ewropa li għadhom lura;

12. Jilqa' bi pjaċir il-konċentrazzjoni fuq l-użu tal-politika ta' koeżjoni għal titjib fil-kapaċità komunitarja għall-innovazzjoni tul il-perjodu 2007 sa l-2013; jinnota li dan l-objettiv għandu japplika wkoll għall-ifqar reġjuni; ipoġġi enfasi partikulari fuq il-ħtieġa li titnaqqas id-differenza fit-teknoloġija fi ħdan u bejn ir-reġjuni u l-Istati Membri permezz tat-titjib fin-networks ta' koperazzjoni teknoloġika;

13. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li kwalunkwe valutazzjoni tal-politika ta' koeżjoni għandha twassal għal titjib fil-politika innovattiva ta' koeżjoni f'Unjoni mkabbra fil-ġejjieni; ifakkar fil-ħtieġa li jkun hemm konċentrazzjoni fuq kunċetti ġodda ta' żvilupp territorjali u ideat aktar speċifiċi għall-appoġġ ta' l-iżvilupp ta' massa kritika reġjonali madwar inħawi urbani u għenieqed (clusters) reġjonali oħra; ifakkar ukoll il-ħtieġa li jintuża approċċ divrenzjat għall-użu tal-Fondi Strutturali speċifiċi għall-ħtiġijiet tar-reġjuni kollha;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw proġetti li jżidu l-kapaċità reġjonali għall-ġenerazzjoni u għall-assorbiment ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikulari dawk relatati mal-ħarsien ta' l-ambjent u l-iżvilupp tar-riżorsi naturali, u li jinvolvu t-tixrid ta' mudelli msejsa fuq konsum aktar baxx ta' enerġija u l-użu ta' enerġiji li jiġġeddu, sabiex ir-reġjuni jkunu jistgħu jiżviluppaw tmexxija fl-eko-innovazzjoni mingħajr ma jkollhom jiffaċċjaw aspetti negattivi ta' żvilupp mhux sostenibbli li ffaċċjaw reġjuni oħra fiċ-ċiklu ta' żvilupp tagħhom;

15. Jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni territorjali (transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali) fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni sabiex jiġi promoss żvilupp ibbilanċjat; iħeġġeġ f'dan ir-rigward li jitwaqqfu networks ta' koperazzjoni reġjonali u settorjali, li jinvolvu, b'mod speċjali, lill-ifqar reġjuni;

16. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali sabiex jippromwovu l-intraprenditorija fl-ifqar reġjuni permezz ta' sistema integrata ta' inċentivi ekonomiċi u soċjali għall-investituri, u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-proċeduri amministrattivi jiġu simplifikati, b'mod partikulari fir-rigward tal-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda u l-espansjoni ta' attivitajiet ekonomiċi eżistenti;

17. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jippromwovu l-intraprenditorija fl-iskejjel u li jappoġġjaw skemi ta' taħriġ għal intraprendituri futuri, liema skemi jkunu mmirati b'mod partikulari għaż-żgħażagħ, in-nisa, il-persuni anzjani u l-minoranzi esposti għall-esklużjoni soċjali;

18. Jilqa' b'sodisfazzjon strumenti ġodda bħall-inizjattiva Riżorsi Konġunti Ewropej għall-intrapriżi micro u ta' daqs medju (JEREMIE) u l-inizjattiva Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiz-zoni ta' l-ibliet (JESSICA); madankollu jinnota l-fatt li dawn l-istrumenti waslu tard wisq biex jiġu użati b'mod sħiħ, u li l-kuxjenza dwar il-possibilitajiet li joffru fil-livell lokali u reġjonali hija baxxa ħafna; jinnota l-ħtieġa urġenti li dan it-tip ta' strumenti jiġu ppubblikati u applikati bl-aktar mod wiesa' possibbli fl-Istati Membri, u applikati skond is-sitwazzjoni reali f'dawn l-Istati, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet reali tal-benefiċjarji potenzjali u l-kapaċità tagħhom, f'termini prattiċi, illi jagħmlu użu minn dawn l-istrumenti,

19. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-isforzi sabiex tipprovdi assistenza teknika lill-Istati Membri u lir-reġjuni billi toħloq programmi xierqa ta' taħriġ; jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva JASPERS (Joint Assistance in Supporting Projects in European Regions) li tipprovdi assistenza fl-implimentazzjoni ta' proġetti kbar;

20. Jilqa' bi pjaċir l-inizjattiva introdotta riċentement "Reġjuni għall-bidla ekonomika" u l-impenn msemmi fiha għat-tifrix ta' l-aħjar prattiki li, fil-passat, kellhom impatt li b'mod ċar kien pożittiv u li taw kontribut għat-tkabbir ekonomiku reġjonali; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, sabiex tiżgura li l-ifqar reġjuni ta' l-UE jiġu inklużi fin-network ta' skambji ta' l-aħjar prattiki, filwaqt illi jiddeskrivu dan it-tip ta' prattiki fuq website pubbliku fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE;

21. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex joħolqu sħubiji pubbliċi-privati (PPPs) bħala mezz effettiv ta' kif jinvolvu kapital privat fil-finanzjament ta' proġetti għall-iżvilupp reġjonali; jissuġġerixxi, f'dan is-sens, li jiġi stipulati regoli sempliċi u trasparenti li jiggvernaw it-twaqqif ta' dan it-tip ta' sħubiji, minħabba l-impatt tagħhom fuq medda twila ta' żmien, fuq il-finanzi pubbliċi;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

22. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex iżżid l-isforzi tagħha sabiex tagħmel direttivi, regoli u linji gwida li jkunu eħfef biex wieħed jifhimhom, bil-għan li tevita li jkun hemm miżinterpretazzjonijiet u li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programmi;

23. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-Komunità sabiex jissimplifikaw aktar il-proċeduri bil-għan li jiżguraw li l-fondi jiġu allokati b'mod trasparenti u effiċjenti, u jgħaddu b'ħeffa għand il-benefiċjarji finali; f'dan il-kuntest, jissuġġerixxi wkoll li l-kunċett ta' punti ta' kuntatt waħdiena jiġu sfruttati bis-sħiħ, u li jissaħħu l-proċeduri ta' kontroll fuq l-użu tal-fondi; jinkoraġġixxi wkoll lill-Istati Membri sabiex jikkonformaw ma' l-Inizjattiva Ewropea għat-Trasparenza u mar-responsabilità ta' l-awtorità ta' l-immaniġġjar għall-organizzazzjoni tal-publikazzjoni, elettronika jew b'mod ieħor, tal-lista tal-benefiċjarji, l-ismijiet ta' l-operazzjonijiet u l-ammont ta' fondi pubbliċi allokati għall-operazzjonijiet, kif stipulat f'Artikolu 7(2)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 [1], li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006;

24. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw koordinazzjoni politika, teknika u amministrattiva effikaċi u osservanza effikaċi mal-prinċipju ta' sħubija bil-għan li l-fondi jiġu mmaniġġjati sewwa; jesprimi tħassib għan-nuqqas ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u ta' sħubija li jiffunzjonaw sewwa fl-ifqar reġjuni;

25. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri għall-fatt li, bil-għan li jiġi żgurat żvilupp bilanċjat, jeħtieġ li jiġu stabbiliti sinerġiji bejn id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, li jagħmlu użu minn analiżi tar-raġunijiet li għalihom l-ekonomija baqgħet lura, b'referenza partikolari għall-qgħad u għall-istrutturi relatati tiegħu, b'mod speċjali fl-ifqar reġjuni;

26. Jisħaq li r-rata tal-qgħad f'uħud mill-ifqar reġjuni ta' l-UE hija ogħla minn 20 %; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-qgħad huwa problema li jaffettwa l-ifqar reġjuni b'mod partikulari, u li għadu ogħla fost in-nisa u fost minoritajiet esposti għall-esklużjoni soċjali; jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprovdu appoġġ għan-nisa fis-suq tax-xogħol, u li jillivellaw id-differenzi fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa; jitlob ukoll li tingħata attenzjoni lis-sitwazzjoni ferm speċifika tal-poplu Roma, li għalih il-problema ta' qgħad fuq żmien twil hija kritika;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Fond Soċjali Ewropew jintuża sew, li jsir investiment fil-kapital uman fl-ifqar reġjuni billi jiġi żgurat provvediment aħjar ta' edukazzjoni u livelli dejjem akbar ta' kwalifiki, b'mod partikulari fost iż-żgħażagħ, in-nisa u l-anzjani, u minoritajiet esposti għall-esklużjoni soċjali, u billi jsir investiment f'azzjonijiet kumplimentari u s-servizzi relevanti ta appoġġ u servizzi tal-komunità u ta' kura li jtejbu l-opportunitajiet ta' l-impjieg;

28. Jisħaq li l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel għandhom jiġu promossi fl-istadji kollha tat-tfassil u tat-twettiq ta' proġetti li jagħmlu parti mill-politika ta' koeżjoni ta' l-UE;

29. Jinnota li l-2007 hija s-Sena Ewropea għall-Opportunitajiet Indaqs għal Kulħadd, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jippromwovu proġetti għall-qawmien ta' kuxjenza dwar l-integrazzjoni sistematika tal-ġeneri fil-programmi kollha tal-Komunità, b'mod partikulari dawk b'impatt fuq il-koeżjoni ekonomika u soċjali;

30. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'mod kontinwu tipprovdi lill-Parlament b'analiżi statistika affidabbli dwar is-sitwazzjoni speċifika tan-nisa u ta' l-irġiel fl-ifqar reġjuni ta' l-UE, sabiex tippermetti l-monitoraġġ xieraq ta' l-impatt tal-politika ta' koeżjoni fir-rigward tat-titjib fil-kundizzjonijiet ta' l-għajxien għall-gruppi soċjali kollha;

31. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb is-sistema wżata għall-evalwazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, u sabiex toħloq mezz ġdid ta' kif jitkejjel l-iżvilupp reġjonali, li ma jkunx ibbażat biss fuq il-GDP iżda wkoll fuq indikaturi oħra bħalma huma r-rati tal-qgħad u indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi oħra, filwaqt illi tittejjeb il-metodoloġija għall-kalkolu tal-Parità ta' Kapaċità għall-Infiq, jiġifieri permezz ta' l-iżvilupp ta' indikaturi reġjonali pjuttost milli nazzjonali;

[1] ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1. Verżjoni rettifikata fil-ĠU L 45, 15.2.2007, p. 3.

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex regolarment tipprovdilu statistiċi aġġornati, affidabbli u kumparabbli li jagħmluha possibbli li b'mod preċiż jiġi evalwat l-iżvilupp fl-ifqar reġjuni ta' l-UE;

33. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tanalizza l-impatt tal-politika għall-koeżjoni u tistudja r-raġunijiet ta' kwalunkwe riżultati negattivi tal-politiki komunitarji fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu ta' l-2009 tal-baġit komunitarju, u fir-rapport li ġej dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali, bil-għan li jiġi żgurat li l-politika ta' koeżjoni tkun effettiva daqskemm huwa possibbli tul il-perjodu ta' programmar ta' bejn 2007-2013;

34. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TA(2007)0357**

## Is-sitwazzjoni umanitarja tar-refuġjati Iraqini

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar Is-sitwazzjoni umanitarju tar-refuġjati Iraqin

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar id-drittijiet tal-persuni għall-protezzjoni internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Iraq b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Frar 2007 dwar is-sitwazzjoni umanitarja tar-refuġjati mill-Iraq [1],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tar-Refuġjati (Konvenzjoni tar-Refuġjati) ta' l-1951 u l-Protokoll Dwar l-Istatus tar-Refuġjati ta' l-1967, tan-NU,

— wara li kkunsidra l-appelli urġenti tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati (UNHCR) tas-7 ta' Frar 2007 biex jiżdied l-appoġġ internazzjonali għal dawk il-pajjiżi li jospitaw ir-refuġjati li jaħarbu mill-Iraq, il-Konferenza internazzjonali dwar l-Iraq tas-17-18 ta' April 2007 f'Ġinevra bil-għan li tqajjem aktar kuxjenza dwar l-iskala tal-bżonnijiet umanitarji fl-Iraq u fir-reġjun, it-talba tal-UNHCR tal-5 ta' Ġunju 2007 sabiex il-fruntieri kollha jibqgħu miftuħin għal dawk li għandhom bżonn protezzjoni, kif ukoll għall-Pariri għar-Ritorn tal-UNHCR u l-Pożizzjoni rigward il-Ħtiġijiet għall-Protezzjoni Internazzjonali ta' l-Iraqini li jinsabu barra mill-Iraq tat-18 ta' Diċembru 2006 u għall-"Appell Supplementari — Tweġiba għas-Sitwazzjoni fl-Iraq" UNHCR tat-8 ta' Jannar 2007,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar l-Ispostament Intern maħruġa mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU fuq il-Persuni Spustati Internament fil-11 ta' Frar 1998,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr stat biex jikkwalifikaw bħala rifuġjati jew bħala persuni li altrimenti jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija [2] (Id-Direttiva tal-Kwalifika),

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet adottati mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fil-qasam ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni;

— wara li kkunsidra li n-numru ta' appikazzjonijiet minn Iraqin li qed iffixxu ażil irdoppja fl-ewwel nofs ta' l-2007 meta jitqabbel ma' l-istess perjodu tas-sena ta' qabel;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

(1) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0056.
(2) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

A. Billi s-sitwazzjoni umanitarja u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq b'mod ġenerali sejra lura, kif juru r-rapporti regolari ta' l-UNAMI u ta' aġenziji oħra tan-NU fil-pajjiż, li juru medja ta' 100 persuna maqtula, u 200 feruti kuljum, u li 50 % tal-popolazzjoni qed jgħixu b'inqas minn 1$US kuljum, u li l-qgħad jaffettwa aktar minn 80 % tal-popolazzjoni, u li 70 % m'għandhomx aċċess adegwat għall-provvista ta' l-ilma; u li 81 % m'għandhomx aċċess għal sanità effettiva, li 3 miljuni m'għandhomx ċertezza li se jieklu jekk it-tqassim ta' l-ikel ifalli u li s-sistema diġà waqfet taħdem f'xi zoni, li 80 % tat-tobba telqu mill-isptarijiet, u li 75 % tat-tfal ma jmorrux skola u f'ċerti reġjuni bejn 30 % u 70 % ta' l-iskejjel huma magħluqin,

B. Billi fis-sitwazzjoni preżenti ta' wara l-gwerra l-attivitajiet kriminali jinkludu serqiet bl-użu ta' l-armi, ħtif ta' persuni b'rahan, fastidju, qtil ta' persuni involuti fil-proċess politiku f' attivitajiet ta' rikostruzzjoni politika, attakki ta' sabutaġġ immirati lejn l-infrastruttura ċivili bħall-elettriku jew l-pajpijiet taż-żejt u attakki ġenerali b'bombi mitfugħin kif ġie ġie u/jew splużivi oħra kontra n-nies ċivili u bħala riżultat bosta Iraqin qed ikomplu jaħarbu, primarjament lejn il-Ġordan u s-Sirja kif ukoll lejn l-Eġittu, il-Libanu, it-Turkija, l-Iran u lejn postijiet aktar imbiegħda,

C. Billi aktar minn 2 miljun ruħ bħalissa huma Persuni Spustati Internament (IDPs); billi minn Frar ta' l-2006, 822,000 persuna oħra ġew spustati, b'2000 oħra maħsuba li qed jiġu spustati kuljum; u billi għall-aħħar ta' l-2007, il-UNHCR qed jikkalkula li n-numru ta' l-IDPs x'aktarx se jilħaq bejn it-2.3 u t-2.5 miljuni;

D. Billi minbarra l-persuni spustati internament, hemm bejn wieħed u ieħor 42,000 refuġjati mhux Iraqin fl-Iraq (inkużi madwar 15,000 Palestinjan li huma l-aktar fil-periklu; kif ukoll Sudaniżi, Kurdi Torok, Iranjani u oħrajn);

E. billi bosta governanti fl-Iraq qed jirrestrinġu l-aċċess lill-IDPs il-ġodda, dan ifisser limitazzjonijiet drastiċi fuq il-possibilità li jsibu post temporanju sikur fil-pajjiż;

F. Billi l-IDPs mhux jitħallew jirreġistraw għat-tqassim ta' l-ikel, li żied ir-riskju ta' kriżi umanitarja;

G. Billi hemm stimati 2 miljun refuġjat Iraqin fil-pajjiżi ġirien mingħajr status formali ta' kenn mill-istati li qed jospitawhom: Is-Sirja qed tospita bejn 1.2 sa 1.5 miljun, il-Ġordan bejn 500 000 u 750000 Iraqin, li jirrappreżentaw proporzjon kbir tal-popolazzjoni, l-Eġittu ('l fuq minn 80 000), il-Libanu (hemm stimati 20 000), l-Iran ('l fuq minn 50 000), ir-reġjun tal-Golf ('l fuq minn 200,000) u t-Turkija (hemm stimati 5 100),

H. Billi 560 000 tar-refuġjati fil-pajjiżi ġirien huma tfal ta' l-età ta' l-iskola, u billi l-aċċess għall-edukazzjoni pubblika jew il-kura tas-saħħa ssussidjata f'bosta zoni hija diffiċli ħafna jew imwaqqfa mil-liġi;

I. billi, skond it-tradizzjoni tal-liġi internazzjonali, jeżisti obbligu legali li rifuġjati ma jiġux irritornati lura għall-persekuzzjoni jew perikolu serju, u li dawk li jfittxu kenn minn abbużi mifruxa tad-drittijiet tal-bniedem u vjolenza ġeneralizzata jitħallew jidħlu fil-pajjiż konċernat, almenu temporanjament, sabiex jiġu eżaminati għall-istatus ta' rifuġjati.

J. Billi l-atitudni tal-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri u ta' l-Istati Uniti biex jagħrfu l-bżonnijiet ta' protezzjoni tar-refuġjati Iraqin kienet ristretta ħafna;

K. billi ġew ikkonstatati differenzi kbar fil-mod ta' kif it-talbiet għal ażil ta' l-Iraqin qed jiġu evalwati mill-Istati Membri juri nuqqas ta' progress fl-iżvilupp ta' Sistema Ewropea Komuni dwar l-Ażil li hija bbażata fuq standards komuni għoljin u hija kapaċi tagħti protezzjoni lil min għandu bżonn,

L. billi l-pajjiżi ġirien irrestrinġew l-aċċess għar-refuġjati b'mod konsiderevoli, tant li ġiegħlu bosta minnhom jerġgħu lura lejn l-Iraq jew jibqgħu blukkati mal-fruntieri, kif ukoll imponew rekwiżiti restrittivi għal min jitħalla jibqa' hemm, bħal tnaqqis fit-tul ta' żmien ta' kemm jistgħu jibqgħu/jew billi jagħmlu t-tiġdid tal-viżas tagħhom tant diffiċli li l-biċċa l-kbira ta' l-Iraqin malajr jitilfu l-istatus legali tagħhom;

M. billi (l-gvern ta') l-Brażil huwa wieħed mill-ftit pajjiżi li offrew li jilqgħu fi ħdanhom numru ta' refuġjati Palestinjani li kienu jgħixu fl-Iraq fi ħdan il-programmi ta' solidarjetà għal min jerġa' jmur joqgħod f'pajjiżu,

N. billi l-UNHR qed jiffinalizza talba sabiex il-Baġit Supplimentari għas-sitwazzjoni ta' l-Iraq jiżdied minn USD 60 m għal USD 115 m,

O. billi l-Lhud, il-Mandjani u l-Kristjani (inklużi l-Assirjani, l-Armeni, l-ortodossi Griegi u minoritajiet Kristjani oħra) qed jesperjenzaw dejjem aktar diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-aċċess għas-suq tax-xogħol jew għas-servizzi soċjali bażiċi u ħafna minnhom qed jibżgħu mill-persekuzzjoni ta' gruppi ribelli kif ukoll tal-milizji Iżlamiċi, li kisbu *de facto* l-kontroll fuq viċinati sħaħ f'bosta bliet u rħula fl-Iraq; billi bħala parti mit-tensjoni li dejjem qed tiżdied bejn is-Sunni u x-Xi'iti, jistgħu jiġu mmirati xi individwi sempliċiment fuq il-bażi tas-àsħubija tagħhom ma' minorità etnika jew reliġjuża,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon is-solidarjetà li wrew il-pajjiżi ġirien ta' l-Iraq mar-refuġjati Iraqin u jistieden lil dawn il-pajjiżi biex jinfurmaw il-komunità internazzjonali bl-appoġġ li għandhom bżonn biex ilaħħqu mas-sitwazzjoni;

2. Jirrikonoxxi t-titjib f'termini ta' kontribut ta' l-awtoritajiet reġjonali Kurdi biex jassistu l-komunitajiet li m'humiex Musulmani li huma spostati internament;

3. Jingħaqad mal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-NU fit-talba, għal risposta internazzjonali sostenuta, totali u koordinata biex titħaffef il-qagħda mwiegħra ta' miljuni ta' nies maqlugħa mill-għeruq tagħhom minħabba kriżi umanitarja li ma tistax tibqa' tiġi injorata aktar; Jikkunsidra li l-appoġġ tal-komunità internazzjonali huwa essenzjali biex titħaffef it-tbatija ta' mijiet ta' eluf ta' refuġjati Iraqin u ta' persuni spostati internament (IDPs) jew ta' dawk li qegħdin jaħarbu mill-pajjiż kif ukoll l-inkoraġġiment u l-assistenza akbar lil pajjiżi bħas-Sirja u l-Ġordan, li flimkien qegħdin iżommu għadd kbir ta' refuġjati Iraqin;

4. Jirrikonoxxi wkoll l-isforzi li għamlu pajjiżi li m'għandhomx fruntiera mar-reġjun bħall-Eġittu, li jgħinu lir-refuġjati Iraqin; jitlob lil dawn il-pajjiżi biex ikomplu bl-isforzi tagħhom favur ir-refuġjati Iraqin billi jżommu l-fruntieri tagħhom miftuħa u billi jtejbu l-kundizzjonijiet tagħhom, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tagħhom u jiżguraw l-aċċess għas-servizzi bażiċi bħas-saħħa u l-edukazzjoni bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali;

5. Jiddeplora li l-istati ġirien żammew il-fruntieri tagħhom magħluqa, b'eċċezzjonijiet rari u limitati, għall-Palestinjani li qegħdin jaħarbu mill-vjolenza u t-theddid kontrihom fl-Iraq, jikkundanna s-sejħa tal-Ministru ta' l-Ispostament u l-Emigrazzjoni ta' l-Iraq biex ikeċċi l-Palestinjani kollha mill-Iraq; jikkundanna d-deċiżjoni tal-gvern ta' l-Iraq li jimponi rekwiżiti għal reġistrazzjoni iebsa fuq il-Palestinjani u b'hekk jagħmilhielhom diffiċli li jibqgħu fl-Iraq b'mod legali;

6. Jistieden lill-Gvern ta' l-Iraq, kif ukoll lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u reliġjużi u lill-Forzi ta' Koalizzjoni Multinazzjonali fl-Iraq biex jieħdu passi immedjati biex itejbu s-sigurtà għar-refuġjati kollha u għall-IDPs fl-Iraq u jtemmu l-prattiki diskriminatorji;

7. Jirrifjuta bil-qawwa t-theddid ta' xi uffiċjali għolja tal-Gvern ta' l-Iraq li jkeċċu u li jaqtgħu l-provvisti taż-żejt u ta' l-ilma tax-xorb lil 4,000 membru ta' l-oppożizzjoni Iranjana li ilhom refuġjati politiċi fl-Iraq għal dawn l-aħħar 20 sena u għandhom l-istatus legali ta' "Persuni protetti bir-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra" u jistieden lill-Gvern Iraqi biex jirrispetta d-drittijiet skond il-liġi internazzjonali;

**Il-Ħamis, 12 ta' Lulju 2007**

8. Jistieden lill-Istati Membri biex jegħlbu l-pożizzjoni mhux attiva tagħhom rigward il-qagħda tar-refuġjati Iraqin u biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skond il-liġi internazzjonali u Komunitarja biex jagħtu lill-Iraqin fl-Istati Membri l-opportunità biex japplikaw għall-ażil u biex din tiġi proċessata bla dewmien, waqt li jirrispettaw is-salvagwardji proċedurali u jagħtu l-istatus ta' refuġjati jew protezzjoni sussidjarja jew temporanja lil dawk li għandhom biża' ġustifikat mill-persekuzzjoni jew minn danni serji;

9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jittrasferux nies lill-Stat ieħor skond ir-Regolament Dublin II ([1]), jekk ikunu jafu li dak il-pajjiż ma jikkunsidrax kif xieraq it-talbiet ta' ażil ta' l-Iraqin; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Istati Membri jistgħu jinvokaw l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Dublin II;

10. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu status legali (temporanju jew permanenti jiddependi miċ-ċirkostanzi) lill-dawk l-Iraqin li ma jikkwalifikawx għal status ta' protezzjoni ożda ma jistgħux jintbagħtu lura, u jiżgurawlhom kundizzjonijiet adegwati u d-drittijiet bażiċi;

11. Jinnota bi tħassib li minn 400 sa 500 tar-ritorni furzati l-Iraq ġew irreġistrati fl-2005 u fl-2006 u jitlob lill-Istati Membri biex jissospendu temporanjament kull ritorn furzat lejn kwalunkwe parti ta' l-Iraq;

12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Komunità Internazzjonali, bħala dimostrazzjoni ta' qsim ta' responsabilità, sabiex jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv sabiex ir-refuġjati Iraqin u persuni mingħajr stat jerġgħu jissetiljaw, inklużi r-refuġjati Palestinjani fl-Iraq jew li ħarbu mill-Iraq u jinsabu blukkati fir-reġjun, billi jagħtu prijorità lill-każi l-aktar vulnerabbli skond il-linji gwida ta' l-UNHCR dwar l-issetiljar mill-ġdid tar-refuġjati Iraqin; jitlob lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha biex joħolqu mekkaniżmu sabiex jorganizzaw u dan il-qsim ta' responsabilità u jappoġġjaw lill-Istati Membri skond il-bżonn;

13. Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-UNHCR sabiex l-Iraqin minn nofsinhar jew miċ-ċentru ta' l-Iraq li qed ifittxu l-ażil jiġu kkunsidratu b'mod favorevoli bħala refuġjati skond il-Konvenzjoni tar-Refuġjati u, fejn ma jiġux rikonoxxuti bħala refuġjati jingħatalhom forma ta' protezzjoni kumplimentari bil-kundizzjoni li l-individwu ma' jaqax fil-kriterji tat-tkeċċija tal-Konvenzjoni tar-Refuġjati;

14. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tesplora mill-aktar fis possibilitajiet oħra biex tagħti appoġġ umanitarju lill-IDPs fl-Iraq, waqt li teżerċita l-flessibilità xierqa fl-interpretazzjoni tar-regoli rilevanti, u tgħin lill-pajjiżi ġirien fl-isforzi tagħhom biex jospitaw il-popolazzjoni tar-refuġjati;

15. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ewwel passi mwettqa mid-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni għall-għajnuna umanitarja (ECHO); jiddispjaċih, madankollu, il-prċeduri twal wisq minħabba restrizzjonijiet speċjali tal-pajjiż;

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprepara b'mod urġenti għall-ħolqien ta' ċentri post-trawmatiċi għal refuġjati u IDPs Iraqin kif ukoll biex tiżviluppa proġetti "tax-xogħol" b'mod partikolari għall-IDPs fis-settur agrikolu f'dawk il-partijiet ta' l-Iraq fejn dan hu possibbli;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament, u b'mod partikolari, lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit waqt il-laqgħa tagħha tas-16 ta' Lulju 2007 dwar l-użu tal-fondi allokati lill-Iraq, b'mod partikolari, permezz tal-Faċilità tal-Fondi Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni ta' l-Iraq (IRFFI), u jfakkar lill-Kummissjoni fil-prijoritajiet tal-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Ġunju 2006 (COM(2006)0283), li kienet tinkludi (1) l-appoġġ għal gvern demokratiku, (2) l-infurzar tas-sigurtà fuq il-bażi ta' l-istat tad-dritt u l-promozzjoni ta' kultura ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li jikkunsidra din bħala emerġenza kbira u jħeġġeġ fir-riżoluzzjoni tiegħu imsemmija hawn fuq tal-15 ta' Frar 2007 li parti sinifikanti tal-baġit ta' l-UE destinata għall-programmi ma' l-Iraq tiġi allokata għar-refuġjati; din il-preżentazzjoni għandha tinkludi analiżi dettaljata preċiża skond it-tip ta' l-attività u skond l-attivitajiet tal-baġit, ta' l-impenji u tal-ħlasijiet waqt li tidentifika b'mod ċar il-programmi dedikati għar-refuġjati Iraqin u għall-IDPs;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU L 50, 25.2.2003, p.1).

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-NU (UNHCR), lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Iraq, tas-Sirja, tal-Ġordan, tal-Libanu, ta' l-Eġittu, tat-Turkija, tal-Palestina u tal-Lega Għarbija.

---

**P6_TA(2007)0358**

## Ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika tal-Moldova

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fi Transnistia (Repubblika tal-Moldova)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Moldova, u b'mod partikolari fit-Transnistrija ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Unjoni Ewropea, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1998,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni għar-Repubblika tal-Moldova adottat mis-se ba' laqgħa tal-Kunsill ta' Koperazzjoni fit-22 ta' Frar 2005,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni interim adottata mill-Kumitat għall-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa fl-1 ta' Marzu 2006 rigward is-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) tat-8 ta' Lulju 2004 fil-każ ta' Ilascu u oħrajn kontra l-Moldova u r-Russja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) fil-Laqgħa Għolja ta' l-1999 f'Istanbul u tal-Laqgħa ta' l-2002 tal-Kunsill Ministerjali f'Porto,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Ġinevra għall-ħarsien ta' vittmi tal-gwerra tat-12 ta' Awissu 1949,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-gwerra ta' 1992 fir-reġjun tat-Transnistrija tar-Repubblika tar-Repubblika tal-Moldova wasslet għat-twaqqif ta' reġim separatista, illeġittimu u awtoritarju f'dan ir-reġjun; is-sitwazzjoni tal-kunflitt iffriżat qed tkompli u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jibqa' serju u mifrux;

B. billi għadha ma nstabitx soluzzjoni finali għall-kunflitt fit-Transnistrija minkejja d-deċiżjonijiet internazzjonali msemmija hawn fuq, u billi dan in-nuqqas qed iwassal għal tnaqqir kontinwu tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun;

C. billi l-aħħar eżempju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fit-Transnistrija huwa l-każ ta' Tudor Popa u Andrei Ivantoc li kienu soġġetti għal trattament degradanti u li ma tħallewx jirritornaw lejn djarhom;

D. billi l-arrest u d-detenzjoni fuq akkużi ta' terroriżmu tal-membri kollha ta' l-hekk imsejjaħ grupp Ilascu, huma att illegali tar-reġim separatista tat-Transnistrija, u ma kienux konformi ma' standards internazzjonali fir-rigward ta' prinċipji ta' proċess ġust, ta' l-stat tad-dritt, tar-rispett tad-drittijiet tal-priġunieri u ta' l-evitar ta' tortura u ta' trattament diżuman;

---

([1]) Ara, pereżempju, ir-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2006, P6_TA(2006)0455, u tas-16 ta' Marzu 2006, ĠU C 291E, 30.11.2006, p. 414.

E. billi s-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) tat-8 ta' Lulju 2004 fil-każ ta' Ilascu u oħrajn kontra l-Moldova u r-Russja għadha ma ġietx implimentata u ġiet injorata għal kollox mir-reġim separatista tat-Transnistrija;

F. ifakkar li l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fit-Transnistrija qed ikompli, b'mod partikulari fejn dan wassal għaċ-ċaħda tad-drittijiet tar-Rumeni minħabba l-għeluq ta' l-iskejjel tal-lingwa Rumena u minħabba l-profanazzjoni ta' ċimiterju Rumen fit-Transnistrija, kif ukoll il-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet politiċi tal-popolazzjoni kollha li tgħix fl-inħawi, b'riżultat ta' traffikar ta' bnedmin u ta' kriminalità organizzata mifruxa;

G. billi d-deċiżjonijiet tas-Laqgħa Għolja ta' l-1999 f'Istanbul u tal-Kunsill Ministerjali ta' l-OSCE ta' l-2002 f'Porto għadhom ma ġewx implimentati;

H. billi l-Unjoni Ewropea ħadet passi importanti dan l-aħħar biex issaħħaħ l-impenn tagħha mar-Repubblika tar-Repubblika tal-Moldova fl-isforzi biex tinsab riżoluzzjoni għall-kunflitt tat-Transnistrija, billi fetħet delegazzjoni permanenti tal-Kummissjoni Ewropea f'Chisinau, billi ħatret Rappreżentant Speċjali ta' l-UE (EUSR) għar-Repubblika tal-Moldova b'mandat li jikkontribwixxi lejn konklużjoni sostenibbli tal-kunflitt tat-Transnistrija u billi tiġi stabbilita Missjoni ta' l-UE għal Assistenza fuq il-Fruntiera (EUBAM) għar-Repubblika tal-Moldova u għall-Ukraina,

I. billi n-negozjati rigward it-Transnistrija, reġjun tar-Repubblika tal-Moldova, ilhom sejrin mill-1992, fil-Format imsejjaħ "5+2", li fih ipparteċipaw ir-Repubblika tal-Moldova, ir-reġjun tat-Transnistrija tar-Repubblika tal-Moldova, il-Federazzjoni tar-Russja, l-Ukraina u l-OSCE, filwaqt l-UE u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ilhom osservaturi sa mill-2005; billi f'April 2006 it-taħditiet fallew,

J. jikkunsidra l-aspirazzjonijiet Ewropej tar-Repubblika tal-Moldova u jikkunsidra il-fatt li s-sitwazzjoni fit-Transnistrija qed isseħħ fil-viċinanza immedjata ta' l-UE; jirrikonoxxi l-integrità territorjali tar-Repubblika tar-Repubblika tal-Moldova u jistieden lill-partijiet kollha biex jaħdmu bħala prijorità politika għar-riunifikazzjoni ta' l-Istat;

1. Jiddeplora n-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem fit-Transnistrija, kif jidher mill-ġuri u mid-detenzjoni tal-grupp Ilascu, miċ-ċaħda tal-libertajiet tal-popolazzjoni li tgħix f'dawk l-inħawi, miċ-ċaħda tad-dritt ta' l-aċċess għall-informazzjoni u l-edukazzjoni li jirriżulta fi traffikar mifrux tal-bnedmin u fi kriminalità organizzata;

2. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħelsien tas-Sur Andrei Ivantoc u s-Sur Tudor Popa, iżda jiddeplora l-fatt li l-ħelsien tagħhom mir-reġim separatist tat-Tiraspol kien iddikjarat li hu r-riżultat ta' l-iskadenza tal-perjodu ta' priġunerija li kellhom jiskontaw u mhux minħabba l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' l-ECHR; jikkundanna l-fatt li s-Sur Andrei Ivantoc, hekk kif kien meħlus, kien suġġett għal vjolenza u attakki fuq id-dinjità umana tiegħu, kif jixhed filmat tal-ħelsien tiegħu meħud minn xi xiehda;

3. Jikkundanna r-ripressjoni, il-fastidju u l-intimidazzjoni kontinwa tar-rappreżentanti tal-midja indipendenti, ta' l-NGOs u tas-soċjetà ċivili mir-reġim separatista tat-Transnistrija;

4. Jitlob il-waqfien taċ-ċaħda tal-libertà tal-persuni minħabba l-attività politika; f'dan ir-rigward jikkundanna l-arrest tat-2 ta' Ġunju 2007 u t-trattament sussegwenti tas-Sur Valentin Besleag, kandidat għal sindku fl-elezzjonijiet lokali leġittimi f'Corjova;

5. Jitlob li jkun hemm ftehim mgħaġġel u finali tal-kunflitt iffriżat fit-Transnistrija li jiżgura d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fit-territorju kollu tar-Repubblika tar-Repubblika tal-Moldova, b'konformità ma' prinċipji internazzjonali;

6. Jenfasizza l-impenn sħiħ ta' l-UE għall-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova; jiġbed l-attenzjoni li r-reġim illeġittimu ta' Tiraspol ma għandu l-ebda setgħa li jwaqqaf liċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova milli jidħlu fit-territorju tax-xatt tal-Punent tax-xmara Nistru u ma għandu l-ebda setgħa li jiddikjara lil xi ħadd "persona non grata";

7. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jaħsbu f'miżuri ta' involviment ikbar u sħiħ fil-proċess tan-negozjati u għas-soluzzjoni tal-kunflitt imsemmi hawn fuq; jiġbed l-attenzjoni għall-missjoni transkonfinali konġunta ta' l-UE ma' l-Ukraina li kienet suċċess u jistieden lill-gvern ta' l-Ukraina sabiex ikompli jappoġġja din il-missjoni;

8. Jitlob li jkun hemm involviment ikbar ta' l-Unjoni Ewropea għas-soluzzjoni ta' dan il-kunflitt fil-viċinanzi immedjati tiegħu, inkluż it-tisħiħ ta' l-istatus ta' l-UE bħala sieħba fin-negozjati;

9. Ifakkar lill-partijiet kollha li r-reġim separatista tat-Transnistrija jippermetti l-inkoraġġiment tal-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar ta' l-armi u tal-bnedmin, u attivitajiet ta' kuntrabandu u ħasil tal-flus; jiġbed l-attenzjoni li dan jikkostitwixxi riskju konsiderevoli għall-istabilità tar-reġjun;

10. Jitlob li jkun hemm implimentazzjoni immedjata u sħiħa tal-konklużjonijiet tas-Laqgħa Għolja ta' l-OSCE li saret f'Istanbul fl-1999 u tal-Kunsill Ministerjali ta' l-OSCE li sar f'Oporto fl-2002 u tas-sentenza ta' l-ECHR tat-8 ta' Lulju 2004 fil-każ tal-Grupp Ilascu u oħrajn kontra l-Moldova u r-Russja; jistieden lill-UE sabiex tqajjem il-kwistjoni dwar l-irtirar tat-truppi Russi mit-Transnistrija fil-qafas tar-relazzjonijiet UE-Russja;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-gvern u lill-parlament tar-Repubblika tal-Moldova, lill-gvern u lill-parlament tar-Russja u lis-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

---

**P6_TA(2007)0359**

## Vjetnam

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2007 dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar il-Vjetnam,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-15 ta' Mejju 2007 f'isem l-Unjoni Ewropea dwar il-kundanna tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Vjetnam,

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' koperazzjoni ta' l-1995 bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi li l-Vjetnam irratifika fl-1982,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minn Marzu 2007, aktar minn ħmistax-il dissident ingħataw pieni ħorox ta' ħabs jew ta' arrest domiċiljarju,

B. billi din ir-ripressjoni saret wara li s-sena 2006 kienet waħda ta' ftuħ politiku tal-Vjetnam, bit-twaqqif ta' partiti indipendenti u demokratiċi, billi bosta Vjetnamiti (studjużi, avukati, ġurnalisti, artisti, qassisin, ċittadini) juru interess fil-kawża demokratika u billi hemm bosta appelli favur id-demokrazija,

C. billi l-petizzjoni għal aktar demokrazija, imnedija mill-blogg 8406 favur id-demokrazija u r-riforma u ffirmata minn 118-il attivist, timmarka l-bidu ta' moviment demokratiku veru fuq l-internet,

D. billi t-tolleranza tar-reġim Vjetnamit għal din il-proliferazzjoni tad-dissidenza demokratika wasslet għal tamiet kbar u biex ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam tiġi aċċettata fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, titneħħa mil-lista Amerikana ta' pajjiżi li jiksru l-libertà reliġjuża (il-lista CPC — pajjiżi partikularment preokkupanti) u tingħata l-benefiċċju tal-klawżola dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali normali u permanenti (PNTR) mill-Kungess Amerikan,

E. billi minkejja s-sejħiet kostanti u ripetuti tal-komunità internazzjonali, il-Patrijarka tal-Knisja Buddista Magħquda tal-Vjetnam Thich Huyen Quang (ta' 87 sena) u d-deputat tiegħu Thich Quang Do (ta' 79 sena), rebbieħ tal-Premju Rafto 2006 għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, jinsabu detenuti mingħajr ma tressqu l-qorti fil-monasteru tagħhom sa mill-1982, sempliċiment għax iddefendew bis-sħiħ il-libertà reliġjuża, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; billi sempliċiment minħabba l-fatt li jagħmlu parti mill-Knisja Buddista Magħquda tal-Vjetnam, il-membri tal-kumitati provinċjali, li din il-Knisja waqqfet f'għoxrin provinċja fqira biex jgħinu lill-ifqar nies, huma vittmi ta' persekuzzjoni, interrogazzjoni, intimidazzjoni u theddid kontinwu,

F. billi r-rikonoxximent ta' movimenti reliġjużi permezz tar-reġistrazzjoni għadu minimu u mhux ugwali, fejn pereżempju 50 "knisja domestika" ("house churches") Protestanti mill-4000 knisja li applikaw ġew rikonoxxuti, u billi dawn il-kongregazzjonijiet iridu jġeddu r-reġistrazzjoni tagħhom kull sena,

G. billi fi Frar 2007, dimostrazzjoni ta' 2007 mexxej Buddist Khmer Krom favur il-libertà reliġjuża ġiet ripressa bil-forza fil-provinċja ta' Soc Trang; billi fl-10 ta' Mejju ta' wara, ħamsa minnhom ingħataw sentenzi ta' minn sentejn sa 4 snin ħabs minħabba "ksur ta' l-ordni pubblika"; u billi l-persekuzzjonijiet reliġjużi li jsofru l-Khmer Krom jirduppjaw permezz ta' assimilazzjoni sfurzata,

H. billi l-minoranzi etniċi tal-pjanuri għolja tat-tramuntana u taċ-ċentru għadhom isofru mid-diskriminazzjoni, mill-konfiskazzjoni ta' l-artijiet u mill-ksur tal-libertà reliġjuża tagħhom, u hemm biss 38 grupp reliġjuż rikonoxxut fil-Majjistral u billi la l-organizzazzjonijiet mhux governattivi indipendenti u lanqas il-ġurnalisti m'għandhom aċċess ħieles għall-pjanuri għolja biex ikunu jistgħu jaraw is-sitwazzjoni reali tal-Montagnards ripatrijati mill-Kambodja,

I. billi d-dissidenti kollha arrestati minn Marzu 2007 ġew ikkundannati fuq il-bażi ta' attentati fuq il-leġiżlazzjoni rigward is-"sigurtà nazzjonali", bħall-"propaganda kontra r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam" (Artikolu 88 tal-kodiċi penali) jew li ppruvaw "iwaqqgħu l-gvern" (Artikolu 79); billi l-inkriminazzjonijiet fuq il-bażi ta' reati kontra s-"sigurtà nazzjonali" ġew meqjusa inkompatibbli mal-liġi internazzjonali mill-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, mir-rapporteur speċjali dwar l-intolleranza reliġjuża u mill-grupp ta' ħidma dwar id-detenzjoni arbitrarja, li kollha talbu li dawn il-kundanni jiġu rtirati jew riveduti,

J. billi l-Vjetnam jibbenefika minn għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha fil-qafas ta' l-"Istrateġija ta' żvilupp tas-sistema legali" u l-"Istrateġija ta' riforma ġudizzjarja",

K. billi l-Vjetnam għadu jmexxi kawżi li ma jirrispettawx il-preżunzjoni ta' l-innoċenza, id-drittijiet għad-difiża jew l-indipendenza ta' l-imħallfin, kif deher mill-kawża tal-qassis Kattoliku Nguyen Van Ly (30 ta' Marzu 2007), u ta' l-avukati Nguyen Van Dai u ta' Le Thi Cong Nhan (11 ta' Mejju 2007),

L. billi l-abrogazzjoni tad-digriet 31/CP ta' l-1997 dwar id-"detenzjoni amministrattiva" ma jistax inessi l-kontinwità ta' l-applikazzjoni persistenti ta' l-Ordinanza 44/2002/PL-UBTVQH10 dwar ir-"Sanzjonijiet kontra l-ksur amministrativ" li twessa' s-setgħa tad-detenzjoni mingħajr kawża tad-dissidenti u terġa' tqajjem il-prattika qadima u tal-biża' li d-dissidenti jitpoġġew ġo sptar psikjatriku, prattika li sofriet minnha l-avukata Bui Thi Kim Thanh li ilha minn Novembru 2006 miżmuma minħabba li għenet lill-kampanjoli li kienu sofrew l-inġustizzja biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom,

M. billi l-Unjoni Ewropea hija l-aktar sieħba kummerċjali importanti tal-Vjetnam, li diġà jibbenefika mis-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SGP) ta' l-Unjoni Ewropea,

N. billi f'Marzu 2007, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li żżid l-għajnuna lill-Vjetnam bi 30 % għall-perjodu 2007-2013 (EUR 304 000 000), li fil-parti l-kbira tagħhom kienu mmirati għal azzjonijiet fil-qasam tal-governanza u tad-drittijiet tal-bniedem,

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-mewġa ġdida ta' persekuzzjoni ta' dissidenti fil-Vjetnam;

2. Jesiġi, għalhekk, il-liberazzjoni immedjata u bla kundizzjoni tal-persuni kollha detenuti sempliċiment minħabba li għamlu użu paċifiku u leġittimu tad-dritt tagħhom għal-libertà ta' l-opinjoni, ta' l-espressjoni, ta' l-istampa u tar-reliġjon, fosthom il-patri kattoliku Nguyen Van Ly (8 snin ħabs), Nguyen Phong (6 snin), Nguyen Binh Thanh (5 snin), l-avukati Nguyen Van Dai (5 snin) (kollha membri tal-blok 8406 favur id-demokrazija u r-riforma) u l-avukat Le Thi Cong Nhan, kelliema għall-Partit tal-Progress (4 snin) Tran Quoc Hien (rappreżentant ta' l-Organizzazzjoni Magħquda tal-Ħaddiema-Bdiewa) (5 snin), mexxej tal-Partit Demokratiku tal-Poplu (PDP)(5 snin), Nguyen Bac Truyen (4 snin), Huynh Nguyen Dao (3 snin), il-Buddisti Hoa Hao Duong Thi Tron (6 snin), Le Van Soc (6 snin) u Nguyen Van Thuy (5 snin), Nguyen Van Tho (4 snin), Thich Huyen Quang il-Patrijarka tal-Knisja Buddista Unifikata tal-Vjetnam, Thich Quang Do u Bui Thi Kim Thanh;

3. Jitlob lill-gvern biex iwaqqaf kull forma ta' ripressjoni kontra dawk li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom għal-libertà ta' l-espresssjoni, il-libertà tal-ħsieb u l-libertà ta' l-assoċjazzjoni, b'konformità mal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; itenni t-talba tiegħu lill-awtoritajiet sabiex malajr jirriformaw id-dispożizzjonijiet marbuta mas-sigurtà nazzjonali u sabiex jagħmlu mezz biex jirrevokawhom jew biex iġibuhom konformi mal-liġi internazzjonali;

4. Jitlob lill-Vjetnam biex iwettaq riformi politiċi u istituzzjonali sabiex jistabbilixxi d-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt reali, billi jibda bit-twaqqif ta' sistema b'bosta partiti politiċi, stampa ħielsa u trejdjunjins ħielsa;

5. Jitlob lill-gvern tal-Vjetnam sabiex jirrispetta l-libertà reliġjuża u mill-ġdid jagħti statut legali lill-komunitajiet reliġjużi kollha, fosthom il-Knisja Buddista Magħquda tal-Vjetnam;

6. Jistieden lill-gvern tal-Vjetnam biex itemm id-diskriminazzjoni kontra l-komunità tal-Montagnards;

7. Jilqa' b' sodisfazzjon l-abrogazzjoni tad-digriet 31/CP bħala l-ewwel fażi tar-riforma ġudizzjarja u jitlob lill-gvern tal-Vjetnam biex jelimina kull forma ta' detenzjoni infurzata mingħajr salvagwardja legali, b'mod partikulari l-ordinanza 44 ta' l-2002;

8. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Vjetnam biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tan-NU, b'mod partikulari tal-Kumitat tad-drittijiet tal-bniedem fil-konklużjonijiet tiegħu ta' l-2002, billi jirrevokaw il-leġiżlazzjoni tagħhom li tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u jiggarantixxu verament id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Vjetnamiti, b'konformità mal-Patt internazzjonali dwar id-drittijiet ċivili u politiċi u mal-Patt dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali;

9. Ifakkar li d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-Unjoni Ewropea u l-Vjetnam għandu jwassal għal titjib konkret fil-Vjetnam; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jevalwaw il-politika ta' koperazzjoni mal-Vjetnam, filwaqt li jikkunsidraw l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Koperazzjoni ta' l-1995, li jistipula li l-koperazzjoni hija bbażata fuq ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet fundamentali;

10. Jitlob lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-istati membri ta' l-ASEAN, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Vjetnam.